# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 55

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

12 ta' Frar 2016


Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 20-23 ta' Mejju 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 246 E, 27.8.2013.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**


2016/C 055/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri (2012/2262(INI)) . . . 2

2016/C 055/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar strateġiji reġjonali għaż-żoni industrijali fl-Unjoni Ewropea (2012/2100(INI)) . . . 6

2016/C 055/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar sfidi u opportunitajiet attwali għall-enerġija rinnovabbli fis-suq intern Ewropew tal-enerġija (2012/2259(INI)) . . . 12

2016/C 055/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar id-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni (2012/2255(INI)) . . . 23

2016/C 055/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Karta tal-UE: regoli komuni għal-libertà tal-midja fl-UE kollha (2011/2246(INI)) . . . 33

2016/C 055/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar Aġenda dedikata lill-Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli (2012/2234(INI)) . . . 43

2016/C 055/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali (2013/2060(INI)) . . . 54

2016/C 055/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport Annwali tat-Taxxa: kif tiftaħ il-potenzjal tal-UE għal tkabbir ekonomiku (2013/2025(INI)) . . . 65


MT

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 055/09 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (2012/2132(INI)) | 71 |


**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 055/10 | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma ssirx oppożizzjoni għal abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tat-tranżitu ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali mill-Bosnja-Ħerzegovina (D025828/03 – 2013/2598(RPS)) | 79 |
| 2016/C 055/11 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar proposti leġiżlattivi futuri dwar l-UEM rispons għall-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni (2013/2609(RSP)) | 79 |
| 2016/C 055/12 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Sirjani fil-pajjiżi ġirien (2013/2611(RSP)) | 84 |
| 2016/C 055/13 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar l-irkupru tal-assi mill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni (2013/2612(RSP)) | 90 |
| 2016/C 055/14 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport ta' Progress 2012 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina (2012/2865(RSP)) | 94 |
| 2016/C 055/15 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport ta' Progress tal-2012 dwar dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2013/2866(RSP)) | 100 |
| 2016/C 055/16 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar in-negozjati dwar il-ftehim UE-Stati Uniti dwar il-kummerċ u l-investiment (2013/2558(RSP)) | 108 |
| 2016/C 055/17 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Mjanmar/Burmagħas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (2012/2929(RSP)) | 112 |
| 2016/C 055/18 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar strateġija makro-reġjonali għall-Alpi (2013/2549(RSP)) | 117 |
| 2016/C 055/19 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza wara n-nirien fil-fabbriki u t-tiġrif ta' bini reċenti fil-Bangladexx (2013/2638(RSP)) | 120 |
| 2016/C 055/20 | Riżoluzzjoni tal-Parlamemt Ewropew adottata fit-23 ta' Mejju 2013 dwar il-Guantánamo: strajk tal-ġuħ tal-priġunieri (2013/2654(RSP)) | 123 |
| 2016/C 055/21 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar l-Indja: l-eżekuzzjoni ta' Mohammad Afzal Guru u l-implikazzjoni tagħha (2013/2640(RSP)) | 125 |
| 2016/C 055/22 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rwanda: il-każ ta' Victoire Ingabire (2013/2641(RSP)) | 127 |


---

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 055/23 | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Gabriele Albertini (2012/2240(IMM)) | 131 |
| 2016/C 055/24 | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Spyros Danellis (I) (2013/2014(IMM)) | 132 |

2016/C 055/25 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Spyros Danellis (II) (2013/2028(IMM)) . . . 133

2016/C 055/26 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-emendi u modifiki oħra orali (interpretazzjoni tal-Artikolu 156(6) tar-Regoli ta' Proċedura) . . . 135

---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

2016/C 055/27 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka (15318/2012 – C7-0391/2012 – 2012/0018(NLE)) . . . 136

2016/C 055/28 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru li jipprovdi qafas ġenerali għall-kooperazzjoni msaħħa (05822/2013 – C7-0044/2013 – 2012/0213 (NLE)) . . . 136

2016/C 055/29 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE/Euratom) Nru 354/83, fir-rigward tad-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze (06867/2013 – C7-0081/2013 – 2012/0221(APP)) . . . 137

2016/C 055/30 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perijodu għat-tmien elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali (07279/2013 – C7-0068/2013 – 2013/0802(CNS)) . . . 138

2016/C 055/31 P7_TA(2013)0200

Is-sikurezza tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore (COM(2011)0688 – C7-0392/2011 – 2011/0309(COD))

P7_TC1-COD(2011)0309

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE . . . 138

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

2016/C 055/32 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta tal-Kunsill Ewropew biex ma jlaqqax Konvenzjoni għaż-żieda ta' Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċeka mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (00091/2011 – C7-0386/2011 – 2011/0818(NLE)) . . . 140

2016/C 055/33 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċeka (Artikolu 48(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) (00091/2011 – C7-0385/2011 – 2011/0817(NLE)) 141

2016/C 055/34 P7_TA(2013)0210

Ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili (COM(2011)0276 – C7-0128/2011 – 2011/0130(COD))

P7_TC1-COD(2011)0130

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili . . . . . 143

2016/C 055/35 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista (11362/2012 – C7-0078/2013 – 2012/0073 (NLE)) . . . . . 144

2016/C 055/36 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-interazzjoni tiegħu mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru…/… li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0512 – C7-0289/2012 – 2012/0244(COD)) . . . . . 145

2016/C 055/37 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0511 – C7-0314/2012 – 2012/0242 (CNS)) . . . . . 157

2016/C 055/38 P7_TA(2013)0214

Oġġetti pirotekniċi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disponibilità fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0764 – C7-0425/2011 – 2011/0358(COD))

P7_TC1-COD(2011)0358

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (Riformulazzjoni) . . . . . 192

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

2016/C 055/39 P7_TA(2013)0217

Kodiċi Doganali Komunitarju fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu (COM(2013)0193 – C7-0096/2013 – 2013/0104(COD))

P7_TC1-COD(2013)0104

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu . . . . . 194

2016/C 055/40 P7_TA(2013)0218

Ristabbiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma (COM(2012)0524 – C7-0297/2012 – 2012/0251(COD))

P7_TC1-COD(2012)0251

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma . . . 195

2016/C 055/41 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni Ewropea hija parti tagħhom (COM(2012)0335 – C7-0155/2012 – 2012/0163(COD)) . . . 196

2016/C 055/42 P7_TA(2013)0220

Il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi (COM(2012)0089 – C7-0060/2012 – 2012/0039(COD))

P7_TC1-COD(2012)0039

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 . . . 212

2016/C 055/43 P7_TA(2013)0221

Ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tal-klieb, il-qtates u l-inmsa ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/65/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-klieb, il-qtates u l-inmsa (COM(2012)0090 – C7-0061/2012 – 2012/0040(COD))

P7_TC1-COD(2012)0040

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-klieb, il-qtates u l-inmsa . . . 213

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 20-23 ta' Mejju 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 246 E, 27.8.2013.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0198

## Offerti ta' xiri

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri (2012/2262(INI))**

(2016/C 055/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri (COM(2012)0347),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri (Studju Estern) imwettaq f'isem il-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri tal-21 ta' Frar 2007 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0089/2013),

A. billi d-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri (id-Direttiva) tipprovdi linji gwida minimi li jiggarantixxu t-trasparenza u ċ-ċertezza legali fit-tmexxija ta' offerta ta' xiri u tagħti drittijiet għall-informazzjoni lill-azzjonisti, l-impjegati u partijiet interessati oħra;

B. billi diversi Stati Membri qed iqisu jew diġà introduċew tibdiliet fir-regoli armonizzati nazzjonali tagħhom fuq offerti ta' xiri bl-għan li tiżdied it-trasparenza fis-suq kapitali u jiġu rinforzati d-drittijiet tal-kumpanija fil-mira u l-partijiet interessati tagħha;

---

([1]) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12.

([2]) Studju Estern dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva fuq offerti ta' xiri, imwettaq minn Marccus Partners f'isem il-Kummissjoni, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/takeoverbids/study/study_en.pdf

([3]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SEC(2007)0268)

**It-Tlieta 21 ta’ Mejju 2013**

C. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet f’diversi kawżi li ż-żamma ta’ drittijiet speċjali f’kumpanija privata minn Stat Membru għandha titqies b’mod ġenerali bħala limitazzjoni għall-moviment liberu tal-kapital u tista’ tiġi ġġustifikata biss f’istanzi debitament limitati ([1]);

D. billi l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huma responsabbli għas-sorveljanza pubblika ta’ offerti ta’ xiri;

E. billi l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 ([2]) jistipula li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha wkoll tieħu azzjoni xierqa fil-kuntest ta’ offerti ta’ xiri; billi l-ESMA ħolqot netwerk ta’ awtoritajiet kompetenti li għandu l-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni bejniethom fil-kuntest ta’ offerti ta’ xiri transkonfinali;

1. Iqis id-Direttiva bħala parti importanti mill-*acquis* tal-UE dwar il-liġi tal-kumpaniji, li tmur lil hinn mis-sempliċi promozzjoni ta’ iżjed integrazzjoni u armonizzazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE;

2. Jenfasizza li l-effetti tad-Direttiva mhumiex limitati għad-dispożizzjonijiet ewlenin fuq offerti ta’ xiri iżda jeħtieġ li jiġu vvalutati fil-kuntest usa’ tal-liġi tal-kumpaniji, inkluża l-governanza korporattiva, il-liġi dwar is-suq kapitali u anke l-liġi dwar l-impjiegi;

3. Isostni li l-objettivi tad-Direttiva, b’mod partikolari dawk li tipprovdi kundizzjonijiet ekwi għal offerti ta’ xiri filwaqt li tipproteġi l-interessi tal-azzjonisti, l-impjegati u partijiet interessati oħra, huma pedamenti kruċjali għal suq li jiffunzjona sew għall-kontroll korporattiv;

4. Jinnota l-konklużjoni tal-Kummissjoni li d-Direttiva qed taħdem b’mod sodisfaċenti, u jirrikonoxxi l-konklużjonijiet tal-Istudju Estern li d-Direttiva tejbet il-funzjonament tas-suq tal-kontroll korporattiv; jinnota bi tħassib, madankollu, in-nuqqas ta’ sodisfazzjon tar-rappreżentanti tal-impjegati, kif espress fl-Istudju Estern, fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegati, u jitlob lill-Kummissjoni biex ittejjeb id-djalogu mar-rappreżentanti tal-impjegati dwar kif jistgħu jiġu indirizzati aħjar il-kwistjonijiet l-aktar urġenti;

***Kundizzjonijiet ekwi***

5. Jenfasizza li d-Direttiva tipprovdi għal kundizzjonijiet ekwi għal offerti ta’ xiri fl-Ewropa u jemmen li, fuq perjodu twil ta’ żmien, jista’ jiġi previst aktar titjib sabiex jissaħħu dawn il-kundizzjonijiet ekwi;

6. Jirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri biex jintroduċu miżuri addizzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva, sakemm jiġu osservati l-objettivi ġenerali tad-Direttiva;

7. Jinnota, f’dan il-kuntest, li riċentement xi Stati Membri wieġbu għall-iżviluppi fis-swieq domestiċi tagħhom għall-kontroll korporattiv billi introduċew dispożizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tat-tmexxija ta’ offerti ta’ xiri bħar-regola ’put up or shut up’ tal-Panel tax-Xiri tar-Renju Unit (UK Takeover Panel), li għandha l-għan li tikkjarifika jekk offerta ta’ xiri għandhiex titnieda (’put up’) jew le (’shut up’) f’każijiet fejn mhuwiex ċar jekk l-offerent għandux fil-fatt l-intenzjoni li jissottometti offerta għall-kumpanija li qed tirċievi l-offerta;

***Superviżjoni***

8. Jilqa’ l-isforzi tal-ESMA biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest tal-offerti ta’ xiri permezz tan-Netwerk tal-Offerti ta’ Xiri;

([1]) Eż. Kawża C-171/08, *Il-Kummissjoni vs. Il-Portugall* [2010] Ġabra I-6817.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

9. Jemmen, madankollu, li mhuwiex meħtieġ li wieħed jaħseb għas-superviżjoni ta' offerti ta' xiri fil-livell tal-UE, minħabba li l-liġi tax-xiri mhijiex limitata għal-liġi dwar is-suq kapitali iżda hija integrata fil-liġi nazzjonali tal-kumpaniji; jenfasizza li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibqgħu responsabbli għas-sorveljanza pubblika tal-offerti ta' xiri;

***L-indirizzar ta' kwistjonijiet emerġenti***

10. Jilqa' s-sejbiet tal-Kummissjoni u l-elaborazzjoni dwar il-kwistjonijiet emerġenti li jirriżultaw mir-rieżami tal-operat tad-Direttiva, u jinnota li qed jiġu identifikati aspetti addizzjonali minn akkademiċi u prattikanti ([1]);

***Il-kunċett ta' "azzjoni flimkien"***

11. Jemmen li l-kunċett ta' "azzjoni flimkien" huwa essenzjali meta jiġi kkalkolat il-limitu li jiskatta t-tnedija ta' offerta obbligatorja, u jifhem li l-Istati Membri ttrasponew id-definizzjoni pprovduta fid-Direttiva b'mod differenti; jemmen, madankollu, li l-iffokar fuq tibdiliet għall-kunċett ta' "azzjoni flimkien" fid-Direttiva biss jonqos milli jtejjeb iċ-ċertezza legali, minħabba li dan il-kunċett huwa rilevanti wkoll għal kalkoli oħra meħtieġa skont il-liġi tal-kumpaniji tal-UE; jissuġġerixxi, għalhekk, li għandha titwettaq analiżi aktar dettaljata sabiex jiġu identifikati l-mezzi possibbli li permezz tagħhom ikun jista' jiġi ċċarat u armonizzat aktar il-kunċett ta' "azzjoni flimkien";

12. Jistenna, għal dan l-għan, il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-liġi tal-kumpaniji tal-UE, fejn għandha tiġi indirizzata din il-kwistjoni, u jappoġġja d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali li jobbligaw partijiet li qed ifittxu l-kontroll flimkien li jaċċettaw il-konsegwenzi legali tal-azzjoni miftiehma tagħhom m'għandha bl-ebda mod tiġi llimitata ([2]);

***Derogi nazzjonali għar-regola tal-offerta obbligatorja***

13. Jenfasizza li r-regola tal-offerta obbligatorja hija d-dispożizzjoni ewlenija għall-protezzjoni ta' azzjonisti f'minorità, u jieħu nota tar-riżultati tal-Istudju Estern li l-Istati Membri kollha jippermettu eżenzjonijiet minn din ir-regola; jifhem li dawn id-derogi spiss jintużaw biex jiġu protetti l-interessi tal-azzjonisti li jikkontrollaw (eż. l-ebda bidla reali fil-kontroll), il-kredituri (eż. meta l-kredituri jkunu taw is-self) u partijiet interessati oħra (eż. biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet tal-azzjonisti u tal-partijiet interessati oħra); jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiġbor informazzjoni addizzjonali bil-ħsieb li tiddetermina jekk id-derogi użati b'mod wiesa' jmorrux kontra l-protezzjoni tal-azzjonisti f'minorità;

14. Jenfasizza wkoll li r-regola tal-offerta obbligatorja tippermetti lill-azzjonisti f'minorità, fil-każ ta' bidla fil-kontroll, li jirċievu l-primjum imħallas għas-sehem li jikkontrolla, u jinnota li d-Direttiva tirregola biss il-prezz għal offerta obbligatorja (jiġifieri prezz ekwu) iżda mhux għal offerta volontarja; jinnota b'mod partikolari li d-Direttiva tirrinunzja l-obbligu li titnieda offerta obbligatorja f'każijiet fejn, wara offerta volontarja inizjali, ikun intlaħaq il-limitu tal-kontroll bir-riżultat li l-offerent jista' jżid sussegwentement il-parteċipazzjoni tiegħu fil-kumpanija fil-mira permezz tax-xiri regolari tal-ishma (hekk imsejjaħ b'mod sottili (creeping in)); jinnota wkoll li, għal dawn il-każijiet, xi Stati Membri introduċew obbligu għat-tieni offerta obbligatorja, skont liema hija meħtieġa t-tieni offerta jekk tkun seħħet ċerta żieda (eż. 3 %) f'ċertu perjodu ta' żmien (eż. 12-il xahar) bejn żewġ limiti speċifikati (eż. bejn 30 % u 50 %);

15. Jemmen li l-limiti tan-notifika stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/109/KE ([3]) (id-Direttiva dwar it-Trasparenza, li qed tiġi rieżaminata attwalment) jipprovdu għat-trasparenza solida tas-sjieda u jippermettu l-iskoperta bikrija ta' akkwisti b'mod sottili (creeping-in); huwa tal-opinjoni li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jiskoraġġixxu tekniki ddisinjati biex jevitaw ir-regola tal-offerta obbligatorja u għaldaqstant jevitaw il-ħlas tal-primjum ta' kontroll lill-azzjonisti f'minorità;

***In-newtralità tal-bord***

16. Jinnota li r-regola tan-newtralità tal-bord relatata mad-difiżi ta' wara l-offerta ġiet trasposta mill-maġġoranza tal-Istati Membri, filwaqt li numru limitat ħafna ta' Stati Membri ttrasponew ir-regola innovattiva li tinnewtralizza d-difiżi ta' qabel l-offerta; jifhem li kemm id-difiżi ta' qabel l-offerti (eż. strutturi piramidali jew ishma tad-deheb) kif ukoll id-difiżi ta' wara l-

---

([1]) Ara eż. Freshfields Bruckhaus Deringer, Reform of the EU Takeover Directive and of German Takeover Law, 14 ta' Novembru 2011, disponibbli fuq: http://www.freshfields.com/uploadedFiles/SiteWide/Knowledge/Reform_Eu_Takeover%20directive_31663.pdf

([2]) Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjoni tad-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri, p. 9.

([3]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

offerti (eż. white knight jew żieda fid-dejn) għadhom jeżistu fl-Istati Membri, u li fl-istess ħin jidher li hemm mezzi biżżejjed biex jippenetraw dawn il-mekkaniżmi ta' difiża; huwa tal-opinjoni, madankollu, li f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-kumpaniji, il-bord tal-kumpanija li qed tirċievi l-offerta għandu jqis is-sostenibbiltà fit-tul tal-kumpanija u jaġixxi fl-interess tagħha u tal-partijiet interessati tagħha;

***Drittijiet tal-impjegati f'sitwazzjoni ta' xiri***

17. Jenfasizza li d-Direttiva tipprevedi biss li l-impjegati jiġu pprovduti b'informazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-intenzjonijiet tal-offerent dwar il-futur tal-kumpanija fil-mira u l-pjanijiet futuri li jikkonċernaw l-impjiegi, inkluż kwalunkwe bidla materjali fil-kundizzjonijiet tal-impjiegi, iżda li mhuwiex previst id-dritt għall-konsultazzjoni;

18. Jenfasizza li l-mistoqsija ta' kif jiġu protetti u msaħħa d-drittijiet tal-ħaddiema teħtieġ kunsiderazzjoni ulterjuri urġenti, filwaqt li jitqies ukoll l-*acquis*, inkluża d-Direttiva 2001/23/KE (1) u d-Direttiva 2002/14/KE (2);

19. Jinsisti li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-ħaddiema għandhom jiġu applikati b'mod effettiv u, fejn meħtieġ, jiġu infurzati kif suppost;

***Offerti ta' xiri matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku***

20. Ifakkar li, skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva, id-dispożizzjonijiet tagħha kellhom jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali sal-20 ta' Mejju 2006, u jinnota li, skont l-Istudju Estern, il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva bejn l-2006 u l-2007 (3);

21. Jenfasizza li l-perjodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva jikkoinċidi mal-bidu tal-kriżi finanzjarja, li eventwalment żviluppat fi kriżi ekonomika u tad-dejn, u li l-attivitajiet ta' xiri huma marbuta mill-qrib ma' żviluppi finanzjarji u ekonomiċi kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha;

22. Jenfasizza li, skont l-Istudju Estern, l-attivitajiet ta' xiri naqsu drammatikament wara d-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva b'riżultat tal-kriżi, inkluż fir-Renju Unit, fejn l-attivitajiet fis-suq għall-kontroll korporattiv huma tradizzjonalment aktar ikkonċentrati milli fil-bqija tal-Unjoni;

23. Huwa tal-opinjoni li, minħabba li s-suq għall-kontroll korporattiv kien qed jonqos b'mod kostanti matul dan il-perjodu ta' kriżi finanzjarja, il-valutazzjoni dwar jekk u sa liema punt għandhom jiġu introdotti aktar miżuri ta' armonizzazzjoni fir-rigward ta' offerti ta' xiri se tkun distorta;

24. Jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tkompli twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-iżviluppi fis-suq għall-kontroll korporattiv u tħejji valutazzjoni ġdida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva meta l-attivitajiet ta' xiri jerġgħu lura għal volum aktar regolari;

o

o o

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

(2) Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.03.2002, p. 29).

(3) Ara p. 284 u b'mod aktar ġenerali p. 58 et seq. tal-Istudju Estern.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0199

## Strateġiji reġjonali għaż-żoni industrijali fl-Unjoni Ewropea

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar strateġiji reġjonali għaż-żoni industrijali fl-Unjoni Ewropea (2012/2100(INI))**

(2016/C 055/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 162 tat-TFUE, li jkopri l-objettivi tal-Fond Soċjali Ewropew u jirreferi, inter alia, għall-objettiv tal-iffaċilitar tal-adattament għall-bidliet industrijali u għall-bidliet fis-sistemi ta' produzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 174 u dawk segwenti tat-TFUE, li jistabbilixxu l-objettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jiddefinixxu l-istrumenti finanzjarji strutturali sabiex dawn jintlaħqu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 176 tat-TFUE, li jkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u jirreferi, inter alia, għall-iżvilupp u l-aġġustament strutturali tar-reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura u għall-konverżjoni ta' reġjuni industrijali li sejrin lura,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 173 (Titolu XVII) tat-TFUE, li jkopri l-politika industrijali tal-UE u jirreferi, inter alia, għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-11 ta' Settembru 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (COM(2012) 0496),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-Fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona u tal-UE 2020 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar il-politika Komunitarja dwar l-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar l-UE 2020 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali tal-UE wara l-2013 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar Politika Industrijali għall-Era Globalizzata ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill (It-3057 Kunsill Kompetittività – Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) li saret fi Brussell fl-10 ta' Diċembru 2010 dwar il-"Politika industrijali integrata għall-era tal-globalizzazzjoni",

([1]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 104.
([2]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 120.
([3]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 41.
([4]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 57.
([5]) ĠU C 371 E, 20.12.2011, p. 39.
([6]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 131.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra s-sitt rapport ta' progress tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-Koeżjoni ekonomika u soċjali – Reġjuni kreattivi u innovattivi' (COM(2009)0295),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 2009 dwar "L-industrija Ewropea f'Dinja Li Qed Tinbidel – Analiżi Settorjali Aġġornata 2009" (SEC(2009)1111),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2009, "Tħejjija għall-ġejjieni tagħna: Żvilupp ta' strateġija komuni għal teknoloġiji abilitanti essenzjali fl-UE" (COM(2009)0512),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Ewropa 2020 – Strateġija għal Tkabbir Intelliġenti, Sostenibbli u Inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Ewropa 2020 Inizjattiva Ewlenija: Unjoni tal-Innovazzjoni" (COM(2010)0546),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni – Il-Kompetittività u s-Sostenibbiltà fix-Xena Prinċipali" (COM(2010)0614),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: il-futur tal-politika ta' koeżjoni" (COM(2010)0642),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2011 bit-titolu: 'Politika Industrijali: It-tisħiħ tal-kompetittività – ir-rendiment u l-politiki tal-kompetittività tal-Istati Membri 2011, (COM(2011)0642),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2012 dwar "Elementi għal Qafas Strateġiku Komuni 2014 sal-2020, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd", (SWD(2012)0061),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-24 ta' April 2012 dwar "Il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-Fondi Komuni tal-Qafas Strateġiku – elementi għall-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija" (SWD(2012)0106),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku. Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali" (COM (2012)0582),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea (SWD(2012)0299),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Prestazzjoni Industrijali u r-Rendiment u l-Politiki tal-Kompetittività tal-Istati Membri", (SWD(2012)0298),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tas-26 ta' Mejju 2010 dwar "Il-ħtieġa li jiġi applikat approċċ integrat għar-riġenerazzjoni urbana" ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni: Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali" (CCMI/083 – CESE 808/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0145/2013),

(1) ĠU C 21, 21.1.2011, p. 1.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

A. billi t-terminu "industrija" mhuwiex definit b'mod ċar u jista' jinkludi varjetà sħiħa ta' diversi setturi;

B. billi l-industrija mingħajr ebda dubju hi wieħed mir-riżorsi prinċipali tagħna fil-livell internazzjonali, li mingħajrha l-UE ma jkollhiex rwol daqshekk importanti fil-bilanċ globali tal-forzi ekonomiċi;

C. billi s-settur industrijali jista' jkollu rwol ta' tmexxija fl-ekonomija tal-UE, peress li l-Kummissjoni tivvaluta li għal kull 100 impjieg maħluq fl-industrija, jistgħu jinħolqu bejn 60 u 200 impjiegi ġodda fil-kumplament tal-ekonomija; billi, madankollu, bejn l-2008 u l-2011 il-produzzjoni industrijali naqset minn 20 % għal 16 % tal-PDG tal-UE u n-numru ta' impjiegi fis-settur naqas bi 11 %;

D. billi l-Kummissjoni qed tipprova treġġa' lura t-tnaqqis tal-industrija fl-UE u ġġibha lura mil-livell attwali ta' madwar 16 % tal-PDG sa saħansitra 20 % sal-2012; billi l-industrija tikkostitwixxi d-destinazzjoni prinċipali tal-investimenti privati u pubbliċi fir-rigward tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

E. billi l-politika ta' koeżjoni tista' tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li qed taffaċċja l-industrija tal-UE, u tista' tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi tal-Istrateġija Ewropa 2020, inkluż il-bidla lejn ekonomija sostenibbli, b'emissjoni baxxa ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u inklużiva, li trawwem l-għarfien u l-impjieg;

F. billi ħafna mir-reġjuni industrijalizzati qodma fl-Ewropa jaffaċċjaw problemi simili, peress li għaddew minn perjodi twal ta' tkabbir fil-passat li kienu segwiti minn tnaqqis kbir fl-iżvilupp ekonomiku fis-snin reċenti;

G. billi, minħabba l-interdipendenza ekonomika tagħhom u l-karatteristiċi komuni, il-partijiet komponenti ta' ħafna reġjuni transkonfinali – pereżempju, l-estrazzjoni minerarja tradizzjonali, ir-reġjuni tal-manifattura tal-azzar u tat-tessuti – ħafna drabi jaffaċċjaw l-istess sfidi industrijali;

H. billi l-politika industrijali għandha tendenza li tiffoka fuq il-problemi speċifiċi tal-industrija ġurnata b'ġurnata u, għaldaqstant ma tingħatax importanza biżżejjed lill-impatt qawwi tagħha fuq ir-reġjuni;

I. billi r-riċerka wriet li r-ristrutturar tar-reġjuni industrijalizzati qodma jirrikjedi approċċ wiesa', u l-ostakli amministrattivi jistgħu jfixklu milli dan jintlaħaq;

J. billi l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet fl-UE qed jaffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji; billi, b'mod partikolari, żoni b'bażi industrijali qadima bosta drabi mhux qegħdin f'post tajjeb biex jattiraw biżżejjed fondi għal konverżjoni; billi l-finanzjament tal-UE għall-għajnuna għall-isforzi ta' rikonverżjoni u ristrutturar huwa indispensabbli għas-sostenn tal-approċċi tal-politika reġjonali u transkonfinali;

K. billi l-bliet huma xpruni għall-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli, u għandhom il-kompitu importanti li jindirizzaw l-isfidi fiż-żoni industrijalizzati qodma;

L. billi approċċi integrati ġodda u innovattivi, iffaċilitati wkoll minn oqfsa politiċi leġiżlattivi xierqa u minn strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, huma meħtieġa biex jgħinu lir-reġjuni u l-bliet jisfruttaw il-potenzjal tagħhom ta' innovazzjoni u jiffukaw mill-ġdid l-assi industrijali tagħhom fid-direzzjoni tal-industrji u s-servizzi emerġenti u tas-swieq globalizzati;

M. billi l-politiki tal-industrijalizzazzjoni mill-ġdid jonqsu milli jqisu biżżejjed l-industrji kulturali u dawk kreattivi, li huma sors potenzjali sinifikanti ta' tkabbir, innovazzjoni u impjiegi, jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u jipprovdu mezz effikaċi għall-ġlieda kontra r-reċessjoni attwali;

1. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-riżorsi eżistenti li huma disponibbli permezz tal-politika ta' koeżjoni u għall-Fondi Strutturali, filwaqt li jisfruttaw l-iskemi ta' inġinerija finanzjarja tal-Bank Ewropew tal-Investiment, kif ukoll il-politiki ta' żvilupp ekonomiku reġjonali u muniċipali b'sostenn għar-rikonverżjoni taż-żoni industrijali qodma u l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid taż-żoni industrijali milqutin mill-kriżi, bl-għan li tinkiseb industrijalizzazzjoni mill-ġdid moderna u sostenibbli; jiddispjaċih, madankollu, li dawn l-għażliet mhux dejjem jindirizzaw il-problemi reali speċifiċi għar-reġjun u li l-finanzjament strutturali u għall-investiment li hu disponibbli mhuwiex meqjus b'mod sħiħ mill-Istati Membri u r-reġjuni fi żmien meta l-industrija qed tiġi affettwata severament mill-kriżi;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

2. Jenfasizza li hemm bżonn li jiġu stabbiliti aktar miżuri ta' għajnuna biex jassistu lir-reġjuni industrijalizzati qodma, b'mod speċjali ż-żoni monoindustrijali, ħalli jkunu jistgħu jsibu b'suċċess triqat ġodda ta' żvilupp li jiffukaw fuq l-industriji kreattivi u kulturali u jkunu jistgħu jippromwovu l-użu tas-siti li ma jintużawx, li jistgħu jkollhom rwol importanti fir-rikonverżjoni tas-siti abbandunati;

3. Jitlob approċċi aktar integrati u sistematiċi għat-tiġdid industrijali u l-iżvilupp reġjonali, u aktar koerenza bejn il-politiki differenti fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali u dak reġjonali, intereġjonali u transkonfinali, sabiex jiġi żgurat li l-potenzjal tas-settur industrijali Ewropew jiġi sfruttat; jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu żoni ekonomiċi ta' importanza reġjonali u parks ta' attività ta' teknoloġija avvanzata bbażati fuq sħubiji pubbliċi-privati, u li jikkontribwixxu għat-titjib tal-użu tar-riżorsi umani u ekonomiċi lokali u reġjonali bl-użu tal-aħħar tekonoloġiji;

4. Jenfasizza li s-suċċess ta' tali tiġdid industrijali flimkien mal-iżvilupp reġjonali se jiddependi fuq l-eżistenza tal-politiki effikaċi f'oqsma bħall-politika ta' koeżjoni, il-governanza ekonomika, il-kompetittività, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija, l-aġenda diġitali, l-iżviluppi sostenibbli, l-industriji kulturali u kreattivi, il-kwalifiki ġodda u l-impjiegi, eċċ;

5. Jemmen li l-isfidi ewlenin għal reġjuni industrijalizzati qodma jinsabu:

— fir-riġenerazzjoni fiżika tal-art;

— fir-riġenerazzjoni tal-infrastruttura tad-djar u dik soċjali;

— fit-tiġdid tal-infrastruttura, ibbażat fuq il-ħtiġijiet ta' industriji ġodda;

— fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband, li żżid mal-attrazzjoni taż-żona;

— fil-bżonn ta' taħriġ mill-ġdid ta' ħaddiema mingħajr impjieg u ta' sforzi għal tagħlim tul il-ħajja biex jinħolqu impjiegi li jiffukaw fuq edukazzjoni teknoloġika ta' kwalità għolja għall-forza tax-xogħol, speċjalment iż-żgħażagħ;

— fl-istimulazzjoni ta' strateġiji tal-impjieg transkonfinali, l-innovazzjoni, it-taħriġ, ir-riabilitazzjoni ambjentali u l-attrazzjoni reġjonali;

— fil-ħtieġa tal-promozzjoni tal-intraprenditorija bi strateġiji għall-impjieg imfassla apposta għall-Unjoni u li jiġu adattati ħiliet soċjali, kwalifiki u intraprenditorija għat-talbiet il-ġodda li jitfaċċaw b'riżultat tal-isfidi ekonomiċi, teknoloġiċi, professjonali u ekoloġiċi;

— fir-riabilitazzjoni sostenibbli taż-żoni kkonċernati, li permezz tagħha tkun żgurata l-inklużjoni taż-żoni ekoloġiċi kull fejn ikun possibbli;

— fil-ħolqien mill-ġdid tal-bażi ekonomika u tal-kondizzjonijiet ta' investiment;

— fit-trattament tal-problemi marbutin mal-ekoloġija;

— fl-ostakoli finanzjarji u n-nuqqas ta' possibbiltajiet ta' finanzjament dirett;

— fil-bini ta' soluzzjonijiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għat-tiġdid industrijali u d-diversifikazzjoni ekonomika;

6. Jenfasizza li l-istrateġiji reġjonali għaż-żoni industrijali għandhom jinkludu, bħala punt fokali, miżuri biex jipproteġu l-kwalità tal-art, tal-ilma u tal-arja, biex jissalvagwardaw il-bijodiversità reġjonali u lokali u r-riżorsi naturali, u biex jiġu ttrattati l-art u l-ilma, sabiex sustanzi li jagħmlu ħsara lill-ambjent ma jkomplux jinixxu fl-ambjent naturali;

7. Jemmen li hu importanti li l-istrateġiji għal żoni industrijali jinkludu attenzjoni integrata dwar il-possibilitajiet tat-trasport sostenibbli minn u lejn dawk iż-żoni, inklużi l-materja prima, il-prodotti u l-persunal kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa, kemm jekk eżistenti jew ippjanata, u li tali ffukar jista' jgħin biex jitnaqqas l-impatt ambjentali taż-żoni industrijali u urbani u biex jiżgura li l-ħtiġijiet tal-komunità jintlaħqu, filwaqt li jiġu salvagwardati r-riżorsi naturali u l-kapital u jkun hemm kontribut pożittiv għas-saħħa tal-bniedem;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

8. Huwa tal-opinjoni li b'riżultat tal-proċess ta' tkabbir tal-UE d-differenzi reġjonali żdiedu, u għaldaqstant l-attenzjoni u l-għarfien pubbliku tbiegħdu mir-reġjuni industrijalizzati qodma li għandhom nuqqas ta' opportunitajiet ta' investiment suffiċjenti għal strateġiji konkreti ta' żvilupp reġjonali;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni attwali fir-reġjuni industrijalizzati qodma, tidentifika l-isfidi ewlenin tagħhom, u tipprovdi informazzjoni u gwida għal dawk ir-reġjuni, sabiex tiżviluppa, permezz ta' proċeduri demokratiċi, strateġiji reġjonali abbażi ta' sħubiji mifruxa li jistgħu jgħinu biex itejbu l-prospetti ta' żvilupp sostenibbli billi jisfruttaw il-potenzjal endoġenu tagħhom;

10. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-bażi industrijali tal-ekonomija huwa neċessarju għal progress fit-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll għall-kisba tal-għanijiet u l-miri tal-UE 2020, u li l-assi relatati mal-industrija f'termini tal-wirt u l-kompetenza industrijali disponibbli fir-reġjuni industrijalizzati qodma jistgħu jiffurmaw bażi insostitwibbli għal dan, u għandhom jiġu ppreservati u adottati għall-ħtiġijiet il-ġodda;

11. Jinnota li ħafna żoni li kienu industrijali joffru possibilitajiet tajbin ħafna biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija permezz tal-applikazzjoni ta' teknoloġija u ta' standards tal-bini moderni, u li minnhom jibbenefikaw kemm l-ekonomiji reġjonali kkonċernati kif ukoll l-ambjent;

12. Ifakkar li fejn reġjuni industrijalizzati qodma ppruvaw jesploraw opportunitajiet ġodda għal żvilupp reġjonali, l-aktar li kellhom suċċess kien fejn ibbażaw dawn l-istrateġiji fuq il-karatteristiċi tagħhom ta' qabel, ir-riżorsi territorjali tagħhom, il-patrimonju industrijali tagħhom u l-esperjenzi u l-kapaċitajiet tagħhom;

13. Jinnota li ż-żoni urbani għandhom rwol importanti f'termini ta' innovazzjoni u tkabbir sostenibbli, u li l-isforzi ta' rikonverżjoni ma jistgħux jirnexxu mingħajr biżżejjed investiment suffiċjenti f'dan il-qasam, peress li mingħajr azzjoni dwar il-bini u t-trasport fil-belt l-għanijiet tal-UE ma jintlaħqux;

14. Huwa tal-opinjoni li t-tnaqqis f'bosta mir-reġjuni industrijalizzati qodma huwa parzjalment minħabba d-dipendenza fuq il-monostrutturi; jemmen li l-fatt li tibbaża ekonomija fuq monostrutturi biss huwa kontro-produttiv u li ekonomija diversifikata hija ta' importanza kbira bħala bażi għal tkabbir sostenibbli u ħolqien tax-xogħol;

15. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa kunċetti u strumenti politiċi li jgħaqqdu il-Fondi ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali ma' approċċi politiki industrijali, sabiex issostni t-trasformazzjoni strutturali minn reġjuni industrijalizzati qodma għal reġjuni industrijali moderni;

16. Jemmen li l-istrateġiji reġjonali industrijali għandhom ikunu bbażati fuq approċċ integrat, li jinkludi komponent dwar l-impjiegi, it-taħriġ u l-edukazzjoni, immirat lejn il-promozzjoni tas-setturi ta' tkabbir li kapaċi joħolqu impjiegi lokali u reġjonali, speċjalment għaż-żgħażagħ, eż. fl-SMEs innovattivi, bħala parti mill-programm għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs (COSME); jenfasizza r-rwol speċjali li għandhom il-bliet fl-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali għaż-żoni industrijali; jemmen, f'dan il-qafas, li l-bliet huma ċentrali għall-kisba ta' tkabbir għaqli; għaldaqstant, jenfasizza l-fatt li, b'mod partikolari, il-bliet b'bażi industrijalizzata qadima joffru potenzjal enormi, li l-UE għandha tesplora b'mod sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni tidħol fi djalogu aktar mill-qrib mal-bliet ikkonċernati bl-għan li tkabbar il-profil tal-bliet bħala sħab diretti tal-UE;

17. Jenfasizza li l-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari, jgħin lir-reġjuni jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju, joħloq impjiegi lokali u jiffranka l-flus tal-konsumaturi fuq il-kontijiet tat-tisħin;

18. Jitlob lill-Kummissjoni tikkapitalizza fuq is-sinerġiji bejn il-politiki ta' koeżjoni u dawk industrijali sabiex issostni l-kompetittività u t-tkabbir u tgħin lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-bliet isibu bażi għal strateġiji ta' żvilupp industrijali mmexxijin mir-reġjun;

19. Jemmen li ma jeżisti l-ebda pjan ta' azzjoni speċifiku għal strateġiji reġjonali għal żoni industrijali għall-UE kollha, u li approċċ lokali u reġjonali huwa l-aktar mezz xieraq għall-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa riċerka ekonomika reġjonali fil-kuntest tal-inizjattiva Orizzont 2020, li tippermetti l-iżvilupp ta' strateġiji mfassla skont ir-reġjun għal reġjuni industrijalizzati qodma oħrajn;

20. Jenfasizza l-fatt li l-karatteristiċi tar-reġjuni għandhom jiġu kkunsidrati fl-ippjanar ta' strateġiji ta' żvilupp reġjonali; f'dan il-kuntest, u wara li kkunsidra l-mudell ta' strateġiji ta' żvilupp rurali minn isfel għal fuq (LEADER) għal żoni rurali, iqis li għandhom jitħeġġu l-inizjattivi minn isfel għal fuq għal żvilupp lokali fiż-żoni urbani;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-esperjenzi preċedenti ta' żoni urbani bħal Manchester fir-Renju Unit, Lille fi Franza, Essen u l-inħawi ta' Ruhr fil-Ġermanja u Bilbao fi Spanja, fejn l-finanzjament tal-UE kkontribwixxa għar-rikonverżjoni u r-ristrutturar tar-reġjuni industrijalizzati qodma, sabiex tiżviluppa strateġiji futuri għal reġjuni oħrajn fl-EU;

22. Jilqa' l-benefiċċji li huma riżultat tal-għoti tal-istatus ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, bħall-eżempju ta' Glasgow, Lille, u bliet u agglomerazzjonijiet urbani oħrajn li qabel l-industrija tagħhom kienet sejra lura, u jenfasizza li l-attivitajiet kulturali u dawk kreattivi huma katalisti ewlenin tar-riġenerazzjoni urbana u l-attrazzjoni reġjonali;

23. Jenfasizza li r-riġenerazzjoni sostenibbli tar-reġjuni industrijalizzati qodma tieħu għexieren ta' snin u tiswa ħafna flus, ħafna drabi taqbeż il-kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji ta' entitajiet pubbliċi fil-post; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tiġi żviluppata assistenza teknika għall-awtoritajiet u l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali;

24. Jenfasizza l-fatt li l-istrument il-ġdid għal "Investiment Territorjali Integrat" propost fl-Artikolu 99 tal-abozz tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu l-ġdid ta' finanzjament 2014-2020 jista' joffri opportunità għall-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali lil hinn mill-fruntieri amministrattivi;

25. Jistieden lill-Istati Membri jevitaw regoli kumplessi żżejjed għall-benefiċjarji; itenni li fejn jeżistu r-regoli tal-UE, ir-regoli lokali jistgħu jiġu eliminati, sabiex jiġu evitati regoli duplikati u konfliġġenti;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi bażi ta' data tal-parks industrijali u ż-żoni ta' attività reġjonali eżistenti, sabiex tidentifika l-aqwa mudelli li jistgħu jiġu applikati wkoll f'reġjuni oħra u tfassalhom skont l-istrateġiji ta' żvilupp lokali u reġjonali fit-tul u biex tipprovdi gwida dwar kif għandhom jintużaw il-fondi għall-għajnuna fil-proċess ta' rikonverżjoni;

27. Hu tal-opinjoni li hemm bżonn ta' aktar appoġġ għall-iżvilupp tal-ispirtu imprenditorjali fost iż-żgħażagħ, permezz tal-aċċess għall-fondi Ewropej u għall-pariri kummerċjali;

28. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-reġjuni industrijalizzati qodma jkunu jistgħu jibbenefikaw bi sħiħ mill-fondi nazzjonali u Ewropej, sabiex l-UE tkun tista' tagħti bidu għal "rivoluzzjoni industrijali ġdida";

29. Jenfasizza l-ħtieġa għal konċentrazzjoni ulterjuri tas-sostenn tal-politika ta' koeżjoni fuq ir-rikonverżjoni industrijali fir-reġjuni, fl-oqsma li ġejjin: l-innovazzjoni tan-negozju u l-investiment, l-inklużjoni soċjali, l-approċċi integrati għall-iżvilupp urban, u r-riġenerazzjoni urbana;

30. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw ir-reġjuni tagħhom billi jipparteċipaw fl-approċċ ta' "speċjalizzazzjoni intelliġenti"; itenni li r-reġjuni jeħtieġu strateġiji ta' żvilupp sostenibbli mfassla apposta sabiex ikunu ta' suċċess; jinnota li f'bosta każijiet l-entitajiet pubbliċi lokali ma jistgħux jiksbu l-għarfien u l-esperjenza neċessarji mingħajr appoġġ min-naħa tal-Kummissjoni u l-Istati Membri;

31. Hu tal-opinjoni li huwa meħtieġ li jinħolqu żoni industrijali li jagħtu spinta lill-iżvilupp tal-bliet; isostni li għandha tingħata aktar importanza lill-attivitajiet ta' riċerka, l-innovazzjoni u t-tagħlim, filwaqt li jfakkar ir-rwol kreattiv tal-universitajiet f'dan ir-rigward; jappoġġa l-ħolqien ta' netwerks ta' Innovazzjoni, kompetittività u intraprenditorija fil-livell reġjonali, bl-għan li tkun promossa rabta akbar bejn l-universitajiet, in-negozji u ċ-ċentri ta' għarfien, b'hekk jitrawwmu attivitajiet industrijali ġodda biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni settorjali u jippromwovu l-ħolqien ta' raggruppament industrijali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati jinsistu għal aktar trasparenza fl-allokazzjoni tal-mezzi għall-partijiet interessati rilevanti;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0201

## Sfidi u opportunitajiet attwali għall-enerġija rinnovabbli fis-suq intern Ewropew tal-enerġija

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar sfidi u opportunitajiet attwali għall-enerġija rinnovabbli fis-suq intern Ewropew tal-enerġija (2012/2259(INI))

(2016/C 055/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunisdra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija" u d-dokumenti ta' ħidma relatati (COM(2012)0271),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 194(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" (COM(2011) 0885),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (SEC(2008)0057),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li [tħassar] id-Direttiva 2003/54/KE ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0135/2013),

A. billi s-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (SER) fit-taħlita enerġetika tal-Ewropa qed jikber fiż-żmien qasir, medju u fit-tul u billi s-SER jagħtu kontribut importanti fil-garanzija ta' enerġija sigura, indipendenti, diversifikata u b'livell baxx ta' emissjonijiet fl-Ewropa;

B. billi l-potenzjal tas-SER għall-provvista tal-enerġija mal-Ewropa kollha għadu mhuwiex eżawrit;

---

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.
([2]) ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1.
([3]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55
([4]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

C. billi s-sehem dejjem jikber tas-SER fit-taħlita enerġetika tal-Ewropa jagħmilha essenzjali li l-infrastruttura eżistenti tal-grids u tal-IT tespandi;

D. billi d-diversifikazzjoni tat-taħlita enerġetika tagħna tiddependi fuq firxa wiesgħa ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli (l-enerġija idroelettrika, ġeotermali, solari, tal-baħar, tar-riħ, pompi tas-sħana, bijomassa, bijokarburanti) li joffru servizzi differenti fil-forma ta' elettriku, soluzzjonijiet ta' tisħin u tkessiħ kif ukoll ta' trasport;

E. billi l-politika tal-enerġija jeħtiġilha, f'kull waqt, tirrifletti bilanċ bejn il-miri tas-sigurtà tal-provvista, tal-kompetittività u tal-vijabbiltà kummerċjali u ambjentali;

F. billi l-UE bħalissa tiddependi fuq l-importazzjoni tal-enerġija għal aktar minn nofs il-konsum finali tal-enerġija tagħha;

G. billi wieħed mill-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni – fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, bħala parti mill-ħolqien tas-suq uniku u bi qbil mal-ħtieġa tal-preservazzjoni u tat-titjib tal-ambjent – huwa li tippromwovi l-iżvilupp ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija ġodda u eżistenti;

H. billi l-ikkompletar tas-suq intern tal-enerġija sal-2014 għandu jiffaċilita l-preżenza fis-suq ta' parteċipanti ġodda u aktar numerużi, inkluż minn għadd dejjem jikber ta' SMEs li qed jipproduċu l-enerġija rinnovabbli;

I. billi l-liberalizzazzjoni u l-kompetizzjoni kellhom rwol ċentrali fit-trażżin tal-prezzijiet tal-enerġija għall-konsumaturi kollha tal-UE;

J. billi, skont it-termini tat-Trattati tal-UE, id-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn sorsi differenti tal-enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu hija kompetenza tal-Istati Membri, minkejja li, madankollu, kooperazzjoni u komunikazzjoni mtejba huma essenzjali; billi l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 tal-Kummissjoni jikkonkludi li kwalunkwe xenarju tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa jirrikjedi sehem sostanzjalment ogħla ta' enerġija rinnovabbli;

K. billi, skont stimi, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha li sal-2020 tieħu 20 % tat-taħlita enerġetika tagħha mis-SER;

L. billi l-produzzjoni tal-enerġija mis-SER f'dawn l-aħħar snin għamlet avvanzi teknoloġiċi, u billi l-Ewropa għandha rwol ewlieni f'dan il-qasam fid-dinja;

M. billi l-kriżi ekonomika u tad-dejn fl-Ewropa għadha ma ngħelbitx u billi jeħtiġilna nħabbtu wiċċna ma' sfidi maġġuri f'dak li jirrigwarda l-finanzi pubbliċi u l-kunfidenza tal-investituri; billi l-kriżi għandha tintuża bħala opportunità biex isiru l-investimenti neċessarji f'teknoloġiji nodfa sabiex jiġġeneraw l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku;

N. billi, fis-swieq liberalizzati tal-enerġija tal-Ewropa, it-tkabbir tal-enerġija rinnovabbli jiddependi mill-investiment mis-settur privat, investiment min-naħa tiegħu jserraħ fuq l-istabbiltà tal-politika tal-enerġija rinnovabbli;

O. billi l-investituri jeħtieġu ċ-ċertezza u l-kontinwità għall-investimenti tagħhom lil hinn mill-2020;

P. billi jeħtieġ li l-konsum tal-enerġija jitnaqqas u li tiżdied l-effiċjenza tal-produzzjoni, tat-trażmissjoni u tal-użu tal-enerġija;

Q. billi teknoloġiji rinnovabbli tat-tisħin u t-tkessiħ għandhom rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija;

R. billi l-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija jirrikonoxxi li l-gass se jkun kritiku fit-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija, billi jipprovdi kemm karga varjabbli kif ukoll karga bażi b'appoġġ għall-enerġija rinnovabbli;

S. billi l-Kummissjoni Ewropea kkalkolat li kummerċ ottimu fl-enerġiji rinnovabbli jista' jiffranka sa EUR 8 biljun fis-sena;

T. billi strumenti legali eżistenti dwar il-ġestjoni tal-foresti stabbilixxew qafas suffiċjenti biex jipprovdu l-prova ta' sostenibbiltà tal-bijomassa tal-foresti prodotta ġewwa l-Unjoni Ewropea;

***Għall-vijabbiltà tal-enerġija rinnovabbli***

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li s-SER, flimkien ma' miżuri ta' effiċjenza tal-enerġija u infrastruttura flessibbli u intelliġenti, huma l-għażliet "bla rimors" identifikati mill-Kummissjoni, u li fil-futur is-SER se jirrappreżentaw sehem dejjem jikber fil-provvista tal-enerġija fl-Ewropa għall-elettriku, għat-tisħin (li jikkostitwixxi kważi nofs id-domanda totali għall-enerġija fl-UE) u t-tkessiħ u għas-settur tat-trasport, u li sejrin inaqqsu d-dipendenza tal-Ewropa fuq l-enerġija konvenzjonali; iżid li għandhom jiġu stabbiliti miri u stadji intermedji importanti għall-perjodu sal-2050 biex ikun żgurat li s-SER ikollhom futur kredibbli fl-UE; ifakkar li x-xenarji kolha li l-Kummissjoni ppreżentat fil-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050 jassumu li fl-2030 is-sehem tas-SER fit-taħlita enerġetika tal-UE jkun tal-anqas 30 %; jissuġġerixxi, għaldaqstant, li l-UE għandha tagħmel ħilitha biex tilħaq sehem saħansitra ogħla u jitlob lill-Kummissjoni mira mandatorja tas-SER madwar l-UE kollha għall-2030, filwaqt li jitqiesu l-effetti b'interazzjoni reċiproka ma' miri oħra potenzjali dwar il-klima u l-enerġija, b'mod parikolari ma' mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll l-impatt fuq il-kompetittività tal-industriji tal-UE, inklużi s-setturi industrijali tas-SER;

2. Jenfasizza li l-enerġiji rinovabbli mhux biss jikkontribwixxu biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jqawwu l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa, iżda joffru wkoll benefiċċji ulterjuri sinifikanti permezz tat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, tal-ġenerazzjoni tal-iskart u tal-użu tal-ilma, kif ukoll ta' riskji ulterjuri inerenti għal forom oħrajn ta' ġenerazzjoni tal-enerġija;

3. Jenfasizza li provvista tal-enerġija sikura, sigura, ekonomika u ambjentalment sostenibbli hija indispensabbli għall-kompetittività tal-industrija u tal-ekonomija Ewropea; jenfasizza li se jkun jeħtieġ li madwar nofs l-impjanti tal-enerġija fl-UE jiġu sostitwiti fid-deċennju li ġej u li s-sistema tal-provista tal-enerġija jeħtieġ li tiġi mmodernizzata u ssir aktar flessibbli biex takkomoda s-sehem tas-SER, li mistenni jikber; jissottolinja li s-sehem tas-SER fl-elettriku, it-tisħin, it-tkessiħ u t-trasport jeħtieġ li jikber b'mod li jkun kosteffikaċi u li jqis il-benefiċċji u l-kostijiet sħaħ tas-SER, inklużi l-kostijiet tas-sistema, filwaqt li jissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista; jirrikonoxxi li l-kompetittività tat-teknoloġiji tas-SER qed tiżdied u jenfasizza li s-SER u l-industriji relatati ma' teknoloġiji nodfa huma muturi importanti għat-tkattir tal-kompetittività tal-Ewropa, jirrappreżentaw potenzjal enormi għall-ħolqien tal-impjiegi u jagħtu kontribut importanti għall-iżvilupp ta' industriji u swieq tal-esportazzjoni ġodda;

4. Jinnota li l-iżvilupp aktar intensiv tas-SER fl-Istati Membri aktarx li jwassal għal aktar użu tal-bijomassa, li se jirrikjedi t-tfassil ta' kriterji dettaljati ta' sostenibbiltà għall-bijomassa gassuża u solida;

5. Jirrimarka li, fis-settur tas-SER, il-kontribuzzjoni kurrenti u prevista tal-bijomassa u ta' riżorsi oħra kontrollabbli tal-enerġija għandhom isiru aktar viżibbli għal partijiet interessati sabiex jitrawwem proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġust u bbilanċjat;

6. Jistieden lill-UE biex tiggarantixxi li l-promozzjoni ta' riżorsi rinnovabbli fil-produzzjoni u l-użu tal-enerġija ma tipperikolax is-sigurtà tal-ikel, il-produzzjoni sostenibbli u ta' kwalità għolja tal-ikel jew il-kompetittività tal-agrikoltura;

7. Jinnota li għadd ta' elementi tas-sistema tal-ikel huma vulnerabbli għal kostijiet ogħla tal-enerġija u li dan jista' jkollu effetti negattivi għall-produtturi u l-konsumaturi;

8. Jirrikonoxxi li l-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju b'aktar użu tal-bijometan fil-vetturi għal distanzi qosra u fit-tul, b'mod partikolari f'vetturi ta' strapazz, u l-użu tal-elettriku f'vetturi għal distanzi qosra fil-bliet, huwa sinifikanti;

9. Huwa konvint li l-irkupru ta' skart jippreżenta opportunità għal iktar żvilupp tas-SER u għall-ilħiq tal-miri ta' pjan tal-enerġija Ewropew;

10. Jinnota li xi sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija ġeotermali, jistgħu jipprovdu s-sħana u l-enerġija elettrika lokalment u b'mod kontinwu; huwa tal-opinjoni li dawk is-sorsi lokali ta' enerġija jqawwu l-indipendenza tal-enerġija, inkluż għal komunitajiet iżolati;

11. Jenfasizza li l-enerġija mill-ilma, fil-forom kollha tagħha, tgħin biex jintlaħaq l-objettiv ta' provvista ta' enerġija rinnovabbli fil-ġejjieni, u minbarra li tiġġenera l-enerġija, taqdi għadd ta' finijiet siewja oħra, fosthom il-prevenzjoni tal-għargħar, u tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' provvista sikura ta' ilma tax-xorb; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikattru l-għarfien pubbliku dwar il-benefiċċji diversi tal-enerġija mill-ilma;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu aktar attenzjoni lill-potenzjal mhux sfruttat tas-SER fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, kif ukoll lill-interdipendenzi bejn, minn naħa waħda, aktar użu tal-enerġiji rinnovabbli u l-opportunitajiet li jiriżultaw minnu, u min-naħa l-oħra l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Effiċjenza Enerġetika u l-Binjiet;

13. Jiġbed l-attenzjoni għall-iffarnkar potenzjali li jista' jsir jekk fl-iżvilupp tas-SER titqies il-mogħdija tax-xemx miż-żoni tal-ħin differenti tal-Ewropa;

14. Jirrimarka li l-Istati Membri, fi ħdan il-qafas provdut bid-Direttiva 2009/28/KE dwar l-Enerġija Rinnovabbli, attwalment qed jaġixxu indipendentement fil-promozzjoni tas-SER f'oqfsa amministrattivi nazzjonali diverġenti ħafna minn xulxin, u li dan il-fatt qiegħed ikompli jaggrava n-nuqqas ta' uniformità fl-iżvilupp tagħhom, filwaqt li l-potenzjal għall-iżvilupp tas-sorsi rinnovabbli jvarja minħabba ċirkustanzi tekniċi, mhux tekniċi u naturali, ladarba hemm vantaġġi kompetittivi reġjonali differenti; jirrimarka li suq intern li jiffunzjona sewwa jista' jikkontribwixxi biex ipatti għall-varjabbiltà tas-SER u għad-distribuzzjoni mhux uniformi ta' riżorsi naturali; jemmen li l-parti l-kbira taż-żoni jistgħu jikkontribwixxu għall-introduzzjoni wiesgħa tas-SER; jinnota, madankollu, l-ħtieġa li l-investiment fis-SER jiġi inċentivat fejn dawn ikollhom l-akbar potenzjal, biex ikun żgurat użu effiċjenti ta' finanzjament pubbliku;

15. Jinnota li hemm livelli differenti ta' aċċettazzjoni pubblika u politika rigward l-enerġija rinnovabbli, bħal ma hemm għall-parti l-kbira tat-tipi l-oħra ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u ta' infrastrutturi; jinnota li d-disponibbiltà ta' finanzjament pubbliku u privati għall-promozzjoni tas-SER tvarja bil-kbir; jenfasizza li aċċess għall-kapital ta' investiment huwa fattur kruċjali fl-introduzzjoni wiesgħa ulterjuri tal-enerġija rinnovabbli, speċjalment fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, li wasslet għal ħafna frammentazzjoni tal-kapital għall-ivestituri; jemmen li fejn hemm imperfezzjonijiet tas-suq jew fejn produtturi jiffaċċjaw opportunitajiet limitati biex jiksbu finanzjament ibbażat fis-suq għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess għal aktar kapitali għas-SER; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, mal-Bank Ewropew tal-Investiment u ma' istituzzjonijiet nazzjonali, tesplora possibbiltajiet għal strumenti finanzjarji innovattivi għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li s-swieq tal-karbonju għandhom jagħtu sehemhom biex jinċentivaw l-investimenti fi proġetti tas-SER;

16. Jinnota li, sal-lum, xi sorsi rinnovabbli huma ekonomikament kompetittivi fis-suq tal-enerġija, filwaqt li teknoloġiji oħra qed inaqqsu d-distakk mal-prezzijiet tas-suq; jaqbel mal-Kummissjoni li jeħtieġ li kull mezz li jkun f'loku u finanzjarjament sostenibbli jintuża biex ibaxxi l-kostijiet ħalli il-kompetittività ekonomika tas-SER tkompli tittejjeb;

17. Jemmen li jeħtieġ li jitneħħew gradwalment sussidji li jagħmlu ħsara lill-kompetizzjoni u wkoll dawk li jappoġġjaw karburanti fossili li jikkawżaw ħsara ambjentali;

***L-enerġija rinnovabbli fis-suq intern Ewropew tal-enerġija***

18. Jinnota li s-suq intern tal-gass u l-elettriku għandu jiġi kkompletat sal-2014 u se jkun kruċjali għall-integrazzjoni tas-SER u jservi bħala mezz kosteffikaċi ta' bbilanċjar tal-produzzjoni varjabbli tal-elettriku; jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar rigward l-ikkompletar tas-suq intern tal-enerġija u l-implimentazzjoni tat-tielet pakkett; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-istrumenti kollha disponibbli, inkluż it-tressiq ta' Stati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex kemm jista' jkun tħaffef l-ikkompletar tas-suq intern tal-enerġija; jitlob li l-Kummissjoni tittratta konċentrazzjoni tas-suq barra minn lokha fejn din ittellef il-kompetizzjoni; jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu bl-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija u l-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet, kif ukoll l-eliminazzjoni ta' gżejjer u mgħalaq tal-enerġija;

19. Jinnota li, minħabba disparitajiet bejn karatteristiċi tas-swieq nazzjonali, potenzjali differenti u stadji differenti ta' xejriet u ta' maturità tat-teknoloġija, attwalment hemm varjetà kbira ta' skemi differenti għall-promozzjoni tas-SER fi ħdan l-Unjoni; jenfasizza li din il-varjetà tkompli tiggrava l-problemi għas-suq intern tal-enerġija, pereżempju billi toħloq ineffiċjenzi fin-negozju transkonfinali tal-elettriku; jilqa' gwida mill-Kummissjoni dwar riforma ta' skemi ta' appoġġ;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

20. Jirrimarka li dawk li sejrin igawdu l-aktar meta s-suq intern tal-enerġija jiġi kkompletat se jkunu l-konsumaturi; jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-kompetizzjoni jeħtiġilha testendi wkoll biex tkopri s-sorsi rinnovabbli, meta jsiru maturi u ekonomikament vijabbli, kif ukoll is-sorsi kollha l-oħra tal-enerġija, għaliex hija l-aqwa stimolu għall-progress fl-innovazzjoni u għat-traħħis tal-prezzijiet, u b'hekk tipprevjeni twessigħ tal-faqar enerġetiku; jissottolinja li l-persistenza ta' prezzijiet regolati fil-livell tal-bejgħ bl-imnut tippreġudika l-kapaċità tal-konsumaturi li jeżerċitaw għażliethom bis-sħiħ;

21. Jinnota li, sal-lum, ftit intużaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni introdotti bid-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, iżda li għadd ta' skemi ta' kooperazzjoni qed jiġu ppjanati; jirrimarka li l-Kummissjoni rriżultalha li utilizzazzjoni aħjar tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti tista' tħalli benefiċċji konsiderevoli, pereżempju billi tagħti spinta lill-kummerċ; jilqa' l-intenzjoni dikjarata tal-Kummissjoni li tfassal linji gwida dwar il-kooperazzjoni fi ħdan l-UE li juru kif il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jaħdmu fil-prattika u jesponu l-isfidi involuti flimkien mal-modi kif dawn jingħelbu; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw il-linji gwida tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi interpretazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar is-SER (2009/28/KE) ħalli tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva b'mod korrett u ma tħallix li awtoritajiet pubbliċi jużaw proċeduri ta' ċertifikazzjoni u liċenzjar b'mod li jfixkel il-kompetizzjoni; jistieden lill-Istati Membri biex sussegwentement jagħmlu użu aħjar mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, fejn dan ikun f'loku, u jżidu wkoll il-komunikazzjoni bejniethom;

22. Jilqa' l-fatt li tjiebu l-metodi ta' tbassir li jippermettu li l-kapaċità tar-riħ tkun disponibbli fis-swieq għal negozju fl-istess jum, b'tali mod li tista' ssir integrazzjoni aħjar tal-elettriku minn SER varjabbli; bl-istess mod jilqa' l-kodiċijiet ġodda tan-netwerk rikjesti mit-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija li bħalissa qed jiġu żviluppati mill-atturi relevanti u li jwasslu għal frekwenza stabilizzata, u b'hekk jikkontribwixxu wkoll għal integrazzjoni aħjar tal-elettriku prodott mis-SER;

23. Jenfasizza li jeħtieġ li arranġamenti adegwati tas-suq jiffaċilitaw l-integrazzjoni progressiva tas-SER, bla dewmien, fis-sistema tal-enerġija u fis-suq intern tal-enerġija Ewropew fl-Istati Membri kollha, u li fit-tul it-tipi differenti ta' SER, skont il-karatteristiċi u l-kapaċitajiet intrinsiċi tagħhom, jeħtieġ li jaqdu funzjonijiet u kompiti fi ħdan is-sistema li dari kienu jaqduhom sorsi tal-enerġija konvenzjonali; jenfasizza li fl-UE hemm eżempji promettenti ta' swieq bħal dawn; jitlob, f'dak ir-rigward, li fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni jitqiesu aktar l-effetti sekondarji pożittivi u negattivi u diretti u indiretti tas-SER, partikolarment fir-rigward tal-infrastruttura eżistenti, bħas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, kif ukoll fir-rigward tal-ambjent, il-bijodiversità u l-konservazzjoni tan-natura; jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkattru l-għarfien pubbliku dwar l-effetti potenzjali tat-teknoloġiji diversi tas-SER;

24. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra, abbażi ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, l-effetti li se jkollha fuq l-iżvilupp tas-SER il-leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti, bħal pereżempju d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jew id-Direttiva dwar l-Għasafar;

***Rekwiżiti infrastrutturali***

25. Jinnota li, f'ċerti każijiet, sorsi rinnovabbli li jinjettaw l-enerġija fil-grid huma deċentralizzati, imbiegħda, dipendenti fuq it-temp u varjabbli, u b'hekk jeħtieġu infrastruttura differenti minn dik eżistenti, li ġiet żviluppata esklussivament għall-enerġija konvenzjonali; jenfasizza li din il-modernizzazzjoni tal-grid tal-enerġija jeħtiġilha takkomoda t-tibdiliet fit-teknoloġiji ta'produzzjoni, trażmissjoni, distribuzzjoni u bbilanċjar bħala parti mis-sistema kumplessiva tal-enerġija; jissottolinja li xi sorsi tal-enerġija rinnovabbli jistgħu wkoll jibbilanċjaw sorsi tal-enerġija varjabbli u b'hekk itaffu l-ħtieġa għal infrastruttura addizzjonali tal-grid; jenfasizza li l-iżvilupp tal-infrastruttura huwa urġenti u kritiku għas-suċċess tas-suq uniku u għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; jinnota li l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-infrastruttura tal-enerġija hija kruċjali f'dan ir-rigward, b'mod partikolari biex jitħaffef il-bini ta' infrastruttura ġdida b'impatt transkonfinali; jenfasizza li l-proċeduri ta' approvazzjoni għal proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija jeħtieġ li jitħaffu;

26. Jirrimarka li hemm ħafna siti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li mhumiex qed jintużaw sal-kapaċità li għaliha huma intiżi, peress li l-grid ma tistax tirċievi l-enerġija ġġenerata b'dan il-mod;

27. Jinnota li, biex is-sigurtà tal-provvista tkun garantita, l-iżvilupp ta' SER b'kontibuzzjonijiet varjabbli se jirrikjedi bbilanċjar flessibbli tal-varjazzjonijiet kif ukoll appoġġ flessibbli permezz ta' grid Ewropea integrata u interkonnessa li tippermetti n-negozju transkonfinali, sistemi ta' reazzjoni għad-domanda, ħżin tal-enerġija u impjanti tal-enerġija flessibbli; jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa jekk hemmx kwistjoni ta' kapaċità fl-UE u tiddetermina l-ammont ta' kapaċità kostanti

li tista' tiġi pprovduta minn SER varjabbli f'sistema tal-enerġija integrata tal-UE, kif ukoll l-impatt potenzjali tagħha fuq l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni; jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' kapaċità ta' riserva jġib miegħu kostijiet sostanzjali u jista' jikkawża tagħwiġ tas-sinjali ta' prezz; jinnota li hemm ħtieġa dejjem akbar għal qafas politiku stabbli li jipprovdi garanziji ekonomiċi rigward id-disponibbiltà ta' dawn ir-reservi kif ukoll għal servizzi sistemiċi u ta' bbilanċjar; jirrifjuta l-kunċett ta' kompetizzjoni għas-sussidji bejn is-sorsi tal-enerġija u jappella li jitfassal disinn ta' suq tal-enerġija maħsub apposta għall-objettivi fit-tul tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima u li jippermetti li t-teknoloġiji tas-SER jiġu integrati fis-suq intern tal-enerġija, iżda jirrikonoxxi li l-għajnuna mill-istat fl-imgħoddi kienet meħtieġa fl-iżvilupp tas-sorsi kollha tal-enerġija;

28. Jenfasizza l-importanza ta' supergrid u tal-grid lil hinn mill-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana għall-introduzzjoni wiesgħa u kosteffikaċi tal-enerġija rinnovabbli; jissottolinja f'dan ir-rigward l-importanza tal-Inizjattiva ta' Grid lil hinn mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Baħar tat-Tramuntana (NSCOGI), fi żmien meta tħabbru aktar minn 140 GW ta' proġetti ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħtu spinta addizzjonali lill-NSCOGI;

29. Ifakkar li l-investiment fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jirrappreżenta aktar min-nofs l-investimenti kollha f'kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni matul l-aħħar għaxar snin u se jkompli jikber; jenfasizza li l-allokazzjoni għas-SER ta' sehem kbir fit-taħlita enerġetika tqajjem sfidi maġġuri għall-infrastruttura eżistenti tan-netwerk, u li jeħtieġ li jsir investiment biex dawn l-isfidi jingħelbu; jinnota li, f'xi Stati Membri fejn aktar injezzjoni mis-SER ma mxietx id f'id ma' żvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija, din l-injezzjoni mkabbra tikkostitwixxi sfida għas-sigurtà tal-provvista; jenfasizza li, skont l-ENTSO-E, proporzjoni sinifikanti tal-mgħalaq kollha fil-grids tal-enerġija Ewropej torbot ma' injezzjonijiet mis-SER; jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati approċċi ġodda biex jegħlbu mgħalaq fil-grids ta' distribuzzjoni, approċċi li mhux dejjem jinvolvu estensjoni u tisħiħ tal-grid; huwa fiduċjuż li l-benefiċċji ta' titjib tal-grid Ewropew, ikkawżat ukoll mis-suq uniku tal-elettriku, jistgħu jpattu għall-kostijiet tiegħu billi joffru operat wisq aktar effiċjenti ta-sistema tal-enerġija tal-UE; jistieden lill-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni biex jaġġornaw il-politiki tagħhom ta' żvilupp tal-grid ħalli jlaħħqu mal-integrazzjoni tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni tas-SER filwaqt li jżommu s-sigurtà tal-provvista, u biex itejbu l-kooperazzjoni ma' operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni;

30. Jinnota li ħafna mill-postijiet l-aktar adatti u kompetittivi għas-SER fl-UE huma mbiegħda sewwa miċ-ċentri tal-konsum tal-enerġija, b'tali mod li l-użu ottimu ta' dawn il-postijiet jista' jsir biss bl-iżvilupp tas-sistemi u ta' distribuzzjoni u bit-tisħiħ ta' interkonnessjonijiet transkonfinali; jinnota wkoll il-vantaġġi ta' provvista deċentralizzata ta' enerġija rinnovabbli qrib iċ-ċentri ta' konsum; jissottolinja li dan jista' jwassal għal traħħis tal-ispejjeż, inaqqas il-ħtieġa għal estensjoni tal-grid u jevita l-konġestjoni meta tkun implimentata infrsatruttura adegwata; jirrimarka li l-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' għodod adegwati ta' mmudellar biex tiddefinixxi t-taħlita ottima bejn impjanti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija mbiegħda u fuq skala kbira u installazzjonijiet fil-livell ta' distribuzzjoni; jenfasizza l-potenzjal ta' approċċ integrat għas-sistema tal-enerġija li jinvolvi domanda u l-provvista sew tas-sħana u sew tal-elettriku; jinnota wkoll il-potenzjal ta' produzzjoni lokali tas-SER bħall-mikroġenerazzjoni jew kooperattivi taċ-ċittadini li jinvestu flimkien fil-produzzjoni u l-forniment tal-enerġija rinnovabbli, bħat-tisħin ġeotermali u l-enerġija mix-xemx, kif issemmi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

31. Jinnota li insuffiċjenza ta' kapaċità tan-netwerk u ta' faċilitajiet ta' ħżin, flimkien ma' nuqqas ta' kooperazzjoni bejn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, jistgħu jkabbru l-flussi transkonfinali mhux koordinati tal-enerġija (flussi ċirkulari) u jistgħu jikkawżaw emerġenzi gravi fi Stati Membri oħra, u b'hekk it-tnaqqis tal-karga jagħmluh dejjem aktar ta' ħtieġa għall-finijiet tas-sigurtà tal-provvista, jekk l-iżvilupp tas-SER ma jsirx id-f'id mal-ottimizzazzjoni meħtieġa (eż. monitoraġġ tat-temperatura tal-linja) u mal-iżvilupp tal-grid f'dawk l-Istati Membri; huwa mħasseb dwar il-qagħda tal-iżvilupp u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-grid fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex jimxu 'l quddiem bl-akbar ħeffa possibbli bl-iżvilupp ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, u biex jinkoraġġixxu aktar kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni;

32. Jissottolinja l-potenzjal ta' grids intelliġenti, għodod ta' ġestjoni mil-lat tad-domanda u u soluzzjonijiet tal-ħżin tal-enerġija, sew biex jiffaċilitaw l-aqwa integrazzjoni possibbli tas-SER-E u sew biex iwittu l-varjazzjonijiet fil-grid; jerġa' jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal aktar riċerka dwar il-ħżin tal-elettriku u introduzzjoni usa' ta' dan il-ħżin, inkluż abbażi ta' kooperazzjoni ma' impjanti idroelettriċi b'ħażna ppumpjata; jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa għal aktar riċerka dwar opzjonijiet ta' ħżin b'veloċità varjabbli, li jippermettu sistema aktar flessibbli għall-kontroll tal-veloċità tal-ħżin u b'hekk jiffaċilitaw konnessjonijiet aktar rapidi u kompatibbli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jevitaw li jimponu piż ta' tassazzjoni doppja fuq operaturi tal-ħżin tal-elettriku;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

33. Iqis li jeħtieġ li jinħolqu swieq transkonfinali għal servizzi tal-ibbilanċjar tal-elettriku, u li s-sistema Ewropea ta' trażmissjoni jeħtieġ li tiġi żviluppata malajr biex tiffaċilita l-integrazzjoni transkonfinali tal-enerġija mill-ilma b'ħażna ppumpjata, partikolarment fil-pajjiżi Skandinavi, fl-Alpi u fil-Pirenej;

34. Jenfasizza li l-enerġija mill-ilma jeħtieġ li jkolha rwol ċentrali fl-iżvilupp ippjanat tas-SER, prinċipalment biex tibbilanċja l-produzzjoni fluttwanti tal-enerġija mis-SER imma wkoll, permezz tal-ħażna ppumpjata, bħala metodu għall-ħżin tal-elettriku; jenfasizza, għalhekk, li jeħtieġ li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' żvilupp eżistenti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika u tal-ħażna ppumpjata fl-UE;

35. Jirrikonoxxi li l-infrastruttura tal-gass se jkollha rwol importanti fl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Ewropa; jirrimarka li l-bijogass, bħala enerġija rinnovabbli, jista' minn issa jiddaħħal, bħala bijometan, fl-infrastruttura eżistenti tal-grid tal-gass u li teknoloġiji ġodda bħalma huma l-produzzjoni tal-idroġenu jew tal-gass bl-elettriku ("power to hydrogen" u "power to gas") se jkunu ta' siwi ulterjuri għall-qafas futur ta' ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, billi jużaw infrastrutturi eżistenti u ġodda li għandhom jiġu promossi u żviluppati;

36. Huwa tal-fehma li fil-ġejjieni l-ICT se jikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-provvista u d-domanda fl-enerġija u jagħmel lill-konsumaturi aktar attivi f'dan is-suq; jitlob lill-Kummissjoni biex bla dewmien tressaq proposti, bi qbil mat-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija, għall-iżvilupp, il-promozzjoni u l-istandardizzar ta' grids u kontaturi intelliġenti tal-elettriku, minħabba li dawn sejrin jippermettu dejjem aktar l-involviment ta' aktar parteċipanti fis-suq u jagħtu spinta lis-sinerġiji potenzjali fl-introduzzjoni wiesgħa, l-iżvilupp u l-manutenzjoni f'kull parti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet u tal-enerġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tirfed partikolarment ir-riċerka u l-iżvilupp f'dan is-settur; jenfasizza fost il-fatturi importanti f'dan ir-rigward hemm mhux biss iċ-ċertezza tal-ippjanar min-naħa tal-fornituri, iżda wkoll l-aċċettazzjoni mill-konsumaturi, li għandhom ikunu l-benefiċjarji ewlenin ta' kontaturi intelliġenti u li drittijiethom rigward il-protezzjoni tad-data jeħtieġ li jkunu żgurati bi qbil mad-direttiva l-ġdida dwar il-protezzjoni tad-data; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa bir-reqqa l-kostijiet u l-benefiċċji tal-introduzzjoni wiesgħa ta' kontaturi intelliġenti u l-impatt tagħhom fuq gruppi differenti ta' konsumaturi; jirrikonoxxi li l-involviment tal-konsumaturi huwa essenzjali għas-suċċess tal-introduzzjoni wiesgħa ta' kontaturi intelliġenti;

37. Jinnota li s-settur tal-ICT inniffsu, li huwa konsumatur kbir tal-elettriku b'ċentri tad-data fl-UE li jikkunsmaw sa 1,5 % tal-konsum totali tal-elettriku u b' dejjem aktar kuxjenza fost il-konsumaturi dwar l-impronta tal-karbonju tal-IT u s-servizzi cloud li jużaw, jista' jsir mudell ta' mġiba għall-effiċjenza tal-enerġija u l-promozzjoni tas-SER;

38. Jirrimarka li, f'xi reġjuni, speċjalment f'komunitajiet u gżejjer żgħar, l-introduzzjoni wiesgħa ta' mtieħen tar-riħ u pannelli fotovoltajċi ntlaqgħet b'oppożizzjoni pubblika; jirrimarka li hemm il-perċezzjoni li l-imtieħen tar-riħ u l-pannelli fotovoltajċi għandhom effett ħażin fuq l-industriji tat-turiżmu kif ukoll fuq in-natura u l-forma tal-pajsaġġi tal-kampanja jew tal-gżejjer;

39. Jenfasizza li, fejn iċ-ċittadini huma l-proprjetarji tal-produzzjoni rinnovabbli permezz ta' kooperattivi jew ta' mudelli ta' sjieda komunitarja hemm aktar aċċettazzjoni soċjali, li tnaqqas iż-żmien meħud fil-fażi tal-ippjanar għall-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' aktar fehim dwar it-tranżizzjoni enerġetika fost il-pubbliku

40. Jenfasizza li l-iżvilupp ulterjuri tas-SER, u l-bini ta' kwalunkwe faċilità ta' ġenerazzjoni u infrastruttura tal-enerġija, sejrin ifissru tibdil tal-pajsaġġi fl-Ewropa; jinsisti li jeħtieġ li dan ma jwassalx għal ħsara ambjentali, inkluż f'siti tan-Natura 2000 u f'żoni ta' pajsaġġi protetti; jirrimarka li l-aċċettazzjoni tal-infrastruttura tas-SER fost il-pubbliku tista' tintrebaħ permezz ta' ppjanar trasparenti u koordinat, kif ukoll bi proċeduri ta' bini u liċenzjar b'konsultazzjoni obbligatorja u f'waqtha, bl-involviment tal-partijiet interessati mill-bidu nett, inkluż fil-livell lokali; jenfasizza li l-parteċipazzjoni ta' ċittadini u partijiet interessati, bħal fil-każ ta' kooperattivi, tista' tgħin fil-ksib ta' appoġġ min-naħa tal-pubbliku, u l-istess jgħodd għall-komunikazzjoni dwar il-benefiċċji potenzjali għall-ekonomiji lokali;

***Il-konsumaturi jingħataw aktar setgħa***

41. Jara l-ħtieġa ta' aktar azzjoni biex tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli; jistqarr, fl-istess ħin, li azzjoni effikaċi għal dan il-għan tkun li jiġi stabbilit approċċ olistiku għall-produtturi/konsumaturi – jew "prosumaturi" – li jkunu jistgħu imexxu l-ġestjoni tal-proċess tal-ġenerazzjoni tal-enerġija;

42. Jirrikonoxxi l-importanza tas-SER fuq skala żgħira biex is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jikber; jirrikonoxxi li l-introduzzjoni wiesgħa ta' SER fuq skala żgħira jirrappreżenta opportunità biex djar, industriji u komunitajiet uniċi jsiru produtturi tal-enerġija, u b'hekk jiksbu għarfien ta' modi effiċjenti kif jipproduċu u jikkunsmaw l-enerġija; jenfasizza l-importanza tal-mikroġenerazzjoni għal tkattir tal-effiċjenza tal-enerġija; jenfasizza li l-introduzzjoni wiesgħa tas-SER fuq

skala żgħira jista' jwassal għal iffrankar sostanzjali fil-kontijiet tal-enerġija u għall-ħolqien ta' mudelli kummerċjali u impjiegi ġodda;

43. Jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza li jinġiebu 'l quddiem kooperattivi lokali għall-enerġija rinnovabbli biex titqawwa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, tiżdied l-aċċessibbiltà tal-enerġija rinnovabbli u għall-ġenerazzjoni ta' investimenti finanzjarji;

44. Jenfasizza li tagħqid intelliġenti ta' SER fuq skala żgħira, faċilitajiet ta' ħżin, ġestjoni mil-lat tad-domanda u effiċjenza tal-enerġija jistgħu jwasslu għal tnaqqis fl-użu tal-grids lokali waqt il-ħinijiet l-aktar intensivi, u b'hekk inaqqsu l-kostijiet kumplessivi tal-investiment għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni;

45. Jinnota li prerekwiżit għall-konsum u l-produzzjoni effiċjenti lokali tal-enerġija, kemm mill-perspettiva tal-prosumatur u kemm minn dik tal-grid ta' distribuzzjoni, hija l-introduzzjoni wiesgħa ta' kontaturi intelliġenti tal-elettriku, u b'mod aktar ġenerali, grids intelliġenti;

46. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se toħroġ komunikazzjoni dwar it-teknoloġiji tal-enerġija u l-innovazzjoni li tiffoka fuq il-mikroġenerazzjoni;

47. Iqis li l-politika reġjonali tal-UE għandha rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll tal-effiċjenza tal-enerġija fuq skala Ewropea, u wkoll fil-qasam tas-servizzi tal-elettriku u tas-servizzi tat-trasport tal-enerġija; jilqa' l-fatt li l-kontribut tal-politika ta' koeżjoni u tal-politika reġjonali, maħsub biex jinkoraġġixxi l-enerġija rinnovabbli, kompla jikber pass pass bil-għan li s-SER jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-miri tal-politika tal-UE dwar l-enerġija u li l-għanijiet tal-UE dwar l-enerġija jiġu implimentati fl-UE kollha kemm hi; jikkunsidra partikolarment importanti li l-mira tal-politika Ewropea tkun tali li tippermetti li r-rata ta' finanzjament tkun suffiċjenti fil-perjodu li jmiss 2014-2020;

48. Jappoġġja governanza b'diversi livelli u approċċ deċentralizzat lejn il-politika tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, li għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, il-Patt tas-Sindki u żvilupp ulterjuri tal-inizjattiva Bliet Intelliġenti, kif ukoll il-promozzjoni tal-aqwa soluzzjonijiet fil-livell reġjonali u lokali permezz ta' kampanji ta' informazzjoni;

49. Jirrimarka li ż-żoni agrikoli u rurali għandhom il-potenzjal li jipprovdu proporzjon sinifikanti tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u għaldaqstant huwa tal-fehma li l-politika l-ġdida dwar l-agrikultura u l-iżvilupp rurali għandha tippromwovi l-produzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli;

50. Jirrikonoxxi l-importanza tal-promozzjoni u t-tħeġġiġ tal-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija alternattiva fl-azjendi agrikoli stess, speċjalment fuq skala żgħira, u tat-tixrid tal-metodi relevanti fost il-bdiewa kif ukoll fost il-konsumaturi;

51. Jenfasizza l-kontribut li l-kooperazzjoni fost il-bdiewa tista' tagħti għal eżitu ta' suċċess għall-politika tal-promozzjoni tar-riżorsi rinnovabbli;

52. Jitlob li l-Bank Ewropew tal-Investiment joħloq fondi rikorrenti, permezz ta' intermedjarji finanzjarji, biex jipprovdu l-kapital ta' stabbiliment meħtieġ u l-appoġġ tekniku għal skemi fuq skala żgħira u mikro bbażati fuq azjendi agrikoli u li jkunu proprjetà komunitarja għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u t-tisħin minn sorsi rinnovabbli, li l-profitti minnhom ikunu jistgħu jerġgħu jiġu investiti fi skemi addizzjonali;

***Kooperazzjoni u kummerċ internazzjonali***

53. Ifakkar li d-defiċit kummerċjali tal-UE kkawżat mill-importazzjoni ta' karburanti fossili mistenni jiżdied fis-snin li ġejjin, u li d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-karburanti fossili tinvolvi riskji politiċi, ekonomiċi u ambjentali dejjem akbar; jissottolinja, f'dan ir-rigward, ir-rwol tas-sorsi nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli f'termini ta' sigurtà tal-provvista u ta' treġġigħ ta' bilanċ kummerċjali pożittiv mal-pajjiżi esportaturi taż-żejt u tal-gass, u għaldaqstant jisħaq fuq il-fatt li dawn is-sorsi għandu jkollhom rwol akbar fl-ilħiq tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE;

54. Jirrikonoxxi li s-swieq dinjija tas-SER qed jikbru, u li dan se jkollu effetti pożittivi fuq l-industrija, il-ħolqien tal-impjiegi u l-prezzijiet Ewropaj, kif ukoll fuq l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji eżistenti u ġodda madwar id-dinja u fl-UE, dment li l-qafas politiku u regolatorju tal-UE dwar is-SER jibqa' prevedibbli u jgħin lin-negozji ekoloġikament nodfa jżommu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jibqgħu minn ta' quddiem fil-konfront tal-kontrapartijiet tagħhom madwar id-dinja; jirrikonoxxi li l-pajjiżi li mhumiex fl-OECD huma sħab kummerċjali importanti minħabba l-potenzjal kbir tagħhom rigward is-SER;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

55. Jenfasizza li tagħwiġ illeċitu tal-kompetizzjoni fis-suq mhuwiex aċċettabbli, minħabba li biss il-kompetizzjoni ġusta tista' tiggarantixxi lill-UE livell raġonevoli ta' prezzijiet għat-teknoloġiji tas-SER; jitlob lill-Kummissjoni biex, mill-aktar fis possibbli, tikkonkludi proċedimenti li jinsabu għaddejjin dwar prattiki inġusti; jenfasizza li swieq dinjija ħielsa u miftuħa joffru l-aqwa kundizzjonijiet għat-tkabbir tas-SER; jissottolinja li jeħtieġ li jsir aktar xogħol biex jitwarrbu l-ostakoli għall-kummerċ; jitlob lill-Kummissjoni biex ma tqajjem l-ebda ostakolu ġdid għall-kummerċ fuq prodotti finali jew fuq komponenti tat-teknokloġiji li jintużaw fis-SER; jitlob li l-Kummissjoni tieħu azzjoni ta' rimedju rigward ostakoli għall-kummerċ, tissalvagwardja l-kompetizzjoni ġusta, tgħin lill-kumpaniji tal-UE biex jaċċedu għal swieq barra mill-UE u tittratta allegazzjonijiet ta' tagħwiġ tal-kummerċ, inkluż rigward għajnuniet mill-Istat illegali;

56. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja attivament l-użu mhux ġustifikat ta' ostakoli mhux tariffarji (ONT), ta' sussidji u ta' miżuri ta' dumping min-naħa tas-sħab kummerċjali tal-UE f'dan il-qasam;

57. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu nota tal-Ftehim dwar it-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tad-WTO u tinvestiga l-possibilitajiet li jinbeda Ftehim ta' Kummerċ Ħieles fit-Teknoloġijia Ambjentali, li jistabbilixxi kummerċ bla tariffi għal prodotti tat-teknoloġija ambjentali;

58. Jenfasizza li din l-istrateġija għandha tinkoraġġixxi wkoll il-faċilitazzjoni tal-kummerċ bil-għan li ssostni l-isforzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'dan il-qasam partikolari u li tippermetti l-użu tal-enerġiji rinnovabbli bħala kommoditajiet kummerċjali;

59. Jenfasizza li l-kummerċ għandu rwol importanti fl-iżgurar li l-enerġija rinnovabbli tkun prodotta u ffinanzjata b'mod sostenibbli; ifakkar li l-bijoenerġija u l-agrokarburanti għandhom jirrispettaw il-kriterji ta' sostenibilità tal-UE, u li dawn tal-aħħar jeħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar; għal dan il-għan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintroduċi l-użu indirett tal-artijiet bħala kriterju supplementari; jirrakkomanda li l-ftehimiet kummerċjali għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jittrattaw il-problemi ta' deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u għandhom jagħtu inċentiv għall-ġestjoni tajba tar-riżorsi tal-art u tal-ilma; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tinnegozja ftehimiet volontarji ta' sħubija (VPAs) mal-pajjiżi terzi relevanti ħalli l-qtugħ illegali tas-siġar jiġi pprojbit;

60. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar stretta rigward il-politika tal-enerġija, inkluż fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, mal-pajjiżi ġirien tal-UE, u l-ħtieġa li l-potenzjal ta' kummerċ tal-enerġija rinnovabbli jiġi sfruttat b'aktar effikaċja; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' infrastruttura adegwata li tiffaċilita l-kooperazzjoni, sew fi ħdan l-UE kif ukoll mal-pajjiżi ġirien; jenfasizza li l-kooperazzjoni fuq l-enerġiji rinnovabbli għandha tinkorpora l-objettivi relevanti tal-politiki tal-UE; jenfasizza li, b'mod partikolari fir-reġjun Mediterranju, hemm potenzjal kkbir għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mis-SER; jissottolinja l-potenzjal ta' proġetti mhux nazzjonali bħal Desertec, Medgrid u Helios, kif ukoll ta' aktar żvilupp tal-enerġija mill-ilma fin-Norveġja u fl-Isvizzera, inkluż il-potenzjal tagħha għal finijiet ta' bbilanċjar; jissottolinja wkoll il-valur miżjud lokali sinifikanti ta' proġetti kbar tas-SER bħal dawn;

61. Jenfasizza li l-kooperazzjoni internazzjonali jeħtieġ li tissejjes fuq qafas regolatorju sod u fuq l-acquis tal-Unjoni dwar is-sorsi rinnovabbli, bħal fil-Komunità tal-Enerġija, biex l-istabbiltà u l-affidabbiltà ta' din il-kooperazzjoni jikbru;

62. Jitlob li tittieħed azzjoni koordinata ma' mexxejja teknoloġiċi oħra (l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ġappun) biex tittratta sfidi emerġenti, bħan-nuqqas ta' materji primi, l-elementi terrestri rari, li jaffettwaw l-introduzzjoni wiesgħa tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli;

63. Jenfasizza l-bżonn li l-UE tiżviluppa kooperazzjoni xjentifika stretta u politika ċara għall-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-SER ma' sħab internazzjonali, b'mod partikolari mal-pajjiżi BRICS;

### *Innovazzjoni, riċerka u żvilupp u politika industrijali*

64. Jinnota li l-Ewropa jeħtiġilha tagħmel sforzi fil-kapaċità industrijali u ta' riċerka u żvilupp tagħha jekk trid tibqa' minn ta' quddiem f'dak li jirrigwarda t-teknoloġija tas-SER; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat ambjent kompetittiv għall-operazzonijiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u li, f'dawn l-isforzi, issir ħidma biex jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi; jenfasizza li r-rwol mexxej tal-Ewropa fis-swieq tat-teknoloġiji tas-SER jista' jkun żgurat biss bl-innovazzjoni, imsejsa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ċertezza għall-investituri privati; jitlob li l-Kummissjoni trawwem strateġija industrijali għat-teknoloġiji tal-enerġija, inkluż b'mod partikolari t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, biex tiżgura li l-UE żżomm il-pożizzjoni ewlenija tagħha fit-teknoloġiji tal-enerġija u partikolarment fil-qasam ta' dik rinnovabbli;

65. Jissottolinja r-rwol mexxej tal-industrija tal-UE fit-teknoloġiji tal-enerġija mir-riħ fuq l-art u l-potenzjal kbir tal-industrija Ewropea tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta biex jikkontribwixxu għar-reindustrijalizzazzjoni tal-Istati Membri li jagħtu fuq il-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana;

66. Jenfasizza li istituzzjonijiet edukattivi li jistgħu jipproduċu ħaddiema ta' ħila u l-ġenerazzjoni li jmiss ta' xjenzati u innovaturi fl-oqsma tat-teknoloġiji tas-SER jikkostitwixxu prijorità ewlenija; ifakkar, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti ta' Orizzont 2020 u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija biex jegħlbu d-distakk bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-implimentazzjoni fis-settur tal-enerġija rinnovabbli;

67. Jagħti importanza partikolari lill-kooperazzjoni bejn il-mekkaniżmi Ewropej tal-protezzjoni tal-privattivi fil-qasam tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, bl-għan li jiffaċilita l-aċċess għal proprjetà intellettwali prezzjuża u mhux sfruttata; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi attivata, bi prijorità, il-privattiva Ewropea proġettata fil-qasam tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

68. Jemmen li riċerka u żvilupp immirati permezz ta' strumenti eżistenti jeħtieġ li jsiru aktar effikaċi u huwa mħasseb li r-riċerka u l-iżvilupp ġew ittraskurati f'ċerti fergħat tal-industrija tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, b'mod li, f'xi każijiet, wassal għal diffikultajiet kummerċjali; jissottolinja l-ħtieġa ta' investimenti fl-iżvilupp ulterjuri ta' teknoloġiji innovattivi, emerġenti u eżistenti kif ukoll integrazzjoni tas-sistema bejn it-trasport u l-enerġija għaż-żamma jew l-ilħiq tal-kompetittività u għall-iżgurar li t-teknoloġiji eżistenti jibqgħu sostenibbli tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp fl-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-kapaċità, l-effiċjenzja u t-tnaqqis tal-impronta dimensjonali;

69. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jinvestu f'riċerka msejsa fuq l-użu tal-enerġija rinnovabbli b'applikazzjonijiet industrijali, pereżempju fis-settur tal-karozzi;

70. Jilqa' t-tħabbira li l-Kummissjoni sejra tippreżenta komunikazzjoni dwar il-politika tat-teknoloġiji tal-enerġija fl-2013; jitlob li l-Kummissjoni, hija u timplimenta l-partijiet relevanti tal-Pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET), tiffoka fuq teknoloġiji li jtejbu l-kompetittività tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-enerġija, bħall-ġestjoni tal-grid, teknoloġiji tal-ħżin jew it-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, filwaqt li ma tiddiskriminax kontra teknoloġiji stabbiliti tas-SER li ilhom jintużaw bosta snin;

71. Jissottolinja li r-riċerka hija ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp u l-ekonomiċità ta' teknoloġiji ġodda u nodfa; jemmen li l-Pjan SET jista' jagħti kontributi importanti biex it-teknoloġiji rinnovabbli jsiru aktar ekonomiċi u kompetittivi;

***Qafas Ewropew għall-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli***

72. Jenfasizza li l-Istati Membri llum jużaw firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' promozzjoni; jirrimarka li dan is-sostenn wassal għal tkabbir tajjeb, b'mod partikolari meta l-iskemi ta' appoġġ kienu mfassla sewwa, iżda li xi sistemi ta' promozzjoni tfasslu ħażin u rriżulta li ma kinux flessibli biżżejjed biex jaġġustaw għat-tnaħħis tal-kostijiet ta' xi teknoloġiji u, f'xi każijiet, ikkawżaw kumpens żejjed, u b'hekk imponew piż finanzjarju fuq il-konsumaturi; jinnota b'sodisfazzjon li, bis-saħħa tas-sussidji, xi SER irnexxielhom isiru kompetittivi fil-konfront ta' metodi tradizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija f'ċerti oqsma, pereżempju fejn il-kundizzjonijiet ġeografiċi jivvantaġġjawhom, fejn hemm aċċess tajjeb għall-kapital, fejn il-piż amministrattiv huwa l-eħfef jew inkella minħabba l-ekonomiji ta' skala;

73. Jenfasizza li l-influwenza statali u fatturi oħra, inklużi l-prezzijiet tal-karburanti fossili, kellhom l-effett li għollew il-prezz tal-elettriku għall-konsumaturi u għall-industrija f'xi Stati Membri; jirrimarka li, fl-2010, 22 % tal-familji tal-UE kienu inkwetati li mhux se jirnexxilhom iħallsu l-kontijiet tal-elettriku tagħhom, u jassumi li, minn dakinhar 'l hawn, dan il-perċentwal kompla kiber; jenfasizza li l-enerġija għandha tkun għall-but ta' kulħadd, u li jeħtieġ li l-kompetittività tal-industrija tibqa' bla mittiefsa; jitlob li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-klijenti bi dħul baxx ikunu protetti b'mod effikaċi, filwaqt li jkabbru l-għarfien tal-pubbliku dwar il-potenzjal ta' miżuri tal-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija; jirrimarka wkoll li jeħteġ li l-konsumaturi jibbenefikaw mit-tnaħħis tal-prezzijiet bl-ingrossa;

74. Iwissi li jekk is-sostenn jingħata f'livell għoli wisq, ikollu l-effett li jingħata kumpens żejjed u b'hekk ikarkar il-pass tal-progress teknoloġiku u jtellef l-integrazzjoni tas-suq, minħabba li jbaxxi l-inċentiv biex dak li kun jiżviluppa prodotti aktar innovattivi u ta' valur ogħla; jinnota li d-disinn intelliġenti ta' mekkaniżmi ta' sostenn li jippermettu reazzjonijiet għas-sinjali tas-suq huwa kruċjali biex nevitaw il-kumpens żejjed; jemmen li progress rapidu lejn sistema li tesponi lill-produtturi għar-riskji tas-suq jinkoraġġixxi l-kompetittività teknoloġika u jiffaċilita l-isntegrazzjoni fis-suq;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

75. Huwa konvint li l-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-Istati Membri biex jidentifikaw l-aktar SER kosteffikaċi u l-aqwa mod ta' kif is-SER iwettqu l-potenzjal tagħhom; ifakkar li politiki kostottimali jvarjaw skont ix-xejra tad-domanda, il-potenzjal tal-provvista u l-kuntest ekonomiku fil-livell lokali;

76. Jilqa' l-intenzjoni dikjarata tal-Kummissjoni li tfassal linji gwida dwar prattiki tajba u dwar riforma tal-mekkaniżmi nazzjonali għall-appoġġ tas-SER; jitlob li l-Kummissjoni tipproduċi dawn il-linji gwida mill-aktar fis possibbli biex tiżgura li l-iskemi nazzjonali differenti ma jgħawġux il-kompetizzjoni u ma joħolqux ostakli għall-kummerċ u l-investiment fi ħdanl-UE, biex jinkoraġġixxu l-prevedibbiltà u l-kosteffikaċja u jevitaw is-sussidji żejda; iħeġġeġ lll-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tiżgura li l-Istati Membri jħarsu bis-sħiħ l-acquis tas-suq intern; huwa konvint li linji gwida ta' prattika tajba huma pass importanti fl-iżgurar ta' suq uniku li jiffunzjona sewwa, u jemmen li l-linji gwida jistgħu jiġu ssupplimentati b'evalwazzjoni tal-kosteffikaċja tas-sistemi nazzjonali attwali ta' appoġġ, li tqis it-teknoloġiji differenti li dawn ikorpu biex tiżgura aktar komparabbiltà u koordinament għall-konverġenza gradwali u progressiva tas-sistemi nazzjonali ta' appoġġ; huwa konvint ukoll li l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida fil-livell tal-Istati Membri sejra tkun kruċjali, minħabba li jistgħu jevitaw li sistemi nazzjonali ta' appoġġ jiġu emendati jew imħassra retrospettivament, ħaġa li lill-investituri kieku tibgħatilhom sinjali disastrużi, kif ukoll potenzjalment tikkawża diffikultajiet ekonomiċi liċ-ċittadini privati li jkunu investew fis-SER fuq il-bażi ta' dawn l-iskemi; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida għandha tkun żgurata mill-Istati Membri, u li arranġamenti ta' appoġġ speċjali għall-iżvilupp ta' riżorsi lokali u reġjonali għandhom ikunu permessi;

77. Iqis li huwa essenzjali, fid-dawl tal-eżistenza ta' diversi arranġamenti ta' appoġġ implimentati fl-Istati Membri, li jinġieb 'il quddiem id-dibattitu dwar aktar konverġenza u sistema Ewropea ta' appoġġ adegwata għaż-żmien wara l-2020; huwa konvint li, fit-tul, sistema aktar integrata għall-promozzjoni tas-SER fil-livell tal-UE, li tqis bis-sħiħ id-differenzi reġjonali u ġeografiċi kif ukoll l-inizjattivi sovranazzjonali eżistenti, u tkun parti minn sforz ġenerali lejn id-dekarbonizzazzjoni, tista' tgħin biex tipprovdi l-aktar qafas kosteffikaċi għall-enerġija rinnovabbli flimkien ma' kundizzjonijiet ekwi, li fihom is-SER jistgħu jwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom; jinnota li d-Direttiva dwar l-nerġija Rinnovabbli eżistenti tippermetti li l-gvernijiet jużaw skemi ta' appoġġ konġunt; jinnota l-evidenza tal-esperjenza f'ċerti pajjiżi Ewropej li turi kif approċċ komuni f'suq integrat tal-elettriku jippermetti innovazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku bejn is-sistemi nazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta, fil-kuntest ta' qafas għal wara l-2020, jekk mekkaniżmu Ewropew ta' promozzjoni tas-SER joffrix qafas aktar kosteffikaċi li fih jistgħu jwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, u kif tista' taħdem konverġenza progressiva;

78. Jenfasizza l-benefiċċju tal-iskambji tal-aqwa prattiki dwar mekkaniżmi ta' appoġġ fost l-Istati Membri; jirrimarka li r-Renju Unit u l-Italja reċentement ħabbru bidla fl-iskema ta' appoġġ tagħhom minn sistema ta' kwoti għal waħda ta' injezzjoni, minħabba li l-evidenza minn postijiet ġeografiċi simili tissuġġerixxi li mudelli ta' sostenn ibbażati fuq l-injezzjoni huma orħos; jitlob li l-Kummissjoni tinkludi dawn l-aspetti fl-analiżi kurrenti tagħha ([1]) u fil-proposta li għandha toħroġ dwar linji gwida;

79. Jipproponi li jinbena fuq inizjattivi bħalma hija l-iskema ta' appoġġ konġunt implimentata min-Norveġja u l-Isvezja biex pass pass jiġu żviluppati, fejn dan ikun f'loku, skemi reġjonali ta' appoġġ konġunt, madwar swieq komuni tal-enerġija bħal Nord Pool;

80. Jistieden lill-awtorità baġitarja biex tagħti lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) l-għodda meħtieġa ħalli twettaq il-kompiti tagħha u tilħaq l-għanijiet tagħha stipulati fir-regolament dwar l-integrità, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa; jinnota li dan huwa meħtieġ sabiex suq intern integrat u trasparenti tal-elettriku u tal-gass jiġi kkompletat sal-2014;

o

o o

81. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) COM(2012)0271 u d-dokumenti ta' akkumpanjament; SEC(2008)0057; IEE Studies Reshaping (*Quo(ta) vadis, Europe?*).

P7_TA(2013)0202

# Id-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar id-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni (2012/2255(INI))**

(2016/C 055/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Artikoli 8 u 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR 1325);

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill f'Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u r-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2000 dwar is-segwitu għall-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing ([2]), tal-10 ta' Marzu 2005 dwar il-kontinwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa (Peking + 10) ([3]) u tal-25 ta' Frar 2010 dwar Pekin + 15 – Pjattaforma ta' Azzjoni tan-NU għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bit-titolu "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Albanija biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0680), li ssostni li l-ugwaljanza bejn is-sessi mhijiex garantita b'mod sħiħ fil-prattika, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjiegi u tal-aċċess għall-għajnuna ekonomika,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Montenegro biex jissieħeb fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0670), li ssostni li l-ugwaljanza bejn is-sessi mhijiex garantita bis-sħiħ fil-prattika,

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' progress 2012 tal-Kummissjoni dwar il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali, li jakkumpanjaw il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "L-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013" (COM(2012)0600),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 dwar Studju ta' Fattibilità għal Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo (COM(2012)0602),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 dwar is-Sejbiet Ewlenin tar-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv tal-istat ta' tħejjija tal-Kroazja għas-sħubija fl-UE (COM(2012)0601),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008 bit-titolu "Il-Balkani tal-Punent: Tissaħħaħ il-perspettiva Ewropea" (COM(2008)0127),

([1]) Anness tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011.
([2]) ĠU C 59, 23.2.2001, p. 258.
([3]) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 247.
([4]) ĠU C 348 E, 21.12.2010, p. 11.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2006 bit-titolu "Il-Balkani tal-Punent fi triqithom lejn l-UE: it-tisħiħ tal-istabilità u t-tkattir tal-prosperità" (COM(2006)0027),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 u t-3 ta' Ġunju 2005 li fihom l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew mistiedna jsaħħu l-mekkaniżmi istituzzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u joħolqu qafas għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing, sabiex jinħoloq monitoraġġ aktar konsistenti u sistematiku tal-progress,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reviżjoni tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing – Indikaturi fir-rigward tal-Mekkaniżmi Istituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2009 dwar ir-reviżjoni tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar il-qagħda tan-nisa fil-Balkani ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni tar-Roma ([2]);

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0136/2013),

A. billi seba' pajjiżi fil-Balkani tal-Punent – l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, il-Kosovo, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja – jinsabu fi stadji differenti tal-proċess biex isiru Stati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi dawn il-pajjiżi jeħtieġ jadottaw u jimplimentaw l-acquis communautaire u obbligi oħrajn tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi matul dan il-proċess;

B. billi l-implimentazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u ta' miżuri ta' ugwaljanza bejn is-sessi teħtieġ żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar dawn id-drittijiet, modi ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji biex jiġu invokati dawn id-drittijiet, u istituzzjonijiet governattivi u indipendenti biex jibdew, iwettqu u jimmonitorjaw il-proċess ta' implimentazzjoni;

C. billi n-nisa għandhom rwol essenzjali fl-isforzi ta' paċi, stabbilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni, u billi l-kontribuzzjonijiet tagħhom għandhom ikunu rikonoxxuti u mħeġġa, bi qbil mal-UNSCR 1325 u riżoluzzjonijiet sussegwenti;

***Rimarki ġenerali***

1. Jinnota li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent f'fażi ta' adeżjoni adottaw ħafna mil-leġiżlazzjoni meħtieġa fil-proċess ta' adeżjoni tal-UE, iżda li din il-leġiżlazzjoni f'ħafna każi mhijiex qed tiġi implimentata b'mod effettiv;

2. Jenfasizza l-bżonn li n-nisa fil-Balkani tal-Punent jassumu rwol prominenti fis-soċjetà permezz tal-parteċipazzjoni attiva u r-rappreżentazzjoni fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali fil-livelli kollha; josserva li l-progress lejn il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha ta' gvern (mil-lokali għan-nazzjonali, mill-eżekuttiv għas-setgħat leġiżlattivi) huwa ta' importanza kbira;

3. Jinnota bi tħassib li l-popolazzjoni f'ħafna mill-pajjiżi mhijiex konxja b'mod sħiħ mil-leġiżlazzjoni eżistenti u l-politiki li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u li dan l-għarfien rari jilħaq lill-membri vulnerabbli jew marġinalizzati tas-soċjetà, speċjalment in-nisa Roma; jistieden lill-Kummissjoni u l-gvernijiet tal-pajjiżi f'fażi ta' adeżjoni biex irawmu s-sensibilizzazzjoni permezz tal-midja, kampanji pubbliċi u programmi edukattivi sabiex jeliminaw l-istereotipi tas-sessi u jippromwovu personaġġi eżemplari nisa u l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jappella, fuq kollox, għall-impenn personali ta' membri u uffiċjali tal-gvern;

([1]) ĠU C 21 E, 28.1.2010, p. 8.
([2]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 112.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

4. Jenfasizza l-importanza ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-ġlieda kontra l-istereotipi, id-diskriminazzjoni (sessista, kulturali jew ibbażata fuq ir-reliġjon) u l-vjolenza domestika, u għall-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod ġenerali; jinnota li dawn il-kampanji għandhom jiġu kkompletati mill-promozzjoni ta' dehra pożittiva ta' personaġġi eżemplari nisa fil-midja u r-reklamar, materjali edukattivi u l-internet; jenfasizza l-importanza li titjieb il-qagħda tan-nisa f'żoni rurali, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna d-drawwiet diskriminatorji u l-istereotipi;

5. Jinnota bi tħassib li n-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol kif ukoll fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura ekonomika u politika; jilqa' b'sodisfazzjon il-kwoti u jistieden lill-pajjiżi li għadhom ma għamlux dan biex jippromwovu r-rappreżentanza tan-nisa u, fejn ikun meħtieġ, japplikaw kwoti b'mod effikaċi għall-partiti politiċi u l-assemblej nazzjonali, u jħeġġeġ lill-pajjiżi li diġà għamlu dan biex ikomplu b'dan il-proċess sabiex ikun żgurat li n-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja politika u jegħlbu l-livell baxx ta' rappreżentazzjoni tagħhom; jinnota li, fejn ġew introdotti kwoti ta' rappreżentanza bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi, dawn għandhom jiġu implimentati kif suppost u kkompletati b'sanzjonijiet legali effikaċi; jilqa', f'dan ir-rigward, is-summit internazzjonali għan-nisa reċenti dwar "Partnership for Change" (Sħubija għall-Bidla) li sar fi Pristina f'Ottubru 2012 taħt il-partroċinju tal-unika kap ta' stat mara fir-reġjun, Atifete Jahjaga;

6. Jinnota bi tħassib li r-rati ta' impjieg ta' nisa fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għadhom baxxi ħafna; josserva li l-appoġġ għall-politiki li jikkonċernaw opportunitajiet indaqs huwa importanti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni; jistieden lill-gvernijiet jintroduċu miżuri sabiex inaqqsu d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u, konsegwentement, id-differenza bejn il-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u jindirizzaw ir-rati għolja ta' qgħad, billi jiffokaw b'mod partikolari fuq in-nisa, speċjalment dawk f'żoni rurali; jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi fil-Balkani jistabbilixxu qafas legali għal pagi indaqs għall-istess xogħol għaż-żewġ sessi, jgħinu lin-nisa fir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u dik professjonali, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, tagħlim tul il-ħajja, skedi flessibbli ta' xogħol u wkoll joħolqu ambjent li jħeġġeġ l-intraprenditorija min-naħa tan-nisa;

7. Jinnota bi tħassib li f'xi stati f'dan ir-reġjun, in-nisa intraprendituri spiss isofru diskriminazzjoni meta jkunu qed jippruvaw jiksbu self jew kreditu mill-bank għan-negozju tagħhom, u għadhom sikwit iħabbtu wiċċhom ma' ostakli bbażati fuq l-istereotipi tas-sessi; jistieden lill-istati f'dan ir-reġjun biex jikkunsidraw il-ħolqien ta' skemi ta' mentoring u programmi ta' appoġġ li jistgħu jagħmlu użu mill-pariri u l-esperjenza ta' professjonisti intraprenditorjali; jistieden lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jiżviluppaw skemi attivi fis-suq tax-xogħol intiżi sabiex irażżnu l-qgħad fost in-nisa; iħeġġiġhom jiżviluppaw skemi ta' self u jqiegħdu għad-dispożizzjoni finanzjament għal negozji ġodda;

8. Jenfasizza l-importanza li tingħeleb kull xorta ta' diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, inkluża d-diskriminazzjoni sessista fir-rigward tar-reklutaġġ, il-promozzjoni u l-benefiċċji;

9. Jenfasizza li, fil-proċess tal-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi li jiffunzjonaw tajjeb, l-iżgurar tal-parteċipazzjoni attiva tan-nisa – li jirrappreżentaw aktar minn nofs il-popolazzjoni fil-pajjiżi Balkani – huwa kruċjali għall-governanza demokratika; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' riżorsi finanzjari u umani allokati għall-funzjonament ta' istituzzjonijiet governattivi u indipendenti fdati bit-tnedija u l-implimentazzjoni ta' miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u speċjalment politiki ta' integrazzjoni tas-sessi fil-parti l-kbira tal-pajjiżi; jistieden lill-awtoritajiet jakkumpanjaw miżuri u pjanijiet ta' azzjoni b'riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni tagħhom, inkluż persunal adegwat magħmul minn nisa; jenfasizza li l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) jista' u għandu jintuża għal proġetti b'rabta mal-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u li l-awtoritajiet fil-pajjiżi għandhom ir-responsabbiltà sħiħa għal mekkaniżmi ta' implimentazzjoni għad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi li jiffunzjonaw tajjeb; jitlob lill-Kummissjoni taġixxi bid-diliġenza dovuta fir-rigward tal-effikaċja tal-infiq;

10. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' informazzjoni statistika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, dwar il-vjolenza fuq in-nisa, dwar l-aċċess għall-kontraċettivi u d-disponibbiltà tagħhom, u dwar il-bżonn mhux sodisfatt tal-kontraċezzjoni, meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, li hija standardizzata u li tista' tiġi mqabbla fuq tul ta' żmien, bejn il-pajjiżi tal-adeżjoni u bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi f'fażi ta' adeżjoni; jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi tal-adeżjoni Balkani jistabbilixxu metodoloġija komuni għall-ġbir ta' informazzjoni statistika flimkien mal-Eurostat, l-EIGE u istituti rilevanti oħrajn; jenfasizza li għandhom jiġu żviluppati strateġiji speċifiċi u għandhom jiġu implimentati strateġiji eżistenti biex tittejjeb il-pożizzjoni tan-nisa li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni multipla, bħan-nisa Roma, il-leżbjani, il-bisesswali jew in-nisa transġeneru, in-nisa b'diżabilitajiet, in-nisa li jagħmlu parti minn minoranza etnika, u n-nisa anzjani;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

11. Iqis li n-nisa għandhom rwol essenzjali fl-istabbilizzazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti, li huwa kruċjali għar-rikonċiljazzjoni fir-reġjun kollu kemm hu; jenfasizza l-importanza ta' aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi nisa ta' delitti tal-gwerra, b'mod partikolari l-istupru; itenni r-responsabbiltà tal-istati kollha biex itemmu l-impunità u jħarrku lil dawk responsabbli għall-ġenoċidju, għar-reati kontra l-umanità u għad-delitti tal-gwerra, inklużi r-reati li jinvolvu l-vjolenza sesswali fuq in-nisa u t-tfajliet, u biex jirrikonoxxu u jikkundannaw dawn ir-reati bħala reati kontra l-umanità u delitti tal-gwerra; jenfasizza l-bzonn li dawn ir-reati jiġu esklużi mid-dispożizzjonijiet relatati mal-amnestija; jilqa' l-isforzi ta' netwerks bħar-Regional Women's Lobby biex jappoġġjaw lin-nisa fil-konsolidazzjoni tal-paċi u fil-promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa f'pajjiżi li ħarġu minn konflitt; jenfasizza l-bżonn kontinwu li jiġi ffaċċjat il-passat u li jiġu żgurati sistematikament il-ġustizzja u r-riabilitazzjoni għall-vittmi ta' vjolenza sesswali konnessa ma' konflitti; jappella għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi statali adegwati għall-protezzjoni tax-xhieda u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati;

12. Jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u jinnota bi tħassib li l-vjolenza sessista u l-abbuż verbali għadhom preżenti fil-pajjiżi Balkani; jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi Balkani jsaħħu l-korpi tal-infurzar tal-liġi sabiex jindirizzaw b'suċċess kwistjonijiet bħall-vjolenza sessista, il-vjolenza domestika, il-prostituzzjoni furzata u t-traffikar ta' nisa, joħolqu rifuġji għall-vittmi li esperjenzaw jew qegħdin jesperjenzaw vjolenza domestika u jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet legali u l-impjegati tas-servizz pubbliku jkunu aktar sensittivi għal dan il-fenomenu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali fir-reġjun biex jistabbilixxu programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar il-vjolenza domestika;

13. Jinnota bi tħassib kbir li 30 % tal-vittmi tat-traffikar transkonfinali fl-UE huma ċittadini ta' pajjiżi Balkani, filwaqt li n-nisa u t-tfajliet jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-vittmi identifikati; jisħaq li l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kampanji biex iqanqlu kuxjenza, u l-miżuri kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata huma essenzjali sabiex jingħeleb it-traffikar u jiġu protetti l-vittmi potenzjali; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali fir-reġjun biex jaħdmu flimkien fil-ħolqien ta' front komuni;

14. Jitlob lill-awtoritajiet fil-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni biex jipprovdu finanzjament kontinwu għall-ġlieda kontra t-traffikar, biex isaħħu ulterjorment il-kapaċità tagħhom li jidentifikaw b'mod proattiv u jipproteġu lill-vittmi fost il-popolazzjoni vulnerabbli, jiżguraw permezz tal-liġi li l-vittmi tat-traffikar identifikati ma jiġux ikkastigati għal delitti b'riżultat dirett tat-traffikar tagħhom, jappoġġjaw l-isforzi ta' protezzjoni tal-vittmi, iħarrġu l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, u jiżviluppaw ulterjorment il-kapaċità taċ-ċentri ta' akkoljenza u r-rifuġji; jitlob ukoll lill-gvernijiet rispettivi jtejbu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex jinħoloq ambjent dissważiv għat-traffikanti, fejn każijiet ta' traffikar jiġu investigati kif xieraq u l-ħatja jinsabu tali u jiġu kkastigati; jitlob lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni biex itejbu r-rekords tagħhom fir-rigward tal-prosekuzzjoni u l-ikkastigar u jappoġġjaw inizjattivi lokali biex jiġu indirizzati l-kawżi tat-traffikar, bħall-vjolenza domestika u opportunitajiet ekonomiċi limitati għan-nisa;

15. Iqis li ugwaljanza ġenwina bejn is-sessi tistrieħ ukoll fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-pajjiżi f'fażi ta' adeżjoni jindirizzaw l-omofobija u t-transfobija li fadal fid-dritt, fil-politika u fil-prattika, inkluż permezz tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reati ta' mibgħeda, it-taħriġ tal-pulizija u l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, u jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali fir-reġjun jikkundannaw il-mibegħda u l-vjolenza abbażi tal- orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru;

16. Jilqa' ż-żieda f'inizjattivi reġjonali transkonfinali fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden lill-gvernijiet u l-Kummissjoni jappoġġjaw dawn l-inizjattivi, iħeġġu l-iskambju u l-promozzjoni tal-prattiki tajbin li joħorġu minnhom, fosthom billi jużaw il-fondi ta' qabel l-adeżjoni u jqiegħdu għad-dispożizzjoni biżżejjed fondi għal dawn l-inizjattivi, inkluż mill-perspettiva tal-ibbaġitjar għas-sessi;

17. Jistieden lill-Gvern tal-Montenegro, u lill-Gvernijiet tas-Serbja, ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u tal-Albanija, ladarba jibdew in-negozjati għall-adeżjoni, biex jaqblu fuq ftehim qafas mal-parlamenti tagħhom u s-soċjetà ċivili dwar l-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fost l-oħrajn fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, fin-negozjati tal-adeżjoni u fit-tfassil tal-pjanijiet ta' azzjoni għar-riforma li jirriżultaw minn dawn in-negozjati, u biex jiżgurawlhom aċċess għal dokumenti rilevanti li għandhom x'jaqsmu mal-proċess tal-adeżjoni;

18. Jitlob lill-gvernijiet tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni jirrikonoxxu u jappoġġjaw ir-rwol li s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tan-nisa għandhom f'oqsma speċifiċi, bħall-promozzjoni tad-drittijiet tal-leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, iż-żieda fil-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza politika tan-nisa u l-promozzjoni tal-isforzi tal-konsolidazzjoni tal-paċi; jappoġġja bis-sħiħ l-attivitajiet immirati lejn l-emanċipazzjoni tan-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fis-soċjetajiet ikkonċernati;

19. Jinnota bi tħassib li fil-parti l-kbira tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni, il-proċess għall-inklużjoni soċjali tar-Roma naqqas fil-pass u, f'xi każijiet, saħansitra waqaf; jitlob lill-gvernijiet rispettivi jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jintegraw ulterjorment liċ-ċittadini Roma u jiggarantixxu l-qerda ta' kull forma ta' diskriminazzjoni u ta' preġudizzju kontra r-Roma, speċjalment in-nisa u t-tfajliet li jsofru diskriminazzjoni multipla, komposta u intersezzjonali; jitlob lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tinvolvi lill-pajjiżi tat-tkabbir fl-istadji kollha tal-adeżjoni, u timmobilizza l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-mekkaniżmu tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA);

20. Jinnota bi tħassib li d-drittijiet tal-attivisti favur il-leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru u favur id-drittijiet tal-bniedem li jenfasizzaw l-importanza li jiġi ffaċċjat il-passat huma regolarment fil-mira ta' diskors ta' mibgħeda, theddid u attakki fiżiċi, u jitlob lill-gvernijiet tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni jieħdu miżuri speċifiċi biex jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-implimentazzjoni tad-drittijiet tan-nisa, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontinwa kontra l-vjolenza domestika prijorità fil-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, billi tkompli tindirizza dawn il-kwistjonijiet u timmonitorja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħhom f'rapporti ta' progress, u tenfasizza l-importanza tagħhom f'kuntatti mal-awtoritajiet, u billi turi eżempju tajjeb billi tiżgura li d-delegazzjonijiet, it-timijiet tan-negozjati u r-rappreżentanza tagħha stess waqt laqgħat u fil-midja jkunu bilanċjati bejn is-sessi;

22. Jitlob lid-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi Balkani jimmonitorjaw b'attenzjoni l-progress imwettaq fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi fid-dawl ta' adeżjoni futura fl-UE, u jistieden lil kull delegazzjoni taħtar membru tal-persunal bħala responsabbli mill-politiki dwar is-sessi biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-prattiki tajba fir-reġjun tal-Balkani;

23. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali fir-reġjun biex jappoġġjaw l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz tal-edukazzjoni fl-iskejjel u fl-universitajiet; jinnota li minn età żgħira, ħafna bniet ma jitħeġġux jistudjaw suġġetti tal-iskola jew tal-università li huma meqjusa bħala "tal-irġiel" minnhom infushom, bħax-xjenza, il-matematika u t-teknoloġija; jirrakkomanda li fl-iskejjel jiġu introdotti korsijiet inizjali u li titwessa' l-medda ta' suġġetti u karrieri possibbli miftuħa għall-bniet, sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw il-bażi tal-għarfien u sensiela sħiħa ta' ħiliet neċessarji biex jirnexxu fi kwalunkwe triq li jiddeċiedu li jieħdu;

24. Jenfasizza li n-nisa għandu jkollhom kontroll fuq id-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, inkluż b'aċċess għal kontraċettivi ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli; jesprimi t-tħassib fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-aċċess għal servizzi ta' saħħa sesswali u riproduttiva fil-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni;

25. Jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni jadottaw leġiżlazzjoni u politiki biex jiżguraw aċċess universali għal servizzi tas-saħħa riproduttiva u jippromwovu d-drittijiet riproduttivi, u biex b'mod sistematiku jiġbru data li tkun meħtieġa għall-promozzjoni tas-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

***L-Albanija***

26. Jistieden lill-Gvern Albaniż jappoġġja l-parteċipazzjoni ta' aktar nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi, b'mod speċjali fid-dawl tal-elezzjonijiet parlamentari fl-2013;

27. Jistieden lill-Gvern Albaniż jimplimenta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni u l-Iżvilupp u l-Liġi dwar il-Protezzjoni mid-diskriminazzjoni billi jsaħħaħ l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Protezzjoni mid-Diskriminazzjoni u billi jwaqqaf istituzzjoni tal-appell f'għamla ta' Kummissarju speċifikament għal każijiet ta' diskriminazzjoni sessista, sabiex jippromwovi ambjent fejn in-nisa li jwelldu tfal bniet ma jkunux soġġetti għal diskriminazzjoni;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

28. Jitlob lill-Gvern Albaniż itejjeb il-koordinament bejn l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, b'mod speċjali fir-rigward tal-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, u jinnota li n-nisa għandhom ikunu aktar involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u lokali fl-Albanija;

29. Jitlob lill-Gvern Albaniż jipproponi riformi li jqisu d-dimensjoni tas-sessi għal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet għall-proprjetà, il-kodiċi penali, il-liġi elettorali u l-liġijiet tax-xogħol;

30. Ifaħħar lill-Albanija għat-taħriġ mogħti lill-imħallfin dwar l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u miżuri kontra l-vjolenza fuq in-nisa, u għall-possibilità li vittmi ta' diskriminazzjoni jew ta' vjolenza jirċievu għajnuna legali sponsorjata mill-istat;

31. Ifaħħar lill-Albanija għad-deċiżjoni li ħadet dwar l-integrazzjoni tas-sessi fil-programm baġitarju fuq medda medja ta' żmien għall-Ministeri kollha u jistenna li jara r-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha;

32. Jistieden lill-Gvern Albaniż jimplimenta, u jekk ikun meħtieġ jadotta, indikaturi tal-prestazzjoni biex tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u miżuri ta' ugwaljanza bejn is-sessi;

33. Jistieden lill-parlament Albaniż jistabbilixxi kumitat parlamentari biex jittratta speċifikament id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

34. Jitlob lill-Gvern Albaniż isaħħaħ l-implimentazzjoni, b'mod partikolari fil-livell lokali, ta' strumenti politiċi li jsawru d-drittijiet tan-nisa, bħall-Istrateġija Nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-vjolenza domestika u l-vjolenza fuq in-nisa (2011-2015);

35. Ifaħħar lill-awtoritajiet Albaniżi għat-twaqqif ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri għad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-pubblikazzjoni tar-Rapport Nazzjonali dwar l-Istatus tan-Nisa u tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Albanija 2012;

***Il-Bosnja-Ħerzegovina***

36. Jitlob lill-Gvern tal-Bosnja-Ħerzegovina jallinja l-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll il-prattika legali f'livelli differenti, sabiex tinħoloq sitwazzjoni legali uniformi fil-pajjiż, u jsaħħaħ id-dipartiment responsabbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi f'livell ċentrali fil-pajjiż sabiex jindirizza n-nuqqas attwali ta' nisa fl-ogħla livelli tal-governanza u jimmonitorja l-problemi kkawżati s'issa min-nuqqas ta' implimentazzjoni tagħha; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-mekkaniżmi kollha disponibbli sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u tittieħed azzjoni aktar qawwija min-naħa tal-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina f'dan ir-rigward; jitlob lill-Gvern tal-Bosnja-Ħerzegovina jqiegħed aktar enfasi fuq l-implimentazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Bosnja-Ħerzegovina u l-Liġi dwar il-Projbizzjoni tad-Diskriminazzjoni ma' liġijiet oħra fil-livell statali;

37. Jinnota bi tħassib partikolari d-diskriminazzjoni kontra n-nisa tqal u n-nisa li għadhom kif welldu fis-suq tax-xogħol, u d-differenzi fid-drittijiet tas-sigurtà soċjali b'rabta mal-maternità bejn id-diversi entitajiet u distretti awtonomi (cantons); jitlob lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina jallinjaw id-drittijiet ta' sigurtà soċjali għal dawk bil-liv tal-maternità, tal-paternità jew liv tal-ġenituri madwar il-pajjiż sabiex jintlaħaq livell għoli, u tinħoloq sitwazzjoni uniformi għaċ-ċittadini kollha;

38. Jinnota bi tħassib il-livell baxx ta' sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-leġiżlazzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa, mhux biss fost il-popolazzjoni ġenerali, iżda wkoll fost dawk li jaħdmu fl-infurzar tal-liġi; jistieden lill-awtoritajiet jimplimentaw pjan ta' azzjoni sabiex joħolqu aktar kuxjenza u jħarrġu l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;

39. Jinnota bi tħassib serju li l-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-vittmi tal-vjolenza domestika għad iridu jiġu armonizzati mal-liġijiet tal-entitajiet, bil-għan li jirrikonoxxu l-vjolenza domestika bħala delitt kriminali fil-kodiċijiet kriminali taż-żewġ entitajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina, u b'hekk mhux qed tiġi pprovduta s-sikurezza legali lil dawn il-vittmi; jitlob lill-Gvern tal-Bosnja-Ħerzegovina jsolvi din il-kwistjoni malajr kemm jista' jkun sabiex tiżdied il-protezzjoni għall-vittmi;

40. Ifaħħar lin-nisa fil-parlament tal-Bosnja-Ħerzegovina għad-dibattitu transpartitiku tagħhom dwar il-vjolenza sessista mal-ministri rilevanti; jitlob lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina jagħtu segwitu lil dan id-dibattitu b'miżuri konkreti biex jippromwovu l-ġlieda kontra l-vjolenza sessista;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

41. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina jipprovdu statistika uffiċjali dwar in-numru ta' każijiet rapportati ta' vjolenza abbażi ta' data miġbura minn rapporti tal-pulizija, ċentri tal-kura soċjali u istituzzjonijiet ġudizzjarji, u biex jagħmlu din l-istatistika disponibbli pubblikament; bl-istess mod, jitlob lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina jiġbru u jippubblikaw data dwar il-miżuri ta' protezzjoni bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittmi ta' vjolenza domestika;

42. Jitlob lill-Gvern tal-Bosnja-Ħerzegovina jarmonizza l-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Bosnja-Ħerzegovina mal-Liġi Elettorali, fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-korpi ta' governanza eżekuttiva fil-livelli kollha tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet (muniċipali, tad-distretti awtonomi, tal-entitajiet u statali);

43. Ifaħħar lill-Bosnja-Ħerzegovina għal-leġiżlazzjoni tagħha li tistipula rata minima ta' rappreżentanza ta' 40 % għal kull sess fil-funzjonijiet amministrattivi fil-korpi governattivi statali u lokali, iżda jinnota li dan, fil-prattika, ma wassalx għal 40 % tan-nisa fl-amministrazzjoni; jitlob lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina jfasslu pjan ta' azzjoni bi skadenzi ċari u b'diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet biex tiġi implimentata din il-leġiżlazzjoni;

44. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-UNSCR 1325, għal mekkaniżmi istituzzjonali sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn is-sessi, għal aċċess adegwat għall-ġustizzja u għal rifuġji għall-vittmi ta' vjolenza domestika; jistieden lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina fil-livelli kollha jinkludu biżżejjed finanzjament għal dawn l-għanijiet fil-baġits tagħhom;

45. Jiddeplora l-fatt li, s'issa, l-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina investigaw u kkundannaw biss għadd limitat ta' każijiet ta' delitti tal-gwerra ta' vjolenza sesswali; jinnota bi tħassib serju li numru kbir ta' ħatja ta' tali delitti ħarbu s-sistema ġudizzjarja b'impunità; jinnota wkoll in-nuqqas min-naħa tal-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina li jipprovdu programmi ta' protezzjoni tax-xhieda adegwati għall-vittmi; jitlob, għalhekk, lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina jiżguraw li l-vittmi kollha tad-delitti tal-gwerra ta' vjolenza sesswali jkollhom aċċess sikur u adegwat għas-sistema ġudizzjarja u li l-każijiet kollha ta' delitti tal-gwerra miġjuba quddiem il-qrati jiġu ttrattati malajr u b'mod effiċjenti;

46. Jitlob lill-Gvern tal-Bosnja-Ħerzegovina jtejjeb il-monitoraġġ ta' leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, billi jiġu inklużi objettivi ċari fil-politiki u pjanijiet ta' azzjoni u billi jiġu identifikati b'mod ċar l-istituzzjonijiet responsabbli mill-implimentazzjoni; jitlob ukoll lill-awtoritajiet tal-Bosnia-Ħerzegovina fil-livelli kollha jikkooperaw fil-ġbir ta' data statistika komprensiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-pajjiż kollu kemm hu;

***Il-Kroazja***

47. Iħeġġeġ lill-Gvern Kroat ikompli bl-aġġustament tal-leġiżlazzjoni tiegħu mal-acquis communautaire tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi wara l-adeżjoni;

48. Jitlob lill-awtoritajiet Kroati jimplimentaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni li tistipula 40 % tan-nisa fil-listi elettorali għall-korpi ta' awtonomija lokali u reġjonali, il-Parlament u l-Parlament Ewropew, meta jitqies li matul l-elezzjonijiet parlamentari tal-2011, żewġ terzi tal-partiti politiċi ma laħqux il-miri preskritti;

49. Ifaħħar lill-Kroazja għat-twaqqif tal-uffiċċju ta' Ombudsperson għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u għas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tan-nisa u miżuri ta' ugwaljanza bejn is-sessi maħluqa mill-viżibilità ta' dan l-uffiċċju; jirrakkomanda lill-pajjiżi kollha fir-reġjun sabiex jikkunsidraw jekk jistgħux isegwu dan l-eżempju bħala prattika tajba; iħeġġeġ lill-Gvern Kroat jibqa' jiffinanzja lill-Uffiċċju tal-Ombudspersons u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet magħmula minnhom;

50. Jilqa' l-pjanijiet ta' azzjoni għall-integrazzjoni lokali tas-sessi, partikolarment fir-reġjun tal-Istrija; jitlob lill-gvern Kroat jippromwovi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni bħal dawn madwar il-pajjiż;

51. Jistieden lill-Gvern Kroat jistabbilixxi djalogu strutturali mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod speċjali fid-dawl tas-sitwazzjoni wara l-adeżjoni;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

52. Jilqa' l-progress magħmul fil-Kroazja f'termini ta' trattament adegwat ta' każijiet ta' vjolenza fuq in-nisa u diskriminazzjoni sessista mill-pulizija, wara taħriġ immirat tal-uffiċjali tal-pulizija f'dan il-qasam u jħeġġeġ lill-awtoritajiet ikomplu b'dawn l-azzjonijiet; josserva li l-każijiet madankollu għadhom mhumiex trattati b'mod adegwat mill-ġudikatura u jitlob lill-awtoritajiet jibdew azzjonijiet biex jissensibilizzaw u jħarrġu lill-ġudikatura wkoll; jitlob ukoll lill-gvern Kroat iqiegħed għad-dispożizzjoni għajnuna legali bla ħlas għall-vittmi ta' vjolenza u diskriminazzjoni sessista;

53. Jitlob lill-awtoritajiet Kroati jiċċaraw fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Protezzjoni mill-Vjolenza fil-Familja (2011-2016) liema awtorità hija responsabbli minn liema azzjoni u jagħtu finanzjament adegwat lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jimplimentaw l-Istrateġija;

***Il-Kosovo***

54. Jilqa' r-rwol attribwit lill-Assemblea tal-Kosovo fl-approvazzjoni, ir-reviżjoni u l-monitoraġġ tal-Programm għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi; jappella għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti ta' monitoraġġ;

55. Jitlob lill-gvern tal-Kosovo jippromwovi linja telefonika diretta ta' emerġenza madwar il-pajjiż għall-vittmi ta' vjolenza domestika u vjolenza sessista u joħloq għarfien dwar il-possibbiltajiet ta' rapportar u pproċessar tal-każijiet;

56. Ifaħħar lill-gvern tal-Kosovo talli qiegħed l-Aġenzija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u jitlob lill-gvern jiżgura funzjonament aktar effiċjenti tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi mingħajr indħil politiku;

57. Jistieden lill-Gvern tal-Kosovo jistabbilixxi ċ-Ċentru għat-Trattament Ugwali propost mill-aktar fis possibbli;

58. Ifaħħar lill-Kosovo għat-taħriġ tal-uffiċjali tal-pulizija fil-ġestjoni ta' każijiet ta' vjolenza sessista u t-twaqqif ta' kmamar speċjali fl-għases tal-pulizija għall-vittmi u t-tfal tagħhom; jistieden lill-Gvern tal-Kosovo jħarreġ lill-ġudikatura fil-ġestjoni ta' dawn il-każijiet ukoll u jżid in-numru ta' rifuġji għall-vittmi u t-tul possibbli ta' permanenza f'dawn ir-rifuġji;

59. Iħeġġeġ lill-gvern tal-Kosovo jirrikonoxxi u jaħdem lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' Pristina, kif stabbiliti fis-summit dwar in-nisa li sar fil-Kosovo f'Ottubru 2012;

60. Jenfasizza l-bżonn ta' aktar promozzjoni dwar l-użu u l-provvista tal-kontraċettivi, u l-aċċess għalhom, peress li filwaqt li perċentwal akbar ta' nisa issa qegħdin jużaw metodi kontraċettivi bħal dawn, l-użu tal-kontraċettivi xorta għadu 'l bogħod milli jkun universali fost in-nisa kollha fil-Kosovo;

61. Jitlob lill-Gvern tal-Kosovo jirrikonoxxi l-vittmi ta' vjolenza sesswali matul il-konflitt tal-1998-1999 bħala kategorija speċjali fil-liġi permezz ta' emenda lil-Liġi Nru 04/L-054 dwar l-istatus u d-drittijiet tal-martri, l-invalidi, il-veterani, il-membri tal-Kosovo Liberation Army, il-vittmi ċivili tal-gwerra u l-familji tagħhom;

62. Jitlob lill-Gvern tal-Kosovo jidentifika b'mod ċar indikaturi għall-konformità u n-nonkonformità fl-istruzzjonijiet amministrattivi għal-liġijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni, sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom; jitlob ukoll lill-Gvern jiġbor data dwar, u jistabbilixxi reġistru nazzjonali għal, każijiet ta' diskriminazzjoni u vjolenza sessista;

***Dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)***

63. Ifaħħar lill-Gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għall-proposta l-ġdida għal liġi kontra l-fastidju sesswali jew il-fastidju morali (mobbing) fil-post tax-xogħol, inklużi ċitazzjonijiet għall-ħatja, u jappella biex il-proposta għal liġi tiġi armonizzata mal-kodiċi kriminali; jilqa' l-intenzjoni tal-Gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li jibdel il-leġiżlazzjoni biex jiġi żgurat li ż-żewġ ġenituri jitħallew jieħdu liv tal-ġenituri jew liv tal-familja sabiex jieħdu ħsieb qraba morda, u l-adozzjoni reċenti ta' tibdil fil-liġi tax-xogħol biex tingħata protezzjoni legali aħjar fis-suq tax-xogħol lin-nisa li huma tqal jew li għadhom kif welldu;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

64. Jinnota bi tħassib li n-nisa Roma jsofru diskriminazzjoni doppja abbażi tas-sess u tal-etniċità; jitlob, għalhekk, lill-gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jadotta qafas komprensiv kontra d-diskriminazzjoni li jippermetti lin-nisa Roma jiżguraw id-drittijiet tagħhom;

65. Ifaħħar lill-awtoritajiet ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar iż-żieda ta' pieni dissważivi għan-nonkonformità mal-liġi li tistipula rappreżentanza ta' mill-inqas 30 % ta' kull sess fil-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob lill-gvern tal-FYROM jimmonitorja mill-qrib jekk, b'riżultat ta' dan, mill-inqas 30 % tal-membri f'korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, speċjalment fil-livell lokali, humiex nisa;

66. Ifaħħar lill-Parlament ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-'klabb tan-nisa' attiv, li permezz tiegħu, Membri Parlamentari nisa minn diversi partiti jikkooperaw biex jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jorganizzaw dibattiti pubbliċi, konferenzi u avvenimenti internazzjonali oħra, u billi jikkooperaw mas-soċjetà ċivili biex jindirizzaw kwistjonijiet delikati jew marġinalizzati bħall-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel primarji, il-vjolenza domestika, l-HIV, il-kanċer ċervikali, id-diskors ta' mibgħeda u l-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali;

67. Jinnota li l-mekkaniżmi tar-Rappreżentant Legali fid-Dipartiment għall-Opportunitajiet Indaqs fil-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali, responsabbli biex jipprovdi parir legali f'każijiet ta' trattament mhux ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, ma jaħdmux tajjeb; jitlob lill-Gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jieħu miżuri biex itejjeb il-funzjonament ta' dawn il-mekkaniżmi;

68. Jinnota bi tħassib l-implimentazzjoni frammentata tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-istrateġiji għall-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nuqqas ta' koordinament globali tal-isforzi; jitlob lill-Gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jżid ir-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għad-Dipartiment għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kif ukoll jiżgura l-ħatra u l-funzjonament effettiv ta' Koordinaturi għall-Opportunitajiet Indaqs fil-livell nazzjonali u lokali;

69. Jilqa' l-progress magħmul fil-ġlieda kontra l-vjolenza sessista, riflessa mhux l-inqas fiż-żieda fir-rapporti minħabba l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni, it-taħriġ ta' uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati u l-ftehim dwar protokolli bejn l-istituzzjonijiet rigward l-ipproċessar ta' rapporti; jinnota bi tħassib, madankollu, li n-numru ta' rifuġji għall-vittmi ta' vjolenza domestika u ta' tipi oħra ta' vjolenza sessista mhuwiex biżżejjed;

70. Jitlob lill-Gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jelimina l-ostakli kulturali u finanzjarji eżistenti għan-nisa biex jiksbu aċċess għall-kontraċezzjoni;

***Il-Montenegro***

71. Jinnota bi tħassib li l-perċentwal ta' nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi ftit li xejn żdied matul l-aħħar għexieren ta' snin; jistieden lill-Gvern Montenegrin jirriforma l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam u jiżgura l-konformità;

72. Jistieden lill-Gvern Montenegrin iżid ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għad-Dipartiment għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-implimentazzjoni tal-qafas legali u istituzzjonali għall-infurzar tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi;

73. Ifaħħar lill-Gvern tal-Montenegro għat-tfassil tal-Pjan ta' Azzjoni nazzjonali l-ġdid għall-Ilħiq tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi b'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-inklużjoni ta' miri strateġiċi u operattivi f'dan il-pjan; jitlob lill-Gvern jiddedika biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni tiegħu u jistabbilixxi qafas għat-tkomplija tal-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-fażi ta' implimentazzjoni;

74. Jilqa' l-inklużjoni ta' miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-programm ta' riforma Montenegrin għall-adeżjoni; jistieden lill-Gvern Montenegrin jagħti prijorità lil azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fin-negozjati dwar l-adeżjoni fil-Kapitolu 23 dwar "Il-Ġudikatura u d-Drittijiet Fundamentali" kif ukoll f'kapitoli oħra rilevanti, inkluż il-Kapitolu 19 dwar "Il-Politika Soċjali u l-Impjiegi", il-Kapitolu 24 dwar "Il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà", u l-Kapitolu 18 dwar "L-Istatistika";

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

75. Ifaħħar lill-Gvern Montenegrin għall-progress magħmul fl-indirizzar tal-vjolenza domestika permezz tal-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Mġieba dwar proċeduri għal rispons istituzzjonali kkoordinat; jinnota bi tħassib, madankollu, li l-vjolenza domestika għadha ta' tħassib kbir fil-Montenegro, u jitlob lill-Gvern jiddedika biżżejjed fondi u sforzi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti u tal-Kodiċi ta' Mġieba, biex jintroduċi linja tat-telefon nazzjonali ta' emerġenza u biex jiġbor id-data;

76. Jinnota bi tħassib in-numru baxx ta' lmenti dwar diskriminazzjoni u vjolenza sessisti; jitlob lill-Gvern Montenegrin jagħmel l-investimenti meħtieġa biex iqanqal kuxjenza dwar id-drittijiet tan-nisa, il-leġiżlazzjoni attwali dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-possibbiltajiet ta' rapportar u indirizzar tal-każijiet ta' ksur;

77. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-Parlament Montenegrin biex jirriċerka b'mod metodiku l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza;

***Is-Serbja***

78. Jistieden lill-Gvern Serb jimplimenta ulterjorment il-Programm Nazzjonali għall-Integrazzjoni tal-UE billi jsaħħaħ il-mekkaniżmi sabiex tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni tal-liġi li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, u jtejjeb il-kapaċitajiet amministrattivi tal-korpi li għandhom x'jaqsmu mal-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi l-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza u d-Deputat Ombudsperson għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi;

79. Ifaħħar lill-Gvern Serb għall-kodiċi elettorali li jistipula li wieħed minn kull tliet kandidati fuq il-listi elettorali għall-Parlament għandu jkun membru tas-sess sottorappreżentat u għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu, li assigura li 34 % tas-siġġijiet fil-Parlament huma okkupati minn nisa;

80. Jistieden lill-Gvern Serb iħarreġ l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fil-pulizija u l-ġudikatura fis-sensibilizzazzjoni u l-ġestjoni xierqa ta' każijiet ta' diskriminazzjoni u vjolenza sessisti, biex jipprovdi għajnuna legali b'xejn lill-vittmi u jindirizza l-problema ġenerali tal-każijiet b'lura quddiem il-qrati;

81. Jilqa' l-progress magħmul fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika permezz tal-adozzjoni ta' protokoll ġenerali dwar il-proċeduri għall-kooperazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika u bejn l-imsieħba, l-introduzzjoni ta' linja telefonika ta' emerġenza u l-ftuħ ta' rifuġju ġdid; jinnota, madankollu, li l-vjolenza domestika għadha tqajjem tħassib kbir fis-Serbja; jitlob lill-gvern jipprovdi biżżejjed fondi u jagħmel biżżejjed sforzi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-protokoll, jippromwovi r-rappurtar ta' każijiet u jiġbor u jaqsam informazzjoni u data bejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tan-nisa;

82. Ifaħħar lill-Gvern Serb u l-Parlament Serb għall-kooperazzjoni tagħhom mill-qrib ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil ta' pjan ta' azzjoni biex tiġi implimentata r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jistieden lill-Gvern jipprovdi biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni tagħha;

83. Jitlob lill-awtoritajiet Serbi jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-ugwaljanza bejn is-sessi, speċjalment fil-livell lokali bejn il-gvernijiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali, fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' liġijiet u politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-vjolenza sessista, u jipprovdu fondi strutturali għat-tħaddim ta' organizzazzjonijiet li jittrattaw il-vjolenza sessista;

o

o o

84. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni.

P7_TA(2013)0203

# Karta tal-UE: Regoli komuni għal-Libertà tal-Midja fl-UE kollha

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Karta tal-UE: regoli komuni għal-libertà tal-midja fl-UE kollha (2011/2246(INI))

(2016/C 055/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 19 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dikjarazzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, u d-dokumenti tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-espressjoni, tal-informazzjoni u tal-midja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 2, 7 u 9 sa 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-artikoli tat-Trattati marbutin mal-libertà tal-istabbiliment, il-libertà tal-għoti tas-servizzi, il-moviment liberu tal-persuni u l-merkanzija, il-kompetizzjoni u l-għajnuniet tal-Istat, u l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (kultura),

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, magħruf bħala l-Protokoll ta' Amsterdam,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolamentazzjoni jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva) ([1]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar il-pluraliżmu tal-midja fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (SEC(2007)0032),

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea dwar il-Libertà tal-Istampa ([2]),

— wara li kkunsidra t-twaqqif min-naħa tal-Kummissjoni ta' Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libertà u l-Pluraliżmu tal-Midja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' Novembru 2002 dwar il-konċentrazzjoni tal-midja ([3]), tal-4 ta' Settembru 2003 dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2002) ([4]), tal-4 ta' Settembru 2003 dwar Televiżjoni mingħajr Fruntieri ([5]), tas-6 ta' Settembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 89/552/KEE ("Televiżjoni mingħajr fruntieri"), kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE, għall-perijodu 2001-2002 ([6]), tat-22 ta' April 2004 dwar ir-riskji ta' ksur, fl-UE, u b' mod partikolari fl-Italja, tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni (Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) ([7]), tal-25 ta' Settembru 2008 dwar il-konċentrazzjoni u l-pluraliżmu fil-midja fl-Unjoni Ewropea ([8]), tal-25 ta' Novembru 2010 dwar 'ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja ([9]), u tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-liġi tal-midja fl-Ungerija ([10]),

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([2]) http://www.pressfreedom.eu/en/index.php
([3]) ĠU C 25 E, 29.1.2004, p. 205.
([4]) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 117.
([5]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 412.
([6]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 453.
([7]) ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 1026.
([8]) ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 75.
([9]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 50.
([10]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 154.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva Ewropea għall-Pluraliżmu tal-Midja ([1]) li ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni Ewropea u li għandha l-għan li tipproteġi l-pluraliżmu tal-midja permezz ta' armonizzazzjoni parzjali tar-regoli nazzjonali dwar is-sjieda u t-trasparenza tal-midja, il-konflitti ta' interess ma' karigi politiċi u l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji tal-midja,

— wara li kkunsidra l-Premessi 8 u 94 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva, li jiddelineaw il-ħtieġa għall-Istati Membri li jipprevjenu kull azzjoni li toħloq pożizzjonijiet dominanti jew tirrestrinġi l-pluraliżmu, u li jippermettu lill-korpi regolatorji indipendenti jwettqu xogħolhom b'mod trasparenti u imparzjali,

— wara li kkunsidra x-xogħol magħmul mill-OSKE f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà tal-midja, b'mod partikolari r-Rappreżentant tagħha għal-Libertà tal-Midja, wara li kkunsidra r-rapporti relatati, u wara li kkunsidra d-diskors mogħti b'vidjo fis-smigħ dwar il-libertà tal-midja li sar mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern nhar is-6 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-NGOs dwar il-midja, bħal dawk tar-Reporters Without Borders (Press Freedom Indexes) u ta' Freedom House (ir-rapporti Freedom of the Press),

— wara li kkunsidra l-istudji dwar il-kwestjonijiet marbutin mal-midja ppubblikati mill-Parlament ([2]), u miċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Midja tal-Istitut Universitarju Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra l-istudju indipendenti "The indicators for media pluralism in the Member States – Towards a risk-based approach" magħmul fuq talba tal-Kummissjoni fl-2007 u ppubblikat fl-2009 ([4]), li fih Għodda għall-Monitoraġġ tal-Midja hija definita b'indikaturi sabiex jiġi enfasizzat it-theddid għall-pluraliżmu tal-midja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0117/2013),

A. billi l-midja għandha rwol fundamentali bħala "kelb tal-għassa pubbliku" f'demokrazija, billi tippermetti liċ-ċittadini jeżerċitaw jeddhom li jkunu infurmati, li jiskrutaw u jiġġudikaw l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet ta' dawk li jeżerċitaw jew għandhom is-setgħa jew l-influwenza, b'mod partikolari meta jkun hemm konsultazzjonijiet pubbliċi elettorali; billi jista' jkollha wkoll parti fl-istabbiliment tal-aġenda pubblika billi tuża l-awtorità tagħha bħala kustodja tal-informazzjoni u għaldaqstant taġixxi bħala dik li ssawwar l-opinjonijiet;

B. billi l-libertà tal-espressjoni fl-isfera pubblika wriet li hija ta' kontribut għall-iżvilupp tad-demokrazija u l-istat tad-dritt innifsu, u fundamentali għall-eżistenza u s-sopravivenza tagħha; billi l-midja ħielsa u indipendenti u l-iskambju liberu tal-informazzjoni għandhom rwol deċiżiv fit-trasformazzjonijiet demokratiċi li jseħħu f'reġimi mhux demokratiċi, u l-Kummissjoni hi mitluba tissorvelja mill-qrib il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fil-pajjiżi li se jaderixxu u tagħti attenzjoni suffiċjenti lir-rwol tal-midja libera fil-promozzjoni tad-demokrazija madwar id-dinja;

C. billi l-libertà tal-midja hija pedament tal-valuri minquxin fit-Trattati, fosthom id-demokrazija, il-pluraliżmu, u r-rispett għall-jeddijiet tal-minoranzi; billi l-istorja tagħha, bl-isem ta' 'libertà tal-istampa', kienet kostitwenti tal-progress tal-ideat demokratiċi u l-iżvilupp tal-ideal Ewropew fl-istorja;

D. billi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u l-ġurnaliżmu indipendenti huma elementi essenzjali għall-eżistenza nfisha tal-attività tal-midja madwar l-Unjoni kollha, u b'mod partikolari fis-suq uniku; billi, għalhekk, kwalunkwe restrizzjoni indebita tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u l-indipendenza tal-ġurnaliżmu hi restrizzjoni fuq il-libertà ta' opinjoni u anki fuq il-libertà ekonomika; billi l-ġurnalisti għandhom ikunu ħielsa mill-pressjoni tal-proprjetarji, tal-maniġers u l-gvernijiet kif ukoll mit-theddidiet finanzjarji;

---

([1]) www.mediainitiative.eu
([2]) "The Citizen's Right to Information: Law and Policy in the EU and its Member States", Ġunju 2012, jinstab: http://www.europarl.europa.eu/committees/fr/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=75131
([3]) http://cmpf.eui.eu/Home.aspx
([4]) Imfassal mill-K.U.Leuven – ICRI, Jönköping International Business School – MMTC, Central European University – CMCS and Ernst & Young Consultancy Belgium.

E. billi sfera pubblika awtonoma u b'saħħitha, ibbażata fuq midja indipendenti u pluralista, tikkostitwixxi l-ambjent essenzjali fejn il-libertajiet kollettivi tas-soċjetà ċivili, bħad-dritt ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll il-libertajiet individwali, bħalma huma d-dritt tal-libertà ta' espressjoni u d-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni jistgħu jiffjorixxu;

F. billi l-jeddijiet fundamentali taċ-ċittadini għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni jistgħu jiġu ggarantiti biss permezz tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, li permezz tagħhom il-ġurnalisti u l-midja jistgħu jeżerċitaw jeddhom u dmirhom li jinfurmaw b'mod ġust u newtrali u jirrapportaw b'mod imparzjali liċ-ċittadini dwar il-ġrajjiet u d-deċiżjonijiet ta' interess pubbliku; billi l-membri kollha tas-soċjetà għandhom il-jedd ileħħnu fehmiethom b'mod demokratiku u paċifiku;

G. billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li hemm obbligu pożittiv għall-Istati Membri biex tiżgura l-pluraliżmu tal-midja, naxxenti mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jinkludi dispożizzjonijiet simili għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tagħmel parti mill-acquis communautaire;

H. billi l-informazzjoni fin-natura tagħha stess, u wkoll u b'mod partikolari b'riħet il-bidliet teknoloġiċi li seħħew matul dawn l-aħħar deċennji, tmur lil hinn mill-fruntieri ġeografiċi u għandha rwol kruċjali fl-għoti ta' informazzjoni lill-komunitajiet nazzjonali li jgħixu barra mill-pajjiż, waqt li tagħti l-għodod li jippermettu l-għarfien u l-fehim reċiproku bejn il-fruntieri u l-pajjiżi; billi permezz ukoll tal-faċilitajiet onlajn, iżda mhux b'limitazzjoni għal dan biss, il-midja kisbet karattru globali li minnu issa jiddependu l-aspettattivi u l-ħtiġijiet tal-pubbliku, u b'mod partikolari l-konsumaturi tal-informazzjoni; billi l-bidliet fid-dinja tal-midja u fit-tekonoloġiji tal-komunikazzjoni ddefinixxew mill-ġdid l-arena tal-iskambju ta' informazzjoni u l-mod li bih tiġi infurmata n-nies u tissawwar l-opinjoni pubblika;

I. billi sfera pubblika fl-Ewropa kollha bbażata fuq rispett kontinwu u bla interruzzjoni għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja hija element kruċjali għall-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni, skont il-valuri minquxa fit-Trattati, mal-obbligu tar-responsabilità politika tal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-iżvilupp tad-demokrazija Ewropea, pereżempju fil-każ tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew; billi l-pajsaġġ vibranti, kompetittiv u pluralistiku tal-midja, kemm dik stampata kemm dik awdjoviżiva, jistimula l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fid-dibattiti pubbliċi, li hi essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema demokratika;

J. billi l-NGOs, l-assoċjazzjonijiet li jimmonitorjaw il-libertà tal-midja, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, kif ukoll il-Parlament Ewropew fl-istudji u r-riżoluzzjonijiet tiegħu, irrappurtaw u wissew dwar it-theddidiet għall-midja libera u indipendenti min-naħa tal-gvernijiet, inklużi l-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE ([1]);

K. billi l-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE ttrattaw id-dimensjoni umana u demokratika tal-komunikazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet, riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet u rapporti lkoll dettaljati dwar il-libertà, il-pluraliżmu u l-konċentrazzjoni tal-midja, u b'hekk ħolqu korp sinifikanti ta' standards komuni minimi pan-Ewropej f'dan il-qasam;

L. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tipproteġi u tippromwovi l-pluraliżmu tal-midja bħala pilastru essenzjali tal-jedd għall-informazzjoni u l-jedd għal-libertà tal-espressjoni, li huma kisbiet sinifikattivi essenzjali għaċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva, u huma mnaqqxin fl-Artikolu 11 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali;

M. billi l-libertà tal-midja hi kriterju kwalifikanti għall-adeżjoni tal-pajjiżi kandidati għall-UE skont il-kriterji ta' Kopenħagen, u hija wkoll wieħed mill-prinċipji promossi mill-UE fil-politika barranija tagħha; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom b'konsegwenza ta' hekk imexxu bl-eżempju internament, biex b'hekk jiżguraw il-kredibilità u l-koerenza;

---

([1]) Dawn jinkludu: il-kontroll u l-influwenza politiċi partiġjani diretti jew indiretti fuq il-midja jew il-korpi li jikkontrollaw il-midja; il-projbizzjoni jew il-limitazzjoni tal-aċċess għas-suq għal ċerti pubblikazzjoni medjatiċi permezz ta' liċenzji għax-xandir u proċeduri ta' awtorizzazzjoni; l-użu ħażin u l-abbuż tar-regoli dwar is-sigurtà nazzjonali jew militari u l-ordni jew il-morali pubblika għall-impożizzjoni taċ-ċensura u l-impediment tal-aċċess għal dokumenti u tagħrif; il-vjolazzjoni tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità tal-għejun; l-assenza ta' liġijiet dwar il-konċentrazzjoni tal-midja u l-konflitti ta' interess; u l-użu tar-reklamar biex ikunu influwenzati l-linji editorjali.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

N. billi l-Parlament ripetutament fisser it-tħassib tiegħu dwar il-libertà, il-pluraliżmu u l-konċentrazzjoni tal-midja, u talab lill-Kummissjoni, bħala l-għassies tat-Trattati, tieħu miżuri xierqa, inkluż billi tipproponi inizjattiva leġiżlattiva fuq il-materja;

O. billi nhar is-16 ta' Jannar 2007 l-Kummissjoni nediet "approċċ bi tliet stadji", li jikkonsisti f'dan li ġej: Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Pluraliżmu tal-Midja; studju indipendenti dwar il-pluraliżmu fil-midja fl-Istati Membri tal-UE, b'indikaturi għall-valutazzjoni tal-pluraliżmu tal-midja u l-identifikazzjoni tar-riskji potenzjali fl-Istati Membri (li kellu joħroġ fl-2007); u komunikazzjoni tal-Kumimssjoni dwar l-indikaturi għall-pluraliżmu fil-midja tal-Istati Membri (li kellha toħroġ fl-2008), segwita minn konsultazzjoni pubblika ([1]); billi l-għodda għall-pluraliżmu tal-midja deskritta fl-istudju indipendenti għadha trid tiġi implimentata;

P. billi dan l-approċċ sfortunatament ma tkompliex mill-Kummissjoni, billi la l-komunikazzjoni u lanqas il-konsultazzjoni pubblika qatt ma tnedew;

Q. billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali saret torbot; billi l-Karta hija l-ewwel dokument internazzjonali li espliċitament jiddikjara li l-"libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rispettati" (Artikolu 11(2)); billi t-Trattati jagħtu lill-UE mandat u setgħat ħalli tiżgura li l-jeddijiet fundamentali kollha jkunu mħarsa fl-Unjoni, l-aktar fuq il-bażi tal-Artikoli 2 u 7 tat-TUE;

R. billi l-Istati Membri għandhom dmir li kostantement jippromwovu u jipproteġu l-libertà tal-opinjoni, l-espressjoni, l-informazzjoni u l-midja, peress li dawn il-prinċipji huma assigurati wkoll fil-kostituzzjonijiet u l-liġijiet tagħhom, u anki li jipprovdu liċ-ċittadini aċċess ġust u ekwu għal sorsi ta' informazzjoni differenti u għaldaqstant għal aspetti u opinjonijiet li jvarjaw; billi barra minn hekk għandhom id-dmir li jirrispettaw u jipproteġu l-ħajja privata u dik tal-familja, id-djar u l-komunikazzjonijiet kif ukoll id-data personali taċ-ċittadini skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta; billi, jekk kemm-il darba dawn il-libertajiet jitqiegħdu f'riskju gravi jew jiġu vvjolati fi Stat Membru, l-Unjoni Ewropea tkun marbuta tintervjeni b'mod f'waqtu u effikaċi fuq il-bażi tal-kompetenzi tagħha kif minquxin fit-Trattati u fil-Karta, ħalli tħares l-ordni demokratiku u pluralistiku u l-jeddijiet fundamentali Ewropej;

S. billi l-UE għandha kompetenzi fl-oqsma marbutin mal-midja bħalma huma s-suq intern, il-politika awdjoviżiva, il-kompetizzjoni (inklużi s-sussidji statali), it-telekomunikazzjonijiet u l-jeddijiet fundamentali; billi l-Parlament iddikjara li l-istandards minimi essenzjali għandhom ikunu definiti fuq din il-bażi, ħalli jkunu assigurati, iggarantiti u promossi l-libertà tal-informazzjoni u livell adegwat ta' pluraliżmu fil-midja u governanza medjatika indipendenti ([2]); billi l-Kummissjoni fdat lis-Centre for Media Pluralism and Media Freedom tal-European University Institute bil-kompitu li jagħmel analiżi dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-libertà tal-midja;

T. billi tqajjem xi tħassib b'rabta mal-isfidi u l-pressjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom is-servizzi medjatiċi, b'mod partikolari x-xandara tas-servizz pubbliku f'termini ta' indipendenza editorjali, reklutaġġ tal-persunal, prekarjat fl-impjiegi, awto-ċensura, pluraliżmu, newtralità u kwalità tal-informazzjoni, aċċess u finanzjament, ikkawżati minn interferenza politika u finanzjarja mhux xierqa, kif ukoll mill-kriżi ekonomika;

U. billi jitqanqal ċertu tħassib fir-rigward tar-rata għolja ta' qgħad tal-ġurnalisti fl-Ewropa, u fir-rigward tal-proporzjon għoli tagħhom li jaħdmu bħala ġurnalisti indipendenti, bi stabilità u appoġġ limitati, u fi kliem ta' inċertezza kbira;

V. billi l-midja privata tħabbat wiċċha ma' konċentrazzjoni kulma qed tikber kemm domestika kemm transfrunterjali li qed tikber, bil-konglomerati tal-midja jiddistribwixxu l-prodotti tagħhom f'pajjiżi differenti, billi jkabbru l-investiment fil-midja intra-UE, u l-investituri u l-midja mhux Ewropej jeżerċitaw influwenza kulma jmur qed tikber fl-Ewropa li twassal għall-monopolizzazzjoni tal-informazzjoni filwaqt li jiddgħajjef il-plurliżmu tal-opinjonijiet; billi hemm ċertu tħassib rigward il-għejun tal-finanzjament ta' xi midja privata, inkluż ta' xi wħud fl-Unjoni Ewropea;

---

([1]) http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/07/52

([2]) Ara l-paragrafu 6 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-liġi tal-midja fl-Ungerija.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

W. billi l-pubbliku Ewropew, kif intwera permezz ta' bosta inkjesti, studji tal-opinjoni u inizjattivi pubbliċi, leħħen it-tħassib tiegħu fir-rigward tad-deterjorament tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u talab ripetutament li l-UE tieħu azzjoni għaż-żamma tal-libertà tal-midja u l-iżvilupp ta' pajsaġġ medjatiku b'saħħtu, indipendenti u pluralista;

X. billi t-tħaffif taċ-ċiklu tal-aħbarijiet wassal għal nuqqasijiet serji min-naħa tal-ġurnalisti, bħalma huma n-nuqqas ta' kontroll u verifiki doppji tal-għejun ġurnalistiċi;

Y. billi l-iżvilupp tal-ambjent diġitali jista' jkollu rwol essenzjali għall-aċċess għall-informazzjoni online taċ-ċittadini Ewropej;

Z. billi l-pajsaġġ medjatiku għaddej minn bidliet fundamentali; billi, partikolarment f'dan il-mument ta' kriżi ekonomika, proporzjon li kulma jmur qed jikber ta' ġurnalisti qed jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji ta' impjieg u qed jiffaċċaw nuqqas ta' sigurtà soċjali, apparagun tal-istandards tas-suq tax-xogħol, u jridu wkoll jħabbtu wiċċhom ma' sfidi marbutin għall-futur tal-ġurnaliżmu;

AA. billi intbagħtu petizzjonijiet lill-Parlament dwar l-istess tħassib u talbiet taċ-ċittadini, li jixhdu talba għal azzjoni min-naħa tal-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari l-Parlament;

AB. billi l-bidliet teknoloġiċi li ġabu magħhom l-Internet, is-sistemi tal-informatika personali, u iktar riċenti s-sistemi tal-informatika mobbli biddlu b'mod radikali l-infrastruttura tal-informazzjoni b'tali mod li kellhom konsegwenzi fuq il-mudell kummerċjali tal-midja iktar tradizzjonali, b'mod partikolari d-dipendenza tagħha fuq is-suq tar-riklami, u b'hekk ipperikolaw is-sopravivenza tal-midja tal-istampa li twettaq rwol ċivviku u demokratiku importanti; billi għaldaqstant huwa l-obbligu tal-awtoritajiet pubbliċi, kemm fil-livell tal-Istat Membri kif ukoll f'dak tal-Unjoni, li joħolqu sett ta' għodod li jkun disponibbli matul il-perjodu preżenti ta' tranżizzjoni u li jgħin biex tiġi garantita s-sopravvivenza tal-valuri u r-responsabilitajiet tal-midja indipendenti, irrispettivament mill-pjattaforma teknoloġika li se jassumu issa jew fil-futur; f'dan ir-rigward jistieden lill-Kummissjoni tagħmel studju dwar l-effetti tal-bidla teknoloġika fuq il-mudell kummerċjali tal-midja u l-konsegwenzi tagħha għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;

AC. billi l-kriżi ekonomika riċenti kompliet aggravat id-diffikultajiet tal-midja tal-istampa u, minħabba l-prekarjetà kulma qed tikber tar-rwol tal-ġurnalisti, wasslet biex il-pajsaġġ medjatiku jisfa aktar vulnerabbli għall-pressjoni ekonomika u politika, u saret ukoll iktar fraġli fiha nnifisha; dawn il-fenomeni kellhom konsegwenzi partikolari għal dawk il-ġeneri ġurnalistiċi li huma aktar għaljin jew li jieħdu aktar ħin biex jiġu żviluppati, bħalma hu l-ġurnaliżmu investigattiv, ir-rapportaġġ, u l-kollokazzjoni ta' korrispondenti internazzjonali u Ewropej; billi dawn it-tipi ta' ġurnaliżmu huma essenzjali biex jiġu garantiti r-responsabilizzazzjoni u r-responsabilità politika tal-awtoritajiet pubbliċi u politiċi, biex jintemmu l-abbużi tas-setgħa ekonomika u istituzzjonali, u biex jiġu żgurati l-iżvelar u l-prosekuzzjoni tal-attività kriminali fl-oqsma soċjali, ambjentali u umanitarji; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar l-effetti tal-kriżi u tal-impjieg prekarju fuq il-komunità ġurnalistika, bl-għan li jiġu analizzati u jsir tentattiv biex jiġu rrimedjati l-konsgwenzi tagħhom fuq il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;

AD. billi t-tibdil teknoloġiku, popolazzjoni diversa ta' ġurnalisti professjonisti indipendenti, u l-kisba tal-kompetenzi varji meħtieġa biex tinġabar u tiġi prodotta informazzjoni ta' kwalità llum joħolqu wkoll opportunitajiet għall-ħolqien ta' impriżi ġurnalistiċi ġodda transnazzjonali u li jistgħu joperaw fuq pjattaformi differenti li jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' politiki pubbliċi kif ukoll ibbażati fuq is-suq;

1. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Unjoni Ewropea jirrispettaw, jiggarantixxu, iħarsu u jippromwovu l-jedd fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, u l-libertà tal-midja u l-pluraliżmu, u b'hekk iżommu lura milli jeżerċitaw, u jiżviluppaw mekkaniżmi li jimpedixxu, it-theddid għal-libertà tal-midja bħalma huma t-tentattivi għall-influwenzar indebitu u politiku u l-impożizzjoni ta' kontroll u ċensura partiġjani fuq il-midja, jew il-limitazzjoni jew ir-restrizzjoni ħażina tal-libertà u l-indipendenza tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa fis-servizz tal-interessi privati jew politiċi, jew it-theddid finanzjarju għax-xandara tas-servizz pubbliku;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

2. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jiżguraw li jkun hemm proċeduri u mekkaniżmi legalment vinkolanti għall-għażla u l-ħatra tal-kapijiet tal-midja pubbliċi, tal-bordijiet tal-ġestjoni, tal-kunsill tal-midja u tal-korpi regolatorji, li jkunu trasparenti, imsejsin fuq il-mertu u fuq l-esperjenza indiskussa u li jiżguraw l-professjonalità, l-integrità u l-indipendenza, kif ukoll il-kunsens massimu f'termini ta' rappreżentanza tal-ispettru politiku u soċjali sħiħ, iċ-ċertezza tal-liġi u l-kontinwità tal-liġi aktar milli l-kriterji politiċi jew partiġjani li huma msejsin fuq sistema ta' 'bottin u rikompensa' marbuta mar-riżultati elettorali jew soġġetti għal dak li jkunu fil-poter; jinnota l-fatt li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi ġabra ta' kriterji għall-ħatra ta' kapijiet jew bords tal-midja statali, b'konformità mal-prinċipji ta' indipendenza, integrità, esperjenza u professjonaliżmu; jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu garanziji biex tiġi pprovduta l-indipendenza tal-kunsilli medjatiċi u l-korpi regolatorji mill-influwenza politika tal-gvern, tal-maġġoranza parlamentari jew ta' kwalunkwe grupp ieħor tas-soċjetà;

3. Jenfasizza li l-pluraliżmu fil-midja u l-indipendenza ġurnalistika u editorjali huma pilastri tal-libertà tal-midja, f'termini ta' żgurar li l-midja jkunu diversifikati, tal-għoti tal-aċċess għall-atturi soċjali u politiċi differenti, għall-opinjonijiet u veduti differenti (inklużi tal-NGOs, tal-għaqdiet taċ-ċittadini, tal-minoranzi, eċċ) u l-offerta ta' gamma wiesgħa ta' veduti;

4. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-komunitajiet kulturali li huma maqsuma f'diversi gvernijiet reġjonali u Stati Membri jkun jista' jkollhom aċċess għal midja f'ilsienhom, u li l-ebda deċiżjoni politika ma tittieħed li tkun tista' ttemm dan l-aċċess;

5. Ifakkar li, skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-istati li huma parti għall-Konvenzjoni marbutin jiggarantixxu l-pluraliżmu tal-midja skont it-termini tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jirrimarka li l-Artikolu 10 ta' dik il-Konvenzjoni fih dispożizzjonijiet simili għal dawk tal-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tifforma parti mill-acquis Komunitarju;

6. Jinsisti li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-Istati Membri jiggarantixxu f'pajjiżhom applikazzjoni kif suppost tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif espressa permezz tal-pluraliżmu tal-midja, l-aċċess ugwali għall-informazzjoni u r-rispett għall-indipendenza tal-istampa permezz tan-newtralità;

7. Jinnota li, skont il-kriterji ta' Kopenħagen, il-pajjiżi li jixtiequ jaderixxu mal-Unjoni Ewropea jridu jkunu konformi mal-acquis tal-Unjoni li jinkludi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod aktar partikolari, l-Artikolu 11 tagħha li jirrikjedi rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja; jinnota, bil-kontra, li għalkemm l-Istati Membri eżistenti huma wkoll obbligati jikkonformaw mal-Karta, ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu biex jiżgura li qed jikkonformaw;

8. Jissottolinja r-rwol fundamentali ta' sistema dwali Ewropea li tkun ġenwinament ekwilibrata, li fiha l-midja tas-servizzi privati u pubbliċi jkollhom ir-rwoli rispettivi tagħhom li jkun ippreżervati, kif mitlub mill-Parlament, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-Ewropa; jinnota li f'soċjetà multimedjali li fiha issa hawn numri kulma jmur jikbru ta' atturi tas-suq globali mmexxija minn kunsiderazzjonijiet kummerċjali, il-midja tas-servizz pubbliku huma essenzjali; ifakkar fir-rwol importanti tal-midja tas-servizz pubbliku ffinanzjat miċ-ċittadin permezz tal-istat biex ikunu sodisfatti ħtiġiethom, kif ukoll id-dmir istituzzjonali tagħhom li jagħtu informazzjoni ta' kwalità għolja, preċiża u affidabbli għal gamma wiesgħa ta' udjenzi, li jkunu indipendenti minn pressjonijiet esterni u interessi privati jew politiċi, filwaqt li joffru spazju għal niċeċ li għandu mnejn ma jkunux iħallu profitt għall-midja privati; jisħaq li l-midja privati għandhom dmirijiet simili b'rabta mal-informazzjoni, b'mod partikolari l-informazzjoni ta' natura istituzzjonali u politika, eż., fil-kuntest bħal dak tal-elezzjonijiet, referenda, eċċ.; jisħaq dwar il-ħtieġa li tkun iggarantita l-indipendenza professjonali tal-aġenziji nazzjonali tal-aħbarijiet ħalli jkun evitat il-ħolqien tal-monopolji tal-aħbarijiet;

9. Jirrikonoxxi li awtoregolamentazzjoni kontinwa u inizjattivi mhux leġiżlattivi, li jkunu indipendenti, imparzjali u trasparenti, għandhom rwol importanti fl-iżgurar tal-libertà tal-midja; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tappoġġa l-indipendenza tal-midja u l-aġenziji regolatorji tagħha kemm mill-istat (inkluż fil-livell Ewropew) kif ukoll minn interessi kummerċjali qawwija;

10. Ifakkar fir-rwol speċifiku u distint tal-midja tas-servizz pubbliku, kif jingħad fil-Protokoll ta' Amsterdam dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri;

11. Ifakkar li l-Protokoll 29 tat-Trattati jirrikonoxxi li s-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri hi direttament marbuta mal-ħtiġiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà u mal-ħtieġa tal-preżervazzjoni tal-pluraliżmu tal-midja; għaldaqstant jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw is-servizzi pubbliċi tax-xandir biss sa kemm dan jingħata għas-sodisfaċiment tal-funzjoni ta' servizz pubbliku, u mingħajr ma jintlaqtu l-kondizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni fl-Unjoni sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni;

12. Jenfasizza l-importanza ta' finanzjament xieraq, proporzjonat u stabbli għall-midja tas-servizz pubbliku sabiex tkun garantita l-indipendenza politika u ekonomika ħalli jkunu jistgħu jwettqu l-mandat sħiħ tagħhom – inkluż ir-rwol soċjali, edukattiv, kulturali u demokratiku tagħhom – u jkun jistgħu jadattaw għall-bidliet diġitali u jikkontribwixxu għal soċjetà tal-informazzjoni u tal-għarfien inklużiva, li fiha l-midja rappreżentattivi u ta' kwalità għolja jkunu disponibbli għal kulħadd; ifisser it-tħassib tiegħu dwar it-tendenza kurrenti f'xi Stati Membri li japplikaw il-qtugħ baġitarja jew inaqqsu l-attivitajiet tal-midja tas-servizz pubbliku, billi dan inaqqsilhom ħilithom li jwettqu l-missjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jreġġgħu lura din it-tendenza u jiżguraw li l-midja tas-servizz pubbliku jirċievu finanzjament adegwat, sostenibbli u prevedibbli;

13. Jisħaq li l-miżuri għar-regolament tal-aċċess tal-mezzi tal-midji għas-suq permezz ta' liċenzjar tax-xandira u proċeduri ta' awtorizzazzjoni, regoli dwar il-ħarsien tas-sigurtà statali, nazzjonali u militari u l-ordni pubbliku u r-regoli dwar il-morali pubblika u l-ħarsien tat-tfal ma għandhomx ikunu abbużati għall-iskop li jkunu imposti kontrolli jew ċensura politiċi jew partiġjani fuq il-midja jew ikun impedit il-jedd fundamentali taċ-ċittadini li jkunu infurmati dwar kwestjonijiet ta' interess u importanza pubbliċi; jisħaq li għandu jiġi żgurat ekwilibriju xieraq f'dan ir-rigward; iwissi li l-midja ma għandhomx ikunu mheddin bl-influwenza ta' gruppi ta' interess speċifiku jew lobbies, atturi ekonomiċi, jew gruppi reliġjużi;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw ir-regoli tal-kompetizzjoni u tal-midja ħalli jiżguraw il-kompetizzjoni biex ikunu indirizzati u prevenuti l-pożizzjoinijiet dominanti, possibilment billi jsiru livelli massimi aktar baxxi ta' kompetizzjoni fl-industrija tal-midja milli fi swieq oħrajn, ħalli jkun iggarantit l-aċċess ta' atturi ġodda għas-suq, ħalli jkun hemm intervent meta l-midja tkun eċċessivament ikkonċentrata u fejn il-pluraliżmu, l-indipendenza u l-libertà tal-midja jkunu fil-periklu, ħalli jkun żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għal midja liberi u diversifikati fl-Istati Membri kollha, u jirrakkomandaw it-titjib fejn ikun meħtieġ; jagħmel enfasi li l-eżistenza ta' gruppi tal-istampa li s-sidien tagħhom ikunu impriżi li jkollhom is-setgħa jaġġudikaw kuntratt ta' akkwist pubbliku tirrappreżenta theddida għall-indipendenza tal-midja; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif ir-regoli eżistenti tal-kompetizzjoni jirrelataw mal-konċentrazzjoni kulma jmur tikber tal-midja kummerċjali fl-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi miżuri konkreti għas-salvagwardja tal-pluraliżmu fil-midja u għall-prevenzjon ta' konċentrazzjoni eċċessiva tal-midja;

15. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni għal-livell ta' konċentrazzjoni fil-proprjetà tal-midja fl-Istati Membri, filwaqt li jkun sottolinjat li l-kunċett tal-pluraliżmu tal-midja jkopri spettru usa' ta' kwestjonijiet, bħalma hi l-projbizzjoni taċ-ċensura, il-protezzjoni tal-għejun u tal-whistleblowers, kwestjonijiet marbutin mal-pressjoni mill-atturi politiċi u l-forzi tas-suq, it-trasparenza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti, l-awtoritajiet ta' kontroll tal-midja, id-diversità kulturali, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-aċċess mhux iċċensurat għall-Internet u d-distakk diġitali; jemmen li l-proprjetà u l-ġestjoni tal-midja għandhom ikunu trasparenti u ma jkunux ikkonċentrati; jisħaq li l-konċentrazzjoni tal-proprjetà tagħmel ħsara lill-pluraliżmu u lid-diversità kulturali u twassal għal uniformità fil-kontenut tal-midja;

16. Jitlob li jkun hemm regoli li jiżguraw li l-kunflitti ta' interess bħal dawk li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni tal-kariga politika mal-kontroll fuq il-mezzi tal-midja jkunu indirizzati u riżolti kif jixraq, u b'mod partikolari li l-proprjetarji benefiċjarji tal-konglomerati tal-midja jkunu dejjem pubbliċi ħalli ma jkunx hemm kunflitti ta' interess; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni effettiva ta' regoli ċari ħalli jkunu żgurati proċeduri trasparenti u ġusti għall-finanzjament tal-midja u għall-allokazzjoni tar-reklami u l-isponsorizzazzjonijiet tal-Istat, ħalli jkun iggarantit li dawn ma jikkawżawx interferenzi mal-libertà tal-informazzjoni u l-espressjoni, mal-pluraliżmu jew mal-linja editorjali tal-midja, u jitlob lill-Kummissjoni illi timmonitorjah dan;

17. Jenfasizza li minkejja l-użu tal-politika tal-kompetizzjoni fir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet u, b'mod partikulari, l-Artikolu 21 ([1]), intwera tħassib li dawn l-istrumenti ma jikkontrollawx b'mod adegwat il-konċentrazzjoni tal-midja minħabba problemi ta' delimitazzjoni tas-swieq, u f'xi każijiet mergers kbar transmidja ma jilħqux il-livell minimi ta' introjtu stipulati fil-politika tal-kompetizzjoni tal-UE u ta' pluraliżmu tal-midja;

18. Jenfasizza li s-setgħa tas-suq fl-industrija tal-midja ġejja mhux biss minn pożizzjoni ta' monopolju li tippermettilhom li jiffissaw il-prezzijiet iżda wkoll mill-influwenza politika li twassal għall-kontroll tar-regolamentazzjoni, bir-riżultat li jkun aktar diffiċli li jitħattew il-pożizzjonijiet dominanti ladarba jiġu stabbiliti; jappella biex jiġu ffissati livelli minimi ta' kompetizzjoni aktar baxxi fl-industrija tal-midja milli fi swieq oħrajn;

([1]) Dak l-artikolu jippreskrivi li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jaġixxu biex iħarsu "interess leġittimu" meta jilleġiferaw leġiżlazzjoni nazzjoni għall-preżervazzjoni tal-pluraliżmu medjatiku.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

19. Ifakkar lill-Kummissjoni li f'diversi okkażjonijiet fl-imgħoddi hija ġiet mistoqsija dwar il-possibilità li jiġi intorodott qafas legali biex jipprevjeni l-konċentrazzjoni tas-sjieda u l-abbuż tal-pożizzjonijiet dominanti; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri konkreti biex tissalvagwardja l-pluraliżmu tal-midja inkluż qafas leġiżlattiv dwar ir-regoli tas-sjieda tal-midja u l-introduzzjoni ta' standards minimi għall-Istati Membri;

20. Jissottolinja l-importanza li tkun żgurata l-indipendenza tal-ġurnalisti, kemm minn pressjonijiet interni mill-edituri, mill-pubblikaturi jew mis-sidien u b'mod estern mil-lobbies politiċi jew ekonomiċi jew minn gruppi ta' interess oħrajn, u jisħaq dwar l-importanza tal-karti editorjali jew kodiċijiet ta' mġiba dwar l-indipendenza editorjali billi dawn ma jħallux lis-sidien, gvernijiet jew partijiet interessati esterni jinterferixxu fil-kontenut tal-aħbarijiet; jenfasizza l-importanza tal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni mingħajr kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni u abbażi ta' ugwaljanza u trattament ugwali; jaċċentwa l-fatt li l-jedd għall-aċċess għal dokumenti u informazzjoni pubbliċi huwa fundamentali għall-ġurnalisti u ċ-ċittadini, u jitlob lill-Istati Membri jwaqqfu qafas legali robust u estensiv fir-rigward tal-libertà tal-informazzjoni mill-gvern u l-aċċess għal dokumenti ta' interess pubbliku; jappella lill-Istati Membri jagħtu garanziji ġuridiċi fir-rigward tal-ħarsien sħiħ tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità tal-għejun, u jappella għal applikazzjoni stretta tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-qasam, inkluż b'rabta mal-whistle-blowing;

21. Jitlob li l-ġurnalisti jkunu mħarsa mill-pressjonijiet, mill-intimidazzjoni, mill-assillament, mit-theddid u mill-vjolenza, filwaqt li jfakkar li l-ġurnalisti investigattivi spiss jisfaw mheddin, attakkati fiżikament u saħansitra jsofru attentati fuq ħajjithom bħala riżultat tal-attivitajiet tagħhom; jisħaq dwar l-importanza li jkunu żgurati l-ġustizzja u t-taqbid kontra l-impunità għal tali atti, ukoll billi jiġi indikat l-effett tagħhom li jmewwet l-espressjoni libera, li mbagħad iwassal lill-midja għall-awto-ċensura; jagħmel enfasi li l-ġurnaliżmu investigattiv jgħin fil-monitoraġġ tad-demokrazija u tal-governanza t-tajba, kif ukoll jikxef l-irregolaritajiet u r-reati, u b'hekk jisfa ta' għajnuna għall-awtoritajiet tal-prosekutriċi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-UE jappoġġja u jippromwovu l-ġurnaliżmu investigattiv u jippromwovu l-ġurnaliżmu etiku fil-midja billi jiżviluppaw standards professjonali u proċeduri xierqa ta' rimedju, l-aktar permezz ta' taħriġ professjonali u kodiċijiet ta' mġiba magħmulin mill-assoċjazzjonijiet u l-unions tal-midja;

22. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni li tipprevjeni li l-kmamar tal-aħbarijiet jiġu infiltrati minn uffiċjali tal-intelligence minħabba li dawn il-prattiki jipperikolaw ferm il-libertà tal-espressjoni peress li jagħtu lok għas-sorveljanza tal-kmamar tal-aħbarijiet u jiġġeneraw klima ta' sfiduċja, jostakolaw il-ġbir tal-informazzjoni, jheddu l-kunfidenzjalità tal-għejun u, fl-aħħar mill-aħħar, huma tentattiv ta' diżinformazzjoni u ta' manipulazzjoni tal-pubbliku, kif ukoll jagħmlu ħsara lill-kredibilità tal-midja;

23. Jenfasizza li għadd li kulma jmur qed jikber ta' ġurnalisti jsibu lilhom infushom impjegati b'kundizzjonijiet prekarji, mingħajr garanziji soċjali li huma użwali fis-suq normali tal-impjiegi, u jappella għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti tal-midja; jenfasizza li l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti jimxu mad-dispożizzjonijiet tal-Karta Soċjali Ewropea; jenfasizza l-importanza tal-kuntratt kollettivi għall-ġurnalisti u tar-rappreżentanza trejdunjonistika tal-kollettivi tal-ġurnalisti, li għandhom ikunu permess għall-impjegati kollha wkoll jekk membri ta' grupp żgħir, jaħdmu f'kumpaniji żgħar jew ikollhom kuntratti ta' forma mhux standard, bħalma x-xogħol temporanju jew interim, billi s-sigurtà tal-impjieg tippermettilhom li jitkellmu u jaġixxu flimkien u b'aktar faċilità u jiddefendu b'effettività akbar l-istandards professjonali tagħhom;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-midja jiġi promoss il-ġurnaliżmu etiku; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi strument (eż. permezz ta' rakkomandazzjoni, bħalma hi r-rakkomandazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar il-jedd tar-replika b'rabta mal-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u tal-informazzjoni onlajn) sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jistiednu lis-settur tal-midja jiżviluppa standards professjonali u kodiċijiet ta' etika li jkunu jinkludu l-obbligu li fir-rappurtar tiġi indikata d-differenza bejn il-fatti u l-opinjonijiet, il-ħtieġa tal-preċiżjoni, l-imparzjalità u l-oġġettività, ir-rispett għall-privatezza tal-persuni, id-dmir li d-diżinformazzjoni tiġi korretta u l-jedd tar-replika; dan il-qafas għandu jipprevedi l-istabbiliment mis-settur tal-midja ta' awtorità regolatorja indipendenti dwar il-midja – li tkun taħdem indipendentement mill-indħil politiku jew estern ieħor – li tkun tista' tittratta ilmenti dwar l-istampa bbażati fuq l-istandards professjonali u l-kodiċijiet ta' etika, u li jkollha l-awtorità li timponi sanzjonijiet xierqa;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

25. Jitlob lill-Istati Membri kollha li fihom id-diffamazzjoni hija reat li jiddekriminalizzawha kemm jista' jkun malajr; jiddispjaċih li jsiru l-pressjonijiet, il-vjolenza u l-assilment kontra l-ġurnalisti u l-midja f'bosta Stati Membri, inkluż meta jkunu qed jiġu koperti d-dimostrazzjonijiet u l-avvenimenti pubbliċi, u meta jqanqlu l-preokkupazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali u fost l-akkademiċi u fis-soċjetà ċivili; jagħmel enfasi dwar l-importanza li jkun hemm id-djalogu mal-awtoritajiet ħalli jkun żgurat li l-libertà u l-indipendenza tal-midja ma jitqegħdux fil-periklu, li l-ilħna kritiċi ma jisfawx maħnuqa u li l-persunal tal-eżekuzzjoni tal-liġi jirrispetta r-rwol li għandhom il-midja u jiżguraw li jkunu jistgħu jirrapportaw liberament u fis-sigurtà;

26. Jissottolinja l-importanza tat-twaqqif ta' korpi tal-midja li jirregolaw lilhom infushom, bħalma huma l-kummissjonijiet għall-ilmenti u l-ombudspersons, u jappoġġja l-isforzi prattiċi, minn isfel għal fuq mibdija minn ġurnalisti Ewropej biex jiddefendu l-jeddijiet fundamentali tagħhom billi fetħu ċentru ta' depożitu ta' ilmenti biex jiġu ddokumentati vjolazzjonijiet allegati ta' dawk il-jeddijiet, l-aktar jeddhom għall-espressjoni, (inlinja mal-proġett pilota li kien adottat mill-plenarja bħala parti mill-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-baġit 2013 nhar it-23 ta' Ottubru 2012);

27. Jissottolinja l-ħtieġa ta' regoli b'rabta mal-informazzjoni politika fis-settur kollu tal-midja awdjoviżiva, ħalli jkun iggarantit l-aċċess ġust lill-kompetituri, opinjonijiet u veduti politiċi differenti, b'mod partikolari fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet u r-referenda, ħalli jkun żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifformaw l-opinjonijiet tagħhom mingħajr influwenza mhux xierqa minn xi poter dominanti wieħed tal-formazzjoni tal-opinjoni; jisħaq li tali regoli jeħtieġ li jkunu eżegwiti kif jixraq mill-korpi regolatorji;

28. Jisħaq li l-jedd fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja mhuwiex biss riżervat għall-midja tradizzjonali, iżda jkopri wkoll il-midja soċjali u forom oħrajn ta' midja ġodda; jissottolinja l-importanza li tkun żgurata l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fuq l-internet, l-aktar permezz tal-garanzija tan-newtralità tan-net, u għaldaqstant jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li dawn il-jeddijiet u libertajiet jkunu rispettati bis-sħiħ fuq l-internet b'rabta mal-aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni, u mal-għoti u maċ-ċirkolazzjoni tal-istess; iwissi kontra kull tentattiv mill-awtoritajiet li jirrikjedu reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni jew li jrażżnu kontenut li jallegaw li jkun ta' dannu; jagħraf li l-għoti tas-servizzi tal-internet mill-midja tas-servizz pubbliku jikkontribwixxi għall-missjoni tagħhom li jiżguraw li ċ-ċittadini jkun jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni u jifformaw fehmiethom minn varjetà ta' għejun;

29. Jagħmel enfasi fuq l-importanza kulma jmur qed tikber tal-aggregaturi tal-aħbarijiet, is-search engines u intermedjarji oħrajn fit-tixrid tal-informazzjoni u l-kontenut tal-aħbarijiet fuq l-internet u l-aċċess għalihom; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi dawn l-atturi tal-internet fil-qafas regolatorju tal-UE meta tkun qed tirrevedi d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva, ħalli jiġu ttrattati l-problemi tad-diskriminazzjoni tal-kontenut u d-distorsjoni tal-għażla tal-għajn;

30. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-qafas tal-politika tal-Kummissjoni tal-litteriżmu medjatiku, illi jagħtu biżżejjed attenzjoni lill-importanza tal-edukazzjoni dwar il-midja fil-għoti ta' ħiliet ta' interpretazzjoni kritika liċ-ċittadini u l-kapaċità li jgħarblu l-volum kulma jmur qed jikber ta' informazzjoni;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tivverifika jekk l-Istati Membri jallokawx il-liċenzji tagħhom tax-xandir abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati;

32. Jissottolinja l-importanza u l-urġenza li jkunu mmonitorjati annwalment il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-Istati Membri kollha u r-rapportaġġ fuq bażi ta' kull sena dwar din il-materja, fuq il-bażi ta' standards dettaljati żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa u mill-OSKE u fuq l-approċċ analitiku bbażat fuq ir-riskju u indikaturi żviluppati mill-istudju indipendenti imwettaq għall-Kummissjoni flimkien mal-NGOs, il-partijiet interessati u l-esperti, inkluż billi jsiru monitoraġġ u superviżjoni tal-iżvilupp u tat-tibdiliet fil-leġiżlazzjoni tal-midja u l-impatt ta' kull leġiżlazzjoni adottata fl-Istati Membri li tolqot il-libertà tal-midja, l-aktar b'rabta mal-interferenza min-naħa tal-gvern, kif ukoll il-prattiki tajba għad-definizzjoni tal-istandards tas-servizz pubblika kemm għall-kanali pubbliċi kemm għal dawk privati; jissottolinja l-importanza li dawn l-istandards komuni Ewropej ikunu magħrufa lill-pubbliku inġenerali; jemmen li l-Kummissjoni, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u/jew iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Midja u l-Libertà tal-Midja tal-Istitut Universitarju Ewropew għandhom iwettqu dan il-kompitu u jippubblikaw rapport annwali bir-riżultati tal-monitoraġġ; jemmen li l-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament u lill-Kunsill u tagħmel proposti għal kwalunkwe azzjonijiet u miżuri li joħorġu mill-konklużjonijiet tagħha dwar ir-rapport;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

33. Jemmen li l-UE għandha l-kompetenzi biex tieħu miżuri leġiżlattivi biex tiggarantixxi, tipproteġi u tippromwovi l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu, tal-anqas daqs kemm għandha fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni u tad-dinjità tal-bniedem, tad-diversità kulturali, tal-aċċess taċ-ċittadini għall-informazzjoni dwar u/jew kopertura ta' ġrajjiet importanti, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, tal-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-komunikazzjonijiet kummerċjali, id-dritt tat-tweġiba, li huma aspetti ta' interess ġenerali koperti mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi (AVMSD); fl-istess waqt jemmen li kull regolamentazzjoni għandha titwettaq abbażi ta' analiżi dettaljata u bir-reqqa tas-sitwazzjoni fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, tal-problemi li jridu jissolvew u l-aħjar modi biex dawn jiġu indirizzati; jemmen l-inizjattivi mhux leġiżlattivi, bħall-monitoraġġ, l-awtoregolazzjoni, il-kodiċijiet ta' mġiba, kif ukoll l-attivazzjoni tal-Artikolu 7 TUE, meta jkun il-każ, jiġu persegwiti, kiuf mitlub mill-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati u filwaqt li jitqies li wħud mill-akbar theddidiet għal-libertà tal-midja f'xi Stati Membri ġejjin minn atti leġiżlattivi adottati riċentement;

34. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni illi tirrevedi d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD) u twessagħlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-istandards minimi għar-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-jedd fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u tiżgura l-applikazzjoni sħiħa tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem u tal-ġurisprudenza marbuta mal-obbligi pożittivi fil-qasam tal-midja, billi l-objettiv tad-direttiva hu li jinħoloq spazju mingħajr fruntieri interni għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi filwaqt li jiġi żgurat, fl-istess ħin, livell għoli ta' protezzjoni tal-objettivi ta' interess ġenerali, bħalma hi l-implimentazzjoni ta' qafas leġiżlattiv u amministrattiv xieraq biex jiggarantixxu pluraliżmu effettiv [1]; b'konsegwenza ta' hekk, jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi u temenda l-AVMSD ħalli tiżgura – kif jiġri għall-mudell tal-awtoritajiet regolatarji fil-qafas tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, u abbażi tal-istess – li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu kompletament indipendenti, imparzjali u trasparenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, l-eżerċizzju ta' dmirjiethom u setgħathom u l-proċess ta' monitoraġġ, effikaċement iffinanzjati ħalli jwettqu l-attivitajiet tagħhom, u jkollhom poteri xierqa ta' sanzjonament ħalli jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu implimentati;

35. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi fil-valutazzjoni u r-reviżjoni tal-AVMSD id-dispożizzjonijiet ukoll dwar it-trasparenza tal-proprjetà tal-midja, il-konċentrazzjoni tal-midja, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess ħalli tkun prevenuta l-influwenza indebita fuq il-midja min-naħa tal-forzi politiċi u ekonomiċi, u l-indipendenza tal-korpi ta' superviżjoni tal-midja; jitlob lill-Kummissjoni tniedi komunikazzjoni li timplimenta l-indikaturi tal-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu fil-Midja għall-pluraliżmu fil-midja fl-Istati Membri tal-UE, kif ġa ġew żviluppati fl-istudju indipendenti "The indicators for media pluralism in the Member States – Towards a risk-based approach and on the basis of the proposed 'three-step approach" ta" Jannar 2007; dan għandu jkun segwit minn konsultazzjoni pubblika wiesgħa mal-atturi kollha mdaħħlin, inter alia fuq il-bażi tas-segwitu għar-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libertà tal-Midja, u l-aktar permezz tar-redazzjoni ta' proposta għal ġabra ta' Linji-Gwida tal-UE dwar il-Libertà u l-Pluraliżmu tal-Midja;

36. Jistieden lill-Istati Membri jipproċedu minnufih bir-riformi biex jilħqu dawn l-objettivi; jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi b'mod ċar il-funzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji tal-midja, l-aktar f'termini ta' regolazzjoni u monitoraġġ, u jitlobha timmonitorja –adempjenza tagħhom mar-rekwiżiti tan-neċessità u l-proporzjonalità meta jimponu s-sanzjonijiet; ifakkar fl-importanza li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament jiġi adattat għan-natura speċifika tal-midja individwali;

37. Jistieden lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali jikkoperaw u jikkordinaw fil-livell tal-UE fil-qasam tal-midja, ngħidu aħna billi jwaqqfu Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Ewropej għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi, jarmonizzaw l-istatus tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali previsti fl-Artikoli 29 u 30 tal-AVMSD billi jiżguraw li jkunu indipendenti, imparzjali u trasparenti, kemm fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, u wkoll fil-proċess tal-monitoraġġ, u li jingħatawlhom setgħat adegwati ta' sanzjonar ħalli jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu implimentati;

38. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa u f'waqthom, kif ukoll proporzjonati u progressivi fejn iqum tħassib b'rabta mal-libertà tal-espressjoni, tal-informazzjoni, tal-libertà tal-midja u tal-pluraliżmu fl-UE u fl-Istati Membri tagħha;

---

[1] Konvenzjoni Ewropea tal-Drittijiet tal-Bniedem, Centro Europa 7, 7 ta' Ġunju 2012, par. 134.

39. Jemmen li fil-każ ta' adeżjonijiet ulterjuri għall-UE, għandu jiżdied l-enfasi fuq il-protezzjoni tal-libertajiet u l-libertà tal-espressjoni, billi dawn huma ġeneralment meqjusa bħala elementi tal-kundizzjonalità tal-jeddijiet tal-bniedem u tad-demokrazija tal-kriterji ta' Kopenħagen; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-prestazzjoni u l-progress tal-pajjiżi kandidati tal-UE fir-rigward tal-protezzjoni tal-libertajiet tal-midja;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kriterji bbażati fuq il-pluraliżmu u s-sjieda tal-midja jkunu inklużi f'kull Studju tal-Impatt imwettaq għal inizjattivi ġodda dwar proposti leġiżlattivi;

41. Ifisser it-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' trasparenza fil-proprjetà tal-midja fl-Ewropa, u b'konsegwenza ta' hekk jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw it-trasparenza fil-proprjetà u l-ġestjoni tal-midja u jieħdu inizjattivi f'dan il-qasam, l-aktar billi jitolbu lill-midja tax-xandir, tal-istampa u simili jippreżentaw lill-awtoritajiet nazzjonali tal-midja, lir-reġistri nazzjonali tal-kumpaniji u lill-pubbliku tagħrif suffiċjentement preċiż u aġġornat dwar il-proprjetarji ħalli jippermettu l-identifikazzjoni tal-proprjetarji u l-koproprjetarji benefiċjarji u aħħarin tal-mezzi tal-midja, il-curricula vitae u l-finanzjament tagħhom, billi ngħidu aħna tiġi żviluppata aktar d-database Mavise f'Reġistru Ewropew Uniku ħalli tkun identifikata l-konċentrazzjoni eċċessiva tal-midja, ikun prevenut li l-organizzazzjonijiet tal-midja jaħbu l-interessi speċjali, u jkun permess liċ-ċittadini jivverifikaw liema interessi jkun hemm wara l-midja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu skrutinju u jimmonitorjaw jekk il-fondi pubbliċi destinati mill-Istati Membri għall-midja tas-servizz pubbliku jintużawx b'mod trasparenti u b'ottemperanza stretta mal-Protokoll 29 tat-Trattati; jemmen li t-trasparenza tal-proprjetà hija komponent essenzjali tal-pluraliżmu tal-midja; jistieden lill-Kummissjoni timmoniterja u tappoġġja l-progress biex jiġi promoss skambju akbar ta' informazzjoni dwar is-sjieda tal-midja;

42. Jissottolinja li l-libertà tal-midja għandha tinkludi wkoll il-libertà tal-aċċess għall-midja billi tiġi żgurata l-provvista effettiva u l-aċċess għall-internet bil-broadband għaċ-ċittadini kollha Ewropej, fi żmien u b'nefqa raġonevoli billi jiġu żviluppati ulterjorment it-teknoloġiji wireless inkluż bis-satellita li tippermetti konnettività universali għall-internet;

43. Jenfasizza li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-awtoritajiet għandhom obbligi pożittivi skont l-Artikolu 10 KEDB li jħarsu l-libertà tal-espressjoni bħala waħda mill-prekundizzjonijiet ta' demokrazija li tiffunzjona, billi "l-eżerċizzju effettiv ġenwin ta' ċerti libertajiet ma jiddipendix biss fuq id-dmir tal-Istat li ma jinterferix, iżda jista' jirrikjedi miżuri pożittivi ta' protezzjoni";

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-OSKE, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari, il-Kummissjoni ta' Venezja u l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem.

P7_TA(2013)0204

## Pensjonijiet adegwati, sikuri u sostenibbli

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar Aġenda dedikata lill-Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli (2012/2234(INI))**

(2016/C 055/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2010 bit-titolu "Green Paper – lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri" [COM(2010)0365] u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-16 ta' Frar 2011 ([1]),

([1]) ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 9.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2012 bit-titolu "White Paper – Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli" [COM(2012)0055],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2012, "White Paper – Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli" ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport imħejji b'mod konġunt mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali bit-titolu "L-Adegwatezza tal-Pensjonijiet fl-Unjoni Ewropea 2010-2050" (Rapport dwar l-Adegwatezza 2012),

— wara li kkunsidra r-rapport konġunt imħejji mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika bit-titolu "Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2012: Projezzjonijiet ekonomiċi u baġitarji għas-27 Stat Membru tal-UE (2010-2060)" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012" (COM(2011)0815) u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Frar 2012 ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill għas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): Perspettivi għall-Futur (SOC 992/SAN 322) tas-7 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0137/2013),

A. billi l-opinjonijiet tal-Parlament dwar il-Green Paper 2010 tal-Kummissjoni "Lejn pensjonijiet adegwati, sostenibbli u sikuri", ġew espressi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-16 ta' Frar 2011;

B. billi l-agħar kriżi finanzjarja u ekonomika fid-deċenni ttrasformat fi kriżi akuta tad-dejn sovran u kriżi soċjali li laqtet ħażin ħafna d-dħul tal-pensjoni ta' miljuni ta' ċittadini tal-UE; billi din il-kriżi wriet li l-ekonomiji Ewropej huma interdipendenti u li m'għadux possibbli li kwalunkwe pajjiż jiggarantixxi waħdu l-adegwatezza, is-sikurezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tiegħu;

C. billi l-pensjonijiet huma s-sors prinċipali ta' dħul għall-Ewropej kbar fl-età u suppost għandhom jiżguraw li l-anzjani jkollhom livell ta' għajxien deċenti u li jkunu jistgħu jkunu finanzjarjament indipendenti; billi, minkejja dan, madwar 22 % tan-nisa ta' iktar minn 75 sena jinsabu taħt il-livell limitu tal-faqar tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali, u billi n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-popolazzjoni ta' iktar minn 75 sena;

D. billi l-ewwel koorti tal-hekk imsejħa "ġenerazzjoni tal-baby boom" laħaq l-età pensjonabbli, u minħabba f'hekk l-isfida demografika ma għadhiex waħda futura iżda saret realtà tal-lum, u billi l-għadd ta' persuni li għandhom aktar minn 60 sena se jiżdied b'aktar minn 2 miljuni fis-sena;

E. billi anki meta jitqiesu b'mod separat mill-kriżi ekonomika, it-tendenzi fit-tul demografiċi u tal-produttività jindikaw xenarju bi ftit li xejn tkabbir ekonomiku fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'rati ta' tkabbir ekonomiku aktar baxxi b'mod sinifikanti minn dawk miksuba matul deċenni preċedenti;

(1) ĠU C 299, 4.10.2012, p. 115.
(2) ISBN 978-92-79-22850-6.
(3) Testi adottati, P7_TA(2012)0047.
(4) ĠU308, 24.11.2010, p. 46
(5) ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 11.

F. billi l-Kunsill Ewropew f'Marzu 2001 kien diġà approva l-Istateġija ta' Stokkolma fuq tliet approċċi mmirata biex: jitnaqqas b'pass mgħaġġel id-dejn pubbliku, jiżdiedu r-rati ta' impjiegi u l-livelli ta' produttività u jkunu riformati l-pensjoni, il-kura tas-saħħa u s-sistemi ta' kura tas-saħħa fit-tul;

G. billi l-influwenza negattiva tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-Ewropa fuq il-pagi u l-impjiegi se żżid ir-riskju futur tal-faqar fix-xjuħija;

H. billi r-rata tal-qgħad li dejjem qiegħda tikber u r-redditi diżappuntanti tas-swieq finanzjarji kienu ta' dannu kemm l-iskemi tal-pensjoni ħallas waqt li tkun għaddej kif ukoll dawk iffinanzjati;

I. billi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jirrakkomanda li l-livelli minimi tal-pensjoni għandhom jogħlew bl-għan li jiġi pprovdut dħul mill-pensjoni li jaqbeż il-livell limitu tal-faqar;

J. billi sistemi ta' rtirar huma elementi ewlenin tal-mudelli soċjali Ewropej, filwaqt li l-objettiv fundamentali u mhux negozjabbli tagħhom hu li jiġi żgurat standard ta' għajxien adegwat għall-persuni ta' età avvanzata; billi l-provvediment ta' pensjoni jibqa' kompetenza tal-Istat Membru;

K. billi s-sostenibilità tal-politika tal-pensjoni tmur lil hinn mill-kunsiderazzjonijiet fiskali; billi l-proporzjonijiet tat-tifdil privat, ir-rati tal-impjieg u l-iżviluppi demografiċi pprojettati għandhom rwol sinifikanti wkoll fl-iżgurar tas-sostenibbiltà;

L. billi, fid-dibattitu Ewropew attwali, l-iskemi tal-pensjonijiet ta' spiss jitqiesu sempliċiment bħala piż fuq il-finanzi pubbliċi minflok strument essenzjali għall-ġlieda kontra l-faqar fix-xjuħija u għar-ridistribuzzjoni tul il-ħajja ta' individwi u fis-soċjetà kollha kemm hi;

M. billi l-pensjonanti huma kategorija ewlenija tal-konsumaturi u kwalunkwe varjazzjoni fid-drawwiet tal-infiq tagħhom għandha riperkussjonijiet serji għall-ekonomija reali;

N. billi f'ħafna pajjiżi tal-UE r-rati ta' fertilità għandhom baxxi, u dan qed iwassal għal tnaqqis fin-numru ta' persuni fl-età tax-xogħol fil-ġejjieni;

O. billi, skont l-OECD, hemm nuqqas ta' mobbiltà bejn l-Istati Membri u li 3 % biss taċ-ċittadini tal-UE fl-età tax-xogħol jgħixu fi Stat Membru ieħor ([1]);

P. billi l-istudju dwar "Aġġornament tal-qagħda tan-nisa li jgħixu għal rashom" ([2]), mitlub mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Parlament, juri r-riskji impliċiti ta' wħud mill-arranġamenti eżistenti tal-pensjonijiet li jaggravaw l-iżbilanċi bejn is-sessi, speċjalment għan-nisa li jgħixu għal rashom;

Q. billi d-Dokument ta' Ħidma tal-OECD Numru 116 fil-qasam soċjali, tal-impjiegi u tal-migrazzjoni, bit-titolu "Cooking, Caring and Volunteering: Unpaid Work Around the World" ([3]) titfa' dawl fuq l-importanza tax-xogħol mhux bi ħlas, li għadu mhuwiex rikonoxxut fl-iskemi tal-pensjonijiet nazzjonali;

R. billi fl-UE, ir-rata ta' impjieg tan-nies li għandhom bejn 55 u 64 sena hija 47,4 % biss u fil-każ tan-nisa 40,2 % biss; billi f'xi pajjiżi tal-UE, 2 % biss tal-postijiet battala kollha jimtlew minn persuni li għandhom 55 sena jew iktar; billi tali rati baxxi ta' impjieg jikkawżaw distakk intraġenerazzjonali fil-pensjoni bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll distakk interġenerazzjonali li jwassal għal disparitajiet sostanzjali fir-riżorsi finanzjarji bejn il-ġenerazzjonijiet;

S. billi l-iskemi tal-pensjonijiet fi ħdan u madwar l-Istati Membri jvarjaw b'mod sinifikanti, pereżempju fir-rigward tal-livell ta' finanzjament, il-livell ta' involviment tal-gvern, l-istruttura ta' governanza, it-tip ta' penzjoni, il-kosteffiċjenza, il-livell ta' kollettività u solidarjetà, u għalhekk ma teżistix tipoloġija komuni tal-UE;

---

([1]) OECD (2012), "Mobbiltà u migrazzjoni fl-Ewropa, p. 63. Fi: Stħarriġ OECD dwar l-Ekomonija: L-Unjoni Ewropea 2012, Publikazzjoni OECD.

([2]) http://www.europarl.europa.eu/committees/fr/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=79590

([3]) Miranda, V., *Cooking, Caring and Volunteering: Unpaid Work Around the World*, Karti ta' Ħidma tal-OECD Soċjali, tal-Impjieg u tal-Migrazzjoni Numru 116, publikazzjoni OECD (2011).

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

*Introduzzjoni*

1. Jinnota li l-baġits nazzjonali huma taħt pressjoni severa u li t-tnaqqis ta' benefiċċji tal-pensjoni f'ħafna Stati Membri huwa konsegwenza tal-eskalazzjoni severa tal-kriżi finanzjarja u ekonomika; jiddeplora t-tnaqqis sever fl-Istati Membri li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi, li tefa' lil ħafna pensjonanti fil-faqar jew poġġihom f'riskju ta' faqar;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri jevalwaw is-sostenibbiltà u l-adegwatezza attwali u futuri tas-sistemi tal-pensjonijiet u li jidentifikaw l-aħjar prattiki u strateġiji ta' politika li jistgħu jwasslu għall-provvediment l-aktar kosteffikaċi u sikur tal-pensjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

3. Jenfasizza l-probabbiltà ta' xenarju ekonomiku fit-tul b'livell ta' tkabbir baxx, li jkun jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonsolidaw il-baġits tagħhom u jirriformaw l-ekonomiji tagħhom f'kundizzjonijiet ta' awsterità, b'amministrazzjoni soda tal-finanzi pubbliċi; jaqbel mal-fehma espressa fil-White Paper tal-Kummissjoni li jeħtieġ li jitfasslu pensjonijiet okkupazzjonali kumplimentari ffinanzjati, minbarra l-prijorità li jiġu salvagwardjati il-pensjonijiet pubbliċi universali li minn tal-anqas jiggarantixxu livell deċenti ta' għajxien għal dawk kollha ta' età avanzata;

4. Jenfasizza li l-iskemi tal-pensjonijiet pubbliċi tal-ewwel pilastru, għadhom l-aktar sors importanti ta' dħul għall-pensjonanti; jiddispjaċih li fil-White Paper il-Kummissjoni ma tindirizzax b'mod xieraq l-importanza ta' skemi universali pubbliċi tal-ewwel pilastru li minn tal-anqas jilqgħu kontra l-faqar; jistieden lill-Istati Membri – bi qbil mal-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 dwar żieda fl-impjiegi u l-ġlieda kontra l-faqar – biex ikomplu jaħdmu fuq strateġiji tas-suq tax-xogħol aktar attivi u inklużivi biex inaqqsu l-proporzjon ta' dipendenza ekonomika bejn il-persuni inattivi u dawk impjegati; jistieden lis-sħab soċjali u lill-Istati Membri jikkombinaw dawn ir-riformi ma' titjib kostanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' taħriġ tul il-ħajja li jippermettu li n-nies ikollhom karrieri aktar b'saħħithom u fit-tul sal-età statutorja tal-irtirar, u b'hekk jiżdied in-numru ta' persuni li jħallsu l-primjums tal-pensjoni, dan ukoll biex tiġi evitata żieda fl-ispejjeż tal-pensjonijiet pubbliċi li tipperikola l-finanzi pubbliċi sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi għas-sistemi tagħhom tal-ewwel pilastru b'tali mod li jitqies ukoll in-numru ta' snin kontributorji;

5. Jistieden lill-Istati Membri jevalwaw bir-reqqa l-ħtieġa li jiġu implimentati riformi għas-sistemi tagħhom tal-ewwel pilastru, filwaqt li jitqiesu xejriet ġodda fl-istennija tal-għomor – u l-proporzjon li qed jinbidel bejn il-pensjonanti, il-persuni qiegħda, u l-persuni attivi ekonomikament – sabiex jiġi garantit livell ta' għajxien deċenti u indipendenza ekonomika għall-persuni ta' età avvanzata, b'mod partikolari dawk li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli;

6. Josserva li l-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-isfidi li jirriżultaw mill-popolazzjonijiet li qed jixjieħu wrew il-vulnerabbiltà kemm tal-iskemi finanzjati tal-pensjoni kif ukoll dawk ħallas waqt li tkun għaddej; jirrakkomanda sistemi tal-pensjoni fuq diversi pilastri, li jikkonsistu minn tal-anqas:

i. pensjoni pubblika ħallas waqt li tkun għaddej, universali;

ii. pensjoni supplimentari okkupazzjonali ffinanzjata, li tirriżulta minn ftehimiet kollettivi fl-livelli nazzjonali, settorjali jew tal-kumpanija jew li tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali, aċċessibbli għall-ħaddiema kollha kkonċernati;

Jenfasizza li l-ewwel pilastru waħdu, jew flimkien mal-pensjoni tat-tieni pilastru (dejjem skont l-arranġamenti istituzzjonali nazzjonali jew skont il-leġiżlazzjoni) għandu jistabbilixxi dħul ta' sostituzzjoni diċenti bbażat fuq il-pagi preċedenti tal-ħaddiem, u li jkun ikkumplimentat, jekk possibbli:

iii. b'pensjoni individwali tat-tielet pilastru bbażata fuq it-tifdil privat b'inċentivi ġusti mmirati għall-ħaddiema bi dħul baxx, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-persuni bi snin kontributorji inkompleti fir-rigward tal-iskema tal-penjoni relatata mal-impjiegi tagħhom;

Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-introduzzjoni jew iż-żamma ta' skemi finanjarjament u soċjalment sostenibbli simili jew komparabbli fejn dawn għadhom ma jeżistux; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe regolament eżistenti jew futur fil-qasam tal-pensjonijiet ikun iwassal għal dan l-approċċ u jkun jirrispettah bis-sħiħ.

7. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-fornituri tal-pensjoni okkupazzjonali u individwali bħala investituri sostanzjali u affidabbli fit-tul fl-ekonomija tal-UE; jenfasizza l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-kisba tal-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 f'dak li għandu x'jaqsam mal kisba ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli, aktar impjiegi u impjiegi aħjar

u soċjetajiet li jkunu soċjalment aktar inklużivi; jilqa’, f’dan ir-rigward, l-inizjattiva li jmiss mill-Kummissjoni biex tniedi Green Paper dwar l-investiment fit-tul; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tipperikolax il-potenzjal ta’ investiment u tirrispetta l-karatteristiċi differenti tal-fondi tal-pensjonijiet u fornituri tal-pensjonijiet oħra meta tintroduċi jew tibdel regolament tal-UE, speċjalment meta tiġi rieżaminata d-direttiva dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta’ istituzzjonijiet li jipprovdu rtirar okkupazzjonali;

8. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis l-effetti kumulattivi tal-leġiżlazzjoni tas-suq finanzjarju – pereżempju r-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR), id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) u d-Direttiva riveduta dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital (DRK IV) – fuq il-fondi tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru u l-kapaċità tagħhom li jinvestu fl-ekonomija reali, u biex tirrapporta dwar dan fil-Green Paper li jmiss dwar investimenti fit-tul;

9. Ifakkar l-Istrateġija ta’ Lisbona 2000-2010, li fil-kuntest tagħha l-Kummissjoni u l-Istati Membri ddiskutew b’mod eżawrjenti, fuq perjodu ta’ għaxar snin, ir-riformi sturtturali fir-rigward tal-politika makroekonomika, mikroekonomika u tal-impjiegi, li rriżultaw f’rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ibbażati fuq it-Trattat lill-Istati Membri, fejn bosta minnhom huma relatati direttament jew indirettament mas-salvagwardja ta’ pensjonijiet adegwati u sostenibbli; jiddeplora n-nuqqas ta’ implementazzjoni ta’ dawn ir-rakkomandazzjonijiet li setgħu, b’mod sinifikanti, itaffu l-impatt tal-kriżi;

10. Jilqa’ l-pubblikazzjonijiet komprensivi u ta’ kwalità għolja tar-”Rapport dwar it-Tixjiħ 2012 ([1]) u r-“Rapport dwar l-Adegwatezza” 2012 ([2]) li jesploraw l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fuq żmien twil ta’ sistemi tal-pensjonijiet fl-Istati Membri kollha; jiddispjaċih dwar il-fatt li d-dimensjonijiet ta’ adegwatezza u sostenibbiltà tal-pensjonijiet huma koperti minn rapporti separati ta’ natura teknika ħafna; jitlob b’urġenza lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippubblikaw sommarju integrat, konċiż u mhux tekniku għaċ-ċittadini, li jippermetti liċ-ċittadini tal-UE jivvalutaw l-isfidi li taffaċċja s-sistema nazzjonali tagħhom fi tqabbil tal-UE;

11. Jenfasizza l-importanza li tintuża metodoloġija uniformi biex tiġi kkalkulata s-sostenibbiltà fuq perjodu twil tal-finanzi pubbliċi u s-sehem tagħhom tal-obbligazzjonijiet relatati mal-pensjonijiet;

12. Huwa tal-fehma li sabiex tinstab soluzzjoni effettiva għall-isfida tal-pensjonijiet, li tqis il-ħtieġa f’ħafna mill-Istati Membri li jiżdiedu l-għadd ta’ snin kontributorji, u biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-tagħlim tul il-ħajja sabiex jippermettu li l-persuni jaħdmu mill-inqas sal-età statutorja tal-irtirar, u aktar jekk jixtiequ, huwa kruċjali li jkun kunsens bejn il-gvernijiet u min iħaddem u t-trejdjunjins;

13. Jipproponi li rappreżentanti tal-etajiet kollha, inklużi ż-żgħażagħ u l-anzjani, li jħossu b’mod partikolari l-impatt tar-riformi, għandhom jiġu kkonsultati kif inhu xieraq dwar kwalunkwe riforma tal-pensjonijiet sabiex jiġu żgurati riżultati bbilanċjati u ġusti u sabiex jinżamm kunsens massimu bejn il-ġenerazzjonijiet;

14. Jilqa’ l-impetu ewlieni tal-White Paper li tissuġġerixxi li għandha tingħata attenzjoni fir-rigward tal-bilanċ bejn iż-żmien f’impjieg u l-irtirar, li għandhom jiġu żviluppati tfaddil komplementari tal-pensjoni privata u okkupazzjonali, u li għandhom jitjiebu l-għodod tal-UE għall-monitoraġġ tal-pensjonijiet, filwaqt li jenfasizza wkoll l-importanza li jitjieb il-litteriżmu tal-pensjoni;

## Żieda fir-rati tal-impjieg u bilanċ bejn iż-żmien fl-impjieg u l-irtirar

15. Jenfasizza li l-implimentazzjoni ta’ riformi strutturali mmirati biex iżidu r-rata ta’ impjieg u li permezz tagħhom il-persuni jkunu jistgħu jilħqu l-età statutorja tal-pensjoni, li b’hekk jonqos il-proporzjon ta’ dipendenza ekonomika, hija importanti ħafna biex jiġu ġġenerati d-dħul mit-taxxa u l-primjums soċjali u tal-pensjonijiet meħtieġa biex jikkonsolidaw il-baġits tal-Istati Membri u jiġu ffinanzjati skemi ta’ pensjonijiet adegwati, sikuri u sostenibbli; jenfasizza li dawn ir-riformi għandhom jitwettqu b’mod trasparenti li jippermetti li l-persuni jantiċipaw b’mod f’waqtu kwalunkwe effett li dawn ir-riformi jistgħu jinvolvu; jenfasizza r-riskju li l-qgħad u l-impjieg bi paga baxxa, part-time u atipiku jista’ jirriżulta biss fi drittijiet għall-pensjoni parzjali, u b’hekk il-faqar isir aktar prevalenti f’età iktar avvanzata;

([1]) Il-Kummissjoni Ewropea, *Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2012: Projezzjonijiet baġitarji u ekonomiċi għas-27 Stat Membru tal-UE (2010-2060)*, Brussell, Mejju 2011. http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2012/pdf/ee-2012-2_en.pdf

([2]) “Adegwatezza tal-pensjonijiet fl-Unjoni Ewropea 2010-2050”, rapport imħejji b’mod konġunt mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali, 23 ta’ Mejju 2012, http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7105&type=2&furtherPubs=yes

**It-Tlieta 21 ta’ Mejju 2013**

16. Jistieden lill-Istati Membri biex: jadottaw miżuri komprensivi ta’ politika attiva tas-suq tax-xogħol; jieħdu l-miżuri meħtieġa kontra xogħol mhux iddikjarat u l-evażjoni tat-taxxa u tal-primjums, bil-ħsieb ukoll li titħares il-kompetizzjoni ġusta; iwarrbu fondi għall-ġlieda kontra l-ispejjeż pubbliċi li dejjem qed jogħlew tal-popolazzjonijiet li qegħdin jirtiraw; u jippromwovu l-impjieg tajjeb, billi joffru fost affarijiet oħra, konsulenza komprensiva u appoġġ għal dawk li qed ifittxu l-impjieg u jippermettu lil gruppi partikolarment vulnerabbli jsibu xogħol;

17. Jinnota l-aħħar referenza li saret mill-Kummissjoni Ewropea fir-Rapport Annwali dwar it-Tkabbir 2013, għall-ħtieġa li jsiru riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet; jinnota, madankollu, li f’bosta Stati Membri għandha tingħata prijorità lill-allinjament tal-età reali tal-pensjoni ma’ dik statutorja;

18. Jilqa’ l-impenji meħuda mill-Istati Membri sabiex jiżguraw sistemi tal-irtirar sostenibbli u adegwati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż adottati mill-Kunsill fl-2012 fil-qafas tas-Semestru Ewropew;

19. Josserva li iktar minn 17 % tal-persuni fl-Unjoni Ewropea bħalissa għandhom 65 sena jew iktar, u li, skont it-tbassir tal-Eurostat, din iċ-ċifra se tiżdied għal 30 % sal-2060;

20. Jenfasizza l-aċċelerazzjoni tal-pressjoni maħluqa mill-iżviluppi demografiċi fuq il-baġits nazzjonali u s-sistemi tal-pensjonijiet issa li l-ewwel koortijiet “tal-ġenerazzjoni baby boom” qegħdin jirtiraw; jinnota l-progress inekwu u l-livelli irregolari ta’ ambizzjoni madwar l-Istati Membri fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ riformi strutturali mmirati biex iżidu l-impjieg, ineħħu gradwalment l-skemi ta’ rtirar bikri u jevalwaw, fil-livell tal-Istati Membri u flimkien mas-sħab soċjali, il-ħtieġa li l-età tal-irtirar kemm statutorju kif ukoll effettiv jitqiegħdu fuq livell sostenibbli ma’ żidiet fl-istennija tal-għomor; jenfasizza li l-Istati Membri li jonqsu milli jimplimentaw riformi gradwali issa jistgħu fi stadju aktar tard isibu ruħhom f’xenarju fejn ikollhom jimplimentaw riformi mqanqla minn xokk u b’konsegwenzi soċjali sinifikanti;

21. Itenni s-sejħa biex ikun hemm rabta mill-qrib bejn il-benefiċċji tal-pensjonijiet u s-snin fl-impjieg u l-primjums imħallsa (“ekwità attwarja”), biex jiġi żgurat li dawk il-ħaddiema li jaħdmu aktar u għal żmien itwal jiġu ppremjati b’pensjoni aħjar filwaqt li jitqiesu l-perjodi ta’ żmien barra mis-suq tax-xogħolminħabba kura ta’ persuni dipendenti; jirrakkomanda li l-Istati Membri, f’konsultazzjoni mas-sħab relevanti, ipoġġu projbizzjoni fuq l-irtirar obbligatorju mal-ilħuq tal-età statutorja tal-irtirar, sabiex il-persuni li jistgħu u jkunu jixtiequ jkomplu jaħdmu wara l-età statutorja tal-irtirar, jew li jkunu jixtiequ jintroduċu gradwalment l-irtirar tagħhom, ikunu jistgħu jagħmlu dan peress li l-estenzjoni tal-perjodu tal-ħlas tal-primjums flimkien mat-tnaqqis tal-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-benefiċċji jistgħu jgħinu biex titnaqqas kwalunkwe differenza tal-pensjoni b’pass mgħaġġel;

22. Jenfasizza li l-preżunzjoni wara l-iskemi ta’ rtirar bikri, fejn ħaddiema aktar avvanzati fl-età jitħallew jirtiraw kmieni sabiex ikun hemm impjiegi disponibbli għaż-żgħażagħ, ġiet ippruvata b’mod empiriku li hija ħażina peress li l-Istati Membri li għandhom l-ogħla rati ta’ impjieg fost iż-żgħażagħ, fuq medja, huma wkoll dawk li għandhom l-ogħla rati ta’ impjieg fost il-ħaddiema aktar avvanzati fl-età;

23. Jistieden lis-sħab soċjali jadottaw approċċ ta’ ċiklu tal-ħajja fil-politiki tar-riżorsi umani u jadattaw il-postijiet tax-xogħol f’dan ir-rigward; jitlob lill-impjegaturi jfasslu programmi li jappoġġaw it-tixjiħ attiv u b’saħħtu; jistieden lill-ħaddiema jieħdu sehem b’mod attiv f’opportunitajiet ta’ taħriġ bħal dawn kif isiru disponibbli għalihom u biex iżommu ruħhom tajbin għas-suq tax-xogħol fl-istadji kollha tal-ħajja tax-xogħol tagħhom; Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-integrazzjoni tal-ħaddiema anzjani fis-suq tax-xogħol, u jitlob approċċi ta’ innovazzjoni soċjali sabiex tiġi ffaċilitata ħajja tax-xogħol itwal, b’mod partikolari fl-impjiegi li jeħtieġu l-aktar sforz, permezz tal-adattament tal-postijiet tax-xogħol, il-ħolqien ta’ kundizzjonijiet ta’ xogħol xierqa u billi tiġi offruta organizzazzjoni flessibbli tax-xogħol billi jsiru aġġustamenti fis-sigħat maħduma u t-tip ta’ xogħol imwettaq;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu aktar miżuri preventivi tas-saħħa, jiġi intensifikat it-taħriġ (mill-ġdid) u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol ta’ ħaddiema zgħażagħ u ta’ dawk f’eta avvanzata; jenfasizza l-ħtieġa għall-infurzar u l-implimentazzjoni effettivi tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza waqt ix-xogħol f’dan il-kuntest; jenfasizza li l-iskemi ta’ konsulenza jistgħu jirrappreżentaw soluzzjoni tajba biex il-ħaddiema anzjani jinżammu fix-xogħol għal żmien itwal u tiġi sfruttata l-esperjenza tagħhom bħala għajnuna biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fis-suq tax-xogħol; jistieden lis-sħab soċjali jiżviluppaw mudelli attraenti għal tranżizzjoni flessibbli mill-impjieg għall-irtirar;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġixxu b'mod vigoruż biex jirrealizzaw l-ambizzjonijiet ifformulati fil-Patt tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020) li jiffukaw fuq l-għeluq tad-distakki bejn is-sessi u l-ġlieda kontra s-segregazzjoni tas-sessi u fuq il-promozzjoni ta' bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol għan-nisa u l-irġiel; jenfasizza li dawn l-objettivi huma fundamentali sabiex jiżdied l-impjieg fost in-nisa u għall-ġlieda kontra l-faqar tan-nisa fl-età tax-xogħol u f'età avvanzata;

26. Jenfasizza li l-SMEs huma waħda mill-għejun prinċipali ta' impjieg u tkabbir fl-UE u jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għas-sostenibilità u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet fl-Istati Membri;

***L-iżvilupp tat-tfaddil privat u komplementari għall-irtirar***

27. Jilqa' l-istedina fil-White Paper għall-iżvilupp kemm ta' pensjonijiet okkupazzjonali iffinanzjati u komplementari aċċessibbli għall-ħaddiema kollha kkonċernati kif ukoll, jekk possibbli, tal-iskemi individwali; jenfasizza, madankollu, li l-Kummissjoni għandha minflok tirrakkomanda, tfaddil kollettiv tal-pensjonijiet okkupazzjonali supplimentari bbażat fuq is-solidarjetà, preferibbilment li jirriżulta minn ftehimiet kollettivi u stabbiliti fl-livell nazzjonali, settorjali jew tal-kumpanija, peress li dawn jippermettu għal solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, filwaqt li skemi individwali ma jippermettux; Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi sforzi li jibnu, sal-punt possibbli, sistemi ta' pensjonijiet okkupazzjonali komplementari;

28. Jinnota li diversi Stati Membri diġà bdew programmi ewlenin ta' riforma tal-pensjonijiet immirati lejn is-sostenibbiltà u l-adegwatezza; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li kwalunkwe miżura proposta fil-livell tal-UE għandha tikkomplimenta u mhux tikkontradixxi l-programmi nazzjonali ta' riforma tal-pensjonijiet; ifakkar li l-pensjonijiet jibqgħu kompetenza tal-Istati Membri, u jinsab imħasseb li kwalunkwe leġiżlazzjoni ulterjuri mill-UE f'dan il-qasam jista' jkollha impatti negattivi fuq l-iskemi ta' ċerti Stati Membri, speċjalment fir-rigward tal-karatteristiċi ta' sistemi tal- pensjonijiet okkupazzjonali;

29. Jenfasizza l-ispejjeż operattivi baxxi ta' skemi kollettivi (tas-settur kollu) tal-pensjoni okkupazzjonali (preferibbilment mhux profittabbli), meta mqabbla ma' skemi individwali tat-tfaddil tal-pensjoni. jenfasizza l-importanza ta' spejjeż operattivi baxxi peress li anke tnaqqis limitat tal-ispejjeż jista' jwassal għal pensjonijiet sostanzjalment aktar għoljin. jenfasizza, madankollu, li sfortunatament – sal-lum il-ġurnata – dawn l-iskemi jeżistu biss fi ftit Stati Membri;

30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-entitajiet li jamministraw l-iskemi tal-pensjoni jinfurmaw sew liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom tal-pensjoni akkumulata, u jqajmu l-kuxjenza fosthom u jedukawhom sabiex ikunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet infurmati sew dwar tfaddil futur addizzjonali tal-pensjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinfurmaw ukoll fil-ħin liċ-ċittadini dwar tibdiliet ippjanati fis-sistema tal-pensjonijiet sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata u maħsuba sew dwar it-tfaddil tal-pensjoni tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jifformulaw u jinfurzaw regoli stretti ta' żvelar fir-rigward tal-ispejjeż operattivi u r-riskju u r-redditu fuq investimenti ta' fondi tal-pensjoni li joperaw fil-ġurisdizzjoni tagħhom;

31. Jirrikonoxxi d-dispersjoni wiesgħa fil-karatteristiċi u r-riżultati fl-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċess, is-solidarjetà, il-kosteffikaċja, ir-riskju u r-redditu; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mas-sħab soċjali, mal-industrija tal-pensjonijiet u ma' partijiet interessati oħra, biex tiżviluppa kodiċi ta' prattika tajba għall-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li jindirizzaw kwistjonijiet bħal kopertura aħjar tal-impjegati, il-fażi tal-ħlas, qsim tar-riskju u l-mitigazzjoni, kost-effettività, u l-assorbiment xokk b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza l-benefiċċju reċiproku li jittejjeb l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri

32. Jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli timmira fondi tal-UE – b'mod partikolari permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (ESF) – biex tappoġġa proġetti mmirati lejn it-tixjiħ attiv u b'saħħtu fil-post tax-xogħol, u l-Programm għall-Bidla soċjali u l-Innovazzjoni (PSCI), biex tipprovdi appoġġ finanzjarju u prattiku lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali li taħt il-kontroll tal-Parlament Ewropew, qed jikkunsidraw li jimplimentaw gradwalment skemi ta' pensjoni supplimentari kosteffikaċji, soġġetti għal sorveljanza min-naħa tal-Parlament;

***Il-Pensjonijiet ta' ħaddiema mobbli;***

33. Jirrikonoxxi l-eteroġeneità sinifikanti ta' skemi tal-pensjoni fl-UE kollha iżda jenfasizza l-importanza li l-ħaddiema jkunu jistgħu jibdlu l-impjieg fi ħdan l-Istat Membru tagħhom jew 'il barra minnu; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit li l-ħaddiema mobbli jkunu jistgħu jakkwistaw u jippreservaw drittijiet tal-pensjoni okkupazzjonali; japprova l-approċċ iffavorit mill-Kummissjoni li jiffoka fuq is-salvagwardja tal-akkwist u l-preservazzjoni tad-drittijiet għall-pensjonijiet, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet fissi għall-pensjonijiet ta' ħaddiema mobbli huma ttrattati skont dawk ta'

membri attivi jew dawk ta' nies irtirati; jinnota r-rwol importanti li l-Kummissjoni jista' jkollha fit-tneħħija tal-ostakoli għal moviment liberu, inklużi dawk li jfixklu l-mobbiltà; huwa tal-fehma li, apparti mill-ostakoli tal-lingwa u kunsiderazzjonijiet tal-familja, il-mobbiltà fis-suq tax-xogħol qed tiġi mfixkla minn perjodi twal ta' vestiment jew restrizzjonijiet tal-età u jistieden lill-Istati Membri biex inaqsuhom; jenfasizza li kwalunkwe azzjoni li tipromowovi l-mobbiltà għandha tkun ibbilanċjata bil-provvista kosteffikaċi ta' skemi tal-pensjoni supplimentari u għandha tqis in-natura tal-iskemi tal-pensjoni nazzjonali;

34. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni biex tevalwa r-rabtiet possibbli bejn ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u "ċerti" skemi ta' pensjoni okkupazzjonali; jenfasizza d-diffikultajiet prattiċi esperjenzati meta r-regolament imsemmi jiġi applikat għas-sistemi tas-sigurtà soċjali ferm differenti fost is-27 Stati Membri tal-UE. jirreferi għad-diversità tas-sistemi tal-pensjonijiet fi ħdan l-UE u għalhekk għall-kumplessità tal-applikazzjoni ta' approċċ ta' koordinazzjoni għall-għexieren ta' eluf ta' skemi tal-pensjoni tassew diverġenti li qegħdin joperaw fl-Istati Membri; jiddubita, għalhekk, il-prattikabbiltà tal-applikazzjoni ta' tali approċċ fil-qasam tal-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali kumplimentari;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu b'mod ambizzjuż biex jistabbilixxu u jżommu servizzi ta' traċċjar, possibbilment fuq l-internet, li jippermettu liċ-ċittadini jittraċċjaw id-drittijiet tal-pensjoni tagħhom kemm dawk relatati mal-impjieg kif ukoll dawk li mhumiex u b'hekk jagħmlu deċiżjonijiet f'waqthom u infurmati tajjeb dwar tfaddil tal-pensjoni addizzjonali u individwali (it-tielet pilastru); jitlob għal koordinazzjoni f'livell tal-UE biex tiġi żgurata kompatibbiltà adegwata tas-servizzi nazzjonali għall-ittraċċjar; jilqa' l-proġġett pilota tal-Kummissjoni f'dan il-qasam u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pilota jkun komplimentat minn valutazzjoni tal-impatt dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-provvista ta' informazzjoni konsolidata dwar il-pensjoni liċ-ċittadini tal-UE, b'mod aċċessibbli;

36. Jinnota li, meta żviluppati b'mod sħiħ, is-servizzi tat-traċċar tal-pensjonijiet għandhom idealment ikopru mhux biss il-pensjonijiet tax-xogħol, iżda wkoll l-iskemi tat-tielet pilastru u informazzjoni individwalizzata dwar drittijiet tal-ewwel pilastru;

37. Jiddubita l-ħtieġa għal-fond tal-UE għall-pensjoni ta' riċerkaturi;

38. Jikkunsidra l-fatt li l-persuni inġenerali ikollhom ħajja aktar twila, b'saħħitha u aktar sinjura bħala wieħed mill-akbar kisbiet tas-soċjetà moderna; jitlob li jkun hemm ton pożittiv fid-dibattitu dwar it-tixjiħ, li min-naħa jindirizza l-isfida sinifikanti, iżda li jista' jingħeleb, li tippreżenta t-tixjiħ, filwaqt li min-naħa l-oħra jaħtaf l-opportunitajiet offruti mit-tixjiħ u "l-ekonomija tal-fidda"; jirrikonoxxi r-rwol attiv ħafna u ta' valur li għandhom l-anzjani fis-soċjetajiet tagħna;

***Reviżjoni tad-Direttiva IORP:***

39. Jenfasizza li l-għan tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Attivitajiet u s-Superviżjoni ta' Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Irtirar Okkupazzjonali (id-Direttiva IORP) għandu jkun li l-pensjonijiet okkupazzjonali fl-Ewropa kollha jinżammu adegwati, sostenibbli u sikuri billi jinħoloq ambjent li jistimula aktar il-progress fis-suq intern u nazzjonali f'dan il-qasam, billi tiġi pprovduta protezzjoni b'saħħitha għall-pensjonanti attwali u futuri u billi tiġi adattata, b'mod flessibbli, id-diversità transkonfinali u transsettorjali tal-iskemi eżistenti;

40. Jemmen li l-iżgurar li sistemi tat-tieni pilastru tal-UE jikkonformaw ma' regoli prudenti sodi hija determinanti sabiex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni għall-membri u l-benefiċarji u jiġi rrispettat il-mandat tal-G20, li skontu l-istituzzjonijet finanzjarji kollha għandhom ikunu soġġetti għall-regolamentazzjoni xierqa u superviżjoni adegwata;

41. Jitlob li f'dan il-kuntest, l-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE għandhom jirrispettaw l-għażliet meħuda mill-Istati Membri fir-rigward tal-forrnituri tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru;

42. Jenfasizza li kwalunkwe xogħol regolatorju ieħor tal-UE fir-rigward ta' miżuri prekawzjonarji għandu jinbena fuq analiżi soda tal-impatt li għandha tinkludi d-dispożizzjoni li prodotti simili jkunu suġġetti għall-istess standards prudenti, għall-provvediment adegwat u l-mobbiltà tal-ħaddiema fl-Unjoni, u għandu jkollu l-għan ġenerali li jissalvagwardja l-intitolamenti akkumulati tal-impjegati; jenfasizza li kwalunkwe xogħol regolatorju ieħor tal-UE fir-rigward ta' miżuri prekawzjonarji għandu jinbena wkoll fuq djalogu attiv mas-sħab soċjali u mal-partijiet interessati l-oħra u fuq fehim ġenwin dwar l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u r-rispett lejhom; jenfasizza li s-sistemi tal-pensjoni huma integrati sew fiċ-ċirkostanzi

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

kulturali, soċjali, politiċi u ekonomiċi ta' kull Stat Membru; jenfasizza li l-fornituri kollha tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru, tkun xi tkun il-forma legali tagħhom, għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni soda u proporzjonata li tqis il-karatteristiċi tan-negozju tagħhom, b'mod partikolari dawk iffukati fuq perjodu twil;

43. Jinsisti li l-pensjonijiet tat-tieni pilastru, irrispettivament mill-fornituri tagħhom, m'għandhomx ikunu pperikolati mir-regolamentazzjoni tal-UE li ma tqisx il-perspettivi tagħhom fuq perjodu twil;

44. Iqis li l-proposti tal-Kummissjoni rigward il-miżuri prekawzjonarji mhux talli għandhom jidentifikaw u jqisu d-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali, iżda għandhom japplikaw ukoll il-prinċipju "tal-istess riskju, l-istess regoli" fi ħdan kull sistema nazzjonali u pilastru rispettiv; jenfasizza li l-miżuri għandhom ikunu strettament konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità f'termini ta' evalwazzjoni tal-għanijiet u l-benefiċċji kontra l-piżijiet finanzjarji, amministrattivi u tekniċi involuti u jqisu l-bilanċ ġust bejn l-infiq u l-benefiċċji;

45. Iqis bħala utli, fir-rigward tal-miżuri prekawzjonarji kwalitattivi, il-proposti li jikkonċernaw il-governanza korporattiva msaħħa u l-ġestjoni tar-riskju – flimkiem ma' proposti li jirrigwardaw it-trasparenza mtejba u l-obbligi tal-iżvelar ta' informazzjoni, kif ukoll l-iżvelar tal-infiq u t-trasparenza tal-istrateġiji ta' investiment, u dawn għandhom jitressqu fil-qafas ta' kwalunkwe reviżjoni, dment li jiġu rispettati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; jinnota li, minħabba d-differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri, il-konverġenza tal-miżuri prekawzjonarji kwalitattivi fil-livell tal-UE hija aktar fattibbli fuq terminu qasir ta' żmien milli l-konverġenza tal-miżuri prekawzjonarji kwantitattivi;

46. Mhuwiex konvint li, skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa, huwa xieraq li jkun hemm rekwiżiti fil-livell Ewropew fir-rigward ta' kapital proprju jew ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ; jirrifjuta, bi qbil ma' dan ir-raġunament, kwalunkwe reviżjoni tad-Direttiva IORP immirata biex tikseb dan; jemmen, madanakollu, li l-Istudju dwar l-Impatt Kwantitattiv (QIS) li qed isir bħalissa mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), kif ukoll l-analiżi ta' segwitu possibbli għal dak l-istudju, għandhom jitqiesu sew f'dan il-kuntest ta' politika; jenfasizza li jekk dawn ir-rekwiżiti kellhom jiġu introdotti aktar tard, l-applikazzjoni diretta għar-rekwiżiti ta' Solvenza II għall-IORP ma tkunx l-aħjar strument;

47. Ifakkar li d-Direttiva dwar il-Fondi tal-Pensjonijiet tapplika biss għal skemi tal-pensjoni volontarji u ma tkopri l-ebda strument li jkun parti mill-iskema tal-pensjoni pubblika obbligatorja;

48. Jenfasizza li jeżistu differenzi kbar bejn prodotti ta' assigurazzjoni u IORPs; jenfasizza li kwalunkwe applikazzjoni diretta ta' rekwiżiti kwantitattivi ta' Solvenza II għall-IORPs ma tkunx xierqa u tista' tkun potenzjalment ta' ħsara għall-interessi kemm tal-ħaddiema u kemm ta' min iħaddem; jopponi, għalhekk, l-applikazzjoni mingħajr adattament tar-rekwiżiti ta' Solvenza II għall-IORPs, filwaqt li jibqa' miftuħ għal approċċ li jfittex is-sigurtà u s-sostenibbiltà;

49. Jenfasizza li s-sħab soċjali (jiġifieri min iħaddem u l-ħaddiema) għandhom responsabbiltà komuni għall-kontenut tal-arranġamenti tal-pensjonijiet tax-xogħol; jenfasizza li ftehimiet kuntrattwali bejn is-sħab soċjali jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti f'kull żmien b'mod partikolari fir-rigward tal-bilanċ bejn riskji u benefiċċji li skema tal-pensjoni okkupazzjonali timmira li tilħaq;

50. Iqis li l-iżvilupp ulterjuri ta' mudelli ta' solvenza fil-livell tal-UE, bħall-Karta tal-Bilanċ Olistika (HBS), ikun utli biss jekk l-applikazzjoni tagħhom, fuq il-bażi ta' analiżi soda tal-impatt, turi li tkun realistika f'termini prattiċi u effettiva f'termini ta' spejjeż u benefiċċji, b'mod partikolari minħabba d-diversità tal-IORPs fi ħdan l-Istati Membri; jenfasizza li kwalunkwe żvilupp addizzjonali ta' varjazzjonijiet ta' Solvenza II jew ta' HBS m'għandux ikollu l-għan li jintroduċi dispożizzjonijiet bħal dawk ta' Solvenza II;

51. Jinnota varjetà kbira fid-disinn tal-pjanijiet tal-pensjoni, li jvarjaw minn benefiċċji definiti (BD) għal kontribuzzjoni definita (KD) jew skemi mħallta; jinnota wkoll ċaqliqa minn skemi BD għal skemi KD jew it-twaqqif ta' pilastri ffinanzjati b'mod obbligatorju f'xi Stati Membri; jenfasizza li dan iżid il-bżonn ta' aktar trasparenza u forniment ta' informazzjoni aħjar liċ-ċittadini rigward il-benefiċċji mwiegħda, il-livelli ta' spiża u l-istrateġiji ta' investiment;

52. Jirrimarka li l-idea li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni bejn assigurazzjoni fuq il-ħajja u IORPs tat-tieni pilastru hija relevanti biss sa ċertu punt, minħabba d-differenzi kbar bejn prodotti ta' assigurazzjoni u IORPs li jiddependu fuq il-profil tar-riskju, il-grad ta' integrazzjoni fis-suq finanzjarju u l-karattru ta' kwalunkwe fornitur partikolari

li jkun favur il-profitt jew mhux għall-profitt; jirrikonoxxi li minħabba kompetizzjoni bejn il-fornituri ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u IORPs tat-tieni pilastru, huwa essenzjali li prodotti bl-istess riskji jkunu soġġetti għall-istess regoli biex jiġi evitat li jkunu żgwidati l-benefiċjarji u jiġu pprovduti bl-istess livell ta' protezzjoni prudenzjali;

***Protezzjoni tal-penzjonijiet okkupazzjonali tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza***

53. Jemmen li fil-każ ta' insolvenza t-talbiet skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94/KE għandhom ikunu konsistentement ssalvagwardati fl-Istati Membri kollha;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti ħarsa ġenerali komprensiva fuq is-sistemi u l-miżuri nazzjonali tas-sigurtà soċjali u, jekk jiġu identifikati inadegwatezzi f'dik l-evalwazzjoni, tfassal proposti tal-UE mtejba sabiex tiżgura li mekkaniżmi affidabbli, sempliċi, kosteffiċjenti u proporzjonati għal protezzjoni tad-drittijiet tal-pensjonijiet okkupazzjonali jiġu stabbiliti fl-UE kollha;

55. jinnota li f'xi Stati Membri, dawk li jħaddmu diġà jsostnu l-iskemi tal-pensjoni tagħhom permezz ta' skemi ta' protezzjoni, segregazzjoni tal-assi, tmexxija indipendenti ta' skemi u status ta' kreditur ta' prijorità ta' skemi ta' pensjoni qabel l-azzjonisti fil-każ ta' insolvenza ta' kumpanija;

56. Jenfasizza li kwistjonijiet rigward il-protezzjoni tal-pensjoni f'każ ta' insolvenza huma relatati mill-qrib ma' aspetti importanti tar-reviżjoni tad-Direttiva IORP; jenfasizza li l-Kummissjoni, fl-iżvilupp ta' dawn iż-żewġ direttivi, għandha tiżgura li jkunu kongruwenti u kompatibbli b'mod sħiħ;

***Tfaddil komplimentari tal-penzjonijiet tat-tielet pilastru***

57. Jirrealizza li t-tifsira, l-iskop u l-kompożizzjoni tat-tielet pilastru hi differenti fl-Istati Membri differenti;

58. Jiddispjaċih li s-sistemi tat-tielet pilastru huma ħafna drabi aktar intensivi fir-rigward tal-kostijiet, aktar riskjużi u inqas trasparenti minn sistemi tal-ewwel pilastru; jitlob għall-istabbiltà, l-affidabbiltà u sostenibbiltà għat-tielet pilastru;

59. Jikkunsidra li f'ċertu każijiet tfaddil għall-pensjoni privata jista' jkun neċessarju biex tinbena pensjoni adegwata; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkoopera mal-Istati Membri fuq il-bażi ta' approċċ tal-aħjar prattiki u tevalwa u ttejjeb inċentivi għal tfaddil ta' pensjoni privata, b'mod partikolari għal individwi li inkella ma jibnux pensjoni adegwata;

60. Iqis li hija utli li jkun hemm valutazzjoni ta' prattiki tajba stabbiliti u proposti għall-ottimizzazzjoni ta' inċentivi;

61. Jenfasizza li l-prijorità l-aktar importanti ta' politika pubblika m'għandhiex tkun li tissussidja skemi tat-tielet pilastru, imma li tiżgura li kulħadd ikun protett adegwatament fi ħdan l-ewwel pilastru li jkun jaħdem sew u jkun sostenibbli;

62. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-vulnerabilità fil-konfront tal-kriżijiet tas-sistemi tat-tielet pilastru li huma bbażati fuq il-kapital u tagħmel rakkomandazzjonijiet biex jitnaqqas ir-riskju;

63. Jipproponi li, fil-livell nazzjonali, jiġu eżaminati l-limitazzjonijiet legali fil-kostijiet fil-konklużjoni u l-ġestjoni ta' kuntratti, fil-bdil tal-fornitur jew fil-bdil tat-tip ta' kuntratt u biex isiru rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward;

64. Jikkunsidra li l-kodiċi ta' kondotta fir-rigward tal-kwalità, il-provvista ta' informazzjoni lill-konsumaturi u l-protezzjoni tal-konsumatur fit-tielet pilastru jistgħu jżidu l-attrazzjoni lejn il-pjanijiet tal-pensjoni tat-tielet pilastru; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki eżistenti fl-Istati Membri;

65. Jappoġġa l-elaborazzjoni u t-twaqqif ta' kodiċijiet ta' kondotta volontarji fil-livell tal-UE – u possibilment skemi ta' ċertifikazzjoni tal-prodott – fir-rigward tal-kwalità, l-informazzjoni lill-konsumaturi u l-protezzjoni tagħhom fit-tielet pilastru; jekk il-kodiċijiet ta' kondotta volontarji ma jirnexxux, jirrakkomanda li l-Istati Membri jassumu kompiti regolatorji f'dawn l-oqsma;

66. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex modi kif tista' tuża aħjar il-leġiżlazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE meta tasal biex tiżgura li l-konsumaturi jingħataw pariri finanzjarji preċiżi u imparzjali dwar il-pensjoni u prodotti relatati mal-pensjonijiet;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

***It-tneħħija ta' ostakoli transkonfinali għall-investimenti tal-pensjoni, relatati mat-taxxa u l-kuntratti***

67. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati biex jilħqu ftehim, speċjalment dwar kif tkun evitata taxxa doppja u n-nuqqas ta' tassazzjoni doppja fil-qasam tal-pensjonijiet transkonfinali;

68. Iqis it-taxxi diskriminatorji wkoll bħala ostakolu kbir għall-mobbiltà transkonfinali u jitlob l-abolizzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun, għalkemm jinnota kompetenza limitata tal-UE fil-qasam tal-politika tat-taxxa tal-Istati Membri;

69. Iqis utli investigazzjoni tal-ostakoli għad-dritt kuntrattwali;

70. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi b'mod xieraq is-sħab soċjali permezz tal-istrutturi disponibbli;

***Sess***

71. 1 a. Ifakkar l-isfida tal-ġeneru rigward il-pensjonijiet; iqis li n-numru dejjem jikber ta' persuni anzjani, speċjalment nisa, li jgħixu fil-faqar huwa allarmanti; jenfasizza li l-iskemi tal-pensjoni pubbliċi tal-ewwel pilastru għandhom jiggarantixxu minn tal-anqas livell deċenti ta' għajxien għal kulħadd jenfasizza li l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol hija kruċjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjoni, peress li rati aktar għoljin ta' impjieg isaħħu t-tkabbir ekonomiku u jwasslu għall-ħlas ta' aktar primjums. Iqis li l-ugwaljanza tal-età tal-pensjoni għall-irġiel u n-nisa għandha tkun akkumpanjata minn politiki effikaċi biex jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol ma' kura għal dawk dipendenti; jenfasizza l-ħtieġa li titqies l-introduzzjoni ta' krediti tal-pensjoni relatati mal-kura bħala rikonoxximent għall-kura li tingħata lil persuni dipendenti, li normalment ma tiġix rimunerata.

72. Jilqa' t-talba espressa fil-White Paper biex l-Istati Membri jikkunsidraw l-iżvilupp ta' krediti ta' kura biex jiġi żgurat li l-perjodi ddedikati għall-kura ta' persuni dipendenti jitqiesu waqt li jkun qed jiġu kkalkolati l-intitolamenti individwali tal-penzjoni tan-nisa u l-irġiel; jenfasizza li tqassim mhux indaqs ta' responsabbiltajiet tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel – li ħafna drabi jfisser li n-nisa jkollhom impjiegi inqas sikuri, anqas imħallsa jew saħansitra mhux dikjarati u li għandhom impatt negattiv fuq l-intitolamenti tal-pensjoni – u nuqqas ta' servizzi aċċessibbli u affordabbli u faċilitajiet ta' kura u miżuri ta' awsterità reċenti f'dan il-qasam qed ikollhom impatt dirett speċjalment fuq il-possibbiltajiet tan-nisa li jaħdmu u jakkumilaw pensjoni; għahekk jistieden lill-Kummussjoni tikkummissjona studju dwar il-kwestjoni;

73. Ifakkar il-ħtieġa, għal xi Stati Membri, li jieħdu miżuri biex jeliminaw id-differenzi fil-pagi u d-dħul bejn in-nisa u l-irġiel għall-istess xogħol u d-diskrepanzi fil-kisba tal-karigi ta' responsabilità, kif ukoll l-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, li jaffettwaw ukoll il-pensjonijiet u li jirriżultaw f'differenza sostanzjali bejn il-pensjonijiet imħallsa lin-nisa u l-pensjonijiet ħafna ogħla mħallsa lill-irġiel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, minkejja kampanji, miri u miżuri numerużi fis-snin reċenti, id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel għadha mifruxa b'mod persistenti;

74. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoi tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel;

75. Jenfasizza li jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' urġenza kontra d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel fis-settur privat, ħaġa li hi partikolarment gravi f'ħafna Stati Membri;

76. Jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel bl-istess ħiliet u l-istess impjieg, peress li din tikkawża li l-introjtu tan-nisa jibqa' dejjem lura wara dak tal-irġiel u jżid in-numru għoli ta' nisa li jgħixu fil-faqar meta joħorġu bil-pensjoni ew jormlu;

77. Jenfasizza li l-għomor itwal tan-nisa ma għandux ikun il-kawża ta' diskriminazzjoni fil-kalkoli tal-pensjoni;

78. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw u infurzaw il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet għall-maternità bil-għan li n-nisa ma sofrux l-iżvantaġġi f'termini tal-pensjonijiet minħabba l-fatt li saru ommijiet matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

79. Iqis li, fi prospettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi, tinħtieġ individwalizzazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni, iżda fl-istess ħin jeħtieġ tiġi garantita s-sigurtà ta' ħafna nisa anzjani li bħalissa jiddependu mill-pensjoni tar-romol u fuq drittijiet derivati oħrajn;

80. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw ir-riċerka dwar l-impatt tal-formuli differenti ta' indiċizzazzjoni tal-pensjonijiet rigward is-sogru tal-faqar fix-xjuħija, filwaqt li jqisu d-dimensjoni tas-sessi; jistieden lill-Istati Membri jqisu b'mod partikolari l-evoluzzjoni fil-bżonnijiet tan-nies meta jixjieħu, pereżempju l-kura għal żmien twil, sabiex jiżguraw li l-anzjani, prinċipalment in-nisa, ikunu jistgħu jirċievu pensjoni adegwata u jgħixu b'dinjità;

o

o o

81. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0205

## Il-ġlieda kontra l-Frodi Fiskali, l-Evażjoni Fiskali u r-Rifuġji Fiskali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali (2013/2060(INI))**

(2016/C 055/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa (COM(2012)0722),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva (C(2012)8806),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa (C(2012) 8805),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar mezzi konkreti li jsaħħu l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa inkluż f'dak li jirrigwarda lil pajjiżi terzi (COM(2012)0351),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 dwar l-Istħarriġ Annwali ta' Tkabbir 2013 (COM(2012)0750),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2013 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu (2013/0025(COD)),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) ta' Frar 2012 dwar standards internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferazzjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-19 ta' April 2012 dwar l-appell għal modi konkreti biex jiġu miġġielda l-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' Frar 2012 ta' Richard Murphy FCA intitolat "Closing the European Tax Gap",

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0137

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 dwar kodiċi ta' kondotta fil-qasam tat-tassazzjoni tal-impriżi u r-rapport tal-Grupp tal-Kodiċi ta' Kondotta għat-Tassazzjoni tal-Intrapriżi lill-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-OECD intitolat "Addressing Base Erosion and Profit Shifting" (2013),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-ECOFIN u r-Rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa tat-22 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar il-promozzjoni ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-19 ta' April 2012 dwar proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar BKKTK ([2]),

— wara li kkunsidra l-Communiqué wara l-Laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 li seħħet f'Moska fil-15 u s-16 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar il-promozzjoni ta' governanza tajba fi kwistjonijiet fiskali ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0162/2013),

A. billi kull sena fl-UE jintilef l-ammont stmat u skandaluż ta' EUR 1 triljun fi dħul ta' taxxa potenzjali minħabba l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, li jirrappreżenta spiża ta' madwar EUR 2000 fis-sena għal kull ċittadin Ewropew, mingħajr ma jittieħdu miżuri xierqa bħala rispons ([4]);

B. billi dan it-telf jirrappreżenta: periklu għas-salvagwardja ta' ekonomija tas-suq soċjali tal-UE bbażata fuq servizzi pubbliċi ta' kwalità; theddida għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku; rigress fl-effiċjenza u s-sens ta' ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa fl-UE; u riskju għat-trasformazzjoni ekoloġika tal-ekonomija; billi jipproduċi u jiffaċilita aktar profitti żejda li jkunu detrimentali għas-soċjetà li jwasslu għal inugwaljanza, li jżidu n-nuqqas ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi u li jikkultivaw ambjent ta' defiċit demokratiku;

C. billi parti importanti mis-sostenibilità fiskali hija l-iżgurar tal-bażi tad-dħul tagħna;

D. billi l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa huma attività illegali ta' evażjoni tat-taxxa dovuta filwaqt li, min-naħa l-oħra, l-evitar tat-taxxa huwa l-użu legali iżda dubjuż tar-reġim tat-taxxa biex titnaqqas jew tiġi evitata t-taxxa dovuta, u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva tikkonsisti f'li wieħed jieħu vantaġġ mit-teknikalitajiet ta' sistema fiskali jew mid-diskrepanzi bejn żewġ sistemi fiskali jew aktar bl-iskop ta' tnaqqis fit-taxxa dovuta;

E. billi l-prattiki tal-evitar tat-taxxa, faċilitati mid-dematerjalizzazzjoni tal-ekonomija li dejjem tiżdied, iwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni dannużi għall-intrapriżi u t-tkabbir Ewropew;

F. billi l-iskala tal-frodi tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa tnaqqas il-fiduċja u l-kunfidenza taċ-ċittadini fil-ġustizzja u l-leġittimità tal-ġbir tat-taxxa u s-sistema tat-taxxa kollha kemm hi;

G. billi n-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-politiki tat-taxxa fl-UE jwassal għal spiża u piż amministrattiv sinifikanti għaċ-ċittadini u n-negozji li joperaw transkonfinalment fl-UE, u dan jista' jirriżulta f'nontassazzjoni mhux intenzjonata jew iwassal għal frodi tat-taxxa u evitar tat-taxxa;

([1]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 37.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0135.
([3]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 29.
([4]) http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/tax_fraud_evasion/index_en.htm

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

H. billi l-persistenza ta' tgħawwiġ ikkawżat minn prattiki fiskali mhux trasparenti jew li huma ta' ħsara min-naħa ta' ġurisdizzjonijiet li jagħmluha ta' rifuġji fiskali tista' twassal għal flussi artifiċjali u effetti negattivi fi ħdan is-suq intern tal-UE; billi kompetizzjoni fiskali ta' ħsara fl-UE tmur b'mod ċar kontra l-loġika ta' suq uniku; billi hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex il-bażijiet tat-taxxa jiġu armonizzati f'Unjoni ekonomika, fiskali u baġitarja li tkun dejjem eqreb;

I. billi pajjiżi li jgawdu minn programmi ta' assistenza – wara li intensifikaw il-ġbir tat-taxxi u eliminaw il-privileġġi skont il-proposti tat-Trojka – fl-aħħar snin raw ħafna mill-kumpaniji l-kbar tagħhom jitilqu biex igawdu privileġġi fiskali offruti minn pajjiżi oħra;

J. billi fil-prattika dan għadda l-piż tat-taxxi għal fuq ħaddiema u familji bi dħul baxx u sforza l-gvernijiet biex jagħmlu tnaqqis fis-servizzi pubbliċi li huwa ta' ħsara għalihom;

K. billi t-tnaqqis fl-impjiegi fil-parti l-kbira tal-awtoritajiet fiskali nazzjonali tal-Istati Membri permezz ta' miżuri ta' awsterità matul dawn l-aħħar snin ipperikola bil-kbir l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni;

L. billi l-użu ta' prattiki ta' evitar tat-taxxa minn impriżi multinazzjonali jmur kontra l-prinċipju ta' kompetizzjoni ġusta u responsabilità korporattiva;

M. billi r-rispons ta' wħud mill-kontribwenti għall-passi li ttieħdu mill-Istati Membru bħala rimedju għan-nuqqas ta' trasparenza kien li huma jgħaddu t-tranżazzjonijiet kummerċjali tagħhom minn ġurisdizzjoni oħra li għandha livell anqas ta' trasparenza;

N. billi l-miżuri nazzjonali unilaterali rriżultaw f'ħafna każijiet mhux effettivi, mhux suffiċjenti u f'ċerti każijiet ukoll ta' detriment għall-kawża, u dan jeħtieġ approċċ ikkoordinat u fuq diversi binarji fil-livelli nazzjonali, tal-UE u internazzjonali; billi l-ġlieda effettiva kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva tirrikjedi kooperazzjoni rinfurzata b'mod b'saħħtu bejn l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stati Membri differenti kif ukoll kooperazzjoni rinfurzata tal-awtoritajiet tat-taxxa ma' awtoritajiet oħra li jinfurzaw il-liġi fi Stat Membru partikolari;

O. billi, kif iddikjarat mill-OECD fir-rapport tagħha "Kif Nindirizzaw l-Erożjoni ta' Bażi u Ċaqliq tal-Profitt", il-kwistjoni ta' politika fundamentali li għandha tkun trattata hija l-fatt li l-prinċipji komuni internazzjonali li joħorġu minn esperjenzi nazzjonali sabiex jaqsmu ġurisdizzjoni fiskali ma żammewx il-pass mal-ambjent tan-negozju li qed jinbidel; billi huwa meħtieġ rwol aktar attiv mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-arena internazzjonali sabiex jaħdmu għat-twaqqif ta' standards internazzjonali bbażati fuq prinċipji ta' trasparenza, skambju ta' informazzjoni u t-tneħħija ta' miżuri fiskali ta' ħsara;

P. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma għandhomx is-saħħa ta' negozjar sabiex iġiegħlu lir-rifuġji fiskali sabiex jikkooperaw, jiskambjaw l-informazzjoni u jsiru trasparenti;

Q. billi l-ġurnalisti investigattivi, is-settur mhux governattiv u l-komunità akkademika kienu strumentali biex jikxfu każijiet ta' frodi tat-taxxa, evitar tat-taxxa u rifuġji fiskali u biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar dan;

R. billi mat-tisħiħ tal-mezzi biex jinstabu l-frodi tat-taxxa għandha tissaħħaħ ukoll il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-għajnuna għall-irkuprar tat-taxxi, l-ugwaljanza fit-trattament tat-taxxa u l-prattikabiltà għan-negozji;

S. billi l-Ministri tal-Finanzi Ewropej li ltaqgħu matul il-laqgħa ta' G20 f'Moska, fi Frar 2013, ħalfu li jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jitrattaw l-evitar tat-taxxa u kkonfermaw li l-miżuri nazzjonali biss mhumiex ser jagħtu l-effetti mixtieqa;

T. billi l-ipprezzar ta' trasferimenti li jirriżulta fl-evitar tat-taxxa jaffettwa negattivament il-baġits tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi ġie sfurzat fuqhom telf stmat ta' madwar EUR 125 biljun fi dħul fiskali annwalment, kważi darbtejn l-ammont li jirċievu bħala assistenza internazzjonali;

U. billi s-setgħa li jilleġiżlaw dwar it-tassazzjoni tinsab bħalissa fi ħdan l-Istati Membri;

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu li jħeġġu lill-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata u kkoordinata kontra r-rifuġji fiskali u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

2. Jilqa' d-determinazzjoni espressa mill-Ministri tal-Finanzi tal-G20 sabiex jindirizzaw l-erożjoni ta' bażi u ċ-ċaqliq tal-profitti;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jonoraw l-impenn tagħhom, iħaddnu l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, jimplimentaw bis-sħiħ iż-żewġ rakkomandazzjonijiet; jinsisti li l-Istati Membri jidħlu f'negozjati serji, jiffinalizzaw il-proċeduri għall-proposti leġiżlattivi pendenti kollha u japplikaw miżuri fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' frodi tat-taxxa, evażjoni tat-taxxa, evitar tat-taxxa, pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u rifuġji fiskali fit-territorji dipendenti tagħhom;

4. Jiddeplora l-fatt li l-Istati Membri għadu ma rnexxilhomx jilħqu ftehim dwar proposti leġiżlattivi ewlenin bħall-proposta tal-2008 sabiex tkun emendata d-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax jew il-Proposta tal-2011 għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni tat-Taxxa Korporattiva;

5. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress sostanzjali li sar s'issa fil-qasam tat-tassazzjoni fil-qafas tal-impenji tal-Patt Euro Plus;

6. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilità "Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa"; jistieden lill-Kummissjoni sabiex timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni taż-żewġ rakkomandazzjonijiet fl-Istati Membri kollha, u tikkonsulta u tinvolvi wkoll fil-ħidmiet tal-Pjattaforma lill-persunal tat-taxxa nazzjonali, is-sħab soċjali u t-trejdjunjins; jistieden lill-Kummissjoni biex kull sena tressaq quddiem il-Kunsill u l-Parlament rapport dwar ix-xogħol u l-kisbiet tal-Pjattaforma;

7. Iqis li l-iskop u l-kobor tal-problema, u l-urġenza tal-azzjonijiet meħtieġa huma enfasizzati mill-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji offshore sigrieti ppubblikati f'April 2013 mill-Konsorzju Internazzjonali tal-ġurnaliżmu investigattiv; għal darba oħra, minħabba dan, jitlob għal impenn Ewropew u internazzjonali msaħħaħ għat-trasparenza li għandu jirriżulta fi ftehim multilaterali, vinkolanti, internazzjonali dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni għal kwistjonijiet ta' taxxa;

***Ir-rwol tal-UE fix-xena internazzjonali***

8. Jenfasizza li l-UE għandu jkollha rwol ewlieni fid-diskussjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u r-rifuġji fiskali fl-OECD, il-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju tal-Informazzjoni għar-Raġunijiet ta' Taxxa, il-G20, il-G8 u fora multinazzjonali relevanti oħrajn; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod konsistenti jenfasizzaw, fix-xena internazzjonali, l-importanza ewlenija ta' kooperazzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa, il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u r-rifuġji fiskali; jenfasizza li l-UE għandha, fejn ikun xieraq, tikkonvinċi lil pajjiżi mhux tal-UE biex jibnu u jtejbu l-effikaċja tas-sistemi tal-ġbir tat-taxxa rispettivi tagħhom billi jadottaw il-prinċipji tat-trasparenza, tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni u tal-eliminazzjoni ta' miżuri fiskali ta' ħsara, u biex tgħinhom ħalli jagħmlu dan; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Kunsill biex jaġġornaw l-assistenza teknika u l-bini tal-kapaċità tagħhom fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

9. Jikkunsidra li huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri jawtorizzaw lill-Kummssjoni sabiex tinnegozja ftehimiet fiskali ma' pajjiżi terzi f'isem l-UE minflok ikomplu bil-prattika ta' negozjati bilaterali li jipproduċu riżultati mhux ottimali mill-punt tal-UE kollha kemm hi u ta' spiss ukoll tal-Istati Membri kkonċernati;

10. Jenfasizza l-obbligu tal-Istati Membri li kisbu [1] jew qed ifittxu li jakkwistaw assistenza finanzjarja sabiex jimplimentaw miżuri maħsuba biex isaħħu u jtejbu l-kapaċità tal-ġbir tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni testendi dan l-obbligu biex tilqa' miżuri li jittrattaw il-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

---

[1] Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li qegħdin jesperjenzaw, jew huma mhedda, b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevita milli tagħti finanzjament tal-UE, u biex tiżgura li l-Istati Membri ma jipprovdux għajnuna mill-Istat jew aċċess għal akkwist pubbliku lill-kumpaniji li jiksru l-istandards tat-taxxa tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jeħtieġu żvelar tal-informazzjoni relatata mal-penali jew kundanni għal reati relatati mat-taxxi għall-kumpaniji kollha li jressqu offerti għal kuntratti tal-akkwist pubbliku; jissuġġerixxi li l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jirrispettaw l-obbligi li kien hemm qbil dwarhom skont id-Direttiva għall-Pagamenti Tard, ikunu jistgħu jinkludu klawżola f'kuntratti tal-akkwist pubbliku li tippermetti li huma jtemmu l-kuntratt jekk fornitur sussegwentement jikser dawn l-obbligi ta' konformità mat-taxxa;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi standards komuni għal trattati tat-taxxa bejn Stati Membri u pajjiżi li qed jiżviluppaw bil-għan li tiġi evitata l-erożjoni tal-bażi fiskali għal dawn il-pajjiżi;

13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi aktar riżorsi baġitarji u persunal lil DĠ TAXUD sabiex jgħinuha tiżviluppa politiki u proposti tal-UE dwar nontassazzjoni doppja, evażjoni tat-taxxa u frodi;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jinsistu, fir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom ma' pajjiżi terzi, fuq l-applikazzjoni riġida tal-istandards tal-UE f'każijiet relatati mat-taxxa, b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali jew multilaterali futuri;

15. Jilqa' l-Att ta' Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin tal-Istati Uniti (FATCA) bħala l-ewwel pass lejn skambju awtomatiku tal-informazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa transfruntiera; jiddispjaċih, madankollu, li ttieħed approċċ bilaterali/intergovernattiv fin-negozjati mal-Istati Uniti aktar milli pożizzjoni ta' negozjar tal-UE komuni; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' reċiproċità sħiħa fl-iskambju tal-informazzjoni; jitlob għar-rispett tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta għaċ-ċittadini tal-UE f'dan il-kuntest;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jirrevedu mill-qrib u jimplimentaw kif meħtieġ ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) ta' Frar 2012;

***Mira ewlenija – L-indirizzar tad-diskrepanza fiskali***

17. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom favur mira ambizzjuża iżda realistika li sal-2020 titnaqqas bin-nofs id-diskrepanza fiskali, peress li gradwalment dan jiġġenera potenzjal ta' dħul konsiderevolment ogħla mit-taxxa mingħajr ma jiżdiedu r-rati tat-taxxa;

18. Barra minn hekk jirrikonoxxi li t-twessigħ tal-bażijiet ta' tassazzjoni diġà eżistenti, minflok iż-żieda ta' rati ta' tassazzjoni jew l-introduzzjoni ta' taxxi ġodda, jista' jiġġenera aktar dħul għall-Istati Membri;

19. Fl-aħħar jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva bbażata fuq azzjonijiet leġiżlattivi konkreti, fil-qafas tat-Trattati eżistenti, biex titnaqqas id-diskrepanza fiskali tal-UE u tiżgura li l-kumpaniji kollha li joperaw fl-UE jissodisfaw l-obbligi fiskali tagħhom fl-Istati Membri kollha fejn dawn joperaw;

20. Jenfasizza li miżuri biex inaqqsu d-diskrepanza fiskali u jindirizzaw ir-rifuġji fiskali, l-evażjoni u l-evitar jirriżultaw f'kundizzjonijiet kompetittivi ġusti u trasparenti dwar is-suq intern, jgħinu fil-konsolidament fiskali filwaqt li jnaqqsu l-livelli ta' dejn sovran, iżidu r-riżorsi għall-investiment pubbliku, itejbu l-effiċjenza u s-sens ta' ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa nazzjonali, u jgħollu l-livelli ġenerali tal-konformità mat-taxxa, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-użu tal-programm Fiscalis billi jintegraw l-istrateġija dwar id-diskrepanza fiskali fih;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibilità li tiġi introdotta tassazzjoni Ewropea f'mudelli kummerċjali transkonfinali u kummerċ elettroniku;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

***JIPPROPONI LI L-AZZJONIJIET LI ĠEJJIN IKUNU FUQ QUDDIEM NETT TAL-ISTRATEĠIJA DWAR ID-DISKREPANZA FISKALI TAL-UE:***

***Dwar il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa***

23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jallokaw persunal, riżorsi tal-għarfien u tal-baġit adegwati lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali u l-persunal tal-awditjar tat-taxxa tagħhom kif ukoll riżorsi għat-taħriġ tal-persunal tal-amministrazzjoni fiskali li jiffoka fuq kooperazzjoni transfruntiera fuq frodi u evitar tat-taxxa, u biex jiddaħħlu għodod b'saħħithom kontra l-korruzzjoni;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni immedjata fir-rigward ta' trasparenza ta' kumpaniji li jħallsu t-taxxa billi tobbliga lill-kumpaniji multinazzjonali kollha jippubblikaw ċifra sempliċi u unika għall-ammont ta' taxxa mħallas f'kull Stat Membru fejn huma joperaw;

25. Jisħaq fuq l-importanza ta' Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) u jistieden lill-Istati Membri jaqblu u jimplimentaw id-direttiva dwar il-BKKTK billi jersqu gradwalment minn skema mhux obbligatorja għal waħda obbligatorja, kif definit fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-19 ta' April 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar BKKTK;

26. Huwa tal-opinjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu azzjoni u jissospendu jew jirrevokaw il-liċenzji bankarji ta' istituzzjonijiet finanzjarji u konsulenti finanzjarji jekk jgħinu fil-frodi tat-taxxa billi joffru prodotti jew servizzi lill-klijenti li jippermettulhom jevadu t-taxxi jew li jirrifjutaw li jikkooperaw mal-awtoritajiet tat-taxxa;

27. Jilqa' l-inklużjoni tal-Kummissjoni li jiġu elenkati r-reati tat-taxxa bħala reati presupposti għal ħasil tal-flus fl-ambitu tad-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus il-ġdida (2013/0025(COD)) u jitlob għall-implimentazzjoni mingħajr dewmien tad-direttiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi proposti għal indirizzar armonizzat tal-frodi tat-taxxa taħt il-liġi kriminali, b'mod partikolari fir-rigward ta' investigazzjonijiet transfruntiera u reċiproċi; javża lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kooperazzjoni tagħha ma' korpi oħra tal-UE li jinfurzaw il-liġi, b'mod partikolari ma' awtoritajiet responsabbli mill-ħasil tal-flus, il-ġustizzja u s-sigurtà soċjali;

28. Jistieden lill-Istati Membri biex ineħħu l-ostakoli kollha fil-liġijiet nazzjonali li jfixklu l-kooperazzjoni u l-iskambji tal-informazzjoni dwar it-taxxa mal-istituzzjonijiet tal-UE u fl-Istati Membri, filwaqt li jiżguraw ukoll protezzjoni effettiva tad-dejta tal-kontribwenti;

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika l-oqsma fejn ir-regolamenti tal-UE u l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri jkunu jistgħu jittejbu sabiex jitnaqqsu l-frodi tat-taxxa, inkluż l-użu xieraq tal-programmi Fiscalis u Customs;

30. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tal-qafas ġdid għal kooperazzjoni amministrattiva u jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw immedjatament dan il-qafas;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu data b'evidenza konklużiva ta' reati relatati mal-evażjoni tat-taxxa minn reġistri oħrajn miżmuma mill-gvern, bħal bażijiet tad-data dwar vetturi, artijiet, jottijiet u assi oħra, u jaqsmu dan ma' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni;

32. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu implimentati strateġiji ġodda u li jsir użu aktar effiċjenti mill-istrutturi eżistenti tal-UE sabiex tiġi miġġielda aħjar il-frodi tal-VAT, speċjalment frodi karusell; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kunsill biex jadotta u jimplimenta fil-pront id-Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida kontra l-frodi tal-VAT;

33. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ikomplu u jaġġornaw, taħt il-Programm Fiscalis 2020 il-ġdid, il-kontrolli simultanji sabiex jiskopru u jiġġieldu l-frodi tat-taxxa transfruntiera, u biex jiffaċilitaw il-preżenza ta' uffiċjali barranin fl-uffiċċji ta' amministrazzjonijiet tat-taxxa u matul inkjesti amministrattivi; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni aktra qawwija bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u korpi oħra tal-infurzar tal-liġi, speċjalment bil-għan li jiskambjaw l-informazzjoni miksuba fir-rigward ta' investigazzjonijiet marbuta ma' ħasil tal-flus u reati tat-taxxa relatati;

34. Ifakkar li l-eliminazzjoni tal-ekonomija informali ma tistax isseħħ mingħajr ma jiġu offruti inċentivi xierqa; jissuġġerixxi, barra minn hekk, li l-Istati Membri jridu jirrappurtaw, permezz ta' tabella ta' valutazzjoni, sa liema punt irnexxielhom inaqqsu l-ekonomiji informali tagħhom;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

35. Jappoġġja l-isforzi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) biex tintroduċi Identifikaturi ta' Entità Ġuridika bħala pass biex ikunu żgurati t-traċċabilità u trasparenza ta' tranżazzjoni finanzjarja, li għandhom parti ewlenija fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa;

36. Jinnota li l-eliminazzjoni tal-privileġġi fiskali tista' tagħti lok għall-implimentazzjoni ta' riformi komprensivi li jwasslu għal sistema fiskali sempliċi, ġusta u li tinftiehem;

37. Jinnota li l-proċedimenti legali kontra l-frodi tat-taxxa huma kkumplikati u jieħdu fit-tul, u li dawk li jinstabu ħatja, fl-aħħar, jirċievu sentenzi relattivament ħfief, li jbiddlu l-frodi tat-taxxa f'reat pjuttost ħieles mir-riskji;

38. Jenfasizza l-potenzjal għall-gvern elettroniku li jżid it-trasparenza u jiġġieled il-frodi u l-korruzzjoni, b'hekk jgħin biex jiġu protetti l-fondi pubbliċi; jisħaq fuq il-bżonn ta' leġiżlazzjoni li tippermetti l-innovazzjoni kontinwa;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod speċifiku l-problema tal-iżbilanċi ibridi bejn is-sistemi tat-taxxa differenti użati fl-Istati Membri;

40. Jinnota, madankollu, li billi l-VAT huwa "riżorsa proprja", l-evażjoni tat-taxxa f'dak il-qasam għandu infuwenza diretta kemm fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri kif ukoll il-baġit tal-UE; ifakkar li, skont il-Qorti tal-Awdituri, "l-evażjoni tal-VAT taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri;" din għandha impatt fuq il-baġit tal-UE minħabba li twassal għal Riżorsi Proprji aktar baxxi bbażati fuq il-VAT; dan it-telf huwa kkumpensat mir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, li jfixkel il-kontribuzzjonijiet individwali tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE. Barra minn hekk, il-frodi tat-taxxi ddgħajjef il-funzjonament tas-suq intern u tostakola l-kompetizzjoni leali' [1];

41. Jinnota li s-sistema tal-VAT tal-UE tipprovdi parti sinifikanti mid-dħul pubbliku – 21 % fl-2009 [2] – imma hija wkoll il-kawża ta' livelli għoljin kemm ta' spejjeż ta' konformità mhux neċessarji kif ukoll ta' evitar tat-taxxa;

42. Jinnota li minn mindu ġie introdott il-VAT, il-mudell għall-ġbir tiegħu baqa' ma nbidilx; jenfasizza li billi dan il-mudell huwa antik, minħabba l-ħafna tibdil li sar fl-ambjent teknoloġiku u ekonomiku, il-fatt li jibqa' jintuża jwassal għal telf sostanzjali;

43. Jenfasizza li t-tħaddim korrett tas-sistema doganali għandu konsegwenzi diretti fir-rigward tal-kalkolu tal-VAT; jinsab imħasseb sew li l-kontrolli doganali fl-UE mhux qed jaħdmu kif suppost, li jirriżultaw f'telf sinifikanti ta' VAT [3]; jidhirlu li hija inaċċettabbli li f'ħafna mill-Istati Membri, l-awtoritajiet tat-taxxa ma għandhomx aċċess dirett għad-data doganali u li għalhekk mhuwiex possibbli li jkun hemm kontrokontrolli awtomatizzati mad-data tat-taxxi; jinnota li l-kriminalità organizzata hija konxja sew tan-nuqqasijiet tas-sistema attwali;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li jwaqqfu miżuri li jippermettu l-użu soċjali mill-ġdid ta' fondi konfiskati bi proċeduri kriminali f'każijiet ta' frodi tat-taxxa u evitar tat-taxxa; għalhekk jitlob sabiex parti sostanzjali mill-fondi konfiskati jerġgħu jintużaw għal skopijiet soċjali u sabiex jerġgħu jiġu injettati fl-ekonomiji lokali u reġjonali li jkunu affetwati minn reati tat-taxxa direttament jew indirettament;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu ambjent fejn ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-espożizzjoni ta' każijiet ta' frodi tat-taxxa u rifuġji fiskali ikun kompletament protett, fost l-oħrajn bit-twaqqif ta' sistemi effettivi għall-protezzjoni ta' żvelaturi u sorsi ġurnalistiċi;

(1) Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 13/2011, p. 11, paragrafu 5.

(2) Parlament Ewropew, Direttorat-Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku A (Politika Ekonomika u Xjentifika): "Simplifying and Modernising VAT in the Digital Single Market" (IP/A/IMCO/ST/2012_03), Settembru 2012, http://www.europarl.europa.eu/committees/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=75179

(3) Skont il-Qorti tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 13/2011, sabet li l-applikazzjoni tal-proċedura doganali 42 biss irrappreżentat telf estrapolat fl-2009 ta' madwar EUR 2 200 miljun fir-rigward tas-seba' Stati Membri vverifikati mill-Qorti, li jirrappreżenta 29 % tal-VAT applikabbli teoritikament fuq l-ammont taxxabbli tal-importazzjonijiet kollha li saru taħt il-proċedura doganali 42 fl-2009 f'dawk is-seba' Stati Membri;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

***Dwar l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva***

46. Jistieden lill-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prijorità, jadottaw u jimplimentaw id-Direttiva dwar it-Tfaddil emendata sabiex jiġu eliminati n-nuqqasijiet tad-Direttiva eżistenti u tiġi evitata l-evażjoni tat-taxxa b'mod aħjar;

47. Jilqa' d-diskussjonijiet internazzjonali dwar l-aġġornament tal-linji gwida tal-OECD dwar l-ipprezzar ta' trasferimenti, jiġifieri ċ-ċaqliq ta' profitti ta' rifuġji fiskali sabiex tkun evitata t-taxxa kemm f'pajjiżi żviluppati u kemm f'dawk li qed jiżviluppaw; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu azzjoni immedjata, u jirrevedu r-regoli attwali dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti, b'mod partikolari b'rabta maċ-ċaqliq ta' riskji u assi intanġibbli, il-qsim artifiċjali tas-sjieda ta' assi bejn entitajiet legali fi grupp, u tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet li rari jseħħu bejn entitajiet indipendenti; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa s-sistema ta' ftehim minn qabel ta' prezzijiet applikabbli għall-ipprezzar ta' trasferiment, fejn għandu jiżdied rekwiżit ġdid mal-obbligi eżistenti taħt il-linji gwida tad-Dokumentazzjoni dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment tal-UE. jissuġġerixxi li d-dokumentazzjoni, kif ukoll ir-rekwiżiti għad-dikjarazzjoni tat-taxxa, għandhom ikunu usa' għal tranżazzjonijiet ma' ġurisdizzjonijiet fuq il-"lista s-sewda";

48. Jilqa' l-progress magħmul fuq ir-rapportar pajjiż b'pajjiż skont id-Direttivi dwar il-Kontabilità u t-Trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi, bħala l-pass li jmiss, rappurtar ta' pajjiż b'pajjiż għal kumpaniji transfruntieri fis-setturi kollha, billi tiżdied it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet tal-pagamenti – billi jinħtieġ żvelar tal-informazzjoni bħan-natura tal-attivitajiet tal-kumpaniji u l-post ġeografiku tagħhom, id-dħul, in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal "full-time", il-profitt jew it-telf qabel it-taxxa, it-taxxa fuq il-profitt jew it-telf, u s-sussidji pubbliċi rċevuti fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż għall-kummerċjalizzazzjoni ta' grupp fis-sħuħija tiegħu – sabiex jiġi mmonitorjat ir-rispett għal regoli xierqa għall-ipprezzar ta' trasferiment;

49. Jitlob biex il-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus tiġi kkumplimentata billi jiġi introdott l-obbligu li jinħolqu reġistri tal-gvern disponibbli għall-pubbliku tas-sjieda ta' benefiċċji ta' kumpaniji, trusts, fondazzjonijiet u strutturi legali simili oħrajn;

50. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-effettività tal-Kodiċi tal-Kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi billi jitkellmu fil-livell tal-Kunsill fejn jinħtieġu deċiżjonijiet politiċi mill-aktar fis; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintervjeni b'mod attiv f'każijiet fejn il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ma jkunx jista' jaqbel dwar proċeduri biex jitneħħew id-diskrepanzi fis-sistemi tat-taxxa nazzjonali;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji u tippromwovi Kodiċi tal-Kondotta għall-awdituri u l-konsulenti; jistieden lid-ditti tal-awditjar biex javżaw lill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali dwar kwalunkwe sinjal ta' pjanifikazzjoni tat-taxxa aggressiva mill-kumpanija awditjata;

52. Huwa tal-opinjoni li l-awdituri m'għandhomx ikunu permessi li jipprovdu servizzi mhux tal-awditjar ipprojbiti, u li servizzi ta' konsultazzjoni dwar it-taxxa relatati ma' tranżazzjonijiet ta' strutturar u konsultazzjoni tat-taxxa għandhom jitqiesu bħala tali;

53. Jirrimarka li l-identifikazzjoni xierqa tal-kontribwenti hija kruċjali biex jirnexxi l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-ħolqien ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-UE (TIN), applikabbli għall-persuni ġuridiċi u naturali kollha impenjati fi tranżazzjonijiet transkonfinali; huwa tal-opinjoni li t-TIN għandu jkun marbut ma' bażi tad-dejta internazzjonali u miftuħa għal Sistema ta' Skambju tal-Informazzjoni tal-VAT (VIES), li jassisti fl-identifikazzjoni ta' taxxi mhux imħallsa u responsabilitajiet oħra evitati;

54. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-2013 tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji u d-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties bil-għan li jiġu riveduti u allinjati l-klawżoli anti/abbuż fiż-żewġ Direttivi u biex tiġi eliminata n-nontassazzjoni doppja faċilitata minn entitajiet ibridi u strumenti finanzjarji fl-UE;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

55. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw rapidament il-proposta tal-Kummissjoni għall-introduzzjoni ta' Regola Ġenerali Kontra l-Abbużi biex tikkumbatti l-prattiki ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u jinkludu klawżola fil-Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja tagħhom biex jimpedixxu l-okkorrenzi ta' nontassazzjoni doppja; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinjoraw kwalunkwe benefiċċju tat-taxxa li jirriżulta minn arranġamenti artifiċjali jew dawk li huma neqsin minn sustanza kummerċjali; jissuġġerixxi li jinbeda x-xogħol fuq is-sett ta' regoli standard għall-Istati Membri għall-prevenzjoni ta' tassazzjoni doppja;

56. Jilqa' x-xogħol tal-Kummissjoni biex toħloq kodiċi Ewropew għall-kontribwenti; huwa tal-opinjoni li dan il-kodiċi għandu jgħin biex din is-sistema ta' taxxa tkun iżjed leġittima u faċli biex tinftiehem, iżid il-kooperazzjoni, il-fiduċja u l-kunfidenza bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-kontribwenti, u jassisti lill-kontribwenti billi jiżgura trasparenza akbar fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom;

57. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi għall-ġbir tad-dħul li jimminimizzaw id-distanza bejn kontribwenti u awtoritajiet tat-taxxa, u jimmassimizzaw l-użu ta' teknoloġija moderna; jistieden lill-Kummissjoni biex tittratta l-punti kumplessi tal-intaxxar ta' kummerċ elettroniku permezz tal-iżvilupp ta' standards tal-UE xierqa;

58. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-pressjoni li ssir fis-settur finanzjarju, li spiss tirriżulta fl-evitar tat-taxxa legali u skemi ta' pjanifikazzjoni tat-taxxa aggressiva, issir trasparenti kemm jista' jkun;

59. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tirregola l-flussi finanzjarji li jgħaddu l-Istati Membri lejn stati li mhumiex membri fl-UE għall-iskop ta' evitar ta' taxxa u biex joħolqu qafas fiskali kompetittiv u bilanċjat;

60. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni fuq unitajiet ta' kumpaniji għall-pjanifkazzjoni ta' taxxa aggressiva, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi finanzjarji;

61. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi dettaljata tad-differenza eżistenti, fl-Istati Membri, bejn ir-rati legali u r-rati attwali tat-taxxa tal-kumpaniji sabiex jiġi żgurat li d-dibattitu dwar l-armonizzazzjoni fiskali tkun ibbażata fuq dejta oġġettiva;

62. Jistieden lill-Istati Membri biex jinnotifikaw u jippubblikaw deċiżjonijiet tat-taxxa individwali pubbliċi minn awtoritajiet nazzjonali għal kumpaniji transfruntieri; jinsisti li l-Istati Membri japplikaw rekwiżiti ta' sustanza stretti għal kumpaniji transfruntieri sabiex jiksbu deċiżjonijiet tat-taxxa;

63. Josserva li filwaqt li t-trusts sikwit jintużaw bħala mezzi għall-evażjoni tat-taxxa, jinnota bi tħassib li l-maġġoranza tal-pajjiżi ma jirrikjedux reġistrazzjoni ta' arranġamenti legali; jistieden lill-UE sabiex tintroduċi reġistru Ewropew għal trusts u entitajiet tas-segretezza oħra, bħala prerekwiżit sabiex ikun trattat l-evitar tat-taxxa;

***Dwar ir-rifuġji fiskali***

64. Jitlob approċċ komuni tal-UE fil-konfront tar-rifuġji fiskali;

65. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippromwovi l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni bħala l-istandard tal-futur Ewropew u internazzjonali għat-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' taxxa; jitlob mill-ġdid azzjoni li tmur lil hinn mill-qafas tal-OECD biex jiġu indirizzati l-flussi finanzjarji illeċiti, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa fid-dawl tan-nuqqasijiet varji tagħhom; jiddeplora l-fatt li l-OECD tippermetti li l-gvernijiet jevitaw il-lista s-sewda tagħha sempliċiment billi jwiegħdu li se jaderixxu mal-prinċipji ta' skambju ta' informazzjoni, mingħajr ma tiżgura li dawn il-prinċipji effettivament jitqiegħdu fil-prattika; iqis ukoll li r-rekwiżit li jikkonkludu ftehimiet ma' 12-il pajjiż ieħor sabiex jitneħħew minn fuq il-lista s-sewda huwa wieħed arbitrarju peress li ma jirreferi għal ebda indikatur kwalitattiv għal valutazzjoni oġġettiva tal-konformità mal-prattiki ta' governanza tajba;

66. Jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta definizzjoni ċara u sett komuni ta' kriterji biex tidentifika r-rifuġji fiskali, kif ukoll miżuri xierqa li japplikaw għal ġurisdizzjonijiet identifikati, għall-implimentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2014, u biex jiġi żgurat li dan huwa applikat b'mod konsistenti fil-leġiżlazzjoni kollha tal-UE; jissuġġerixxi li d-definizzjoni tkun ibbażata fuq l-istandards tal-OECD dwar it-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni kif ukoll fuq il-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta; jemmen, f'dan ir-rigward, li ġurisdizzjoni trid titqies bħala rifuġju fiskali jekk jiġi sodisfatt numru kbir mill-indikaturi li ġejjin:

(i) il-vantaġġi jingħataw biss lil dawk mhux residenti jew skont it-tranżazzjonijiet li jsiru ma' dawk mhux residenti,

(ii) il-vantaġġi huma separati mis-suq domestiku, sabiex ma jaffettwawx il-bażi għat-taxxa nazzjonali,

(iii) il-vantaġġi jingħataw anke mingħajr ebda attività ekonomika reali jew preżenza ekonomika sostanzjali fil-ġurisdizzjoni li toffri tali vantaġġi fiskali,

(iv) ir-regoli għad-determinazzjoni tal-profitt fir-rigward ta' attivitajiet fi grupp ta' kumpaniji multinazzjonali jkunu differenti minn prinċipji aċċettati internazzjonalment, l-aktar ir-regoli mifthiema fl-OECD,

(v) il-miżuri tat-taxxa jkunu nieqsa mit-trasparenza, inkluż meta d-dispożizzjonijiet ġuridiċi jkunu inqas stretti fil-livell amministrattiv b'mod mhux trasparenti,

(vi) il-ġurisdizzjoni ma timponi l-ebda taxxa jew taxxi nominali fuq id-dħul relevanti,

(vii) jeżistu liġijiet jew prattiki amministrattivi li ma jippermettux l-iskambju effettiv tal-informazzjoni għal raġunijiet ta' taxxa ma' gvernijiet oħra dwar kontribwenti li jibbenefikaw minn nuqqas ta' tassazzjoni jew tassazzjoni nominali, li jiksru l-istandards stabbiliti fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni dwar il-Mudell tat-Taxxa tal-OECD dwar id-Dħul u l-Kapital,

(viii) il-ġurisdizzjoni toħloq strutturi mhux trasparenti u sigrieti li jrendu mhux kompleti u mhux trasparenti l-formazzjoni u l-ħidma ta' reġistri tal-kumpaniji u reġistri ta' trusts u fondazzjonijiet,

(ix) il-ġurisdizzjoni tkun elenkata bħala Pajjiż u Territorju Nonkooperattiv mill-FATF;

67. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiġbor flimkien u toħloq lista sewda Ewropea pubblika ta' rifuġji fiskali sal-31 ta' Diċembru 2014; f'dan il-kuntest, jistieden lill-awtoritajiet relevanti:

— biex jissospendu jew itemmu l-Konvenzjonijiet eżistenti dwar it-Taxxa Doppja mal-ġurisdizzjonijiet li qegħdin fuq il-lista sewda, u jagħtu bidu għal Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja ma' ġurisdizzjonijiet li ma jibqgħux jagħmluha ta' rifuġji fiskali;

— biex jipprojbixxu l-aċċess għall-akkwist pubbliku tal-UE ta' prodotti u servizzi u biex jirrifjutaw l-għoti ta' għajnuna statali lil kumpaniji bbażati f'ġurisdizzjonijiet fuq il-"lista s-sewda",

— biex jipprojbixxu l-aċċess għall-għajnuna statali u tal-UE għal kumpaniji li jkomplu jagħmlu operazzjonijiet li jinvolvu entitajiet li jagħmlu parti mill-ġurisdizzjonijiet fuq il-"lista s-sewda",

— biex jirrevedu d-Direttivi tal-Awditjar u tal-Kontabilità biex jiġu rikjesti kontabilità u awditjar separati tal-profitti u t-telf ta' kull kumpanija azzjonarja ta' entità ġuridika tal-UE partikolari li tkun tinsab f'ġurisdizzjoni inkluża f'din il-lista sewda,

— biex jipprojbixxu istituzzjonijiet finanzjarji u konsulenti finanzjarji tal-UE milli jistabbilixxu jew ikollhom sussidjarji u fergħat fil-ġurisdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda u biex iqisu li jirrevokaw il-liċenzji għal istituzzjonijiet finanzjarji u konsulenti finanzjarji Ewropej, li jkollhom fergħat u jkomplu joperaw f'ġurisdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda,

— biex jintroduċu imposta speċjali fuq it-tranżazzjonijiet kollha minn u lejn ġurisdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda,

— biex jiżguraw it-tneħħija tal-eżenzjonijiet mit-tassazzjoni fis-sors għal individwi li mhumiex residenti għal raġunijiet ta' taxxa f'ġurisdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda,

— biex jeżaminaw firxa ta' għażliet, fl-UE, għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus legali ta' kumpaniji mwaqqfa f'ġurisdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda;

— biex japplikaw ostakli tariffarji f'każijiet ta' kummerċ ma' pajjiżi terzi fuq il-lista s-sewda,

— biex isaħħu d-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment sabiex jiġi żgurat li l-investiment ma jingħatax għal proġetti, benefiċjarji u intermedjarji minn ġurisdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda;

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

***Dimensjoni internazzjonali***

68. Huwa tal-opinjoni li l-istandards minimi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi ta' governanza tajba għandhom japplikaw b'mod espliċitu għall-Istati Membri wkoll;

69. Iħeġġeġ lill-Istati Membri joffru kooperazzjoni u assistenza lil pajjiżi terzi li qed jiżviluppaw li mhumiex rifuġji fiskali, billi jgħinuhom jindirizzaw b'mod effettiv il-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' bini ta' kapaċità; jappoġġja s-sejħa tal-Kummissjoni li għal dan l-għan l-Istati Membri għandhom jissekondaw esperti tat-taxxa f'pajjiżi bħal dawn għal perjodu ta' żmien limitat;

70. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-iżvilupp ulterjuri tal-proġett tal-Erożjoni ta' Bażi u Ċaqliq tal-Profitt (BEPS) tal-OECD permezz tal-kondiviżjoni tal-analiżi dwar skemi ta' taxxa problematiċi fi u bejn Stati Membri, u dwar liema bidliet huma meħtieġa fil-livelli tal-Istati Membri u tal-UE sabiex ikunu evitati l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, kif ukoll kwalunkwe forma ta' pjanifikazzjoni tat-taxxa aggressiva; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar dan il-proċess lill-Kunsill u lill-Parlament;

71. Jisħaq fuq il-ħtieġa li r-riżorsi tat-taxxa jiġu mmobilizzati u żgurati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (MDGs), peress li huma aktar prevedibbli u sostenibbli mill-assistenza barranija u jgħinu biex jitnaqqas id-dejn; iżda jinnota li l-proporzjonijiet tat-taxxa għall-PDG hija baxxa fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet soċjali, politiċi u amministrattivi biex jistabbilixxu sistema finanzjarja pubblika tajba, u dan jagħmilhom partikolarment vulnerabbli għall-attivitajiet ta' evażjoni u evitar tat-taxxa min-naħa ta' kontribwenti u korporazzjonijiet individwali;

72. Jieħu nota bi tħassib li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw isibu ruħhom f'pożizzjoni ta' negozjar dgħajfa ħafna fir-rigward ta' ċerti investituri diretti barranin li jkunu qed ifittxu sussidji u eżenzjonijiet tat-taxxa; iqis li fil-każ ta' investimenti mdaqqsa, il-kumpaniji għandu jkollhom l-obbligu li jieħdu impenji preċiżi dwar l-effetti konsekwenzjali pożittivi tal-proġetti f'termini ta' żvilupp ekonomiku u soċjali lokali u/jew nazzjonali;

73. Jirrimarka li l-flussi illeċiti huma spjegazzjoni ewlenija għad-dejn ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva tmur kontra l-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali korporattiva;

74. Jinnota li s-sistemi tat-taxxa f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw mhumiex konformi mal-istandards internazzjonali (minflok juru ġurisdizzjoni fiskali dgħajfa u ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni tat-taxxa, livelli għolja ta' korruzzjoni, kapaċità insuffiċjenti biex jintroduċu u jżommu sistemi tat-taxxa li jaħdmu sew, eċċ.); jistieden lill-UE tgħolli l-livell ta' assistenza tagħha fi ħdan il-kompetenza tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) f'termini ta' governanza fiskali u fl-indirizzar tal-frodi tat-taxxa internazzjonali u tal-ottimizzazzjoni eċċessiva, billi tibni l-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jindividwaw u jieħdu passi kontra prattiki mhux xierqa permezz ta' kooperazzjoni akbar fil-governanza tat-taxxa; iqis ukoll li għandu jiġi pprovdut appoġġ għar-rikonverżjoni ekonomika ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma rifuġji fiskali;

75. Jilqa' l-ewwel passi li ttieħdu bl-evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-Forum Globali (FG) fir-rigward tal-evażjoni tat-taxxa; jemmen, madankollu, illi peress li jiffokaw fuq l-iskambju ta' informazzjoni "fuq talba" tal-OECD, l-istandards tal-Forum Globali mhumiex se jkunu effettivi fit-tnaqqis tal-flussi finanzjarji illeċiti;

76. Jirrimarka li, peress li jsaħħu approċċ bilaterali għal kwistjonijiet tat-taxxa transnazzjonali – pjuttost milli wieħed multilaterali – il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja (DTA) jirriskjaw li jinkoraġġixxu l-prezzijiet ta' trasferiment u l-arbitraġġ regolatorju; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tevita milli tippromwovi tali ftehim, minflok il-ftehim għal skambju tal-informazzjoni tat-taxxa (TIEAs), għax tal-ewwel ġeneralment jirriżulta f'telf fiskali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' rati tat-taxxa minn ras il-għajn aktar baxxi fuq pagamenti ta' dividendi, interessi u royalties;

o

o o

77. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-OECD u lill-Kumitat tal-Esperti tan-NU dwar Kooperazzjoni Internazzjonali fi Kwistjonijiet ta' Taxxa, lill-Kumitat Superviżorju tal-OLAF u l-OLAF.

---

P7_TA(2013)0206

## Rapport Annwali dwar it-Taxxa: kif nilliberaw il-potenzjal tal-UE għal tkabbir ekonomiku

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport Annwali tat-Taxxa: kif tiftaħ il-potenzjal tal-UE għal tkabbir ekonomiku (2013/2025(INI))

(2016/C 055/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 26, 110 – 115 u 120 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni tar-riżervi fuq id-dħul [fuq id-dħul mit-tfaddil] fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (COM(2008)0727),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM(2012)0631),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB) (COM(2011)0121),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/96/KE li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (COM(2011)0169),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-tassazzjoni korporattiva: sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties (riformulazzjoni) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar mezzi konkreti li jsaħħu l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa inkluż f'dak li jirrigwarda lil pajjiżi terzi (COM(2012)0351),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa (COM(2012)0722),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva (C(2012)8806),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa (C(2012) 8805),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2012 bl-isem "Insaħħu s-suq uniku billi nneħħu x-xkiel fiskali transkonfinali għall-karozzi" (COM(2012)0756),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għat-taxxa fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (Fiscalis 2020) (COM(2012)0465),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM (European Economy no. 4/2012),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM – 2011 u 2012 ([2]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0318.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0011.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar riformi tat-taxxa fl-Istati Membri tal-UE (European Economy no. 6/2012),

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-OECD bl-isem "OECD's Current Tax agenda 2012" ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-OECD bl-isem "Addressing Base Erosion and Profit Shifting" ([2]),

— wara li kkunsidra d-dokument tad-Deutsche Bank tal-5 ta' Ottubru 2012 dwar l-impatt tas-sistemi tat-taxxa fuq it-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa ([3]),

— wara li kkunsidra l-istrateġija UE 2020 (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin tal-10 ta' Lulju 2012 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013" (COM(2012)0750),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2013 dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2013 ([5]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsilli tad-29 ta' Ġunju, id-19 ta' Ottubru u l-14 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-aħħar Dikjarazzjoni tal-Laqgħa tal-G20 tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali f'Moska, 15-16 ta' Frar 2013 ([6]),

— wara li kkunsidra l-programm tal-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0154/2013),

A. billi l-ekonomiji tal-UE – li f'ħafna każijiet minħabba l-attenzjoni dgħajfa fir-rigward tat-taħlita ta' politika attwali dwar l-investiment, il-kompetittività u t-tassazzjoni ġusta u effiċjenti – għandhom prospetti modesti jew negattivi fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fil-futur qarib; billi ż-żona tal-euro kollha qed tesperjenza t-tieni reċessjoni fi żmien relattivament qasir;

B. billi minn meta faqqgħet il-kriżi tad-dejn riċenti, l-istruttura tad-dħul mit-taxxa nbidlet b'mod pjuttost sinifikanti f'għadd ta' Stati Membri, u huwa diffiċli li jiġu identifikati l-effetti strutturali u ċikliċi relatati ta' dan it-tibdil; billi, fl-iżvilupp ta' politika tat-tassazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' governanza f'diversi livelli, b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istati Membri;

C. billi, minħabba l-kriżi li żvelat id-dgħufijiet strutturali ta' wħud mill-ekonomiji tal-UE, u li għadha qed tkun ta' ħsara għall-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku fl-UE, l-Istati Membri qed jaffaċċaw l-isfida diffiċli li jibbilanċaw il-baġits tagħhom u fl-istess ħin jippromwovu t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi;

D. billi, mill-bidu tal-millenju, hemm tendenza li tista' tiġi osservata fl-UE lejn l-iżvilupp ta' sistema ta' tassazzjoni aktar orjentata lejn it-tkabbir;

E. billi s-sistemi ta' tassazzjoni fl-UE għandhom ikunu orjentati biex ikunu favorevoli għan-negozju sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom biex joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi;

---

([1]) http://www.oecd.org/ctp/OECDCurrentTaxAgenda2012.pdf
([2]) http://www.oecd.org/ctp/beps.htm
([3]) http://www.dbresearch.com/PROD/DBR_INTERNET_EN-PROD/PROD0000000000295266.pdf
([4]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ecofin/131662.pdf
([5]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ecofin/135430.pdf
([6]) http://www.g20.org/news/20130216/781212902.html

**It-Tlieta 21 ta’ Mejju 2013**

F. billi f'ambjent ta’ tkabbir bil-mod u reċessjoni, id-devoluzzjoni tardiva tal-ħlas antiċipat tat-taxxa toħloq problemi ta’ likwidità addizzjonali għall-korporazzjonijiet;

G. billi l-impatt tal-kriżi għandu jittaffa permezz ta’ politika tat-tassazzjoni kompatibbli mal-għanijiet tal-Istrateġija UE-2020 u dan għandu jkun prijorità;

H. billi l-ħtieġa li tiġi rrestawrata l-kredibilità tal-politiki baġitarji, u li jitnaqqas id-dejn sovran tal-Istati Membri tinneċessità modifika tal-ispejjeż baġitarji, implimentazzjoni rapida ta’ riformi strutturali favorevoli għat-tkabbir, titjib fil-metodi ta’ ġbir tat-taxxa u modifiki ta’ xi taxxi, filwaqt li tingħata prijorità, fejn ikun xieraq, fir-rigward ta’ dawk it-taxxi imposti fuq il-kapital, fuq attivitajiet ta’ ħsara għall-ambjent u fuq ċerti tipi ta’ konsum minflok fir-rigward ta’ dawk it-taxxi imposti fuq ix-xogħol;

I. billi l-iżvilupp ta’ politika intelliġenti u attiva fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali huwa fundamentali għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas, għat-titjib fit-tkabbir u għal prospetti ta’ tkabbir sostenibbli;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jinnota li l-politika fiskali hija kompetenza nazzjonali u li b’hekk is-sistemi ta’ tassazzjoni differenti tal-Istati Membri għandhom jiġu rrispettati; jinnota li t-trasferiment tal-kompetenzi fil-qasam tat-tassazzjoni mil-livell nazzjonali għal dak tal-Unjoni, jirrikjedi bidla fit-Trattat, li mbagħad tirrikjedi l-ftehim unanimu tal-Istati Membri kollha; jinnota wkoll, madankollu, li dan ma jeskludix il-koordinazzjoni effettiva tal-arranġamenti fiskali fil-livell Ewropew; jenfasizza li fl-iżvilupp ta’ politika tat-tassazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati b’mod sħiħ il-prinċipji ta’ sussidjarjetà u ta’ governanza f'diversi livelli, b’konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istati Membri;

2. Jinnota li d-disinn ottimali tas-sistemi ta’ tassazzjoni jiddependi fuq bosta fatturi, u b’hekk ivarja minn pajjiż għall-ieħor; jenfasizza li l-ippjanar u l-aġġustament xierqa tal-politiki tat-tassazzjoni fiż-żmien qasir, medju u twil huma indispensabbli;

3. Jenfasizza t-titjib li sar fil-qasam tal-koordinazzjoni ta’ politiki tat-tassazzjoni, iżda jirrimarka li l-intrapriżi u ċ-ċittadini tal-UE involuti f'attivitajiet transfruntiera xorta għadhom qed jaffaċċaw spejjeż, piżijiet amministrattivi u lakuni legali konsiderevoli li jeħtieġ li jiġu eradikati kemm jista’ jkun malajr sabiex ikunu jistgħu jifhmu l-benefiċċji sħaħ tas-suq uniku;

4. Jinnota li l-kompetizzjoni ġusta u b’saħħitha fost is-sistemi ta’ tassazzjoni differenti fis-Suq Uniku għandha effetti stimulanti fuq l-ekonomiji Ewropej; jenfasizza, min-naħa l-oħra, li l-kompetizzjoni fiskali dannuża għandha impatt ekonomiku negattiv; wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD dwar “L-Indirizzar tal-Erożjoni tal-Bażi u Trasferiment tal-Profitt”, jenfasizza li l-istituzzjonijiet funzjonali bbażati fuq qafas ġuridiku u amministrattiv sod u ġust huma ta’ importanza kruċjali;

5. Jinnota li minbarra l-iżgurar tal-konformità mal-politiki fiskali sostenibbli, sabiex jinkiseb bilanċ ekonomiku, jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri li jwasslu għat-tkabbir bħalma huma l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni fiskali, il-bidla tat-tassazzjoni lejn oqsma fiskali favorevoli għat-tkabbir u l-provvediment ta’ stimolu fiskali vijabbli kemm għall-persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll għall-impriżi żgħar u medji (SMEs), speċjalment bl-għan li jiġu promossi l-innovazzjoni u l-attivitajiet ta’ R&Ż;

6. Jenfasizza li hu fl-interess tal-impriżi u ċ-ċittadini li jkun hemm ambjent fiskali ċar, prevedibbli, stabbli u trasparenti fi ħdan is-Suq Uniku, peress li n-nuqqas ta’ trasparenza dwar ir-regoli fiskali joħloq ostakolu għall-attivitajiet transfruntiera u għall-investimenti domestiċi u barranin fl-UE; jissuġġerixxi li għandu jkun hemm iktar informazzjoni u informazzjoni aħjar disponibbli għall-individwi u l-impriżi fir-rigward tar-regoli, ir-rekwiżiti u r-regolamenti fiskali f'kull Stat Membru;

7. Jirrakkomanda, li l-Istati Membri jipproċedu b’attenzjoni meta jbiddlu t-taxxi eżistenti u jintroduċu taxxi ġodda, filwaqt li jiżguraw li dan iseħħ b’mod favorevoli għat-tkabbir, u li ċ-ċittadini u s-settur tan-negozju jkollhom biżżejjed ħin u mezzi adegwati biex iħejju ruħhom qabel ma jidħlu fis-seħħ il-miżuri fiskali l-ġodda;

8. Huwa kkonċernat dwar l-effetti li jista’ jkollha l-bidla f’ħafna Stati Membri lejn tassazzjoni iktar estensiva tal-konsum fuq l-inugwaljanzi soċjali; jistieden lill-Istati Membri joqogħdu attenti għal din il-problema potenzjali u jistudjaw bir-reqqa l-implikazzjonijiet negattivi tat-tnaqqis fil-progressività tas-sistema tat-tassazzjoni b’mod globali; jemmen li għandu jkun hemm ċertu livell ta’ flessibilità fis-sistema tal-VAT, fejn – f’każijiet debitament ġustifikati kif previst bid-Direttiva dwar sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, relatati pereżempju mal-kultura jew il-ħtiġijiet bażiċi – xi kategoriji ta’ prodotti jistgħu jkunu ntaxxati b’rati inqas mir-rata standard;

9. Jifhem li sabiex il-baġit tal-UE jsir strument utli biex jiżdied it-tkabbir, ir-riżorsi proprji huma neċessarji sabiex ikun hemm iktar awtonomija għall-Kummissjoni fil-proposti tagħha;

***L-identifikazzjoni ta’ riżorsi moħbija li jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir permezz tal-politika tat-tassazzjoni***

10. Jinnota li l-iżvilupp ekonomiku jiddependi fuq fatturi bħama huma x-xogħol, il-kapital, il-progress teknoloġiku, l-effiċjenza tar-riżorsi u l-produttività, u li l-politika tat-tassazzjoni għandha tagħti attenzjoni bir-reqqa lil dawn il-fatturi fuq żmien qasir, medju u twil; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta’ teħid tad-deċiżjonijiet miftiehem għal dan l-għan;

11. Jinnota li l-politika tat-tassazzjoni għandha titfassal bl-għan li ssaħħaħ l-ekonomija, fost affarijiet oħra permezz tal-bini ta’ strutturi tat-taxxa li jistimulaw id-domanda aggregata fuq perjodu ta’ żmien fit-tul, jiffaċilitaw attivitajiet orjentati lejn l-esportazzjoni, jistimulaw il-ħolqien tax-xogħol u jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli;

12. Jassumi li ż-żiediet fit-taxxa f’ċerti oqsma, bħad-dazji tas-sisa, jista’ jkollhom xi effetti pożittivi billi jinkanalaw riżorsi addizzjonali, u b’hekk ikunu ta’ benefiċċju għaċ-ċittadini u għall-ekonomika reali;

13. Jenfasizza li l-provvediment ta’ inċentivi fiskali għar-riċerka u l-iżvilupp x’aktarx ikollu benefiċċji fit-tul, bħat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f’ekonomiji tal-għarfien, b’mod partikolari jekk ikunu jagħmlu parti minn strateġija fiskali ġenerali bbilanċata; jikkunsidra li dan għandu jitqies fil-livell Ewropew u dak nazzjonali;

14. Jirrikonoxxi li t-twessigħ tal-bażijiet ta’ tassazzjoni eżistenti, minflok iż-żieda ta’ rati ta’ tassazzjoni jew l-introduzzjoni ta’ taxxi ġodda, jista’ jiġġenera aktar dħul għall-Istati Membri;

15. Ifakkar li t-tnaqqis fit-taxxi għandu jkun imsejjes fuq politika fiskali solida u ppjanata b’mod responsabbli, fejn is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi bl-ebda mod ma titqiegħed f’periklu, u għandu jiġu kkomplementat b’miżuri mmirati biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi;

16. Jikkunsidra li jeħtieġ li tinħoloq, abbażi ta’ analiżi bir-reqqa, sistema ta’ informazzjoni fiskali madwar l-UE li ma sservix biex jiġu armonizzati l-istrutturi fiskali nazzjonali differenti, iżda biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tagħhom b’mod kontinwu u trasparenti, filwaqt li jiġu segwiti t-tnaqqis u ż-żidiet li jsiru f’kull struttura;

17. Jinnota li għat-tħaddim ta’ sistema bħal din, il-qafas tas-Semestru Ewropew huwa bażi xierqa, billi – flimkien ma’ miżuri makroekonomiċi speċifiċi oħra – jista’ jżomm reġistru tajjeb tad-diversi politiki ta’ tassazzjoni tal-Istati Membri differenti, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ kemm it-tbassir ekonomiku ġenerali kif ukoll l-elementi fundamentali u l-perspettivi futuri tal-Istati Membri kkonċernati u l-objettivi Ewropej komuni; fid-dawl ta’ dan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw strateġija mmirata lejn it-tnaqqis tad-distakk fiskali fis-Semestru Ewropew;

18. Jinnota l-kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) li għandha tiġi implimentata fi 11-il Stat Membru, li flimkien jirrappreżentaw żewġ terzi tal-PDG tal-UE;

19. Jenfasizza li f'pajjiżi fejn l-ispejjeż tax-xogħol ikunu għoljin meta mqabbla mal-produttività, u fejn b'hekk il-ħolqien ta' impjiegi jkun imxekkel, jistgħu jiġu eżaminati miżuri fiskali possibbli biex jitnaqqsu dawn l-ispejjeż, filwaqt li jsiru sforzi determinati bl-għan li tiżdied il-produttività; jenfasizza li r-riformi fiskali għandhom iservu biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol sabiex tiżdied il-provvista ta' ħaddiema u tiġi promossa l-inklussività jenfasizza, f'dan il-kuntest, li d-drittijiet tal-ħaddiema u r-rwoli tas-sħab soċjali għandhom dejjem ikunu rrispettati b'mod sħiħ;

20. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar it-tfassil ta' gwida unika għall-kalkolu tat-taxxi korporattivi; jistieden lill-Istati Membri jaqblu u jibdew jimplimentaw il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK); jenfasizza li l-pożizzjoni tal-Parlament għandha tintuża bħala punt ta' referenza ewlieni f'dan ir-rigward;

21. Jenfasizza li hemm potenzjal ta' tkabbir sostanzjali fit-tnaqqis u t-tneħħija tal-impedimenti relatati mat-taxxa għall-attivitajiet transfruntiera fis-suq uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tad-Direttiva tal-VAT, il-ħidma fuq il-BKKTK u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam fiskali huma fatturi kruċjali sabiex isir użu sħiħ minn dak il-potenzjal;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata dwar it-tisħiħ tat-trasparenza u r-regolamentazzjoni fir-rigward tar-reġistri tal-kumpaniji u r-reġistri ta' trusts u fondazzjonijiet;

23. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-inizjattivi tal-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet fiskali nazzjonali, bl-għan li jitrażżnu l-ostakli fiskali relatati mal-attivitajiet transfruntiera sabiex il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni f'dan il-qasam ikompli jissaħħu; iħeġġeġ lill-Istati Membri jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-programmi Fiscalis u Customs; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika oqsma addizzjonali fejn il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-kooperazzjoni amministrattiva tal-Istat Membru jistgħu jissaħħu sabiex inaqqsu l-frodi tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

24. Jistieden lill-Istati Membri jkunu attenti ħafna f'ambjent ta' tkabbir bil-mod u reċessjoni u biex jevitaw id-devoluzzjoni tardiva tar-rimborsi tal-ħlas antiċipat tat-taxxa peress li din tista' toħloq problemi ta' likwidità addizzjonali, b'mod partikolari għall-SMEs;

***Il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni fiskali u l-abolizzjoni tat-tassazzjoni doppja, in-nontassazzjoni doppja u l-miżuri diskriminatorji kontra l-impriżi tal-UE***

25. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu b'mod sostanzjali l-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza fiskali u kontroll u ġbir tat-taxxi, sabiex b'hekk jiġġeneraw riżorsi addizzjonali għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi kif stipulat fl-istrateġija UE 2020; jenfasizza li l-aħjar prattiki nazzjonali biex l-amministrazzjoni tat-taxxa ssir iktar effiċjenti għandhom jiġu kkumpilati b'mod trasparenti – preferibbilment f'kodiċi Ewropew tal-aħjar prattika fi ħdan is-sistema ta' informazzjoni fiskali madwar l-UE – u għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa; huwa mħasseb dwar it-tendenza f'għadd ta' Stati Membri li jnaqqsu l-persunal u riżorsi oħra fl-awtoritajiet tat-taxxa u korpi simili; jenfasizza li dan jista' jdgħajjef il-kapaċità li jiġi pprovdut servizz ġust u effiċjenti lill-impriżi u l-individwi u jiġu missielta l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa; fid-dawl ta' dan, iħeġġeġ lill-Istati Membri jallokaw riżorsi finanzjarji u umani adegwati lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali tagħhom u lill-persunal tal-awditjar tat-taxxa;

26. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-kooperazzjoni amministrattivi tagħhom fil-qasam tat-tassazzjoni diretta;

27. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi iktar riżorsi baġitarji u persunal għad-DĠ TAXUD biex tgħinu jiżviluppa proposti u politiki tal-UE dwar in-nontassazzjoni doppja, l-evażjoni tat-taxxa l-frodi tat-taxxa;

28. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa" kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar "miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa" u "pjanifikazzjoni fiskali aggressiva";

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

29. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu b'mod attiv b'konformità mal-Komunikazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni billi jieħdu azzjoni tal-UE kkoordinata u ddeterminata kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa, il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u r-rifuġji fiskali, sabiex b'hekk tiġi garantita distribuzzjoni iktar ġusta tal-isforz fiskali u dħul fiskali ikbar; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw rapidament, fost il-bosta miżuri speċifiċi li jridu jittieħdu f'dan il-kuntest, il-proposti tal-Kummissjoni għall-introduzzjoni ta' Regola Ġenerali Kontra l-Abbużi kontra l-prattiki ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u għall-inklużjoni ta' klawsola fil-konvenzjonijiet rispettivi tagħhom dwar it-taxxa doppja sabiex jiġu evitati l-okkorrenzi ta' nontassazzjoni doppja;

30. Jinnota li huwa stmat li kull sena jintilfu madwar triljun euro fi dħul pubbliku fl-UE minħabba l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa; jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex id-distakk fiskali jitnaqqas mill-inqas bin-nofs sal-2020;

31. Jenfasizza li livelli mnaqqsa ta' frodi u evażjoni jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir fl-ekonomija billi jagħmlu l-finanzi pubbliċi aktar b'saħħithom – u dan iżid il-fondi pubbliċi disponibbli biex jitrawwem l-investiment u tissaħħaħ l-ekonomija tas-suq soċjali Ewropea – u billi jġiegħlu lill-impriżi jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi;

32. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu f'negozjati serji u jikkompletaw il-proċeduri għall-proposti leġiżlattivi pendenti kollha fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa, il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u r-rifuġji fiskali; jistieden, fost affarijiet oħra, lill-Istati Membri biex jikkonkludu l-proċess ta' reviżjoni u estensjoni tal-ambitu tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq it-Tfaddil u, b'segwitu għar-rapport mill-Parlament, jadottaw u jimplimentaw bla dewmien il-proposta tal-Kummissjoni għal Mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida kontra l-frodi tal-VAT;

33. Jilqa' l-ħidma internazzjonali intensifikata fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva, bl-għan li tiġi indirizzata l-erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt; huwa tal-fehma li r-rapport tal-OECD dwar dan is-suġġett huwa kontribuzzjoni kruċjali, u jistenna bil-ħerqa l-pjan ta' azzjoni ta' segwitu li għandu jiġi ppreżentat dan is-sajf; jistenna li l-ministri tal-finanzi tal-G 20, wara l-approvazzjoni tar-rapport fil-laqgħa riċenti tagħhom f'Moska, jieħdu azzjoni ambizzjuża u kollettiva abbażi ta' dak il-pjan ta' azzjoni;

34. Jenfasizza, b'konformità mal-osservazzjonijiet solidi tal-Kummissjoni, li t-taxxi ambjentali huma fost dawk l-aktar favorevoli għat-tkabbir f'termini relattivi; jenfasizza li t-taxxi ambjentali, minbarra li jiġġeneraw id-dħul, għandhom jintużaw b'mod konsistenti u dinamiku sabiex l-iżviluppi ekonomiċi jibqgħu mixjin fi triq sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti b'valutazzjoni komprensiva tal-lakuni ta' internalizzazzjoni eżistenti, segwita bil-proposti leġiżlattivi xierqa;

o

o o

35. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0215

## L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (2012/2132(INI))**

(2016/C 055/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata mill-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO) fl-20 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri, anness mat-Trattat ta' Amsterdam li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti relatati,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva Servizz Universali) ([4]) kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ([6]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) ([7]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reklamar televiżiv fid-Direttiva "Televiżjoni mingħajr Fruntieri" ([8]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/952/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba fir-rigward tal-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u tal-informazzjoni online ([9]),

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21.
([3]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.
([4]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.
([5]) ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11.
([6]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.
([7]) ĠU L 327, 24.11.2006, p 12.
([8]) ĠU C 102, 28.4.2004, p. 2.
([9]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 72.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (COM(2011)0785),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-1 ta' Diċembru 2008, bit-titlu "Lejn soċjetà tal-informazzjoni aċċessibbli"(COM(2008)0804),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010, bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010, "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM (2010)0245/2),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2011 dwar iċ-ċinema Ewropea fl-era diġitali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar id-distribuzzjoni onlajn ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 dwar il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali ([7]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/625/KE tal-20 ta' Awwissu 2009 dwar il-litteriżmu medjatiku fl-ambjent diġitali għal industrija awdjoviżiva u tal-kontenut aktar kompetittiva u soċjetà tal-għarfien inklussiva ([8]),

— wara li kkunsidra l-Ewwel Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-24 ta' Settembru 2012 dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 13, 16 u 17 tad-Direttiva 2010/13/UE għall-perjodu 2009-2010, Promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej fis-servizzi tal-midja awdjoviżiva fuq talba u skedati tal-UE (COM(2012)0522),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2012 "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir u l-impjiegi fl-UE" (COM(2012)0537),

— wara li kkunsidra l-Ewwel Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE "Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva", Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva u Apparat Konness: Perspettivi Passati u Futuri (COM(2012)0203/2),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0055/2013),

A. billi d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) hija l-bażi tar-regolamentazzjoni tal-midja tal-UE;

(1) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 15.
(2) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 9.
(3) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 50.
(4) Testi adottati, P7_TA(2011)0506.
(5) Testi adottati, P7_TA(2012)0209.
(6) Testi adottati, P7_TA(2012)0324.
(7) Testi adottati, P7_TA(2012)0428.
(8) ĠU L 227, 29.8.2009, p. 9.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

B. billi s-servizzi tal-midja awdjoviżiva, minbarra li huma servizzi ekonomiċi, huma wkoll servizzi kulturali;

C. billi l-AVMSD hija bbażata fuq il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u għalhekk tkopri s-servizzi kollha b'kontenut awdjoviżiv tkun xi tkun it-teknoloġija użata biex jitwassal il-kontenut, u b'hekk tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri kollha tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva;

D. billi l-AVMSD tiggarantixxi fluss ħieles ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva bħala strument tas-suq intern, u tirrispetta d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u għall-aċċess għall-informazzjoni filwaqt li tħares l-objettivi ta' interess pubbliku, inklużi d-drittijiet tal-awtur, il-libertà tal-midja, il-libertà tal-informazzjoni u l-libertà tal-kelma.

E. billi l-AVMSD tqis in-natura kulturali tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva, li huma ta' importanza partikolari għas-soċjetà u d-demokrazija bħala vetturi tal-identitajiet u l-valuri, u għandha wkoll l-għan li tħares id-diversità kulturali indipendenti fl-Istati Membri filwaqt li tissalwagwardja d-diversità kulturali fl-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' armonizzazzjoni minima u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

F. billi l-konverġenza teknoloġika tfisser li l-konsumaturi fil-ġejjieni se jiddistingwu dejjem inqas bejn servizzi lineari u servizzi mhux lineari;

G. billi l-għan għandu jkun li jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi, peress li l-livelli differenti ta' regolamentazzjoni għal servizzi lineari u servizzi mhux lineari m'għadhomx rikonoxxibbli għall-konsumaturi, u dan jista' jwassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;

H. billi s-swieq tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva qed ikomplu jesperjenzaw bidliet sinifikanti fit-teknoloġija kif ukoll żviluppi fi prattiki u mudelli tan-negozju, u b'hekk jinfluwenzaw il-mod kif il-kontenut jitwassal u jiġi aċċessat mill-ispettaturi;

I. billi l-aċċessibbiltà għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva hija essenzjali biex jiġi ggarantit id-dritt ta' persuni b'diżabilità u tal-anzjani li jipparteċipaw u jintegraw fil-ħajja soċjali u kulturali tal-UE, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' pjattaformi ġodda li jwasslu kontenut bħall-IPTV u t-televiżjoni konnessa;

J. billi għandu jkun hemm enfasi speċifika fuq il-litteriżmu medjatiku fil-kuntest tal-pass dejjem aktar mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-konverġenza tal-pjattaformi tal-midja;

K. billi l-bidliet teknoloġiċi li għaddejjin bħalissa wasslu sabiex il-protezzjoni tal-minorenni ssir kwistjoni saħansitra aktar urġenti u li toħloq sfidi;

L. billi xi Stati Membri ma ttrasponewx l-AVMSD fil-ħin jew għadhom ma implimentawhiex bis-sħiħ jew b'mod korrett;

M. billi t-traspożizzjoni tal-Artikolu 13 tal-AVMSD dwar il-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej permezz ta' servizzi 'on-demand' mhijiex preskrittiva biżżejjed fil-parti l-kbira tal-Istati Membri sabiex ikun jista' jintlaħaq l-objettiv ta' diversità kulturali msemmi fid-Direttiva;

N. billi għalhekk la valutazzjoni sħiħa tal-implimentazzjoni tal-AVMSD u lanqas evalwazzjoni bir-reqqa tal-effikaċja tagħha ma jistgħu jitwettqu;

O. billi l-espansjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva mal-iżvilupp ta' servizzi ibridi tippreżenta sfidi ġodda fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħall-kompetizzjoni, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-iżvilupp u l-emerġenza ta' forom ġodda ta' komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi, u r-reklamar li jidher waqt vidjow (overlay advertising) li huwa ta' sfida għall-integrità tal-programm u jqajjem dubji dwar l-adegwatezza u l-effikaċja tal-AVMSD, kif ukoll dwar ir-relazzjoni tagħha ma' strumenti oħrajn tal-liġi tal-UE;

P. billi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-AVMSD jibbilanċjaw l-interessi tal-partijiet interessati kollha b'mod ġust billi jiżguraw ir-rispett tad-dritt tal-pubbliku għal aċċess għall-informazzjoni, minn naħa, u d-dritt għall-proprjetà u l-libertà tat-tmexxija ta' negozju min-naħa l-oħra;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***Sitwazzjoni attwali***

1. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha lejn l-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti, u l-importanza li jsiru kontrolli ex post fil-ħin u rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex il-kwalità tar-regolamentazzjoni tiġi ġestita fiċ-ċiklu politiku kollu;

2. Jinnota f'dan ir-rigward li, skont l-Artikolu 33 tal-AVMSD, il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tippreżenta r-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva mhux iktar tard mid-19 ta' Diċembru 2011;

3. Jinnota li l-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' applikazzjoni tagħha pjuttost tard, fl-4 ta' Mejju 2012;

4. Jinnota wkoll li l-Istati Membri implimentaw l-AVMSD b'mod partikolarment differenti;

5. Jenfasizza li l-AVMSD tibqa' l-istrument adegwat biex tiġi rregolata l-koordinazzjoni mal-UE kollha tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-midja awdjoviżiva kollha u biex jinżammu l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;

6. Jinnota b'mod partikolari li l-prinċipju ta' "pajjiż tal-oriġini", meta jiġi applikat kif xieraq, jagħti lix-xandara ċarezza u ċertezza importanti dwar l-arranġamenti operattivi tagħhom;

7. Jikkundanna l-fatt li r-rapport ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni ma jevalwax il-ħtieġa għal adattament possibbli tal-AVMSD fid-dawl ta' dawn ir-riżultati kif meħtieġ mill-Artikolu 33;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-implimentazzjoni konsistenti u sħiħa tal-AVMSD fl-Istati Membri, u b'mod partikolari tiżgura li jittieħed kont xieraq tad-definizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-premessi ta' din id-Direttiva meta tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali;

9. Jappoġġa bis-sħiħ approċċ newtrali mil-lat teknoloġiku fid-dawl tal-evoluzzjoni tad-drawwiet tat-telespettaturi u tal-offerta sabiex il-konsumaturi jkollhom għażla ikbar; jitlob, f'dan ir-rigward, li s-sitwazzjoni attwali tas-suq u l-qafas regolatorju jkunu soġġetti għal valutazzjoni sħiħa tal-impatt;

10. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fil-jiem li ġejjin tippubblika dokument politiku dwar il-konverġenza b'rabta mat-televiżjoni konnessa u mal-apparat konness, li se jniedi konsultazzjoni pubblika dwar il-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw minn dawn l-iżviluppi ġodda;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, f'każ ta' xi rieżami tal-AVMSD, teżamina sa liema punt, jekk dan ikun il-każ, inċertezzi u n-nuqqas ta' preċiżjoni fid-definizzjonijiet wasslu għal diffikultajiet fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri, sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni għal dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest ta' dan ir-rieżami;

12. Jinnota, fir-rigward tax-xandir esaġerat ta' kontenut awdjoviżiv, li jeħtieġ li jiġi speċifikat xi tfisser "partijiet interessati", li jistgħu jkunu l-kumpaniji tat-televiżjoni pubblika u dik privata, il-fornituri tal-internet, il-konsumaturi u d-diretturi tal-programmi;

13. Jitlob lill-Kummissjoni tibqa' tiżgura li, meta titqies in-natura doppja tagħhom bħala fornituri ta' servizzi kulturali kif ukoll ekonomiċi, is-servizzi tal-midja awdjoviżiva jibqgħu esklużi mil-liberalizzazzjoni taħt in-negozjati dwar il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS);

***Aċċessibbiltà***

14. Jenfasizza li r-rapport tal-applikazzjoni tal-Kummissjoni jonqos milli jindirizza b'mod sostanzjali l-kwistjoni tal-aċċessibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-AVMSD, u jiddispjaċih mill-fatt li l-effikaċja tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri f'dan ir-rigward ma ġietx indirizzata;

15. Jinnota li f'ħafna Stati Membri, l-infrastruttura għall-provvista ta' tali servizzi għadha ma teżistix u hemm bżonn ta' iktar żmien biex ċerti Stati Membri jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti; iħeġġeġ lill-Istati Membri kkonċernati jindirizzaw din il-kwistjoni mill-iktar fis biex jippermettu l-implimentazzjoni prattika tal-Artikolu 7;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza dan in-nuqqas billi tipprovdi ħarsa ġenerali regolari tal-miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri u valutazzjoni tal-effikaċja tagħhom, sabiex jiġi żgurat li s-servizzi tal-midja awdjoviżiva kontinwament isiru aktar aċċessibbli;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

17. Jenfasizza l-fatt li, f'ambjent li kulma jmur aktar qed isir wieħed diġitali, is-servizzi tal-midja pubblika jwettqu rwol kruċjali billi jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni onlajn, u jagħraf f'dan ir-rigward il-fatt li l-forniment ta' servizzi tal-internet mis-servizzi tal-midja pubblika jikkontribwixxu direttament għall-missjoni tagħhom;

18. Huwa tal-fehma li l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja tista' tippreġudika l-libertà tal-informazzjoni, u b'mod partikolari, id-dritt li wieħed jirċievi l-informazzjoni;

19. Huwa tal-fehma li għandu jinkiseb bilanċ xieraq bejn l-objettivi tal-AVMSD u l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-libertà tad-distribuzzjoni tal-kontenut u l-aċċess għalih biex jiġu evitati r-riskji ta' konċentrazzjoni u ta' telf tad-diversità;

20. Jirrikonoxxi l-mudelli differenti ta' negozju li jiġu applikati biex jiġi ffinanzjat il-kontenut u jenfasizza l-importanza li l-aċċess ikun affordjabbli għal konsumaturi differenti;

21. Jirrimarka dwar il-bżonn ta' aktar aċċessibbiltà għall-programmi, b'mod partikolari dawk li jsiru permezz ta' servizzi fuq talba, permezz ta' aktar żvilupp, fost affarijiet oħrajn fid-deskrizzjoni tal-awdjo, is-sottotitoli tal-awdjo/mitkellma, il-lingwa tas-sinjali u n-navigazzjoni fil-menu, b'mod partikolari ta' gwidi ta' programmi elettroniċi (EPGs);

22. Jirrikonoxxi wkoll li l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-fornituri tas-servizzi tal-midja u l-manifatturi ta' apparat ta' appoġġ taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom biex jagħmlu s-servizzi tagħhom aktar aċċessibbli, b'mod partikolari għall-anzjani u għal persuni b'diżabilitajiet, bħal persuni neqsin mis-smigħ jew b'vista batuta;

23. Jilqa' l-impenn personali li ħa l-Kummissarju Barnier fir-rigward tan-negozjati li għaddejjin dwar Trattat dwar il-limitazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur u l-eċċezzjonijiet għall-persuni b'vista batuta u l-persuni b'diżabilitajiet relatati mal-kelma stampata;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-għajnuniet għall-persuni b'vista batuta jkunu disponibbli b'mod ġenerali għall-aċċess għall-prodotti u s-servizzi awdjoviżivi;

25. Jemmen li l-Artikolu 7 tal-AVMSD għandu jiġi riformulat sabiex jinkludi lingwaġġ iktar b'saħħtu u vinkolanti li jirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi tal-midja jiżguraw li s-servizzi tagħhom ikunu disponibbli għall-persuni b'diżabilitajiet;

26. Jenfasizza madankollu li s-suq għal servizzi mhux lineari għadu jinsab fi stadju relattivament bikri tal-iżvilupp tiegħu, u li kwalunkwe obbligu ġdid impost fuq il-fornituri għandu jirrifletti dan il-fatt;

***Drittijiet esklussivi u rapporti ta' aħbarijiet fil-qosor***

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex fir-rapport tagħha li jmiss dwar l-applikazzjoni tal-AVMSD, tevalwa jekk l-Istati Membri implimentawx din id-Direttiva b'tali mod li jinżamm il-bilanċ neċessarju u eżistenti bejn, minn naħa l-waħda, is-salvagwardja tal-prinċipju tal-libertà tal-aċċess għall-informazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' avvenimenti ta' interess kbir għas-soċjetà u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet;

28. Jilqa' l-approċċ li ħadu l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea b'rabta mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-AVMSD; jitlob li tibqa' tingħata interpretazzjoni wiesgħa għat-terminu "avvenimenti li huma meqjusa […] bħala ta' importanza maġġuri għas-soċjetà", inklużi avvenimenti sportivi u ta' divertiment li jkunu ta' interess ġenerali, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jfasslu listi ta' tali avvenimenti;

29. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinkludi fir-rapport tagħha li jmiss valutazzjoni tal-mezzi kif l-Istati Membri implimentaw l-Artikolu 15 tal-AVMSD, billi tħares b'mod partikolari lejn kif żguraw li avvenimenti ta' interess kbir għall-pubbliku li huma trażmessi fuq bażi esklussiva minn xandar taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jintużaw għall-iskopijiet ta' rapporti tal-aħbarijiet fil-qosor fi programmi tal-aħbarijiet ġenerali;

30. Jittama li l-Istati Membri, fl-applikazzjoni tagħhom tal-Artikolu 15 tad-Direttiva, jippromwovu livell għoli ta' diversità fl-għadd ta' avvenimenti ta' interess pubbliku sinifikanti li jintwerew fi programmi tal-aħbarijiet ġenerali permezz ta' rapporti tal-aħbarijiet fil-qosor;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***Promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej***

31. Jenfasizza li ħafna Stati Membri jikkonformaw mar-regoli relatati mal-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, iżda li għadha qed tingħata prijorità lil xogħlijiet nazzjonali filwaqt li l-persentaġġ ta' xogħlijiet indipendenti fuq it-televiżjoni qed jonqos;

32. Jiddispjaċih mill-fatt li d-data provduta mhix biżżejjed biex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar il-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej minn fornituri ta' servizzi fuq talba;

33. Jitlob, f'dan ir-rigward, biex ir-rekwiżit ta' rappurtar dwar ix-xogħlijiet Ewropej ikun jinkludi mill-inqas tqassim skont il-kategorija – produzzjoni ċinematografika, produzzjoni tat-televiżjoni dwar ġrajjiet fittizji u mhux fittizji, u formati ta' xows jew divertiment – u skont il-mezz tad-distribuzzjoni, u jheġġeġ b'urġenza lill-Istati Membri biex jipprovdu data relevanti f'dan ir-rigward;

34. Jenfasizza n-nuqqas ta' rappurtar dettaljat skont l-Artikolu 13 tal-AVMSD dwar l-obbligu doppju li jiġi promoss l-aċċess għal, u l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej f'servizzi fuq talba, u jitlob lill-Kummissjoni biex tikkjarifika dan il-punt filwaqt li tqis ukoll li tali servizzi għadhom jinsabu fi stadju bikri u li huwa diffiċli li wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar l-effikaċja tal-kriterji ta' promozzjoni applikati għal servizzi fuq talba;

35. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jaġixxu b'urġenza biex jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi tal-Artikolu 13 tal-AVMSD;

36. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi biex jippromwovu sinerġiji aħjar fost l-awtoritajiet regolatorji, il-fornituri tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva u l-Kummissjoni, sabiex il-films tal-UE jkunu jistgħu jilħqu udjenza aktar wiesgħa kemm fi ħdan l-UE kif ukoll barra mill-UE fuq servizzi lineari kif ukoll fuq servizzi mhux lineari;

37. Jirrakkomanda t-tisħiħ tar-rwol tal-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, billi dan ikun soluzzjoni xierqa għall-ġbir ta' data rigward il-promozzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

***Xogħlijiet indipendenti***

38. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 17 tal-AVMSD b'mod sodisfaċenti fir-rigward tal-ħin medju ta' xandir tax-xogħlijiet Ewropej minn produtturi indipendenti, u jenfasizza l-awtonomija tal-Istati Membri f'dan ir-rigward; iheġġeġ lill-Istati Membri u lix-xandara biex jaqbżu l-livell minimu ta' 10 % ssuġġerit fid-Direttiva;

***Il-protezzjoni tal-minorenni***

39. Jieħu nota ta' inizjattivi awtoregolatorji u kodiċi ta' kondotta maħsuba biex jillimitaw l-esponiment tat-tfal u l-minorenni għall-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar tal-ikel, bħal dawk imnedija fil-qafas tal-Pjattaforma għal Azzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa;

40. Jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-industrija tar-reklamar u l-membri tal-EU Pledge, bħala tweġiba għat-talba tal-AVMSD biex ikun hemm kodiċijiet ta' kondotta għal komunikazzjonijiet kummerċjali, li jakkumpanjaw programmi għat-tfal jew inklużi fihom, ta' prodotti tal-ikel u x-xorb b'kontenut għoli ta' xaħam, zokkor u melħ;

41. Jenfasizza li l-inizjattivi koregolatorji u awtoregolatorji, b'mod partikolari fil-qasam tar-reklamar indirizzat lil minorenni, mhux l-inqas fid-dawl tal-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR), li hija definita bħala "r-responsabbiltà tal-intrapriżi għall-impatti li jħallu fuq is-soċjetà", jirrappreżentaw progress fir-rigward tas-sitwazzjoni preċedenti peress li joffru mezz kif wieħed jirreaġixxi aktar malajr għall-iżviluppi fid-dinja tal-midja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla.

42. Jinnota, madankollu, li inizjattivi bħal dawn mhux dejjem jistgħu jkunu effettivi biżżejjed fl-Istati Membri kollha u li għandhom jitqiesu bħala li jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet legali fil-kisba tal-għanijiet tal-AVMSD, b'mod partikolari f'kuntest onlajn;

43. Jenfasizza li hu essenzjali li jinstab il-bilanċ korrett bejn il-miżuri volontarji u r-regolamentazzjoni obbligatorja f'dan ir-rigward;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

44. Jenfasizza għaldaqstant li inizjattivi bħal dawn jeħtieġ li jsirilhom monitoraġġ regolari sabiex ikun żgurat li jiġu infurzati, flimkien ma' rekwiżiti legalment vinkolanti futuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-minorenni;

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'każ ta' reviżjoni tal-AVMSD, tagħti lil dawn l-istrumenti regolatorji relattivament ġodda rwol ikbar fil-protezzjoni tal-minorenni fil-midja, u fir-regolamentazzjoni tar-reklamar; dan, madankollu, mingħajr ma jiġu evitati għalkollox ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi;

46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibqgħu jinkoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva biex jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta fir-rigward tal-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi inadegwati fil-programmi tat-tfal;

47. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kif ir-rekwiżiti bażiċi tal-AVMSD applikabbli għal servizzi mhux lineari jistgħu jiġu estiżi għal kontenut u servizzi oħra onlajn li bħalissa jinsabu barra l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u liema passi għandhom jittieħdu biex tinħoloq sitwazzjoni ekwa għall-operaturi kollha; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-riżultati tar-riflessjonijiet tagħha lill-Parlament mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013;

48. Jirrikonoxxi l-kisbiet tal-Istati Membri fil-protezzjoni kontra l-kontenut li jinċita l-mibegħda għal raġunijiet ta' razza, sess, nazzjonalità u reliġjon;

49. Jenfasizza l-ħtieġa għal studju komparattiv u pan-Ewropew biex jipprovdi fehim ulterjuri dwar kif qed tevolvi l-imġiba tat-tfal, l-adoloxxenti u l-adulti f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsum tal-midja; jemmen li studju bħal dan ikun ta' benefiċċju għal min ifassal il-politika awdjoviżiva fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri;

***Reklamar***

50. Jinnota li l-limitu ta' 12-il minuta reklamar fis-siegħa nkiser f'xi Stati Membri;

51. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kkonċernati biex jimplimentaw bis-sħiħ, b'mod korrett u mingħajr dewmien id-dispożizzjonijiet tal-AVMSD f'dan ir-rigward;

52. Itenni li l-proporzjon tar-reklami televiżivi u l-ispots tat-telebejgħ m'għandux ikun iktar minn 12-il minuta fis-siegħa;

53. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-limitu ta' 12-il minuta qed jinkiser regolarment f'xi Stati Membri;

54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, minbarra l-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli eżistenti li jistabbilixxu stipulazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi dwar ir-reklamar, tqis ukoll sfidi futuri, pereżempju dik tat-televiżjoni konnessa mal-Internet, f'termini tal-kompetittività u tal-finanzjament sostenibbli tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva;

55. Jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jitwettaq monitoraġġ tal-formati kummerċjali maħsuba biex tiġi evitata din ir-restrizzjoni, speċjalment ir-reklamar bil-moħbi, li jista' jfixkel lill-konsumaturi;

56. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq mill-aktar fis possibbli l-kjarifiki meħtieġa fir-rigward tal-kwistjonijiet li hija identifikat fil-qasam tal-komunikazzjonijiet kummerċjali rigward l-isponserizzazzjoni, l-awtopromozzjoni u t-tqegħid ta' prodotti;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-effikaċja tar-regolamenti fis-seħħ u twettaq monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar ir-reklamar li jindirizza lit-tfal u lill-minorenni;

58. Jitlob, barra minn hekk, li jiġi pprojbit ir-reklamar li jippreġudika, bħal dak deskritt fl-Artikolu 9 tal-AVMSD, fil-programmi għaż-żgħażagħ u t-tfal; jirrakkomanda, bħala l-bażi għal riformi futuri tal-qafas leġiżlattiv, li jiġu eżaminati l-aħjar prattiki f'dan il-qasam f'ċerti pajjiżi;

59. Jiddispjaċih li l-verżjoni aġġornata meħtieġa tal-komunikazzjoni interpretattiva dwar ċerti aspetti tad-dispożizz-jonijiet dwar ir-reklamar televiżiv għadha ma nħarġitx;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

60. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna l-komunikazzjoni interpretattiva tagħha dwar ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reklamar televiżiv fl-2013;

***Litteriżmu medjatiku***

61. Jieħu nota tas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta' litteriżmu medjatiku fl-Istati Membri;

62. Jinnota li l-aċċess għall-istazzjonijiet televiżivi, u l-għażla tas-servizzi awdjoviżivi, żdiedu b'mod sinifikanti;

63. Jenfasizza li, sabiex jinkiseb suq uniku diġitali reali fl-Ewropa, huma meħtieġa aktar sforzi fil-qasam tat-tijib tal-litteriżmu medjatiku fost iċ-ċittadini, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-litteriżmu medjatiku għaċ-ċittadini tal-UE kollha, b'mod partikolari t-tfal u l-minorenni, permezz ta' inizjattivi u azzjonijiet ikkoordinati, sabiex jiżdied il-fehim kritiku tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva, u jiġu stimulati d-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni ċivika, filwaqt li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari tal-industrija tal-midja;

64. Iħeġġeġ b'mod partikolari lill-Istati Membri biex jintegraw il-litteriżmu medjatiku u l-kompetenzi diġitali, speċjalment b'rabta mal-midja diġitali, fil-kurrikuli tal-iskola rispettivi tagħhom;

***L-isfidi tal-futur***

65. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni wettqet biss parzjalment il-kompitu ta' rappurtar tagħha skont l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 33 tal-AVMSD, u jitlob għal valutazzjoni interim qabel ir-rapport tal-applikazzjoni tal-Kummissjoni li jmiss;

66. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-kuntest tal-kumitat ta' kuntatt, kif stabbilit fl-Artikolu 29 tal-AVMSD, sabiex tiżdied l-implimentazzjoni effiċjenti u koerenti;

67. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq monitoraġġ mill-qrib tas-servizzi ibridi fl-UE, b'mod partikolari t-televiżjoni konnessa, biex tistabbilixxi fil-Green Paper tagħha dwar it-televiżjoni konnessa, id-diversi kwistjonijiet li jqajmu u biex tkompli tittratta dawn il-kwistjonijiet permezz ta' konsultazzjoni pubblika;

68. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-aspetti li ġejjin meta tniedi konsultazzjonijiet pubbliċi dwar it-televiżjoni konnessa jew ibrida: l-istandardizzazzjoni, in-newtralità teknoloġika, l-isfida tas-servizzi personalizzati (speċjalment għal persuni b'diżabilitajiet), il-problemi relatati mas-sigurtà tal-multicloud, l-aċċessibbiltà għall-utenti, il-protezzjoni tat-tfal u d-dinjità tal-bniedem;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod partikolari l-inċertezzi relatati mal-użu tat-terminu "servizzi tal-midja awdjoviżiva fuq talba" u, bl-għan taż-żieda fil-konsistenza fil-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa s-servizzi awdjoviżivi fuq talba u l-iżviluppi li x'aktarx iseħħu fil-konverġenza tal-midja, biex tistabbilixxi definizzjoni aktar ċara tat-terminu sabiex l-objettivi regolatorji tal-AVMSD ikunu jistgħu jintlaħqu b'mod iktar effettiv;

70. Jinsab konvint, meta jitqiesu kemm il-prattiki fis-suq tal-fornituri tas-servizzi tal-midja u l-operaturi tal-pjattaformi kif ukoll il-potenzjal dejjem ikbar tat-teknoloġija rilevanti, li l-livell ta' protezzjoni tad-data għandu jittejjeb u jiġi standardizzat madwar l-UE, filwaqt li tibqa' tiġi pprovduta l-anonimità fl-użu tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva bħala regola ġenerali;

o

o o

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P7_TA(2013)0216

## Deċiżjoni li ma ssirx oppożizzjoni għal miżura ta' implimentazzjoni: tranżitu ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali mill-Bosnja-Ħerzegovina

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma ssirx oppożizzjoni għal abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tat-tranżitu ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali mill-Bosnja-Ħerzegovina (D025828/03 – 2013/2598(RPS))**

(2016/C 055/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (D025828/03),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41(3) u l-Artikolu 42(2) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fil-5 ta' Marzu 2013 mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2013, fejn talbet lill-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-abbozz ta' regolament,

— wara li kkundira l-ittra tal-21 ta' Mejju 2013 mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel għall-Presdient tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 88(4)(d) u l-Artikolu 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra li l-ebda oġġezzjoni ma ġiet espressa fil-perjodu previst fit-tielet u r-raba inċiżi tal-Artikolu 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura li skada fit-22 ta' Mejju 2013,

1. Jiddikjara li ma jopponix l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kummissjoni u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kunsill.

---

P7_TA(2013)0222

## Proposti leġiżlattivi futuri dwar l-UEM

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar proposti leġiżlattivi futuri dwar l-UEM rispons għall-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni (2013/2609(RSP))**

(2016/C 055/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "Koordinazzjoni *ex-ante* ta' pjanijiet għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika" (COM(2013)0166) u dwar "L-introduzzjoni ta' Strument ta' Konverġenza u Kompetittività" (COM(2013)0165),

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar proposti leġiżlattivi futuri dwar l-UEM (O-000060/2013 – B7-0204/2013),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja tat-2 ta' Marzu 2012, minn hawn il-quddiem "il-Patt Fiskali",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u d-14 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina tat-28 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport mill-President tal-Kunsill Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2012 bl-isem "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Grupp tal-euro "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina" ([1]), minn hawn il-quddiem "Ir-rapport Thyssen",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta' stabilità tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro ([2]), minn hawn 'il quddiem "ir-rapport Feio",

— wara li kkunsidra r-Regolamenti (UE) Nru 1176/2011 u (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011, minn hawn 'il quddiem "is-six-pack",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinament tal-Politiki Ekonomiċi ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru … 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru …/2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja ta' dawk l-Istati Membri fiż-żona tal-euro li qegħdin jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom, minn hawn 'il quddiem "it-two-pack",

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta mill-President Barroso u l-Viċi President Rehn fl-okkażjoni tal-qbil fit-trilogu dwar il-leġiżlazzjoni tat-Two-Pack dwar il-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro tal-20 ta' Frar 2013 (referenza MEMO/13/126)

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-Artikolu 11 tal-Patt Fiskali l-Istati Membri firmatarji "jiżguraw li r-riformi maġġuri kollha ta' politika ekonomika li bihsiebhom jagħmlu se jiġu diskussi *ex-ante* u, fejn xieraq, ikkoordinati bejniethom", u li barra minn hekk, li tali "koordinazzjoni għandha tinvolvi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kif jitlob id-dritt tal-Unjoni Ewropea";

B. billi, skont l-Artikolu 15 tal-Patt Fiskali, it-trattat għandu jiġi inkorporat fid-dritt tal-UE fi żmien mhux aktar minn ħames snin "abbażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza tal-implimentazzjoni tiegħu" u billi l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni COM(2013)0165 u COM(2013)0166, kif ukoll il-proposti leġiżlattivi possibbli mistennija bħala segwitu, jistgħu jitqiesu bħala passi f'din id-direzzjoni;

C. billi fir-rapport Feio fl-2010 l-Parlament diġà kien talab "l-istabbiliment ta' proċeduri speċifiċi u rekwiżit li l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk fiż-żona tal-euro, jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni qabel ma jieħdu deċiżjonijiet ta' politika ekonomika b'effetti mistennija konsekwenzjali sinifikanti, li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM)";

([1]) Testi adottati P7_TA(2012)0430.
([2]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 41.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0542.

D. billi d-dikjarazzjoni li takkumpanja t-two-pack talbet il-ħolqien ta' qafas sostanzjalment imsaħħaħ ta' kontroll u sorveljanza ekonomika u baġitarja, kif ukoll kapaċità fiskali Ewropea aktar żviluppata għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' riformi strutturali li jippromwovu t-tkabbir sostenibbli u li jappoġġaw il-prinċipju li skontu passi lejn aktar responsabbiltà u dixxiplina ekonomika għandhom jingħaqdu flimkien b'aktar solidarjetà u b'integrazzjoni approfondita tal-proċess deċiżjonali f'oqsma tal-politika bħat-tassazzjoni u s-swieq tax-xogħol, bħala strument ta' solidarjetà importanti; billi d-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq tenfasizza l-prinċipju li passi lejn koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika jeħtieġ li jmorru id f'id ma' aktar solidarjetà;

E. billi l-paragrafu 11 "tar-rapport Thyssen" enfasizza li "UEM ġenwina" ma tistax tkun limitata għal sistema ta' regoli iżda teħtieġ kapaċità baġitarja akbar ibbażata fuq riżorsi proprji speċifiċi;

F. billi "r-Rapport Thyssen" fakkar li Statistika Ewropea ta' kwalità għolja u affidabbli għandha rwol essenzjali fil-qalba tal-governanza ekonomika ġdida u fl-eżerċizzji deċiżjonali ewlenin tagħha, li l-indipendenza effettiva tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea kemm fl-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew għandha tiġi salvagwardjata bħala prerekwiżit, u li l-mixja lejn standards ta' kontabilità pubblika fl-Istati Membri kollha b'mod standardizzat se jkun komplement essenzjali għas-setgħat akbar ta' infurzar tal-Kummissjoni biex tivverifka l-kwalità tas-sorsi nazzjonali użati għall-kalkolu ta' ċifri ta' dejn u ta' defiċit f'unjoni fiskali żviluppata bis-sħiħ.

***Valutazzjoni ġenerali tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni***

1. Jirrikonoxxi l-isforz tal-Kummissjoni biex tagħmel aktar progress fil-qasam tal-governanza makroekonomika fl-Unjoni, billi tibni fuq is-six-pack u t-two-pack; jenfasizza madankollu li l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas il-ġdid għandu jkollha preċedenza fuq kwalunkwe proposta ġdida;

2. Jirrimarka li l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' infurzar ibbażat fuq l-inċentivi u mmirat biex iżid is-solidarjetà, il-koeżjoni u l-kompetittività għandu jmur id f'id ma' saffi addizzjonali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika kif mistqarr fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja "it-two pack" sabiex jiġi rispettat il-prinċipju li skontu "l-passi lejn aktar responsabbiltà u dixxiplina ekonomika jingħaqdu flimkien ma' aktar solidarjetà";

3. Jenfasizza li kwalunkwe proposta oħra għandu jkollha valur miżjud ċar fir-rigward tal-istrumenti li diġà jeżistu, bħal dawk taħt il-politika ta' koeżjoni;

4. Jisħaq li l-isforzi ta' koordinazzjoni ma għandhomx iċajpru r-responsabbiltajiet rispettivi ta' livelli differenti tal-proċess deċiżjonali;

5. Jafferma mill-ġdid li l-governanza fl-UE ma għandhiex tikser il-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, speċjalment meta jkun previst kwalunkwe trasferiment ta' sovranità; jenfasizza li leġittimità u responsabbiltà xierqa jeħtieġu deċiżjonijiet demokratiċi u għandhom jiġu żgurati fl-livell nazzjonali u tal-UE mill-parlamenti nazzjonali u mill-Parlament Ewropew, rispettivament; ifakkar il-prinċipju stipulat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012 li "matul il-proċess, l-objettiv ġenerali jibqa' li jiġu żgurati l-leġittimità u r-responsabbiltà demokratika fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet"; jenfasizza li l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni u s-CCIs *ex-ante* għandhom japplikaw għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro bil-possibbiltà li Stati Membri oħra jingħaqdu fuq bażi permanenti; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi tali validazzjoni obbligatorja min-naħa tal-parlamenti nazzjonali fi proposti leġiżlattivi li jmiss u tiżgura involviment akbar tal-partijiet soċjali fil-koordinazzjoni ekonomika;

6. Huwa tal-opinjoni li t-twaqqit tal-komunikazzjonijiet mhuwiex ottimali; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għall-adozzjoni ta' kodiċi ta' konverġenza fis-Semestru tal-UE, ibbażata fuq l-UE 2020 u li tinkludi pilastru soċjali b'saħħtu.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

7. Ifakkar li l-Kummissjoni jeħtiġilha tqis bis-sħiħ ir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur; huwa diżappuntat li l-komunikazzjonijiet reċenti dwar l-UEM ma jirriflettux il-pożizzjoni li ttieħdet mill-Parlament Ewropew matul in-negozjati dwar l-Approfondiment tal-UEM u jipprevedu biss skrutinju parlamentari limitat ħafna meta jipproponu struttura ta' djalogu; ifakkar li l-Parlament huwa awtorità leġiżlattiva u baġitarja fuq l-istess livell tal-Kunsill;

8. Jiddispjaċih li l-oqsma ta' politika koperti fil-komunikazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom jiffokaw fuq il-kompetittività tal-prezzijiet u ma jinkludux l-evitar tat-taxxa u d-dimensjoni soċjali u tal-impjiegi;

9. Jenfasizza li l-proposti leġiżlattivi relatati maż-żewġ komunikazzjonijiet għandhom isegwu l-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

***Koordinazzjoni ex-ante ta' pjanijiet għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika***

10. Huwa tal-fehma li koordinazzjoni ex-ante formali għal riformi ta' politika ekonomika fil-livell tal-UE hija importanti u għandha tissaħħaħ fi ħdan il-metodu Komunitarju u li għandha tikkonċerna r-riformi ekonomiċi nazzjonali ewlenin previsti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma b'effetti konsegwenzjali potenzjali dimostrabbli; jemmen li tali koordinazzjoni ex-ante għandha tiġi allinjata mal-istrumenti tas-Semestru tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika msemmija fl-Artikolu 2-a tar-Regolament (UE) Nru 1175/2011 u, fejn meħtieġ, titfassal flimkien ma' strumenti ġodda bbażati fuq is-solidarjetà u l-inċentivi;

11. Huwa tal-fehma li integrazzjoni approfondita ta' koordinazzjoni *ex-ante* u tal-proċess deċiżjonali f'oqsma politiċi fil-livell tal-Unjoni għandha tibni fuq saff solidu magħmul minn statistika uffiċjali u b'mod partikolari, li koordinazzjoni baġitarja ulterjuri fl-Unjoni teħtieġ data kkonsolidati dwar il-kontijiet pubbliċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. jemmen, għalhekk, li l-Kummissjoni għandha tinkludi l-istabbiliment ta' tali data konsolidata fil-proposti leġiżlattivi li ġejjin;

12. Jiddeplora l-abbozzar vag u d-definizzjonijiet laxki żżejjed ta' xi wħud mill-filtri proposti għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika, bħal "kunsiderazzjonijiet politiċi dwar l-ekonomija"; jitlob l-introduzzjoni ta' filtri speċifiċi ġodda bbażati fuq is-Semestru tal-UE u fuq l-istrumenti tal-UE 2020 għall-identifikazzjoni ta' riformi ewlenin, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u tiġi rispettata s-sussidjarjetà;

13. Jenfasizza li l-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti għal koordinazzjoni *ex-ante* għandhom japplikaw għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u jkunu miftuħa għall-Istati Membri tal-Unjoni filwaqt li jqisu l-interdipendenza akbar tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; huwa tal-opinjoni li l-Istati Membri taħt il-programm għandhom jitħallew jipparteċipaw fuq bażi volontarja;

14. Jitlob il-pubblikazzjoni, it-trasparenza u l-inklussività tal-pjanijiet ta' riforma; jitlob ukoll djalogu soċjali fejn il-partijiet interessati soċjali jkollhom rwol ċentrali u espliċitu matul diskussjonijiet ta' koordinazzjoni *ex-ante*;

15. Jitlob disinn diliġenti tal-proċess li permezz tiegħu l-Kummissjoni tkun infurmata u f'pożizzjoni li tikkummenta dwar ir-riformi ppjanati qabel l-adozzjoni finali tagħhom;

16. Jitlob li dan l-istrument ġdid ta' koordinazzjoni jiddaħħal ukoll fil-proċess tas-Semestru Ewropew, u li l-Parlament Ewropew jingħata r-rwol meħtieġ ta' responsabilità demokratika;

17. Jenfasizza li l-koordinazzjoni *ex-ante* ma għandhiex tifga l-isforzi nazzjonali u għandha minflok tiżgura li r-riformi ma jiddewmux, għajr jekk l-effetti sekondarji li jġibu magħhom ikunu sinifikanti biżżejjed biex jiġġustifikaw li r-riformi jiġu vvalutati mill-ġdid;

***L-introduzzjoni ta' Strument għall-Konverġenza u l-Kompetittività (CCI)***

18. Huwa tal-opinjoni li kwalunkwe strument ġdid propost (CCI) għandu jkun ibbażat fuq il-kondizzjonalità, is-solidarjetà u l-konverġenza. jemmen li tali strument għandu jiġi varat biss wara li tiġi identifikata l-ħtieġa għal riformi strutturali maġġuri u fit-tul għat-tisħiħ ta' tkabbir sostenibbli u jiġu identifikati żbilanċi soċjali abbażi tal-valutazzjoni tal-koerenza bejn il-kodiċi ta' konverġenza u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali b'involviment formali xieraq tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-parlamenti nazzjonali;

19. Jenfasizza li l-mekkaniżmu ġdid (CCI) li għandu jiġu stabbilit għandu japplika għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u jkun miftuħ għall-Istati Membri tal-Unjoni kollha filwaqt li jqis l-interdipendenza akbar tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; huwa tal-fehma li l-Istati Membri taħt il-programm għandhom jitħallew jipparteċipaw fuq bażi volontarja;

20. Huwa tal-fehma li huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li dan l-istrument ġdid jiġi adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, ikun ibbażat fuq il-metodu Komunitarju u jiżgura skrutinju xieraq min-naħa tal-Parlament Ewropew billi jippermetti l-adozzjoni, każ b’każ, tal-approprjazzjonijiet baġitarji relevanti;

21. Jikkonferma li r-rappurtar u l-monitoraġġ annwali tal-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali għandhom isiru permezz ta’ Semestru Ewropew imsaħħaħ, mingħajr preġudizzju għall-iskrutinju tal-baġit tal-UE;

22. Huwa tal-fehma li s-CCI għandu jservi ta’ vettura għal żieda fil-kapaċità baġitarja u jkun immirat lejn appoġġ kundizzjonali tar-riformi strutturali, u b’hekk iżid il-kompetittività, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li jiżgura koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostenuta tal-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri, u jindirizza l-iżbilanċi u d-diverġenzi strutturali; huwa tal-fehma li tali strumenti jservu ta’ pedamenti lejn kapaċità fiskali ġenwina;

23. Jenfasizza li tali kapaċità baġitarja tista’ naturalment tibbenefika biss l-Istati Membri li jikkontribwixxu għaliha;

24. Jiddispjaċih li l-komunikazzjonijiet, meta jipprevedu kuntratti bejn l-UE u l-Istati Membri, ma jirrispettawx l-ordinament ġuridiku uniku Ewropew; huwa tal-opinjoni li l-espressjoni “arranġamenti kuntrattwali” mhijiex adatta peress li l-mekkaniżmu previst fil-komunikazzjonijiet mhuwiex fil-veru sens “kuntratt” irregolat mid-dritt pubbliku jew privat iżda mekkaniżmu ta’ infurzar ibbażat fuq l-inċentivi għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika;

25. Jenfasizza li l-pjanijiet ta’ riforma għandhom jitfasslu mill-Istati Membri, bl-involviment xieraq tal-Parlamenti Nazzjonali tagħhom skont l-arranġamenti kostituzzjonali interni tagħhom, u f’kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, b’rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà u għall-ħtieġa li jiġi ppreservat l-ispazju politiku adegwat għall-implimentazzjoni nazzjonali u l-proċessi demokratiċi fi ħdan kull Stat Membru;

26. Jirrimarka li l-effetti negattivi possibbli f’tul ta’ żmien qasir tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, u b’mod partikolari d-diffikultajiet soċjali u politiċi, jistgħu jittaffew u jiġu aċċettati aktar faċilment miċ-ċittadini bl-istabbiliment ta’ mekkaniżmu li jinċentiva l-appoġġ tar-riformi. jistqarr ukoll li dan il-mekkaniżmu għandu jiġi ffinanzjat permezz ta’ faċilità ġdida attivata u rregolata skont il-metodu Komunitarju bħala parti integrali tal-baġit tal-UE iżda lilhinn mil-limiti massimi tal-MFF, sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew ikun involut bis-sħiħ bħala awtorità leġiżlattiva u baġitarja;

27. Jistqarr li l-miżuri li ttieħdu ma għandux ikollhom effetti negattivi fuq l-inklużjoni soċjali, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kura tas-saħħa u fuq kwistjonijiet soċjali oħra, anki fiż-żmien qasir;

28. Jenfasizza li l-istrument għandu jevita problemi marbutin mal-periklu morali; f’dan is-sens, il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-riformi ma jiddewmux sakemm isiru eliġibbli għal appoġġ finanzjarju u li l-istrument ma jipprovdix inċentivi għal riformi li xorta kienu se jiġu implimentati, anke mingħajr appoġġ mill-Unjoni;

29. Jenfasizza li l-istrument għandu jevita tirkib mal-politika ta’ koeżjoni;

o

o o

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

---

P7_TA(2013)0223

## Is-sitwazzjoni tar-rifuġjati Sirjani fil-pajjiżi ġirien

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Sirjani fil-pajjiżi ġirien (2013/2611(RSP))**

(2016/C 055/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, partikolarment dawk tas-16 ta' Frar 2012 ([1]) u tat-13 ta' Settembru 2012 ([2]), u dwar ir-rifuġjati li jaħarbu l-kunflitt armat,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar is-Sirja tat-23 ta' Marzu, tat-23 ta' April, tal-14 ta' Mejju, tal-25 ta' Ġunju, tat-23 ta' Lulju, tal-15 ta' Ottubru, tad-19 ta' Novembru u tal-10 ta' Diċembru 2012, kif ukoll tat-23 ta' Jannar, tat-18 ta' Frar, tal-11 ta' Marzu u tat-22 ta' April 2013; wara li kkunsidra l-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern ta' Ottubru 2012, li appoġġja t-twaqqif ta' programm ta' protezzjoni reġjonali mill-Kummissjoni; wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Sirja tat-2 ta' Marzu, tad-29 ta' Ġunju u tal-14 ta' Diċembru 2012 u tat-8 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Catherine Ashton, dwar ir-rifuġjati Sirjani, b'mod partikolari r-rimarki tagħha matul is-seduta plenarja tat-13 ta' Marzu 2013 fi Strasburgu u d-dikjarazzjoni tagħha tat-8 ta' Mejju 2013; wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Għajnuna Umanitarja u r-Rispons għall-Kriżi, Kristalina Georgieva, dwar ir-rifuġjati Sirjani u r-rispons tal-UE, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tagħha tat-12 ta' Mejju 2013, u r-rapporti dwar is-sitwazzjoni u l-karti dwar il-fatti tal-ECHO (Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili) dwar is-Sirja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2059 tal-20 ta' Lulju 2012, 2043 tal-21 ta' April 2012 u 2042 tal-14 ta' April 2012, kif ukoll ir-rapport aġġornat tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU tal-11 ta' Marzu 2013; wara li kkunsidra l-informazzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà dwar is-Sirja mis-Sotto Segretarju Ġenerali għall-Affarijiet Umanitarji u Koordinatur tas-Sokkors ta' Emerġenza Valerie Amos, b'mod partikolari dik tat-18 ta' April 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u r-rimarki magħmula mill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati, António Guterres, lill-Kunsill ta' Sigurtà, b'mod partikolari dwak tat-18 ta' April 2013; wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet dwar ir-Repubblika Għarbija tas-Sirja tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-2 ta' diċembru 2011 u tat-22 ta' Marzu 2013,

— wara li kkunsidra l-laqgħa ta' Marrakexx tal-Grupp ta' Ħbieb il-Poplu Sirjan u l-konferenza internazzjonali li saret f'Pariġi fit-28 ta' Jannar 2013,

— wara li kkunsidra l-iktar Pjan ta' Rispons Reġjonali għas-Sirja (RRP) reċenti għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2013, u l-RRPs kollha maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati sa mill-ewwel wieħed f'Marzu 2012,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Rispons dwar l-Għajnuna Umanitarja lis-Sirja (SHARP) tad-19 ta' Diċembru 2012, imħejji mill-Gvern tar-Repubblika Għarbija tas-Sirja, f'koordinazzjoni mas-Sistema tan-NU,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0057.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0351.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-Forum Umanitarju Sirjan (Syrian Humanitarian Forum, SHF) li twaqqaf fir-rebbiegħa tal-2012, u l-aktar laqgħa reċenti tiegħu li saret fid-19 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-Bullettini Umanitarji dwar is-Sirja maħruġa mill-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar is-Sirja, b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni 46/182 dwar "It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-għajnuna umanitarja ta' emerġenza tan-Nazzjonijiet Uniti" u l-Prinċipji ta' Gwida annessi magħhom, u r-Riżoluzzjoni 67/183 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja,

— wara li kkunsidra r-rapport fil-qosor tal-Konferenza Internazzjonali fuq Livell Għoli ta' Impenji għas-Sirja, li saret fil-Kuwait fit-30 ta' Jannar 2013,

— wara li kkunsidra l-Komunikat Finali tal-Grupp ta' Azzjoni għas-Sirja ("il-Komunikat ta' Ġinevra") tat-30 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-Protokolli Anċillari tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv tagħha dwar l-Involviment tat-Tfal f'Kunflitti Armati, u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, li s-Sirja hija firmatarja tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi sas-16 ta' Mejju 2013 l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati (UNHCR) kien irreġistra total ta' 1 523 626 rifuġjat Sirjan fil-pajjiżi ġirien u fl-Afrika ta' Fuq; billi huwa maħsub li n-numru totali ta' rifuġjati, inklużi dawn li mhumiex reġistrati, huwa ferm ogħla; billi skont l-UNHCR, hemm 7 miljun Sirjan li jiddependu mill-għajnuna, inkluż 3,1 miljun tifel u tifla, u n-numru ta' persuni spustjati internament (IDPs) fis-6 ta' Mejju 2013 kien ta' 4,25 miljun; billi skont l-istess sorsi, in-numru ta' rifuġjati (inklużi dawk li qed jistennew biex jiġu reġistrati) preżenti fil-pajjiżi riċevituri fis-16 ta' Mejju 2013 kien kif ġej: Turkija, 347 815; Libanu, 474 461; Ġordan, 474 405; Iraq, 148 028; Eġittu, 68 865; Marokk, Alġerija u Libja, 10 052 (reġistrati); billi eluf ta' Sirjani qed jaħarbu ta' kuljum lejn pajjiżi ġirien u l-UNHCR qed tipproġetta li se jkun hemm total ta' 3,5 miljun rifuġjat mis-Sirja sa tmiem l-2013;

B. billi l-għadd ta' rifuġjati Sirjani u l-persuni fi bżonn qed jikber drammatikament hekk kif is-sitwazzjoni politika u umanitarja teħżien ma' kull jum li jkompli l-kunflitt armat; billi mhux biss persuni ċivili, imma wkoll bosta individwi li dari kienu mexxejja politiċi u militari tar-reġim, kif ukoll ambaxxaturi, telqu r-reġim u ħarbu f'pajjiżi ġirien u lilhinn minnhom; billi l-kunflitt armat fis-Sirja huwa theddida kbira għas-sigurtà u l-istabilità fraġli tar-reġjun kollu kemm hu; billi l-periklu li l-effetti sekondarji tal-kunflitt armat minn inċidentali jista' jsir strutturali; billi l-UE u l-komunità internazzjonali ma jistgħux jiffaċċjaw katastrofi addizzjonali; billi diżatru politiku, ta' sigurtà u umanitarju pan-reġjonali jista' jmur oltra l-kapaċità internazzjonali ta' rispons;

C. billi eluf minn dawk li ħarbu mis-Sirja ddiżertaw mill-forzi armati biex ma jkollhomx iwettqu delitti tal-gwerra jew delitti kontra l-umanità, jew inkella qed jaħarbu mis-servizz militari għal raġunijiet simili;

D. billi f'Mejju 2-13 in-NU qieset li mill-inqas 80 000 persuna, l-iktar ċivili, kienu mietu minħabba l-vjolenza fis-Sirja;

E. billi l-qirda ta' infrastruttura essenzjali – inklużi skejjel u sptarijiet, l-iżvalutar tal-munita, iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel, tal-fjuwil u l-qtugħ tad-dawl u n-nuqqas ta' ilma, ikel u mediċini – kellhom impatt fuq il-maġġoranza tas-Sirjani; billi l-aċċess fiżiku għal persuni fi bżonn ta' għajnuna umanitarja fis-Sirja għadu ferm ristrett u jiddependi mill-kooperazzjoni tal-gvern ta' Assad;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

F. billi l-aġenziji tan-NU irrappurtaw progress fl-organizzazzjoni ta' konvojs ta' għajnuna minn bosta aġenziji, li jaqbżu l-linji tal-kunflitt lejn żoni kontrollati jew ikkontestati mill-gvern jew mill-oppożizzjoni; billi l-ostakli burokratiċi u l-punti ta' verifika madwar il-pajjiż (kemm ikkontrollati mill-gvern kif ukoll mill-oppożizzjoni) qed jostakolaw rispons umanitarju effettiv fiż-żoni kollha tas-Sirja;

G. billi r-reġistrazzjoni għadha l-mekkaniżmu ewlieni li permezz tiegħu jiġu identifikati, protetti u megħjuna persuni ta' tħassib, partikolarment nies li għadhom kemm waslu bi bżonnijiet speċjali, inklużi persuni b'diżabilità, anzjani, minorenni mhux akkumpanjati u tfal separati minn familthom, sabiex tiġi pprovduta għajnuna prijoritizzata;

H. bili l-pajjiżi ospitanti żammew politika ta' bibien miftuħa tul il-kunflitt armat, imma għażlu metodi ta' lqugħ differenti; billi l-abbiltà u l-kapaċità tagħhom li jassorbu u jagħtu kenn lix-xmara dejjem tikber ta' rifuġjati qed jaslu għal-limiti tagħhom, hekk kif hemm it-tendenza li l-"inċidenti" jseħħu regolarment tul il-fruntieri; billi l-Libanu għażel politika ta' "xejn kampijiet" u r-rifuġjati fil-parti l-kbira assorbiehom f'komunitajiet lokali; billi madwar tliet kwarti tar-rifuġjati Sirjani fil-pajjiżi ġirien qed jgħixu barra kampijiet f'postijiet urbani; billi madwar 350 000 Sirjan qed jgħixu fi 23 kamp tar-rifuġjati fit-Turkija, il-Ġordan u l-Iraq;

I. billi l-organizzazzjonijiet ta' għajnuna bħalissa qed iwiegħbu għas-sitwazzjoni tar-rifuġjati Sirjani fil-Ġordan, il-Libanu u l-Iraq, billi jiffukaw primarjament fuq in-nisa u t-tfal bi bżonnijiet speċjali, iżda spiss mhumiex meqjuda biżżejjed f'komunitajiet urbani tar-rifuġjati; billi t-tqassim rurali tal-popolazzjoni tar-rifuġjati titlob programm kumpless ta' reġistrazzjoni urbana;

J. billi l-pajjiżi li qed jirċievu r-rifuġjati qed jiffaċċjaw sfidi domestiċi tremendi, inkluża instabbiltà ekonomika, inflazzjoni u qgħad, bil-Libanu u l-Ġordan ikunu partikolarment vulnerabbli;

K. billi qed issir problema dejjem tikber li r-rifuġjati Sirjani ma jifilħux iħallsu kera, hekk kif l-ammont ta' nies u l-kompetizzjoni għar-rifuġju jiżdiedu u jiżdiedu b'hekk il-prezzijiet; billi r-rifuġjati qed jiffaċċjaw diverġenzi sinifikanti fid-dħul finanzjarju, opportunitajiet limitati ta' xogħol, tmiem il-flejjes imfaddla u livelli dejjem ogħla ta' dejn; billi l-kompetizzjoni għall-impjiegi u l-prezzijiet dejjem ogħla tal-ikel huma fatturi li qed jippeġġoraw it-tensjonijiet bejn il-popolazzjonijiet lokali u dawk tar-rifuġjati, partikolarment fil-Libanu u fil-Ġordan, li bejniethom qed jospitaw 'il fuq minn miljun rifuġjat;

L. billi l-isforzi kontinwi biex jiżdied l-appoġġ għall-komunitajiet ospitanti huwa meħtieġ sabiex dawn ikunu jistgħu jibqgħu iżommu l-fruntiera tagħhom miftuħa, jgħinu lir-rifuġjati u jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa, u biex jonqsu t-tensjonijiet u jonqos il-piż fuq dawn il-komunitajiet;

M. billi r-restrizzjonijiet ta' finanzjament għadhom qed jimpedixxu l-provvista f'waqtha u effiċjenti ta' għajnuna umanitarja bażika; billi x-SHARP tirrikjedi USD 563 miljun f'finanzjamenti biex tindirizza l-bżonnijiet tal-persuni fis-Sirja; billi fis-6 t' Mejju 2013, kien biss 61 % tal-pjan ta' rispons li ġie iffinanzjat;

N. billi l-Pjan ta' Rispons Reġjonali tan-NU (RRP 4) ġie rivedut għall-perjodu sa Diċembru 2013; billi n-NU se tniedi appell ġdid għal finanzjament fis-7 ta' Ġunju 2013, li se jirrifletti n-numru dejjem jikber ta' rifuġjati li jaħarbu mis-Sirja, u l-bżonnijiet kontinwi tagħhom, kif ukoll jinkludi appoġġ ikbar għall-gvernijiet u l-komunitajiet ospitanti, u huwa probabbli li dan jammonta għal USD 3 biljuni;

O. billi r-rapporti tal-organizzazzjonijiet ta' għajnuna jgħidu li s'issa ġew ipprovduti biss bejn 30 % u 40 % tal-fondi totali imwiegħda mill-komunità internazzjonali;

P. billi l-livell ta' għajnuna umanitarja jinsab f'periklu li jsir insostenibbli; billi l-protagonisti umanitarji kollha involuti jeħtieġu livelli ta' appoġġ finanzjarju sproporzjonati bil-baġits umanitarji stabbiliti tad-donaturi tradizzjonali; billi għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi straordinarji ta' finanzjament sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet bażiċi dovuti għall-kriżi Sirjana;

Q. billi l-UE hija l-akbar donatur; billi fit-22 ta' April 2013, l-ammont total ta' għajnuna umanitarja impenjat mill-UE bħala rispons għall-kriżi Sirjana kien kważi €473 miljun, inklużi €200 miljun mill-UE nnifisha u kważi €273 miljun mill-Istati Membri; billi fit-12 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni ħabbret iffinanzjar addizzjonali ta' €65 miljun;

R. billi madwar 400 000 rifuġjat Palestinjan ġew affettwati fis-Sirja; billi l-Palestinjani fil-parti l-kbira baqgħu newtrali fil-kunflitt; billi kważi 50 000 Palestinjan ġew irreġistrati mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu, u kważi 5 000 fil-Ġordan; billi l-Ġordan għalaq il-fruntiera tiegħu għal Palestinjani li qed jaħarbu l-kunflitt fis-Sirja, u billi dawn fil-parti l-kbira ma jitħallewx jaħdmu fil-Libanu; billi r-rifuġjati Iraqini, Afgani, Somali u Sudaniżi fis-Sirja wkoll qed jiffaċċjaw spustament mill-ġdid;

S. billi s-sikurezza u s-sigurtà fil-Kamp ta' Zaatari fil-Ġordan iddeġeneraw, u hemm serq u nirien; billi Zaatari saret ir-raba' l-ikbar belt fil-Ġordan, b'iktar minn 170 000 persuna; billi l-ġlied u l-protesti vjolenti fil-kampijiet tar-rifuġjati huma motivati mill-kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien u mid-dewmien fil-wasla tal-għajnuna; billi n-nuqqas ġenerali ta' sigurtà għadha qed tipperikola l-ħajjiet fil-kampijiet, u taffettwa lill-ħaddiema umanitarji; billi l-ħaddiema umanitarji ġew attakkati, imqiegħda fi sptarijiet u saħansitra maqtula matul it-tqassim ta' għajnuna, u billi kien hemm każijiet ta' swat lill-ġurnalisti;

T. billi, skont organizzazzjonijiet internazzjonali, in-nisa u l-bniet fil-kampjiet tar-rifuġjati dejjem aktar qed jisfaw vittmi ta' vjolenza sesswali, bl-istupru jintuża bħala arma tal-gwerra; billi m'hemm l-ebda soluzzjoni vijabbli għar-rifuġjati Sirjani li jkunu sfaw vittmi tal-vjolenza sesswali; billi numru sproporzjonat ta' tfajliet u nisa fil-kampijiet tar-rifuġjati qed jiżżewġu; billi, skont bosta sorsi, fil-kampijiet tar-rifuġjati Sirjani qed iseħħu "żwiġijiet tal-pjaċir" temporanji Mutah;

U. billi f'Marzu 2013, in-NU nediet investigazzjoni indipendenti dwar l-allegazzjonijiet tal-użu possibbli ta' armi kimiċi fis-Sirja; billi dawn l-allegazzjonijiet setgħu kkontribwixxew għall-ispustjar tal-massa tal-persuni; billi r-reġim Sirjan irrifjuta li jippermetti lit-tim investigattiv tan-NU milli jidħol fil-pajjiż;

1. Jesprimi tħassib serju fir-rigward tal-kriżi umanitarja li għadha għaddejja fis-Sirja, u xi jfisser dan għall-ġirien tagħha; jesprimi tħassib li l-esodu ta' rifuġjati mis-Sirja qed jibqa' jiżdied; ifakkar li l-gvern ta' Assad huwa r-responsabbli ewlieni mill-kura tal-benessri tal-popolu tiegħu;

2. Jerġa' jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-brutalità u l-atroċitajiet imwettqa mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni tiegħu; jesprimi l-preokkupazzjoni kbira tiegħu dwar il-gravità tal-ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u d-delitti possibbli kontra l-umanità awtorizzati u/jew imwettqa mill-awtoritajiet Sirjani, l-armata Sirjana, il-forzi tas-sigurtà u l-milizji affiljati; jikkundanna l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji sommarji u kull forma oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn gruppi u forzi li jopponu r-reġim tal-President Assad; itenni l-appell tiegħu lill-President Bashar al-Assad u lir-reġim tiegħu biex jirriżenjaw minnufih, sabiex jippermettu li fil-pajjiż isseħħ tranżizzjoni demokratika, paċifika u inklużiva mmexxija mis-Sirjani;

3. Jistieden lill-atturi armati kollha biex itemmu minnufih il-vjolenza fis-Sirja; jenfasizza għal darb' oħra li d-dritt internazzjonali umanitarju, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jipproteġi lin-nies ċivili, jeħtieġ li jkun irrispettat mill-atturi kollha fil-kriżi; jissottolinja li dawk responsabbli għall-ksur mifrux, sistemiku u gravi tad-drittijiet tal-bniedem li twettaq fis-Sirja matul dawn l-aħħar 24 xahar jeħtieġ li jwieġbu ta' għemilhom u jinġiebu quddiem il-qrati; f'dan il-kuntest, jappoġġja bis-sħiħ l-appelli li għamlet il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex is-sitwazzjoni fis-Sirja tiġi riferita quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali;

4. Iwassal il-kondoljanzi tiegħu mal-familji tal-vittmi; ifaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-poplu Sirjan u jtenni s-solidarjetà tiegħu miegħu għall-ġlieda tiegħu għal-libertà, id-dinjità u d-demokrazija;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

5. Jemmen li l-muftieħ għas-soluzzjoni tal-kunflitt jinsab f'mekkaniżmi politiċi li jiffaċilitaw proċessi politiċi mmexxija mis-Sirjani li jippromwovu soluzzjoni politika veloċi, kredibbli u effikaċi flimkien ma' dawk li ġenwinament huma kommessi b'mod ġenwin favur it-tranżizzjoni, filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ tal-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, f'attenzjoni partikolari lid-drittijiet tal-minoranzi etniċi, kulturali u reliġjużi u tan-nisa; Jerġa' jsostni li hija prijorita li l-lat umanitarju jinżamm separat minn dak politiku, ħalli l-aċċess għan-nies fil-bżonn jiġi ffaċilitat; jitlob li l-UE u s-SEAE jiżviluppaw pjan direzzjonali għall-governanza politika fiż-żoni meħlusa, inkluża l-possibbiltà tat-tneħħija tas-sanzjonijiet;

6. Jirrimarka li d-diżerturi mis-Sirja lkoll huma intitolati jirċievu aktar protezzjoni, minħabba li huma fir-riskju għal raġunijiet għajr dawk imniżżla fil-paragrafu 26 tal-linji gwida tal-UNHCR, jiġifieri kastigi "eċċessivi jew sproporzjonatament ħarxa", li possibbilment jammontaw għal tortura jew trattament inuman jew degradanti, jew saħansitra għal eżekuzzjoni arbitrarja;

7. jistieden lill-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU KSNU), b'mod partikolari lir-Russja u ċ-Ċina, biex jonoraw ir-responsabbiltà tagħhom biex jintemmu l-vjolenza u r-ripressjoni kontra l-poplu Sirjan, inkluż bl-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-KSNU bbażata fuq l-istqarrija għall-istampa tal-KSNU tat-18 ta' April 2013, u biex joħroġ mandat għall-provvisti tal-għajnuna umanitarja fiż-żoni kollha tas-Sirja; jistieden lill-VP/RGħ tagħmel ħilitha biex tiżgura l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni tal-KSNU, li teżerċita pressjoni diplomatika effikaċi kemm fuq ir-Russja kif ukoll fuq iċ-Ċina; jistieden lill-UE biex tkompli tesplora fil-KSNU l-possibilitajiet kollha fil-qafas tar-Responsabilità għall-Protezzjoni (R2P), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti, it-Turkija u l-Lega tal-Istati Gharab sabiex jgħinu lill-poplu Sirjan u jwaqqfu t-tixrid tad-demm; jappoġġja bil-qawwa l-ħidma tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja u jilqa' r-rapport aġġornat;

8. Jappoġġja s-sejħa konġunta magħmula mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti John Kerry u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Russu Sergey Lavrov biex iniedu, kemm jista' jkun malajr, konferenza tal-paċi internazzjonali dwar is-Sirja bħala segwitu għall-Konferenza ta' Ġinevra ta' Ġunju 2912;

9. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu dwar militarizzazzjoni ulterjuri tal-kunflitt u l-vjolenza settarja; jinnota r-rwol ta' atturi reġjonali differenti, inkluż il-forniment ta' armi, u huwa preokkupat dwar l-effetti sekondarji tal-kunflitt Sirjan fil-pajjiżi tal-viċinat f'termini ta' kriżi umanitarja, sigurtà u stabilità; jikkundanna bis-saħħa l-attakki bil-karozzi bomba tal-11 ta' Mejju 2013, li qatlu u darrbu għexieren ta' persuni viċin il-bażi ta' rifuġjati Sirjani fil-belt ta' Reyhanli, fil-provinċja ta' Hatay fix-Xlokk tat-Turkija, kif ukoll każijiet ta' bumbardamenti u sparar mill-forzi armati Sirjani fil-pajjiżi ġirien; jappoġġja l-kundanna espressa mill-VP/RGħ għal kull tip ta' attakk terroristiku;

10. Jenfasizza li l-UE għandha responsabilità partikolari għall-istabilità u s-sigurtà fil-viċinat tagħha u jitlob lill-VP/RGħ u lill-Kummissarju għat-Tkabbir u l-Politika Ewropea tal-Viċinat biex jiżguraw li l-Ue jkollha rwol minn ta' quddiem fil-prevenzjoni tal-kunflitt armat fis-Sirja, biex dan ma jimxix lejn il-pajjiżi ġirien tagħha;

11. Jagħti ġieħ lill-komunitajiet ospitanti u lill-pajjiżi ġirien tas-Sirja, b'mod partikolari lill-Ġordan, il-Libanu, it-Turkija u l-Iraq, għas-soluzzjonijiet inġenjużi li sabu biex jipprovdu kenn u għajnuna umanitarja għall-familji li ħarbu mill-kunflitt armat fis-Sirja, imma huwa mħasseb serjament dwar il-fatt li dawk il-pajjiżi qed joqorbu lejn saturazzjoni perikoluża minħabba l-influss ta' rifuġjati Sirjani, li jista' jwassal għal instabilità reġjonali mingħajr preċedenti;

12. Jappoġġja u jilqa' l-kontribut konsiderevoli magħmul mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-programmi internazzjonali ta' għajnuna umanitarja, u t-tmexxija politika murija mill-Kummissarju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Għajnuna Umanitarja u r-Rispons għall-Kriżi; jilqa' d-diversifikazzjoni mill-Kummissjoni tas-sħab umanitarji fis-Sirja sabiex tipprovdi għajnuna aktar effiċjenti u mifruxa, partikolarment fir-reġjuni barra l-kontroll tal-gvern; jitlob lill-atturi tal-UE u lill-Istati Membri jikkoordinaw b'mod imtejjeb l-azzjonijiet u l-assistenza tagħhom ġewwa u barra s-Sirja;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett komprensiv ta' għajnuna, li jservi ta' eżempju għal donaturi ewlenin oħra, biex tiġi indirizzata l-kriżi umanitarja fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien tagħha, abbażi ta' tliet pilastri; (i) żieda fl-għajnuna umanitarja (permezz tal-ECHO), (ii) appoġġ b'għajnuna lill-pajjiżi ospitanti biex dawn isaħħu l-komunitajiet lokali u jżidu l-kapaċità u l-infrastruttura (permezz ta' DEVCO) u (iii) l-introduzzjoni veloċi ta' pakketti ta' għajnuna makrofinanzjarja għal-Libanu u l-Ġordan;

14. Jissottolinja l-importanza li l-fruntieri internazzjonali jinżammu miftuħa, u jħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tkun ġeneruża fis-sostenn tagħha għal-Libanu u l-Ġordan huma u jimmaniġġjaw il-fluss dejjem jikbar ta' rifuġjati; iħeġġeġ lil-gvernijiet reġjonali ospitanti kollha u lil protagonisti oħra biex jirrispetta l-prinċipji tan-*non-refoulement* u tat-trattament ugwali tar-rifuġjati;

15. Jitlob li l-Ue tieħu miżuri adegwati u responsabbli fir-rigward tal-influss possibbli ta' rifuġjati lejn l-Istati Membri tagħha;

16. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod immedjat itemmu l-użu rapportat tagħhom ta' perjodi ta' detenzjoni estiżi u l-prattika tar-refoulement, li jmorru direttament kontra d-dritt internazzjonali u dak tal-UE;

17. Jappella biex dawk kollha fil-bżonn fis-Sirja, speċjalment il-feruti, ir-refuġjati, il-persuni spustati internament, in-nisa u t-tfal, jingħataw assistenza umanitarja immedjata; ifaħħar l-isforzi tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tal-UNRWA f'dan ir-rigward; jesiġi li l-gvern ta' Assad jippermetti lill-organizzazzjonijet umanitarji jkollhom aċċess sħiħ għall-pajjiż; jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni fost l-atturi diversi li joperaw fil-post, bħalma huma l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs, inkluża l-kooperazzjoni fil-fruntiera; iqis li protokolli ta' assistenza u monitoraġġ fil-fruntiera jħallu valur miżjud;

18. Jistieden lill-UE biex tappoġġja t-twaqqif ta' postijiet ta' kenn mal-fruntiera tat-Turkija u s-Sirja, u possibilment fis-Sirja, kif ukoll biex jinħolqu kurituri umanitarji mill-komunità internazzjonali;

19. Jilqa' l-operazzjoni enormi ta' għajnuna umanitarja, li għaliha qed jikkontribwixxu organizzazzjonijiet internazzjonali u lokali taħt l-awspiċi tal-OCHA u tal-UNHCR, u jfaħħar lill-ħaddiema kollha tal-għajnuna umanitarja u tal-kura tas-saħħa, internazzjonali u lokali, għall-kuraġġ u d-determinazzjoni tagħhom; jistieden lill-UE u lill-komunità internazzjonali biex iqawwu l-protezzjoni tan-nies ċivili, inklużi l-ħaddiema umanitarji u l-persunal mediku; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex issib soluzzjoni għan-nuqqas kontinwu ta' sigurtà u għall-problemi legali u ta' ordni pubbliku fil-kampjiet tar-rifuġjati, fost l-oħrajn billi tistabbilixxi inizjattiva ta' sigurtà ġdida fil-kampijiet; iħeġġeġ lill-partijiet kollha fil-kunflitt biex jirrispettaw id-dritt internazzjonali umanitarju u jiffaċilitaw l-aċċess umanitarju biex il-ħaddiema umanitarji ġewwa u barra l-pajjiż ikunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet li qed jikbru;

20. Jitlob lill-pajjiżi kollha, u b'mod partikolari lill-Istati Membri tal-UE, biex jissodisfaw mill-iktar fis il-wegħdiet li għamlu matul il-konferenza ta' donaturi fil-Kuwait tat-30 ta' Jannar 2013; jitlob lill-UE u lill-komunità internazzjonali biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' responsabbiltà ħalli jiżguraw li l-fondi impenjati jaslu realment f'idejn dawk li għalihom ikunu intiżi;

21. Jiddenunċja l-prassi ta' vjolenza sesswali fil-kunflitt armat fis-Sirja, li tintuża wkoll bħala arma tal-gwerra u b'hekk tikkostitwixxi reat tal-gwerra, iħeġġeġ lill-UE u lill-komunità internazzjonali biex jallokaw riżorsi speċifiċi biex tintemm il-vjolenza sesswali, u jitlob lill-komunitajiet ospitanti biex jipprovdu trattament mediku adattat lil dawk li sfaw vittmi ta' vjolenza sesswali;

22. Jitlob lid-donaturi, fid-dawl tal-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-popolazzjoni ta'rifuġjati Palestinjani fis-Sirja u f'pajjiżi ġirien, biex jiffinanzjaw lill-UNRWA b'mod adegwat, u jitlob lill-UNRWA biex tappoġġja b'mod ġeneruż l-isforzi kontinwi ħalli ssaħħaħ ir-reżiljenza ta' dawk ir-rifuġjati u timminimizzalhom it-tbatija u l-ispostament;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0224

## Irkupru tal-assi mill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar l-irkupru tal-assi mill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni (2013/2612(RSP))**

(2016/C 055/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija u dwar l-Unjoni għall-Mediterran, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu [1], u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar "Il-Kummerċ għall-Bidla: strateġija Kummerċjali u ta' Investiment tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran wara r-revoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija" [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran tat-12 ta' April 2013,

— wara li kkunsidra r-Regolament il-ġdid tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2012 dwar l-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv ġdid li jiffaċilita l-irkupru tal-assi fl-Eġittu u fit-Tuneżija,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kopresidenti tat-Task Forces UE-Tuneżija u UE-Eġittu tat-28-29 ta' Settembru 2011 u tal-14 ta' Novembru 2012 rispettivament, u b'mod partikolari t-taqsimiet tagħhom li jirrigwardaw l-irkupru tal-assi,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1100/2012 li jemendah,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011 tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1099/2012 li jemendah,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/625/PESK u 2011/178/PESK li jemendawha, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 li jemendah, u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 364/2013 u (UE) Nru 50/2013 li jimplimentaw l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja,

— wara li kkunsidra l-istrumenti ġuridiċi eżistenti tal-UE intiżi biex itejbu l-konfiska u l-irkupru tal-assi fil-qafas tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/500/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/212/ĠAI, 2006/783/ĠAI u 2007/845/ĠAI, kif ukoll il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2012 dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (COM(2012)0085),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) tal-2005, b'mod partikolari l-Artikolu 43 tagħha dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u l-Kapitolu V tagħha dwar l-irkupru tal-assi, li l-Eġittu, il-Libja u t-Tuneżija huma partijiet kontraenti fiha u li ġiet approvata f'isem l-Unjoni Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/801/KE tal-25 ta' Settembru 2008,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Palermo) tas-sena 2000,

---

[1] Testi adottati, P7_TA(2013)0095.
[2] Testi adottati, P7_TA(2012)0201.

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 19/38 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tad-19 ta' April 2012 dwar l-impatt negattiv tan-nonripatrijazzjoni ta' fondi ta' oriġini illeċita lill-pajjiżi ta' oriġini fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, u l-importanza li tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Settembru 2007 dwar l-irkupru tal-assi misruqa,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva tal-Irkupru tal-Assi Misruqa (Stolen Asset Recovery, StAR), programm konġunt tal-Bank Dinji u tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Irkupru tal-Assi tas-Sħubija tal-G8 ta' Deauville mal-Pajjiżi Għarab fi Tranżizzjoni tal-21 ta' Mejju 2012, li l-UE hija parti kontraenti fiha,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali tal-Forum Għarbi dwar l-Irkupru tal-Assi tat-13 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, filwaqt li l-iffriżar tal-assi huwa kompetenza tal-UE, l-irkupru u r-ripatrijazzjoni tal-assi huma kompetenzi tal-Istati Membri u jeħtieġ li jsiru skont dispożizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali; billi l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom rwol essenzjali biex jistimolaw u jiffaċilitaw dan il-proess;

B. billi l-irkupru tal-assi mill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni huwa obbligu morali u kwistjoni politika eminenti fir-relazzjonijiet tal-UE mal-viċinat tan-Nofsinhar tagħha; billi huwa wkoll kwistjoni ekonomika importanti għall-ġirien tan-Nofsinhar ikkonċernati, minħabba l-potenzjal li dawn l-assi, meta jintraddu u jintużaw b'mod trasparenti u effettiv, jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku tagħhom; billi l-irkupru tal-assi jingħat messaġġ qawwi kontra l-impunità ta' dawk involuti fil-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus,

C. billi hemm qafas ġuridiku internazzjonali komprensiv li jirregola dan il-kamp, b'riferiment speċjali għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) tal-2003, li timponi obbligi ċari fuq l-Istati Kontraenti; billi l-Artikolu 51 tal-UNCAC jiddikjara r-ritorn tal-assi "huwa prinċipju fundamentali ta' din il-Konvenzjoni, u l-Istati Kontraenti għandhom jagħtu lil xulxin l-aktar kooperazzjoni u assistenza wiesgħa f'dan ir-rigward";

D. billi l-proċess ġudizzjarju għall-irkupru tal-assi huwa kumpless u jieħu fit-tul; billi r-rekwiżiti ġuridiċi tal-istati rikjesti ma jistgħux jiġu evitati u l-partijiet terzi leġittimi ma jistgħux jiċċaħħdu mid-drittijiet legali tagħhom f'dan il-proċess; billi n-nuqqas ta' għarfien legali espert adegwat u kapaċità istituzzjonali limitata fl-istati rikjedenti huma ostakoli addizzjonali għas-suċċess ta' inizjattivi f'dan il-qasam; billi hemm nuqqas ta' kooperazzjoni effiċjenti bejn stati rikjedenti u stati rikjesti;

E. billi wara r-revoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija fl-Eġittu u fit-Tuneżija, l-UE minnufih iffriżat l-assi tad-dittaturi ta' dari, tal-familji tagħhom u ta' bosta persuni oħrajn assoċjati mar-reġimi tagħhom; billi, fil-każ tal-Libja, kienet adottata deċiżjoni simili tal-UE, bi qbil mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 1970 (2011);

F. billi l-qafas leġiżlattiv il-ġdid adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Novembru 2012 jippermetti li l-Istati Membri tal-UE jirrilaxxaw lill-awtoritajiet Eġizzjani u Tuneżini assi ffriżati abbażi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji rikonoxxuti fi Stati Membri tal-UE u jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri tal-UE u l-awtoritajiet relevanti;

G. billi sew it-Task Force UE-Eġittu kif ukoll dik UE-Tuneżija t-tnejn issottolinjaw l-importanza tar-ritorn ta' assi miksuba b'mod illeċitu li għadhom iffriżati f'għadd ta' pajjiżi terzi; billi t-Task Forces qablu li jiffinalizzaw pjan direzzjonali li jista' jinkludi l-istabbiliment ta' grupp għall-irkupru tal-assi kkoordinat mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għal kull pajjiż;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

H. billi l-G8 qed jappoġġja pajjiżi fid-dinja Għarbija li għaddejjin minn tranżizzjoni lejn "soċjetajiet ħielsa, demokratiċi u tolleranti" permezz tas-Sħubija ta' Deauville ta' Mejju 2011; billi l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu maħruġ fil-21 ta' Mejju 2012 jirrikonoxxi li, wara r-Rebbiegħa Għarbija, l-irkupru tal-assi sar qasam ta' attenzjoni aktar urġenti fir-reġjun u fil-komunità internazzjonali;

I. billi l-Eġittu, il-Libja u t-Tuneżija għamlu sforzi konsiderevoli biex jiżguraw li l-assi miżapproprjati misruqa mid-dittaturi ta' dari u mir-reġimi tagħhom jiġu ripatrijati lil dawk il-pajjiżi, inkluż il-ħolqien ta' kummissjonijiet investigattivi nazzjonali speċifiċi bil-kompitu li jintraċċaw, jidentifikaw u jirkupraw dawn l-assi, u l-ftuħ ta' kawżi fil-qrati ta' Stati Membri tal-UE; billi bosta atturi internazzjonali ewlenin – inklużi l-UE, il-membri tal-G8 u l-Isvizzera – irrispondew b'mod pożittiv għal dawk l-isforzi; billi, madankollu, s'issa nkisbu biss ftit riżultati konkreti f'dan il-qasam; billi dan ikkawża frustrament li qed jitqawwa fost il-gvernijiet u sosċjetajiet ċivili tal-pajjiżi rikjedenti;

J. billi l-komunikazzjoni għandha rwol ewlieni fl-isforzi ta' rkupru tal-assi sabiex tixtered l-aħjar prattika u jinħolqu inċentivi billi jiġu ppubbliċizzati l-istejjer ta' suċċess; billi dan jevita dikjarazzjonijiet żvijanti dwar il-kwantità ta' assi li għandhom jiġu rkuprati;

K. billi l-irkupru tal-assi jista' jitwettaq permezz ta' mekkaniżmi ġudizzjarji bilaterali u b'kooperazzjoni multilaterali; billi operazzjonijiet tal-irkupru tal-assi għandhom jiġu varati sew fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali;

L. billi f'April 2013 l-awtoritajiet Lebaniżi raddew lill-awtoritajiet Tuneżini qrib USD 30 miljun li kienu ġew depożitati b'mod illeċitu fil-kontijiet tal-bank tal-mexxej Tuneżin preċedenti;

1. Jenfasizza li, apparti s-sinifikat ekonomiku tiegħu, ir-radd tal-assi miżapproprjati misruqa mid-dittaturi ta' dari u mir-reġimi tagħhom lill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni huwa obbligu morali u ġuridiku u kwistjoni politika taħraq, minħabba dak li jimplika rigward ir-ristawr tal-ġustizzja u tar-responsabilità ta' rendikont fl-ispirtu tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, kif ukoll rigward l-impenn politiku u l-kredibbiltà tal-UE, u għalhekk jikkostitwixxi dimensjoni ewlenija tas-sħubija tal-Unjoni mal-viċinat tan-Nofsinhar tagħha, speċjalment mal-Eġittu, il-Libja u t-Tuneżija;

2. Jirrikonoxxi li, għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija, l-irkupru tal-assi misruqa għandu wkoll importanza ekonomika u soċjali, minħabba li jeħtieġu l-fondi għall-istabbilizzazzjoni tal-ekonomiji u l-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir f'dawk il-pajjiżi, li qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi ekonomiċi serji;

3. Jinnota li, minkejja l-isforzi konsiderevoli magħmula mill-awtoritajiet Eġizzjani, Libjani u Tuneżini, u minkejja r-rieda politika qawwija tal-partijiet kollha, dawk involuti fl-irkupru tal-assi miżapproprjati ftit li xejn kellhom suċċess, l-iktar minħabba d-diversità u l-kumplessità tad-dispożizzjonijiet u proċeduri relevanti fis-sistemi ġuridiċi nazzjonali differenti, riġidità ġuridika, nuqqas ta' għarfien espert min-naħa tal-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija kkonċernati rigward proċeduri ġuridiċi, finanzjarji u amministrattivi f'ġurisdizzjonijiet Ewropej u oħrajn u n-nuqqas ta' riżorsi disponibbli għalihom;

4. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu aktar sforzi sinifikanti bil-għan li jiffaċilitaw ir-radd lill-popli tal-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija ta' assi miżapproprjati misruqa mir-reġimi preċedenti fi żmien raġonevoli; iħeġġeġ lill-Uffiċċji Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi fl-Istati Membri kollha biex jaħdmu flimkien mill-qrib u jiżviluppaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet relevanti fil-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija bil-għan li jgħinuhom fil-proċeduri ġuridiċi kumplessi involuti; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jieħu rwol proattiv ta' mexxej, l-aktar fil-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri, billi jipprovdi bini ta' kapaċità u jħeġġeġ il-kooperazzjoni fost l-istati kollha kkonċernati;

5. Jenfasizza li l-irkupru tal-assi jifforma parti essenzjali mis-sostenn tal-Unjoni għal tranżizzjoni demokratika u għall-irkupru ekonomiku f'dawn il-pajjiżi u jista' jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka fuq iż-żewġ naħat fi spirtu ta' sħubija mas-soċjetajiet, li hija element essenzjali tal-Politika Ewropea għall-Viċinat riveduta;

6. Jilqa', f'dan il-kuntest, l-inizjattiva tal-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, ir-Renju Unit, il-Ġappun, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika li joħorġu gwida li fiha deskrizzjoni komprensiva tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali tagħhom rigward l-irkupru tal-assi, biex il-pajjiżi rikjedenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar x'inhuwa ġuridikament possibbli, it-tip ta' informazzjoni disponibbli, it-tipi ta' investigazzjoni li jistgħu jsiru, u kif għandhom jimxu biex jiksbu rkupru effettiv tal-assi permezz tal-għoti ta' assistenza ġuridika reċiproka; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu l-istess u jistabbilixxu sett komuni ta' prinċipji tal-UE;

7. Jilqa' l-inizjattiva tal-G8 tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Sħubija ta' Deauville dwar l-Irkupru tal-Assi, li jidentifika miżuri konkreti għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni, l-assistenza fil-każijiet, l-isforzi tal-bini tal-kapaċità u l-għajnuna teknika, u jissuġġerixxi inizjattiva reġjonali kollaborattiva, il-Forum Għarbi dwar l-Irkupru tal-Assi, għal diskussjoni u kooperazzjoni fi sforzi kontinwi;

8. Jilqa' l-qafas leġiżlattiv il-ġdid adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Novembru 2012, li jiffaċilita r-ritorn ta' fondi miżappproprjati lill-Eġittu u t-Tuneżija billi jawtorizza lill-Istati Membri li jirrilaxxaw l-assi ffriżati abbażi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji rikonoxxuti u billi jħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet relevanti mill-Istati Membri minn naħa u l-Eġittu u t-Tuneżija mill-oħra; jenfasizza, madankollu, il-bżonn li jinkisbu riżultati konkreti u li l-Libja tkun inkluża bis-sħiħ f'dan il-proċess;

9. Jilqa' l-kooperazzjoni stretta bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u atturi ewlenin internazzjonali oħrajn fl-irkupru tal-assi min-naħa tal-Eġittu, il-Libja u t-Tuneżija, b'attenzjoni speċjali għall-Inizjattiva għall-Irkupru tal-Assi Misruqa (StAR) tal-Bank Dinji u tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità; jenfasizza l-importanza li jsir użu sħiħ tal-mekkaniżmi attwali, kemm fil-livell nazzjonali kemm f'dak internazzjonali, flimkien mal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida meħtieġa u l-aġġustament tal-leġiżlazzjoni eżistenti fi ħdan is-sistemi ġurdiċi f'dan il-qasam;

10. Jistieden lill-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran biex tqajjem il-kwistjoni mal-parlamenti nazzjonali, b'tali mod li d-deputati miż-żewġt ixtut ikunu jistgħu jiġu persważi jippromwovu miżuri ġuridiċi b'mod attiv ħalli jiżguraw kooperazzjoni aktar stretta bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji involuti;

11. Jitlob li, mingħajr dewmien, jinħoloq mekkaniżmu tal-UE magħmul minn tim ta' investigaturi, prosekuturi, avukati u esperti oħrajn nazzjonali u internazzjonali, bil-għan li jagħti konsulenza u assistenza ġurdika u teknika lill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fil-proċess tal-irkupru tal-assi; jitlob li dan il-mekkaniżmu jiġi ffinanzjat debitament mill-istrument finanzjarju relevanti fi ħdan il-qasam tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni; jenfasizza, fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji kumplessi, sensittivi u li jieħdu fit-tul, l-importanza li dan il-mekkaniżmu tal-UE jkun sostenibbli; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jisiltu t-tagħlimiet minn din l-esperjenza, u jibnu fuqha; jinnota wkoll il-possibilità ta' finanzjament addizzjonali għal dan il-mekkaniżmu, fi stadju ulterjuri, permezz ta' ftehimiet ta' kofinanzjament mal-istati rikjedenti;

12. Iħeġġeġ lil-Lega Għarbija biex tiddefinixxi, tadotta u timplimenta bil-ħeffa mekkaniżmi ta' kooperazzjoni dwar l-irkupru tal-assi, u jistieden partikolarment lill-pajjiżi tal-Golf biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom u joffru l-assistenza ġuridika tagħhom lill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija huma u jindirizzaw il-proċess tal-irkupru tal-assi;

13. Jirrikonoxxi u jappoġġja bis-sħiħ il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kemm fil-pajjiżi rikjedenti u kemm f'dawk rikjesti, għall-proċess tal-irkupru tal-assi, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet relevanti, iħeġġu l-kooperazzjoni fost l-atturi nazzjonali u internazzjonali ewlenin, jimmonitorjaw ir-ritorn tal-assi u jiżguraw li l-assi ritornati jintużaw b'mod trasparenti u effikaċi fl-istati rikjedenti;

14. Itenni l-impenn tiegħu li jappoġġja tranżizzjoni demokratika tal-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija u jwiegħed li jappoġġja u jassisti lill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fil-ħolqien ta' demokraziji b'saħħithom u stabbli li fihom ikunu rrispettati l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inklużi –drittijiet tan-nisa u l-liberta tal-

espressjoni, u fejn l-elezzjonijiet isiru skont standards internazzjonali; jenfasizza li huwa tal-akbar importanza li l-UE turi l-impenn konkret u ġenwin tagħha favur dan il-proċess;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Isvizzera, lill-Kungress u lill-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, lill-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Eġittu, tal-Libja u tat-Tuneżija.

---

P7_TA(2013)0225

# Rapport ta' progress 2012 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport ta' Progress 2012 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina (2012/2865(RSP))**

(2016/C 055/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-Balkani tal-Punent u l-anness tagħhom bit-titolu “L-Aġenda ta' Thessaloniki għall-Balkani tal-Punent: nimxu lejn l-integrazzjoni Ewropea”,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u l-Bosnja-Ħerzegovina min-naħa l-oħra, iffirmat fis-16 ta' Ġunju 2008 u rratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE u mill-Bosnja-Ħerzegovina,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/211/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet kontenuti fis-Sħubija Ewropea mal-Bożnja u Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/55/KE ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/426/CFSP tat-18 ta' Lulju 2011 ([2]) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina tal-21 ta' Marzu 2011, l-10 ta' Ottubru 2011, il-5 ta' Diċembru 2011, il-25 ta' Ġunju 2012 u l-11 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem “Strateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013” (COM(2012)0600) u r-Rapport ta' Progress 2012 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina, adottat fl-10 ta' Ottubru 2012 (SWD(2012)0335),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-14-il laqgħa Interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Parlamentari tal-Bosnja-Ħerzegovina, li saret f'Sarajevo fid-29 u t-30 ta' Ottubru 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tal-14 ta' Marzu 2012 dwar ir-Rapport ta' Progress dwar il-Bosjna-Ħerzegovina ([3]) u r-riżoluzzjoni tat-22 ta' Novembru 2012 dwar it-Tkabbir: politiki, kriterji u l-interessi strateġiċi tal-UE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE affermat kemm-il darba l-impenn tagħha favur is-sħubija fl-UE tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, inkluża l-Bosnja-Ħerzegovina (BĦ); billi l-UE tibqa' impenjata fis-sod għal Bosnja-Ħerzegovina sovrana u magħquda bil-prospett ta' sħubija fl-UE u billi dan il-prospett huwa wieħed mill-aktar fatturi unifikanti fost il-poplu tal-pajjiż;

---

([1]) ĠU L 80, 19.3.2008, p. 18.
([2]) ĠU L 188, 19.7.2011, p. 30.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0085.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0453.

B. billi, sabiex jitħaffef il-progress tal-pajjiż lejn is-sħubija fl-UE u jinkisbu riżultati tanġibbli li jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini kollha, huma meħtieġa istituzzjonijiet funzjonali u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ċari fil-livelli kollha kif ukoll impenn sod u konsistenti mill-mexxejja politiċi tal-pajjiż;

C. billi r-riforma kostituzzjonali tibqa' r-riforma ewlenija għat-trasformazzjoni tal-BĦ f'demokrazija effikaċi u li tiffunzjona tajjeb; billi huwa meħtieġ progress tanġibbli f'oqsma ewlenin tal-bini tal-istat, inkluż fil-governanza, il-ġudikatura, l-implimentazzjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fl-approssimazzjoni mal-istandards tal-UE;

D. billi l-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effikaċi huwa meħtieġ b'urġenza biex ikun hemm involviment aħjar mal-UE;

E. billi n-nuqqas ta' prospetti ta' impjieg, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, qed jissokta jdgħajjef serjament l-iżvilupp soċjoekonomiku u politiku tal-pajjiż;

F. billi l-korruzzjoni għadha qed ixxekkel serjament l-iżvilupp soċjoekonomiku u politiku fil-pajjiż;

G. billi l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien huma elementi ewlenin tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u għandhom rwol deċiżiv fil-proċess tat-trasformazzjoni tal-Balkani tal-Punent f'żona ta' stabbiltà fit-tul u ta' żvilupp sostenibbli; billi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn tar-reġjun fi spirtu ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien hija prerekwiżit għal-koeżistenza paċifika u r-rikonċiljazzjoni fil-BĦ u l-Balkani tal-Punent;

H. billi l-UE poġġiet l-istat tad-dritt fil-qalba tal-proċess ta' tkabbir tagħha;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Itenni bil-qawwa l-appoġġ tiegħu għall-integrazzjoni Ewropea tal-BĦ għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-pajjiż;

2. Jinsab imħasseb minħabba n-nuqqas kontinwu ta' viżjoni kondiviża għad-direzzjoni ġenerali tal-pajjiż mill-elite tal-politika, li b'hekk iqiegħed lill-BĦ fil-periklu li tkompli taqa' lura meta mqabbla ma' pajjiżi oħrajn tar-reġjun;

3. Ifaħħar il-fatt li l-elezzjonijiet ġenerali saru b'mod paċifiku, liberu u ġust; jieħu nota tat-tilwima ta' wara l-elezzjonijiet fi Srebenica; jirrikonoxxi d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-BĦ f'din il-kwistjoni; jinsab imħasseb dwar il-fatt li Mostar kienet l-unika belt fejn ma sarux l-elezzjonijiet muniċipali; iħeġġeġ lill-partijiet kollha kkonċernati jaqblu mal-bidliet fl-Istatut tal-Belt ta' Mostar skont deċiżjoni relevanti tal-Qorti Kostituzzjonali tal-BĦ;

4. Jilqa' s-sospensjoni tas-superviżjoni internazzjonali fid-Distrett ta' Brcko; jistieden lill-awtoritajiet biex jissodisfaw l-objettivi u l-kundizzjonijiet li għad fadal għall-għeluq tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, sabiex ikunu permessi aktar sjieda u responsabbiltà lokali;

5. Jisħaq fuq l-importanza li l-BĦ titkellem b'vuċi waħda fil-proċess ta' integrazzjoni mal-UE; iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi u lill-uffiċjali eletti jaħdmu flimkien u jiffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali bħala parti mid-Djalogu ta' Livell Għoli mal-Kummissjoni biex ikunu kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex fl-aħħar jidħol fis-seħħ il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni kredibbli għas-sħubija; jistieden lill-mexxejja politiċi u lill-awtoritajiet kollha jaħdmu flimkien f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE fil-proċess tal-adeżjoni;

6. Ifakkar lill-Kummissjoni li t-tkabbir tal-UE jmur lil hinn minn sempliċi trasferiment tal-acquis tal-UE u għandu jkun ibbażat fuq impenn reali u komprensiv favur il-valuri Ewropej; jinnota b'xi tħassib li l-forza ta' trasformazzjoni tal-'poter ta' persważjoni' tal-UE jista' jkun li tnaqqset minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti; madankollu jħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil pajjiżi oħrajn tal-Balkani tal-Punent jeżaminaw metodi innovattivi biex irawmu kultura u ambjent ta' rikonċiljazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina u fir-reġjun;

7. Jiddispjaċih li t-Tielet Laqgħa tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Bosnja-Ħerzegovina dwar il-Proċess ta' Adeżjoni, li kienet ppjanata għall-11 ta' April 2013, ġiet ikkanċellata minħabba n-nuqqas ta' progress fil-każ Sejdić-Finci;

8. Jinnota l-kontribut sinifikanti tal-Missjoni tal-Pulizija tal-UE li ngħalqet fit-30 ta' Ġunju 2012 u jilqa' l-preżenza msaħħa tal-UE fil-qasam tal-istat tad-dritt; jilqa' t-tiġdid tal-mandat tal-Operazzjoni tal-Forza tal-Unjoni Ewropea (EUFOR Althea) u l-enfasi mill-ġdid tagħha fuq il-bini tal-kapaċità u t-taħriġ;

***Kundizzjonijiet politiċi***

9. Ifakkar fl-importanza ta' Istituzzjonijiet li jiffunzjonaw fil-livelli kollha għall-progress tal-pajjiż fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea; jilqa' r-ritorn għad-djalogu u l-elezzjoni ta' ministri ġodda għall-Kunsill tal-Ministri f'Novembru 2012 wara l-kollass tal-koalizzjoni u ħames xhur ta' mblokk; jinsab preokkupat dwar l-ibblukkar li jirriżulta mill-inċertezza rigward l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-gvern fil-Federazzjoni tal-BĦ; madankollu jilqa' l-progress fin-nomina ta' kandidati għall-postijiet vakanti fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Federazzjoni;

10. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti kollha jiżviluppaw strateġija/programm għall-integrazzjoni mal-UE, li jkun jiżgura t-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar ikkoordinati u armonizzati tal-liġi u l-istandards tal-UE fil-pajjiż kollu, u b'hekk juru viżjoni kondiviża tad-direzzjoni ġenerali tal-pajjiż u rieda li jiżguraw il-prosperità ġenerali għaċ-ċittadini tiegħu;

11. Jitlob għal bidliet fir-regoli ta' proċedura tal-Kamra tal-Popli u tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex jiġi introdott mekkaniżmu mgħaġġel għal-leġiżlazzjoni tal-UE;

12. Jilqa' l-progress li nkiseb fl-ewwel nofs tal-2012 u minn Ottubru, b'mod partikolari l-adozzjoni ta' liġijiet importanti dwar iċ-ċensiment u l-għajnuna mill-Istat, il-Baġit Statali tal-2011, l-2012 u l-2013, il-pakkett fitosanitarju, il-progress fir-rigward tal-Kunsill tal-Għajnuna mill-Istat u l-Aġenzija ta' Kontra l-Korruzzjoni, kif ukoll l-ilħuq ta' ftehim politiku dwar il-proprjetà tal-istat u d-difiża; jitlob għall-implementazzjoni effettiva tagħhom u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex flimkien mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE, twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-implementazzjoni billi tikkunsidra bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-BĦ tat-13 ta' Lulju 2012; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jibnu u jsaħħu l-kapaċitajiet tal-korpi relevanti bħall-Kunsill għall-Għajnuna mill-Istat u l-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni, speċjalment fir-rigward ta' livelli suffiċjenti ta' persunal;

13. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien fil-għemil taċ-ċensiment; jissottolinja l-importanza li jsir ċensiment tal-popolazzjoni f'Ottubru 2013 u jilqa' l-isforzi li jkun żgurat li dan iseħħ f'Ottubru skont l-istandards internazzjonali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti kollha jneħħu l-ostakli kollha u ma jippolitiċċawx ċensiment li l-iskopijiet tiegħu jkunu li tinġabar dejta soċjo-ekonomika oġġettiva; jitlob li jkun hemm ir-rispett lejn jeddijiet il-minoranzi f'dan ir-rigward;

14. Jistieden lill-awtoritajiet statali tal-BĦ jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-ħtieġa li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni dwar in-numri tal-identità taċ-ċittadini; jinnota li wara t-12 ta' Frar 2013, minħabba diversi xhur ta' inattività min-naħa tal-awtoritajiet konċernati, it-trabi li kien għadhom kemm twieldu ma setgħux jinħarġulhom numri tal-identità, u lanqas, għaldaqstant, dokumenti bażiċi bħal passaporti jew karti tal-assigurazzjoni medika; jitlob li jittieħdu miżuri b'urġenza biex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta;

15. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jeżegwixxu s-sentenza ta' Sejdić u Finci, bħala l-ewwel pass fir-riforma kostituzzjonali komprensiva li hija meħtieġa sabiex il-pajjiż jersaq lejn demokrazija moderna u funzjonali li fiha kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni tiġi eliminata u li fiha kull ċittadin, tkun xi tkun l-affiljazzjoni etnika tiegħu, igawdi mill-istess drittijiet u libertajiet; jilqa' l-fatt li l-Assemblea tal-Kanton ta' Sarajevo, l-ewwel li għamlet dan fil-BĦ, ġa emendat b'mod unanimi l-kostituzzjoni tagħha ħalli lil dawk li huma etnikament mhux dikjarati u lill-minoranzi etniċi tagħtihom il-possibilità jifformaw il-caucus tagħhom fl-Assemblea, skont id-deċiżjoni meħuda skont il-Konvenzjoni Ewoprea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Sejdić-Finci;

16. Jinnota d-deċiżjoni tal-Kummissarju għat-Tkabbir u l-Politika tal-Viċinat li jikkanċella t-Tielet Laqgħa tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-BĦ dwar il-Proċess ta' Adeżjoni, minħabba n-nuqqas ta' ftehim politiku dwar l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci; jinsab imħasseb dwar il-fatt li s'issa ma ntlaħaqx ftehim, għax jemmen jista' jkollu effetti negattivi fuq il-proċess ta' adeżjoni kollu kemm hu, u jistieden lill-mexxejja politiċi jsibu soluzzjoni;

17. Iħeġġeġ lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE u lill-Kap tad-Delegazzjoni (RSUE/Kap tad-Delegazzjoni) biex ikompli jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex jiffaċilita ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni Sejdić u Finci;

18. Jinnota l-ħtieġa urġenti għal riformi kostituzzjonali sostanzjali, kemm f'livell ta' stat kemm ta' entità, ħalli l-istrutturi istituzzjonali fil-livelli kollha jsiru aktar effiċjenti, funzjonali u trasparenti; itenni l-ħtieġa għas-semplifikazzjoni tal-istruttura tal-Federazzjonit al-BĦ; jistieden lill-SEAE u lill-Kummissjoni jibdew konsultazzjonijiet wesgħin u aperti kif ukoll diskussjonijiet pubbliċi mal-istakeholders kollha fil-pajjiż dwar il-bidla kostituzzjonali; jisħaq li l-partijiet u lill-komunitajiet kollha għandhom ikunu involuti kompletament f'dan il-proċess, li għandu jwassal għal riżultati konkreti;

19. Jitlob lill-awtoritajiet kompetenti kollha jiżguraw l-istabbiliment ta' sistema legali indipendenti, imparzjali u effettiva appoġġata minn servizz ta' pulizija imparzjali u indipendenti u jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija għar-Riforma tas-Settur tal-Ġustizzja u l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Delitti tal-Gwerra; iħeġġeġ l-armonizzazzjoni tal-ġurisprudenza fi kwistjonijiet kriminali u ċivili bejn is-sistemi differenti ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tad-Djalogu Strutturat UE-BĦ dwar il-Ġustizzja;

20. Jitlob lill-awtoritajiet tal-BĦ biex jiksbu progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi fil-livelli kollha tal-gvern li jittrattaw kwistjonijiet tal-UE; jinsab imħasseb dwar is-sostenibbiltà finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika u n-nuqqas ta' appoġġ politiku għar-riforma tagħha; jisħaq dwar il-ħtieġa li jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-bini, bl-assistenza tal-UE, ta' mekkaniżmu ta' kordinament effiċjenti u t-titjib tal-kwalifiki u l-kompetenza tas-servizz ċivili, bħala element importanti għall-iżgurar ta' koperazzjoni effiċjenti u produttiva mal-UE;

21. Jesprimi tħassib dwar il-livell għoli ta' korruzzjoni fil-pajjiż, ir-rabta tiegħu mal-partiti politiċi u l-preżenza tal-korruzzjoni fil-livelli kollha tal-ħajja pubblika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti fil-livelli kollha jipproponu u jimplementaw strateġiji u pjanijiet għal kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli juru rieda politika biex jittrattaw il-kwestjoni u joffru mezzi sabiex l-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni ssir kompletament operattiva, biex jinbena rekord ta' investigazzjonijiet u kundanni u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-BĦ jallinjaw il-leġiżlazzjoni relevanti dwar il-korruzzjoni mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi miġġieled b'mod effettiv it-traffikar tal-bnedmin permezz tal-prosekuzzjoni tal-awturi tal-ksur u l-provvediment ta' protezzjoni u kumpens lill-vittmi;

22. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jaċċelleraw l-isforzi biex jimplimentaw il-pjan direzzjonali għal Ftehim Operazzjonali mal-EUROPOL, b'mod partikolari l-allinjament tal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri relevanti dwar il-protezzjoni tad-data;

23. Jitlob b'urġenza lill-awtoritajiet tal-BĦ jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-midja indipendenti u varjata li hija ħielsa mill-interferenza politika, il-frammentazzjoni etnika u l-polarizzazzjoni; jenfasizza r-rwol speċjali tal-midja tas-servizz pubbliku fit-tisħiħ tad-demokrazija u l-koeżjoni soċjali, u jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw is-sostenibbiltà finanzjarja, l-indipendenza u l-konformità tagħha mal-istandards Ewropej; jiddispjaċih għall-pressjoni politika kontinwa kif ukoll għat-theddid kontra tagħhom; jesprimi tħassib dwar it-tentattivi biex tiddgħajjef l-indipendenza tal-Aġenzija Regolatorja tal-Komunikazzjoni u tax-xandara tas-servizz pubbliku; ifakkar li l-midja ħielsa tirrappreżenta element essenzjali ta' demokrazija stabbli;

24. Iħeġġeġ lill-partijiet politiċi kollha jaħdmu proattivament għal soċjetà inklussiva u tolleranti; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw il-liġijiet u l-politiki dwar l-antidiskriminazzjoni u jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-liġi u fil-prattika, inklużi dawk relatati ma' persuni b'diżabbiltà; jinsab imħasseb dwar id-diskors ta' mibegħda, it-theddid u l-fastidju fir-rigward ta' persuni LGBT; jistieden lill-awtoritajiet jimplementaw fis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Roma, jippromwovu attivament l-inklużjoni effikaċi tar-Roma u tal-minoranzi l-oħrajn kollha, jikkundannaw pubblikament l-inċidenti istigati mill-mibegħda, u jiżguraw investigazzjoni xierqa mill-pulizija u prosekuzzjoni ġudizzjarja; jistieden lill-awtoritajiet jappoġġaw b'mod attiv l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili f'dan il-qasam, b'appoġġ finanzjarju u prattiku kif ukoll b'impenn politiku;

25. Iħeġġeġ il-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet ċivili fil-BĦ, u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmi ta' finanzjament li jagħtu lok lil organizzazzjonijiet fil-livell tal-komunitajiet lokali wkoll li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-IPA;

26. Jitlob li jkun hemm l-għoti ta’ setgħa lin-nisa bil-promozzjoni, protezzjoni u tisħiħ ta’ jeddijiethom, bit-titjib tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom, b’żieda tal-preżenza tagħhom fis-suq tax-xogħol, bl-iżgurar tar-rappreżentanza ġusta tan-nisa fi proċeduri ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi u t-tħeġġiġ tal-imprenditorija tan-nisa; Jinnota li n-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-parlamenti, fil-gvernijiet u fl-amministrazzjoni pubblika u li d-drittijiet tax-xogħol tagħhom spiss jiġu injorati; jitlob lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerżegovina jallinjaw id-drittijiet ta’ sigurtà soċjali għal dawn bil-liv tal-maternità, tal-paternità jew liv tal-ġenituri madwar il-pajjiż sabiex jintlaħaq livell għoli, u tinħoloq sitwazzjoni uniformi għaċ-ċittadini kollha u l-evitar tad-diskriminazzjoni;

27. Jesprimi tħassib dwar il-livell għoli ta’ vjolenza domestika li ma tiġix rapportata u dwar il-fatt li ma jsirux biżżejjed prosekuzzjonijiet tagħha; jitlob lill-awtoritajiet jadottaw u jimplementaw miżuri biex jiksbu l-protezzjoni reali tan-nisa; jinsisti fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-korpi tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġu indirizzati b’suċċess kwistjonijiet bħall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, il-vjolenza domestika, il-prostituzzjoni furzata u t-traffikar tan-nisa; jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza, it-traffikar u kull tip ieħor ta’ abbuż; iħeġġeġ lill-Kummissjoni terġa’ teżamina metodi biex tappoġġa l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika;

28. Jilqa’ l-abbozz ta’ Programm għall-Vittmi ta’ Stupru, Abbuż Sesswali u Tortura Matul il-Gwerra fil-BĦ; iħeġġeġ l-għoti ta’ riżorsi biżżejjed għar-riabilitazzjoni ta’ vittmi ta’ vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti b’mod sistematiku inklużi kumpensi irrispettivament mill-istatus soċjali tagħhom, kura medika u psikoloġika kif ukoll servizzi soċjali xierqa; jitlob lill-awtoritajiet kompetenti kollha biex iżidu l-għarfien pubbliku dwar l-istatus tal-vittmi;

29. Jistieden lill-Federazzjoni tintroduċi regolamentazzjoni dwar ir-reati ta’ mibegħda fil-Kodiċi Kriminali kif diġà ġie stabbilit fir-Repubblika Srpska u fid-Distrett ta’ Brcko fl-2009;

30. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li fi tmiem l-2011 kien għad hemm madwar 113,000 persuna spustata f’pajjiżha fil-BĦ, inklużi madwar 8,000 li kienu joqogħdu f’ċentri kollettivi u 7,000 refuġjat; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti kollha fil-livelli kollha, anke abbażi tal-impenn mill-komunità tad-donaturi internazzjonali imġedded fil-konferenza tad-donaturi internazzjonali ta’ Sarajevo f’April 2012,biex jiffaċilitaw ir-ritorn sostenibbli ta’ refuġjati u persuni spustati f’pajjiżhom billi jiżguraw l-aċċess tagħhom għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-impjieg; iħeġġiġhom jiffaċilitaw dan il-proċess billi jipprovdu għajnuna finanzjarja lir-refuġjati kollha li jirritornaw b’mod ġust u adegwat, inkluż ir-ritorn ta’ refuġjati Kroati lejn il-Posavina;

31. Jinnota bi tħassib in-numru għoli ta’ persuni fil-BĦ li jsofru minn disturbi ta’ stress postrawmatiku (PTSD) minħabba l-gwerra; jistieden lill-awtoritajiet jindirizzaw in-nuqqas ta’ kura soċjali u psikoloġika għal persuni li jsofru mis-sindromu tal-PTSD;

32. Jitlob għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija għall-Azzjoni kontra l-Mini kif ukoll għall-adozzjoni tal-liġi dwar l-azzjonijiet kontra l-mini sabiex jiġu evitati aktar diżgrazzji minħabba aċċidenti b’mini tal-art;

33. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe tentattiv, fil-BĦ jew x’imkien ieħor fid-dinja, li titnaqqas is-serjetà rigward il-ġenoċidju li seħħ fi Srebrenica jew li dan jiġi miċħud;

***Kwistjonijiet soċjoekonomiċi***

34. Iħeġġeġ lill-gvernijiet fil-livelli kollha biex jappoġġaw politiki fiskali b’saħħithom; jinsab imħasseb dwar id-daqs tal-ekonomija informali u dwar ir-rata ta’ qgħad għolja, partikolarment tan-nisa u ż-żgħażagħ; jesprimi tħassib dwar l-impatt li jikkawżaw l-instabilità politika u l-istat tad-dritt dgħajjef u l-ispazju ekonomiku frammentat fuq it-tkabbir ekonomiku u l-investimenti kif ukoll fuq l-ambjent tan-negozju kollu kemm hu; jistieden lill-gvern biex joħloq spazju ekonomiku uniku fil-pajjiż, sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet favorevoli għall-proliferazzjoni tan-negozji, speċjalment l-impriżi żgħar u medji, sabiex jissaħħu s-sorsi domestiċi ta’ tkabbir filwaqt li titnaqqas id-dominanza tal-gvern fl-ekonomija u l-ishma tal-monopolji, sabiex jiġi promoss l-infiq orjentat lejn it-tkabbir, u tingħata spinta lill-kompetittività;

35. Jilqa’ d-deċiżjoni tal-UE li tagħti Għajnuna Makrofinanzjarja li tammonta għal EUR 100 miljun lill-BĦ, bħala sinjal ċar tal-impenn tagħha għall-perspettiva Ewropea tal-pajjiż u l-benessri tal-poplu tiegħu;

36. Jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ, speċjalment lill-awtoritajiet fl-entitajiet li jirreġistraw l-aktar kumpaniji tal-BĦ, biex jirrevedu u jimmodernizzaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ix-xogħol, u jsaħħu d-djalogu soċjali u l-ispezzjoni tax-xogħol;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

37. Jilqa' l-iffirmar ta' ftehim bejn il-BĦ u l-UE dwar l-adeżjoni tal-BĦ mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO); iħeġġeġ lill-awtoritajiet fil-BĦ jżidu n-negozjati ma' msieħba oħrajn bl-għan li jsiru membru tad-WTO fil-futur qrib;

38. Jinnota li sar ċertu progress fit-titjib tal-qafas ġenerali għall-edukazzjoni, jistieden b'mod ripetut lill-Kunsill tal-Ministri, inter alia, biex itejjeb il-koordinazzjoni fost it-12-il ministeru tal-edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni fid-distrett ta' Brcko u biex inaqqas il-frammentazzjoni tas-sistema edukattiva;

39. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni b'mod li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol intern u barrani; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' taħriġ vokazzjonali sabiex jattiraw investiment dirett barrani kif ukoll jiżguraw, ukoll minħabba n-neċessità ekonomika, li tibda l-akkreditazzjoni ta' istituzzjonijiet edukattivi u li l-aġenziji li jittrattaw ir-rikonoxximent ta' lawrji u diplomi jsiru kompletament operattivi; jilqa' l-miżuri meħudin għall-iżvilupp u t-trawwim tal-korsijiet ta' taħriġ u programmi għaż-żgħażagħ ħalli tkun ifaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, u jitlob li jkun hemm aktar inizjattivi f'dan is-sens;

40. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti kollha jtemmu s-segregazzjoni etnika tat-tfal ("żewġ skejjel taħt saqaf wieħed") li għadha teżisti f'xi kantoni tal-Federazzjoni; jitlob, barra minn hekk, li jkun hemm il-promozzjoni tal-inklużjoni effikaċi tat-tfal Roma b'mod partikolari fl-edukazzjoni, inter alia permezz tal-programmi għat-tħejjija għall-iskola; jistieden lill-awtoritajiet jikkollaboraw mal-NGOs relevanti sabiex iħeġġu lill-familji Rom jappoġġaw l-aċċess tat-tfal tagħhom għall-edukazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet jarmonizzaw ir-regolamenti fi ħdan il-BĦ sabiex jiżguraw li t-tfal kollha jiġu trattati b'mod ugwali; jitlob, b'mod ġenerali, għal aktar sforzi biex tiġi evitata s-separazzjoni fil-familja u għal aktar servizzi ta' appoġġ għal familji fir-riskju; jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk assistenza mmirata tal-UE tistax tgħin biex tintemm is-sistema segregata tal-edukazzjoni;

41. Jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li titlob li jkun hemm laqgħa ta' livell għola dwar l-edukazzjoni bit-tir li jkun promoss id-djalogu fuq diversi suġġetti, inkluża s-segregazzjoni etnika tat-tfal fl-iskejjel u t-tlaqqigħ tar-rappreżentanti tal-organizzazzjoni internazzjonali relevanti u l-awtoritajiet tal-BĦ responsabbli mill-edukazzjoni;

42. Jistieden lill-awtoritajiet jallinjaw il-leġiżlazzjoni mal-acquis dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-UE;

43. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jieħdu l-miżuri kollha neċessarji ħalli jippreżervaw il-wirt nazzjonali u jindirizzaw l-qafas ġuridiku rispettiv; jitlob, barra minn hekk, lill-awtoritajiet kompetenti kollha fil-livelli kollha li jiżguraw li jkun hemm proċeduri ċari għall-finanzjament tal-istituzzjonijiet kulturali ħalli jkun prevenut l-għeluq;

44. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-BĦ biex jimplimentaw miżuri adegwati sabiex jipprevjenu aktar abbuż tar-reġim tal-ivvjaġġar mingħajr viża u biex jindirizzaw b'mod effettiv l-abbuż organizzat tal-proċeduri tal-asil fl-Istati Membri tal-UE;

***Kooperazzjoni reġjonali u kwistjonijiet bilaterali***

45. Ifaħħar lill-BĦ għar-rwol kostruttiv tagħha fil-kooperazzjoni reġjonali u jistieden lill-pajjiż jaħdem fuq id-delimitazzjoni tal-fruntieri b'kooperazzjoni mal-ġirien kollha;

46. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet fil-BĦ biex iħaffu t-tħejjijiet għall-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE billi jallinjaw il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-BĦ dwar is-sikurezza tal-ikel mal-acquis tal-UE; jinsab imħasseb minħabba n-nuqqas ta' azzjoni mill-awtoritajiet tal-BĦ u li dan jista' potenzjalment iwassal għal telf fis-swieq tal-esportazzjoni tal-BĦ; jilqa' l-progress li sar s'issa, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti ħalli b'ħeffa jibnu l-infrastruttura neċessarja fil-postazzjonijiet ta' kontroll tal-fruntieri tal-UE (BIPs); jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li ssib soluzzjonijiet fil-laqgħat trilaterali tagħha mal-Kroazja u l-BĦ dwar l-aħħar kwestjoni li għadhom pendenti dwar il-ġestjoni tal-fruntieri fid-dawl ta' dħul il-Kroazja fl-UE, inkluża l-ftehima ta' Neum/Ploče; jitlob li jkun hemm aktar sforzi kostruttivi f'dan is-sens, li jippermettu aktar BIPs jekk ikun

neċessarju; ifaħħar lill-BĦ għall-kontribut tagħha għall-progress li sar dwar ir-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti inkluża t-tlestija tal-Ftehim dwar it-Traffiku Lokali tal-Fruntiera, li għandu jissemplifika t-traffiku taċ-ċittadini f'żoni ħdejn il-fruntiera; iqis li huwa neċessarju li tinstab soluzzjoni sabiex tinżamm l-istess sistema ta' karti tal-identità bejn il-pajjiżi wara Lulju 2013 sabiex iċ-ċittadini tal-BĦ jkunu jistgħu jkomplu jivvjaġġaw lejn il-Kroazja;

47. Itenni t-talba tiegħu li jingħata permess għad-dħul taċ-ċittadini tal-Kosovo peress li l-BĦ għadha l-uniku pajjiż tar-reġjun li ma jħallihomx jidħlu; iħeġġeġ, għalhekk, lill-awtoritajiet tal-BĦ jaċċettaw id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa ta' ċittadini tal-Kosovo biex jidħlu fil-pajjiż, kif sar mis-Serbja u minn pajjiżi oħra;

48. Itenni l-ħtieġa għal implementazzjoni kontinwata aktar stretta tal-kriterji neċessarji u l-miżuri marbutin mal-ivvjaġġar ħieles mill-viża lejn il-pajjiżi Schengen, għall-implementazzjoni tal-istrateġiji fit-tul, u għar-regolazzjoni tal-politika fuq il-minoranzi; jikkunsidra neċessarju li ċ-ċittadini jiġu informati dwar il-limitazzjonijiet ta' reġim mingħajr viża sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' abbuż tal-libertà tal-ivvjaġġar u tal-politika ta' liberalizzazzjoni tal-viża; jinnota ċ-ċifri kostantement baxxi ta' dawk li jfittxu l-asil li joriġinaw mill-BĦ fl-Istati Membri tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-ivvjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-BĦ;

o

o o

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Presidenza tal-Bosnja-Ħerzegovina, lill-Kunsill tal-Ministri tal-Bosnja-Ħerzegovina, lill-Assemblea Parlamentari tal-Bosnja-Ħerzegovina u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Federazzjoni tal-Bosnja-Ħerzegovina u r-Repubblika Srpska.

---

P7_TA(2013)0226

## Rapport ta' progress 2012 dwar dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport ta' Progress tal-2012 dwar dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2013/2866(RSP))

(2016/C 055/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 biex jagħti lill-pajjiż l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet tal-Presidenza li ħarġu wara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 u tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE u tal-Istati Uniti tal-11 ta' Jannar 2013,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-2012 tal-Kummissjoni (SWD(2012)0332) u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "L-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013" (COM(2012) 0600),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 845 (1993) u 817 (1993) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll ir-riżoluzzjoni 47/225 (1993) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Ftehim Interim tal-1995,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-Applikazzjoni tal-Ftehim Interim tat-13 ta' Settembru 1995,

— wara li kkunisdra r-rakkomandazzjoni 329 (2012) tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Demokrazija lokali fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu inkluża r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar it-tkabbir: politiki, kriterji u interessi strateġiċi tal-UE ([1]),

— wara li kkunsidra l-għaxar laqgħa tal-Kumitat Parlamentari Konġunt tas-7 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-pajjiżi kollha kandidati u dawk potenzjalment kandidati għandhom jiġu ttrattati skont il-merti proprji tagħhom;

B. billi d-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni (HLAD) ġab dinamiżmu ġdid għall-proċessi ta' riforma fil-pajjiż;

C. billi l-adeżjoni mal-UE hija fundamentali għall-istabilità fit-tul tal-pajjiż u għal relazzjonijiet interetniċi tajba;

D. billi l-Kunsill Ewropew iddeċieda għar-raba' sena konsekuttiva li ma jiftaħx in-negozjati tal-adeżjoni mal-pajjiż minkejja r-rakkomandazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward; billi dan il-posponiment ulterjuri qiegħed iżid mal-frustrazzjoni li qiegħda dejjem tikber tal-opinjoni pubblika fil-pajjiż dwar l-istaġnar tal-proċess ta' integrazzjoni u jirriskja li jkabbar il-problemi nazzjonali u t-tensjoni interna; billi l-kwistjonijiet bilaterali ma għandhomx jirrappreżentaw ostakolu għall-ftuħ uffiċjali tan-negozjati ta' adeżjoni għalkemm għandhom jiġu solvuti qabel tmiem il-proċess ta' adeżjoni;

E. billi l-pajjiż lest li jniedi n-negozjati ta' adeżjoni mal-UE;

F. billi l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet ta' bon viċinat għadhom partijiet essenzjali tal-proċess ta' tkabbir;

G. billi l-kwistjonijiet bilaterali għandhom jiġu indirizzati bi spirtu kostruttiv waqt li jitqiesu l-interessi u l-valuri ġenerali tal-UE;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex jiffissa data għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mingħajr iżjed dewmien;

2. Jiddispjaċih li, għar-raba' sena konsekuttiva, waqt l-aħħar laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 il-Kunsill iddeċieda li ma jilqax ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u għadu ma fetaħx in-negozjati ta' adeżjoni; iqis madankollu li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, unanimament approvati għal deċiżjoni bi żmien limitat abbażi ta' rapport ġdid tal-Kummissjoni, jirrappreżentaw pass 'il quddiem awtentiku, filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-progress suffiċjenti fir-rigward ta' oqsma fundamentali kif imniżżel fil-konklużjonijiet ta' Diċembru 2012 tal-Kunsill Ewropew; jifraħ lill-Kummissarju inkarigat mit-Tkabbir tal-inizjattivi tiegħu u jistiednu jinkludi fir-rapport imminenti tiegħu valutazzjoni tal-kost li jiġġenera n-nuqqas ta' tkabbir, inklużi r-riskji ewlenin għall-pajjiż f'każ ta' titwil tal-istatus quo; jilqa' r-rapport tar-Rebbiegħa tas-16 ta' April 2013 mill-Kummissjoni Ewropea u jistieden lill-Presidenza Irlandiża twettaq diplomazija intensa biex tikseb riżultat sodisfaċenti mmirat għal deċiżjoni tal-Kunsill biex jinfetħu n-negozjati qabel tmiem Ġunju 2013;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0453.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

3. Jissottolinja l-fatt li r-relazzjonijiet ta' bon viċinat huma pilastru essenzjali għall-proċess ta' adeżjoni tal-UE; jilqa' favorevolment ir-rwol ġenerali kostruttiv tal-pajjiż fir-rigward tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra ta' tkabbir; jinkoraġġixxi l-iskambji diplomatiċi kostanti li saru bejn Ateni, Sofja u Skopje u jisħaq fuq l-importanza li l-partijiet kollha juru impenn adegwat lejn "relazzjonijiet ta' bon viċinat" abbażi speċjalment tal-ħbiberija u tar-rispett reċiproċi, tad-djalogu kostruttiv u tax-xewqa awtentika għar-riżoluzzjoni tan-nuqqas ta' qbil u għat-tegħlib tal-ostilitajiet; jappella biex jiġu evitati ġesti, dikjarazzjonijiet u azzjonijiet li jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet ta' bon viċinat; jilqa' pożittivament f'dan ir-rigward l-ewwel laqgħa li saret reċentement bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' Skopje u ta' Sofja mmirat lejn il-possibilità li jiġi ffirmat ftehim bejn iż-żewġ pajjiżi; iħeġġeġ lill-Kummissarju inkarigat mit-Tkabbir jagħti attenzjoni partikolari lir-rapport tiegħu lill-kwistjoni tar-"relazzjonijiet ta' bon viċinat"; jitlob ukoll kollaborazzjoni soċjokulturali akbar fid-dawl tat-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-popli tar-reġjun;

4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kwistjonijiet bilaterali għandhom jiġu indirizzati kemm jista' jkun kmieni fil-proċess ta' adeżjoni, bi spirtu kostruttiv u ta' bon viċinat u preferibbilment qabel il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni; itenni l-fehma tiegħu li l-kwistjonijiet bilaterali ma għandhomx jiġu evokati biex ixekklu l-proċess ta'adeżjoni mal-UE;

5. Jinsisti li l-pajjiżi kollha kandidati u dawk potenzjalment kandidati għandhom jiġu ttrattati skont il-merti proprji tagħhom fil-proċess ta' integrazzjoni;

6. Jemmen bis-saħħa li l-bidu tan-negozjati jista' hu stess jikkostitwixxi "żvolta", billi joffri impuls pożittiv u strument effikaċi biex jitkomplew ir-riformi, titjieb is-sitwazzjoni interna, jiġi aġevolat id-djalogu interetniku u jiġu promossi relazzjonijiet favorevoli mal-ġirien;

7. Jikkunsidra li d-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni (HLAD) ikkostitwixxa strument importanti biex jiżblokka l-istall eżistenti u jnissel dinamiżmu mġedded fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE; jilqa' pożittivament il-progress li sar f'aktar minn 75 % tal-oqsma politiċi identifikati; itenni l-importanza ta' implimentazzjoni totali u irreversibbli; jisħaq fuq il-fatt li l-HLAD ma jissostitwixxix in-negozjati ta' adeżjoni; jistieden lill-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni tibda l-proċess ta' "screening" malajr kemm jista' jkun sabiex tippermetti aktar progress;

8. Jilqa' pożittivament u jsostni totalment il-ftehim ta' dan l-aħħar li wassal għall-iżblokk tal-istall fl-iżviluppi politiċi interni fil-pajjiż u jqis li dan il-ftehim se jippermetti aktar progress lejn l-adeżjoni mal-UE qabel id-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew; jistieden liż-żewġ partijiet ikomplu d-djalogu politiku u jisħaq fuq il-bżonn ta' sostenn u involviment trasversali fl-aġenda tal-UE; jissottolinja l-fatt li l-parlament nazzjonali jikkostitwixxi istituzzjoni demokratika fundamentali għad-diskussjoni u għar-riżoluzzjoni tad-differenzi politiċi u jitlob lill-forzi politiċi kollha fil-pajjiż jaġixxu f'dan l-ispirtu u jirrispettaw il-proċeduri tagħha u l-valuri demokratiċi li fuqhom tissejjes; isostni l-inizjattivi li wassalu għal titjieb tal-funzjonament tal-parlament, inkluża l-proposta biex tinħoloq Kummissjoni ta' Inkjesta bil-għan li tistabbilixxi r-responsabilità għall-fatti tal-24 ta' Diċembru 2012, tifformula rakkomandazzjonijiet ulterjuri għal riforma globali tal-proċeduri tal-parlament fuq bażi verament transpartitika, ittejjeb l-awtorità, l-indipendenza u l-leġittimità tal-parlament u tipprevjeni kwalunkwe ripetizzjoni ta' tali inċidenti; jistieden lill-awtoritajiet joħolqu l-Kummissjoni ta' Inkjesta immedjatament, biex din tkun tista' tagħti bidu għall-ħidma importanti tagħha biex il-pajjiż jerġa' jkollu proċess politiku normali; jiddispjaċih li l-ġurnalisti tkeċċew ukoll mill-parlament u jappella għall-issuktar tad-djalogu bejn il-gvern u l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti f'kundizzjonijiet li l-ġurnalisti stess jistgħu jafdaw u joqogħdu fuqhom;

9. Jesprimi tħassib kbir rigward it-tensjonijiet fir-relazzjonijiet interetniċi matul is-sena; iqis li d-djalogu politiku msaħħaħ huwa essenzjali fit-tkomplija tal-progress lejn soċjetà paċifika, multietnika, multikulturali u multikonfessjonali u fl-eliminazzjoni tar-riskju ta' polarizzazzjoni tas-soċjetà skont diviżjonijiet etniċi; jikkundanna enerġikament kull inċident u sinjal ta' intolleranza bbażati fuq raġunijiet etniċi;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-gvern dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid (OFA) u jistenna li r-rapport jiġi ppreżentat b'mod pubbliku sabiex jiġġenera appoġġ soċjali u politiku wiesgħa għall-futur multietniku tal-pajjiż; jinkoraġġixxi lill-gvern jgħaddi malajr għall-fażi li jmiss tar-rieżami;

11. Jilqa' favorevolment il-Programm għad-Deċentrament 2011-14 u jappella għall-implimentazzjoni totali tal-Liġi dwar l-Iżvilupp Reġjonali; jinkoraġġixxi lill-gvern ikompli d-deċentrament fiskali bl-objettiv fit-terminu medju li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom il-possibilità li jonqfu ta' 9 % tal-PDG; ifaħħar ix-xogħol tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-komunità usa' tad-donaturi f'kollaborazzjoni mal-gvern bil-għan li tinbena l-kapaċità tal-gvern lokali biex tiġi żgurata governanza tajba u aċċess ugwali għaċ-ċittadini kollha;

12. Jilqa' favorevolment l-isforzi tal-awtoritajiet biex jinqatgħu mill-passat ta' komuniżmu, id-divulgazzjoni pubblika tal-ismijiet tal-aġenti affiljati mal-ex servizzi sigrieti Jugoslavi u l-proroga tat-terminu tal-applikabbiltà tal-Liġi dwar it-Tisfija sakemm tiġi adottata l-Liġi dwar l-Aċċess Liberu għall-Informazzjoni Pubblika; fl-istess ħin, iħeġġeġ lill-awtoritajiet jiksbu l-arkivji tas-servizzi sigrieti Jugoslavi mis-Serbja u jinkludu fil-proċess ta' tisfija l-persunal tas-servizzi ta' intelligence u kontrospjonaġġ; iħeġġeġ it-tisħiħ tal-mandat tal-Kummissjoni għall-Verifika tad-Data billi jiġu trasferiti d-dokumenti neċessarji kollha mis-servizzi ta' intelligence u kontrospjonaġġ għar-reċinti tal-Kummissjoni fuq bażi permanenti; jisħaq fuq il-bżonn ta' riforma tas-settur tas-sigurtà u t-tisħiħ tas-superviżjoni parlamentari fuq is-servizzi ta' intelligence u kontrospjonaġġ;

13. Jemmen li soċjetà multietnika tista' tinkiseb bl-aħjar mod permezz ta' djalogu politiku msaħħaħ, tmexxija bbażata fuq l-eżempju li turi aċċettazzjoni u tolleranza lejn etniji oħra, u sistema edukattiva li tgħallem il-valuri ta' soċjetà multietnika; jilqa' favorevolment, għalhekk, il-proġett edukattiv multietniku tal-gvern u jistieden lill-iskejjel kollha jsegwu l-eżempju ta' pijunieri bħal dawk ta' Kumanovo li qegħdin jipprovaw itemmu l-edukazzjoni separata tal-komunitajiet etniċi differenti;

14. Jinkoraġġixxi enerġikament lill-awtoritajiet u lis-soċjetà ċivili jieħdu miżuri xierqa għar-rikonċiljazzjoni storika bil-għan li titneħħa l-firda bejn u fi ħdan id-diversi gruppi etniċi u nazzjonali, inklużi ċ-ċittadini ta' identità Bulgara; itenni l-appell tiegħu biex isir progress pożittiv waqt ċelebrazzjonijiet konġunti ta' avvenimenti u personaġġi komuni mal-Istati Membri tal-UE ġirien; iħeġġeġ it-tentattivi għat-twaqqif ta' kumitati esperti konġunti dwar l-istorja u l-edukazzjoni, bl-għan li jikkontribwixxu għal interpretazzjoni tal-istorja oġġettiva u bbażata fuq il-fatti, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika u l-promozzjoni ta' attitudnijiet pożittivi fiż-żgħażagħ fir-rigward tal-ġirien tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jintroduċu materjali didattiċi ħielsa minn interpretazzjonijiet ideoloġiċi tal-istorja u mmirati lejn it-titjib tal-fehim reċiproku; josserva bi tħassib il-fenomenu tal-"antikizzazzjoni"; jinsab konvint li l-kultura u l-arti għandhom jintużaw biex ilaqqgħu aktar mill-qrib lin-nies aktar milli jifirduhom; iħeġġeġ lill-gvern jibgħat sinjali ċari lill-pubbliku u lill-mezzi ta' komunikazzjoni li d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità nazzjonali mhijiex tollerata fil-pajjiż, inkluż fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja, fil-mezzi ta' komunikazzjoni, fl-impjiegi u fl-opportunitajiet soċjali; jissottolinja l-importanza ta' dawn l-azzjonijiet għall-integrazzjoni tad-diversi komunitajiet etniċi u l-istabilità u l-integrazzjoni Ewropea tal-pajjiż;

15. Jilqa' favorevolment il-progress fit-tisħiħ tal-qafas normattiv fil-qasam tal-ġustizzja għat-tfal, inklużi l-emendi tal-liġi dwar il-ġustizzja tal-minorenni, it-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ u l-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tad-delinkwenza fost il-minorenni; jinnota bi tħassib in-nuqqasijiet li fadal fil-protezzjoni tat-tfal vittmi ta' delitti, b'mod partikolari l-vittmi ta' abbużi, minħabba nuqqas ta' riżorsi, il-kapaċità limitata tal-persunal professjonali u n-nuqqas ta' sistema ta' rispons effikaċi għat-tfal vittmi; jitlob titjib fir-riżorsi finanzjarji u umani taċ-ċentri ta' xogħol soċjali u l-ħolqien ta' timijiet multifunzjonali li jipprovdu servizzi ta' rkupru, riabilitazzjoni u reintegrazzjoni għat-tfal vittmi;

***Relazzjonijiet ta' bon viċinat u l-kwistjoni tal-isem***

16. Ikompli jiddispjaċih li l-inkapaċità li tissolva t-tilwima tal-isem imblokkat it-triq tal-pajjiż lejn l-adeżjoni mal-UE; jaqbel mal-Kunsill Ewropew li l-kwistjoni tal-isem teħtieġ tinġieb f'konklużjoni definittiva mill-aktar fis possibbli miż-żewġ naħat u li d-Deċiżjoni tal-Aja, li hija parti mid-dritt internazzjonali, teħtieġ tidħol fis-seħħ; jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-mibgħut speċjali tan-NU biex tintlaħaq soluzzjoni aċċettata minn kulħadd; jilqa' pożittivament il-proposta mressqa mill-Kummissarju inkarigat mit-Tkabbir dwar laqgħa trilaterali bejn Skopje, Ateni u Brussell; huwa tal-fehma li tali inizjattiva tista' tgħin biex tagħti spinta lin-negozjati mmexxija min-NU; jilqa' favorevolment l-ispinta ġġenerata għal Memorandum ta' Qbil u l-kuntatt reċenti mal-medjatur tan-NU; jistieden lill-partijiet kollha jaħtfu l-opportunità biex din l-azzjoni tirnexxi, jidħlu fi djalogu kostruttiv bil-għan li jsibu soluzzjoni u jiżblokkaw din is-sitwazzjoni; huwa tal-fehma li l-mexxejja tal-pajjiż u l-Unjoni Ewropea għandhom jispjegaw lill-pubbliku l-benefiċċji ta' soluzzjoni meta din tintlaħaq qabel ir-referendum dwar il-kwistjoni;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

17. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jibdew jiżviluppaw, bi qbil mat-Trattati tal-UE, mekkaniżmu ta' arbitraġġ ġeneralment applikabbli mmirat li jsolvi l-kwistjonijiet bilaterali bejn il-pajjiżi tat-tkabbir u l-Istati Membri;

18. Jilqa' pożittivament l-użu tat-terminu "Maċedoni" fir-Rapport ta' Progress tal-2012 fir-rispett tad-diversi lingwi, identitajiet u kulturi tal-pajjiż, u l-Istati Membri tal-UE tal-viċinat;

***Kriterji politiċi***

19. Jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-pajjiż għadu jissodisfa l-kriterji politiċi;

20. Jappella għat-tisħiħ tar-rwol ta' viġilanza tal-Parlament fil-konfront tal-gvern u għat-titjib tal-Kodiċi Elettorali u għażżieda tat-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti politiċi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-rakkomandazzjonijiet OSKE/ODIHR maħruġa wara l-elezzjonijiet parlamentari tal-2011 ġew parzjalment implimentati biss u jistieden, dawn ir-rigward, lill-gvern jemenda l-liġijiet biex jimplimentaw totalment ir-rakkomandazzjonijiet, anke rigward ir-reviżjoni u l-aġġornament tal-roll elettorali;

21. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-isforzi kontinwi fl-avvanzament tal-qafas leġiżlattiv għas-servizz ċivili u pubbliku u l-proċeduri amministrattivi, prinċipalment fir-rigward tal-Liġi dwar il-Ħaddiema Amministrattivi u l-Liġi dwar il-Proċeduri Amministrattivi Ġenerali; jitlob aktar sforzi bil-għan li jiġu garantiti t-trasparenza, l-imparzjalità u l-professjonalità tal-amministrazzjoni pubblika, jiġi żgurat ir-reklutaġġ meritokratiku u jissaħħu l-kontroll finanzjarju, l-ippjanar strateġiku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani;

22. Jitlob aktar sforzi biex jiggarantixxu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura; iqis bħala importanti d-definizzjoni ta' rekwiżiti ċari għat-destituzzjoni tal-imħallfin bil-għan li jiġu eliminati r-riskji għall-indipendenza tal-ġudikatura; jilqa' pożittivament il-progress fit-tnaqqis ġenerali tal-kawżi akkumulati fil-qrati, iżda jħeġġeġ provvedimenti li jittrattaw l-akkumulu fi ħdan il-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva; iħeġġeġ ir-razzjonalizzazzjoni progressiva tan-netwerk tal-qrati u l-appoġġ kontinwu lill-Akkademja tal-Imħallfin u l-Prosekuturi, fid-dawl tar-rwol ewlieni tagħha fl-iżgurar li jitkomplew it-taħriġ, l-iżvilupp professjonali u r-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu;

23. Jilqa' favorevolment l-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza u t-trasparenza fis-sistema tal-qorti u b'mod partikolari l-pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-qrati fil-livelli kollha fis-siti rispettivi tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jinħoloq reġistru tal-infurzar għal każijiet ta' prosekuzzjonijiet u kundanni li permezz tiegħu jista' jitkejjel il-progress; jitlob l-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza, biex jiġu żgurati sistema ġudizzjarja prevedibbli u l-fiduċja pubblika;

24. Jappoġġa t-Task Force Investigattiva Speċjali (SITF) tal-EULEX u jinkoraġġixxi l-pajjiż jikkoopera bis-sħiħ ma' u jassisti lill-SITF f'xogħolha;

25. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tisħiħ tal-qafas ġuridiku kontra l-korruzzjoni, inklużi t-tibdiliet lil-Liġi dwar il-Kunflitti ta' Interess, iżda jinsab imħasseb li l-korruzzjoni għadha mifruxa kemm fil-pajjiż kif ukoll fir-reġjun kollu kemm hu; jitlob sforzi akbar rigward l-implimentazzjoni tal-liġijiet attwalment fis-seħħ u jħeġġeġ sforzi kontinwi biex jiġi stabbilit reġistru tal-kundanni fil-każijiet ta' profil għoli; jilqa' favorevolment il-programm sostnut mill-OSKE kontra l-korruzzjoni, il-proġett PrijaviKorupcija.org li jippermetti r-rapportar tal-korruzzjoni permezz ta' messaġġ SMS u d-dikjarazzjoni ta' għaxar sindki fir-rigward tat-tolleranza żero fil-konfront tal-korruzzjoni fil-muniċipalitajiet tagħhom;

26. Josserva li, filwaqt li s-sentenzi għal reati relatati mall-korruzzjoni huma aktar ħorox, l-ordnijiet għal sekwestru u l-konfiska tal-beni jibqgħu eċċezzjoni; huwa tal-fehma li s-sekwestu u l-konfiska tal-beni huma strumenti kruċjali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata; jistieden lill-awtoritajiet tal-pajjiż jinfurzaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali tagħhom dwar il-konfiska estiża, l-arrikkiment illeċitu u r-responsabilità kriminali ta' persuni ġuridiċi;

27. Ifaħħar l-emendi għal-Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi; josserva b'mod partikolari r-rwol ewlieni tal-Uffiċċju Statali tal-Awditjar fis-superviżjoni tal-finanzjament politiku; jistieden lill-awtoritajiet tal-pajjiżi jagħtu lill-Uffiċċju Statali tal-Awditjar b'mezzi suffiċjenti biex jippermettu kontroll proattiv u bir-reqqa tal-finanzjament tal-partiti jew tal-kampanji kif ukoll għat-titjib b'mod sinifikanti tat-trasparenza tal-infiq pubbliku u tal-finanzjament tal-partiti politiċi;

28. Josserva li l-attivitajiet għall-ħolqien ta' Bażi tad-Data ta' Intelligence Nazzjonali għadhom għaddejjin; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet ilestu l-proċedura ta' sejħa għall-offerti u jiddeċiedu min se jistabbilixxi l-Bażi tad-Data ta' Intelligence Nazzjonali malajr kemm jista' jkun sabiex jagħtu appoġġ sħiħ lill-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, il-frodi, il-ħasil tal-flus u reati gravi oħra, inklużi dawk transkonfinali;

29. Jilqa' pożittivament id-depenalizzazzjoni legali tal-malafama u d-djalogu dejjem aktar fil-fond bejn il-gvern u l-ġurnalisti dwar kwistjonijiet marbuta mal-libertà ta' espressjoni; jistieden lill-awtoritajiet ikomplu jsaħħu u jippromwovu l-libertà tal-informazzjoni u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, li għandha tkun ħielsa minn kull forma ta' influwenza politika jew finanzjarja u trid tkun applikata kontinwament; jesprimi tħassib, madankollu, li l-pajjżi niżel fl-Indiċi ta' Libertà ta' "Ġurnalisti mingħajr fruntieri" u jitlob aktar sforzi favur it-tisħiħ tal-istandards professjonali fil-ġurnaliżmu u fil-ġurnaliżmu investigattiv, il-promozzjoni tal-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-indipendenza tax-xandar tas-servizz pubbliku, l-eżegwibilità tad-drittijiet ta' impjieg tal-ħaddiema fil-mezzi tal-komunikazzjoni, it-trasparenza tas-sjieda tal-midja, is-sostenibilità u l-konformità mal-istandards Ewropej; josserva bi tħassib l-awtoċensura mifruxa fost il-ġurnalisti u n-nuqqas ta' organizzazzjoni tal-midja awtoregolatorja; jesprimi tħassib li l-maġġoranza tar-reklamar iffinanzjat mill-gvern huwa mmirat lejn il-mezzi tal-komunikazzjoni favur il-gvern; isostni lill-attivisti tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali li eżerċitaw pressjoni kontra ċ-ċensura tal-Internet;

30. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' rappurtar analitiku u oġġettiv tal-mezzi tax-xandir fil-ġimgħat qabel l-elezzjonijiet lokali f'Marzu 2013, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet tal-oppożizzjoni, li r-rappurtar dwarhom waqt il-kampanja kien kważi non-eżistenti kemm fil-mezzi tax-xandir statali kif ukoll f'dawk privati; jenfasizza li midja viġilanti u professjonali hija fattur indispensabbli għall-iżvilupp ulterjuri ta' kultura u istituzzjonijiet demokratiċi fil-pajjiż u għat-twettiq tal-kriterji politiċi;

31. Josserva li s-sentenza El-Masri tal-Awla Manja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-13 ta' Diċembru 2012 irrikonoxxiet ksur multiplu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-sekwestru, il-konsenja straordinarja u t-tortura ta' ċittadin Ġermaniż Khaled El-Masri fil-31 ta' Diċembru 2003 u d-detenzjoni tiegħu għal 23 ġurnata f'lukanda fi Skopje qabel ma ġie trasferit mill-ajruport ta' Skopje għall-Afganistan; jistieden lill-gvern jottempera mingħajr dewmien mal-aspetti kollha tas-sentenza tal-QEDB, billi jagħti dikjarazzjoni uffiċjali ta' skuża lis-sur El-Masri, il-ħlas ta' kumpens ordnat mill-qorti u billi jieħu l-impenn li joħloq kummissjoni ta' inkjesta internazzjonali;

32. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Liġi l-ġdida dwar l-Opportunitajiet Indaqs, l-istrateġija għall-ewwel ħames snin dwar l-gender-budgeting (inklużjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-baġit) li ġiet żviluppata bi sħubija mal-UN Women, il-finanzjament allokat għall-pjan ta' azzjoni għall-inklużjoni tar-Rom u l-proġett li jgħin lir-Rom jillegalizzaw djarhom; japprezza l-ftuħ tal-uffiċċju l-ġdid ta' sostenn għall-komunità LGBT iżda jesprimi tħassib dwar l-att ta' vandaliżmu kommess kontrih; iħeġġeġ lill-gvern ikompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-politiki kontra d-diskriminazzjoni, b'mod speċjali dawk relatati mad-diskrimazzjoni bbażata fuq l-etnija kif ukoll fuq l-identità nazzjonali;

33. Jistieden lill-ministri u lill-uffiċjali jikkundannaw pubblikament id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBT, jiggarantixxu li l-Gay Pride ippjanat jew attivitajiet oħrajn tal-komunità LGBT jkunu jistgħu jsiru mingħajr periklu u b'suċċess u jimpenjaw ruħhom favur in-nondiskriminazzjoni fuq kull raġuni msemmija fit-Trattat tal-UE; jistieden lill-mezzi tal-komunikazzjoni jastjenu mir-retorika anti-LGBT, inklużi d-diskors ta' mibegħda u l-inċitament għall-mibegħda;

34. Jinsab imħasseb dwar każijiet ta' trattament ħażin mill-pulizija; jitlob taħriġ kontinwu, professjonalizzazzjoni u depoliticizzazzjoni tal-persunal tal-pulizija; jemmen li mekkaniżmu indipendenti ta' superviżjoni għall-aġenziji inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi huwa meħtieġ għall-ġlieda kontra l-impunità u biex jiġu żgurati servizzi tal-pulizija demokratiċi u responsabbli;

35. Jisħaq fuq il-fatt li r-reġim ta' eżenzjoni mill-obbligu tal-viża fl-ivvjaġġar mogħti liċ-ċittadini tal-pajjiż u tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kollha jirrappreżenta benefiċċju importanti ħafna fil-proċess ta' integrazzjoni fl-UE u inċentiv b'saħħtu ħafna għall-aċċelerazzjoni tar-riformi fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern;

36. Jistieden lill-awtoritajiet jieħdu miżuri u jikkooperaw mal-Istati Membri tal-UE biex jipprevjenu talbiet għall-asil mhux xierqa miċ-ċittadini tal-pajjiż fl-UE, filwaqt li jiggarantixxu d-dritt li jivvjaġġaw f'reġim ta' eżenzjoni tal-viżi għaċ-ċittadini kollha u jipprevjenu kull diskriminazzjoni jew stigmatizzazzjoni tar-Rom u tal-persuni minn gruppi ta' minoranza etnika; jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri ma jikkontestawx u ma jxekklux l-eżenzjoni mill-obbligu tal-viża fl-ivvjaġġar taċ-ċittadini tal-pajjiż iżda jheġġeġ lill-awtoritajiet jimplimentaw politiki li joffru liċ-ċittadini kollha futur deċenti f'pajjiżhom;

37. Filwaqt li japprezza n-numru għoli ta' parlamentari nisa meta mqabbel ma' ċerti Stati Membri, għadu mħasseb dwar il-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet isaħħu s-servizzi tat-tħaris tat-tfal għal dawk it-tfal b'diżabilitajiet, għat-tfal tat-triq, għat-tfal li jagħmlu użu mid-drogi u t-tfal li huma vittmi tal-vjolenza domestika, abbuż sesswali jew traffikar;

38. Jilqa' pożittivament il-progress kontinwu li għamlet il-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni; jitlob li din ikollha t-totalità tal-persunal, u jemmen li l-fatt li din tkun aċċettata min-Netwerk Ewropew tal-korpi ta' promozzjoni tal-ugwaljanza sservi ta' eżempju ta' promozzjoni tal-adeżjoni mal-UE permezz tal-integrazzjoni tagħhom stess fin-netwerks Ewropej rilevanti għall-aġenziji u għall-organizzazzjonijiet l-oħra;

***Soċjetà ċivili***

39. Iqis li l-iżvilupp ta' kultura politika li tibbenefika minn soċjetà ċivili indipendenti, pluralistika, interetnika, interkulturali u mhux partiġġjana hija fundamentali għat-tkomplija tal-progress demokratiku fil-pajjiż u li l-konstatazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jarrikkixxu il-possibilitajiet għal tfassil ta' politiki bbażat fuq il-provi; jenfasizza li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) jeħtieġu li jissaħħu, isiru indipendenti mill-interessi politiċi u jintensifikaw il-proġetti konġunti tagħhom għall-ġid reċiproku ma' tali organizzazzjonijiet mill-pajjiżi ġirien u, b'mod aktar ġenerali, mill-UE kollha;

40. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konsultazzjoni li saret mal-OSĊ fir-rigward tal-modifiki għal-liġijiet dwar l-assistenza ġudizzjarja u l-fondazzjonijiet; jappella għal konsultazzjoni sħiħa u f'waqtha mas-soċjetà ċivili dwar l-inizjattivi politiċi kollha rilevanti, inkluż id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni, u għall-inklużjoni fil-gruppi ta' ħidma governattivi kollha rilevanti ta' membri osservaturi mis-soċjetà ċivili magħżula b'mod trasparenti;

41. Jenfasizza r-rwol kruċjali li jista' jiżvolġu l-OSĊ biex jagħmlu l-proċess ta' integrazzjoni mal-UE aktar trasparenti, responsabbli u inklużiv;

42. Iqis li l-istudju parlamentari dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) juri bżonn ta' impenn, min-naħa tal-gvern, favur l-objettivi ta' sħubija mas-soċjetà ċivili u ta' ħolqien ta' fond nazzjonali biex iforni kofinanzjament bil-għan li l-OSĊ jithallew jipparteċipaw bis-sħiħ fil-programmi ffinanzjati mill-UE; jistieden lill-OSĊ jinvolvu ruħhom totalment fid-deċiżjonijiet dwar il-programmazzjoni tal-IPA li jmiss;

***Kwistjonijiet ekonomiċi***

43. Ifaħħar lill-pajjiż talli żamm l-istabilità makroekonomika; josserva, madankollu, li d-dejn tas-settur pubbliku żdied, il-kwalità tal-governanza fiskali ddeterjorat u t-tnaqqis ekonomiku globali ħalla effett negattiv fuq l-investiment dirett barrani lejn il-pajjiż;

44. Jilqa' favorevolment il-miżuri leġiżlattivi għat-tisħiħ tal-ambjent tan-negozju u l-azzjoni kontinwa bil-għan li jiġu żviluppati strateġiji makrofiskali għal żmien medju; iħeġġeġ lill-forzi politiċi jiftħu djalogu politiku trasparenti dwar is-sitwazzjoni fiskali u l-obbligi ta' kreditu tal-pajjiż;

45. Josserva bi tħassib li l-qgħad għadu għoli ħafna, u l-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa fost l-ogħla fid-dinja kollha u li l-impjieg tan-nisa għadu baxx ħafna; japprezza l-pjan ta' azzjoni dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ żviluppat flimkien mal-programm "Xogħol Deċenti" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); jistieden lill-gvern itejjeb il-koordinament bejn il-korpi li jeżegwixxu r-regoli tax-xogħol u jkompli fuq it-taħriġ konġunt organizzat mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) biex isaħħaħ il-kapaċitajiet tas-sħab soċjali bil-għan li jinvolvu ruħhom fi djalogu soċjali effikaċi; huwa tal-fehma li investiment ulterjuri fit-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-kapaċità innovattiva huwa meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat il-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

46. Jilqa' pożittivament il-progress li sar fil-modernizzazzjoni tan-netwerks tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet u, b'mod partikolari, l-isforzi biex jitlesta l-Kuritur X ([1]); fid-dawl tal-importanza tal-kollegamenti ferrovjarji fil-qafas ta' sistema sostenibbli ta' trasport, jilqa' pożittivament l-intenzjoni tal-gvern li jimmodernizza jew jibni kollegamenti ferrovjarji minn Skopje sal-kapitali tal-pajjiżi ġirien u jappella għal aktar progress, inkluża l-finalizzazzjoni tal-finanzjament tal-kollegamenti ferrovjarji fi ħdan il-Kuritur VIII ([2]);

47. Jenfasizza l-importanza li jinħoloq mekkaniżmu ta' konsulenza bejn il-gvern u l-kumpaniji privati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika; isostni wkoll li tali mekkaniżmu jista' jkun soluzzjoni għall-aġġustament tas-sistema edukattiva skont il-bżonnijiet tas-suq, li jista' jnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ;

48. Jieħu nota tal-isforzi tal-gvern li jibni mill-ġdid l-infrastruttura stradali lokali fil-pajjiż, bil-għan li jitjiebu t-turiżmu alternattiv u l-ħajja taċ-ċittadini; jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, lill-pajjiż jieħu approċċ aktar dinamiku fil-proġetti ta' żvilupp reġjonali fl-ambitu tal-IPA li se jżidu l-kooperazzjoni transkonfinali u l-kollegamenti fost il-pajjiżi tar-reġjun;

49. Josserva li huma meħtieġa sforzi sinifikanti fil-qasam tal-ambjent u b'mod partikolari fl-oqsma tal-kwalità tal-ilma, il-ħarsien tan-natura u l-kontroll tat-tniġġis industrijali u l-ġestjoni tar-riskju; jenfasizza l-fatt li ma jista' jsir l-ebda progress sostanzjali mingħajr it-tisħiħ adegwat tal-kapaċità amministrattiva; jistieden lill-gvern tal-pajjiż jieħu l-passi meħtieġa f'dan ir-rigward;

50. Itenni l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli għall-pajjiż u jilqa' favorevolment il-fatt li l-progress li qed isir b'21 konċessjoni ġdida għal impjanti idroelettriċi żgħar diġà garantiti, impjant idroelettriku li diġà qed jopera u x-xogħol għaddej fuq il-kostruzzjoni ta' park eoliku; jistieden lill-gvern iżid il-livell ta' dibattitu pubbliku fuq l-impatt tat-tibdil fil-klima u għal aktar sforzi għall-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam u jimplimenta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod speċjali dwar il-ġestjoni tal-ilma, il-kontroll tat-tniġġis industrijali, il-ħarsien tan-natura u t-tibdil fil-klima; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali;

51. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet iżidu l-isforzi tagħhom għall-introduzzjoni tal-gvern elettroniku bħala parti mir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika bl-għan li joffri servizzi effiċjenti, aċċessibli u trasparenti liċ-ċittadini u lill-impriżi;

***Kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali***

52. Japprezza l-fatt li l-pajjiż bħalissa qiegħed jippresjedi u jikkontribwixxi fil-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk, bit-tama li dan se jsaħħaħ aġenda Ewropea soda, relazzjonijiet ta' bon viċinat u inklużjoni; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali f'konformità mal-aġenda u l-valuri Ewropej u jitlob aktar progress f'dan ir-rigward; jerġa' jafferma li huwa importanti għall-UE li tfittex l-adeżjoni tal-pajjiżi kollha fir-reġjun mingħajr eċċezzjoni;

53. Jemmen li bidla fil-mentalità minn "Balkani tal-Punent" għal "Ewropa tax-Xlokk" taf tgħin f'dan l-isforz;

54. Jilqa' favorevolment il-parteċipazzjoni tal-pajjiż fil-missjoni EUFOR Althea u l-ftehim biex il-pajjiż jipparteċipa fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK); jistieden lill-pajjiż jikkonforma ruħu mal-pożizzjoni tal-UE fil-Qorti Kriminali Internazzjonali;

55. Jitlob lill-gvern u lill-organizzazzjonijiet kompetenti kollha jagħmlu sforz biex jilħqu l-kriterji u l-kundizzjonijiet neċessarji għall-arranġamenti tal-eżenzjoni mill-viża fiż-żona Schengen; jenfasizza l-bżonn biex jiġi żgurat li l-pubbliku jkun informat b'mod sħiħ rigward ir-restrizzjonijiet tal-eżenzjoni mill-viża u li ma jseħħ ebda abbuż mill-eżenzjoni jew mill-

([1]) Il-Kuritur X huwa wieħed mill-għaxar kurituri tat-trasport pan-Ewropej u jmur minn Salzburg (Awstrija) sa Salonka (Greċja). Il-fergħa D tiegħu jsegwi r-rotta Veles – Prilep – Bitola – Florina – Igoumenitsa (Via Egnatia).

([2]) Il-Kuritur VIII huwa wieħed mill-għaxar kurituri tat-trasport pan-Ewropej u jmur minn Durrës (Albanija) sa Varna (Bulgarija). Jgħaddi wkoll minn Skopje.

politika ta' liberalizzazzjoni tal-viża; jenfasizza li s-sospensjoni tal-arranġamenti tal-eżenzjoni tal-viża ma tkunx mingħajr konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sfavorevoli;

o

o o

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-gvern u lill-parlament tal-pajjiż.

---

P7_TA(2013)0227

## Negozjati dwar il-ftehim UE-Stati Uniti dwar il-kummerċ u l-investiment

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar in-negozjati dwar il-ftehim UE-Stati Uniti dwar il-kummerċ u l-investiment (2013/2558(RSP))

(2016/C 055/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit UE-Stati Uniti, maħruġa fit-28 ta' Novembru 2011, u d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Stati Uniti tal-Kunsill Ekonomiku Trans-Atlantiku (KET) maħruġa fid-29 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Impjiegi u t-Tkabbir (HLWG) tal-11 ta' Frar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-13 ta' Frar 2013 mill-President tal-Istati Uniti Barack Obama, il-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso u l-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, partikolarment dik tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-Istati Uniti ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-73 Laqgħa Interparlamentari tad-Djalogu Trans-Atlantiku bejn il-Leġiżlaturi (TLD), li saret f'Washington fit-30 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali tal-Proġett ta' Marzu 2013 taċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Politika Ekonomika (Londra) bit-titolu "Reducing Transatlantic Barriers to Trade and Investment: An Economic Assessment" ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE u l-Istati Uniti huma l-aktar żewġ operaturi kummerċjali u investituri importanti tad-dinja, li flimkien jirrappreżentaw kważi nofs il-PDG dinji u terz tal-kummerċ dinji;

---

([1]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2013/february/tradoc_150519.pdf
([2]) http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-13-94_en.htm
([3]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/135324.pdf
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0388.
([5]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2013/march/tradoc_150737.pdf

B. billi s-swieq tal-UE u tal-Istati Uniti huma profondament integrati, b'medja qrib iż-EUR 2 biljun f'beni u servizzi li huma suġġetti għal kummerċ bilaterali kuljum, u li b'hekk isostnu miljuni ta' impjiegi fiż-żewġ ekonomiji, u billi l-investimenti tal-UE u tal-Istati Uniti jikkostitwixxu l-mutur reali tar-relazzjoni trans-Atlantika, bl-investimenti bilaterali jammontaw għal iktar minn EUR 2,394 triljun fl-2011;

C. billi, skont ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt imħejji mill-Kummissjoni abbażi ta' rapport miċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Politika Ekonomika, sħubija trans-Atlantika ambizzjuża u komprensiva fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment, ladarba tkun implimentata għalkollox, tista' twassal għal gwadanji ekonomiċi sinifikanti b'mod ġenerali kemm għall-UE (EUR 119,2 biljun fis-sena) kif ukoll għall-Istati Uniti (EUR 94,9 biljun fis-sena); billi l-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Istati Uniti jistgħu għalhekk jiżdiedu bi 28 % u l-esportazzjonijiet totali tal-UE b'6 %, biex b'hekk jibbenefikaw l-esportaturi ta' prodotti u ta' servizzi tal-UE kif ukoll il-konsumaturi tal-UE;

D. billi l-UE u l-Istati Uniti jikkondividu valuri komuni, sistemi ġuridiċi komparabbli u standards għoljin, anke jekk differenti, fil-qasam tal-protezzjoni tax-xogħol, tal-konsumaturi u tal-ambjent;

E. billi l-ekonomija globali taffaċċja sfidi u t-tfaċċar ta' parteċipanti ġodda, u kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Istati Uniti għandhom jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' kooperazzjoni ekonomika aktar stretta biex joħolqu effett ta' lieva fuq il-vantaġġi tal-kummerċ internazzjonali bil-għan li jegħlbu l-kriżi ekonomika u jilħqu rkupru ekonomiku globali sostnut;

F. billi, wara s-Samit UE-Stati Uniti li sar f'Novembru 2011, l-HLWG ġie inkarigat li jidentifika l-għażliet biex jiżdiedu l-kummerċ u l-investiment bil-għan li jiġu sostnuti l-ħolqien tal-impjiegi, tkabbir ekonomiku u kompetittività reċiprokament vantaġġużi;

G. billi l-HLWG analizza konġuntament firxa wiesgħa ta' għażliet potenzjali għall-espansjoni tal-kummerċ u tal-investiment trans-Atlantiku, u wasal għall-konklużjoni fir-Rapport Finali tiegħu li ftehim komprensiv dwar il-kummerċ u l-investimenti jista' jforni l-livell l-aktar sinifikanti ta' vantaġġ liż-żewġ ekonomiji;

H. billi l-UE hija konvinta li l-iżvilupp u t-tisħiħ tas-sistema multilaterali hija objettiv kruċjali; billi, madankollu, dan ma jipprekludix ftehimiet bilaterali li jmorru lil hinn mill-impenji tad-WTO u li jkunu jikkomplementaw ir-regoli multilaterali, peress li kemm il-ftehimiet reġjonali kif ukoll dawk ta' kummerċ ħieles iwasslu għal armonizzazzjoni ikbar tal-istandards u liberalizzazzjoni usa' li tiffavorixxi s-sistema kummerċjali multilaterali;

I. billi fit-12 ta' Marzu 2013 il-Kummissjoni pproponiet l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ tan-negozjati u tal-abbozzi tad-direttivi tan-negozjati għall-eżami tal-Kunsill;

***Il-kuntest strateġiku, politiku u ekonomiku***

1. Jemmen li l-importanza strateġika tar-relazzjoni ekonomika UE-Stati Uniti għandha tiġi affermata mill-ġdid u approfondita, u li l-UE u l-Istati Uniti għandhom ifasslu approċċi komuni għal-kummerċ globali, għall-investiment u għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bħall-istandards, in-normi u r-regolamenti, biex tiġi żviluppata viżjoni trans-Atlantika usa' u sett komuni ta' għanijiet strateġiċi;

2. Iqis li huwa kruċjali li l-UE u l-Istati Uniti jiżblukkaw il-potenzjal mhux sfruttat ta' suq trans-Atlantiku verament integrat, biex jimmassimizzaw il-ħolqien ta' impjiegi diċenti u jistimolaw potenzjal ta' tkabbir intelliġenti, qawwi, sostenibbli u bbilanċjat; iqis li dan huwa partikolarment f'waqtu fid-dawl tal-kriżi ekonomika li għadha għaddejja, l-istat tas-swieq finanzjarji u tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament, il-livell għoli ta' dejn pubbliku, ir-rati għoljin ta' qgħad u l-projezzjonijiet modesti ta' tkabbir fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku, kif ukoll fid-dawl tal-benefiċċji li toffri reazzjoni verament ikkoordinata għal dawn il-problemi kondiviżi;

3. Jemmen li l-UE jmissha tisfrutta l-esperjenza vasta tagħha fin-negozjar ta' ftehimiet bilaterali ta' kummerċ profondi u komprensivi biex tikseb riżultati saħansitra aktar ambizzjużi mal-Istati Uniti;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

***Rapport Finali tal-HLWG***

4. Jilqa' l-ħruġ tar-Rapport Finali tal-HLWG u japprova bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni għall-varar tan-negozjati għal ftehim komprensiv fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi li r-Rapport Finali poġġa fuq: (i) it-titjib ambizzjuż tal-aċċess reċiproku għas-suq ta' beni, servizzi, investimenti u akkwist pubbliku fil-livelli kollha ta' gvern; (ii) it-tnaqqis tal-ostakli nontariffarji (ONT) u ż-żieda tal-kompatibbiltà tar-reġimi ta' regolamentazzjoni; u (iii) l-iżvilupp ta' regoli komuni bil-għan li jilqgħu l-isfidi u l-opportunitajiet kondiviżi tal-kummerċ globali;

6. Jaqbel mal-opinjoni skont liema, minħabba t-tariffi medji baxxi diġà eżistenti, is-soluzzjoni biex jiġi żblukkat il-potenzjal tar-relazzjoni trans-Atlantika tinsab fit-tegħlib tal-ONT, li jikkonsistu prinċipalment fi proċeduri doganali, standards tekniċi u restrizzjonijiet regolatorji interni; isostni l-objettiv propost mill-HLWG biex nersqu progressivament lejn suq trans-Atlantiku saħansitra aktar integrat;

7. Jilqa' pożittivament ir-rakkomandazzjoni biex jiġu eżaminati modi ġodda ta' tnaqqis tal-kostijiet bla bżonn u tad-dewmien amministrattiv li jirriżulta mir-regolamentazzjoni, filwaqt li jintlaħqu l-livelli ta' saħħa, sikurezza u ħarsien ambjentali li kull naħa tqis bħala adegwati, jew inkella filwaqt li jintlaħqu l-objettivi regolatorji leġittimi;

***Mandat ta' negozjar***

8. Itenni l-appoġġ tiegħu għal ftehim kummerċjali u ta' investiment profond u komprensiv mal-Istati Uniti li jappoġġa l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja għall-ħaddiema Ewropej, li jkun ta' benefiċċju dirett għall-konsumaturi Ewropej, li jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex ibigħu prodotti u jipprovdu servizzi fl-Istati Uniti, li jiżgura aċċess sħiħ għas-suq tal-akkwist pubbliku fl-Istati Uniti u li jtejjeb l-opportunitajiet għall-investimenti tal-UE fl-Istati Uniti;

9. Jistieden lill-Kunsill jagħti segwitu lir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport Finali tal-HLWG u jawtorizza lill-Kummissjoni tibda n-negozjati għal ftehim ta' Sħubija Trans-Atlantika fil-qasam tal-Kummerċ u tal-Investimenti (TTIP) mal-Istati Uniti;

10. Jenfasizza li t-TTIP irid ikun ambizzjuż u vinkolanti fil-livelli kollha ta' gvern fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku, inklużi r-regolaturi kollha u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra; jisħaq fuq il-fatt li l-ftehim għandu jwassal għall-ftuħ veru u dejjiemi tas-suq fuq bażi reċiproka u għall-aġevolazzjoni kummerċjali fil-post, u għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-modi strutturali ta' kif tinkiseb konverġenza regolatorja trans-Atlantika akbar; iqis li l-ftehim ma għandux jissogra jippreġudika d-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni, inkluż fis-settur tas-servizzi awdjoviżivi u kulturali;

11. Iqis li hu essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżommu l-posibbiltà li jippreservaw u jiżviluppaw il-politiki kulturali u awdjoviżivi tagħhom, u li jagħmlu dan fil-kuntest tal-liġijiet, tal-istandards u tal-ftehimiet eżistenti tagħhom; jitlob għalhekk li l-esklużjoni tas-servizzi kulturali u awdjoviżivi, inklużi dawk provduti online, tiġi ddikjarata b'mod ċar fil-mandat għan-negozjar;

12. Jenfasizza li l-proprjetà intellettwali hija waħda mill-ixpruni tal-innovazzjoni u tal-ħolqien u hija pilastru tal-ekonomija bbażata fuq l-għarfien, u li l-ftehim għandu jinkludi protezzjoni b'saħħitha għal oqsma ddefiniti b'mod preċiż u ċar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPRs), inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi, u għandu jkun konsistenti ma' ftehimiet internazzjonali eżistenti; jemmen li s-setturi l-oħra ta' diverġenza relatati mal-IPRs għandhom ikunu solvuti konformement mal-istandards internazzjonali ta' protezzjoni;

13. Iqis li l-ftehim għandu jiggarantixxi rispett sħiħ għall-istandards tad-drittijiet fundamentali tal-UE; itenni l-appoġġ tiegħu għal livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali, ħaġa li għandha tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku; iqis li l-ftehim għandu jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) dwar il-protezzjoni tad-data personali;

14. Ifakkar fl-importanza tas-settur tat-trasport għat-tkabbir u l-impjiegi, u speċjalment fl-avjazzjoni, fejn is-swieq tal-UE u tal-Istati Uniti huma responsabbli għal 60 % tat-traffiku dinji tal-ajru; jenfasizza li n-negozjati għandhom jindirizzaw b'mod sinifikanti r-restrizzjonijiet attwali fuq is-servizzi tat-trasport marittimu u bl-ajru li huma proprjetà ta' negozji Ewropej, inkluż b'rabta mas-sjieda tal-linji tal-ajru mill-barranin u r-reċiproċità fir-rigward tal-kabotaġġ, kif ukoll l-iskrining tal-merkanzija marittima;

15. Jenfasizza l-valur tal-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji u tal-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ partijiet fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq u l-identifikazzjoni ta' prodotti ffalsifikati;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, ir-rakkomandazzjoni tal-HLWG lill-UE u lill-Istati Uniti biex jindirizzaw l-aspetti ambjentali u tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ u mal-iżvilupp sostenibbli; iqis li l-esperjenza minn ftehimiet kummerċjali preċedenti tal-UE u l-impenji li ilhom jeżistu bejn l-UE u l-Istati Uniti għandhom jitqiesu biex jissaħħu l-iżvilupp u l-infurzar tal-liġijiet u l-politiki fl-oqsma tax-xogħol u tal-ambjent u biex jiġu promossi l-istandards ewlenin u l-punti ta' riferiment stipulati mill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO), kif ukoll impjiegi diċenti u żvilupp sostenibbli; jinkoraġġixxi l-armonizzazzjoni tal-istandards tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (RSK); jirrikonoxxi li l-ilħiq ta' standards komuni x'aktarx jippreżenta sfidi kemm tekniċi kif ukoll politiċi, u jenfasizza li l-għan komuni għandu jkun li jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda tnaqqis fl-ambizzjonijiet ambjentali;

17. Jenfasizza s-sensittività ta' ċerti oqsma ta' negozjati, bħas-settur agrikolu, fejn il-perċezzjonijiet fir-rigward tal-Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OĠM), tal-klonazzjoni u tas-saħħa tal-konsumaturi għandhom it-tendenza li juru diverġenza bejn l-Istati Uniti u l-UE; jara opportunità fil-koopeerazzjoni msaħħa fil-kummerċ agrikolu, u jenfasizza l-importanza ta' eżitu ambizzjuż u bbilanċjat f'dan il-qasam; jenfasizza li l-ftehim m'għandux idgħajjef il-valuri fundamentali ta' naħa jew oħra, pereżempju l-prinċipji tal-prekawzjoni fl-UE; jistieden lill-Istati Uniti tneħħi l-projbizzjoni tagħha fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti taċ-ċanga mill-UE, bħala miżura għall-bini tal-fiduċja;

18. Jenfasizza li s-servizzi finanzjarji għandhom jiġu inklużi fin-negozjati dwar it-TTIP, u jitlob f'dan il-kuntest li tingħata attenzjoni partikolari lill-ekwivalenza, lir-rikonoxximent reċiproku, lill-konverġenza u lill-extraterritorjalità, peress li dawn huma kunsiderazzjonijiet ċentrali għaż-żewġ naħat; jenfasizza li konverġenza lejn qafas regolatorju finanzjarju komuni bejn l-Istati Uniti u l-UE tkun ta' benefiċċju; jenfasizza li filwaqt li l-aċċess għas-suq għandu jitqies bħala pass pożittiv, il-proċessi superviżorji prudenzjali huma vitali biex tinkiseb konverġenza xierqa; jenfasizza li l-impatt negattiv tal-extraterritorjalità għandu jiġi minimizzat u m'għandux jitħalla jippreġudika approċċ konsistenti fir-rigward tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji;

19. Jerġa' jafferma s-sostenn tiegħu għat-tneħħija tal-ostakli regolatorji bla bżonn, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Gvern tal-Istati Uniti jinkludu fil-ftehim mekkaniżmi (inkluża l-kooperazzjoni regolatorja upstream inizjali) intiżi li jevitaw ostakli futuri; iqis li regolamentazzjoni aħjar u t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi huma kwistjonijiet li għandhom ikunu fuq quddiem nett meta jiġi nnegozjat it-TTIP, u li konverġenza regolatorja trans-Atlantika akbar għandha twassal għal regolamentazzjoni aktar razzjonalizzata li tkun faċli li tinftiehem u li tiġi applikata, b'mod partikolari għall-SMEs;

20. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li ftehim komprensiv fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti bejn l-UE u l-Istati Uniti għandu l-potenzjal li jwassal għal sitwazzjoni vantaġġuża għal kulħadd, li tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ ekonomiji, u li livell aktar fond ta' integrazzjoni jkun jimmultiplika l-qligħ b'mod konsiderevoli għaż-żewġ ekonomiji; huwa konvint li l-allinjament tal-istandards regolatorji tal-UE u tal-Istati Uniti, fejn dan ikun possibbli, jiżgura li l-UE u l-Istati Uniti jkomplu jistabbilixxu l-istandards globali u jwitti t-triq għal standards internazzjonali; huwa tal-fehma soda li l-benefiċċji ta' dan il-ftehim f'termini ta' kummerċ internazzjonali u ta' standardizzazzjoni għandhom jitqiesu u jiġu fformulati b'attenzjoni;

21. Ifakkar fil-ħtieġa ta' kuntatt proattiv u involviment kontinwu u trasparenti mill-Kummissjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inklużi rappreżentanti tan-negozji, ta' organizzazzjonijiet ambjentali, tal-bdiewa, tal-ħaddiema u oħrajn, tul il-proċess kollu tan-negozjati, biex jiġu żgurati diskussjonijiet ibbażati fuq il-fatti, tiżdied il-fiduċja fin-negozjati, jinkiseb kontribut proporzjonat minn diversi naħat u jitrawwem l-appoġġ pubbliku billi jitqiesu l-preokkupazzjonijiet tal-partijiet interessati; jinkoraġġixxi lill-partijiet interessati kollha jipparteċipaw b'mod attiv u jressqu inizjattivi u informazzjoni rilevanti għan-negozjati;

22. Iwissi li maż-żmien il-kwalità għandha tipprevali fuq iż-żmien, u għandu fiduċja fil-fatt li n-negozjaturi mhumiex se jgħaġġlu biex jaslu għal ftehim li ma jiġġenerax benefiċċji tanġibbli u sostanzjali għall-impriżi, għall-ħaddiema u għaċ-ċittadini tagħna;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

***Rwol tal-Parlament***

23. Jistenna bil-ħerqa li jitniedu n-negozjati mal-Istati Uniti, u li jsegwihom mill-qrib u jagħti l-kontribut tiegħu għal eżitu ta' suċċess; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li żżomm lill-Parlament informat immedjatament u totalment fil-fażijiet kollha tan-negozjati (qabel u wara ċ-ċikli ta' negozjati); huwa impenjat li jittratta l-kwistjonijiet leġiżlattivi u regolatorji li jafu jinqalgħu fil-kuntest tan-negozjati u tal-ftehim futur; itenni r-responsabbiltà bażika tiegħu li jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE u jistenna b'ħerqa li jiffaċilita diskussjonijiet inklużivi u miftuħa matul il-proċess tan-negozjati; huwa impenjat li jassumi rwol proattiv biex jikkollabora mal-kontropartijiet Amerikani tiegħu meta jintroduċi regolamenti ġodda;

24. Jimpenja ruħu li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mal-Kunsill, mal-Kummissjoni, mal-Kungress tal-Istati Uniti, mal-Gvern tal-Istati Uniti u mal-partijiet interessati biex jinkiseb il-potenzjal ekonomiku, soċjali u ambjentali sħiħ tar-relazzjoni ekonomika trans-Atlantika u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE u tal-Istati Uniti fil-liberalizzazzjoni u fir-regolamentazzjoni tal-kummerċ u tal-investimenti barranin; huwa impenjat li jinkoraġġixxi kooperazzjoni bilaterali approfondita bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jasserixxi r-rwol ta' tmexxija tagħhom fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali;

25. Ifakkar li l-Parlament se jintalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ftehim TTIP futur, kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li l-pożizzjonijiet tiegħu għandhom għalhekk jitqiesu kif jixraq fil-fażijiet kollha;

26. Ifakkar li l-Parlament se jagħmel ħiltu biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-ftehim futur;

o

o o

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Kungress tal-Istati Uniti.

---

P7_TA(2013)0228

## L-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Mjanmar/ Burmagħas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (2012/2929(RSP))**

(2016/C 055/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Burma/il-Mjanmar, b'mod partikolari dawk tal-20 ta' April 2012 ([1]) u tat-22 ta' Novembru 2012 ([2]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2012 ([3]) dwar il-persekuzzjoni tal-Musulmani Rohingya f'Burma/il-Mjanmar,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE tat-23 ta' April 2012 dwar Burma/il-Mjanmar,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton u tal-Kummissarju għall-Kummerċ Karel De Gucht tal-15 ta' Ġunju 2012, li talbet ir-ristabbiliment tal-preferenzi kummerċjali għal Burma/il-Mjanmar, kif ukoll id-dikjarazzjoni mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli tas-6 ta' Frar 2013 dwar l-organizzazzjoni eventwali ta' Task Force Mjanmar/UE sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ekonomika,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0142.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0464.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0355.

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma (COM(2012)0524),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 ([1]), li japplika Skema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati (SPĠ),

— wara li kkunsidra r-"Resolution concerning the measures on the subject of Myanmar adopted under article 33 of the ILO Constitution" (Riżoluzzjoni dwar il-miżuri fuq is-suġġett tal-Mjanmar adottati skont l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol), adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fit-13 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija konġunta bejn il-Mjanmar u l-ILO għat-tneħħija tax-xogħol furzat sal-31 ta' Diċembru 2015, kif approvat mill-awtoritajiet tal-Mjanmar/Burma fil-5 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra d-dokument tal-Gvern tal-Istati Uniti tal-11 ta' Lulju 2012 bit-titolu "Reporting Requirements on Responsible Investment in Burma" (Rekwiżiti ta' Rappurtar dwar l-Investiment Responsabbli f'Burma" ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti tas-6 ta' Marzu 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Burma/il-Mjanmar,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fil-Post tax-Xogħol, adottata fl-1998, u l-konvenzjonijiet tal-ILO li jistabbilixxu standards universali fundamentali tax-xogħol fir-rigward ta': l-abolizzjoni tax-xogħol furzat (Nri 29 (1930) u 105 (1957)); il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt tal-innegozjar kollettiv, (Nri 87 (1948) u 98 (1949)); l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal (Nri 138 (1973) u 182 (1999)); u n-nondiskriminazzjoni fl-impjieg, (Nri 100 (1951) u 111 (1958)),

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni tar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-forzi armati tal-Mjanmar, li ġie ffirmat mill-gvern ta' Burma/il-Mjanmar u min-NU fis-27 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC), b'mod partikolari l-Artikolu 38 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem ([3]) u l-konklużjonijiet dwar in-nondiskriminazzjoni fl-impjieg tat-8 ta' Diċembru 2009 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, aġġornati f'Mejju 2011,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva ta' Rappurtar Globali u l-Linji Gwida tar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà tagħha ([5]),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji tan-NU għall-Investiment Responsabbli (UNPRI),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pakkett 'Negozji responsabbli'" (COM(2011)0685),

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/109/KE (id-Direttiva dwar it-Trasparenza) (COM(2011)0683) u l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi (COM(2011)0684), li temenda d-Direttiva 2003/51/KE (id-"Direttiva tal-Kontabbiltà"),

---

([1]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
([2]) http://www.humanrights.gov/wp-content/uploads/2012/07/Burma-Responsible-Investment-Reporting-Reqs.pdf
([3]) "Guiding Principles on Business and Human Rights: Implementing the United Nations 'Protect, Respect and Remedy' Framework" tas-16 ta' Ġunju 2011, approvati mill-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem: http://www.business-humanrights.org/media/documents/ruggie/ruggie-guiding-principles-21-mar-2011.pdf
([4]) http://www.business-humanrights.org/SpecialRepPortal/Home/Protect Respect-Remedy-Framework u http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/111819.pdf
([5]) Verżjoni 3.1, Marzu 2011: https://www.globalreporting.org/resourcelibrary/G3.1-Sustainability-Reporting-Guidelines.pdf

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar "Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inkluživ" ([2]) u dwar "ir-responsabbiltà soċjali korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ewwel Laqgħa Interparlamentari bejn il-PE u l-Mjanmar li saret bejn is-26 ta' Frar u t-2 ta' Marzu 2012, u r-rapport dwarha ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Mjanmar/Burma għadha fraġli minkejja l-passi li qed jieħu l-gvern tal-President Thein Sein;

B. billi Mjanmar/Burmaġeografikament jagħmel parti minn reġjun ta' interess strateġiku u ġeopolitiku kbir, b'mod partikolari għall-UE, l-Istati Uniti, iċ-Ċina, l-Indja u l-Awstralja;

C. billi dawn il-bidliet li għaddejjin bħalissa joħolqu opportunitajiet importanti għall-iżvilupp ta' relazzjoni mtejba ħafna bejn l-UE u Mjanmar/Burma, jgħinu l-proċess ta' riforma u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku, politiku u soċjali;

D. billi l-Kummissjoni pproponiet li terġa' tintroduċi aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati lil Mjanmar/Burmaabbażi tal-fatt li l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stqarret li l-ksur tal-Konvenzjoni tagħha dwar ix-Xogħol Furzat m'għadux jitqies bħala serju u sistematiku;

E. billi skont l-istimi tal-ILO, għad hemm madwar 5 000 tifel u tifla suldati f'Mjanmar/Burma;

F. billi hemm ħtieġa għal prudenza, minħabba li, skont ir-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Mjanmar, għad baqa' tħassib serju dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-detenzjoni arbitrarja, iċ-ċaqliq furzat, il-konfiska tal-art, l-użu tas-suldati tfal, atti ta' aggressjoni kontra minoranzi etniċi u ġudikatura dgħajfa;

G. billi fl-imgħoddi ħafna setturi tal-attività ekonomika f'Mjanmar/Burma, bħall-minjieri, l-injam, iż-żejt, il-gass u l-kostruzzjoni tad-digi kienu konnessi direttament ma' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u mal-qerda tal-ambjent u kienu, fl-istess ħin, is-sors ewlieni ta' dħul tal-gvern militari;

H. billi l-kumpaniji li joperaw fi stati fraġli u f'żoni b'governanza dgħajfa, bħal Mjanmar/Burma, jiffaċċjaw riskju ogħla li jikkawżaw jew jikkontribwixxu għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi għalhekk huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, kif rikonoxxut mir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Gvern tal-Istati Uniti għal investiment responsabbli f'Mjanmar/Burma;

I. billi l-kumpaniji Ewropej u s-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom jistgħu jiżvolġu rwol fundamentali fil-promozzjoni u t-tixrid tal-istandards soċjali u tax-xogħol madwar id-dinja;

J. billi kwalunkwe impriża li topera f'Mjanmar/Burmagħandha tissodisfa l-obbligu tagħha li tirrispetta l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u għalhekk għandha:

(a) tikkonforma mal-obbligi legali nazzjonali u internazzjonali tagħha fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards soċjali u tax-xogħol u r-regoli ambjentali,

(b) turi impenn ġenwin lejn id-drittijiet, il-protezzjoni u l-benesseri tal-forza tax-xogħol tagħha u ċ-ċittadini inġenerali,

(c) tirrispetta l-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tan-negozjar kollettiv,

([1]) GU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0050.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0049.
([4]) http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/dase/cr/897/897838/897838en.pdf838en.pdf

(d) toqgħod lura mill-ħtif tal-art u miċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjonijiet lokali;

(e) tindirizza kwalunkwe ksur b'mod rapidu u effikaċi;

1. Jirrikonoxxi l-passi sinifikanti li ttieħdu mill-President Thein Sein u riformaturi oħrajn f'Mjanmar/Burmafl-introduzzjoni ta' riformi demokratiċi matul is-sena li għaddiet, li wasslu sabiex il-Kummissjoni tipproponi r-ristabbiliment tal-aċċess ta' Mjanmar/Burmagħall-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati (SPĠ); iħeġġiġhom ikomplu b'dan il-proċess bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex id-demokratizzazzjoni sħiħa, il-konsolidament tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha jsiru kemm permanenti kif ukoll irriversibbli;

2. Jappella sabiex id-diskussjonijiet dwar il-paċi mal-gruppi etniċi, speċjalment il-Katchin, jitkomplew, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' Mjanmar/Burma jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex tintemm r-repressjoni kontra r-Rohingya, u minoranzi oħrajn soġġetti għal repressjoni, inkluż l-għoti mid-drittijiet taċ-ċittadinanza l-indirizzar ta' preġudizzji li ilhom jeżistu għal żmien twil u attitudnijiet diskriminatorji bbażati fuq l-etniċità u r-reliġjon, u l-iżvilupp ta' politika ta' integrazzjoni u rikonċiljazzjoni fit-tul għal komunitajiet spustati;

3. Jistieden lill-Gvern ta' Mjanmar/Burmajaderixxi għall-prinċipji tal-governanza tajba u jeħles il-priġunieri politiċi kollha li baqa' mingħajr dewmien u kundizzjonijiet; jistieden ukoll lill-Gvern ta' Mjanmar/Burmajiżgura r-rispett għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, għaqda u assoċjazzjoni, u jkompli l-kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet bħall-ILO, sabiex jelimina x-xogħol furzat u jiżgura li l-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar l-organizzazzjonijiet tax-xogħol u l-protesti u l-għaqdiet paċifiċi tkun konsistenti mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' Mjanmar/Burma jirratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, jippermetti li l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-gruppi ta' monitoraġġ nazzjonali jkollhom aċċess sħiħ għall-ħabsijiet, u jieħu miżuri immedjati u effikaċi biex jipprevjeni t-tortura u t-trattament ħażin;

5. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' Mjanmar/Burmajaċċellera l-isforzi biex jirrevedi u jirriforma l-leġiżlazzjoni u d-dispożizzjonijiet legali li jiksru standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'dati ta' mira ċari għall-konklużjoni ta' kull reviżjoni; jinnota li dawn ir-riformi għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni bla xkiel tal-gruppi tas-soċjetà ċivili u l-assistenza tal-korpi internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, bħall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR); jistieden lill-gvern jiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' liġijiet ġodda u riveduti, inkluż permezz tat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità ta' istituzzjonijiet ta' implimentazzjoni, membri tal-professjoni legali, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura;

6. Jiddispjaċih li, minkejja diversi wegħdiet mill-President Thein Sein, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti għadu ma kienx kapaċi jistabbilixxi preżenza permanenti fil-pajjiż;

7. Jenfasizza l-importanza li l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'żoni milquta minn konflitti jiġu indirizzati b'mod indipendenti, u li n-Nazzjonijiet Uniti u ħaddiema oħra li joperaw fil-qasam tal-għajnuna u ħaddiema umanitarji jingħataw aċċess għal dawk kollha li jkunu jeħtieġu għajnuna umanitarja, kemm f'territorji kkontrollati mill-gvern u kemm f'territorji mhux ikkontrollati mill-gvern;

8. Jistieden lill-Gvern tal-Mjanmar/Burma jimplimenta bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt mal-ILO dwar it-tneħħija tax-xogħol furzat sal-31 ta' Diċembru 2015 u biex ikompli l-kooperazzjoni mill-qrib tiegħu ma' organizzazzjonijiet bħall-ILO, sabiex jelimina din il-prattika u jiżgura li l-implimentazzjoni tal-liġijiet relatati mal-organizzazzjonijiet tax-xogħol u l-manifestazzjonijiet u l-għaqdiet paċifiċi tkun konsistenti mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

9. Jinnota l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-investiment barrani ta' Novembru 2012, li qed tissorvelja l-liberalizzazzjoni mingħajr preċedent tal-ekonomija; jisħaq fuq l-importanza li jiġi ratifikat il-Memorandum ta' Ftehim tal-ILO, iffirmat mill-Ministru tax-Xogħol ta' Burma, bl-għan li jtemm ix-xogħol furzat sal-2015, u li jiġi implimentat il-pjan sabiex tiġi adottata leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni u dwar it-tassazzjoni;

10. Jirrikonoxxi li, minħabba perjodu twil ta' tmexxija militari li invadiet u strutturat is-saffi kollha tas-soċjetà ta' Burma, u minkejja l-inizjattivi importanti mmirati lejn id-demokratizzazzjoni, il-bidliet qed iseħħu bil-mod u jeħtieġu għajnuna u appoġġ internazzjonali;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

11. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rapporti li r-reklutaġġ furzat tat-tfal fost il-forzi tat-Tatmadaw Kyi (l-armata tal-Mjanmar) u l-Forzi tal-Gwardja tal-Fruntiera ma waqafx, u għalhekk jistieden lill-Gvern ta' Mjanmar/Burmajimplimenta b'ħeffa l-aspetti kollha tal-pjan ta' azzjoni dwar is-suldati tfal, li ffirma man-Nazzjonijiet Uniti, u jappella sabiex il-protezzjoni tat-tfal issir prijorità għolja fuq l-aġenda tar-riforma;

12. Jistieden il-Gvern ta' Mjanmar/Burmajiżgura li l-bdiewa u l-komunitajiet jiġu protetti mill-konfiska tal-artijiet u mill-evizzjonijiet furzati, b'konformità mal-istandards internazzjonali; jinnota t-tħassib dwar il-Kostituzzjoni, il-Liġi dwar l-Art Agrikola u l-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Art Vakanti, Mistrieħa u Verġni, li tippermetti lill-gvern jikkonfiska l-art għal kwalunkwe proġett li jemmen li huwa ta' "interess nazzjonali" u tippermettilu jagħmel użu mill-artijiet "vakanti" kollha, li xi wħud minnhom huma okkupati u jipprovdu mezz ta' għajxien għal komunitajiet; jinnota wkoll li negozjanti b'konnessjonijiet tajbin qed ifittxu li jieħdu azzjoni legali biex jirreġistraw tali artijiet f'isimhom;

13. Jisħaq fuq l-importanza tal-programm ta' għajnuna għal perjodu qasir tal-Kummissjoni b'rabta mal-kummerċ li għandu jibda fl-2013; jistieden lill-Gvern ta' Mjanmar/Burmabiex isaħħaħ l-istituzzjonijiet u l-politiki tiegħu fil-qasam kummerċjali, fid-dawl tal-effetti pożittivi tagħhom fuq l-ekonomija tal-pajjiż, u biex jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jimmassimizza l-benefiċċju mill-għajnuna tal-UE b'rabta mal-kummerċ u r-ristabbiliment tal-preferenzi tat-tip "Kollox ħlief Armi";

14. Jitlob li jiżdied il-livell tal-għajnuna għall-iżvilupp bilaterali tal-UE lil Mjanmar/Burmataħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 u li l-Gvern ta' Mjanmar/Burmajippromwovi u jappoġġa azzjoni fl-oqsma prinċipali koperti mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR): il-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jinnota, f'dan ir-rigward, ix-xogħol taċ-Ċentru għall-Paċi fil-Mjanmar iffinanzjat mill-UE; jistenna li l-Gvern ta' Mjanmar/Burmajaċċetta u jiffaċilita l-ftuħ ta' Uffiċċju reġjonali tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU b'mandat sħiħ, peress li l-pajjiż jeħtieġ mhux biss għajnuna teknika iżda wkoll mekkaniżmu għall-monitoraġġ mill-qrib tad-drittijiet tal-bniedem;

15. Jinnota d-deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni ta' Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk (ASEAN) li taċċetta t-talba ta' Burma/il-Mjanmar li jippresiedi fl-organizzazzjoni fl-2014 bħala sinjal ta' fiduċja mġedda fil-pajjiż;

16. Jisħaq fuq il-bżonn li l-Gvern ta' Mjanmar/Burmajsaħħaħ l-istituzzjonijiet u l-politiki kummerċjali tiegħu, li jfassal pjan għat-tisħiħ tal-liġijiet kontra l-korruzzjoni u dawk fil-qasam tat-tassazzjoni, u li jistabbilixxi qafas għall-kumpaniji b'mod konformi mal-istandards internazzjonali dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u dik ambjentali;

17. Jilqa' l-impenn mill-Gvern ta' Mjanmar/Burmali jimplimenta bis-sħiħ l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industrijі Estrattivi (EITI), li se tirrikjedi li l-Gvern jiżvela d-dħul li jirċievi mill-industriji estrattivi u mill-attivitajiet ekonomiċi; jistieden ukoll lill-Gvern ta' Mjanmar/Burmabiex kemm jista' jkun malajr jikseb konformità sħiħa mal-EITI billi jissodisfa r-rekwiżiti relevanti, filwaqt li jinvolvi bis-sħiħ lis-soċjetà ċivili f'dak il-proċess;

18. Jirrikonoxxi li l-kummerċ u l-investiment responsabbli u sostenibbli – inkluż ma' u mill-Unjoni – jistgħu jappoġġaw l-isforzi ta' Mjanmar/Burmabiex jiġi miġġieled il-faqar u biex jiġi żgurat li l-miżuri jkunu ta' benefiċċju għal parti akbar tal-popolazzjoni; jinnota, madankollu, li dan għandu jsir billi tiġi promossa l-prattika tal-ogħla standards ta' integrità u responsabbiltà soċjali korporattiva, kif stabbilit fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-"istrateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681);

19. Iqis li d-divulgazzjoni lill-investituri u l-konsumaturi hija mutur fundamentali tar-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) u trid tkun ibbażata fuq prinċipji soċjali u ambjentali faċilment applikabbli u li jistgħu jitkejlu; jenfasizza li dan huwa wkoll importanti sabiex jiġi protett il-valur fit-tul tal-investimenti Ewropej; jitlob biex din id-divulgazzjoni tkun ibbażata sew fuq appoġġ għall-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli u fuq il-prinċipju dwar rappurtar integrat (IR);

20. Jinnota l-passi pożittivi li ttieħdu fir-riforma attwali tad-Direttiva dwar it-Trasparenza u d-Direttiva dwar il-Kontabbiltà sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-CSR filwaqt li jinstab bilanċ bejn it-tiftix leġittimu għat-trasparenza u r-responsabbiltà u l-impenn ta' rappurtar min-naħa tal-kumpaniji; jappoġġa bil-qawwi l-proposta leġiżlattiva għal rappurtar għal kull pajjiż ibbażat fuq l-istandards tal-EITI u għar-rappurtar dwar il-bejgħ u l-profitti, kif ukoll dwar it-taxxi u d-dħul, sabiex tiġi skoraġġita l-korruzzjoni u għall-prevenzjoni tal-evitar tat-taxxa; jenfasizza li tali r-rappurtar għal kull pajjiż għandu jkopri dawk is-setturi li f'Mjanmar/Burma, kienu marbutin direttament ma' abbużi serji u sistematiċi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-qerda tal-ambjent, bħall-estrazzjoni mill-minjieri, l-injam, iż-żejt u l-gass;

21. Jistieden lill-kumpaniji kbar Ewropej involuti fin-negozju ma' Mjanmar/Burmabiex jirrappurtaw dwar il-politiki u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta tagħhom relatati mad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-ambjent, flimkien mal-applikazzjoni ta' dawk il-politiki u l-proċeduri;

22. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ tal-impenji tal-impriżi tal-UE fid-dawl tal-prinċipji u l-linji gwida tas-CSR rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, b'konformità mal-komunikazzjoni tagħha dwar l-istrateġija tas-CSR tal-UE, kif ukoll kwalunkwe rekwiżiti volontarji li jistgħu jiġu adottati unilateralment minn impriżi fl-UE, u biex jistabbilixxu gwida fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem għas-setturi taż-żejt u tal-gass;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-iżviluppi f'Mjanmar/Burmafir-rigward tax-xogħol furzat u kwalunkwe ksur serju u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, u tirreaġixxi għal tali żviluppi skont il-proċeduri u l-mekkaniżmi fis-seħħ, inkluż, jekk ikun meħtieġ, permezz ta' proposti ġodda ta' rtirar ta' preferenzi kummerċjali;

24. Jistenna li s-SEAE jikkonsulta mal-Parlament u jżommu informat dwar il-proċess tal-ħolqien ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Mjanmar/Burma;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, u lill-Gvern u lill-Parlament ta' Mjanmar/Burma.

---

P7_TA(2013)0229

## Strateġija makroreġjonali għall-Alpi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar strateġija makro-reġjonali għall-Alpi (2013/2549 (RSP))**

(2016/C 055/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 192, 265(5) u 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (COM(2009) 0248),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Alpina tas-7 ta' Novembru 1991,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 bit-titlu "L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju" (COM(2010)0715) u l-pjan ta' azzjoni indikattiv li jakkompanja l-istrateġija (SEC(2009)0712),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni għar-reġjun tad-Danubju ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2011, li fihom il-Kunsill Ewropew talab lill-Istati Membri biex "ikomplu jaħdmu b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni dwar strateġiji makro-reġjonali ġejjiena potenzjali",

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2011 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' "Kooperazzjoni territorjali Ewropea" (COM(2011)0611),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 30.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

A. billi l-istrateġiji makro-reġjonali għandhom l-għan li jagħmlu użu aħjar tar-riżorsi eżistenti biex jiġu trattati kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp territorjali, jidentifikaw risponsi konġunti għal sfidi komuni, itejbu l-integrazzjoni spazjali u jsaħħu l-effikaċja ta' diversi forom ta' politiki u sħubiji appoġġati mill-UE bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll istituzzjonijiet oħra u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

B. billi l-Kummissjoni qed tipproponi li tittejjeb il-parti transnazzjonali tal-politika ta' kooperazzjoni territorjali u li kwalunkwe strateġija makro-reġjonali ġdida għandha tiġi inizjata fuq bażi volontarju filwaqt li tislet mill-esperjenza u mill-aħjar prattika tal-passat;

C. billi t-territorji tar-reġjun Alpin jikkondividu diversi karatteristiċi komuni, bħal pereżempju l-fatt li ż-żoni ta' muntanji għolja tagħhom huma ġeografikament uniċi, kif ukoll l-interazzjonijiet mill-qrib tagħhom mal-bliet il-kbar taċ-ċirku peri-Alpin;

D. billi l-istrateġija makro-reġjonali għall-Alpi, li għandha tkun kumparabbli għall-istrateġiji adottati mill-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku u dak tad-Danubju, se toffri opportunità ta' dimensjoni ġdida u sinifikat ikbar għall-Alpi fil-kuntest tal-UE, f'termini ta' aċċess aħjar għall-finanzjament;

E. billi r-reġjun tal-Alpi jappartjeni lil diversi Stati Membri tal-UE kif ukoll lil pajjiżi li ma jagħmlux parti mill-UE, u jikkostitwixxi makro-reġjun interkonness b'kapaċitajiet ekonomiċi eteroġeni u tħassib li kulma jmur qed jikber fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, il-bidla demografika, l-infrastruttura tat-trasport, it-turiżmu u kwistjonijiet relatati mal-enerġija, u billi koordinament tal-politiki interni u esterni tal-partijiet konċernati kollha jista' jipproduċi riżultati aħjar u valur miżjud;

F. billi l-Alpi huma muntanji ta' interess għall-Ewropa u għall-bqija tad-dinja, b'ekosistemi fraġli u għadd kbir ta' glaċieri li huma milquta serjament mit-tibdil fil-klima, kif ukoll għadd kbir ta' żoni naturali protetti u diversi speċijiet ta'flora u fawn aendemiċi protetti;

G. billi l-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li tikseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE kollha;

1. Jemmen li l-iżvilupp ta' strateġiji fuq skala kbira, bħal strateġiji makro-reġjonali, għandu jgħin biex jikber ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, u li l-prinċipju tal-governanza b'diversi livelli għandu jkun ċentrali fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-Alpi;

2. Ifakkar ir-riżultati tal-esperjenza ta' tagħlim li joffru l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u l-Istrateġija tad-Danubju rigward it-trasparenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-allokazzjoni ta' finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta bla dewmien pjan ta' azzjoni speċifiku għal din iż-żona bl-għan li jingħelbu l-iżvantaġġi strutturali li jiffaċċaw ir-reġjuni muntanjużi u jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għal tkabbir ekonomiku u koeżjoni soċjali u territorjali effettiva fir-reġjun;

3. Jenfasizza r-rwol pożittiv li jiżvolġu għodod leġiżlattivi tal-UE bħalma huma r-Raggruppamenti Ewropej ta' Koperazzjoni Territorjali (REKT) għall-makro-reġjuni, għax dawn jipprovdu appoġġ reġjonali għal aspetti ta' kooperazzjoni konkreti u l-iskambju tal-prattiki tajba kif ukoll għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp territorjali li jippermettu kooperazzjoni bejn awtoritajiet f'livelli differenti;

4. Jilqa' l-iżvilupp attwali fir-reġjuni taż-żona tal-Alpi, u l-approċċ "bottom-up" adottat fihom, reġjuni li b'mod ripetut esprimew ix-xewqa tagħhom li jkun hemm strateġija Alpina li tindirizza b'mod effettiv l-isfidi komuni taż-żona kollha tal-Alpi, li l-potenzjal konsiderevoli taż-żona jiġi sfruttat b'mod aktar konsistenti u li tiġi indirizzata l-ħtieġa li titjieb il-mobilità, i-ssigurtà enerġetika, il-ħarsien ambjentali, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, l-iskambju kulturali u l-protezzjoni ċivili fir-reġjun tal-Alpi;

5. Iqis li l-iżvilupp sostenibbli tal-Alpi huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istrateġija makro-reġjonali, meta jitqies l-għadd kbir ta' glaċieri milquta mit-tibdil fil-klima;

6. Jemmen li din l-istrateġija għandha wkoll tinkoraġġixxi, u tipprova tiffaċilita, in-nomina ta' żoni naturali protetti Ewropej. Bħala eżempju ta' dan nistgħu nsemmu l-inizjattiva konġunta riċenti tal-Parc National du Mercantour (Franza) u tal-Parco Naturale delle Alpi Marittime (Italja);

7. Jindika li hu importanti li l-kontenut tal-istrateġija għall-Alpi jkun allinjat mal-Konvenzjoni Alpina u l-protokolli sussegwenti tagħha, kif ukoll li jqis il-kooperazzjoni transnazzjonali u n-networking eżistenti f'dan il-qasam;

8. Jenfasizza li strateġija makro-reġjonali għall-Alpi għandha tqis il-konservazzjoni tal-użu tradizzjonali tal-art (primarjament għall-agrikultura), biex titrawwem il-bijodiversità, kif ukoll għall-konservazjoni ta' żoni protetti eżistenti;

9. Jitlob li strateġija makro-reġjonali għall-Alpi tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni komprensiva mill-Kummissjoni, imsejsa fuq kriterji oġġettivi u indikaturi li jistgħu jitkejlu;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta l-Artikolu 174 TFUE b'mod ġenwin permezz ta' pjan strateġiku, bil-ħsieb li jingħelbu l-iżvantaġġi strutturali ta' territorji muntanjużi u jinħolqu l-kundizzjonijiet tajba għal tkabbir ekonomiku u koeżjoni soċjali u territorjali effettiva fir-reġjun tal-Alpi;

11. Jemmen li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha twassal għall-iżvilupp konkret tal-idea ta' koeżjoni territorjali;

12. Jisħaq li strateġija makro-reġjonali għall-Alpi hi għodda effettiva biex titjieb il-kooperazzjoni territorjali Ewropea fir-reġjun konċernat billi jiġi implimentat approċċ "bottom-up" u billi tiżdied il-kooperazzjoni permezz ta' użu aħjar tar-riżorsi disponibbli, u b'hekk jiġi faċilitat il-koordinament tal-politiki li jinvolvu diversi setturi;

13. Jenfasizza li strateġija makro-reġjonali għall-Alpi tiżgura li l-inizjattivi differenti tal-UE relatati mar-reġjun tal-Apli u ż-żoni muntanjużi jikkumplimentaw lil xulxin, u ġġib magħha valur miżjud għal proġetti konkreti;

14. Jemmen li strateġija makro-reġjonali għall-Alpi trid tikkoordina l-fondi eżistenti tal-UE, b'mod partikolari taħt il-politika ta' koeżjoni, biex timplimenta proġetti li jkollhom l-għan li jindirizzaw sfidi komuni bħall-ħarsien tal-ambjent, l-investiment fil-kompetittività u l-innovazzjoni, l-agrikultura u l-forestrija, l-ilma, l-enerġija, kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi u t-trasport;

15. Jisħaq li strateġija makro-reġjonali potenzjali għall-Alpi tkun konformi mal-objettivi ta' Ewropa 2020, u b'hekk tiżgura l-konformità mal-impenn tal-UE għal tkabbir smart, sostenibbli u inkluživ;

16. Jenfasizza li hu importanti li tiżdied – permezz ta' strateġija tali – il-kapaċità innovattiva tar-reġjun tal-Alpi billi jintużaw il-ħiliet li toffri l-forża tal-ħidma tiegħu, jinħolqu sħubiji u kooperazzjoni bejn parteċipanti ewlenin (is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka, u min iħaddem), iż-żgħażagħ attivi jinżammu fiż-żona, tiġi appoġġata l-kreattività u tissaħħaħ il-kapaċità tar-reġjuni differenti fl-oqsma tal-edukazzjoni, ix-xjenza u r-riċerka;

17. Jenfasizza li l-qafas tal-kooperazzjoni makroreġjonali ġdid irid jiżgura li l-iżvantaġġi naturali ta' reġjuni periferali, bħal pereżempju żoni muntanjużi, jinbidlu f'punti pożittivi u f'opportunitajiet, u li tingħata spinta lill-iżvilupp sostenibbli ta' dawn ir-reġjuni;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-istituzzjonijiet l-oħra relevanti.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0230

## Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza wara n-nirien fil-fabbriki u ttiġrif ta' bini reċenti fil-Bangladexx

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza wara n-nirien fil-fabbriki u t-tiġrif ta' bini reċenti fil-Bangladexx (2013/2638(RSP))**

(2016/C 055/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bangladexx, b'mod partikolari dawk tas-17 ta' Jannar 2013 dwar persuni midruba f'nirien f'fabbriki tat-tessuti, partikolarment fil-Bangladexx ([1]), u tal-14 ta' Marzu 2013 dwar is-sitwazzjoni fil-Bangladexx ([2]) u s-sostenibilità fil-katina tal-valur tal-qoton mondjali ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-30 ta' April 2013 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton u Kummissarju tal-Kummerċ Karel De Gucht wara l-waqgħa tal-bini reċenti fil-Bangladexx,

— wara li kkunsidra l-Qbil dwar is-Sikurezza tal-Bini u kontra n-Nar fil-Bangladexx,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, il-Patt Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ([4]) u dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([5]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Popolari tal-Bangladexx dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp ([6]),

— wara li kkunsidra l-Qafas Promozzjonali tal-ILO għas-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (2006, C-187) u l-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (1981, C-155), li għadhom ma ġewx ratifikati mill-Bangladexx, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet rispettivi tagħhom (R-197); wara li kkunsidra wkoll il-Konvenzjoni dwar l-Ispezzjoni tax-Xogħol (1947, C-081), li l-Bangladexx hu firmatarju tagħha, u r-rakkomandazzjonijiet tagħha (R-164),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 "Responsabilità Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli" ([7]) u "Responsabilità Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv" ([8]),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem, li jistabbilixxu qafas kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-kumpaniji biex jipproteġu u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, kif approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġunju 2011,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0027.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0100.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0099.
([4]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
([5]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
([6]) ĠU L 118, 27.4.2001, p. 48.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2013)0049.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2013)0050.

— wara li kkunsidra l-Kampanja Ħwejjeġ Nodfa,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-missjoni ta' livell għoli li saret mill-ILO fil-Bangladexx bejn l-1 u l-4 ta' Mejju 2013,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, nhar l-24 ta' April 2013, aktar minn 1,100 ruħ mietu u madwar 2,500 ndarbu meta waqgħet il-fabbrika tal-ħwejjeġ fil-bini Rana Plaza f'Daka fil-Bangladexx, biex din saret l-agħar traġedja fl-istorja tal-industrija mondjali tal-ħwejjeġ;

B. billi mill-inqas 112-il persuna mietu fin-nirien tal-fabbrika ta' Tazreen, fid-distrett ta' Ashulia ta' Daka fl-24 ta' Novembru 2012; billi tmien persuni mietu f'nirien f'fabbrika f'Daka fit-8 ta' Mejju 2013; u billi huwa stamat li madwar 600 ħaddiem ta' fabbriki tal-ħwejjeġ kienu mietu f'nirien fil-fabbriki fil-Bangladexx biss mill-2005 'l hawn, qabel it-traġedja ta' Rana Plaza;

C. billi sid il-bini Rana Plaza u tmien persuni oħra ġew arrestati u ttieħdu passi kriminali kontriehom abbażi tal-fatt li l-bini kien inbena illegalment u kien żviluppa problemi strutturali massivi, imma l-ħaddiema ġew imġiegħla jkomplu jaħdmu minkejja l-biża' tagħhom rigward is-sikurezza;

D. billi l-kundizzjonijiet fil-fabbriki tat-tessuti ta' dan it-tip sikwit ikunu ħżiena, bi ftit jew xejn kunsiderazzjoni għal drittijiet tax-xogħol bħal dawk rikonoxxuti mill-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO, u spiss bi ftit jew xejn attenzjoni għas-sikurezza; billi s-sidien tal-fabbriki ta' dan it-tip f'ħafna każijiet ma ġewx ikkastigati u għaldaqstant ftit jew xejn għamlu biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

E. billi fil-każ tal-fabbrika ta' Tazreen, għalkemm kumitat ta' inkjesta governattiv iffurmat mill-Ministeru tal-Intern u l-Kumitat Parlamentari Permanenti fil-Ministeru tax-Xogħol wasal għall-konklużjoni li sid il-fabbrika ta' Tarzeen għandu jiġi akkużat f'qorti kriminali b'negliġenza li ma tistax tinħafer, dan għadu ma ġiex arrestat;

F. billi s-suq Ewropew huwa l-akbar destinazzjoni għall-esportazzjoni ta' lbies u prodotti tat-tessuti mill-Bangladexx, filwaqt li kumpaniji prominenti tal-Punent ammettew li kellhom kuntratti ma' fabbriki f'Rana Plaza għall-forniment ta' ħwejjeġ;

G. billi l-Bangladexx sar it-tieni l-akbar esportatur fid-dinja ta' ħwejjeġ lesti, biċ-Ċina biss akbar minnu, u billi issa għandu 'l fuq minn 5 000 fabbrika tat-tessuti li jimpjegaw madwar 4 miljun ruħ, u billi l-ħwejjeġ issa jikkostitwixxu 75 % tal-esportazzjonijiet tiegħu;

H. billi l-industrija tat-tessuti hija meqjusa bħala wieħed mill-aktar setturi industrijali niġġiesa; billi l-għażil tas-suf, l-insiġ u l-produzzjoni ta' fibri industrijali jnaqqsu l-kwalità tal-arja u jirrilaxxaw aġenti volatili numerużi fl-atmosfera li huma partikolarment ta' ħsara għall-ħaddiema, il-konsumaturi u l-ambjent;

I. billi huwa rrappurtat li dawk li kienu jaħdmu fil-bini Rana Plaza kienu jitħallsu biss EUR 29 fix-xahar; billi, skont il-Kampanja Ħwejjeġ Nodfa l-kostijiet tax-xogħol f'dan is-settur jirrappreżentaw biss minn 1 % sa 3 % tal-prezz finali ta' prodott, u billi l-pressjoni fuq l-ipprezzar qed tiżdied;

J. billi diversi ditti ewlenin tal-Punent issa aderixxew ma' qbil legalment vinkolanti li ġie miftiehem mill-organizzazzjonijiet tax-xogħol lokali u li hu mmirat sabiex jiżgura l-istandards bażiċi ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol fil-fabbriki tal-ħwejjeġ fil-Bangladexx, b'segwitu għall-kritika mifruxa tad-ditti internazzjonali li jaħdmu mal-produtturi lokali ta' ħwejjeġ;

1. Jesprimi n-niket tiegħu dwar it-telf traġiku ta' 1,127 ħajja u l-korrimenti li sofrew eluf aktar bħala riżultat tal-waqgħa tal-bini Rana Plaza; jibgħat il-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi u lil dawk li ndarbu, u jikkundanna lil dawk responsabbli talli naqsu għal darb'oħrta milli jevitaw telf kbir ta' ħajjiet bħal dan;

2. Jenfasizza li tali inċidenti jissottolinjaw traġikament in-nuqqas ta' standards ta' sikurezza fis-siti ta' produzzjoni u jiddimostraw li hija meħtieġa azzjoni urġenti biex titjieb l-implimentazzjoni tal-istandards ewlenin tax-xogħol tal-ILO u tiżdied l-osservanza tal-prinċipji ta' responsabilità soċjali korporattiva (CSR) min-naħa tal-kumpaniji multinazzjonali tal-bejgħ tat-tessuti;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

3. Jiddefendi d-drittijiet tal-ħaddiema fil-Bangladexx li jiffurmaw, jirreġistraw u jissieħbu ma' trade unions indipendenti mingħajr biża' li jingħataw fastidju; iqis li l-eżistenza ta' strutturi trejdjunjonistiċi demokratiċi hija strument indispensabbli fil-ġlieda għal standards tas-saħħa u tas-sikurezza u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, inkluż pagi aktar għoljin; jitlob lill-gvern tal-Bangladexx jiggarantixxi dawn id-drittijiet fundamentali;

4. Jilqa' l-Ftehim dwar is-Sikurezza tal-Bini u Kontra n-Nar tal-Bangladexx bejn it-trade unions, l-NGOs u madwar 40 bejjiegħ bl-imnut multinazzjonali tat-tessuti, finalizzat fil-15 ta' Mejju 2013 u li għandu l-għan li jtejjeb l-istandards tas-sikurezza fil-postijiet tal-produzzjoni (u li jkopri l-arranġamenti għall-ħlas għal dawn il-miżuri), b'mod partikolari billi titwaqqaf sistema indipendenti ta' spezzjoni, inklużi rapporti pubbliċi u tiswijiet u rinnovamenti obbligatorji, u billi jiġi appoġġjat b'mod attiv il-ħolqien ta' "kumitati tas-saħħa u s-sikurezza" bl-involviment ta' entitajiet ta' rappreżentanza tal-ħaddiema f'kull fabbrika; jistieden lid-ditti tat-tessuti kollha rilevanti jappoġġjaw dan l-isforz, inklużi l-bejjiegħa bl-imnut tat-tessuti Walmart, Gap, Metro, NKD u Ernstings, li qed ikomplu jirrifjutaw kwalunkwe ftehim vinkolanti;

5. Jinnota l-Pjan ta' Azzjoni adottat mill-gvern, minn dawk li jimpjegaw lill-ħaddiema, mill-ħaddiema u l-ILO fl-4 ta' Mejju 2013, li jobbliga lill-partijiet jirriformaw il-liġijiet tax-xogħol u b'hekk jippermettu lill-ħaddiema jiffurmaw trade unions mingħajr ħtieġa ta' permess minn qabel mis-sidien tal-fabbriki u biex jidħlu f'negozjar kollettiv, li jevalwaw is-sikurezza tal-fabbriki tal-ħwejjeġ lesti fil-Bangladexx li huma orjentati lejn l-esportazzjoni sa tmiem l-2013, u li jċaqalqu minn posthom il-fabbriki fi stat perikoluż u jirreklutaw mijiet ta' spetturi addizzjonali;

6. Jittama li l-Ftehim u l-Pjan ta' Azzjoni jiġu implimentati fi żmien xieraq u bis-sħiħ; jilqa', f'dan ir-rigward, l-approvazzjoni mill-Kabinett tal-Bangladexx fit-13 ta' Mejju 2013 tal-Att (ta' emenda) dwar ix-Xogħol 2013 tal-Bangladexx li jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-assigurazzjoni ta' gruppi u s-servizzi tas-saħħa fil-fabbriki; iħeġġeġ lill-Parlament tal-Bangladexx jadotta din l-emenda mingħajr dewmien fis-sessjoni li jmiss tiegħu; jilqa' wkoll id-deċiżjoni tal-Gvern tal-Bangladexx li fil-ġimgħat li ġejjin jgħolli l-paga minima, u jħeġġeġ lill-Gvern tal-Bangladexx iħarrek kumpaniji li jagħtu pagi inqas minn din;

7. Ifakkar li l-Bangladexx jibbenefika minn aċċess mingħajr dazji u mingħajr kwoti għas-suq tal-UE taħt l-iskema "Kollox ħlief Armi" (EBA) tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (GSP), u li dawn il-preferenzi jistgħu jiġu rtirati skont l-Artikolu 15 (1) tar-Regolament GSP f'każ ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet imniżżla fil-Parti A, Anness III abbażi tal-konklużjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-konformità tal-Bangladexx ma' dawn il-konvenzjonijiet u jistenna li titqies investigazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament GSP jekk jinstab li l-Bangladexx qed jikser serjament u sistematikament il-prinċipji stabbiliti fihom;

9. Iqis li huwa ta' dispjaċir profond li l-Gvern tal-Bangladexx naqas milli jinforza r-regolamenti nazzjonali dwar il-bini; jistieden lill-Gvern u lill-awtoritajiet ġudizzjarji relevanti jinvestigaw l-allegazzjonijit li n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' dawk ir-regolamenti kien dovut għal kollużjoni bejn uffiċjali korrotti u s-sidien tal-art li pprovaw inaqqsu l-ispejjeż tagħhom;

10. Jistenna li min hu responsabbli għal negliġenza kriminali jew min għandu responsabilità kriminali mod ieħor fir-rigward tat-waqgħa tal-bini Rana Plaza, in-nirien fil-fabbrika ta' Tazreen u n-nirien l-oħra kollha jinġiebu quddiem il-ġustizzja; jistenna li l-awtoritajiet lokali u d-diriġenzi tal-fabbriki jikkooperaw sabiex jiggarantixxu aċċess sħiħ għas-sistema ġudizzjarja għall-vittmi kollha, b'mod li jippermettilhom jitolbu kumpens; jistenna li l-bejjiegħa multinazzjonali ta' tessuti li kienu qed jipproduċu f'dawn il-fabbriki jiġu involuti fil-ħolqien ta' pjan ta' kumpens finanzjarju; Jilqa' l-passi li diġà ttieħdu mill-Gvern tal-Bangladexx bħala appoġġ għall-vittmi u l-familji tagħhom;

11. Jistieden lin-negozji kollha, b'mod partikolari d-ditti tal-ħwejjeġ, li jikkuntrattaw jew jissottokuntrattaw lil fabbriki fil-Bangladexx u pajjiżi oħra biex jikkonformaw bis-sħiħ ma' prattiki ta' CSR rikonoxxuti internazzjonalment, partikolarment il-Linji Gwida OECD aġġornati reċentement, l-għaxar prinċipji tal-Patt Globali tan-NU, l-Istandard ta' Gwida dwar ir-Responsabbiltà Soċjali ISO 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji fir-Rigward tal-Impriżi Multinazzjonali u l-Politka Soċjali tal-ILO, u l-Prinċipji ta' Gwida fir-rigward tal-Impriżi u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, u biex jinvestigaw b'mod kritiku l-katini ta' provvista tagħhom sabiex jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu manifatturati esklużivament f'fabbriki li jirrispettaw bis-sħiħ standards tas-sikurezza u d-drittijiet tal-ħaddiema;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi attivament imġiba kummerċjali responsabbli fost il-kumpaniji tal-UE li joperaw barra, b’enfasi speċjali biex tiġi żgurata ottemperanza stretta mal-obbligi legali kollha tagħhom, b’mod partikolari mal-istandards u r-regoli internazzjonali fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol u l-ambjent;

13. Jistieden lill-bejjiegħa, lill-NGOs u l-atturi l-oħra kollha involuti, inkluż, fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni, jaħdmu flimkien sabiex jiżviluppaw standard ta’ tikkettar soċjali volontarju li jiċċertifika li prodott ikun ġie manifatturat f’konformità mal-istandards tax-xogħol ċentrali tal-ILO madwar il-katina tal-provvista kollha kemm hi; jistieden lill-kumpaniji li jużaw is-CSR bħala għodda għall-kummerċjalizzazzjoni biex jiżguraw li kwalunkwe talba li ssir tkun preċiża;

14. Jilqa’ l-appoġġ li qed jingħata mill-Kummissjoni lill-Ministeru tax-Xogħol u l-Impjiegi tal-Bangladexx u l-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi u l-Esportaturi tal-Ħwejjeġ tal-Bangladexx; jitlob li din il-kooperazzjoni tissaħħaħ u tiġi estiża biex tinkludi pajjiżi oħra fir-reġjun, skont kif ikun xieraq;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Bangladexx u lid-Direttur Ġenerali tal-ILO.

---

P7_TA(2013)0231

## Guantánamo: strajk tal-ġuħ tal-priġunieri

**Riżoluzzjoni tal-Parlamemt Ewropew adottata fit-23 ta’ Mejju 2013 dwar il-Guantánamo: strajk tal-ġuħ tal-priġunieri (2013/2654(RSP))**

(2016/C 055/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Guantánamo,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta’ April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([1]),

— wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali, Ewropej u nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u dwar il-projbizzjoni tad-detenzjoni arbitrarja, l-għajbien furzat u t-tortura, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tas-16 ta’ Diċembru 1966, u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-10 ta’ Diċembru 1984, u l-protokolli relevanti tagħhom,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u tal-Istati Uniti tal-Amerika, tal-15 ta’ Ġunju 2009, dwar l-għeluq tal-faċilità ta’ detenzjoni ta’ Guantánamo Bay u l-kooperazzjoni futura kontra t-terroriżmu, ibbażata fuq valuri kondiviżi, il-liġi internazzjonali, u r-rispett lejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-5 ta' April 2013 minn Navi Pillay, Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar ir-reġim ta' detenzjoni ta' Guantánamo, fejn iddikjarat li "t-tkomplija tal-inkarċerazzjoni indefinita għal ħafna mid-detenuti hi ekwivalenti għal detenzjoni arbitrarja u tirrappreżenta ksur ċar tad-dritt internazzjonali",

— wara li kkunsidra l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi ħafna mill-166 prinġunier li għad fadal fi Guantánamo Bay qed jipparteċipaw fi strajk tal-ġuħ bi protesta kontra l-kundizzjonijiet attwali tal-faċilità ta' detenzjoni;

B. billi 86 mill-priġunieri li fadal ġew approvati għar-rilaxx, iżda għadhom qed jinżammu indefinittivament;

C. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika jikkondividu valuri fundamentali ta' libertà, demokrazija, u rispett għad-dritt internazzjonali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem;

D. billi minn tal-inqas 10 detenuti li ħadu sehem fl-istrajk tal-ġuħ qed jiġu mitmugħa bil-forza sabiex jinżammu ħajjin; billi l-ftehimiet internazzjonali fost it-tobba jirrikjedu li jintwera rispett għad-deċiżjoni informata u volontarja ta' individwu li jipparteċipa fi strajk tal-ġuħ;

E. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika jikkondividu l-valur komuni tal-libertà ta' reliġjon; billi saru bosta rapporti dwar maniġġjar mhux f'loku ta' kopji tal-Koran tad-detenuti mill-persunal militari Amerikan tul it-tfittxijiet fiċ-ċelel;

F. billi l-Istqarrija Konġunta tal-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika tal-15 ta' Ġunju 2009 ħadet nota tal-impenn tal-President Obama li jordna l-għeluq tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo Bay sal-22 ta' Jannar 2010, u laqgħet "il-passi li jmiss li għandhom jittieħdu, inkluż ir-rieżami intensiv tal-politiki ta' detenzjoni, ta' trasferiment ta' proċess u ta' interrogazzjoni, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u ż-żieda fit-trasparenza ta' dawn il-prattiki tal-passat fir-rigward ta' dawn il-politiki";

G. billi l-Istati Uniti tal-Amerika sejrin iwaqqfu l-unika titjira ċivili lejn Guantánamo, bir-riżultat li t-titjira waħdanija li tibqa' topera hija waħda militari li dak li jkun jista' jużaha biss bil-permess tal-Pentagon, u b'hekk ikun hemm aċċess limitat għall-istampa, l-avukati u l-ħaddiema tad-drittijiet tal-bniedem;

1. Jinnota r-relazzjoni trans-Atlantika stretta msejsa fuq valuri ċentrali kondiviżi u r-rispett ta' drittijiet bażiċi, universali u mhux negozjabbli tal-bniedem, bħalma huma d-dritt għal proċess ġust u l-projbizzjoni ta' detenzjoni arbitrarja; jilqa' l-kooperazzjoni trans-Atlantika stretta fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika biex jittrattaw lid-detenuti bir-rispett dovut għad-dinjità inerenti tagħhom u biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom;

3. Jesprimi tħassib dwar il-benesseri tad-detenuti li jinsabu fuq strajk tal-ġuħ u dawk li qed jiġu mitmugħa bil-forza, u jistieden lill-Istati Uniti tal-Amerika biex tirrispetta d-drittijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom;

4. Iħeġġeġ lill-Istati Uniti tal-Amerika biex terġa' tikkunsidra l-għeluq tal-unika titjira ċivili lejn Guantánamo Bay, li tillimita l-aċċess tal-istampa u tal-membri tas-soċjetà ċivili;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Uniti tal-Amerika biex tara li l-materjal reliġjuż ikun trattat bil-kura adegwata u bir-rispett, filwaqt li jinżammu l-proċeduri ta' tfittxija obbligatorja;

6. Jenfasizza li l-priġunieri li għadhom detenuti għandhom ikunu intitolati għal rieżami regolari tal-legalità tad-detenzjoni tagħhom bi qbil mal-Artikolu 9 tal-Patt Internazzjonali dwar id-drittijiet Ċivili u Politiċi, li jiddikjara li "kull min jiġi mċaħħad mil-libertà tiegħu permezz tal-arrest jew detenzjoni, għandu jkun intitolat iniedi proċedimenti fil-qorti, sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi mingħajr dewmien dwar il-legalità tad-detenzjoni tiegħi u tordna r-rilaxx tiegħu f'każ ta' detenzjoni illegali";

7. Itenni l-indinjazzjoni u s-sens ta' offiża tiegħu rigward kull attakk terroristiku tal-massa, is-solidarjetà tiegħu mal-vittmi ta' attakki ta' dan it-tip u s-simpatija tiegħu għall-uġigħ u t-tbatija tal-familji, il-ħbieb u l-qraba tagħhom; itenni, madankollu, li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax titwettaq b'detriment tal-valuri kondiviżi, bażiċi u stabbiliti, bħalma huwa r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

8. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu għall-fatt li l-impenn meħud mill-President tal-Istati Uniti tal-Amerika li jagħlaq Guantánamo sa Jannar 2010 għadu ma ġiex implimentat; itenni it-talba tiegħu lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika biex jeżaminaw mill-ġdid is-sistema ta' kummissjonijiet militari bil-għan li jiġu żgurati proċessi ġusti, jagħlqu Guantánamo, u jipprojbixxu fi kwalunkwe ċirkostanza l-użu tat-tortura, it-trattament ħażin u d-detenzjoni indefinita mingħajr proċess;

9. Josserva b'dispjaċir id-deċiżjoni tal-President tal-Istati Uniti tas-7 ta' Marzu 2011 li jiffirma l-ordni eżekuttiva dwar id-detenzjoni u r-revoka tal-projbizzjoni dwar it-tribunali militari; huwa konvint li l-proċessi kriminali normali taħt il-ġurisdizzjoni ċivili huma l-aqwa mod biex ikun solvut l-istatus tad-detenuti ta' Guantánamo; jinsisti li d-detenuti li jinsabu fil-kustodja tal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jew jiġu akkużati minnufih u pproċessati skont l-istandards internazzjonali tal-istat tad-dritt jew inkella jiġu rilaxxati; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-istess standards dwar proċessi ġusti għandhom japplikaw għal kulħadd, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Awtorità ta' Konvokazzjoni għall-Kummissjonijiet Militari, lis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti tal-Amerika, lill-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, lill-Kungress u lis-Senat tal-Istati Uniti tal-Amerika, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tan-NU.

P7_TA(2013)0232

## Indja: l-eżekuzzjoni ta' Mohammad Afzal Guru u l-implikazzjonijiet tagħha

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar l-Indja: l-eżekuzzjoni ta' Mohammad Afzal Guru u l-implikazzjoni tagħha (2013/2640(RSP))**

(2016/C 055/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-18 ta' Diċembru 2007, li titlob għal moratorju dwar l-użu tal-piena tal-mewt, u r-Riżoluzzjoni 63/168 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li titlob għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali adottata mir-4 Kungress Dinji Kontra l-Piena tal-Mewt, li sar f'Ġinevra bejn l-24 u s-26 ta' Frar 2010, li titlob l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-11 ta' Awissu 2010 dwar il-moratorji rigward l-użu tal-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar l-abolizzjoni tal-piena kapitali, u b'mod partikolari dik tas-26 ta' April 2007 dwar l-inizjattiva għal moratorju universali għall-piena kapitali [1],

— wara li kkunsidra t-tressiq tar-rapport f'Lulju 2012 minn 14-il ex imħallef tal-Qorti Suprema u tal-Qorti Għolja tal-Indja lill-President tal-Indja, li jistiednu jikkommuta s-sentenzi għall-mewt ta' 13-il priġunier minħabba li dawk is-sentenzi ngħataw ħażin mill-Qorti Suprema matul id-disa' snin ta' qabel,

[1] ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 775.

— wara li kkunsidra l-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt u t-twaqqif tal-Jum Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt fl-10 ta' Ottubru ta' kull sena,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-2002 Mohammad Afzal Guru ġie kkundannat għall-mewt wara li nstab ħati ta' konfoffa b'rabta mal-attakk fuq l-Parlament tal-Indja f'Diċembru 2001, u nqatel mill-awtoritajiet Indjani fid-9 ta' Frar 2013;

B. billi l-piena tal-mewt hija l-iktar kastig krudili, inuman u degradanti u tmur kontra d-dritt għall-ħajja, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

C. billi *de jure* jew *de facto* 154 pajjiż fid-dinja neħħew il-piena tal-mewt; billi l-Indja, matul il-preżentazzjoni tal-kandidatura tagħha għal siġġu fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem qabel l-elezzjonijiet tal-20 ta' Mejju 2011, wiegħdet li tappoġġa l-għola standards ta' promozzjoni u protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

D. billi f'Novembru 2012, l-Indja temmet il-moratorju mhux uffiċjali ta' tmien snin dwar l-eżekuzzjonijiet, meta qatlet lil Ajmal Kasab, ikkundannat għar-rwol tiegħu fl-attakki li saru f'Mumbai fl-2008;

E. billi organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem qajmu dubji serji dwar il-korrettezza tal-proċess ta' Afzal Guru;

F. billi fl-Indja aktar minn 1 455 priġunier fil-preżent huma kkundannati għall-mewt;

G. billi, minkejja l-kerfju impost f'ħafna partijiet tal-Kashmir amministrat mill-Indja, il-mewt ta' Afzal Guru ġet segwita minn protesti;

1. Itenni l-oppożizzjoni twila tiegħu kontra l-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha, u jistieden għal darb'oħra għal moratorju immedjat għall-eżekuzzjonijiet f'dawk il-pajjiżi fejn għad hemm il-piena tal-mewt;

2. Jikkundanna lill-Gvern tal-Indja talli fid-9 ta' Frar 2013, wettaq b'mod sigriet l-eżekuzzjoni ta' Afzal Guru fil-Ħabs ta' Tihar fi New Delhi, kontra ix-xejriet dinjija lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, u jesprimi d-dispjaċir tiegħu li l-mara ta' Afzal Guru u l-membri tal-familja tiegħu ma ġewx infurmati bl-eżekuzzjoni u d-dfin imminenti tiegħu;

3. Jistieden lill-Gvern tal-Indja biex jirritorna l-ġisem ta' Afzal Guru lill-familja tiegħu;

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Indja biex iżommu mill-qrib mal-ogħla standards ġudizzjarji nazzjonali u internazzjonali fil-proċessi u l-proċedimenti ġudizzjarji, u jipprovdu l-assistenza legali meħtieġa lill-priġunieri u l-persuni kollha li jridu jgħaddu minn proċess;

5. Jiddispjaċih mill-mewt ta' tliet żgħażagħ mill-Kashmir wara l-protesti kontra l-eżekuzzjoni ta' Afzal Guru; jistieden lill-forzi tas-sigurtá biex irażżnu l-użu tal-forza kontra dimostranti paċifiċi; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-effetti negattivi possibbli fuq il-proċess ta' paċi tal-Kashmir;

6. Jistieden lill-Gvern tal-Indja, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex ma japprova ebda ordni ta' eżekuzzjoni fil-futur;

7. Jistieden lill-Gvern u lill-Parlament tal-Indja jadottaw leġiżlazzjoni li tintroduċi moratorju permanenti fuq l-eżekuzzjonijiet, bil-għan li jabolixxu l-piena tal-mewt fil-ġejjieni qarib;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, u lill-President, il-Gvern u l-Parlament tal-Indja.

P7_TA(2013)0233

## Rwanda: il-każ ta' Victoire Ingabire

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rwanda: il-każ ta' Victoire Ingabire (2013/2641(RSP))**

(2016/C 055/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li r-Rwanda rratifikatu fl-1975,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR),

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

— wara li kkunsidra l-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, b'mod partikolari l-Prinċipji u l-Linji Gwida dwar id-Dritt għal Proċess Ġust u għall-Assistenza Legali fl-Afrika,

— wara li kkunsidra t-tweġiba tar-RGħ/VP Catherine Ashton tal-4 ta' Frar 2013 għall-Mistoqsija bil-Miktub E-010366/2012 dwar Victoire Ingabire,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP), minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, u b'mod partikolari l-Anness VII tiegħu, li jitlob il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, demokrazija bbażata fuq l-istat tad-dritt u governanza trasparenti u responsabbli,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Amnesty International bl-isem "Justice in jeopardy: The first instance trial of Victoire Ingabire" (Ġustizzja fil-periklu: il-proċess ta' prim istanza ta' Victoire Ingabire) tal-2013,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-2010, wara 16-il sena eżiljata fil-Pajjiżi l-Baxxi, Victoire Ingabire, President tal-Forzi Demokratiċi Magħquda (UDF ([1])), koalizzjoni ta' partiti tal-oppożizzjoni Rwandiżi, reġgħet lura fir-Rwanda biex tkun kandidat fl-elezzjoni presidenzjali;

B. billi Victoire Ingabire, li fl-aħħar mill-aħħar ma tħallietx tkun kandidat fl-elezzjoni, ġie arrestata fl-14 ta' Ottubru 2010; billi l-elezzjoni rebaħha, bi 93 % tal-voti, Paul Kagame, li kien għadu kemm temm mandat bħala President u li huwa l-mexxej tal-Front Patrijottiku Rwandiż (RPF); billi l-UDF ma kienx irnexxielu jirreġistra bħala partit politiku qabel l-elezzjoni tal-2010; billi partiti oħra tal-oppożizzjoni ġew soġġetti għall-istess trattament;

C. billi l-attivitajiet politiċi tas-Sinjura Ingabire ffukaw, fost kwistjonijiet oħra, fuq l-istat tad-dritt, il-libertà tal-assoċjazzjonijiet politiċi u l-abilitazzjoni tan-nisa fir-Rwanda;

D. billi l-RPF għadu l-partit politiku dominanti fir-Rwanda taħt il-President Kagame, u jikkontrolla l-ħajja pubblika skont sistema ta' partit waħdieni, li fiha min jikkritika lill-awtoritajiet Rwandiżi jsofri fastidju, intimidazzjoni u ħabs;

([1]) bil-Franċiż: Forces Démocratiques Unifiées (FDU-Inkingi).

E. billi fit-30 ta' Ottubru 2012 Victoire Ingabire ngħatat sentenza ta' tmien snin ħabs; billi nstabet ħatja fuq żewġ akkużi aġġornati u nħelset minn erbgħa oħra; billi nstabet ħatja ta' konġura kontra l-awtoritajiet permezz ta' terroriżmu, u li mminimizzat il-ġenoċidju tal-1994, abbażi tar-relazzjonijiet preżunti tagħha mal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda (FDLR), grupp ta' ribelli Hutu; billi l-Prosekutur Pubbliku talab li tingħata sentenza ta' ħajjitha l-ħabs;

F. billi fil-25 ta' Marzu 2013 Victoire Ingabire telgħet tixhed fil-proċess ta' appell tagħha, u talbet li l-evidenza tiġi rieżaminata;

G. billi l-prosekuzzjoni ta' Victoire Ingabire għal "ideoloġija ġenoċidali" u "diviżjoniżmu" turi n-nuqqas ta' tolleranza tal-pluraliżmu politiku min-naħa tal-Gvern Rwandiż;

H. billi f'April 2013, fl-appell tagħha quddiem il-Qorti Suprema, filwaqt li nħelset mis-sitt akkużi li kienu sarulha mill-prosekuzzjoni, ingħatat sentenza fuq akkużi ġodda li ma kinux ibbażati fuq dokumenti legali u li, skont l-avukat difensur tagħha, ma kinux ġew ippreżentati fil-proċess; billi ż-żewġ akkużi ġodda jinkludu negazzjoniżmu/reviżjoniżmu u tradiment;

I. billi f'Mejju 2013, wara li fl-2012 kienu xehdu kontra Victoire Ingabire quddiem il-Qorti Suprema tar-Rwanda, erba' xhieda tal-prosekuzzjoni u koakkużat qalu lill-Qorti Suprema li x-xhieda tagħhom kienet iffalsifikata; billi organizzazzjoni prominenti tad-drittijiet tal-bniedem esprimiet tħassib dwar "id-detenzjoni tagħhom f'iżolazzjoni fit-tul" u "l-użu tat-tortura biex jammettu l-ħtija";

J. billi ħafna osservaturi jqisu li l-proċess, li beda fl-2011, huwa motivat b'raġunijiet politiċi; billi d-dritt nazzjonali u l-ġudikatura tar-Rwanda jiksru konvenzjonijiet internazzjonali li fihom ir-Rwanda hija parti kontraenti, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li l-Gvern Rwandiż iffirmahom fis-16 ta' Lulju 1997, speċifikament id-dispożizzjonijiet dwar il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-ħsieb;

K. billi mis-16 ta' April 2012 is-Sa Ingabire kienet qed tibbojkottja l-proċess tagħha bi protesta kontra l-intimidazzjoni u l-proċeduri illegali ta' interrogazzjoni użati kontra whud mill-koakkużati tagħha, jiġifieri l-ex membri tal-FLDR il-Logutenent Kurunell Tharcisse Nditurende, il-Logutenent Kurunell Noël Habiyaremye, il-Kaptan Jean Marie Vianney Karuta u l-Maġġur Vital Uwumuremyi, kif ukoll kontra d-deċiżjoni tal-Qorti li tqassar is-smigħ ta' xhud tad-difiża, is-Sa Michel Habimana, li takkuża lill-awtoritajiet Rwandiżi li ffabrikaw l-evidenza; billi l-awtoritajiet Rwandiżi ma kkonfermawx dawn iċ-ċirkustanzi;

L. billi Bernard Ntaganda, il-fundatur tal-partit PS-Imberakuri, ingħata sentenza ta' erba' snin ħabs fuq akkużi li pperikola s-sigurta nazzjonali, "diviżjoniżmu" u attentat li jorganizza dimostrazzjoni bla awtorizzazzjoni;

M. billi fit-13 ta' Settembru 2012 Victoire Ingabire – flimkien ma' żewġ protagonisti politiċi Rwandiżi oħra, Bernard Ntaganda u Deogratias Mushyayidi, ilkoll attwalment miżmuma fil-ħabs ta' Kigali – ġiet nominata għall-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew għal-Libertà tal-Ħsieb;

N. billi r-Rwanda hija firmatarja tal-Ftehim ta' Cotonou, li jistipula li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huwa element essenzjali tal-kooperazzjoni UE-AKP;

O. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inkluż il-pluraliżmu politiku u l-libertà tal-espressjoni u assoċjazzjoni, huwa serjament ristrett fir-Rwanda, b'tali mod li l-partiti tal-oppożizzjoni jsibuha diffiċli li joperaw u l-ġurnalisti qajla jistgħu jesprimu fehmiet kritiċi;

P. billi l-konsolidament tad-demokrazija – li jinkludi l-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura u l-parteċipazzjoni tal-partiti tal-oppożizzjoni – huwa kruċjali, partikolarment fid-dawl tal-elezzjonijiet parlamentari tal-2013 u l-elezzjoni presidenzjali li għandha ssir fl-2017;

Q. billi l-ġenoċidju u l-gwerra ċivili tal-1994 fir-Rwanda għad għandhom impatt negattiv fuq l-istabbiltà tar-reġjun;

1. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-proċess inizjali ta' Victoire Ingabire, li ma kienx jissodisfa l-istandards internazzjonali, mhux l-anqas rigward id-dritt tagħha li tkun preżunta innoċenti, u li kien ibbażat fuq evidenza fabbrikata u ammissjonijiet minn koakkużati li kienu nżammu f'detenzjoni militari f'Camp Kami, fejn allegatament kienu torturati biex jammettu l-ħtija;

2. Jikkundanna bil-qawwa n-natura tal-proċess motivat b'raġunijiet politiċi, il-prosekuzzjoni ta' oppożituri politiċi u l-preġudizzju tal-eżitu tal-proċess; jistieden lill-ġudikatura Rwandiża biex tiżgura appell pront u ġust għas-Sa Victoire Ingabire, li jissodisfa l-istandards stabbiliti bid-dritt Rwandiż u b'dak internazzjonali;

3. Jitlob li l-prinċipju ta' ugwaljanza jkun rispettat permezz ta' miżuri li jiżguraw li kull parti – il-prosekuzzjoni u d-difiża – tingħata l-istess mezzi proċedurali u l-istess opportunità għall-iżvelar tal-evidenza materjali disponibbli tul il-proċess, u opportunità ndaqs li tippreżenta l-argument tagħha; jinkoraġġixxi eżami mtejjeb tal-evidenza, inklużi mezzi li jiżguraw li din ma tkunx inkisbet permezz tat-tortura;

4. Jitlob li l-UE tibgħat osservaturi biex isegwu l-proċess ta' appell ta' Victoire Ingabire;

5. Jisħaq fuq ir-rispett għall-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja fir-Rwanda, imma jfakkar lill-awtoritajiet Rwandiżi li l-UE, fil-kuntest tad-djalogu politiku uffiċjali mar-Rwanda skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, qajmet it-tħassib tagħha rigward ir-rispett dovut għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt għal proċess ġust;

6. Ifakkar li l-libertajiet ta' għaqda, assoċjazzjoni u espressjoni huma kompnenti essenzjali fi kwalunkwe demokrazija, u jqis li dawn il-prinċipji huma soġġetti għal restrizzjonjiet serji fir-Rwanda;

7. Jikkundanna kull forma ta' ripressjoni, intimidazzjoni u detenzjoni ta' attivisti politiċi, ġurnalisti u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Rwandiżi biex jeħilsu minnufih l-individwi u l-attivisti kollha miżmuma jew li nstabu ħatja biss għaliex eżerċitaw drittijiethom tal-liberta tal-espressjoni, assoċjazzjoni u tal-għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Rwandiżi, f'dan ir-rigward, biex jaġġustaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali ħalli jiggarantixxu l-libertà ta' espressjoni;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern Rwandiż biex jottempera ruħu mad-dritt internazzjonali u jirrispetta d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966 u l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli;

9. Ifakkar li stqarrijiet miksuba bl-użu tat-tortura jew ta' forom oħra ta' maltrattament m'huma ammissibbli fl-ebda proċediment;

10. Jistieden lill-awtoritajiet Rwandiżi biex jinvestigaw b'mod effikaċi l-allegazzjonijiet ta' tortura u ta' abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem, u jressqu lil dawk ħatja ta' dawn ir-reati quddiem il-ġustizzja, għaliex l-impunità ma tistax tiġi ttollerata;

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu għall-fatt li, 19-il sena wara li l-RPF ħa l-poter, u sentejn wara r-rielezzjoni tal-President Kagame, ir-Rwanda għad m'għandha l-ebda partit politiku tal-oppożizzjoni funzjonanti;

12. Jistieden lill-awtoritajiet Rwandiżi biex jiżguraw is-separazzjoni tas-setgħat amministrattivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji, u b'mod partikolari l-indipendenza tal-ġudikatura, u jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-partitit tal-oppożizzjoni, f'kuntest ta' rispett reċiproku u djalogu inklużiv, bħala parti mill-proċess demokratiku;

13. Huwa tal-fehma li l-liġi dwar l-ideoloġija tal-ġenoċidju tal-2008, li ntużat fl-akkuża kontra Victoire Ingabire, serviet ta' għodda politika biex tagħlaq ħalq min jikkriktika l-gvern;

14. Jistieden lill-Gvern Rwandiż biex jirrevedi l-liġi dwar l-"ideoloġija tal-ġenoċidju" ħalli jallinjaha mal-obbligi tar-Rwanda skont id-dritt internazzjonali, u jibdel il-liġi li tistitwixxi pieni għal reati ta' diskriminiazzjoni u settarjaniżmu biex jallinjaha mal-obbligi tar-Rwanda skont id-dritt umanitarju internazzjonali;

15. Jenfasizza li l-proċess kriminali ta' Victoire Ingabire, wieħed mill-itwal fl-istorja tar-Rwanda, huwa importanti, sew mil-lat politiku kif ukoll minn dak legali, bħala eżami tal-kapaċità tal-ġudikatura Rwandiża li tittratta kawżi politiċi prominenti b'mod ġust u indipendenti;

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

16. Ifakkar lill-awtoritajiet Rwandiżi li d-demokrazija tissejjes fuq gvern pluralista, oppożizzjoni funzjonanti, midja u ġudikatura indipendenti, rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u rispett tad-drittijiet tal-espressjoni u tal-għaqda; jistieden lir-Rwanda, f'dan ir-rigward, biex tissodisfa dawn l-istandards u ttejjeb ir-rekord tagħha rigward id-drittijiet tal-bniedem;

17. Jenfasizza li, fil-kuntest tal-ħidma internazzjonali għall-iżvilupp fir-Rwanda, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, u governanza trasparenti u reattiva għandhom jingħataw wisq aktar prijorità; jitlob li l-UE, f'kollaborazzjoni ma' donaturi internazzjonali oħra, tissokta tagħmel pressjoni biex tinkoraġġixxi riforma tad-drittijiet tal-bniedem fir-Rwanda;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lid-difensuri ta' Victoire Ingabire u lill-President tar-Rwanda.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0195

## Talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' Gabriele Albertini

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Gabriele Albertini (2012/2240(IMM))**

(2016/C 055/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Gabriele Albertini tad-19 ta' Lulju 2012, mħabbra fil-plenarja fl-10 ta' Settembru 2012, għall-ħarsien tal-immunità tiegħu b'rabta mal-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan, fl-Italja,

— wara li sema' lil Gabriele Albertini bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana, kif emendat mil-Liġi Kostituzzjonali Nru. 3 tad-29 ta' Ottubru 1993,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008 u tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0149/2013),

A. billi l-Membru tal-Parlament Ewropew, Gabriele Albertini, talab il-ħarsien tal-immunità parlamentari tiegħu b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti Taljana;

([1]) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63, *Wagner vs Fohrmann u Krier* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1964, p. 381); Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85, *Wybot vs Faure et.* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1986, p. 2391); Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T–345/05, *Mote vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. II–2849); Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawżi Magħquda C–200/07 u C–201/07, *Marra vs De Gregorio u Clemente* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. I–7929); Sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T–42/06, *Gollnisch vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2010, p. II–1135); Sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C–163/10, *Patriciello* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2011, p. I–7565).

B. billi t-talba ta' Gabriele Albertini fir-rigward ta' ċitazzjoni maħruġa kontrieh quddiem il-Qorti ta' Milan f'isem Alfredo Robledo, b'rabta mad-dikjarazzjonijiet magħmula minn Gabriele Albertini fl-ewwel intervista ppubblikata mill-gazzetta Taljana Il Sole 24 Ore *fis*-26 ta' Ottubru 2011 u f'intervista sussegwenti ppubblikata mill-gazzetta Taljana l-Corriere della Sera fid-19 ta' Frar 2012;

C. billi skont iċ-ċitazzjoni, id-dikjarazzjonijiet magħmula f'dawk l-intervisti jikkostitwixxu libell, li wassal għal talba għad-danni;

D. billi d-dikjarazzjonijiet magħmula fiż-żewġ intervisti jirrigwardaw "il-kawża tad-derivattivi" dwar l-investigazzjoni li tirrigwarda fatti li jmorru lura għall-2005, u li jinvolvu l-muniċipalità ta' Milan u jirrigwardaw il-kariga ta' Gabriele Albertini bħala s-sindku ta' dik il-belt;

E. billi ż-żewġ intervisti ngħataw fi żmien meta Gabriele Albertini kien Membru tal-Parlament Ewropew, wara l-elezzjoni tiegħu fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2004 u l-2009;

F. billi skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew ma jistgħu ikunu suġġetti għal ebda inkjesta, detenzjoni jew prosekuzzjoni legali minħabba l-opinjonijiet espressi jew il-voti mixħuta minnhom waqt li jkunu qed jaqdu dmirhom.

G. billi, bi qbil mal-prattika stabbilita tal-Parlament, il-fatt li l-proċedimenti legali huma ta' natura ta' dritt ċivili jew amministrattiv, jew jinkludu ċerti aspetti li jaqgħu fl-ambitu tad-dritt ċivili jew amministrattiv, ma tipprekludix per se l-applikazzjoni tal-immunità mogħtija minn dak l-artikolu;

H. billi l-fatti tal-każ, kif muri fiċ-ċitazzjoni u kif imfisser bil-fomm minn Gabriele Albertini quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, jindikaw li d-dikjarazzjonijiet magħmula ma għandhom l-ebda rabta diretta u ovvja mal-qadi tad-dmirijiet ta' Gabriele Albertini bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

I. billi Gabriele Albertini, meta ta ż-żewġ intervisti dwar il-"proċess tad-derivattivi", ma kienx qed jaġixxi fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew,

1. Jiddeċiedi li ma jħarisx l-immunità u l-privileġġi ta' Gabriele Albertini.

2. Jagħti istruzzjoni lill-President tal-Parlament biex igħaddi din id-deċiżjoni minnufih lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Taljana u lil Gabriele Albertini.

---

P7_TA(2013)0196

## Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Spyros Danellis (I)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Spyros Danellis (I) (2013/2014(IMM))**

(2016/C 055/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Spyros Danellis, mgħoddija nhar il-11 ta' Diċembru 2012 mill-Viċi Prosekutur fil-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika (ref. 4634/2012) b'rabta mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kretana ta' Tliet Membri tat-22 ta' Marzu 2012 (ref. 584/2012) u mħabbra fil-plenarja nhar l-14 ta' Jannar 2013,

— wara li sema' lil Spyros Danellis bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, kif ukoll l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008 u tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-regoli tal-Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0159/2013),

A. billi l-Viċi Prosekutur fil-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika talab li titneħħa l-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Spyros Danellis, b'rabta ma' azzjoni legali possibbli dwar allegat reat;

B. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament ta' dak l-Istat;

C. billi, skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika, waqt il-leġiżlatura, il-Membri tal-Parlament ma jistgħux jiġu mħarrka, arrestati, impriġunati jew detenuti xort'oħra kemm-il darba ma tkunx inkisbet minn qabel l-awtorizzazzjoni tal-Parlament;

D. billi Spyros Danellis hu mixli li abbanduna dmirjietu, billi hu allegat li ometta, fil-vesti tiegħu ta' Sindku ta' Hersonissos fil-Prefettura ta' Iraklion, li jieħu l-passi biex jagħlaq stabbiliment li kien qed jopera fil-muniċipalità tiegħu minkejja l-eżistenza ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet sanitarji li kienet tirrikjedi li jittieħdu tali passi;

E. billi l-allegati azzjonijiet ma jikkostitwixxux opinjonijiet espressi jew voti mogħtija matul il-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew għall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

F. billi huwa manifest li x-xilja ma għandha l-ebda rabta mal-pożizzjoni ta' Spyros Danellis bħala Membru tal-Parlament Ewropew imma mal-pożizzjoni tiegħu ta' qabel bħala Sindku ta' Hersonissos;

G. billi ma hemm l-ebda raġuni l-għala wieħed jissuspetta li hemm fumus persecutionis, filwaqt li jinżamm amment b'mod partikolari li Spyros Danellis mhux l-uniku mixli fil-każ inkwestjoni;

1. Iddeċieda li jneħħi l-immunità parlamentari ta' Spyros Danellis;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Prosekutur fil-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika u lil Spyros Danellis.

---

P7_TA(2013)0197

## Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Spyros Danellis (II)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Spyros Danellis (II) (2013/2028(IMM))**

(2016/C 055/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Spyros Danellis, imressqa nhar il-11 ta' Diċembru 2012 mill-Viċi Prosekutur fil-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika (rif. 4825/2012) b'rabta mad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Tliet Membri

---

([1]) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63, *Wagner vs Fohrmann u Krier* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1964, p. 381); Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85, *Wybot vs Faure et.* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1986, p. 2391); Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T–345/05, *Mote vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. II–2849); Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawżi Magħquda C–200/07 u C–201/07, *Marra vs De Gregorio u Clemente* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. I–7929); Sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T–42/06, *Gollnisch vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2010, p. II–1135); Sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C–163/10, *Patriciello* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2011, p. I–7565).

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

Kretana dwar l-Appell tad-9 u s-16 ta' Ottubru 2012 (ref.1382/2012), u mħabbra fis-seduta plenarja fis-6 ta' Frar 2013,

— wara li sema' lil Spyros Danellis, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, u l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0160/2013),

A. billi l-Viċi Prosekutur fil-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Spyros Danellis, b'rabta ma' l-possibilità ta' azzjoni legali li tikkonċerna allegat reat;

B. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri jgawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-Parlament ta' dak l-Istat;

C. billi l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellena jipprevedi li, waqt il-mandat parlamentai, il-Membri tal-Parlament ma jistgħux jiġu prosekutati, arrestati, impriġunati jew detenuti b'xi mod ieħor mingħajr il-permess minn qabel tal-Parlament;

D. billi Spyros Danellis hu mixli li kkalunja parti terza ta' att kontra l-liġi bil-ħsieb li ssir prosekuzzjoni kontra dan it-terz għall-istess att, u billi għamel dikjarazzjonijiet foloz dwar terz li setgħu għamlu ħsara lir-reputazzjoni u l-fama ta' dan it-terz, filwaqt li kien jaf li dawn id-dikjarazzjonijiet ma kinux minnhom;

E. billi l-allegati dikjarazzjonijiet foloz u kalunnji huma marbutin mal-bejgħ tal-frott tas-siġar taż-żebbuġ u siġar ieħor mqaċċat minn art esproprjata minn kuntrattur li qed iwettaq xogħlijiet pubbliċi fil-kuntest tal-bini ta' diga fil-muniċipalità ta' Hersonissos fil-Prefettura ta' Iraklion, li tagħha Spyros Danellis kien is-Sindku;

F. billi l-allegata azzjoni la tikkostitwixxi opinjoni espressa fil-qadi tad-dmirijiet ta' Membru tal-Parlament Ewropew u lanqas voti mixħuta fl-istess qadi, għall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

G. billi x-xilja manifestament ma għandha l-ebda relazzjoni mal-pożizzjoni ta' Spyros Danellis bħala Membru tal-Parlament Ewropew, imma mal-pożizzjoni li kellu qabel ta' Sindku ta' Hersonissos;

H. billi ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandu jkun issuspettat il-fumus persecutionis, aktar u aktar billi Spyros Danellis mhux l-uniku mixli fil-każ ikkonċernat;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità parlamentari ta' Spyros Danellis;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Prosekutur fil-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika u lil Spyros Danellis.

---

([1]) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63, *Wagner vs Fohrmann u Krier* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1964, p. 381); Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85, *Wybot vs Faure et.* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1986, p. 2391); Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T–345/05, *Mote vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. II–2849); Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawżi Magħquda C–200/07 u C–201/07, *Marra vs De Gregorio u Clemente* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. I–7929); Sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T–42/06, *Gollnisch vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2010, p. II–1135); Sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C–163/10, *Patricello* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2011, p. I–7565).

**It-Tlieta 21 ta’ Mejju 2013**

P7_TA(2013)0207

# Emendi u modifiki oħra orali (interpretazzjoni tal-Artikolu 156(6) tar-Regoli ta’ Proċedura)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta’ Mejju 2013 dwar l-emendi u modifiki oħra orali (interpretazzjoni tal-Artikolu 156(6) tar-Regoli ta’ Proċedura)**

(2016/C 055/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-24 ta’ April 2013 tal-president tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 211 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. jiddeċiedi li japplika l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 156(6):

“Fuq proposta tal-President, emenda orali jew kwalunkwe modifika orali oħra tiġi trattata bħal emenda mhux mqassma fil-lingwi kollha uffiċjali. Jekk il-President jidhirlu li tali emenda jew modifika hija ammissibbli abbażi tal-Artikolu 157(3), sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni espressa skont l-Artikolu 156(6), għandha tiġi vvotata skont l-ordni stabbilita għall-vot.”

Fil-kumitat, in-numru ta’ voti meħtieġ biex jiġi oppost il-vot ta’ tali emenda jew modifika, huwa stabbilit abbażi tal-Artikolu 196 proporzjonalment għal dak li jipprevali fil-plenarja, aġġustat, jekk ikun il-każ, għall-eqreb numru sħiħ.”

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta’ tagħrif.

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0191

## Ftehim UE-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka (15318/2012 – C7-0391/2012 – 2012/0018(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 055/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15318/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (08176/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), u l-Artikolu 218(8), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0391/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0169/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka.

---

P7_TA(2013)0192

## Kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru li jipprovdi qafas ġenerali għall-kooperazzjoni msaħħa (05822/2013 – C7-0044/2013 – 2012/0213 (NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 055/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05822/2013),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jipprovdi qafas ġenerali għall-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru (13792/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0044/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0157/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru.

---

P7_TA(2013)0193

## Emenda tar-Regolament (KEE/Euratom) Nru 354/83 fir-rigward tad-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE/Euratom) Nru 354/83, fir-rigward tad-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze (06867/2013 – C7-0081/2013 – 2012/0221(APP))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)**

(2016/C 055/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (06867/2013),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7–0081/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0156/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0194

## Perijodu għat-tmien elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perijodu għat-tmien elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali (07279/2013 – C7-0068/2013 – 2013/0802(CNS))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 055/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (07279/2013),

— wara li kkunsidra s-subparagrafu 2 tal-Artikolu 11(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ([1]), skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0068/2013),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u l-Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0138/2013),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni lill-Kunsill, kif ukoll, għall-informazzjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kroazja.

---

P7_TA(2013)0200

## Is-sikurezza tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore (COM(2011)0688 – C7-0392/2011 – 2011/0309(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0688),

---

([1]) Att anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1.), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/81/Euratom, KEFA, KEE (ĠU L 33, 9.2.1993, p. 15) u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1).

([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0462.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0392/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Frar 2012 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta' Marzu 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0121/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2011)0309

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Direttiva Nru 2013/30/UE.)*

([1]) ĠU C 143, 22.5.2012, p. 107.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0208

## Abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċeka (approvazzjoni) ***

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta tal-Kunsill Ewropew biex ma jlaqqax Konvenzjoni għaż-żieda ta' Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċeka mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (00091/2011 – C7-0386/2011 – 2011/0818(NLE))**

**(Kunsens)**

(2016/C 055/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra mill-Gvern Ċek lill-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") għar-Repubblika Ċeka,

— wara li kkunsidra l-ittra mill-President tal-Kunsill Ewropew lill-President tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011, li tikkonċerna abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta għar-Repubblika Ċeka,

— wara li kkunsidra t-talba għal kunsens li ma titlaqqax Konvenzjoni, ippreżentata mill-Kunsill Ewropew bi qbil mal-Artikolu 48(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (C7-0386/2011),

— wara li kkunsidra Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l Karta,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009 tal-Kapijiet tal-Istati jew tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 74a u 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0282/2012),

Billi:

A. Il-Karta tfasslet minn Konvenzjoni li saret mis-17 ta' Diċembru 1999 sat-2 ta' Ottubru 2000, li laqqgħet flimkien rappreżentanti tal-Parlament, tal-Istati Membri, tal-parlamenti nazzjonali u tal-Kummissjoni; il-Karta kienet ipproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000 u t-test tagħha kien addottat fi Strasburgu fit-12 ta' Diċembru 2007;

B. It-tieni Konvenzjoni saret mit-22 ta' Frar 2002 sat-18 ta' Lulju 2003 biex tabbozza t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li l-parti l-kbira tas-sustanza tiegħu ġiet inkorporata fit-Trattat ta' Lisbona li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009;

C. Dawn iż-żewġ Konvenzjonijiet tlaqqgħu biex jittrattaw suġġetti ewlenin marbuta mal-ordni kostituzzjonali tal-Unjoni, inkluża l-adozzjoni ta' test vinkolanti li jistipula d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mill-Unjoni;

D. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, mhuwiex neċessarju li tissejjaħ Konvenzjoni sabiex teżamina l-proposta li l-Protokoll Nru 30 dwar l-applikazzjoni tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit jiġi estiż għar-Repubblika Ċeka, billi l-effett ta' dik il-proposta, jekk hemm, ikun limitat;

1. Japprova l-proposta tal-Kunsill Ewropew li ma titlaqqax Konvenzjoni.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2013)0209

## Abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċeka (konsultazzjoni) *

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċeka (Artikolu 48(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) (00091/2011 – C7-0385/2011 – 2011/0817(NLE))**

(2016/C 055/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra mill-Gvern Ċek lill-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2011 dwar abbozz ta' protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") għar-Repubblika Ċeka,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Kunsill Ewropew indirizzata lill-President tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 rigward abbozz ta' Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta għar-Repubblika Ċeka,

— wara li kkunsidra l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill Ewropew (C7-0385/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6(1) TUE u l-Karta,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 30 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tad-29-30 ta' Ottubru 2009 tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill Ewropew,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet dwar il-Karta, annessi mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, iffirmati nhar it-13 ta' Diċembru 2007, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni Nru 1 mill-Istati Membri kollha, id-Dikjarazzjoni Nru 53 mir-Repubblika Ċeka u d-Dikjarazzjonijiet Nri 61 u 62 mir-Repubblika tal-Polonja,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 330 adottata matul it-12-il Seduta, tas-Senat Ċek tas-6 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0174/2013),

Billi:

A. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, waqt laqgħa fi ħdan il-Kunsill Ewropew tad-29-30 ta' Ottubru 2009 qablu li, fiż-żmien tal-konklużjoni tat-trattat ta' adeżjoni li jmiss u skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, kienu se jehmżu mat-Trattati Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta għar-Repubblika Ċeka,

B. Fil-5 ta' Settembru 2011, il-Gvern Ċek, f'ittra mir-Rappreżentant Permanenti tiegħu, ippreżenta proposta lill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 48(2) TUE, għall-emendar tat-Trattati dwar iż-żieda ta' Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta għar-Repubblika Ċeka,

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

C. Fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill ippreżenta proposta lill-Kunsill Ewropew, konformement mal-Artikolu 48(2) TUE, għall-emendar tat-Trattati dwar iż-żieda ta' Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta għar-Repubblika Ċeka,

D. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-TUE, il-Kunsill Ewropew ikkonsulta l-Parlament dwar jekk l-emendi proposti għandhomx ikunu analizzati,

E. Skont l-Artikolu 6(1) TUE, l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi d-drittijiet libertajiet u prinċipji ddelineati fil-Karta bħala li għandhom l-istess valur ġuridiku u forza vinkolanti tat-Trattati,

F. Il-Protokolli jifformaw parti integrali mit-Trattati li magħhom huma mehmuża, u għalhekk Protokoll addizzjonali li jistabbilixxi regoli speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' partijiet mid-Dritt tal-Unjoni għal Stat Membru jeħtieġ reviżjoni tat-Trattati,

G. Skont it-termini tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(1) TUE, it-tieni subparagrafu, il-Karta ma testendi bl-ebda mod il-kompetenzi tal-Unjoni kif definiti fit-Trattati.

H. Skont l-Artikolu 51 tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tal-istess Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tal-Karta skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati. Kif ġie kkonfermat mill-Istati Membri permezz tad-Dikjarazzjoni Nru 1, Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni u ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti mit-Trattati.

I. Il-paragrafu 2 tad-Dikjarazzjoni Nru 53 magħmula mir-Repubblika Ċeka jipprevedi li l-Karta "ma tnaqqasx il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali u ma tirrestrinġi l-ebda kompetenza attwali tal-awtoritajiet nazzjonali f'dan il-qasam", u b'hekk tistabbilixxi li l-integrità tal-ordni ġuridiku tar-Repubblika Ċeka huwa ggarantit mingħajr rikors għal strument addizzjonali.

J. Fuq il-bażi tal-evidenza akkademika u l-ġurisprudenza, il-Protokoll Nru 30 ma jeżentax lill-Polonja u lir-Renju Unit mid-dispożizzjonijiet vinkolanti tal-Karta, mhuwiex "opt-out", ma jemendax il-Karta u lanqas ma jimmodifika l-pożizzjoni ġuridika li tkun torbot li kieku ma jkunx jeżisti ([1]). L-uniku effett huwa li joħloq l-inċertezza ġuridika mhux biss fil-Polonja u fir-Renju Unit imma wkoll fl-Istati Membri l-oħra,

K. Funzjoni importanti tal-Karta hija li żżid il-prominenza tad-drittijiet fundamentali u tagħmilhom aktar viżibbli, imma l-Protokoll Nru 30 iwassal għall-inċertezza legali u l-konfużjoni politika, u b'hekk ikun qed jimmina l-isforzi tal-Unjoni li jilħaq u jżomm livell uniformement għoli u ekwu ta' ħarsien tad-drittijiet.

L. Jekk il-Protokoll Nru 30 ikun qatt interpretat bħala li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni jew il-forza tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, l-effett ikun li tonqos il-protezzjoni tal-drittijiet fundamentali mogħtija lin-nies fil-Polonja, fir-Renju Unit, u, dalwaqt, fir-Repubblika Ċeka,

M. Il-Parlament Ċek irratifika t-Trattat ta' Lisbona preċiżament kif kien ġie ffirmat, mingħajr ebda riżerva jew kwalifika dwar l-ottemperanza sħiħa min-naħa tar-Repubblika Ċeka għall-Karta ([2]),

N. Is-Senat Ċek, fir-Riżoluzzjoni 330 tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2011, oppona l-applikazzjoni għar-Repubblika Ċeka tal-Protokoll Nru 30 fuq il-bażi li jnaqqas l-istandards ta' ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini Ċeki. Is-Senat Ċek qanqal ukoll dubji dwar iċ-ċikostanzi kostituzzjonali ambigwi, li fihom il-kwestjoni tqanqlet l-ewwel mill-President tar-Repubblika wara r-ratifika parlamentari tat-Trattat ta' Lisbona kienet ġiet ikkompletata,

---

([1]) Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2011 fil-Kawżi Konġunti C-411/10 u C-493/10, l-aktar il-paragrafu 120.

([2]) It-Trattat ta' Lisbona ġie ratifikat mill-Kamra tad-Deputati Ċeka fit-18 ta' Frar 2009 u mis-Senat Ċek fid-9 ta' Mejju 2009.

**L-Erbgħa 22 ta’ Mejju 2013**

O. Il-Qorti Kostituzzjonali Ċeka ma laqgħetx żewġ petizzjonijiet fl-2008 u fl-2009, filwaqt li sabet li t-Trattat ta’ Lisbona huwa konformi għalkollox mad-dritt kostituzzjonali Ċek, iżda ma tistax tiġi eskluża l-possibilità li titressaq petizzjoni fl-istess Qorti kontra l-emenda proposta tat-Trattati,

P. Il-Parlament, fi spirtu ta’ kooperazzjoni sinċiera, għandu dmir jagħti l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew fuq il-bidliet kollha proposti għat-Trattat, irrispettivament mis-sinifikat tagħhom, imma ma hu marbut b’ebda mod li jkollu jaqbel mal-Kunsill Ewropew,

Q. Għad jeżistu dubji dwar ir-rieda tal-Parlament Ċek li jikkompleta r-ratifika tal-protokoll il-ġdid bl-għan li jestendi l-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 30 għar-Repubblika Ċeka; fil-każ li l-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jeżamina l-emenda proposta, Stat Membri oħra jistgħu ma jkunux iridu jibdew il-proċeduri ta’ ratifika tagħhom sakemm ir-Repubblika Ċeka tkun ikkompletat tagħha,

1. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li ma jeżaminax l-emenda proposta tat-Trattati;;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni bħala l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Kroazja u lill-Parlamenti tal-Istati Membri l-oħra.

---

P7_TA(2013)0210

## Ir-rikonoxximent reċiproku ta’ miżuri ta’ protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta’ Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ miżuri ta’ protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili (COM(2011)0276 – C7-0128/2011 – 2011/0130(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/34)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0276),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-punti (a), (e) u (f) tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0128/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta’ Frar 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta’ Marzu 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 51 tar-Regoli ta’ Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0126/2013),

---

([1]) ĠU C 113, 18.4.2012, p. 56.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0130

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 606/2013.)*

---

P7_TA(2013)0211

## Il-Ftehim bejn l-UE u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurtà talkatina tal-provvista ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista (11362/2012 – C7-0078/2013 – 2012/0073(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 055/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11362/2012),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista (11587/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0078/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0152/2013),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Kanada.

---

**L-Erbgħa 22 ta’ Mejju 2013**

P7_TA(2013)0212

## L-Awtorità Bankarja Ewropeau s-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-22 ta’ Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-interazzjoni tiegħu mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru…/… li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (COM(2012)0512 – C7-0289/2012 – 2012/0244(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/36)

[Emenda 2]

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT (UE) NRU …/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

of<BRK>li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-interazzjoni tiegħu mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/… li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta’ att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fid-29 ta’ Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-euro talbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposti biex tipprovdi għal mekkaniżmu superviżorju uniku li jinvolvi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta’ Ġunju 2012 stieden lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jiżviluppa,

---

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0393/2012).

(*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

([1]) ĠU C 11, 15.1.2013, p. 34.

([2]) ĠU C 30, 1.2.2013, p. 6.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Grupp tal-euro u l-President tal-BĊE, pjan direzzjonali speċifiku u marbut biż-żmien għall-kisba ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina, li jinkludi proposti konkreti dwar il-preżervazzjoni tal-unità u l-integrità tas-Suq Uniku fis-servizzi finanzjarji. ▌

(2) Il-provvediment għal mekkaniżmu superviżorju uniku huwa l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' Unjoni Bankarja Ewropea, imsejsa fuq ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji u ***oqfsa ġodda għal*** assigurazzjoni tad-depożiti u ▌ riżoluzzjoni.

(3) Sabiex jipprovdi għall-mekkaniżmu superviżorju uniku, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/… [127(6) Regolament] jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward ta' politiki tas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Stati Membri oħra jistgħu jidħlu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE. ▌

(4) Il-konferiment ta' kompiti superviżorji lill-BĊE fis-settur bankarju għal parti mill-Istati Membri tal-Unjoni ma għandu bl-ebda mod ifixkel il-funzjonament tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. ***Għalhekk, l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għandha tippreżerva r-rwol tagħha u żżomm is-setgħat u l-kompiti eżistenti kollha tagħha: għandha tkompli tiżviluppa u tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-ġabra unika ta' regoli applikabbli għall-Istati Membri kollha u ssaħħaħ il-konverġenza tal-prattiki superviżorji fl-Unjoni kollha kemm hi.***

***(4a) Huwa essenzjali li l-unjoni bankarja tinkludi mekkaniżmi ta' responsabbiltà demokratika.***

***(4b) Fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilha, u mingħajr preġudizzju għall-objettiv li jiġu żgurati s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-ABE għandha tqis b'mod sħiħ kemm id-diversità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-daqs u l-mudelli ta' negozju tagħhom, kif ukoll il-benefiċċji sistemiċi tad-diversità fl-industrija bankarja Ewropea.***

***(4c) Sabiex jiġu promossi l-aħjar prattiki superviżorji fis-suq intern, huwa ta' importanza fundamentali li l-ġabra unika ta' regoli tkun akkumpanjata b'manwal ta' superviżjoni Ewropew ta' istituzzjonijiet finanzjarji, imfassal mill-ABE b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti. Il-Manwal ta' Superviżjoni għandu jidentifika l-aħjar prattiki madwar l-Unjoni fir-rigward tal-proċessi u l-metodoloġiji ta' superviżjoni, sabiex jitħarsu l-prinċipji fundamentali internazzjonali u tal-Unjoni. Il-manwal m'għandux jieħu l-forma ta' atti legalment vinkolanti u m'għandux jillimita s-superviżjoni bbażata fuq il-ġudizzju. Għandu jkopri l-kwistjonijiet kollha fil-qafas fil-mandat tal-ABE, inklużi, sa fejn applikabbli, l-oqsma tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-isforzi kontra l-ħasil tal-flus. Għandu jistabbilixxi l-metrika u l-metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskju, l-identifikazzjoni ta' twissijiet bikrija u l-kriterji għal azzjoni ta' superviżjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-manwal. L-użu tal-manwal għandu jiġi kkunsidrat bħala element sinifikanti fil-valutazzjoni tal-konverġenza tal-prattiki superviżorji u għar-reviżjoni bejn il-pari msemmija f'dan ir-Regolament.***

***(4d) It-talbiet għal informazzjoni mill-ABE għandhom ikunu debitament ġustifikati u motivati. Oġġezzjoni dwar jekk talba għal informazzjoni speċifika mill-ABE tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament għandha titqajjem b'konformità mal-proċeduri rilevanti. Meta titqajjem tali oġġezzjoni, id-destinatarju tat-talba ma jiġix assolt milli jipprovdi l-informazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-kompetenza li tiddeċieda, b'konformità mal-proċeduri stipulati fit-Trattat, jekk talba għal informazzjoni speċifika mill-ABE tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.***

***(4e) Il-possibbiltà li l-ABE titlob informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji b'suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għandha tirrelata ma' kwalunkwe informazzjoni li l-istituzzjoni finanzjarja jkollha aċċess legali għaliha, inklużi informazzjoni miżmuma minn persuni remunerati mill-istituzzjoni finanzjarja rilevanti għat-twettiq ta' attivitajiet rilevanti, awditjar ipprovdut lill-istituzzjoni finanzjarja rilevanti minn awdituri esterni, u kopji ta' dokumenti, kotba u reġistri rilevanti.***

***(4f) Is-suq uniku u l-koeżjoni tal-Unjoni għandhom jiġu żgurati. F'dan ir-rigward, kwistjonijiet ta' tħassib bħalma huma l-governanza u l-arranġamenti ta' votazzjoni fl-ABE għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa, u t-trattament ugwali tal-Istati Membri li jieħdu sehem fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u tal-Istati Membri l-oħra għandu jiġi ggarantit.***

***(4 g) Meta wieħed iqis li l-ABE, li fiha jipparteċipaw l-Istati Membri kollha bi drittijiet ugwali, ġiet stabbilita b'għan li tiżviluppa u tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-ġabra unika ta' regoli u li ssaħħaħ il-koerenza tal-prattiki superviżorji fi ħdan l-Unjoni, u fid-dawl tal-istabbiliment tal-mekkaniżmu superviżorju uniku bi rwol ta' tmexxija għall-BĊE, l-ABE għandha tkun attrezzata bi strumenti adegwati, li għandhom jippermettulha twettaq b'effiċjenza l-kompiti fdati lilha rigward l-integrità tas-suq uniku.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(5) Fid-dawl tal-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/… [127(6) Regolament], l-ABE għandha tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha anke fir-rigward tal-BĊE ***bl-istess mod kif tagħmel fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra. B'mod partikolari, il-mekkaniżmi*** eżistenti għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil u azzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ***għandhom jiġu aġġustati kif adatt biex*** jibqgħu effikaċi. ▌

***(5a) Sabiex tkun tista' twettaq ir-rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni tagħha f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-ABE għandha tkun infurmata bis-sħiħ dwar kwalunkwe żvilupp rilevanti, u għandha tkun mistiedna tipparteċipa bħala osservatur fi kwalunkwe laqgħa rilevanti mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti rilevanti. Dan jinkludi d-dritt li titkellem jew li tagħmel kwalunkwe kontribuzzjoni oħra.***

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-Istati Membri kollha jitqiesu b'mod adegwat u biex l-ABE tkun tista' tiffunzjona b'mod xieraq bl-għan li s-suq intern jinżamm u jitwessa' fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-modalitajiet tal-votazzjoni fil-Bord tas-Superviżuri għandhom jiġu adattati ▌.

(7) Id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw ksur tal-liġi tal-Unjoni u s-soluzzjoni ta' nuqqas ta' ftehim għandhom jiġu eżaminati minn panel indipendenti magħmul minn membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri li ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess, maħtura mill-Bord tas-Superviżuri. Id-deċiżjonijiet proposti mill-panel lill-Bord tas-Superviżuri għandhom jiġu ▌ adottati ▌ b'maġġoranza sempliċi tal-membri ***tal-Bord tas-Superviżuri*** minn Stati Membri li jipparteċipaw fl-MSU u ***b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha*** minn Stati Membri li ma jipparteċipawx fl-MSU.

***(7a) Id-deċiżjonijiet dwar azzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-Bord tas-Superviżuri, li għandha tinkludi maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-MSU u maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu mill-Istati Membri li ma jipparteċipawx fl-MSU.***

***(7b) Id-deċiżjonijiet dwar l-atti speċifikati fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u miżuri u deċiżjonijiet adottati skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(5) u l-Kapitolu VI ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu adottati b'maġġoranza kkwalifikata tal-Bord tas-Superviżuri li għandha tinkludi maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu minn Stati Membri li jipparteċipaw fl-MSU u maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu minn Stati Membri li ma jipparteċipawx fl-MSU.***

(8) ▌ L-ABE għandha tiżviluppa regoli ta' proċedura għall-panel li jiżguraw l-indipendenza u l-oġġettività tiegħu.

(9) Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali għandha tkun ibbilanċjata u għandha tiġi żgurata rappreżentanza xierqa ta' Stati Membri mhux parteċipanti fl-MSU.

***(9a) Il-ħatriet tal-membri tal-korpi u kumitati interni tal-ABE għandhom jiżguraw bilanċ ġeografiku bejn l-Istati Membri.***

(10) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-ABE u rappreżentanza adegwata tal-Istati Membri kollha, il-modalitajiet tal-votazzjoni, il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, u l-kompożizzjoni tal-panel indipendenti għandhom jiġu ***mmonitorjati u*** rieżaminati wara perjodu taż-żmien xieraq filwaqt li titqies kwalunkwe esperjenza miksuba u żviluppi ulterjuri.

***(10a) L-ebda Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri ma għandu jiġi diskriminat, direttament jew indirettament, bħala post għal servizzi finanzjarji.***

***(10b) L-ABE għandha tingħata r-riżorsi finanzjarji u umani xierqa, sabiex tkun tista' tissodisfa b'mod adegwat kwalunkwe kompitu addizzjonali assenjat lilha skont dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, il-proċedura għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tagħha kif stabbilita fl-Artikoli 63 u 64 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, għandha tqis kif dovut dawn il-kompiti. L-ABE għandha tiżgura li jiġu ssodisfati l-aqwa standards ta' effiċjenza.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(11) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżgurar ta' livell għoli ▌ ta' regolamentazzjoni u superviżjoni prudenzjali ***effikaċi u konsistenti fl-Istati Membri*** kollha, il-protezzjoni tal-integrità, l-effikaċja u l-funzjonament fl-ordni ***tas-suq intern*** u ż-żamma tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 huwa emendat skont kif ġej:

***-1. l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:***

***(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"2. L-Awtorità għandha taġixxi fil-qafas tas-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/48/KE, id-Direttiva 2006/49/KE, id-Direttiva 2002/87/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006, id-Direttiva 94/19/KE u, sal-punt li dawk l-atti japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom, fil-qafas tal-partijiet rilevanti tad-Direttiva 2005/60/KE, id-Direttiva 2002/65/KE, id-Direttiva 2007/64/KE u d-Direttiva 2009/110/KE, inklużi d-direttivi, ir-regolamenti, u d-deċiżjonijiet kollha bbażati fuq dawk l-atti, u ta' kwalunkwe att ieħor legalment vinkolanti tal-Unjoni li jikkonferixxi kompiti lill-Awtorità. L-Awtorità għandha taġixxi wkoll b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill … [li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE].";***

***(b) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 2, tkattar il-konverġenza superviżorja, tipprovdi opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni, u tagħmel analiżijiet ekonomiċi tas-swieq sabiex tippromwovi l-ilħiq tal-għan tal-Awtorità.";***

***(c) fil-paragrafu 5, ir-raba' subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:***

***"Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Awtorità għandha taġixxi indipendentement u oġġettivament u b'mod mhux diskriminatorju fl-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi.";***

***-1a. fl-Artikolu 2(2), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(f) l-awtoritajiet kompetenti jew superviżorji kif speċifikati fl-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew għall-kompiti kkonferiti lilu bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru … [li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE], tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";***

***-1b. l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Artikolu 3***

***Responsabbiltà tal-Awtoritajiet***

***L-Awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 2(a) sa (d) għandhom ikunu responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Il-BĊE għandu jkun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji kkonferiti lilu bir-Regolament [127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill] b'konformità ma' dak ir-Regolament.";***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

1. fl-Artikolu 4(2), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) Awtoritajiet kompetenti kif definit fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, inkluż il-BĊE għal kwistjonijiet relatati mal-kompiti kkonferiti lilu bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/… (*)[127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill], fid-Direttiva 2007/64/KE, u kif imsemmi fid-Direttiva 2009/110/KE.

---

(*) ĠU L …, ….., p….";

***1a. l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:***

***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. L-Awtorità għandu jkollha l-kompiti li ġejjin:***

*(a) li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, b'mod partikolari billi tipprovdi opinjonijiet lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u billi tiżviluppa linji gwida, rakkomandazzjonijiet, u abbozzi ta' standards regolatorji u ta' implimentazzjoni u deċiżjonijiet oħra li għandhom ikunu bbażati fuq l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2);*

*(ab) li tiżviluppa u żżomm aġġornat, filwaqt li tikkunsidra, inter alia, il-prattiki kummerċjali u l-mudelli ta' negozju ta' istituzzjonijiet finanzjarji, manwal ta' superviżjoni Ewropew dwar is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji għall-Unjoni kollha. Il-manwal ta' superviżjoni Ewropew għandu jistipula l-aħjar prattiki superviżorji fil-metodoloġiji u l-proċessi;*

*(b) li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għal kultura superviżorja komuni, tiżgura applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti msemmija fl-Artikolu 1(2), timpedixxi l-arbitraġġ regolatorju, twettaq medjazzjoni u tirriżolvi n-nuqqasijiet ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, tiżgura s-superviżjoni effikaċi u konsistenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, tiżgura funzjonament koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri u tieħu azzjonijiet, inter alia, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;*

*(c) li tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti;*

*(d) li tikkoopera mill-qrib mal-BERS, b'mod partikolari billi tipprovdi lill-BERS l-informazzjoni neċessarja sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu u billi tiżgura segwitu xieraq għat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS;*

*(e) li torganizza u twettaq analiżi tar-reviżjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-ħruġ ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet u l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki, sabiex tissaħħaħ il-konsistenza f'eżiti superviżorji;*

*(f) li timmonitorja u tevalwa l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha, inkluż fejn adegwat xejriet fil-kreditu, partikolarment, għall-familji u l-SMEs;*

*(g) li twettaq analiżijiet ekonomiċi tas-swieq biex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod infurmat;*

*(h) li ssaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitur u tal-investitur;*

*(i) li tippromwovi l-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju sistemiku, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-għoti ta' protezzjoni ta' livell għoli lid-depożituri u l-investituri madwar l-Unjoni u l-iżvilupp ta' metodi għar-riżoluzzjoni tal-problemi ta' istituzzjonijiet finanzjarji li qegħdin ifallu u valutazzjoni tal-ħtieġa ta' strumenti ta' finanzjament, bl-għan li titrawwem kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-ġestjoni ta' kriżijiet li jikkonċernaw istituzzjonijiet transkonfinali bil-potenzjal li joħolqu riskju sistemiku, b'konformità mal-Artikoli 21 sa 26;*

*(j) li twettaq kwalunkwe kompitu speċifiku ieħor stipulat f'dan ir-Regolament jew f'atti leġislattivi oħra;*

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***(k)*** ***li tippubblika fil-websajt tagħha, u taġġorna b'mod regolari, l-informazzjoni relatata mal-qasam tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari, fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tagħha, dwar istituzzjonijiet finanzjarji reġistrati, sabiex tiżgura li l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli mill-pubbliku;***

***1a.*** ***Fit-twettiq tal-kompiti tagħha b'konformità ma' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha:***

***(a)*** ***tuża s-setgħat sħaħ disponibbli lilha; u***

***(b)*** ***mingħajr preġudizzju għall-objettiv li jiġu żgurati s-sikurtà u solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, tikkunsidra b'mod sħiħ it-tipi differenti, il-mudelli ta' negozju u d-daqsijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.";***

***(b)*** ***fil-paragrafu 2, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"Fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 u fl-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija f'dan il-paragrafu, l-Awtorità għandha tikkunsidra debitament il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, inklużi r-riżultati tal-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ġġenerati b'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.";***

***1b.*** ***l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:***

***(a)*** ***il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4.*** ***L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali tal-Awtorità, Kumitat għall-innovazzjoni finanzjarja, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet superviżorji […] kompetenti rilevanti kollha bl-għan li jinkiseb approċċ ikkoordinat għat-trattament regolatorju u superviżorju ta' attivitajiet finanzjarji ġodda jew innovattivi, u jipprovdi pariri biex l-Awtorità tippreżentahom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni."***

***(b)*** ***fil-paragrafu 5, ir-raba' subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:***

***"L-Awtorità tista' wkoll tivvaluta l-ħtieġa li tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti tipi ta' attività finanzjarja u, fejn hemm bżonn bħal dan, tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiffaċilita l-adozzjoni ta' kwalunkwe tali projbizzjoni jew restrizzjoni.";***

2. l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-każ ta' żviluppi negattivi li jistgħu jipperikolaw serjament il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni, l-Awtorità għandha tiffaċilita b'mod attiv u, fejn tqis meħtieġ, tikkoordina kwalunkwe azzjoni mwettqa mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti rilevanti.

Sabiex tkun tista' twettaq dak ir-rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni, l-Awtorità għandha tkun infurmata bis-sħiħ dwar kwalunkwe żvilupp rilevanti, u għandha tkun mistiedna tipparteċipa bħala osservatriċi fi kwalunkwe laqgħa rilevanti mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti rilevanti.";

(b) ***il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan*** li ġej:

"**3.** Meta ***l-Kunsill ikun adotta deċiżjoni skont il-paragrafu 2, u f'ċirkostanzi straordinarji meta tkun meħtieġa azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet kompetenti bħala reazzjoni għall-iżviluppi negattivi li jistgħu jipperikolaw b'mod serju l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni,*** l-Awtorità***, tista' tadotta deċiżjonijiet individwali sabiex titlob lill-awtoritajiet*** kompetenti biex ***jieħdu*** l-azzjoni meħtieġa skont ***il-leġislazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) sabiex jindirizzaw kwalunkwe żvilupp bħal dan billi jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dik il-leġislazzjoni.***";

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

3. fl-Artikolu 19*(1)*, ***l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan*** li ġej ▌:

*"1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat stipulati fl-Artikolu 17, meta awtorità kompetenti ma taqbilx dwar il-proċedura jew il-kontenut ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni ta' awtorità kompetenti oħra f'każijiet speċifikati fl-atti msemmija fl-Artikolu 1(2), l-Awtorità, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti kkonċernata waħda jew aktar, tista' tassisti lill-awtoritajiet biex jilħqu qbil b'konformità mal-proċedura stipulata fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu.";*

▌

*3a. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 20:*

*"Artikolu 20a*

*Il-Konverġenza tal-Pilastru 2*

*L-Awtorità għandha tippromwovi, fl-ambitu tas-setgħat tagħha, il-konverġenza tal-proċess ta' rieżami u valutazzjoni superviżorji ('Pilastru 2') b'konformità mad-Direttiva …/…UE [CRD4] sabiex fl-Unjoni jiddaħħlu standards superviżorji b'saħħithom.";*

*3b. l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"1. L-Awtorità għandha tippromwovi, fl-ambitu tas-setgħat tagħha, il-funzjonament effiċjenti, effikaċi u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri msemmija fid-Direttiva 2006/48/KE u trawwem il-koerenza fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fost il-kulleġġi tas-superviżuri. Bl-għan li ssir konverġenza tal-aħjar prattiki superviżorji, l-Awtorità għandha tippromwovi pjanijiet superviżorji konġunti u eżamijiet konġunti, u l-persunal mill-Awtorità għandu jkun jista' jipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi tas-superviżuri, inklużi eżamijiet fuq il-post, imwettqa b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar.";*

*(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"2. L-Awtorità għandha tieħu t-tmexxija biex jiġi żgurat funzjonament konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri għal istituzzjonijiet transkonfinali madwar l-Unjoni, filwaqt li tikkunsidra r-riskju sistemiku maħluq mill-istituzzjonijiet finanzjarji msemmi fl-Artikolu 23, u għandha, fejn xieraq, issejjaħ laqgħa ta' kulleġġ.";*

*3c. fl-Artikolu 22, il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1:*

*"1a. Tal-inqas darba fis-sena l-Awtorità għandha tikkunsidra kemm ikun xieraq li twettaq valutazzjonijiet mal-Unjoni kollha dwar ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji b'konformità mal-Artiolu 32 u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha. Meta jitwettqu valutazzjonijiet bħal dawn l-Awtorità għandha, fejn tqis rilevanti jew xieraq, tipprovdi żvelar tar-riżultati għal kull istituzzjoni finanzjarja parteċipanti.";*

*3d. fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"1. L-Awtorità għandha tikkontribwixxi u tipparteċipa b'mod attiv fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni effikaċi, konsistenti u aġġornati għall-istituzzjonijiet finanzjarji. L-Awtorità għandha wkoll, fejn dan ikun previst fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), tgħin fl-iżvilupp ta' proċeduri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u fl-iżvilupp ta' miżuri preventivi biex jiġi minimizzat l-impatt sistemiku ta' kwalunkwe falliment.";*

*3e. fl-Artikolu 27(2), l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:*

*"2. L-Awtorità għandha tipprovdi l-valutazzjoni tagħha dwar il-ħtieġa ta' sistema ta' mekkaniżmi ta' finanzjament koerenti, robusti u kredibbli, bi strumenti ta' finanzjament xierqa marbuta ma' sett ta' arranġamenti kkoordinati għall-ġestjoni tal-kriżijiet.";*

*3f. fl-Artikolu 29(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

*"Bl-għan li tinbena kultura superviżorja komuni, l-Awtorità għandha tiżviluppa u żżomm aġġornat, filwaqt li tikkunsidra, inter alia, il-prattiki kummerċjali u l-mudelli ta' negozju ta' istituzzjonijiet finanzjarji li qed jinbidlu, manwal ta' superviżjoni Ewropew dwar is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji għall-Unjoni kollha. Il-manwal ta' superviżjoni Ewropew għandu jistipula l-aħjar prattiki superviżorji fil-metodoloġiji u l-proċessi.";*

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*3 g. fl-Artikolu 30, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"3. Abbażi ta' reviżjoni bejn il-pari, l-Awtorità tista' toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16. B'konformità mal-Artikolu 16(3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistinkaw biex isegwu dawk il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet. Meta tkun qed tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji jew ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikoli 10 sa 15, l-Awtorità għandha tqis l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħha, biex tiżgura konverġenza tal-istandards u l-prattiki tal-ogħla kwalità.*

*3a. L-Awtorità għandha tindirizza opinjoni lill-Kummissjoni kull meta r-reviżjoni bejn il-pari jew kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħha turi li jkun hemm bżonn ta' inizjattiva leġislattiva biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni ulterjuri tad-definizzjonijiet u r-regoli prudenzjali.";*

*3h. fl-Artikolu 31, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"L-Awtorità għandha tippromwovi reazzjoni kkoordinata tal-Unjoni, inter alia, billi:*

*(a) tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;*

*(b) tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni u tivverifika, fejn xieraq, l-affidabbiltà tal-informazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kollha;*

*(c) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, twettaq medjazzjoni mhux vinkolanti fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti jew fuq inizjattiva tagħha stess;*

*(d) tinnotifika mingħajr dewmien lill-BERS, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe sitwazzjoni potenzjali ta' emerġenza;*

*(e) tieħu l-miżuri xierqa kollha f'każ ta' żviluppi li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tas-swieq finanzjarji fid-dawl tal-koordinament tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti;*

*(f) tiċċentralizza l-informazzjoni li tasal mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 21 u 35 b'riżultat tal-obbligi ta' rapportar regolatorju għall-istituzzjonijiet. L-Aworità għandha tikkondividi dik l-informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħra;";*

*3i. l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"2. L-Awtorità għandha, b'kooperazzjoni mal-BERS, tniedi u tikkoordina valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżviluppi negattivi tas-suq. Għal dak l-għan, hija għandha tiżviluppa:*

*(a) metodoloġiji komuni biex jiġi vvalutat l-effett ta' xenarji ekonomiċi fuq il-pożizzjonijiet finanzjarji ta' istituzzjoni;*

*(b) approċċi komuni għall-komunikazzjoni dwar l-eżiti ta' dawn il-valutazzjonijiet tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji;*

*(c) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett ta' prodotti partikolari jew tal-proċessi tad-distribuzzjoni fuq istituzzjoni; u*

*(d) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-assi skont kif jitqies neċessarju għall-fini tat-testijiet tal-istress.";*

***(b) il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-paragrafu 3:***

***"3a. Bl-iskop li jsiru l-valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji kif deskritt f'dan l-Artikolu, l-Awtorità tista', b'konformità mal-Artikolu 35 u b'suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fih, tirrikjedi l-informazzjoni direttament mingħandhom. Tista' tirrikjedi wkoll li l-awtoritajiet superviżorji jwettqu rieżamijiet speċifiċi. L-Awtorità tista' titlobhom iwettqu spezzjonijiet fuq il-post, anki bil-parteċipazzjoni tagħha b'konformità mal-Artikolu 21 u b'suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fih, biex tiġi żgurata l-komparabilità u l-affidabilità tal-metodi, il-prattiki u r-riżultati.***

***3b. L-Awtorità tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jaraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu suġġetti għal awditjar indipendenti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3a.";***

4. ***l-Artikolu 35 huwa sostitwit*** b'dan li ġej:

"Artikolu 35

***Ġbir ta' informazzjoni***

1. Fuq it-talba tal-Awtorità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Awtorità bl-informazzjoni kollha meħtieġa ***f'formati speċifikati*** sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha b'dan ir-Regolament, dejjem jekk ikollhom aċċess legali għall-informazzjoni rilevanti ▌. ***L-informazzjoni għandha tkun preċiża, koerenti, kompleta u f'waqtha.***

2. L-Awtorità tista' wkoll titlob li l-informazzjoni tiġi pprovduta f'intervalli rikorrenti u f'formati speċifikati ***jew mudelli komparabbli approvati mill-Awtorità***. Tali talbiet għandhom, fejn possibbli, isiru bl-użu ta' formati komuni ta' rapportar.

3. Fuq talba debitament ġustifikata mill-awtorità kompetenti, l-Awtorità ***għandha*** tipprovdi kwalunkwe informazzjoni li tkun metħieġa biex tippermetti lill-awtorità kompetenti twettaq dmirijietha, skont l-obbligi tas-sigriet professjonali stabbiliti fil-leġislazzjoni settorjali u fl-Artikolu 70.

***4. Qabel ma titlob informazzjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu u bl-għan li jiġi evitat l-irduppjar tal-obbligi ta' rapportar, l-Awtorità għandha tikkunsidra kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Statistika Ewropea u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.***

***5. Meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ma tingħatax f'waqtha mill-awtoritajiet kompetenti, l-Awtorità tista' tindirizza talba debitament ġustifikata u motivata lil awtoritajiet superviżorji oħrajn, lill-ministeru responsabbli għall-finanzi meta dan ikollu informazzjoni prudenzjali għad-dispożizzjoni tiegħu, lill-bank ċentrali nazzjonali jew lill-uffiċċju tal-istatistika tal-Istat Membru kkonċernat.***

***6. Meta ma jkunx hemm disponibbli informazzjoni kompleta u preċiża jew tali informazzjoni ma tkunx saret disponibbli, skont il-paragrafu 1 jew 5, f'waqtha, l-Awtorità tista' tindirizza talba debitament ġustifikata u motivata, direttament minn:***

***(a) istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti,***

***(b) kumpaniji azzjonarji u/jew fergħat ta' istituzzjoni finanzjarja rilevanti,***

***(c) entitajiet operattivi mhux regolati fi ħdan konglomerat jew grupp finanzjarju li jkunu sinifikanti għall-attivitajiet finanzjarji tal-istituzzjonijiet finanzjarji relevanti.***

***Dawk indirizzati b'tali talba għandhom jipprovdu lill-Awtorità informazzjoni ċara, preċiża u kompleta fil-pront u bla dewmien bla bżonn.***

***L-Awtorità għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti bit-talbiet b'konformità ma' dan il-paragrafu u mal-paragrafu 5.***

***Fuq it-talba tal-Awtorità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassistu lill-Awtorità fil-ġbir tal-informazzjoni.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*7. L-Awtorità tista' tuża l-informazzjoni kunfidenzjali li tirċievi skont dan l-Artikolu biss għall-finijiet li twettaq il-kompiti assenjati lilha b'dan ir-Regolament.*

*8. Meta dawk indirizzati b'talba b'konformità mal-paragrafu 6 ma jipprovdux informazzjoni ċara, preċiża u kompleta fil-waqt, l-Awtorità għandha tinforma lill-BĊE meta dan ikun applikabbli u għandha tinforma lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri kkonċernati li, b'suġġett għal-liġi nazzjonali, għanhdom jikkooperaw mal-Awtorità bl-għan li jiġi żgurat aċċess sħiħ għall-informazzjoni u għal kwalunkwe dokument, ktieb jew reġistru oriġinat li dawk indirizzati jkollhom aċċess legali għalih sabiex tivverifika l-informazzjoni.*";

*4a. l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:*

*(a) fil-paragrafu 4 it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Jekk l-Awtorità ma taġixxix fuq rakkomandazzjoni, hija għandha tispjega lill-BERS, u lill-Kunsill ir-raġunijiet tagħha għaliex ma għamlitx dan. Il-BERS għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament dwar il-BERS.";*

*(b) fil-paragrafu 5 it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"L-awtorità kompetenti għandha tqis kif dovut l-opinjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri meta tinforma lill-Kunsill u lill-BERS b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Meta l-awtorità kompetenti għalhekk tinforma lill-Kunsill u lill-BERS, hija għandha tinforma wkoll lill-Kummissjoni.";*

*4b. l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:*

*(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandu jiltaqa' fuq inizjattiva proprja kull meta jitqies neċessarju, iżda mill-anqas erba' darbiet fis-sena.";*

*(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"4. L-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa soġġetta għas-segretezza professjonali kif stipulat fl-Artikolu 70 u tiżgura appoġġ segretarjali adegwat għall-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati. Għandu jiġi pprovdut kumpens adegwat lill-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bl-esklużjoni ta' rappreżentanti tal-industrija. Tali kumpens għandu mill-inqas ikun ekwivalenti għar-rati ta' rimborż ta' uffiċjali skont l-Anness V, Taqsima 2 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet tekniċi. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandhom iservu għal perjodu ta' sentejn u nofs, u wara dan għandha ssir proċedura ġdida tal-għażla.";*

*4c. l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:*

*(a) fil-paragrafu 1 il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"(d) rappreżentant wieħed innominat mill-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, li m'għandux ikollu vot;";*

*(b) il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 4:*

*"4a. Matul diskussjonijiet mhux relatati ma' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, kif previst fl-Artikolu 44(4), ir-rappreżentant tal-BĊE jista' jkun akkumpanjat b'rappreżentant ieħor b'għarfien espert dwar il-kompiti tal-banek ċentrali.";*

5. l-Artikolu 41 ***huwa emendat kif ġej***:

*(a) il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1:*

*"1a. Għall-finijiet tal-Artikolu 17, il-Bord tas-Superviżuri għandu jsejjaħ panel indipendenti, li jkun jikkonsisti mill-President tal-Bord tas-Superviżuri u sitt membri oħra, li ma jkunux rappreżentanti tal-awtorità kompetenti li allegatament tkun kisret il-liġi tal-Unjoni u li la jkollhom xi interess fil-kwistjoni u lanqas rabtiet diretti mal-awtorità kompetenti kkonċernata.*

***Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.***

***Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas 4 membri tal-panel jivvutaw favur id-deċiżjoni.";***

***(b)*** ▌il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ***tal-Artikolu*** 19, il-Bord tas-Superviżuri għandu ***jsejjaħ*** panel indipendenti li jkun jikkonsisti mill-President ***tal-Bord*** tas-Superviżuri ***u sitt membri oħra, li ma jkunux*** rappreżentanti ▌tal-awtoritjiet kompetenti li huma parti għan-nuqqas ta' qbil ***u li la għandhom interess fil-kunflitt u lanqas ma għandhom rabtiet diretti mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati***.

***Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.***

***Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas 4 membri tal-panel jivvutaw favur id-deċiżjoni.***

3. Il-panel għandu jipproponi deċiżjoni***, skont l-Artikolu 17 jew l-Artikolu 19,*** għall-adozzjoni finali mill-Bord tas-Superviżuri ▌.

4. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta regoli ta' proċedura għall-panel imsemmi ***fil-paragrafi 1a u 2*** ▌.";

6. fl-Artikolu 42, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"L-ewwel u t-tieni paragrafi huma mingħajr preġudizzju għall-kompiti kkonferiti lill-BĊE bir-Regolament (UE) Nru …/… [127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill].";

7. l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-Deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward tal-atti speċifikati fl-Artikoli 10 sa 16 u l-miżuri u d-deċiżjonijiet adottati skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(5) u l-Kapitolu VI u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza kwalifikata tal-membri tiegħu, kif iddefinit fl-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali***, li għandha tinkludi tal-inqas maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Istati Membri parteċipanti, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru …/…[127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill], u maġġoranza sempliċi mill-membri tal-Istati Membri mhux parteċipanti***.

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17 u 19, id-deċiżjoni proposta mill-panel għandha ***tiġi*** adottata ▌b'maġġoranza sempliċi ***tal-membri tal-Bord tas-Superviżuri mill-Istati*** Membri parteċipanti ▌skont ir-Regolament (UE) Nru …/… [127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill]***, u maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu mill-Istati Membri mhux parteċipanti***.

B'deroga mit-tielet subparagrafu, mid-data meta erba' Stati Membri jew anqas ***ma jkunux*** Stati Membri parteċipanti skont ir-Regolament (UE) Nru …/… [127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill] ▌, id-deċiżjoni proposta mill-panel għandha ***tiġi*** adottata ▌b'maġġoranza sempliċi ***tal-membri tal-Bord tas-Superviżuri*** li għandha tinkludi tal-anqas vot wieħed mill-membri ***minn*** dawk l-Istati Membri.

Kull membru għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-panel skont l-Artikolu 41(2), il-Bord tas-Superviżuri għandu jimmira għal kunsens. Fin-nuqqas ta' kunsens, id-deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu minn maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.

***Fir-rigward ta' deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 18(3) u (4), u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu mill-Istati Membri parteċipanti, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru …/…[127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill], u maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu mill-Istati Membri mhux parteċipanti."***;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"4. Il-membri mhux votanti u l-osservaturi, bl-eċċezzjoni tal-President, id-Direttur Eżekuttiv u r-rappreżentant tal-BĊE nnominat mill-Bord Superviżorju, ma għandhom jattendu l-ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri relatat ma' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti msemmija fl-Artikolu 1(2).";*

*(c) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*"4a. Il-President tal-Awtorità għandu jkollu l-prerogattiva li jsejjaħ votazzjoni fi kwalunkwe ħin. Mingħajr preġudizzjoni għal dik il-prerogattiva u l-effettività tal-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità, il-Bord tas-Suprviżuri tal-Awtorità għandu jirsisti għal kunsens fit-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu.";*

8. fl-Artikolu 45(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-mandat tal-membri eletti mill-Bord tas-Superviżuri għandu jkun ta' sentejn u nofs. Dak it-terminu jista' jiġi estiż darba. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali għandha tkun ibbilanċjata u proporzjonata u għandha tirrifletti l-Unjoni kollha. Il-Bord Maniġerjali għandu jinkludi tal-anqas żewġ rappreżentanti mill-Istati Membri li la jkunu Stati Membri parteċipanti skont ir-Regolament [127(6) TFUE Regolament tal-Kunsill] u lanqas ma jkunu daħlu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE skont dak ir-Regolament. Il-mandati għandhom ikunu jikkoinċidu u għandu japplika arranġament xieraq ta' rotazzjoni.";

*8a. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 49:*

*"Artikolu 49a*

*Spejjeż*

*Il-President għandu jippubblika l-laqgħat li jkunu saru u l-ospitalità mogħtija. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament skont ir-regolament tal-persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.";*

*8b. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 52:*

*"Artikolu 52a*

*Spejjeż*

*Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippubblika l-laqgħat li jkunu saru u l-ospitalità mogħtija. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament skont ir-regolament tal-persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.";*

*8c. fl-Artikolu 63, il-paragrafu 7 jitħassar.*

*8d. l-Artikolu 81(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"3. Rigward il-kwistjoni tas-superviżjoni diretta tal-istituzzjonijiet jew l-infrastrutturi ta' skala pan-Ewropea u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tas-suq, l-istabilità tas-suq intern u l-koeżjoni tal-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali dwar l-adegwatezza li l-Awtorità tiġi fdata b'responsabbiltajiet superviżorji ulterjuri f'dan il-qasam.";*

*8e. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 81:*

*"Artikolu 81a*

*Rieżami tal-arranġamenti tal-votazzjoni*

*Mid-data li fiha n-numru tal-Istati Membri li huma Stati Membri mhux parteċipanti jkun ta' erbgħa, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim tal-arranġamenti ta' votazzjoni deskritti fl-Artikoli 41 u 44, filwaqt li titqies kwalunkwe esperjenza miksuba mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.";*

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sal-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament b'rabta ma':

▌

(b) il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali; u

(c) il-kompożizzjoni tal-panel indipendenti li jħejji d-deċiżjonijiet għall-finijiet tal-Artikoli 17 u 19.

Ir-rapport għandu jqis b'mod partikolari kwalunkwe żvilupp fl-għadd ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jew li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom daħlu f'kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru …/2013 […] u għandu jeżamina jekk fid-dawl tat-tali żviluppi jkunux meħtieġa aktar aġġustamenti ta' dawk id-dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-ABE jittieħdu fl-interess taż-żamma u t-tisħiħ tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

P7_TA(2013)0213

# Il-kompiti speċifiċi għall-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu *

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0511 – C7-0314/2012 – 2012/0242(CNS)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 055/37)

[Emenda 2]

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) NRU…/2013

li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(6) tiegħu,

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0392/2012).

(*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Tul l-aħħar deċennji, l-Unjoni għamlet progress konsiderevoli fil-ħolqien ta' suq intern għas-servizzi bankarji. Konsegwentement, f'bosta Stati Membri, il-gruppi bankarji li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom stabbiliti fi Stati Membri oħra għandhom sehem sinifikanti tas-suq, u l-istituzzjonijiet ta' kreditu ddiversifikaw l-operat tagħhom b'mod ġeografiku, ***kemm*** fiż-Żona tal-euro ***kif ukoll barra miż-Żona tal-euro***.

***(1a) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika preżenti wriet li l-integrità tal-munita unika u tas-suq uniku jistgħu jiġu mhedda minħabba l-frammentazzjoni tas-settur finanzjarju. Huwa għalhekk essenzjali li tiġi intensifikata l-integrazzjoni tas-superviżjoni bankarja sabiex tissaħħaħ l-Unjoni Ewropea, terġa' tinġieb l-istabbiltà finanzjarja u titqiegħed il-bażi għall-irkupru ekonomiku.***

(2) Sabiex fl-Unjoni jitrawwem ***it-tkabbir*** ekonomiku ***u finanzjament adegwat tal-ekonomija reali***, huwa essenzjali li s-suq intern għas-servizzi bankarji jinżamm u jikber iżjed. Madankollu dan huwa dejjem aktar ta' sfida. L-evidenza turi li l-integrazzjoni tas-swieq bankarji fl-Unjoni qed tieqaf.

(3) Fl-istess ħin***, barra mill-adozzjoni ta' qafas regolatorju msaħħaħ fl-UE,*** is-superviżuri jridu jżidu l-iskrutinju superviżorju tagħhom biex iqisu l-esperjenza mill-kriżi finanzjarja matul dawn l-aħħar snin, u jkunu jistgħu jissorveljaw istituzzjonijiet u swieq kumplessi u interkonnessi ħafna.

(4) Il-kompetenza għas-superviżjoni ta' banek individwali fl-Unjoni għadha fil-biċċa l-kbira fil-livell nazzjonali. ***Il-koordinament bejn is-superviżuri huwa vitali iżda l-kriżi wriet li l-koordinament biss mhuwiex biżżejjed, b'mod partikolari fil-kuntest ta' munita unika.*** Biex titħares ***l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni*** u jiżdiedu l-effetti pożittivi tal-integrazzjoni tas-suq fuq it-tkabbir u l-benessri, l-integrazzjoni tar-responsabbiltajiet superviżorji għandhom għalhekk jissaħħu. ***Dan huwa partikolarment rilevanti biex tkun żgurata sorveljanza bla xkiel u solida fuq grupp bankarju kollu u l-istat globali ta' saħħtu u jnaqqas ir-riskju ta' interpretazzjonijiet differenti u deċiżjonijiet kontradittorji fil-livell ta' entità individwali.***

(5) Is-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ħafna drabi għadha marbuta mill-qrib mal-Istat Membru li fiha tkun stabbilita. Dubji dwar is-sostenibbiltà ta' dejn pubbliku, prospetti ta' tkabbir ekonomiku, u l-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ilhom joħolqu tendenzi tas-suq negattivi u li jirrinforzaw lil xulxin. Dan jista' jwassal għal riskji għall-vijabbiltà ta' wħud mill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ***fiż-żona tal-euro u l-Unjoni inġenerali***, u jista' jimponi piż tqil fuq il-finanzi pubbliċi diġà batuti tal-Istati Membri kkonċernati. ▌

(6) L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ([3]) u s-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja stabbiliti bl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (AEAPX), ([4]) u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (AETS) ([5]) tejbu b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni bejn is-superviżuri bankarji fl-Unjoni. L-ABE qed tagħti kontributi importanti għall-ħolqien ta' ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni, u kienet kruċjali fl-implimentazzjoni b'mod konsistenti tar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu maġġuri fl-Unjoni maqbula mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2011***, b'mod konsistenti mal-linji gwida u l-kondizzjonijiet relatati mal-għajnuna mill-Istat adottati mill-Kummissjoni.***

---

([1]) ĠU C, , p. .
([2]) ĠU C, , p. .
([3]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
([4]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 37.
([5]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(7) Il-Parlament Ewropew talab f'diversi okkażjonijiet biex korp Ewropew ikun direttament responsabbli għal ċerti kompiti superviżorji fuq istituzzjonijiet finanzjarji, inizjalment fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' April 2000 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas għas-swieq finanzjarji: Pjan ta' Azzjoni, ([1]) u tal-21 ta' Novembru 2002 dwar regoli ta' superviżjoni prudenzjali fl-Unjoni Ewropea ([2]).

(8) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Ġunju 2012 stiednu lill-President tal-Kunsill Ewropew jiżviluppa pjan direzzjonali għall-kisba ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina. Fl-istess jum, is-Summit tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-euro indika li meta jiġi stabbilit mekkaniżmu superviżorju uniku effikaċi li jinvolvi l-BĊE, għall-banek fiż-żona tal-euro, il-MES jista', b'segwitu għal deċiżjoni regolari, ikollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza l-banek direttament, abbażi ta' kundizzjonalità xierqa, inkluża konformità mar-regoli ta' għajnuna mill-Istat.

***(8a) Il-Kunsill Ewropew, fid-19 ta' Ottubru 2012, ikkonkluda li l-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda għandu jibni fuq il-qafas istituzzjonali u ġuridiku tal-UE u jkun ikkaratterizzat minn ftuħ u trasparenza lejn l-Istati Membri li ma jużawx il-munita unika u minn rispett għall-integrità tas-suq uniku. Il-qafas finanzjarju integrat se jkollu Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) li se jkun miftuħ sa fejn ikun possibbli għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw.***

(9) Unjoni bankarja Ewropea għandha għalhekk tiġi stabbilita, sostnuta b'ġabra unika ta' regoli ***komprensiva u dettaljata*** għas-servizzi finanzjarji għas-Suq Uniku kollu u magħmula minn mekkaniżmu superviżorju uniku, ***u oqfsa ġodda ta'*** assigurazzjoni tad-depożiti u ta' riżoluzzjoni ▌. Fid-dawl tal-konnessjonijiet mill-qrib u l-interazzjonijiet bejn l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-munita komuni, l-unjoni bankarja għandha tkun tapplika tal-anqas għall-Istati Membri kollha taż-Żona tal-euro. Bl-għan li s-suq intern jinżamm u jitwessa', u sal-estent li dan huwa possibbli istituzzjonalment, l-unjoni bankarja għandha wkoll tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' Stati Membri oħra.

(10) Bħala l-ewwel pass lejn l-unjoni bankarja, mekkaniżmu superviżorju uniku għandu jiżgura li l-politika tal-Unjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tiġi implimentata b'mod koerenti u effikaċi, li l-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji tiġi applikata b'mod ugwali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri kollha kkonċernati, u li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità, li ma tkunx ristretta minn kunsiderazzjonijiet oħra mhux prudenzjali. ***B'mod partikolari, il-mekkaniżmu superviżorju uniku għandu jkun konsistenti mal-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji u mal-moviment liberu tal-kapital***. Mekkaniżmu superviżorju uniku huwa l-bażi għall-passi li jmiss lejn l-unjoni bankarja. Dan jirrifletti l-prinċipju li ***l-MES, wara deċiżjoni regolari, se jkollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza l-banek direttament meta jiġi stabbilit Mekkaniżmu Superviżorju Uniku effettiv. Il-Kunsill Ewropew innota fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13/14 ta' Diċembru 2012 li "f'kuntest fejn is-superviżjoni bankarja hija trasferita effettivament għal mekkaniżmu superviżorju uniku, ser ikun meħtieġ mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, bis-setgħat meħtieġa biex jiġi żgurat li kwalunkwe bank fl-Istati Membri parteċipanti jkun jista' jiġi riżolt bl-għodod adatti" u li "il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għandu jkun ibbażat fuq kontribuzzjonijiet mis-settur finanzjarju nnifsu u jinkludi arranġamenti ta' salvagwardja effettivi u adatti".***

(11) Bħala l-bank ċentrali taż-Żona tal-euro b'għarfien espert estensiv fi kwistjonijiet makroekonomiċi u ta' stabbiltà finanzjarja, il-BĊE jinsab f'pożizzjoni tajba biex iwettaq kompiti superviżorji ***ddefiniti b'mod ċar*** li jiffukaw fuq il-protezzjoni tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Ewropea. Fil-fatt f'bosta Stati Membri, il-Banek Ċentrali diġà huma responsabbli għas-superviżjoni bankarja. Il-BĊE għandu għalhekk jiġi kkonferit kompiti speċifiċi fir-rigward tal-politiki relatati mas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-***Istati Membri parteċipanti***.

***(11a) Il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonkludu memorandum ta' qbil li jiddeskrivi f'termini ġenerali kif huma ser jikkooperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-kompiti superviżorji tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji definiti f'dan ir-Regolament. Il-memorandum ta' qbil jista', fost l-oħrajn, jikkjarifika l-konsultazzjoni rigward id-deċiżjonijiet***

[1] ĠU C 40, 7.2.2001, p. 453.
[2] ĠU C 25 E, 29.1.2004, p. 394.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***tal-BĊE li jkollhom effett fuq is-sussidjarji jew il-fergħat stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti fejn l-impriża parent tkun stabbilita fi Stat Membru parteċipanti, u l-kooperazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inklużi l-mekaniżmi ta' twissija bikrija skont il-proċeduri stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni. Il-memorandum għandu jiġi rieżaminat fuq bażi regolari.***

(12) Il-BĊE għandu jiġi kkonferit dawk il-kompiti superviżorji speċifiċi li huma kruċjali biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti u effikaċi tal-politika tal-Unjoni li tirrigwarda s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, filwaqt li kompiti oħrajn għandhom jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Il-kompiti tal-BĊE għandhom jinkludu miżuri meħuda biex tintlaħaq stabbiltà makroprudenzjali***, soġġett għal arranġamenti speċifiċi li jirriflettu r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali***.

(13) Is-sikurezza u s-solidità tal-banek il-kbar huma essenzjali biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Madankollu, esperjenza reċenti turi li l-banek iż-żgħar jistgħu wkoll ikunu ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk, il-BĊE għandu jkun jista' jeżerċita kompiti superviżorji fir-rigward tal- istituzzjonijiet ***ta' kreditu awtorizzati u l-fergħat kollha stabbiliti*** fl-Istati Membri parteċipanti.

***(13a) Fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu, u mingħajr preġudizzju għall-objettiv li jiġu żgurati s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-BĊE għandu debitament iqis id-diversità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-daqs u l-mudelli tan-negozju tagħhom, kif ukoll il-benefiċċji sistemiċi tad-diversità fl-industrija bankarja Ewropea.***

***(13b) L-eżerċitar tal-kompiti tal-BĊE għandu jikkontribwixxi b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinternalizzaw bis-sħiħ l-ispejjeż kollha li jsiru minħabba l-attivitajiet tagħhom sabiex ikunu evitati l-periklu morali u t-teħid eċċessiv ta' riskji li jirriżulta minn dan. Dan għandu jieħu kont sħiħ tal-kondizzjonijiet makroekonomiċi rilevanti fl-Istati Membri, b'mod partikolari tal-istabbiltà tal-forniment ta' kreditu u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet produttivi għall-ekonomija b'mod ġenerali.***

***(13c) Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jinftiehem li qed ibiddel il-qafas kontabilistiku applikabbli skont atti oħrajn tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali.***

(14) Awtorizzazzjoni preliminari għall-operat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu hija teknika prudenzjali essenzjali biex jiġi żgurat li dawk l-attivitajiet jitwettqu biss minn operaturi b'bażi ekonomika soda, b'organizzazzjoni kapaċi tittratta r-riskji speċifiċi inerenti għat-teħid ta' depożiti u l-provvediment ta' krediti, u b'diretturi xierqa. Il-BĊE għandu għalhekk ikollu l-kompitu li jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u għandu jkun responsabbli għall-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet***, soġġett għal arranġamenti speċifiċi li jirriflettu r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali.***

(15) Minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti ***fid-dritt*** tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-każijiet għall-irtirar ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu attwalment jipprovdu għal kundizzjonijiet ulterjuri għall-awtorizzazzjoni u għal każijiet ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni. Il-BĊE għandu għalhekk iwettaq il-kompitu tiegħu ***fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-***istituzzjonijiet ta' kreditu u ***l-irtirar tal-***awtorizzazzjoni f'każ ta' nonkonformità mad-dritt nazzjonali fuq proposta mill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti, li tivvaluta l-konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti bid-dritt nazzjonali.

(16) Valutazzjoni tal-adegwatezza ta' kwalunkwe sid ġdid qabel ix-xiri ta' interess sinifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu hija għodda indispensabbli biex tiġi żgurata l-adegwatezza kontinwa u s-solidità finanzjarja tas-sidien ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-BĊE bħala istituzzjoni tal-Unjoni jinsab f'pożizzjoni tajba biex iwettaq valutazzjoni bħal din mingħajr ma jimponi restrizzjonijiet żejda fuq is-suq intern. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu li jivvaluta l-akwiżizzjoni u d-disponiment ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji sinifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu***, ħlief fil-kuntest ta' riżoluzzjoni bankarja***.

(17) Konformità mar-regoli tal-Unjoni li jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom ċerti livelli ta' kapital kontra riskji inerenti għall-operat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jillimitaw id-daqs tal-iskoperturi għal kontropartijiet individwali, li jiddivulgaw pubblikament informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jiddisponu minn biżżejjed assi likwidi biex jifilħu għal sitwazzjonijiet ta' stress tas-suq, u li jillimitaw l-ingranaġġ hija prerekwiżit għas-solidità prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu li jiżgura l-konformità ma' dawk ir-regoli, ***inkluż b'mod partikolari l-għoti ta' approvazzjonijiet, permessi, derogi, jew eżenzjonijiet previsti għall-finijiet ta' dawk ir-regoli.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(18) Riżervi ta' kapital addizzjonali, inkluż riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital, riżerva ta' kapital kontroċiklika biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jakkumulaw matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku bażi kapitali suffiċjenti biex jassorbu t-telf f'perjodi ta' stress, ***riżervi sistemiċi globali u oħrajn għall-istituzzjoni, u miżuri oħra bil-għan li jindirizzaw ir-riskju sistemiku jew makroprudenzjali,*** huma għodod prudenzjali ewlenin [redacted]. ***Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni sħiħa, fejn l-awtoritajiet nazzjonali jimponu tali miżuri, il-BĊE għandu jiġi notifikat kif meħtieġ. Barra minn hekk, fejn meħtieġ il-BĊE għandu jkun jista' japplika rekwiżiti ogħla u miżuri aktar stretti, soġġett għal koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, rigward il-miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw ir-riskju sistemiku jew makroprudenzjali huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' koordinazzjoni prevista f'atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti jew maħtura nazzjonali u l-BĊE, għandhom jaġixxu fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura ta' koordinazzjoni prevista f'tali atti wara li jkunu ġew segwiti l-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament.***

(19) Is-sikurezza u s-solidità ta' istituzzjoni ta' kreditu jiddependu wkoll mill-allokazzjoni ta' kapital intern adegwat, fejn jitqiesu r-riskji li tista' tkun esposta għalihom, u mid-disponibbiltà ta' strutturi xierqa ta' organizzazzjoni interna u arranġamenti ta' governanza korporattiva. Il-BĊE għandu għalhekk ikollu l-kompitu li japplika rekwiżiti li jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom implimentat arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi ta' governanza sodi, inklużi strateġiji u proċessi għall-valutazzjoni u ż-żamma tal-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom. F'każ ta' nuqqasijiet għandu jkollu wkoll il-kompitu li jimponi miżuri xierqa inklużi rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji addizzjonali, rekwiżiti speċifiċi ta' ***divulgazzjoni***, u rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità.

(20) Riskji għas-sikurezza u s-solidità ta' istituzzjoni ta' kreditu jistgħu jokkorru kemm fil-livell ta' istituzzjoni ta' kreditu individwali kif ukoll fil-livell ta' grupp bankarju jew ta' konglomerat finanzjarju. Arranġamenti superviżorji speċifiċi biex jimmitigaw dawn ir-riskji huma importanti biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Minbarra s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu individwali, il-kompiti tal-BĊE għandhom jinkludu superviżjoni fil-livell konsolidat, superviżjoni supplementari, superviżjoni ta' kumpaniji holding finanzjarji u superviżjoni ta' kumpaniji holding finanzjarji mħallta***, bl-esklużjoni tas-superviżjoni ta' impriżi ta' assigurazzjoni.***

(21) Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika ta' istituzzjoni trid tiġġi rmedjata ***fi stadju bikri***. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu jwettaq azzjonijiet ta' intervent bikri kif iddefiniti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni. Madankollu għandu jikkoordina l-azzjoni tiegħu ta' intervent bikri mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti. ***Sakemm l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu kompetenti biex jirrisolvu l-istituzzjonijiet ta' kreditu,*** il-BĊE għandu barra minn hekk jikkoordina b'mod xieraq mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati biex jiżgura fehim komuni dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi f'każ ta' kriżijiet, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gruppi ta' ġestjoni ta' kriżijiet transfruntieri u l-kulleġġi ta' riżoluzzjoni futuri stabbiliti għal dawn l-għanijiet.

(22) Kompiti superviżorji mhux ikkonferiti lill-BĊE għandhom jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Dawk il-kompiti għandhom jinkludu s-setgħa li jirċievu notifiki mill-istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mad-dritt ta' stabbiliment u l-provvediment ħieles ta' servizzi, is-superviżjoni tal-korpi li mhumiex koperti bid-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-dritt tal-Unjoni iżda li huma taħt superviżjoni bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-dritt nazzjonali, li jwettqu superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn pajjiżi terzi li jistabbilixxu fergħa jew li jipprovdu servizzi transfruntieri fl-Unjoni, li jwettqu superviżjoni ta' servizzi ta' pagamenti, li jwettqu l-verifiki tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ġurnata b'ġurnata, li jwettqu l-funzjoni ta' awtoritajiet kompetenti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mas-swieq fl-istrumenti finanzjarji, il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu ***u l-protezzjoni tal-konsumatur.***

***(22a) Il-BĊE għandu jikkoopera, kif meħtieġ, bis-sħiħ mal-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti biex jiġu garantiti livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.***

(23) Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu bl-għan li jiżgura s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni ***kif ukoll tal-Istati Membri parteċipanti individwali*** u l-unità u l-integrità tas-Suq Intern, biex b'hekk jiżgura wkoll il-protezzjoni tad-depożituri u jtejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern, skont il-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni. ***Il-BĊE, b'mod partikolari, għandu jieħu kont dovut tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni.***

(24) Il-konferiment ta' kompiti superviżorji lill-BĊE [redacted] għandu jkun konsistenti mal-qafas tas-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja (SESF) stabbilita fl-2010 u l-għan sottostanti tagħha li tiżviluppa l-ġabra unika ta' regoli

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

u ssaħħaħ il-konverġenza ta' prattiki superviżorji fl-Unjoni kollha. Il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri bankarji u s-superviżuri tal-assigurazzjoni u s-swieq tat-titoli hija importanti biex tittratta kwistjonijiet ta' interess komuni u biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw ukoll fis-setturi tal-assigurazzjoni u t-titoli. Il-BĊE għandu għalhekk ikun meħtieġ jikkoopera mill-qrib mal-***Awtorità Bankarja Ewropea***, l-Awtorità Ewropea tat-Titotli u s-Swieq u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, fil-qafas tal-***SESF. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u mingħajr ħsara għall-kompetenza u l-kompiti tal-parteċipanti l-oħra fl-SESF. Għandu jkun meħtieġ li jikkoopera mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti u faċilitajiet li jiffinanzjaw għajnuna finanzjarja pubblika diretta jew indiretta.***

▌

(26) Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu soġġett għall-liġi rilevanti tal-Unjoni u f'konformità magħha ▌ inkluż il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni, id-deċiżjonijet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuniet mill-Istat, ir-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-kontroll tal-fużjonijiet u l-ġabra unika ta' regoli li tapplika għall-Istati Membri kollha. L-ABE hija fdata bil-kompitu li tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi u linji gwida u rakkomandazzjonijiet li jiżguraw konverġenza superviżorja u konsistenza ta' eżiti superviżorji fl-Unjoni. Il-BĊE ma għandux jissostitwixxi l-eżerċitar ta' dawn il-kompiti mill-ABE, u għandu għalhekk jeżerċita setgħat għall-adozzjoni ta' regolamenti skont l-Artikolu 132 TFUE ***u f'konformità ma' atti tal-***Unjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea fuq abbozzi żviluppati mill-ABE ***u soġġett għall-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.***

***(26a) Meta jkun neċessarju, il-BĊE għandu jidħol f'memoranda ta' qbil mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-swieq tal-istrumenti finanzjarji li jiddeskrivu f'termini ġenerali l-mod kif dawn se jikkooperaw ma' xulxin fil-qadi tal-kompiti superviżorji tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji definiti fl-Artikolu 2. Dawn il-memoranda għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha.***

***(26b) Għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u l-eżerċitar tas-setgħat superviżorji tiegħu, il-BĊE għandu japplika r-regoli materjali relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn ir-regoli huma magħmulin mil-liġi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari Regolamenti jew Direttivi applikabbli direttament, bħal dawk dwar rekwiżiti ta' kapital għal banek u dwar konglomerati finanzjarji. Fejn ir-regoli materjali relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu stabbiliti f'Direttivi, il-BĊE għandu japplika l-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tikkonsisti f'Regolamenti u f'oqsma fejn, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dawk ir-Regolamenti jagħtu opzjonijiet lill-Istati Membri, il-BĊE għandu japplika ukoll il-leġislazzjoni nazzjonali li teżerċita dawn l-opzjonijiet. Dawn l-opzjonijiet għandhom jiġu interpretati li jeskludu l-opzjonijiet disponibbli biss lil awtoritajiet kompetenti jew maħtura. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-preminenza tad-dritt tal-UE. Minn dan isegwi li l-BĊE għandu jibbaża fuq u jaġixxi f'konformità mal-liġi vinkolanti rilevanti tal-Unjoni meta jadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet jew meta jieħu deċiżjonijiet.***

***(26c) Fl-ambitu tal-kompiti konferiti lill-BĊE, id-dritt nazzjonali jikkonferixxi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ċerti setgħat li attwalment mhumiex meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni, inklużi ċerti setgħat ta' intervent bikri u prekawzjoni. Il-BĊE għandu jkun jista' jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali biex jagħmel użu minn dawn is-setgħat, sabiex jiżgura l-prestazzjoni ta' superviżjoni sħiħa u effettiva fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.***

(27) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli u d-deċiżjonijiet superviżorji jiġu applikati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, mill-kumpaniji holding finanzjarji u mill-kumpaniji holding finanzjarji mħallta, sanzjonijiet effikaċi, proporzjonati u dissważivi għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur. Skont l-Artikolu 132(3) tat-TFUE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet ([1]), il-BĊE huwa intitolat jimponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fuq l-impriżi meta jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi skont ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, sabiex il-BĊE jkun jista' jwettaq b'mod effikaċi l-kompiti tiegħu relatati mal-infurzar tar-regoli superviżorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli, il-BĊE

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

għandu jingħata s-setgħa li jimponi sanzjonijiet pekunarji fuq istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji u kumpaniji holding finanzjarji mħallta għal ksur ta' tali regoli. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jibqgħu jistgħu japplikaw sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligi li joriġinaw mid-dritt nazzjonali li jittrasponi d-Direttivi tal-Unjoni. Meta l-BĊE jqis li jkun xieraq biex iwettaq il-kompiti tiegħu li tiġi applikata sanzjoni għal tali ksur, għandu jkun jista' jirreferi l-kwistjoni lill-awtoritajiet nazzjonali għal dawk l-għanijiet.

(28) Is-superviżuri nazzjonali għandhom għarfien espert importanti u li ilu stabbilit fis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-territorju tagħhom u l-ispeċifiċitajiet ekonomiċi, organizzazzjonali u kulturali tagħhom. Stabbilixxew korp kbir ta' persunal iddedikat u bi kwalifiki għoljin għal dawn l-għanijiet. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata superviżjoni Ewropea ta' kwalità għolja, is-superviżuri nazzjonali għandhom ***ikunu responsabbli biex jassistu*** lill-BĊE fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe att relatat mal-eżerċitar tal-kompiti superviżorji tal-BĊE. Dan għandu jinkludi b'mod partikolari valutazzjoni kontinwa ġurnata b'ġurnata tas-sitwazzjoni tal-bank u relatata ma' verifiki fuq il-post.

***(28a) Il-kriterji mniżżla fl-Artikolu 5(4b) biex jiġi definit l-ambitu ta' istituzzjonijiet li huma anqas sinifikanti għandhom jiġu applikati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Istati Membri parteċipanti abbażi ta' data konsolidata. Fejn il-BĊE jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament fir-rigward ta' grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li mhux inqas sinifikanti fuq bażi konsolidata, għandu jwettaq dawk il-kompiti fuq bażi konsolidata fir-rigward tal-grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u fuq bażi individwali fir-rigward tas-sussidjarji bankarji u l-fergħat ta' dak il-grupp stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.***

***(28b) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(4b) biex jiġi definit l-ambitu ta' istituzzjonijiet li huma inqas sinifikattivi għandhom jiġu speċifikati f'qafas adottat u ppubblikat mill-BĊE f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Abbażi ta' dak, il-BĊE għandu jkun responsabbli biex japplika dawk il-kriterji u jivverifika, permezz tal-kalkoli proprji, jekk intlaħqux dawn il-kriterji. It-talba tal-BĊE għall-informazzjoni biex iwettaq il-kalkolu tiegħu ma għandhiex iġġiegħel lill-istituzzjonijiet japplikaw oqfsa kontabilistiċi li jkunu differenti minn dawk applikabbli għalihom skont atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali.***

***(28c) Meta bank ikun ġie meqjus bħala sinifikattiv jew inqas sinifikattiv, dik il-valutazzjoni ma għandhiex tiġi mmodifikata aktar minn darba kull 12-il xahar, ħlief jekk ikun hemm bidliet strutturali fil-gruppi bankarji, bħal fużjonijiet jew divestituri.***

***(28d) Meta jkun qed jiddeċiedi, wara notifika mill-awtorità kompetenti nazzjonali, jekk istituzzjoni hijiex ta' rilevanza sinifikattiva fir-rigward tal-ekonomija domestika u għandha għalhekk tkun sorveljata mill-BĊE, il-BĊE għandu jqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi konsiderazzjonijiet ekwi.***

(29) Fir-rigward tas-superviżjoni ta' banek transfruntieri attivi kemm fiż-Żona tal-euro u barra minnha, l-BĊE għandu jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mhux parteċipanti. Bħala awtorità kompetenti l-BĊE għandu jkun soġġett għall-obbligi relatati biex jikkoopera u jiskambja informazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni u għandu jipparteċipa bis-sħiħ fil-kulleġġi tas-superviżuri. Barra minn hekk, peress li l-eżerċitar tal-kompiti superviżorji minn istituzzjoni Ewropea jġib benefiċċji ċari f'termini ta' stabbiltà finanzjarja u integrazzjoni sostenibbli tas-suq, l-Istati Membri mhux parteċipanti fil-munita komuni għandu għalhekk ikollhom ukoll il-possibbiltà li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu l-ġdid. Madankollu, prekundizzjoni meħtieġa għall-eżerċitar effikaċi tal-kompiti superviżorji hija li d-deċiżjonijiet superviżorji jiġu implimentati bis-sħiħ u mingħajr dewmien. L-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fil-mekkaniżmu l-ġdid għandhom għalhekk jintrabtu li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom se jirrispettaw u jadottaw kwalunkwe miżura b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu mitluba mill-BĊE. Il-BĊE għandu jkun jista' jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membri mhux parteċipanti fil-munita komuni. Għandu jkun obbligat jistabbilixxi l-kooperazzjoni meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. ▌

***(29a) B'kont meħud li l-Istati Membri mhux parteċipanti fiż-żona tal-euro mhumiex preżenti fil-Kunsill Governattiv sakemm ma jkunux ingħaqdu mal-euro skont it-Trattat, u li dawn ma jistgħux jibbenefikaw bis-sħiħ minn mekkaniżmi oħrajn previsti għal Stati Membri taż-żona tal-euro, huma previsti f'dan ir-Regolament salvagwardji addizzjonali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Madankollu, dawk is-salvagwardji, b'mod partikolari l-Artikolu 6(5d), għandhom jintużaw f'każijiet eċċezzjonali, debitament ġustifikati. Huma għandhom jintużaw biss sakemm japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi speċifiċi. Is-salvagwardji huma dovuti minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom huma l-Istati Membri parteċipanti li mhumiex fiż-żona tal-euro skont dan ir-Regolament, peress li mhumiex preżenti fil-Kunsill Governattiv u ma jistgħux jibbenefikaw bis-sħiħ minn mekkaniżmi oħrajn previsti għall-Istati Membri taż-żona tal-euro. Għalhekk, is-salvagwardji ma jistgħux u ma għandhomx jiġu interpretati bħala preċedent għal oqsma oħrajn tal-politika tal-UE.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*(29b)* ***Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jibdel b'xi mod il-qafas attwali li jirregola l-bidla tal-forma legali tas-sussidjarji jew il-fergħat u l-applikazzjoni ta' tali qafas, jew jinftiehem jew jiġi applikat bħala li jipprovdi inċentivi favur bidla bħal din. F'dan ir-rigward, ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku għandha tkun rispettata b'mod sħiħ, sabiex dawk l-awtoritajiet ikomplu jgawdu minn għodod u setgħat superviżorji suffiċjenti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw fit-territorju tagħhom sabiex ikollhom il-kapaċità jaqdu din ir-responsabbiltà u jissalvagwardjaw b'mod effettiv l-istabbiltà finanzjarja u l-interess pubbliku. Barra minn hekk, bħala assistenza għall-awtoritajiet kompetenti fil-qadi ta' dmirijiethom, għandha tiġi pprovduta lid-depożitanti u lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni f'waqtha dwar bidla fil-forma legali ta' sussidjarji jew fergħat.***

(30) Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE għandu jkollu setgħat superviżorji xierqa. Il-liġi tal-Unjoni dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tipprovdi għal ċerti setgħat li għandhom jiġu kkonferiti lill-awtoritajiet kompetenti nominati mill-Istati Membri għal dawk l-għanijiet. Sa fejn dawk is-setgħat jaqgħu fl-ambitu tal-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE, għall-Istati Membri parteċipanti l-BĊE għandu jitqies l-awtorità kompetenti u għandu jkollu s-setgħat ikkonferiti lill-awtoritajiet kompetenti bid-dritt tal-Unjoni. Dan jinkludi setgħat ikkonferiti b'dawk l-atti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti u s-setgħat ikkonferiti lill-awtoritajiet nominati.

*(30a)* ***Il-BĊE għandu jkollu s-setgħa superviżorja li jneħħi membru mill-korp amministrattiv skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.***

(31) Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effikaċi, il-BĊE għandu jkun jista' jeżiġi l-informazzjoni kollha meħtieġa, u jkun jista' jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post, ***meta jkun il-każ f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Il-BĊE u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni mingħajr mal-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar doppju.***

*(31a)* ***Il-privileġġ professjonali legali huwa prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, li jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-konsulenti tagħhom, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.***

*(31b)* ***Meta jkun jeħtieġ li l-BĊE jitlob informazzjoni minn persuna stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti iżda li tappartjeni għal istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta stabbilita fi Stat Membru parteċipanti, jew li lilu tali istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta tkun esternalizzat funzjonijiet jew attivitajiet operattivi, u meta tali rekwiżiti mhux ser japplikaw u mhux ser ikunu infurzabbli fi Stat Membru mhux parteċipanti, il-BĊE għandu jikkoordina mal-awtorità kompetenti nazzjonali fl-Istat Membru mhux parteċipanti kkonċernat.***

*(31c)* ***Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti bl-Artikoli 34 u 42 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-BĊE. L-atti adottati mill-BĊE skont dan ir-Regolament ma għandhom joħolqu l-ebda dritt jew jimponu xi obbligu fi Stati Membri mhux parteċipanti, ħlief meta tali atti jikkonformaw mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, f'konformità mal-Protokolli Nru 4 u 15.***

(32) Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' stabbiliment jew li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor, jew fejn bosta entitajiet fi grupp ikunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi proċeduri speċifiċi u l-attribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri kkonċernati. Sal-punt li l-BĊE jassumi ċerti kompiti superviżorji għall-Istati Membri parteċipanti kollha, dawk il-proċeduri u attribuzzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-eżerċitar tad-dritt tal-istabbiliment jew li jiġu pprovduti servizzi fi Stat Membru parteċipanti ieħor.

*(32a)* ***Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament u meta jitlob assistenza mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, il-BĊE għandu debitament jieħu kont ta' bilanċ ġust bejn l-involviment tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kollha involuti, f'konformità mar-responsabbiltajiet għal superviżjoni waħedha, sottokonsolidata u konsolidata stabbilita fil-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*(32b)* ***Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jinftiehem li jikkonferixxi fuq il-BĊE s-setgħa li jimponi sanzjonijiet fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi ħlief għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji jew kumpaniji holding finanzjarji mħallta, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-BĊE li jeżiġi lill-awtoritajiet nazzjonalli jaġixxu sabiex jiżguraw li jiġu imposti sanzjonijiet xierqa.***

(33) ***Bħala istituzzjoni stabbilita mit-Trattati, il-BĊE huwa istituzzjoni tal-Unjoni inġenerali. Għandu jkun marbut*** fil-proċeduri deċiżjonali tiegħu bir-regoli u ▌ l-prinċipji ġenerali tal-Unjoni dwar proċess ġust u trasparenza. Id-dritt li d-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-BĊE jinstemgħu għandu jiġi rrispettat b'mod sħiħ ***kif ukoll id-dritt tagħhom li jitolbu reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-BĊE skont ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

(34) Il-konferiment tal-kompiti superviżorji jimplika responsabbiltà sinifikanti għall-BĊE biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, u biex juża s-setgħat superviżorji tiegħu b'mod mill-aktar effikaċi u proporzjonat. ***Kull bidla tas-setgħat superviżorji mil-livell tal-Istati Membri għal dak tal-Unjoni għandha tkun ibbilanċjata b'rekwiżiti xierqa ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont.*** Il-BĊE għandu għalhekk jagħti kont tal-eżerċitar ta' dawn il-kompiti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ▌ bħala istituzzjonijiet demokratikament leġitimizzati li jirrappreżentaw lill-poplu Ewropew u lill-Istati Membri. Dak għandu jinkludi rapportar regolari, u risposti għall-mistoqsijiet ***tal-Parlament Ewropew skont ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u mill-Grupp tal-euro. Kwalunkwe obbligu ta' rapportar għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti rilevanti ta' segretezza professjonali.***

*(34a)* ***Il-BĊE għandu wkoll jippreżenta r-rapporti, li huwa jindirizza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-parlamenti nazzjonali tal-Membri Stati parteċipanti. Il-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti għandhom ikunu jistgħu jindirizzaw lill-BĊE kwalunkwe osservazzjoni jew mistoqsija dwar il-prestazzjoni tal-kompiti superviżorji tiegħu, li l-BĊE jista' jirrispondihom. Ir-regoli interni ta' dawk il-parlamenti nazzjonali għandhom jieħdu kont tad-dettalji tal-proċeduri u l-arranġamenti rilevanti biex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet u l-mistoqsijiet lill-BĊE. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari għal osservazzjonijiet jew mistoqsijiet li jirrigwardaw it-tneħħija ta' awtorizzazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li fil-konfornt tagħhom ikunu ttieħdu azzjonijiet neċessarji għar-riżoluzzjoni jew għaż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja mill-awtoritajiet nazzjonali skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2a). Il-parlament ta' Stat Membru parteċipanti għandu jkun jista' jistieden lill-President jew rappreżentant tal-Bord Superviżorju biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet fir-rigward tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'dak l-Istat Membru flimkien ma' rappreżentant tal-awtorità kompetenti nazzjonali. Dan ir-rwol għall-parlamenti nazzjonali huwa xieraq minħabba l-impatt potenzjali li l-miżuri superviżorji jista' jkollhom fuq il-finanzi pubbliċi, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-klijenti u l-impjegati tagħhom, u s-swieq fl-Istati Membri parteċipanti.*** Meta s-superviżuri nazzjonali jieħdu azzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jibqgħu japplikaw l-arranġamenti ta' responsabbiltà pprovduti skont id-dritt nazzjonali.

*(34b)* ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parlament Ewropew li jwaqqaf Kumitat ta' Inkjesta temporanju biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' kontravenzjonijiet jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 226 tat-TFUE jew għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu ta' kontroll politiku kif stabbilit fit-Trattati, inkluż id-dritt tal-Parlament Ewropew li jieħu pożizzjoni jew li jadotta riżoluzzjoni dwar materji li huwa jqis xierqa.***

*(34c)* ***Fl-azzjoni tiegħu, il-BĊE għandu jikkonforma mal-prinċipji ta' proċess debitu u trasparenza.***

*(34d)* ***Ir-regolament imsemmi fl-Artikolu 15(3) tat-TFUE għandu jiddetermina regoli dettaljati li jippermettu l-aċċess għal dokumenti miżmuma mill-BĊE b'riżultat tat-twettiq ta' kompiti superviżorji, f'konformità mat-Trattat.***

*(34e)* ***Skont l-Artikolu 263 tat-TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea trid teżamina l-legalità tal-atti, fost l-oħrajn, tal-BĊE, minbarra r-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet, maħsuba biex joħolqu effetti legali fir-rigward ta' terzi.***

*(34f)* ***F'konformità mal-Artikolu 340 tat-TFUE, il-BĊE għandu, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kull dannu kkaġunat minnu jew mill-aġenti tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe dannu kkaġunat minnhom jew mill-aġenti tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*(34 g)* ***Ir-Regolament Nru 1 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea japplika għall-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 342 tat-TFUE.***

*(34h)* ***Fid-determinazzjoni dwar jekk id-dritt ta' aċċess għall-faxxiklu mill-persuni kkonċernati għandux ikun limitat, il-BĊE għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust.***

*(34i)* ***Il-BĊE għandu jipprovdi lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi l-possibbiltà li jitolbu rieżami tad-deċiżjonijiet meħudin skont is-setgħat konferiti lilhom mir-regolament preżenti u indirizzati lilhom, jew li huma ta' interess dirett u individwali għalihom. L-iskop ta' rieżami għandu jkun sabiex ikun hemm konformità proċedurali u sostantiva ma' dan ir-regolament ta' tali deċiżjonijiet waqt li jiġi rispettat il-marġni ta' diskrezzjoni għall-BĊE biex jiddeċiedi dwar l-opportunintà biex jieħu dawn id-deċiżjonijiet. Għal dak il-għan, u għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali, il-BĊE għandu jistabbilixxi bord amministrattiv ta' rieżami biex iwettaq tali rieżami intern. Meta jkun qed jifforma l-bord, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jaħtar individwi ta' reputazzjoni għolja. Meta jkun qed jiddeċiedi, il-Kunsill Governattiv għandu, safejn ikun possibbli, jiżgura bilanċ u rappreżentanza ġeografika u tas-sessi xierqa fl-Istati Membri kollha. Il-proċedura stabbilita għar-rieżami għandha tagħmel provvediment għall-Bord Superviżorju biex dan ikun jista' jerġa' jikkunsidra kif xieraq l-abbozz ta' deċiżjoni preċedenti tiegħu.***

(35) Il-BĊE huwa responsabbli għat-twettiq ta' funzjonijiet ta' politika monetarja bl-għan li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 127(1) tat-TFUE. L-eżerċitar ta' kompiti superviżorji għandu l-għan li jipproteġi s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. ***Għaldaqstant għandhom jitwettqu b'mod kompletament separat,*** sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess u biex jiġi żgurat li kull funzjoni tiġi eżerċitata skont l-għanijiet applikabbli. ***Il-BĊE għandu jkun jista' jiżgura li l-Kunsill Governattiv jopera b'mod kompletament iddifferenzjat fir-rigward tal-funzjonijiet monetarji u superviżorji. Tali differenzjazzjoni għandha tal-inqas tinkludi laqgħat u aġendi strettament separati.***

*(35a)* ***Is-separazzjoni organizzattiva tal-persunal għandha tikkonċerna s-servizzi kollha meħtieġa għall-finijiet ta' politika monetarja indipendenti u għandha tiżgura li l-eżerċitar tal-kompiti kkonferiti minn dan ir-Regolament ikun kompletament soġġett għar-responsabbiltà demokratika u s-sorveljnza kif previst f'dan ir-Regolament. Il-persunal involut fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament għandu jirrapporta lill-President tal-Bord Superviżorju.***

(36) B'mod partikolari, bord superviżorju responsabbli mit-tħejjija tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet superviżorji għandu jiġi stabbilit mal-BĊE u jinkludi l-għarfien espert speċifiku tas-superviżuri nazzjonali. Għaldaqstant, il-bord għandu jiġi ppresedut minn President***, ikollu*** Viċi President ▌ u ***jinkludi*** rappreżentanti mill-BĊE u mill-awtoritajiet nazzjonali. ***Il-ħatriet għall-Bord Superviżorju skont dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-bilanċ bejn is-sessi, l-esperjenza u l-kwalifiki. Il-membri kollha tal-Bord Superviżorju għandhom ikunu puntwali u jkunu informati bis-sħiħ dwar il-punti fuq l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, sabiex jiffaċilitaw l-effikaċja tad-diskussjoni u l-proċess għat-tfassil tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet.***

*(36a)* ***Huwa u jeżerċita l-kompiti tiegħu, il-Bord Superviżorju għandu jqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-Istati Membri parteċipanti u għandu jwettaq dmirijietu fl-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali.***

*(36b)* ***B'rispett sħiħ għall-arranġamenti istituzzjonali u ta' votazzjoni stabbiliti mit-Trattati, il-Bord Superviżorju għandu jkun korp essenzjali fit-twettiq ta' kompiti superviżorji mill-BĊE, kompiti li sa issa dejjem kienu f'idejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Minħabba dan, il-Kunsill għandu jingħata s-setgħa jadotta deċiżjoni implimentattiva biex jaħtar il-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju. Wara s-smigħ tal-Bord Superviżorju, il-BĊE għandu jibgħat proposta għall-ħatra tal-President u l-Viċi President lill-Parlament Ewropew għal approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, il-Kunsill għandu jadotta dik id-deċiżjoni implimentattiva. Il-President għandu jintgħażel abbażi ta' proċedura ta' selezzjoni miftuħa u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jibqgħu debitament infurmati dwarha.***

*(36c)* ***Biex ikun hemm rotazzjoni xierqa filwaqt li tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-President, il-mandat tal-President ma għandux jaqbeż il-ħames snin u ma għandux ikun rinnovabbli. Biex tiġi żgurata koordinazzjoni***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***sħiħa mal-attivitajiet tal-ABE u mal-politiki prudenzjali tal-Unjoni, il-Bord Superviżorju għandu jkun jista' jistieden lill-ABE u l-Kummissjoni Ewropea bħala osservaturi. Il-President tal-Awtorità Ewropea tar-Riżoluzzjoni, meta tkun stabbilita, għandu jipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat tal-Bord Superviżorju.***

***(36d) Il-Bord Superviżorju għandu jkun appoġġat minn Kumitat ta' tmexxija b'kompożizzjoni aktar limitata. Il-Kumitat ta' tmexxija għandu jħejji l-laqgħat tal-Bord ta' Superviżorju u għandu jwettaq dmirijietu fl-interess esklużiv tal-Unjoni b'mod ġenerali u għandu jaħdem fi trasparenza sħiħa mal-Bord Superviżorju.***

***(36e) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jistieden lir-rappreżentanti mill-Istati Membri parteċipanti li mhumiex fiż-żona tal-euro kull meta l-Kunsill Governattiv jikkontempla li joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni mħejji mill-Bord Superviżorju jew kull meta l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kkonċernati jinfurmaw lill-Kunsill Governattiv bin-nuqqas ta' qbil raġunat tagħhom ma' abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju, meta deċiżjoni bħal din tkun indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri parteċipanti li mhumiex fiż-żona tal-euro.***

***(36f) Bil-għan li tkun żgurata s-separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji, il-BĊE għandu joħloq panel ta' medjazzjoni. L-istabbiliment tal-panel, u b'mod partikolari l-kompożizzjoni tiegħu, għandu jiżgura li dan jirrisolvi l-fehmiet differenti b'mod ibbilanċjat, fl-interess tal-Unjoni inġenerali.***

(37) Il-Bord ta' Superviżorju, ***il-Kumitat ta' tmexxija*** u l-persunal tal-BĊE li jwettqu d-dmirijiet superviżorji għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti xierqa ta' segretezza professjonali. Rekwiżiti simili għandhom japplikaw għall-iskambju tal-informazzjoni mal-persunal tal-BĊE mhux involut f'attivitajiet superviżorji. Dan ma għandux jipprevjeni lill-BĊE milli jiskambja informazzjoni fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż mal-Kummissjoni Ewropea għall-finijiet tal-kompiti tagħha skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE u skont id-dritt tal-Unjoni dwar sorveljanza ekonomika u baġitarja msaħħa.

(38) Sabiex iwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu b'mod effikaċi, il-BĊE għandu jeżerċita l-kompiti superviżorji kkonferiti lilu b'indipendenza sħiħa, b'mod partikolari minn influwenza politika żejda u minn interferenza min-naħa tal-industrija li jaffettwaw l-indipendenza operazzjonali tiegħu.

***(38a) L-użu ta' perijodi ta' riflessjoni fl-awtoritajiet superviżorji huwa parti importanti biex tkun żgurata l-effikaċja u l-indipendenza tas-superviżjoni mwettqa minn dawk l-awtoritajiet. Għal dan il-għan, u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti, il-BĊE għandu jistabbilixxi u jżomm proċeduri komprensivi u formali, inklużi proċeduri proporzjonati ta' reviżjoni, biex jivvaluta minn qabel u jipprevjeni konflitti possibbli mal-interess leġittimu tal-MSU/BĊE fejn ex membru tal-Bord Superviżorju jibda x-xogħol fi ħdan l-industrija bankarja li hu/hi kienu darba jissorveljaw.***

(39) Sabiex iwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu b'mod effikaċi, il-BĊE għandu jiddisponi minn riżorsi adegwati. Dawk ir-riżorsi għandhom jinkisbu b'mod li jiżgura l-indipendenza tal-BĊE minn influwenzi żejda min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-parteċipanti fis-suq, u l-firda bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji. Il-kostijiet tas-superviżjoni għandhom ▌ jiġġarrbu mill-entitajiet soġġetti għaliha. Għalhekk, l-eżerċitar tal-kompiti superviżorji mill-BĊE għandu jiġi ffinanzjat ▌ minn tariffi ***annwali*** li jintalbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ***stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti. Huwa għandu jkun jista' wkoll jimponi tariffi fuq fergħat stabbilit fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti biex jiġi kopert infiq magħmul mill-BĊE fit-twettiq tal-kompiti tiegħu bħala superviżur ospitanti fuq dawn il-fergħat. F'każ li istituzzjoni ta' kreditu jew fergħa tkun sorveljata fuq bażi konsolidata, it-tariffa għandha tiġi imposta fl-ogħla livell ta' istituzzjoni ta' kreditu fi ħdan il-grupp involut bi stabbiliment fl-Istati Membri parteċipanti. Il-kalkolu tat-tariffi għandu jeskludi kwalunkwe sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti.***

***(39a) Meta istituzzjoni ta' kreditu tkun inkluża f'superviżjoni konsolidata, it-tariffa għandha tiġi kkalkulata fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti u allokata lill-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti u inkluża fis-superviżjoni konsolidata, abbażi ta' kriterji oġġettivi relatati mal-importanza u l-profil tar-riskju, inklużi l-assi ppeżati skont ir-riskju.***

(40) Persunal li jkun immotivat ħafna, imħarreġ sew u imparzjali huwa indispensabbli għal superviżjoni effikaċi. Sabiex jinħoloq mekkaniżmu superviżorju tabilħaqq integrat, għandu jkun previst skambju xieraq u sekondar ta' persunal mas-superviżuri nazzjonali ***kollha tal-Istati Membri parteċipanti*** u l-BĊE kif ukoll bejniethom. ***Biex jiġi żgurat kontroll bejn il-pari fuq bażi kontinwa***, b'mod partikolari fis-superviżjoni ta' banek kbar, il-BĊE għandu jkun jista' jitlob li t-timijiet superviżorji nazzjonali jinvolvu wkoll persunal minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

parteċipanti oħra***, biex b'hekk jippermetti l-ħolqien ta' timijiet superviżorji ta' diversità ġeografika b'kompetenzi u bi profil speċifiċi. L-iskambju u s-sekondar tal-persunal għandu jistabbilixxi kultura ta' superviżjoni komuni. Fuq bażi regolari, il-BĊE se jagħti informazzjoni dwar in-numru ta' membri tal-persunal mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti huma ssekondati lill-BĊE għall-finijiet tal-MSU.***

(41) Meta jitqiesu l-globalizzazzjoni tas-servizzi bankarji u l-importanza dejjem ikbar tal-istandards internazzjonali, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont l-istandards internazzjonali u bi djalogu u b'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri barra l-Unjoni, mingħar ma jiġi dduplikat ir-rwol internazzjonali tal-ABE. Għandu jingħata s-setgħa li jiżviluppa kuntatti u jidħol f'arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet superviżorji u l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ***filwaqt li jikkoordina*** mal-ABE u filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ ir-rwoli eżistenti u l-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

(42) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]) huma applikabbli b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' data personali ***mill-BĊE*** għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(43) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]) japplika għall-BĊE. ***Il-BĊE adotta d-Deċiżjoni ECB/2004/11 tat-3 ta' Ġunju 2004 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi tal-Bank Ċentrali Ewropew*** ([4])

(44) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità, li ma tkunx ristretta minn konsiderazzjonijiet oħra mhux prudenzjali u li l-impatti negattivi tas-suq li jirrinforzaw lil xulxin u li jikkonċernaw il-banek u l-Istati Membri jiġu indirizzati fil-ħin u b'mod effikaċi, il-BĊE għandu mill-aktar fis jibda jwettaq kompiti superviżorji speċifiċi. Madankollu, it-trasferiment tal-kompiti superviżorji mis-superviżuri nazzjonali lill-BĊE jeżiġi ċertu ammont ta' tħejjija. Għalhekk, għandu jkun previst perijodu xieraq ta' introduzzjoni gradwali.

***(44a) Meta jkun qed jadotta l-arranġamenti operattivi dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jipprevedi arranġamenti transitorji li jiżguraw l-ikkompletar tal-proċeduri superviżorji li jkunu għaddejjin, inklużi kwalunkwe deċiżjoni u/jew miżura adottata jew investigazzjoni mibdija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***(45a) Il-Kummissjoni ddikjarat fil-Komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' Novembru 2012 dwar Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina li "l-Artikolu 127, il-paragrafu 6 tat-TFUE jista' jiġi emendat biex jagħmel il-proċedura leġislattiva ordinarja applikabbli u biex jelimina xi wħud mir-restrizzjonijiet legali li bħalissa jitpoġġew fuq id-disinn tal-MSU (eż. titħaddan inklużjoni fakultattiva diretta u irrevokabbli mill-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro għall-MSU, lil hinn mill-mudell ta' 'kooperazzjoni mill-qrib', jagħti lill-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jipparteċipaw fil-MSU drittijiet kompletament ugwali fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE, u jmur saħansitra lil hinn fis-separazzjoni interna tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja u dwar is-sorveljanza)". Hija ddikjarat ukoll li "punt speċifiku li għandu jiġi indirizzat ikun li tissaħħaħ ir-responsabbiltà demokratika fuq il-BĊE meta jkun qed jaġixxi bħala superviżur bankarju". Huwa mfakkar li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li proposti għal bidla fit-trattat jistgħu jiġu ppreżentati mill-Gvern ta' kwalunkwe Stat Membru, mill-Parlament Ewropew, jew mill-Kummissjoni Ewropea, u jistgħu jkunu relatati ma' kwalunkwe aspett tat-Trattati.***

(46) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, notevolment id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, il-libertà ta' impriża, id-dritt għal rimedju effikaċi u għal smigħ ġust, u għandu jiġi implimentat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

---

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
([4]) ***ĠU L 230, 30.6.2004, p. 56.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(47) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas effiċjenti u effikaċi għall-eżerċitar ta' kompiti superviżorji speċifiċi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu minn istituzzjoni tal-Unjoni, u li tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-ġabra unika ta' regoli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, ma jistgħux jintlaħqu fil-livell tal-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-istruttura pan-Unjonista tas-suq bankarju u l-impatt fuq l-Istati Membri l-oħra tal-fallimenti bankarji, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Suġġett u definizzjonijiet

### Artikolu 1

### Suġġett ***u kamp ta' applikazzjoni***

Dan ir-Regolament jikkonferixxi lill-BĊE kompiti speċifiċi fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, bil-għan li ***jikkontribwixxu għas-***sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ***fl-UE u kull Stat Membru***, b'rigward ***sħiħ u bid-dover ta' attenzjoni*** għall-unità u l-integrità tas-suq intern ***abbażi ta' trattament ugwali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bil-għan li jkun impedut arbitraġġ regolatorju***.

***L-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/48/KE huma esklużi mill-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. L-ambitu tal-kompiti superviżorji tal-BĊE huwa limitat għar-regolament prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ma għandu jikkonferixxi xi kompiti superviżorji oħra fuq il-BĊE, bħal kompiti relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' Kontropartijiet Ċentrali.***

***Fil-qadi tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għall-objettiv li jiġu żgurati s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-BĊE għandu jqis bis-sħiħ it-tipi differenti, mudelli ta' negozju u daqsijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.***

***L-ebda azzjoni, proposta jew politika tal-BĊE ma għandha tiddiskrimina, direttament jew indirettament, kontra kwalunkwe Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri bħala post għall-forniment ta' servizzi bankarji jew finanzjarji fi kwalunkwe munita.***

***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet u s-setgħat relatati tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu kompiti superviżorji li mhumiex ikkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament.***

***Dan ir-Regolament huwa wkoll mingħajr preġudizzju għar-responsabbilitajiet u s-setgħat relatati tal-awtoritajiet kompetenti jew nominati tal-Istati Membri parteċipanti biex japplikaw strumenti makroprudenzjali li mhumiex previsti fl-atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.***

### Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro ***jew Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro u li jkun stabbilixxa kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 6;***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(2) "awtorità kompetenti nazzjonali" tfisser ***kwalunkwe*** awtorità kompetenti nazzjonali maħtura minn Stati Membri parteċipanti skont id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) ([1]) u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' ditti tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mil-ġdid) ([2]);

(3) "istituzzjonijiet ta' kreditu" tfisser istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(4) "kumpanija holding finanzjarja" tfisser kumpanija holding finanzjarja kif iddefinita fl-Artikolu 4(19) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(5) "kumpanija holding finanzjarja mħallta" tfisser kumpanija holding finanzjarja mħallta kif iddefinit fl-Artikolu 2(15) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju ([3]);

(6) "konglomerat finanzjarju" tfisser konglomerat finanzjarju kif iddefinit fl-Artikolu 2(14) tad-Direttiva 2002/87/KE

***(6a) "awtorità nazzjonali nominata" tfisser awtorità nominata fis-sens tal-liġi rilevanti tal-Unjoni.***

***(6b) "holding kwalifikanti" tfisser holding kwalifikanti kif iddefinita fl-Artikolu 4(11) tad-Direttiva 2006/48/KE.***

***(6c) "Mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU)" tfisser sistema Ewropea ta' superviżjoni finanzjarja komposta mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kif deskritt fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.***

Kapitolu II

Kooperazzjoni u kompiti

Artikolu 3

Kooperazzjoni

*1.* Il-BĊE għandu jikkoopera mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea, mal-Awtorita Ewropea tat-Titotli u s-Swieq, mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, ***u mal-awtoritajiet l-oħrajn*** li jiffurmaw parti mis-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja ***(SESF)*** stabbiliti bl-Artikolu 2 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, u (UE) Nru 1095/2010***, li jiżguraw livell adegwat ta' regolamentazzjoni u superviżjoni fl-Unjoni.***

***Fejn ikun neċessarju, il-BĊE għandu jidħol f'memoranda ta' qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għas-swieq tal-istrumenti finanzjarji. Dawn il-memoranda għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha.***

***1a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jipparteċipa fil-Bord ta' Superviżuri tal-Awtorità Bankarja Ewropea taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.***

***1b. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-kompetenza u l-kompiti tal-ABE, l-ESMA, l-EIOPA u l-BERS.***

***1c. Il-BĊE għandu jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet li tingħatalhom is-setgħa ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluż it-tħejjija ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni.***

***1d. Soġġett għall-Artikoli 1, 4 u 5, il-BĊE għandu jikkoopera mill-qrib ma' kwalunkwe faċilità pubblika ta' assistenza finanzjarja inkluża l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), b'mod partikolari meta tali faċilità tkun tat jew x'aktarx ser tagħti, għajnuna finanzjarja diretta jew indiretta lil istituzzjoni ta' kreditu li tkun soġġetta għall-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.***

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 277.
([3]) ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***1e. Il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonkludu memorandum ta' qbil li jiddeskrivi f'termini ġenerali kif huma ser jikkooperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-kompiti superviżorji tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji definiti fl-Artikolu 2. Il-memorandum għandu jiġi analizzat fuq bażi regolari.***

***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu l-BĊE għandu jikkonkludi memorandum ta' qbil mal-awtorità kompetenti nazzjonali ta' kull Stat Membru mhux parteċipanti li fih tinsab mill-inqas istituzzjoni globali waħda sistemikament importanti, kif iddefinit fid-dritt tal-Unjoni.***

***Kull memorandum għandu jiġi rieżaminat fuq bażi regolari u għandu jkun ippubblikat soġġett għat-trattament xieraq ta' informazzjoni kunfidenzjali.***

Artikolu 4

Kompiti kkonferiti lill-BĊE

1. ***Fil-qafas tal-Artikolu 5,*** il-BĊE għandu, skont ***il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, ikun esklussivament kompetenti biex iwettaq, għal finijiet superviżorji prudenzjali, il-kompiti li ġejjin b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti:

(a) Jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u jirtira l-awtorizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ***soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13***;

***(aa) għall-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti, li jixtiequ jistabbilixxu fergħa jew jipprovdu servizzi transkonfinali fi Stat Membru mhux parteċipanti, biex iwettqu l-kompiti li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandu jkollha skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni;***

(b) Biex jivvaluta ***l-applikazzjonijiet għall-akkwist*** u ***d-disponiment*** ta' holdings ***kwalifikanti*** f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ***ħlief fil-każ ta' riżoluzzjoni bankarja, u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13a***;

(c) Biex jiżgura l-konformità ***mal***-atti ***msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3), li jimponu*** rekwiżiti prudenzjali fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-oqsma ta' rekwiżiti ta' fondi proprji, ***titolizzazzjoni,*** limiti ta' skoperturi kbar, likwidità, ingranaġġ, u rapportar u divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni dwar dawk il-kwistjonijiet;

▌

(f) Biex jiżgura ***l-konformità mal-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3), li jimponi*** rekwiżiti ***fuq*** l-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jimplimentaw arranġamenti, ***inkluż ir-rekwiżiti kompetenti u xierqa għall-persuni responsabbli mill-ġestjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, proċessi għall-ġestjoni tar-riskji,*** mekkaniżmi ***interni ta' kontroll, politiki u prattiki dwar remunerazzjoni*** sodi ta' governanza u proċessi effikaċi ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern, ***inklużi mudelli Bbażati fuq Klassifikazzjonijiet Interni***;

(g) Biex ***iwettaq rieżami superviżorju, inkluż fejn adatt f'koordinazzjoni mal-ABE, stress tests u l-pubblikazzjoni possibbli tagħhom sabiex*** jiddetermina jekk l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi proprji miżmuma minn dawn l-istituzzjonijiet jiżgurawx ġestjoni soda u kopertura tar-riskji tagħhom, u abbażi ta' dak l-eżami superviżorju biex jimponi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu rekwiżiti speċifiċi addizzjonali ta' fondi proprji, rekwiżiti speċifiċi ta' pubblikazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità u miżuri oħra fil-każijiet disponibbli speċifikament ***għall-awtoritajiet kompetenti permezz tal-liġi rilevanti tal-Unjoni***;

▌

(i) Biex iwettaq superviżjoni fuq bażi kkonsolidata tal-kumpaniji prinċipali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'wieħd mill-Istati Membri parteċipanti, inkluż ta' kumpaniji holding finanzjarji u kumpaniji holding finanzjarji mħallta, u biex jipparteċipa fis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata, inkluż f'kulleġġi ta' superviżuri ***mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti f'dawn il-kulleġġi bħala osservaturi***, b'rabta mal-kumpaniji prinċipali mhux stabbiliti f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(j) Biex jipparteċipa f'superviżjoni supplementari ta' konglomerat finanzjarju b'rabta ma' istituzzjonijiet ta' kreditu inklużi fih u jassumi l-kompiti ta' koordinatur meta l-BĊE jinħatar bħala l-koordinatur għal konglomerat finanzjarju skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni;

(k) Biex iwettaq kompiti superviżorji b'rabta ma' ***pjanijiet ta' rkupru, u*** intervent bikri meta istituzzjoni ta' kreditu ***jew grupp fejn il-BĊE jkun is-superviżur ta' konsolidazzjoni,*** ma jissodisfawx jew x'aktarx ser jiksru r-rekwiżiti prudenzjali applikabbli ***u, biss fil-każijiet stipulati b'mod espliċitu mil-liġi rilevanti tal-Unjoni għall-awtoritajiet kompetenti, bidliet strutturali meħtieġa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jiġi prevenut stress finanzjarju jew falliment, eskluża kull setgħa ta' riżoluzzjoni.***

▌

2. Għal istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti, li jistabbilixxu fergħa jew li jipprovdu servizzi transkonfinali fi Stat Membru parteċipanti, il-BĊE għandu jwettaq, ***fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1***, il-kompiti ▌ li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru parteċipanti huma kompetenti ***skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni.***

3. ***Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, u bl-objettiv li jiġu żgurati standards għoljin ta' superviżjoni, il-BĊE għandu japplika l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni, u fejn din il-liġi tal-Unjoni hija magħmula minn Direttivi, il-leġislazjzoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tkun magħmula minn Regolamenti u fejn attwalment dawk ir-Regolamenti jagħtu opzjonijiet lill-Istati Membri, il-BĊE għandu japplika wkoll il-leġislazzjoni nazzjonali waqt li jeżerċita dawn l-opzjonijiet.***

***Għal dak il-għan, il-BĊE għandu jadotta linji gwida u rakkomandazzjonijiet, u jieħu deċiżjonijiet soġġett għal u f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u b'mod partikolari kwalunkwe att leġislattiv u mhux leġislattiv, inklużi dawk imsemmija fl-Artikoli 290 u 291 TFUE. Hu għandu b'mod partikolari jkun soġġett għal standards tekniċi regolatorji u implimentattivi vinkolanti żviluppati mill-ABE u adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 10 sa 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sal-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament dwar Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet, u jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-ABE dwar il-manwal superviżorju Ewropew żviluppat mill-ABE skont dak ir-Regolament. Il-BĊE jista' jadotta wkoll Regolamenti sal-punt neċessarju biss li jiġu organizzati jew speċifikati l-modalitajiet għat-twettiq ta' dawk il-kompiti.***

***Qabel ma jadotta regolament, il-BĊE għandu jwettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa u janalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm dawn il-konsultazzjonijiet u analiżi ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tar-regolamenti kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tas-suġġett, f'liema każ il-BĊE għandu jiġġustifika l-urġenza.***

***Fejn neċessarju, il-BĊE għandu jikkontrbiwixxi fi kwalunkwe rwol parteċipanti għall-iżvilupp ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji jew ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni mill-ABE skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew għandu jiġbed l-attenzjoni tal-ABE għal ħtieġa potenzjali biex tibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' standards li jemendaw l-istandards tekniċi regolatorji jew ta' implimentazzjoni eżistenti.***

▌

*Artikolu 4a*

***Kompiti u strumenti makroprudenzjali***

***1. Kull meta adatt jew ikkunsidrat meħtieġ, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 hawn taħt, l-awtoritajiet kompetenti jew nominati tal-Istati Membri parteċipanti għandhom japplikaw rekwiżiti għal riżervi ta' kapital li għandhom jinżammu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell rilevanti skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni flimkien mar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 4 (1c), inklużi rati ta' riżervi kontroċikliċi, u kwalunkwe miżura oħra li għandha l-għan li tindirizza riskji sistemiċi jew makroprudenzjali previsti, u soġġetti għall-proċeduri stabbiliti fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fil-każijiet stabbiliti speċifikament fil-liġi rilevanti tal-Unjoni. Għaxart ijiem ta' ħidma qabel ma tittieħed tali deċiżjoni, l-awtorità kkonċernata għandha tavża kif meħtieġ l-intenzjoni tagħha lill-BĊE. Meta l-BĊE joġġezzjona, dan għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu bil-miktub fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma. L-awtorità kkonċernata għandha tqis kif meħtieġ ir-raġunijiet tal-BĊE qabel ma tipproċedi bid-deċiżjoni kif adatt.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***2. Il-BĊE jista', jekk ikkunsidrat neċessarju, minflok l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali] jew nominati nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti, japplika rekwiżiti ogħla għal riżervi ta' kapital minn dawk applikati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew nominati nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti li għandhom jinżammu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell rilevanti skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni flimkien mar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 4(1c), inklużi rati ta' riżervi kontroċikliċi, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, u japplika miżuri aktar stretti li għandhom l-għan li jindirizzaw riskji sistemiċi jew makroprudenzjali fil-livell ta' istituzzjonijiet ta' kreditu soġġett għall-proċeduri stabbiliti fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fil-każijiet speċifikament stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni.***

***3. Kwalunkwe awtorità kompetenti jew nominata tista' tipproponi lill-BĊE biex jaġixxi skont il-paragrafu 2, sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika tas-sistema finanzjarja u l-ekonomija fl-Istat Membru tagħha.***

***4. Meta l-BĊE ikollu l-intenzjoni li jaġixxi skont il-paragrafu 2, huwa għandu jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet nominati fl-Istati Membri kkonċernati meta jikkunsidra li jrid jieħu kwalunkwe azzjoni. B'mod partikolari għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew nominati kkonċernati għaxart ijiem ta' ħidma qabel ma tittieħed tali deċiżjoni. Meta xi waħda mill-awtoritajiet ikkonċernati toġġezzjona, din għandha tagħti r-raġunijiet tagħha bil-miktub fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma. Il-BĊE għandu jqis kif meħtieġ dwak ir-raġunijiet qabel ma jipproċedi bid-deċiżjoni kif adatt.***

***5. Fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 2, il-BĊE għandu jieħu kont tas-sitwazzjoni speċifika tas-sistema finanzjarja, tas-sitwazzjoni ekonomika u taċ-ċiklu ekonomiku fl-Istati Membri individwali jew f'xi partijiet minnhom.***

Artikolu 5

***Kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku***

1. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu fi ħdan mekkaniżmu superviżorju uniku li huwa magħmul mill-BĊE u minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali. ***Il-BĊE għandu jkun responsabbli mill-funzjonament effettiv u konsistenti tal-mekkaniżmu superviżorju uniku.***

2. ***Kemm il-BĊE u*** l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom ***ikunu soġġetti għal dmir ta' kooperazzjoni b'rieda tajba, u obbligu biex jiskambjaw informazzjoni.***

***Mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-BĊE li jirċievi direttament, jew li jkollu aċċess għal informazzjoni rapportata, fuq bażi kontinwa, minn istituzzjonijiet ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom b'mod partikolari jipprovdu lill-BĊE bl-informazzjoni meħtieġa kollha għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti konferiti lill-BĊE minn dan ir-Regolament.***

▌

***4a. Fejn adatt u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u l-kontabbiltà tal-BĊE għall-kompiti kkonferiti lilu permezz ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom ikunu responsabbli biex jassistu lill-BĊE, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-qafas imsemmi fil-paragrafu 4e, fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe att relatat mal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 relatat mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, inkluża l-assistenza f'attivitajiet ta' verifika. Huma għandhom isegwu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-BĊE meta jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 4.***

***4b. Fir-rigward tal-kompiti definiti fl-Artikolu 4, ħlief għall-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 tiegħu, il-BĊE għandu jkollu r-responsabbiltajiet stabbiliti fil-paragrafu 4c u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandu jkollhom ir-responsabbiltajiet stabbiliti fil-paragrafu 4d, fil-qafas tal-proċeduri, u soġġett għall-proċeduri, imsemmija fil-paragrafu 4e, għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpanniji holding finanzjarji jew il-kumpanniji holding finanzjarji mħalltin li ġejjin jew fergħat, li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti:***

***— Dawk li huma inqas sinifikanti fuq bażi konsolidata, fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti, jew individwalment fil-każ speċifiku tal-fergħat, li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti. Is-sinifikanza għandha tkun ivvalutata abbażi tal-kriterji li ġejjin:***

***(i) id-daqs;***

***(ii) l-importanza għall-ekonomija tal-UE jew kwalunkwe Stat Membru parteċipanti;***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*(iii) is-sinifikanza tal-attivitajiet transkonfinali.*

*Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu ta' hawn fuq, istituzzjoni ta' kreditu jew kumpannija holding finanzjarja jew kumpannija holding finanzjarja mħallta, ma għandhiex titqies bħala inqas sinifikanti, dment li ma jkunx ġustifikat b'ċirkostanzi partikolari li għandhom jiġu speċifikati fil-metodoloġija, jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:*

*(i) il-valur totali tal-assi tagħha jaqbeż EUR 30 biljun; jew,*

*(ii) il-proporzjon tal-assi totali tagħha fuq il-PDG tal-Istat Membru parteċipanti tal-istabbiliment jaqbeż 20 %, sakemm il-valur totali tal-assi tagħha ma jkunx taħt il-5 biljun euro; jew,*

*(iii) wara notifika mill-awtorità kompetenti nazzjonali tagħha li hija tqis tali istituzzjoni bħala li għandha rilevanza sinifikanti rigward l-ekonomija domestika, il-BĊE jieħu deċiżjoni li tikkonferma tali sinifikanza wara valutazzjoni komprensiva mill-BĊE, inkluż valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ, ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.*

*Il-BĊE jista' wkoll, fuq inizjattiva proprja, jikkunsidra li istituzzjoni tkun ta' rilevanza sinifikanti fejn tkun stabbilixxiet sussidjarji bankarji f'aktar minn Stat Membru parteċipanti wieħed u l-attivi jew il-passivi transkonfinali tagħha jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-attivi jew il-passivi totali tagħha soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-metodoloġija.*

*Dawk li għalihom assistenza finanzjarja pubblika ġiet rikjesta jew riċevuta direttament mill-EFSF jew il-MES ma għandhomx jitqiesu bħala inqas sinifikanti.*

*Minkejja s-subparagrafi preċedenti, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament fir-rigward tat-tliet istituzzjonijiet ta' kreditu l-aktar sinifikanti f'kull wieħed mill-Istati Membri parteċipanti, sakemm mhux iġġustifikat minħabba ċirkostanzi partikolari.*

*4c. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-paragrafu 4b, u fi ħdan il-qafas definit fil-paragrafu 4e:*

*(a) Il-BĊE għandu joħroġ regolamenti, linji gwida jew struzzjonijiet ġenerali lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, skont liema l-kompiti definiti fl-Artikolu 4 ħlief għall-ittri (a) u (b) tiegħu jitwettqu u deċiżjonijiet superviżorji jiġu adottati minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali;*

*Tali struzzjonijiet jistgħu jirreferu għas-setgħat speċifiċi fl-Artikolu 13b, paragrafu 2 għal gruppi jew kategoriji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għall-fini li tkun żgurata l-konsistenza tal-eżiti superviżorji fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku;*

*(b) Meta meħtieġ biex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji għoljin, il-BĊE jista' f'kull ħin, fuq l-inizjattiva proprja wara li jikkonsulta l-awtoritajiet nazzjonali jew fuq talba minn awtorità kompetenti nazzjonali, jiddeċiedi li jeżerċita direttament hu stess is-setgħat rilevanti kollha għal istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 4b, inkluż f'każ fejn l-assistenza finanzjarja tkun intalbet jew riċevuta indirettament mill-EFSF jew il-MES;*

*(c) Il-BĊE għandu jeżerċita sorveljanza fuq il-funzjonament tas-sistema, abbażi tar-responsabbiltajiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, u b'mod partikolari l-paragrafu 4e(c);*

*(d) Il-BĊE jista' f'kull ħin jagħmel użu mis-setgħat imsemmija fl-Artikoli 9 sa 12;*

*(e) Il-BĊE jista' jitlob ukoll informazzjoni, fuq bażi ad hoc jew kontinwa, mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar il-prestazzjoni tal-kompiti mwettqa minnhom skont dan l-Artikolu.*

*4d. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4c, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom iwettqu u jkunu responsabbli għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(1) (aa), (c), (f), (g), (i), u (k) u għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet superviżorji rilevanti kollha fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-paragrafu 4b, l-ewwel subparagrafu, fil-qafas u soġġett għall-proċeduri msemmija fil-paragrafu 4e.*

*Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 9 u 12, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u nominati għandhom iżommu s-setgħat, f'konformità mad-dritt nazzjonali, li jiksbu informazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding, kumpaniji holding imħallta u impriżi inklużi fis-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata ta' istituzzjoni ta' kreditu u biex iwettqu spezzjonijiet fuq il-post f'dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpanniji holding, il-kumpanniji holding imħallta u l-impriżi. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-BĊE, skont il-qafas stabbilit fil-paragrafu 4e, dwar il-miżuri meħudin skont dan il-paragrafu u jikoordinaw mill-qrib dawk il-miżuri mal-BĊE.*

***L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jirrappurtaw lill-BĊE fuq bażi regolari dwar il-prestazzjoni tal-attivitajiet imwettqa taħt dan l-Artikolu.***

***4e. Il-BĊE għandu, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti, u abbażi ta' proposta minn Bord Superviżorju, jadotta u jippubblika qafas biex jiġu organizzati modalitajiet prattiċi ta' implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Il-qafas għandu jinkludi, tal-anqas, dan li ġej:***

***(a) il-metodoloġija speċifika għall-valutazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 4b, is-subparagrafi 1 sa 3 u l-kriterji li taħthom il-paragrafu 4b, is-subparagrafu 4 ma jibqax japplika għal istituzzjoni speċifika ta' kreditu u l-arranġamenti riżultanti għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-paragrafi 4c u 4d. Dawn l-arranġamenti u l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 4b, is-subparagrafi 1 sa 3 għandhom jiġu rieżaminati biex jirriflettu kwalunkwe bidla rilevanti, u għandhom jiżguraw li meta bank ikun tqies bħala sinifikanti jew inqas sinifikanti dik il-valutazzjoni għandha tiġi modifikata biss fil-każ ta' bidliet sostanzjali u nontransitorji taċ-ċirkostanzi, b'mod partikolari dawk iċ-ċirkostanzi relatati mas-sitwazzjoni tal-bank li huma rilevanti għal dik il-valutazzjoni.***

***(b) id-definizzjoni tal-proċeduri, inklużi l-limiti ta' żmien, u l-possibbiltà li jitħejja abbozz ta' deċiżjonijiet li għandu jintbagħat lill-BĊE għall-konsiderazzjoni, għar-relazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fir-rigward tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux meqjusa inqas sinifikanti skont il-paragrafu 4b;***

***(c) id-definizzjoni tal-proċeduri, inklużi l-limiti ta' żmien, għar-relazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fir-rigward tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu meqjusa inqas sinifikanti skont il-paragrafu 4b. Tali proċeduri għandhom b'mod partikolari jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, skont il-każijiet definiti fil-qafas, biex:***

***(i) jinnotifikaw lill-BĊE dwar kwalunkwe proċedura superviżorja materjali;***

***(ii) jivvalutaw aktar, fuq talba tal-BĊE, aspetti speċifiċi tal-proċedura;***

***(iii) jittrasmettu lill-BĊE l-abbozzi ta' deċiżjonijiet superviżorji materjali, li dwarhom il-BĊE jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu.***

***4f. Kull fejn l-BĊE jkun assistit mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew awtoritajiet nominati għall-fini li jeżerċitaw il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-atti rilevanti tal-Unjoni fir-rigward tal-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri differenti.***

Artikolu 6

Kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-▌ Istati Membri parteċipanti ***li l-munita tagħhom mhijiex l-Euro***

1. Fi ħdan il-limiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4 (1) u (2) ***u l-Artikolu 4a*** b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, fejn ġiet stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-awtorità kompetenti nazzjonali ta' tali Stat Membru skont dan l-Artikolu.

Għal dak il-għan, il-BĊE jista' jindirizza ***struzzjonijiet*** lill-awtorità kompetenti nazzjonali tal-▌ Istat Membru parteċipanti ***li l-munita tiegħu mhijiex l-Euro***.

2. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-awtorità kompetenti nazzjonali ta' ▌ Stat Membru parteċipanti ***li l-munita tiegħu mhijiex l-Euro*** għandha tiġi stabbilita, b'deċiżjoni adottata mill-BĊE, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni, lill-BĊE u lill-ABE bit-talba li jidħlu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE b'rabta mal-eżerċitar tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 ***u l-Artikolu 4a*** fir-rigward tal-istituzzjonijiet kollha ta' kreditu stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat***, f'konformità mal-Artikolu 5***;

(b) Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat jintrabat:

— li jiżgura li l-awtorità kompetenti nazzjonali ***jew l-awtorità nazzjonali*** speċifikata tiegħu ser tirrispetta kwalunkwe linja gwida jew talba maħruġa mill-BĊE;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

— li jipprovdi l-informazzjoni kollha dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'dak l-Istat Membru li l-BĊE jista' jeħtieġ għall-fini tat-twettiq ta' valutazzjoni komprensiva ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(c) L-Istat Membru kkonċernat adotta ***leġislazzjoni*** nazzjonali ***rilevanti*** biex jiżgura li l-awtorità kompetenti nazzjonali ser tkun obbligata tadotta kwalunkwe miżura b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu mitluba mill-BĊE, skont il-paragrafu 5.

▌

4. Id-Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Id-Deċiżjoni għandha tapplika 14-il jum wara t-tali pubblikazzjoni.

5. Meta l-BĊE jqis li miżura relatata mal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi adottata mill-awtorità kompetenti ***nazzjonali*** ta' Stat Membru kkonċernat b'rabta ma' istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta, hu għandu ***jindirizza l-istruzzjonijiet*** lil dik l-awtorità, fejn jispeċifika skeda ta' żmien rilevanti.

Dik l-iskeda ma għandhiex tkun inqas minn 48 siegħa sakemm adozzjoni aktar bikrija ma tkunx indispensabbli biex tiġi evitata ħsara irreparabbli. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-obbligu msemmi fil-paragrafu (2)(c).

***5a. Il-BĊE għandu jiddeċiedi li joħroġ twissija lill-Istat Membru kkonċernat li l-kooperazzjoni mill-qrib ser tiġi sospiża jew tintemm jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni korrettiva deċiżiva fil-każijiet li ġejjin:***

***(a)*** meta***, fl-opinjoni tal-BĊE,*** il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a) sa (c) ma jibqgħux jiġu ssodisfati minn Stat Membru kkonċernat; jew

***(b)*** meta***, fl-opinjoni tal-BĊE,*** l-awtorità kompetenti ***nazzjonali ta' Stat Membru*** ma taġixxix f'konformità mal-obbligu msemmi fil-pargrafu 2(c).

***Jekk tali azzjoni ma tkunx ittieħdet sa 15-il jum wara n-notifika ta' tali twissija,*** il-BĊE jista' ***jissospendi jew*** jittermina l-kooperazzjoni mill-qrib ma' dak l-Istat Membru.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Id-deċiżjoni għandha tindika d-data minn meta tibda tapplika, filwaqt li jitqiesu b'mod debitu l-effikaċja superviżorja u l-interessi leġittimi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

***5b. L-Istat Membru jista' jitlob lill-BĊE biex jittermina l-kooperazzjoni mill-qrib fi kwalunkwe ħin wara l-iskadenza tat-tliet snin mill-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tad-deċiżjoni adottata mill-BĊE għall-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib. It-talba għandha tispjega r-raġunijiet għat-terminazzjoni, inkluż, meta rilevanti, konsegwenzi negattivi sinifikanti potenzjali fir-rigward tar-responsabbiltajiet fiskali tal-Istat Membru. F'dan il-każ, il-BĊE għandu immedjatament jipproċedi bl-adozzjoni ta' deċiżjoni li ttemm il-kooperazzjoni mill-qrib u għandu jindika d-data minn meta tapplika f'perijodu massimu ta' tliet xhur, b'konsiderazzjoni debita tal-effikaċja superviżorja u l-interessi leġittimi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

***5c. Jekk Stat Membru parteċipanti li mhux fiż-żona tal-euro jinnotifika lill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 19(3) tan-nuqqas ta' qbil raġunat tiegħu bl-oġġezzjoni tal-Kunsill Governattiv għal abbozz ta' Deċiżjoni tal-Bord Superviżorju, il-Kunsill Governattiv għandu, f'perijodu ta' 30 jum, jagħti l-opinjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' qbil raġunat espress mill-Istat Membru u, filwaqt li jagħti r-raġunijiet tiegħu biex isir dan, jikkonferma jew jirtira l-oġġezzjoni tiegħu.***

***Fil-każ li l-Kunsill Governattiv jikkonferma l-oġġezzjoni tiegħu, l-Istat Membru parteċipanti li mhux fiż-żona tal-euro jista' jinnotifika lill-BĊE li huwa mhux ser jintrabat mid-deċiżjoni potenzjali relatata ma' abbozz emendat ta' deċiżjoni possibbli mill-Bord Superviżorju.***

***Il-BĊE għandu mbagħad jikkunsidra s-sospensjoni jew it-terminazzjoni possibbli tal-kooperazzjoni mill-qrib ma' dak l-Istat Membru, b'konsiderazzjoni dovuta tal-effettività superviżorja u jieħu deċiżjoni f'dak ir-rigward.***

L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013

***Il-BĊE għandu jieħu kont, b'mod partikolari, tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin:***

***— jekk in-nuqqas ta' tali sospensjoni jew terminazzjoni jistax jhedded l-integrità tal-MSU jew ikollux konsegwenzi negattivi sinifikanti fir-rigward tar-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri;***

***— jekk tali sospensjoni jew terminazzjoni jistax ikollha konsegwenzi negattivi sinifikanti fir-rigward tar-responsabbiltajiet fiskali fl-Istat Membru li jkun ta notifika dwar l-oġġezzjoni f'konformità mal-Artikolu 19(3);***

***— jekk huwiex sodisfatt jew le li l-awtorità kompetenti nazzjonali adottatx miżuri li, fl-opinjoni tal-BĊE:***

***(a) jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li nnotifikaw l-oġġezzjoni tagħhom skont is-subparagrafu preċedenti ma jkunux soġġetti għal trattament aktar favorevoli minn istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stati Membri parteċipanti oħra;***

***(b) huma effettivi daqs id-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv taħt is-subparagrafu preċedenti fil-kisba tal-objettivi msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u fl-iżgurar tal-konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni.***

***Il-BĊE għandu jinkludi dawn il-konsiderazzjonijiet fid-deċiżjoni tiegħu u jikkomunikahom lill-Istat Membru kkonċernat.***

***5d. Jekk Stat Membru parteċipanti li mhux fiż-żona tal-euro ma jaqbilx ma' abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju, huwa għandu jgħarraf lill-Kunsill Governattiv bin-nuqqas ta' qbil raġunat tiegħu fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni. Il-Kunsill Governattiv għandu mbagħad jiddeċiedi dwar il-kwistjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, filwaqt li jqis dawk ir-raġunijiet bis-sħiħ, u jispjega bil-miktub id-deċiżjoni tiegħu lill-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-BĊE li jtemm il-kooperazzjoni mill-qrib b'effett immedjat u ma jkunx marbut bid-deċiżjoni li ssir.***

***5e. Stat Membru li jkun ittermina l-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE ma jistax jidħol għal kooperazzjoni mill-qrib ġdida qabel ma jiskadu tliet snin mid-data tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tad-deċiżjoni tal-BĊE li tittermina l-kooperazzjoni mill-qrib.***

Artikolu 7

Relazzjonijiet internazzjonali

Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet ***u l-korpi l-oħra tal-Unjoni inkluż l-ABE***, b'rabta mal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jiżviluppa kuntatti u jidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali u amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, soġġett għal koordinazzjoni xierqa mal-ABE. Dawk l-arranġamenti ma għandhomx joħolqu obbligi ġuridiċi fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

## Kapitolu III

## ***Setgħat tal-BĊE***

Artikolu 8

Setgħat ta' superviżjoni u ta' investigazzjoni

1. Għall-***fini esklussiv*** tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu bl-Artikolu 4(1), (2) ***u 4a(2)***, il-BĊE għandu jitqies***, kif adatt,*** bħala l-awtorità kompetenti ***jew l-awtorità nominata*** fl-Istati Membri parteċipanti ***kif stabbiliti mill-***atti rilevanti ▌ tad-dritt tal-Unjoni ▌.

Għall-***istess*** fini ***esklussiv,*** ▌ il-BĊE għandu ▌jkollu s-setgħat u l-obbligi ***kollha li jinsabu f'dan ir-Regolament. Huwa għandu jkollu wkoll is-setgħat u l-obbligi kollha*** li l-awtoritajiet ***kompetenti u*** nominata għandu jkollhom skont ***id-dritt rilevanti tal-Unjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor b'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-BĊE għandu jkollu s-setgħat elenkati fit-Taqsimiet 1 u 2 ta' dan il-Kapitolu.***

***Sal-limitu neċessarju għat-twettiq tal-kompiti konferiti fuqu b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista', permezz ta' struzzjonijiet, jesiġi li dawk l-awtoritajiet nazzjonali jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom, taħt u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali, fejn dan ir-Regolament ma jikkonferix tali setgħat fuq il-BĊE. Dawk l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinformaw b'mod sħiħ lill-BĊE dwar l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***2a. Il-BĊE għandu jeżerċita s-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1 skont l-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3). Fl-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigatorji rispettivi tagħhom, il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jikkooperaw mill-qrib.***

***2b. B'deroga mill-paragrafu 1, fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri li jkunu daħlu f'kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 6, il-BĊE għandu jeżerċita s-setgħat tiegħu skont l-Artikolu 6.***

TAQSIMA 1

Setgħat Investigatorji

Artikolu 9

Talbiet għal informazzjoni

1. ***Mingħajr preġudizzju għas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 8(1), u soġġett għall-kundizzjonijiet li jinsabu fid-dritt rilevanti tal-Unjoni,*** il-BĊE jista' ▌ jesiġi li l-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li ġejjin, ***soġġett għall-Artikolu 4,*** jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'intervalli rikorrenti u f'formati speċifikati għall-finijiet superviżorji u ta' statistika relatati:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu ***stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***;

(b) kumpaniji holding finanzjarji ***stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***;

(c) kumpaniji holding finanzjarji mħallta ***stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***;

(d) kumpaniji holding finanzjarji b'attività mħallta ***stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***;

(e) persuni ***li jappartjenu*** għall-entitajiet imsemmijin f'(a) sa (d) ▌ ;

(f) partijiet terzi li lilhom l-entitajiet msemmija f'(a) sa (d) ikunu esternalizzaw ▌ funzjonijiet jew attivitajiet;

▌

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba. ***Id-dispożizzjonijiet ta' segretezza professjonali ma jeżentawx lil dawk il-persuni mid-dmir li jagħtu l-informazzjoni. Il-forniment tal-informazzjoni ma għandux jitqies bħala ksur tas-segretezza professjonali.***

***2a. Meta l-BĊE jikseb l-informazzjoni direttament mill-persuni ġuridiċi jew fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 hu għandu jagħmel dik l-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kkonċernati.***

Artikolu 10

Investigazzjonijiet ġenerali

1. Sabiex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, ***u soġġett għal kundizzjonijiet oħrajn li jinsabu fid-dritt rilevanti tal-Unjoni,*** il-BĊE jista' jwettaq l-investigazzjonijiet kollha neċessarji ta' kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 9 (1) (a) sa ***(f) stabbilita jew lokalizzata fi Stat Membru parteċipanti***.

Għal dak il-għan, il-BĊE għandu jkollu d-dritt li:

(a) jesiġi s-sottomissjoni ta' dokumenti;

(b) jeżamina l-kotba u r-reġistri tal-persuni msemmija fl-Artikolu 9 (1) (a) sa *(f)* u jagħmel kopji jew jieħu estrazzjonijiet mit-tali kotba u reġistri;

(c) jikseb spjegazzjonijiet bil-miktub jew bil-fomm minn kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa *(f)* jew ir-rappreżentanti jew il-persunal tagħhom;

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

(d) jintervista kwalunkwe persuna ▌ oħra li tagħti l-kunsens tagħha li tiġi intervistata għall-iskop li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni;

2. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 9 (1) (a) sa *(f)* għandhom ***ikunu soġġetti*** għal investigazzjonijiet imnedija abbażi ta' deċiżjoni tal-BĊE.

Meta persuna tostakola l-isvolġiment ta' investigazzjoni, ***l-awtorità kompetenti nazzjonali tal-***Istat Membru parteċipanti fejn tkun tinsab is-sede rilevanti għandha tipprovdi***, f'konformità mad-dritt nazzjonali,*** l-assistenza meħtieġa inkluż***, fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 11 u 12, billi tiffaċilita l-***aċċess mill-BĊE għas-sede kummerċjali tal-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa *(f)*, sabiex ikunu jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet imsemmija qabel.

Artikolu 11

Spezzjonijiet fuq il-post

1. Sabiex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, ***u soġġett għall-kundizzjonijiet l-oħħrajn li jinsabu fid-dritt rilevanti tal-Unjoni,*** il-BĊE jista', ***skont l-Artikolu 12 u soġġett għal notifika minn qabel lill-awtorità kompetenti nazzjonali kkonċernata,*** iwettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post kollha neċessarji fis-sede kummerċjali tal-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa *(f)* ***u kwalunkwe intrapriża oħra inkluża fis-superviżjoni konsolidata*** fejn il-BĊE huwa s-superviżur konsolidanti skont l-Artikolu ***4(1)(i)***. Meta t-twettiq xieraq u l-effiċjenza tal-ispezzjoni jkunu jeħtieġu hekk, il-BĊE jista' jwettaq l-ispezzjoni fuq il-post mingħajr notifika minn qabel ***lil dawk il-persuni ġuridiċi***.

2. L-uffiċjali tal-BĊE u persuni oħra awtorizzati minnu biex iwettqu spezzjoni fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini u art fejn joperaw il-persuni ġuridiċi soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni adottata mill-BĊE u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 10 (1) . ▌

3. Il-persuni ***ġuridiċi*** msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa *(f)* għandhom ***ikunu soġġetti*** għal spezzjonijiet fuq il-post ***abbażi ta'*** deċiżjoni tal-BĊE.

4. L-uffiċjali ***u persuni oħra li jakkumpanjawhom*** awtorizzati jew nominati mill-▌ awtorità kompetenti ***nazzjonali*** tal-Istat Membru fejn għandha ssir l-ispezzjoni għandhom, ***taħt*** is-***superviżjoni u l-koordinazzjoni*** tal-BĊE, jassistu b'mod attiv lill-uffiċjali tal-BĊE u lil persuni oħra awtorizzati minnu. Għal dak il-għan, huma għandhom igawdu s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti ***nazzjonali*** tal-Istat Membru parteċipanti kkonċernat ***għandhom*** ukoll ***ikollhom id-dritt li jipparteċipaw fl-***ispezzjonijiet fuq il-post▌ .

5. Meta l-uffiċjali tal-BĊE u persuni oħra awtorizzati ***jew nominata*** mill-BĊE li jakkumpanjawhom jaraw li persuna topponi għal spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti ***nazzjonali*** tal-Istat Membru parteċipanti ***kkonċernat*** għandha tagħtihom l-assistenza neċessarja ***skont id-dritt nazzjonali. Sal-limitu meħtieġ għall-ispezzjoni, din l-assistenza għandha tinkludi s-siġillar ta' kwalunkwe bini kummerċjali u kotba jew reġistri. Meta s-setgħa ma tkunx disponibbli għall-awtorità kompetenti nazzjonali kkonċernata, hija għandha tuża s-setgħat tagħha biex titlob l-assistenza neċessarja ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn.***

Artikolu 12

Awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja

1. Jekk spezzjoni fuq il-post prevista fl-Artikolu 11(1) ***u (2)*** jew l-assistenza prevista fl-Artikolu 11(5) tesiġi awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għat-tali awtorizzazzjoni.

2. Meta awtorizzazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 tkun saret applikazzjoni għaliha, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali għandha tikkontrolla li d-deċiżjoni tal-BĊE tkun awtentika u li l-miżuri koersivi previsti la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi filwaqt li jitqies is-suġġett tal-ispezzjoni. Meta tikkontrolla l-proporzjonalità tal-miżuri koersivi, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-BĊE għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari fir-rigward tar-raġunijiet li l-BĊE jkollu biex

jissuspetta li jkun sar ksur tal-▌ atti ***msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3)*** u l-gravità tal-ksur issuspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koersivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tanalizza n-neċessità tal-ispezzjoni u lanqas ma għandha titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-BĊE. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-BĊE għandha tkun soġġetta għal analiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

TAQSIMA 2

setgħat superviżorji speċifiċi

Artikolu 13

Awtorizzazzjoni

1. Kwalunkwe applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jingħata bidu għall-operat ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkun ser tiġi stabbilita fi Stat Membru parteċipanti għandha tiġi ***sottomessa lill-***awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ser tiġi stabbilita skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-***liġi*** nazzjonali rilevanti.

***1a.*** Jekk l-***applikant*** jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fil-liġi nazzjonali ***rilevanti*** ta' dak l-Istat Membru, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tieħu***, fil-perijodu previst fil-liġi nazzjonali rilevanti, abbozz ta'*** deċiżjoni ***biex tipproponi lill-BĊE biex jagħti l-awtorizzazzjoni. L-abbozz ta'*** deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-BĊE u lill-***applikant għal awtorizzazzjoni. Fil-każijiet l-oħra, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tirrifjuta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.***

***1b. L-abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi kkunsidrat li jiġi adottat mill-BĊE sakemm il-BĊE ma joġġezzjonax f'perijodu massimu ta' 10 ijiem ta' ħidma, li jista' jiġi estiż darba għall-istess perijodu f'każijiet debitament ġustifikati. Il-BĊE għandu joġġezzjona għall-abbozz ta' deċiżjoni biss meta ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni. Huwa għandu jiddikjara r-raġunijiet għar-rifjut bil-miktub.***

***1c. Id-deċiżjoni meħuda skont il-paragrafi 1a u 1b għandha tiġi nnotifikata mill-awtorità kompetenti nazzjonali lill-applikant għal awtorizzazzjoni.***

2. ***Soġġett għall-paragrafu (2a),*** il-BĊE jista' jirtira l-awtorizzazzjoni fil-każijiet stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni fuq l-inizjattiva proprja, ***wara konsultazzjonijiet mal-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti fejn tkun stabbilita l-istituzzjoni ta' kreditu,*** jew fuq proposta mill-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru ***parteċipanti*** fejn tkun stabbilita l-istituzzjoni ta' kreditu. ***Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom b'mod partikolari jiżguraw li qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet rigward l-irtirar, il-BĊE jagħti biżżejjed żmien lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiddeċiedu dwar l-azzjonijiet neċessarji ta' rimedju, inklużi miżuri ta' riżoluzzjoni possibbli, u jieħdu kont tagħhom.***

Meta l-awtorità kompetenti nazzjonali li tkun ipproponiet l-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 tqis li l-awtorizzazzjoni trid tiġi rtirata skont il-liġi nazzjonali ***rilevanti***, din għandha tissottometti proposta lill-BĊE għal dak il-għan. F'dak il-każ, il-BĊE ***għandu jieħu deċiżjoni dwar l-irtirar propost filwaqt li jikkunsidra bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni għall-irtirar imressqa mill-awtorità kompetenti nazzjonali.***

***2a. Sakemm l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, f'każijiet fejn huma jqisu li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jippreġudika l-implimentazzjoni adegwata ta' azzjonijiet neċessarji għar-riżoluzzjoni jew biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, huma għandhom jinnotifikaw debitament l-oġġezzjoni tagħhom lill-BĊE bi spejgazzjoni fid-dettall tal-preġudizzju li l-irtirar jista' jikkawża. F'dawk il-każijiet, il-BĊE għandu jastjeni milli jipproċedi għall-irtirar għal perijodu miftiehem b'mod reċiproku mal-awtoritajiet nazzjonali. Il-BĊE jista' jagħżel li jestendi dak il-perijodu jekk huwa tal-opinjoni li jkun sar progess suffiċjenti. Jekk, madankollu, il-BĊE jiddetermina f'deċiżjoni raġunata li azzjonijiet adatti neċessarji biex tinżamm l-istabbilta finanzjarja ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali, l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għandu japplika immedjatament.***

***Artikolu 13a***

***Valutazzjoni ta' akkwiżizzjonijiet ta' holdings kwalifikanti***

***1. Mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(b), kwalunke notifika ta' akkwist ta' holding kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru parteċipanti jew kwalunke informazzjoni relatata għandha tiġi introdotta mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu hija***

*stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi nazzjonali rilevanti bbażata fuq l-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3).*

*2. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tivvaluta l-akkwiżizzjoni proposta, u għandha tibgħat in-notifika u proposta għal deċiżjoni biex tiġi opposta jew ma tiġix opposta l-akkwiżizzjoni, ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-atti msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3), lill-BĊE, tal-inqas għaxart ijiem qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' valutazzjoni rilevanti kif iddefinit fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, u għandha tgħin lill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 5.*

*3. Il-BĊE għandu jiddeċiedi jekk jopponix l-akkwiżizzjoni abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-proċedura u fil-perijodi ta' valutazzjoni stabbiliti fih.*

*Artikolu 13b*

*Setgħat superviżorji*

*1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tiegħu msemmija fl-Artikolu 4(1) u mingħajr preġudizzju għal setgħat oħra konferiti lill-BĊE, il-BĊE għandu jkollu s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2 biex jesiġi li kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta fl-Istati Membri parteċipanti tieħu l-miżuri neċessarji fi stadju bikri biex jiġu indirizzati l-problemi rilevanti fi kwalunkwe ċirkostanza li ġejja:*

*(a) l-istituzzjoni ta' kreditu ma tilħaqx ir-rekwiżiti tal-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3);*

*(b) il-BĊE għandu prova li l-istituzzjoni ta' kreditu x'aktarx ser tikser ir-rekwiżiti tal-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) fit-12-il xahar li jmiss;*

*(c) ibbażati fuq determinazzjoni, fil-qafas ta' rieżami superviżorju f'konformità mal-Artikolu 4(1)(g), li l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjoni ta' kreditu u l-fondi proprji u l-likwidità miżmuma minnha ma jiżgurawx ġestjoni soda u kopertura tar-riskji tagħha.*

*2. Minkejja d-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1), il-BĊE għandu jkollu s-setgħat li ġejjin:*

*(a) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet iżommu fondi proprji li jaqbżu r-rekwiżiti kapitali stipulati fl-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) marbuta ma' elementi ta' riskji u riskji mhux koperti mill-atti rilevanti tal-Unjoni,*

*(b) li jobbliga r-rinfurzar tal-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji;*

*(c) li jesiġi li l-istituzzjonijiet jippreżentaw pjan biex terġa' tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji f'konformità mal-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u li jistabbilixxu skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż titjib għal dak il-pjan rigward il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskadenza;*

*(d) li jobbliga lill-istituzzjonijet japplikaw politika speċifika ta' provvediment jew trattament ta' assi f'termini ta' rekwiżiti ta' fondi proprji;*

*(e) li jirrestrinġi jew jillimita n-negozju, l-operazzjonijiet jew netwerk ta' istituzzjonijiet jew jitlob iċ-ċessjoni ta' attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi fuq is-solidità ta' istituzzjoni;*

*(f) li jobbliga t-tnaqqis tar-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi ta' istituzzjonijiet;*

*(g) li jobbliga lill-istituzzjonijiet jillimitaw rimunerazzjoni varjabbli bħala perċentwali ta' dħul nett meta tkun inkonsistenti mal-manteniment ta' bażi kapitali soda;*

*(h) li jobbliga lill-istituzzjonijiet jużaw profitti netti biex jissaħħu l-fondi proprji;*

*(i) li jirrestrinġi jew jipprojbixxi distribuzzjonijiet mill-istituzzjoni lill-azzjonisti, membri jew detenturi ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali fejn il-projbizzjoni ma tikkostitwixxix avveniment ta' falliment tal-istituzzjoni;*

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***(j) li jimponi rekwiżiti ta' rapputar addizzjonali jew aktar frekwenti, inkluż rappurtar dwar pożizzjonijiet tal-kapital u l-likwidità;***

***(k) li jimponi rekwiżiti speċifiċi tal-likwidità, inkluż restrizzjonijiet fuq diskrepanzi fil-maturità bejn assi u passivi;***

***(l) li jitlob divulgazzjonijiet addizzjonali;***

***(m) li jneħħi fi kwalunkwe ħin membri mill-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3).***

Artikolu 14

Setgħat tal-awtoritajiet ospitanti u kooperazzjoni dwar superviżjoni kkonsolidata

1. Bejn l-Istati Membri parteċipanti l-proċeduri stabbiliti ***fid-dritt rilevanti*** tal-Unjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jixtiequ jistabbilixxu fergħa jew jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi billi jwettqu l-attivitajiet tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u l-kompetenzi relatati tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti għandhom japplikaw biss għall-finijiet ta' kompiti mhux ikkonferiti lill-BĊE bl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

2. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti ***fid-dritt rilevanti*** tal-Unjoni b'rabta mal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri differenti għat-twettiq tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata m'għandhomx japplikaw sal-punt li l-***BĊE hu l-unika awtorità*** kompetenti involuta ▌.

***2a. Fit-twettiq tal-kompitu tiegħu kif definit fl-Artikolu 4 u 4a, il-BĊE għandu jirrispetta bilanċ ġust bejn l-Istati Membri parteċipanti kollha skont l-Artikolu 5(8) u għandu, fir-relazzjoni tiegħu mal-Istati Membri mhux parteċipanti, jirrispetta l-bilanċ bejn l-Istati Membri domiċiljari u ospitanti stabbilit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni.***

Artikolu 15

Sanzjonijiet ***amministrattivi***

1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, meta istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji, jew kumpaniji holding finanzjarji mħallta, b'mod intenzjonali jew, ***b'negliġenza***, jiksru rekwiżit skont atti ***rilevanti tad-dritt tal-***Unjoni li fir-rigward tagħhom għandu jkun ***hemm*** disponibbli sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi għall-awtoritajiet kompetenti skont id-dritt ***rilevanti*** tal-Unjoni, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji sa darbtejn l-ammont tal-profitt miksub jew it-telf evitat minħabba ksur meta dawn jistgħu jiġu ddeterminati, jew sa 10 % tal-fatturat annwali totali***, kif definit fid-dritt rilevanti tal-Unjoni,*** ta' persuna ġuridika fis-sena ta' negozju preċedenti ***jew tali sanzjonijiet pekunarji oħrajn kif jista' jiġi previst fil-liġi rilevanti tal-Unjoni.***

2. Meta l-persuna ġuridika tkun sussidjarja ta' impriża parent, il-fatturat annwali totali rilevanti msemmi fil-***paragrafu 1*** għandu jkun il-fatturat annwali totali li jirriżulta mill-kont ikkonsolidat tal-impriża parent aħħarija fis-sena ta' negozju preċedenti.

3. Is-sanzjonijiet applikati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Meta jiġi biex jiddetermina jekk jimponix sanzjoni u biex jiddetermina s-sanzjoni x-xierqa, il-BĊE għandu ***jaġixxi skont l-Artikolu 8(2a).***

4. Il-BĊE għandu japplika dan l-Artikolu f'konformità mal-***atti msemmija fl-ewwel subparagrafu*** tal-***Artikolu 4(3), inkluż il-proċeduri li jinsabu*** fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98***, kif adatt***.

5. F'każijiet mhux koperti bil-paragrafu 1, fejn meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jesiġi li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jibdew ***proċedimenti bil-ħsieb li jieħdu*** azzjoni sabiex jiżguraw li jiġu imposti sanzjonijiet adegwati ***skont l-atti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali rilevanti li tagħti setgħat speċifiċi li attwalment mhumiex meħtieġa mid-Dritt tal-Unjoni.*** Is-sanzjonijiet applikati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun applikabbli b'mod partikolari għas-sanzjonijiet pekunarji li għandhom jiġu imposti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji jew kumpaniji holding mħallta għal ksur tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttivi rilevanti tal-UE, u għal kwalunkwe sanzjoni jew miżura amministrattiva li għandha tiġi imposta fuq membri tal-bord maniġerjali ***ta' istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta*** jew kwalunkwe individwu ieħor li skont id-dritt nazzjonali jkun responsabbli għal ksur minn istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta.

6. Il-BĊE għandu jippubblika kwalunkwe sanzjoni msemmija fil-paragrafu 1***, jekk tkunx ġiet appellata jew le, fil-każijiet ta' u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni.***

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 6, għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, f'każ ta' ksur ta' regolamenti jew deċiżjonijiet tal-BĊE, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98.

## Kapitolu IV

## Prinċipji organizzativi

### Artikolu 16

### Indipendenza

1. Meta jkun qed iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament ▌, il-BĊE ***u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jkunu qed jaġixxu fi ħdan il-MSU*** għandhom jaġixxu b'mod indipendenti. ***Il-membri tal-Bord Superviżorju Bankarju u l-Kumitat ta' tmexxija għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u la m'għandhom ifittxu u lanqas m'għandhom jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, jew minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp pubbliku jew privat ieħor.***

2. Istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u l-gvernijiet tal-Istati Membri ***u kwalunkwe korp ieħor*** għandhom jirrispettaw dik l-indipendenza.

***2a. Wara eżami tal-ħtieġa għal Kodiċi ta' Kondotta mill-Bord Superviżorju, il-Kunsill Governattiv għandu jistabbilixxi u jippubblika Kodiċi ta' Kondotta għall-persunal u d-diriġenti tal-BĊE involuti fis-superviżjoni bankarja b'mod partikolari l-konflitti ta' interess.***

### Artikolu 17

### Obbligu ta' rendikont ***u rappurtar***

1. Il-BĊE għandu jagħti rendikont lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, bi qbil ma' dan il-Kapitolu.

***1a. Il-BĊE għandu fuq bażi annwali jissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-euro, rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferit lilu b'dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni dwar l-evoluzzjoni prevista tal-istruttura u l-ammont tat-tariffi superviżorji msemmijin fl-Artikolu 24.***

***1b. Il-President tal-Bord Supeviżorju tal-BĊE għandu jippreżenta dak ir-rapport fil-pubbliku lill-Parlament Ewropew, u lill-Grupp tal-euro fil-preżenza ta' rappreżentanti minn kwalunkwe Stat Membru parteċipanti li l-munita tiegħu mhix l-euro.***

***1c. Il-President tal-bord superviżorju tal-BĊE jista', fuq talba tal-Grupp tal-euro, jinstema' fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-kompiti superviżorji tiegħu mill-Grupp tal-euro fil-preżenza ta' rappreżentanti minn kwalunkwe Stat Membru parteċipanti li l-munita tiegħu mhix l-euro.***

***1d. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Bord Supeviżorju għandu jipparteċipa fi smigħ fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-kompiti superviżorji tiegħu mill-kumitati kompetenti tal-Parlament.***

***1e. Il-BĊE għandu jwieġeb bil-fomm jew bil-miktub għal mistoqsijiet li jsirulu mill-Parlament Ewropew jew mill-Grupp tal-euro, skont il-proċeduri tal-Grupp tal-euro stess u fil-preżenza ta' rappreżentanti minn kwalunkwe Stat Membru parteċipanti li l-munita tiegħu mhix l-Euro.***

***1f. Meta l-Qorti Ewropea tal-Awdituri teżamina l-effiċjenza operattiva tal-ġestjoni tal-BĊE skont l-Artikolu 27(2) tal-Istatut tal-BĊE, hija għandha tieħu kont ukoll tal-kompiti superviżorji mogħtijin lill-BĊE skont dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*1 g. Fuq talba l-President tal-Bord ta' Superviżjoni għandu jkollu diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm fil-privat mal-President u l-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar il-kompiti superviżorji tiegħu fejn tali diskussjonijiet ikunu meħtieġa biex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattat. Għandu jiġi konkluż qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE dwar il-modalitajiet dettaljati ta' organizzazzjoni ta' tali diskussjonijiet, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità sħiħa skont l-obbligi ta' kunfidenzjalità imposti fuq il-BĊE bħala awtorità kompetenti skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni.*

*1h. Il-BĊE għandu jikkoopera b'mod sinċier ma' kwalunkwe investigazzjoni mill-Parlament, soġġetta għat-Trattat. Il-BĊE u l-Parlament għandhom jikkonkludu arranġamenti adatti dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika u s-sorveljanza fuq l-eżerċitar tal-kompiti mogħtijin lill-BĊE b'dan ir-regolament. Dawk l-arranġamenti għandhom ikopru, inter alia, l-aċċess għall-informazzjoni, il-kooperazzjoni fl-investigazzjonijiet u l-informazzjoni dwar il-proċedura ta' għażla tal-president.*

*Artikolu 17a*

*Parlamenti nazzjonali*

*1. Meta jippreżenta r-rapport previst fl-Artikolu 17(2), il-BĊE għandu simultanjament jgħaddi dak ir-rapport direttament lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti.*

*Il-Parlamenti nazzjonali jistgħu jindirizzaw lill-BĊE l-osservazzjonijiet raġonati tagħhom dwar dak ir-rapport.*

*2. Il-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, permezz tal-proċeduri tagħhom stess, jistgħu jitolbu lill-BĊE biex jirrispondi bil-miktub għal kwalunkwe osservazzjoni jew mistoqsija li huma jagħmlu lill-BĊE fir-rigward tal-funzjonijiet tal-BĊE skont dan ir-Regolament.*

*3. Il-parlament nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti jista' jistieden lill-President jew membru tal-Bord Superviżorju biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet fir-rigward tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'dak l-Istat Membru flimkien ma' rappreżentant tal-awtorità kompetenti nazzjonali.*

*4. Dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali lejn il-parlamenti nazzjonali skont il-liġi nazzjonali għall-prestazzjoni ta' dawk il-kompiti mhux konferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament u għall-prestazzjoni tal-attivitajiet imwettqa minnhom skont l-Artikolu 5.*

*Artikolu 17b*

*Proċess dovut għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet superviżorji*

*1. Qabel ma jieħu deċiżjonijiet superviżorji bi qbil mal-Artikolu 4 u t-Taqsima 2, il-BĊE għandu jagħti l-opportunità li l-persuni li jkunu soġġetti għall-proċedimenti jinstemgħu. Il-BĊE għandu jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu unikament fuq l-oġġezzjonijiet li l-partijiet ikkonċernati kienu kapaċi jikkummentaw dwarhom.*

*L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti biex ma jitħalliex li jsir dannu sinifikanti lis-sistema finanzjarja. F'każ bħal dan, il-BĊE jista' jadotta deċiżjoni proviżorja u għandu jagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun malajr wara li jkun ħa d-deċiżjoni tiegħu.*

*2. Id-drittijiet għal difiża tal-persuni kkonċernati għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ fil-proċedimenti. Huma għandhom ikunu intitolati għal aċċess għall-fajl tal-BĊE, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħrajn fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl m'għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali.*

*Id-deċiżjonijiet tal-BĊE għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati.*

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

*Artikolu 17c*

*Rapportar ta' ksur*

***Il-BĊE għandu jiżgura li jiġu implimentati mekkaniżmi effikaċi għar-rappurtar ta' ksur mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji holding finanzjarji jew kumpanniji holding finanzjarji mħallta jew awtoritajiet kompetenti tal-atti legali msemmijin fl-Artikolu 4(3), inklużi proċeduri speċifiċi biex jirċievi rapporti ta' ksur u biex isegwihom. Tali proċeduri għandhom ikunu konsistenti mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE u jiżguraw li l-prinċipji li ġejjin jiġu applikati: bil-protezzjoni xierqa […] għal min jirrapporta ksur, bil-protezzjoni tad-data personali u bil-protezzjoni xierqa għall-akkużat […].***

*Artikolu 17d*

*Bord Amministrattiv ta' Rieżami*

***1. Il-BĊE għandu jistabbilixxi Bord Amministrattiv ta' Rieżami għall-finijiet li jwettaq rieżami amministrattiv intern tad-deċiżjonijiet meħudin mill-BĊE fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtijin lilu b'dan ir-regolament wara li tkun ġiet ippreżentata talba għal rieżami skont il-paragrafu 5. L-iskop tar-rieżami amministrattiv intern għandu jappartjeni għall-konformità proċedurali u sostantiva ma' dan ir-regolament ta' tali deċiżjoni.***

***2. Il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami għandu jkun magħmul minn ħames individwi ta' reputazzjoni tajba, minn Stati Membri u bi mgħoddi ta' għarfien u esperjenza professjonali ppruvati rilevanti, inkluża esperjenza superviżorja, sa livell għoli biżżejjed fl-oqsma tas-settur bankarju jew servizzi finanzjarji oħrajn, bl-esklużjoni tal-persunal attwali tal-BĊE, kif ukoll persunal attwali tal-awtoritajiet kompetenti jew ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn li huma involuti fil-kompiti eżerċitati mill-BĊE taħt is-setgħat mogħtijin lilu f'dan ir-regolament. Il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami għandu jkollu riżorsi u ħiliet suffiċjenti biex jivvaluta l-eżerċizzju tas-setgħat tal-BĊE taħt dan ir-regolament. Il-membri tal-Bord Amministrattiv ta' Rieżami u żewġ supplenti għandom jinħatru mill-BĊE għal terminu ta' ħames snin, li jista' jiġġedded darba, b'segwitu għal sejħa pubblika għal turija ta' interess ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Huma m'għandhom ikunu marbutin b'ebda struzzjoni.***

***3. Il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami għandu jiddeċiedi abbażi ta' maġġoranza ta' mill-inqas tlieta mill-ħames membri tiegħu.***

***4. Il-membri tal-Bord ta' Rieżami għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. Għal dak l-għan, huma għandhom jagħmlu dikjarazzjoni pubblika tal-impenji u dikjarazzjoni pubblika tal-interessi li tindika kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom minn jew għan-nuqqas tagħhom ta' kwalunkwe tali interess.***

***5. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, titlob rieżami ta' deċiżjoni tal-BĊE skont dan ir-Regolament li tkun indirizzata lejn dik il-persuna jew li tkun tikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna. Talba għal rieżami ta' deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv imsemmija fil-paragrafu 7 ma għandhiex tkun ammissibbli.***

***6. Kwalunkwe talba għar-rieżami għandha ssir bil-miktub, inkluża stqarrija tar-raġunijiet, u għandha tiġi ppreżentata lill-BĊE fi żmien xahar mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna li titlob ir-rieżami, jew, fl-assenza tagħha, mill-jum li tkun saret taf b'hekk din il-persuna, skont il-każ.***

***7. Wara li jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tar-rieżami, il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami għandu jesprimi opinjoni fi żmien adatt skont l-urġenza tal-kwistjoni u mhux aktar tard minn xahrejn minn meta jirċevi t-talba u jgħaddi l-każ għat-tħejjija ta' abbozz ta' deċiżjoni ġdid lill-Bord Superviżorju. Il-Bord Superviżorju għandu jqis l-opinjoni mill-Bord Amministrattiv ta' Rieżami u għandu jippreżenta minnufih abbozz ta' deċiżjoni ġdid lill-Kunsill Governattiv. L-abbozz ta' deċiżjoni ġdid għandu jew jabroga d-deċiżjoni inizjali, jew jissostitwiha b'deċiżjoni ta' kontenut identiku, jew inkella jissostitwiha b'deċiżjoni emendata. L-abbozz ta' deċiżjoni ġdid għandu jitqies adottat sakemm il-Kunsill Governattiv ma joġġezzjonax f'perijodu massimu ta' għaxart ijiem tax-xogħol.***

***8. Talba għal rieżami skont il-paragrafu 5 ma għandhiex ikollha effett sospensiv. Madankollu, il-Kunsill Governattiv jista', fuq proposta tal-Bord Amministrattiv ta' Rieżami, jekk iqis li ċ-ċirkustanzi jeħtieġu dan, jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***9. L-opinjoni espressa mill-Bord Amministrattiv ta' Rieżami, l-abbozz ta' deċiżjoni ġdid ippreżentat mill-Bord Superviżorju u d-deċiżjoni adottata mill-Kunsill Governattiv skont dan l-Artikolu għandu jkun motivat u nnotifikat lill-partijiet.***

***10. Il-BĊE għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli operattivi tal-Bord Amministrattiv.***

***11. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li jitressqu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattati.***

Artikolu 18

Separazzjoni mill-funzjoni ta' politika monetarja

1. Meta jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jfittex li jilħaq biss l-objettivi stabbiliti b'dan ir-Regolament.

2. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament ***mingħajr preġudizzju għal, u*** b'mod separat mill-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u ▌ kwalunkwe kompitu ieħor. Il-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament m'għandhom ***la*** jinterferixxu ma'***, lanqas jiġu determinati mill-***kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja. ***Barra minn hekk, il-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament m'għandhomx jinterferixxu mal-kompiti tiegħu relatati mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u ma' kwalunkwe kompitu ieħor. Il-BĊE għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif ikun ikkonforma ma' din id-dispożizzjoni. Il-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament m'għandhomx ibiddlu l-monitoraġġ kontinwu tas-solvenza tal-kontropartijiet tal-politika monetarja tiegħu.***

***Il-persunal involut fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament għandu jkun, mil-lat organizzattiv, separat minn, u soġġett għal linji ta' rappurtar separati mill-persunal involut fit-twettiq ta' kompiti oħrajn ikkonferiti lill-BĊE.***

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-BĊE għandu jadotta ***u jagħmel pubblika*** kwalunkwe regola interna neċessarja, inklużi regoli rigward is-segretezza professjonali ***u skambji ta' informazzjoni bejn iż-żewġ oqsma funzjonali.***

***3a. Il-BĊE għandu jiżgura li l-operazzjoni tal-Kunsill Governattiv tkun kompletament differenzjata fir-rigward tal-funzjonijiet monetarji u superviżorji. Tali differenzjazzjoni għandha tinkludi laqgħat u aġendi strettament separati.***

***3b. Bil-għan li tkun żgurata s-separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji, il-BĊE għandu joħloq panel ta' medjazzjoni. Dan il-panel għandu jirriżolvi d-differenzi ta' fehmiet espressi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti konċernati rigward oġġezzjoni tal-Kunsill Governattiv għal abbozz ta' deċiżjoni mill-Bord Superviżorju. Dan il-panel għandu jinkludi membru wieħed għal kull Stat Membru parteċipanti, lli jintgħażel minn kull Stat Membru parteċipanti fost il-membri tal-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju, u għandu jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza sempliċi, fejn kull membru jkollu vot wieħed. Il-BĊE għandu jadotta u jagħmel pubbliku regolament li jistabbilixxi tali panel ta' medjazzjoni u r-regoli ta' proċedura tiegħu.***

Artikolu 19

Bord superviżorju

1. L-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE, għandhom jitwettqu bis-sħiħ minn korp intern magħmul mill-***President u l-Viċi President tiegħu, maħturin skont il-paragrafu 1b*** u erba' rappreżentanti tal-BĊE***, maħturin skont il-paragrafu 1d***, u rappreżentant wieħed tal-awtorità kompetenti nazzjonali għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'kull Stat Membru parteċipanti (minn hawn 'il quddiem "Bord Superviżorju"). ***Il-membri kollha tal-Bord Superviżorju għandhom jaġixxu fl-interess tal-Unjoni inġenerali.***

***Fejn l-awtorità kompetenti mhijiex bank ċentrali, il-membru tal-Bord Superviżorju msemmi f'dan il-paragrafu jista' jiddeċiedi li jġib rappreżentant mill-bank ċentrali tal-Istat Membru. Għall-finijiet tal-proċedura tal-votazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1e, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri għandhom flimkien jitqiesu bħala membru wieħed.***

***1a. Il-ħatriet għall-Bord Superviżorju skont dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-bilanċ bejn is-sessi, l-esperjenza u l-kwalifiki.***

*1b. Wara s-smigħ tal-Bord Superviżorju, il-BĊE għandu jibgħat proposta għall-ħatra tal-President u l-Viċi President lill-Parlament Ewropew għal approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jaħtar lill-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju. Il-President għandu jintgħażel abbażi ta' proċedura ta' għażla miftuħa, li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinżammu debitament informati dwarha, minn fost individwi ta' pożizzjoni rikonoxxuta u ta' esperjenza f'materji bankarji u finanzjarji u li mhumiex membri tal-Kunsill Governattiv. Il-Viċi President tal-Bord Superviżorju għandu jintgħażel minn fost il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata mingħajr ma jieħu kont tal-vot tal-membri tal-Kunsill li mhumiex Stati Membri parteċipanti.*

*Ladarba jinħatar, il-President għandu jkun professjonista full-time u m'għandu jkollu l-ebda kariga ma' awtoritajiet kompetenti nazzjonali. It-terminu tal-kariga għandu jkun għal ħames snin u m'għandux ikun jista' jiġġedded.*

*1c. Jekk il-President tal-Bord Sipervizorju ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu jew jekk jinstab ħati ta' mġiba ħażina serja, il-Kunsill jista', wara proposta mill-BĊE, li tkun ġiet approvata mill-Parlament, jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex il-President jitneħħa mill-mandat. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata mingħajr ma jieħu kont tal-vot tal-membri tal-Kunsill li mhumiex Stati Membri parteċipanti.*

*Wara l-irtirar obbligatorju tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju bħala membru tal-Bord Eżekuttiv, iddikjarat skont l-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE, il-Kunsill jista', wara proposta mill-BĊE, li tkun ġiet approvata mill-Parlament, jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex il-Viċi President jitneħħa mill-kariga. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata mingħajr ma jieħu kont tal-vot tal-membri tal-Kunsill li mhumiex Stati Membri parteċipanti.*

*Għal dawn il-finijiet il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jinforma lill-BĊE li huma jqisu li l-kondizzjonijiet għat-tneħħija tal-President jew tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju mill-kariga huma sodisfatti, u l-BĊE għandu jwieġeb għal dan.*

*1d. L-erba' rappreżentanti tal-BĊE maħturin mill-Kunsill Governattiv ma għandhomx iwettqu doveri relatati direttament mal-funzjoni monterarja tal-BĊE. Ir-rappreżentanti kollha tal-BĊE għandu jkollhom drittijiet ta' vot.*

*1e. Id-deċiżjonijiet tal-Bord Superviżorju għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. F'każ ta' parità, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv*

*1f. B'deroga mill-paragrafu 1e, il-Bord Superviżorju għandu jieħu deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni tar-regolamenti skont l-Artikolu 4(3), fuq il-bażi ta' maġġioranza kwalifikata tal-membri tiegħu, kif definit fl-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fl-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji għall-membri li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru parteċipanti. Kull wieħed mill-erba' rappreżentanti tal-BĊE maħturin mill-Kunsill Governattiv għandu jkollu vot ugwali għall-vot medjan tal-membri l-oħrajn.*

*1 g. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5, il-Bord Superviżorju għandu jwettaq ħidma preparatorja rigward il-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE u jipproponi lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE abbozzi ta' deċiżjonijiet kompleti li għandhom jiġu adottati minn dan tal-aħħar, skont proċedura li trid tiġi stabbilita mill-BĊE. L-abbozz ta' deċiżjonijiet ser jiġi trasmess fl-istess ħin lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati. Abbozz ta' deċiżjoni għandu jitqies bħala adottat sakemm il-Kunsill Governattiv ma joġġezzjonax f'perijodu li għandu jiġu ddefinit mill-proċedura msemmija hawn fuq iżda li tkunx aktar minn perijodu massimu ta' 10 jiem tax-xogħol. Madankollu, jekk Stat Membru parteċipanti li mhux fiż-żona tal-euro ma jaqbilx ma' abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(5d). F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, il-perijodu msemmi hawn fuq ma għandux ikun ta' aktar minn 48 siegħa. Jekk il-Kunsill Governattiv joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, huwa għandu jagħti r-raġunijiet għal dan bil-miktub, b'mod partikolari billi jiddikjara l-interessi tal-politika monetarja. Jekk deċiżjoni tinbidel wara oġġezzjoni mill-Kunsill Governattiv, Stat Membru parteċipanti li mhux fiż-żona tal-euro jista' jinnotifika lill-BĊE bin-nuqqas ta' qbil raġonat tiegħu dwar l-oġġezzjoni u għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(5c).*

*1h. Għandu jkun hemm segretarjat li jappoġġa l-attivitajiet tal-bord superviżorju, inkluż it-tħejjija tal-laqgħat, fuq bażi full-time.*

*1i. Il-Bord Superviżorju, li jivvota skont ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1e, għandu jistabbilixxi kumitat ta' tmexxija minn fost il-membri tiegħu b'kompożizzjoni iktar limitata biex jappoġġa l-attivitajiet tiegħu, inkluż it-tħejjija tal-laqgħat.*

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***Il-kumitat ta' tmexxija tal-Bord Superviżorju m'għandux ikollu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-kumitat ta' tmexxija għandu jkun ippresedut mill-President jew, fin-nuqqas eċċezzjonali tal-President, mill-Viċi President tal-Bord Superviżorju. Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' tmexxija għandha tiżgura bilanċ u rotazzjoni ġusti bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Huwa għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn għaxar membri inkluż il-President, il-Viċi President u rappreżentant addizzjonali wieħed mill-BĊE. Il-kumitat ta' tmexxija għandu jeżegwixxi l-kompiti preparatorji tiegħu fl-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali u għandu jaħdem fi trasparenza sħiħa mal-Bord Superviżorju.***

6. ***Rappreżentant*** tal-Kummissjoni Ewropea jista' jipparteċipa bħala osservatur***, meta jkun mistieden,*** fil-laqgħat tal-bord superviżorju. ***L-osservaturi ma għandux ikollhom aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali rigward istituzzjonijiet individwali.***

7. Il-Kunsill Governattiv għandu jadotta ***regoli interni li jistabbilixxu fid-dettall ir-relazzjoni tiegħu mal-***bord superviżorju. ***Il-bord superviżorju għandu wkoll jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li jivvota skont ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1e. Iż-żewġ settijiet ta' regoli għandhom jiġu pubblikati. Ir-regoli ta' proċedura tal-bord superviżorju għandhom jiżguraw it-trattament ugwali tal-Istati Membri parteċipanti kollha.***

Artikolu 20

Segretezza professjonali u skambju ta' informazzjoni

1. Membri tal-Bord Superviżorju, persunal tal-BĊE ***u persunal issekondat mill-Istati Membri parteċipanti*** li jwettqu dmirijiet superviżorji, anke meta jintemmu dmirijiethom, għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 37 tal-***Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE u*** fl-atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

***Il-BĊE għandu jiżgura li individwi li jipprovdu kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonalment, b'rabta mal-iżvolġiment ta' dmirijiet superviżorji huma soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti ta' segretezza professjonali.***

2. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jkun awtorizzat, fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, li jiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet u korpi nazzjonali jew Ewropej fil-każijiet fejn id-dritt ***rilevanti*** tal-Unjoni jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiddivulgaw informazzjoni lil dawk l-entitajiet jew fejn l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għat-tali divulgazzjoni skont id-dritt ***rilevanti*** tal-Unjoni.

▌

Artikolu 22

Riżorsi

Il-BĊE għandu ***jkun responsabbli biex jiddedika*** r-riżorsi ***umani u finanzjarji*** meħtieġa biex jeżerċita l-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament.

Artikolu 23

Il-baġit ***u l-kontijiet annwali***

1. In-nefqa tal-BĊE biex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament għandha tkun ***identifikabbli b'mod separat fil-***baġit tal-BĊE.

2. Il-BĊE għandu, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu ***17***, jirrapporta fid-dettall dwar ***il-baġit għall-kompiti*** superviżorji tiegħu. ***Il-kontijiet annwali tal-BĊE mfasslin u ppubblikati*** skont l-Artikolu 26.2 tal-Istatut tal-BĊE u tas-SEBĊ ***għandhom jinkludu d-dħul u l-infiq relatat mal-kompiti superviżorji.***

***2a. F'konformità mal-Artikolu 27.1 tal-Istatut tal-BĊE u tas-SEBĊ, għandha tiġi verifikata t-taqsima superviżorja tal-kontijiet annwali.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

Artikolu 24

Tariffi għas-superviżjoni

1. Il-BĊE għandu jimponi ***tariffa superviżorja annwali għas-superviżjoni fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u l-fergħat stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti. It-tariffi għandhom ikopri n-nefqa mġarrba mill-BĊE fir-rigward tal-kompiti mogħtijin lilu skont l-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament Dawn it-tariffi m'għandhomx jaqbżu n-nefqa relatata ma' dawn il-kompiti.***

2. L-ammont ***tat***-tariffa imposta fuq istituzzjoni ***jew fergħa*** ta' kreditu għandu jkun ***ikkalkolat, skont il-modalitajiet definiti, u ppubblikat minn qabel, mill-BĊE.***

***Qabel ma jiddefinixxi dawn il-modalitajiet, il-BĊE għandu jwettaq konsultazzjonijiet pubbliċi u janalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati potenzjali, u jippubblika r-riżultati tat-tnejn li huma.***

***2a. It-tariffi għandhom jiġu kkalkolati fl-ogħla livell tal-konsolidazzjoni fl-Istati Membri parteċipanti, u għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi relatati*** mal-importanza u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata***, inkluż l-assi tagħha ppreżati skont ir-riskju.***

***Il-bażi għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali għal sena kalendarja speċifika għandha tkun in-nefqa relatata mas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet u l-fergħat ta' kreditu f'dik is-sena. Il-BĊE jista' jeħtieġ pagamenti bil-quddiem fir-rigward tat-tariffa għas-superviżjoni annwali li għandha tkun ibbażata fuq estimu raġonevoli. Il-BĊE għandu jikkomunika mal-awtorità kompetenti nazzjonali qabel jiddeċiedi dwar il-livell tat-tariffa finali sabiex ikun żgurat li s-superviżjoni tibqa' kosteffettiva u raġonevoli għall-istituzzjonijiet u l-fergħat kollha ta' kreditu kkonċernati. Il-BĊE għandu jikkomunika l-bażi għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali lill-istituzzjonijiet u l-fergħat ta' kreditu.***

***2b. Il-BĊE għandu jirrapporta skont l-Artikolu 17.***

***2c. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jimponu tariffi skont id-dritt nazzjonali u, sal-punt li ma jkunx ġew konferiti kompiti superviżorji lill-BĊE, jew fir-rigward tal-ispejjeż tal-kooperazzjoni ma' u l-assistenza lill-BĊE u waqt li jaġixxu skont l-istruzzjonijiet tiegħu, skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni u soġġett għall-arranġamenti magħmula għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-Artikoli 5 u 11 tiegħu.***

Artikolu 25

***Persunal u*** skambju tal-persunal

1. Il-BĊE għandu ***jistabbilixxi, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kollha, arranġamenti biex*** jiżgura skambju xieraq u sekondar ta' persunal mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif ukoll bejniethom.

2. Il-BĊE ***jista'*** jesiġi ***kif*** xieraq li timijiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jkunu qed jieħdu azzjonijiet superviżorji fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta li tkun tinsab fi Stat Membru parteċipanti wieħed skont dan ir-Regolament jinvolvu wkoll persunal minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti oħra.

***2a. Il-BĊE għandu jistabbilixxi u jżomm proċeduri komprensivi u formali inklużi proċeduri etiċi u perijodi proporzjonati biex jivvaluta minn qabel u jipprevjeni konflitti ta' interess possibbli li jirriżultaw mill-impjieg sussegwenti fi żmien sentejn tal-membri tal-Bord Superviżorju u l-membri tal-persunal tal-BĊE involuti f'attivitajiet superviżorji, u għandu jipprevedi żvelar adatt soġġett għar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.***

***Dawn il-proċeduri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti. Għall-membri tal-Bord Superviżorju li huma rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, dawk il-proċeduri għandhom jiġu stabbiliti u implimentati b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali applikabbli.***

***Għall-membri tal-persunal tal-BĊE involuti f'attivitajiet superviżorji, dawk il-proċeduri għandhom jiddeterminaw kategoriji tal-pożizzjonijiet li għalihom tapplika tali valutazzjoni, kif ukoll perijodi li huma proporzjonati għall-funzjonijiet ta' dawk il-membri tal-persunal fl-attivitajiet superviżorji matul l-impjieg tagħhom fil-BĊE.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***2b. Il-proċeduri msemmijin fil-paragrafu 2a għandhom jipprevedu li l-BĊE għandu jivvaluta jekk hemmx oġġezzjonijiet li l-membri tal-Bord Superviżorju jwettqu xogħol bi ħlas f'istituzzjonijiet tas-settur privat li għalihom il-BĊE jkollu responsabbiltà superviżorja wara li tkun intemmet il-kariga tagħhom.***

***Il-proċeduri msemmijin fil-paragrafu 2a għandhom bħala regola japplikaw għal sentejn wara li l-membri tal-Bord Superviżorju jkun temmew il-kariga tagħhom u jistgħu jiġu aġġustati, abbażi ta' ġustifikazzjoni debita, proporzjonat mal-funzjonijiet imwettqin matul il-mandat u t-tul ta' żmien li tkun inżammet dik il-kariga.***

***2c. Ir-Rapport Annwali tal-BĊE skont l-Artikolu 17 għandu jinkludi informazzjoni dettaljata, inkluża data statistika dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri msemmijin fil-paragrafi 2a u 2b.***

## Kapitolu V

## Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

### Artikolu 26

### Rieżami

Sal-31 ta' Diċembru 2015, ***u sussegwentement kull tliet snin wara din id-data,*** il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, b'enfasi speċjali fuq il-monitoraġġ tal-impatt potenzjali fuq il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku***. Dak ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:

(a) il-funzjonament tal-***MSU*** fis-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja ***u l-impatt tal-attivitajiet superviżorji tal-BĊE fuq l-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi u fuq il-koerenza u l-integrità tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji, inkluż l-impatt possibbli tiegħu fuq l-istrutturi tas-sistemi bankarji nazzjonali fl-UE, u rigward l-effettività tal-kooperazzjoni u l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-MSU u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri mhux parteċipanti***;

***(aa) it-tqassim tal-kompiti bejn il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fi ħdan l-MSU, l-effettività tal-modalitajiet prattiċi tal-organizzazzjoni adottati mill-BĊE, u l-impatt tal-MSU fuq il-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji rimanenti;***

***(ab) l-effettività tas-setgħat superviżorji u ta' sanzjonar tal-BĊE u l-adegwatezza tal-għoti ta' setgħat ta' sanzjonar addizzjonali lill-BĊE, inkluż fir-rigward ta' persuni oħrajn għajr istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji holding finanzjarji, jew kumpanniji holding finanzjarji mħalltin;***

***(ac) l-adegwatezza tal-arranġamenti stabbiliti rispettivament għall-kompiti u l-għodod makroprudenzjali skont l-Artikolu 4a u għall-għoti u t-tneħħija tal-awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 13***;

(b) l-effettività tal-arranġamenti ta' indipendenza u responsabbiltà;

(c) l-interazzjoni bejn il-BĊE u l-Awtorità Bankarja Ewropea;

(d) l-adegwatezza tal-arranġamenti ta' governanza, inklużi l-kompożizzjoni ***u l-modalitajiet għall-votazzjoni tal-Bord Superviżorju u r-relazzjoni tiegħu mal-Kunsill Governattiv, kif ukoll il-kollaborazzjoni fil-Bord Superviżorju bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-Istati Membri parteċipanti l-oħra fil-MSU;***

***(da) l-interazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri mhux parteċipanti u l-effetti tal-MSU fuq dawn l-Istati Membri;***

***(db) l-effettività tal-mekkaniżmu ta' rikors kontra d-deċiżjonijiet tal-BĊE;***

***(dc) l-effettività tal-ispiża tal-MSU.***

***(dd) l-impatt possibbli tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5b), 6(5c), u 6(5d) fuq il-funzjonament u l-integrità tal-MSU;***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

***(de)*** ***l-effettività tas-separazzjoni bejn il-funzjonijiet tal-politika monetarja u superviżorja fil-BĊE u s-separazzjoni tar-riżorsi finanzjarji dedikati għall-kompiti superviżorji mill-baġit tal-BĊE, b'kont meħud ta' kwalunkwe modifika tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti inkluż fil-livell tal-liġi primarja;***

***(df)*** ***l-effetti fiskali li d-deċiżjonijiet superviżorji li jittieħdu mill-MSU jkollhom fuq l-Istati Membri parteċipanti u l-impatt ta' kwalunkwe żvilupp fir-rigward tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni;***

***(dg)*** ***il-possibbiltajiet ta' aktar żvilupp tal-MSU, b'kont meħud ta' kwalunkwe modifika tad-dispożizzjonijiet rilevanti, inkluż fil-livell tal-liġi primarja, u b'kont meħud ta' jekk ir-raġunament tad-dispożizzjonijiet istituzzjonali f'dan ir-Regolament għadux preżenti, inkluż il-possibbiltà li d-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u Stati Membri oħra parteċipanti jiġu allinjati għalkollox.***

Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti ta' akkumpanjament, skont kif ikun adatt.

Artikolu 27

Dispożizzjonijiet transitorji

1. Il-BĊE għandu ***jippubblika l-qafas imsemmi fl-Artikolu 5(7) sa …*** (*).

2. Il-BĊE għandu jieħu l-kariga ▌ tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament fl-1 ta' ***Marzu*** 2014 ***jew 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont liema tkun l-iktar tard, soġġett għall-arranġamenti u l-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fis-subparagrafi li ġejjin.***

***Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jippubblika permezz ta' regolamenti u deċiżjonijiet l-arranġamenti operattivi dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament.***

***Mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jibgħat rapporti ta' kull tliet xhur lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni operattiva ta' dan ir-Regolament.***

***Jekk abbażi tar-rapporti tat-tielet subparagrafu u wara li r-rapporti jiġu diskussi fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew, ikun jidher li l-BĊE mhux ser ikun lest għat-twettiq bis-sħiħ tal-kompiti tiegħu fl-1 ta' Marzu 2014 jew 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont liema tkun l-iktar tard, il-BĊE jista' jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi data aktar tard minn dik imsemmija fl-ewwel subparagrafu sabiex tiġi żgurata l-kontinwità matul it-transizzjoni mis-superviżjoni nazzjonali għall-MSU, u abbażi tad-disponibbiltà tal-persunal, l-istabbiliment ta' proċeduri ta' rappurtar adatti u arranġamenti għall-kooperazzjoni mas-superviżuri nazzjonali skont l-Arikolu 5.***

▌

***3a.*** ***Minkejja l-paragrafi 2, u mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tas-setgħat investigattivi kkonferiti lilu skont dan ir-Regolament, minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-BĊE jista' jibda jwettaq il-kompiti konferiti lilu b'dan ir-Regolament għajr għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet superviżorji fir-rigward ta' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta u wara deċiżjoni indirizzata lill-entitajiet ikkonċernati u lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kkonċernati.***

***Minkejja l-paragrafu 2, jekk l-MES unanimament jitlob lill-BĊE biex jieħu f'idejh is-superviżjoni diretta ta' istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta bħala prekundizzjoni għar-rikapitalizzazzjoni diretta tagħha, il-BĊE jista' immedjatament jibda jwettaq il-kompiti konferiti lilu b'dan ir-Regolament fir-rigward ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta, u wara deċiżjoni indirizzata lill-entitajiet ikkonċernati u lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kkonċernati.***

(*) ***ĠU jekk jogħġobkom daħħlu d-data: sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013**

4. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, bl-għan li jassumi l-karigi tiegħu ▌, il-BĊE jista' jesiġi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti u l-persuni msemmija fl-Artikolu 9 jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti biex il-BĊE jwettaq valutazzjoni komprensiva***, inkluża valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ,*** tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Istat Membru parteċipanti. ***Il-BĊE għandu jwettaq tali valutazzjoni tal-inqas fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mhux koperti mill-Artikolu 5(4)***. L-istituzzjoni ta' kreditu u l-awtorità kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

▌

6. Istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati minn Stati Membri parteċipanti fid-data msemmija fl-Artikolu 28 jew fejn rilevanti fid-data msemmija fil-paragrafi 2 u 3, għandhom jitqiesu li huma awtorizzati skont l-Artikolu 13 u jistgħu jkomplu bl-operat tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jikkomunikaw lill-BĊE qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew fejn rilevanti qabel id-dati msemmija fil-paragrafi 2 u 3 l-identità ta' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu flimkien ma' rapport li jindika l-istorja superviżorja u l-profil ta' riskju tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, u kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba mill-BĊE. l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa fil-format mitlub mill-BĊE. L-informazzjoni għandha tiġi sottomessa fil-format mitlub mill-BĊE.

***6a. Minkejja l-Artikolu 19(2b), sal-ewwel data msemmija fl-Artikolu 26, il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-votazzjoni b'maġġoranza sempliċi għandhom jiġu applikati flimkien għall-adozzjoni tar-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 4(3).***

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

P7_TA(2013)0214

## Oġġetti pirotekniċi ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disponibilità fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0764 – C7-0425/2011 – 2011/0358(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)**

(2016/C 055/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0764),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0425/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tas-6 ta' Novembru 2012 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill- Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur b'konformità mal-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Marzu 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0375/2012),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0358

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (Riformulazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Direttiva 2013/29/UE.)*

---

([1]) ĠU C 181,21.6.2012, p. 105.
([2]) ĠU C 77 28.3.2002, p. 1.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0217

## Kodiċi Doganali Komunitarju fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu (COM(2013)0193 – C7-0096/2013 – 2013/0104(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0193),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 33, 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0096/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-26 ta' April 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0170/2013),

A. Billi għal raġunijiet ta' urġenza huwa ġustifikat li ssir il-votazzjoni qabel ma tagħlaq l-iskadenza ta' tmien ġimgħat stabbilita fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hawn taħt imsemmija;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2013)0104

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 528/2013.)*

---

([1]) Għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

P7_TA(2013)0218

## Ristabbiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma (COM(2012)0524 – C7-0297/2012 – 2012/0251 (COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0524),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0297/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Marzu 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0122/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hawn taħt msemmija;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0251

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 607/2013.)*

---

**Il-Ħamis 23 ta’ Mejju 2013**

P7_TA(2013)0219

## L-istabbiliment ta’ qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat stabbiliti permezz ta’ ftehimiet internazzjonali li l-UE hija parti għalihom ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-23 ta’ Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat stabbiliti permezz ta’ ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni Ewropea hija parti tagħhom (COM(2012)0335 – C7-0155/2012 – 2012/0163(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/41)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat stabbiliti permezz ta’ ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni Ewropea hija parti tagħhom | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, l-Unjoni kisbet kompetenza esklussiva għall-konklużjoni ta’ ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-investimenti. L-Unjoni diġà ***hija*** parti tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija li jipprovdi għall-protezzjoni tal-investimenti. | (1) Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, l-Unjoni kisbet kompetenza esklussiva għall-konklużjoni ta’ ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-investimenti. L-Unjoni***, kif ukoll l-Istati Membri,*** diġà ***huma*** parti tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija li jipprovdi għall-protezzjoni tal-investimenti. |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0124/2013).

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Ftehimiet li jipprovdu għal protezzjoni tal-investimenti tipikament*** jinkludu mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat, li jippermetti investitur minn pajjiż terz jagħmel talba kontra Stat li fih għamel investiment. Is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat jista' jirriżulta f'aġġudikazzjonijiet ta' kumpens monetarju. Barra minn hekk, huwa inevitabbli li jkun hemm spejjeż sinifikanti għall-amministrazzjoni tal-arbitraġġ kif ukoll spejjeż relatati mad-difiża fi kwalunkwe każ bħal dan. | (2) ***Fil-każijiet fejn huwa ġustifikabbli, il-ftehimiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti futuri li ġew konklużi mill-Unjoni jistgħu*** jinkludu mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat, li jippermetti investitur minn pajjiż terz jagħmel talba kontra Stat li fih għamel investiment. Is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat jista' jirriżulta f'aġġudikazzjonijiet ta' kumpens monetarju. Barra minn hekk, huwa inevitabbli li jkun hemm spejjeż sinifikanti għall-amministrazzjoni tal-arbitraġġ kif ukoll spejjeż relatati mad-difiża fi kwalunkwe każ bħal dan. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Ir-responsabbiltà finanzjarja ma tistax tiġi ġestita sew jekk l-istandards ta' protezzjoni offruti fil-ftehimiet ta' investiment jeċċedu b'mod sinifikanti l-limiti ta' responsabbiltà rikonoxxuti fl-Unjoni u fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Għaldaqstant, il-ftehimiet futuri tal-Unjoni għandhom jagħtu lill-investituri barranin l-istess livell ta' protezzjoni għolja iżda mhux livell ogħla ta' protezzjoni milli tagħti l-liġi tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali li huma komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri lill-investituri fi ħdan l-Unjoni.*** |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

### Premessa 3b (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(3b) Id-delinjazzjoni tal-limiti esterni tar-responsabbiltajiet finanzjarji fl-ambitu ta' dan ir-Regolament hija marbuta wkoll mas-salvagwardja tas-setgħat leġiżlattivi tal-Unjoni eżerċitati fi ħdan il-kompetenzi definiti mit-Trattati, u kkontrollati għal-legalità tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ma jistgħux jiġu indebitament ristretti minn responsabbiltà potenzjali definita barra mis-sistema bbilanċjata stabbilita mit-Trattati. Għal-daqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li r-responsabbiltà tal-Unjoni għall-atti leġiżlattivi speċjalment fl-interazzjoni mal-liġi internazzjonali, għandha tkun inkwadrata b'mod ristrett u ma tistax tiġi impenjata mingħajr l-istabbiliment b'mod ċar tal-ħtija [1]. Il-ftehimiet futuri ta' investiment li għandhom jiġu konklużi mill-Unjoni għandhom jirrispettaw dawn is-salvagwardji għas-setgħat leġiżlattivi tal-Unjoni u ma għandhomx jistabbilixxu standards ta' responsabbiltà aktar stretti li jippermettu l-evażjoni tal-istandards iddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja.*** |
| | ***[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Settembru 2008 fil-Każijiet Konġunti C-120/06 P u C-121/06 P, FIAMM u Fedon vs il-Kunsill u l-Kummissjoni [2008] Ġabra I-6513*** |

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

### Premessa 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (4) Fejn l-Unjoni għandha responsabbiltà internazzjonali għat-trattament mogħti, tkun mistennija, bħala kwistjoni ta' *liġi* internazzjonali, li tħallas kwalunkwe aġġudikazzjoni u l-ispejjeż ta' kwalunkwe tilwim. Madankollu, aġġudikazzjoni avversa tista' tirriżulta potenzjalment jew mit-trattament mogħti mill-Unjoni stess jew mit-trattament mogħti minn Stat Membru. Bħala konsegwenza ma jkunx ekwu li kieku l-aġġudikazzjonijiet u l-ispejjeż tal-arbitraġġ kellhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni meta t-trattament ikun ingħata minn Stat Membru. Għalhekk huwa meħtieġ li r-responsabbiltà finanzjarja tiġi allokata, bħala kwistjoni ta' liġi tal-Unjoni, u mingħajr ħsara għar-responsabbiltà internazzjonali tal-Unjoni, bejn l-Unjoni u l-Istat Membru responsabbli għat-trattament mogħti abbażi tal-kriterji stabbiliti b'dan ir-Regolament. | (4) Fejn l-Unjoni***, bħala entità li*** għandha ***personalità ġuridika, ikollha*** responsabbiltà internazzjonali għat-trattament mogħti, tkun mistennija, bħala kwistjoni ta' *dritt* internazzjonali, li tħallas kwalunkwe aġġudikazzjoni u l-ispejjeż ta' kwalunkwe tilwim. Madankollu, aġġudikazzjoni avversa tista' tirriżulta potenzjalment jew mit-trattament mogħti mill-Unjoni stess jew mit-trattament mogħti minn Stat Membru. Bħala konsegwenza ma jkunx ekwu li kieku l-aġġudikazzjonijiet u l-ispejjeż tal-arbitraġġ kellhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni ***Ewropea (baġit tal-Unjoni)*** meta t-trattament ikun ingħata minn Stat Membru. Għalhekk huwa meħtieġ li r-responsabbiltà finanzjarja tiġi allokata, bħala kwistjoni ta' liġi tal-Unjoni, u mingħajr ħsara għar-responsabbiltà internazzjonali tal-Unjoni, bejn l-Unjoni u l-Istat Membru responsabbli għat-trattament mogħti abbażi tal-kriterji stabbiliti b'dan ir-Regolament. |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-responsabbiltà finanzjarja għandha tiġi allokata lill-entità responsabbli għat-trattament li nsab li huwa inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim. Dan ifisser li l-Unjoni għandu jkollha responsabbiltà finanzjarja fejn it-trattament ikkonċernat huwa mogħti minn istituzzjoni, korp jew ***aġenzija*** tal-Unjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jkollu responsabbiltà finanzjarja fejn it-trattament ikkonċernat huwa mogħti minn Stat Membru. Madankollu, fejn Stat Membru jaġixxi b'mod meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, pereżempju meta jittrasponi direttiva adottata mill-Unjoni, l-Unjoni għandu jkollha responsabbiltà finanzjarja sa fejn it-trattament ikkonċernat huwa meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni. Ir-regolament jeħtieġ jipprevedi wkoll il-possibbiltà li każ individwali jikkonċerna kemm trattament mogħti minn Stat Membru kif ukoll trattament meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni. Dan se jkopri l-azzjonijiet kollha meħuda mill-Istati Membri u mill-Unjoni ***Ewropea***. | (6) Ir-responsabbiltà finanzjarja għandha tiġi allokata lill-entità responsabbli għat-trattament li nsab li huwa inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim. Dan ifisser li l-Unjoni ***stess*** għandu jkollha responsabbiltà finanzjarja fejn it-trattament ikkonċernat huwa mogħti minn ***kwalunkwe*** istituzzjoni, korp***, aġenzija*** jew ***entità ġuridika*** tal-Unjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jkollu responsabbiltà finanzjarja fejn it-trattament ikkonċernat huwa mogħti minn ***tali*** Stat Membru. Madankollu, fejn Stat Membru jaġixxi b'mod meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, pereżempju meta jittrasponi direttiva adottata mill-Unjoni, l-Unjoni ***stess*** għandu jkollha responsabbiltà finanzjarja sa fejn it-trattament ikkonċernat huwa meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni. Ir-regolament jeħtieġ jipprevedi wkoll il-possibbiltà li każ individwali jikkonċerna kemm trattament mogħti minn Stat Membru kif ukoll trattament meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni. Dan se jkopri l-azzjonijiet kollha meħuda mill-Istati Membri u mill-Unjoni. ***F'każ bħal dan, l-Istat Membri u l-Unjoni għandu jkollhom responsabbiltà finanzjarja għat-trattament speċifiku mogħti minn xi ħadd minnhom.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Meta l-Istat Membru jaġixxi b'mod inkonsistenti ma' dak meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, pereżempju meta huwa jonqos milli jittrasponi direttiva adottata mill-Unjoni jew jeċċedi t-termini ta' direttiva adottata mill-Unjoni meta jimplimentaha fil-liġi nazzjonali, dak l-Istat Membru għandu konsegwentement ikollu r-responsabbiltà finanzjarja għat-trattament ikkonċernat.*** |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Min-naħa l-oħra, fejn Stat Membru għandu r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali li tirriżulta minn tilwim, huwa xieraq, bħala kwistjoni ta' prinċipju, li Stat Membru bħal dan ikun permess jaġixxi bħala konvenut sabiex jiddefendi t-trattament li jkun ta lill-investitur. L-arranġamenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jipprovdu għal dan. Dan għandu l-vantaġġ sinifikanti li l-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi tal-Unjoni ma jġorrux il-piż, anke b'mod temporanju, tal-ispejjeż tal-litigazzjoni jew kwalunkwe aġġudikazzjoni eventwali kontra l-Istat Membru konċernat. | (8) Min-naħa l-oħra, fejn Stat Membru għandu r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali li tirriżulta minn tilwim, huwa ***ekwu u*** xieraq, bħala kwistjoni ta' prinċipju, li Stat Membru bħal dan ikun permess jaġixxi bħala konvenut sabiex jiddefendi t-trattament li jkun ta lill-investitur. L-arranġamenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jipprovdu għal dan. Dan għandu l-vantaġġ sinifikanti li l-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi ***mhux finanzjarji*** tal-Unjoni ma jġorrux il-piż, anke b'mod temporanju, tal-ispejjeż tal-litigazzjoni jew kwalunkwe aġġudikazzjoni eventwali kontra l-Istat Membru konċernat. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) F'ċerti ċirkostanzi, huwa essenzjali, sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni jistgħu jiġu mħarsa kif xieraq, li l-Unjoni stess taġixxi bħala konvenut f'tilwim li jinvolvi trattament mogħti minn Stat Membru. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, fejn it-tilwim jinvolvi wkoll trattament mogħti mill-Unjoni, fejn jidher li t-trattament mogħti minn Stat Membru huwa meħtieġ *mil-liġi* tal-Unjoni, fejn ***huwa probabbli li*** talbiet simili ***jistgħu jitressqu*** kontra Stati Membri oħra jew fejn il-każ jinvolvi kwistjonijiet tal-liġi ***mhux solvuti***, liema soluzzjoni jista' jkollha impatt fuq każijiet futuri possibbli kontra Stati Membri oħra jew l-Unjoni. Fejn tilwim jikkonċerna trattament parzjalment mogħti mill-Unjoni, jew meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, l-Unjoni għandha taġixxi bħala konvenut, sakemm it-talbiet li jikkonċernaw trattament bħal dan mhumiex ta' importanza minuri, b'kunsiderazzjoni tar-responsabbiltà finanzjarja potenzjali involuta u l-kwistjonijiet legali mqajma, relatati mat-talbiet li jikkonċernaw trattament mogħti mill-Istat Membru. | (10) F'ċerti ċirkostanzi, huwa essenzjali, sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni jistgħu jiġu mħarsa kif xieraq, li l-Unjoni stess ***tista'*** taġixxi bħala konvenut f'tilwim li jinvolvi trattament mogħti minn Stat Membru. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, fejn it-tilwim jinvolvi wkoll trattament mogħti mill-Unjoni, fejn jidher li t-trattament mogħti minn Stat Membru huwa meħtieġ *mil-liġi* tal-Unjoni, fejn talbiet simili ***tressqu*** kontra Stati Membri oħra jew fejn il-każ jinvolvi kwistjonijiet tal-liġi, liema soluzzjoni jista' jkollha impatt fuq każijiet ***attwali jew*** futuri possibbli kontra Stati Membri oħra jew l-Unjoni. Fejn tilwim jikkonċerna trattament parzjalment mogħti mill-Unjoni, jew meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, l-Unjoni għandha taġixxi bħala konvenut, sakemm it-talbiet li jikkonċernaw trattament bħal dan mhumiex ta' importanza minuri, b'kunsiderazzjoni tar-responsabbiltà finanzjarja potenzjali involuta u l-kwistjonijiet legali mqajma, relatati mat-talbiet li jikkonċernaw trattament mogħti mill-Istat Membru. |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Huwa xieraq li l-Kummissjoni*** tiddeċiedi, fil-qafas stabbilit f'dan ir-regolament, jekk l-Unjoni għandhiex tkun il-konvenut jew jekk Stat Membru għandux jaġixxi bħala l-konvenut. | (12) ***Sabiex tinħoloq sistema li taħdem, il-Kummissjoni għandha*** tiddeċiedi, fil-qafas stabbilit f'dan ir-regolament, jekk l-Unjoni għandhiex tkun il-konvenut jew jekk Stat Membru għandux jaġixxi bħala l-konvenut ***u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe deċiżjoni bħal din bħala parti mir-rappurtar annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Bl-istess mod, meta Stat Membru jaġixxi bħala konvenut huwa xieraq li jżomm il-Kummissjoni informata tal-iżviluppi fil-każ u li l-Kummissjoni tista', fejn xieraq, teħtieġ li l-Istat Membru li qed jaġixxi bħala konvenut jieħu pożizzjoni speċifika fi kwistjonijiet li għandhom ***interess*** tal-Unjoni. | (14) Bl-istess mod, meta Stat Membru jaġixxi bħala konvenut huwa xieraq li jżomm il-Kummissjoni informata tal-iżviluppi fil-każ u li l-Kummissjoni tista', fejn xieraq, teħtieġ li l-Istat Membru li qed jaġixxi bħala konvenut jieħu pożizzjoni speċifika fi kwistjonijiet li għandhom ***impatt fuq l-interessi prevalenti*** tal-Unjoni. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Stat Membru jista' fi kwalunkwe ħin *jaċetta* li jkun responsabbli finanzjarjament anke fil-każ li jrid jitħallas kumpens. F'każ bħal dan l-Istat Membru u l-Kummissjoni jistgħu jidħlu f'arranġamenti għall-ħlas perjodiku tal-ispejjeż u għall-ħlas ta' kwalunkwe kumpens. Aċċettazzjoni bħal din ma timplikax li l-Istat Membru jaċċetta li t-talba tat-tilwim hija raġunata. Il-Kummissjoni ***għandha tkun*** tista' tadotta deċiżjoni li teħtieġ l-Istat Membru jagħmel provvediment għal spejjeż bħal dawn. Fil-każ li t-tribunal jaġġudika l-ispejjeż lill-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż jiġi rimborżat immedjatament lill-Istat Membru konċernat. | (15) ***Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-proċeduri ta' arbitraġġ,*** Stat Membru jista' fi kwalunkwe ħin *jaċċetta* li jkun responsabbli finanzjarjament anke fil-każ li jrid jitħallas kumpens. F'każ bħal dan l-Istat Membru u l-Kummissjoni jistgħu jidħlu f'arranġamenti għall-ħlas perjodiku tal-ispejjeż u għall-ħlas ta' kwalunkwe kumpens. Aċċettazzjoni bħal din ma timplikax ***bl-ebda mod ġuridiku*** li l-Istat Membru jaċċetta li t-talba tat-tilwim hija raġunata. Il-Kummissjoni tista'***, f'każ bħal dan,*** tadotta deċiżjoni li teħtieġ l-Istat Membru jagħmel provvediment għal spejjeż bħal dawn. Fil-każ li t-tribunal jaġġudika l-ispejjeż lill-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż jiġi rimborżat immedjatament lill-Istat Membru konċernat. |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

## Emenda 14
## Proposta għal regolament
## Premessa 16

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (16) F'ċerti każijiet, jista' jkun xieraq li tintlaħaq soluzzjoni sabiex jiġi evitat arbitraġġ mhux meħtieġ u li jqum ħafna flus. Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura biex jintlaħqu soluzzjonijiet bħal dawn. Proċedura bħal din għandha tippermetti lill-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' *eżaminazzjoni*, li ssolvi każ fejn dan ikun fl-interessi tal-Unjoni. Fejn il-każ jikkonċerna trattament mogħti minn Stat Membru, huwa xieraq li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib u konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat. L-Istat Membru għandu jibqa' liberu biex dejjem isolvi l-każ, sakemm jaċċetta responsabbiltà finanzjarja sħiha u li kwalunkwe soluzzjoni bħal din tkun konsistenti mal-liġi tal-Unjoni u ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni. | (16) F'ċerti każijiet, jista' jkun xieraq li tintlaħaq soluzzjoni sabiex jiġi evitat arbitraġġ mhux meħtieġ u li jqum ħafna flus. Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ***effikaċi u rapida*** biex jintlaħqu soluzzjonijiet bħal dawn. Proċedura bħal din għandha tippermetti lill-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' *eżami*, li ssolvi każ fejn dan ikun fl-interessi tal-Unjoni. Fejn il-każ jikkonċerna trattament mogħti minn Stat Membru, huwa xieraq li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib u konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat***, inkluż dwar il-proċeduri ta' soluzzjoni u dwar l-ammont tal-kumpens monetarju***. L-Istat Membru għandu jibqa' liberu biex dejjem isolvi l-każ, sakemm jaċċetta responsabbiltà finanzjarja sħiha u li kwalunkwe soluzzjoni bħal din tkun konsistenti mal-liġi tal-Unjoni u ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni ***kollha kemm hi***. |

## Emenda 15
## Proposta għal regolament
## Premessa 18

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (18) Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mill-qrib mal-Istat Membru konċernat sabiex tilħaq ftehim dwar it-tqassim tar-responsabbiltà finanzjarja. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li Stat Membru huwa responsabbli, u l-Istat Membru ma jaċċettax dik id-determinazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħallas il-kumpens, iżda għandha tindirizza deċiżjoni lill-Istat Membru fejn titolbu jipprovdi l-ammonti konċernati lill-baġit tal-Unjoni ***Ewropea***, flimkien mal-imgħax applikabbli. L-imgħax pagabbli għandu jkun dak stabbilit skont ***l-Artikolu 71(4)*** tar-Regolament ***tal-Kunsill (KE***, Euratom) ***Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002*** dwar ***ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd*** għall-baġit ġenerali ***tal-Komunitajiet Ewropej kif emendat***. L-Artikolu 263 tat-Trattat huwa disponibbli fil-każijiet fejn Stat Membru jqis li d-deċiżjoni ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. | (18) Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mill-qrib mal-Istat Membru konċernat sabiex tilħaq ftehim dwar it-tqassim tar-responsabbiltà finanzjarja. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li Stat Membru huwa responsabbli, u l-Istat Membru ma jaċċettax dik id-determinazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħallas il-kumpens, iżda għandha tindirizza deċiżjoni lill-Istat Membru fejn titolbu jipprovdi l-ammonti konċernati lill-baġit tal-Unjoni, flimkien mal-imgħax applikabbli. L-imgħax pagabbli għandu jkun dak stabbilit skont ***l-Artikolu 78(4)*** tar-Regolament ***(UE***, Euratom) ***Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012*** dwar ***ir-regoli finanzjarji applikabbli*** għall-baġit ġenerali ***tal-Unjoni*** ([1]). L-Artikolu 263 tat-Trattat *dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea* huwa disponibbli fil-każijiet fejn Stat Membru jqis li d-deċiżjoni ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. |

([1]) ***ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.***

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-baġit tal-Unjoni għandu jipprovdi kopertura tan-nefqa li tirriżulta minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat li jipprovdi għal soluzzjoni ta' tilwim bejn l-istat u l-investitur. Fejn l-Istati Membri għandhom responsabbiltà finanzjarja skont dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li jew takkumula l-kontribuzzjonijiet tal-Istat Membru konċernat l-ewwel qabel l-implimentazzjoni tan-nefqa relevanti jew timplimenta n-nefqa relevanti l-ewwel u tiġi rimborżata mill-Istati Membri konernati wara. L-użu ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi ta' trattament baġitarju għandu jkun possibbli, jiddependi fuq x'inhu fattibbli, b'mod partikolari f'termini ta' żmien. Għaż-żewġ mekkaniżmi, il-kontribuzzjonijiet jew ir-rimborżi mħallsa mill-Istati Membri għandhom ikunu ttrattati bħala dħul intern assenjat tal-baġit tal-Unjoni. *L-approprijazzjonijiet* li jirriżultaw mid-dħul intern assenjat mhux biss għandhom ikopru n-nefqa relevanti iżda għandhom ikunu wkoll eleġibbli għar-rikostituzzjoni ta' partijiet oħra tal-baġit tal-Unjoni li kienu pprovdew l-approprjazzjonijiet inijzali biex tiġi implimentata n-nefqa relevanti skont it-tieni mekkaniżmu. | (19) Il-baġit tal-Unjoni għandu jipprovdi kopertura tan-nefqa li tirriżulta minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat li jipprovdi għal soluzzjoni ta' tilwim bejn l-istat u l-investitur. Fejn l-Istati Membri għandhom responsabbiltà finanzjarja skont dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li jew takkumula l-kontribuzzjonijiet tal-Istat Membru konċernat l-ewwel qabel l-implimentazzjoni tan-nefqa relevanti jew timplimenta n-nefqa relevanti l-ewwel u tiġi rimborżata mill-Istati Membri konernati wara. L-użu ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi ta' trattament baġitarju għandu jkun possibbli, jiddependi fuq x'inhu fattibbli, b'mod partikolari f'termini ta' żmien. Għaż-żewġ mekkaniżmi, il-kontribuzzjonijiet jew ir-rimborżi mħallsa mill-Istati Membri għandhom ikunu ttrattati bħala dħul intern assenjat tal-baġit tal-Unjoni. *L-approprjazzjonijiet* li jirriżultaw mid-dħul intern assenjat mhux biss għandhom ikopru n-nefqa relevanti iżda għandhom ikunu wkoll eleġibbli għar-rikostituzzjoni ta' partijiet oħra tal-baġit tal-Unjoni li kienu pprovdew l-approprjazzjonijiet inijzali biex tiġi implimentata n-nefqa relevanti skont it-tieni mekkaniżmu. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "spejjeż li jqumu mill-arbitraġġ" tfisser it-tariffi u l-ispejjeż tat-tribunal tal-arbitraġġ u l-ispejjeż tar-rappreżentazzjoni u spejjeż aġġudikati lir-rikorrent mit-tribunal tal-arbitraġġ; | (b) "spejjeż li jqumu mill-arbitraġġ" tfisser it-tariffi u l-ispejjeż tat-tribunal tal-arbitraġġ***, l-istituzzjoni tal-arbitraġġ*** u l-ispejjeż tar-rappreżentazzjoni u spejjeż aġġudikati lir-rikorrent mit-tribunal tal-arbitraġġ; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "tilwim" tfisser talba mressqa minn rikorrent kontra l-Unjoni skont ftehim u li dwarha tribunal tal-arbitraġġ jagħti sentenza; | (c) "tilwim" tfisser talba mressqa minn rikorrent kontra l-Unjoni ***jew Stat Membru*** skont ftehim u li dwarha tribunal tal-arbitraġġ jagħti sentenza; |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) "interessi prevalenti tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:*** <br><br> ***(i) hemm theddida serja għall-applikazzjoni konsistenti jew uniformi jew l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-investiment tas-soġġett tal-ftehim għat-tilwim bejn l-investitur u l-istat li l-Unjoni hija parti tiegħu,*** <br><br> ***(ii) miżura ta' Stat Memebru tista' tkun f'kunflitt mal-iżvilupp tal-politika ta' investiment futura tal-Unjoni,*** <br><br> ***(iii) it-tilwim jimplika impatt finanzjarju sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni f'sena partikolari jew bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn huwa stipulat f'dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina r-responsabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru konċernat skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1. | 2. Fejn huwa stipulat f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina r-responsabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru konċernat skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu informati bit-tali deċiżjoni.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Malli l-Kummissjoni tirċievi avviż li permezz tiegħu r-rikorrent jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibda proċeduri ta' arbitraġġ, ***skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim, din*** għandha tinnotifika ***l-Istat*** Membru ***konċernat***. | Malli l-Kummissjoni tirċievi avviż li permezz tiegħu r-rikorrent jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibda proċeduri ta' arbitraġġ, ***jew malli l-Kummissjoni tiġi informata dwar talba għal konsultazzjonijiet jew talba kontra Stat Membru, il-Kummissjoni*** għandha tinnotifika ***lill-Istat*** Membru ***kkonċernat u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kull talba minn qabel minn rikorrent għall-konsultazzjonijiet, dwar l-avviż li bih r-rikorrent jistqarr l-intenzjoni tiegħu li jibda proċeduri ta' arbitraġġ kontra l-Unjoni jew Stat Membru fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol minn meta jirċievi l-avviż, inkluż l-isem tar-rikorrent, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim li huwa allegat li nkiser, is-settur ekonomiku involut, it-trattament li huwa allegat li kiser il-ftehim u l-ammont ta' kumpens għad-danni mitlub***. |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***huwa probabbli li*** talbiet simili ***jitressqu*** taħt l-istess ftehim kontra trattament mogħti minn Stati Membri oħra u l-Kummissjoni qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tiżgura difiża effettiva u konsistenti; jew, | (c) talbiet simili ***jew talbiet għal konsultazzjonijiet li jirrigwardaw talbiet simili tressqu*** taħt l-istess ftehim kontra trattament mogħti minn Stati Membri oħra u l-Kummissjoni qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tiżgura difiża effettiva u konsistenti; jew, |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-tilwim ***iqum minn*** kwistjonijiet tal-liġi ***mhux solvuti li jistgħu jirrikorru f'tilwim ieħor taħt l-istess*** ftehimiet ***tal-Unjoni jew*** oħrajn ***li jikkonċernaw trattament mogħti mill-Unjoni jew Stati Membri oħra***. | (d) it-tilwim ***iqajjem*** kwistjonijiet ***sensittivi*** tal-liġi ***li s-soluzzjoni tagħhom tista' tolqot l-interpretazzjoni futura tal-ftehim inkwistjoni jew*** ftehimiet oħrajn. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta l-Unjoni tassumi li taġixxi bħala konvenut skont deċiżjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 2 jew mar-regola predefinita stabbilita fil-paragrafu 1, din id-determinazzjoni tal-istatus tal-konvenut għandha tkun vinkolanti għall-konvenut u t-tribunal tal-arbitraġġ.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***lill-Istati Membri l-oħra*** u l-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe tilwim li fih jiġi applikat dan l-Artikolu u l-mod kif qed jiġi applikat. | 4. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***lill-Kunsill*** u l-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe tilwim li fih jiġi applikat dan l-Artikolu u l-mod kif qed jiġi applikat. |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) jinforma lill-Kummissjoni dwar il-passi proċedurali sinifikanti kollha, u jidħol f'konsultazzjonijiet regolarment u, fi kwalunkwe każ, meta mitlub mill-Kummissjoni; u, | (b) jinforma lill-Kummissjoni dwar il-passi proċedurali sinifikanti kollha ***mingħajr dewmien***, u jidħol f'konsultazzjonijiet regolarment u, fi kwalunkwe każ, meta mitlub mill-Kummissjoni; u, |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Il-Kummissjoni tista', fi kwalunkwe ħin, teħtieġ l-Istat Membru ***konċernat*** jieħu pożizzjoni partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe punt tal-liġi mqajjem mit-tilwim jew kwalunkwe ***element ieħor li għandu interess tal-Unjoni***. | 2. ***Meta l-interessi ġenerali tal-Unjoni jesiġu hekk,*** il-Kummissjoni tista', fi kwalunkwe ħin ***wara l-konsultazzjonijiet mal-Istat Membru konċernat***, teħtieġ ***li*** l-Istat Membru jieħu pożizzjoni partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe punt tal-liġi mqajjem mit-tilwim jew kwalunkwe ***kwistjoni tal-liġi li s-soluzzjoni tagħha tista' tolqot l-interpretazzjoni futura tal-ftehim inkwistjoni jew ftehimiet oħrajn***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkunsidra t-talba tal-Kummissjoni bħala li tikkomprometi bla bżonn id-difiża effettiva tiegħu, dan għandu jidħol f'konsultazzjonijiet bl-għan li jsib soluzzjoni aċċettabbli. Fejn ma tistax tinstab soluzzjoni aċċettabbli, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li teħtieġ lill-Istat Membru kkonċernat jieħu pożizzjoni ġuridika partikolari.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Meta ftehim, jew ir-regoli msemmija fih, jipprovdu għall-possibbiltà ta' annullament, appell jew reviżjoni ta' punt tal-liġi inkluż f'deċiżjoni ta' arbitraġġ, il-Kummissjoni tista', fejn tikkunsidra li l-konsistenza jew il-korrettezza tal-interpretazzjoni tal-ftehim jeħtieġu dan, titlob l-Istat Membru jippreżenta applikazzjoni għal tali annullament, appell jew reviżjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jifformaw parti mid-delegazzjoni u jistgħu jesprimu l-fehmiet tal-Unjoni rigward il-punt *tal-liġi* inkwistjoni. | 3. Meta ftehim, jew ir-regoli msemmija fih, jipprovdu għall-possibbiltà ta' annullament, appell jew reviżjoni ta' punt tal-liġi inkluż f'deċiżjoni ta' arbitraġġ, il-Kummissjoni tista', fejn tikkunsidra li l-konsistenza jew il-korrettezza tal-interpretazzjoni tal-ftehim jeħtieġu dan, ***wara konsultazzjonijiet mal-Istat Membru konċernat,*** titlob ***li*** l-Istat Membru jippreżenta applikazzjoni għal tali annullament, appell jew reviżjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jifformaw parti mid-delegazzjoni u jistgħu jesprimu l-fehmiet tal-Unjoni rigward il-punt *tal-liġi* inkwistjoni. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jirrifjuta li jippreżenta applikazzjoni għal annullament, appell jew reviżjoni, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien 30 ġurnata. F'dak il-każ il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li teħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jippreżenta applikazzjoni għal annullament, appell jew reviżjoni.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istat Membru bid-dokumenti kollha relatati mal-proċeduri, sabiex tiżgura difiża kemm jista' jkun effettiva; u, | (c) il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istat Membru bid-dokumenti kollha relatati mal-proċeduri, ***iżżomm lill-Istat Membru informat bil-fażijiet proċedurali sinifikattivi kollha u tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Istat Membri fi kwalunkwe każ meta mitlub mill-Istat Membru kkonċernat,*** sabiex tiżgura difiża kemm jista' jkun effettiva; u, |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill bl-iżviluppi fil-proċeduri ta' arbitraġġ imsemmija fl-ewwel paragrafu.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fejn l-Unjoni hija konvenut f'tilwim li jikkonċerna trattament mogħti, jew kompletament jew inkella parzjalment, minn Stat Membru, u l-Kummissjoni tikkunsidra li s-soluzzjoni tat-tilwim tkun fl-interessi tal-Unjoni, din għandha l-ewwel tikkonsulta lill-Istat Membru konċernat. L-Istat Memrbu wkoll jista' jibda konsultazzjonijiet bħal dawn mal-Kummissjoni. | 1. Fejn l-Unjoni hija konvenut f'tilwim li jikkonċerna trattament mogħti, jew kompletament jew inkella parzjalment, minn Stat Membru, u l-Kummissjoni tikkunsidra li s-soluzzjoni tat-tilwim tkun fl-interessi tal-Unjoni, din għandha l-ewwel tikkonsulta lill-Istat Membru konċernat. L-Istat Memrbu wkoll jista' jibda konsultazzjonijiet bħal dawn mal-Kummissjoni. ***L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw fehim reċiproku tas-sitwazzjoni ġuridika u l-konsegwenzi possibbli u jevitaw kwalunkwe nuqqas ta' qbil fid-dawl tas-soluzzjoni tal-każ.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fil-każ li Stat Membru ma jaċċettax li jsolvi t-tilwim, il-Kummissjoni tista' ssolvi t-tilwim fejn l-interessi prevalenti tal-Unjoni jeħtieġu dan. | 3. Fil-każ li Stat Membru ma jaċċettax li jsolvi t-tilwim, il-Kummissjoni tista' ssolvi t-tilwim fejn l-interessi prevalenti tal-Unjoni jeħtieġu dan. ***Il-Kummissjoni għandha tforni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni kollha rilevanti dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ssolvi t-tilwim, partikolarment il-ġustifikazzjoni tagħha.*** |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta Stat Membru huwa konvenut f'tilwim li jikkonċerna b'mod esklussiv it-trattament mogħti mill-awtoritajiet tiegħu u jiddeċiedi li jsolvi t-tilwim, dan għandu jinnotifika lill-Kummissoni bl-abbozz ta' arranġament tas-soluzzjoni u għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fejn l-Unjoni taġixxi bħala konvenut skont l-Artikolu 8, u l-Kummissjoni tikkunsidra li l-aġġudikazzjoni jew is-soluzzjoni inkwistjoni għandha titħallas, parzjalment jew kompletament, mill-Istat Membru konċernat abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1), għandha tapplika l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 5. | 1. Fejn l-Unjoni taġixxi bħala konvenut skont l-Artikolu 8, u l-Kummissjoni tikkunsidra li l-aġġudikazzjoni jew is-soluzzjoni inkwistjoni għandha titħallas, parzjalment jew kompletament, mill-Istat Membru konċernat abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1), għandha tapplika l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 5 ***ta' dan l-Artikolu***. ***Din il-proċedura għandha wkoll tapplika meta l-Unjoni, hija u taġixxi bħala konvenut skont l-Artikolu 8, tikseb eżitu pożittiv fl-arbitraġġ iżda jkollha ġġorr l-ispejjeż eventwali li ġejjin mill-arbitraġġ.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tat-talba għall-ħlas tal-aħħar aġġudikazzjoni jew soluzzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru konċernat, li tiddetermina l-ammont li jrid jitħallas mill-Istat Membru. | 3. Fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tat-talba għall-ħlas tal-aħħar aġġudikazzjoni jew soluzzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru konċernat, li tiddetermina l-ammont li jrid jitħallas mill-Istat Membru. ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar deċiżjoni bħal din u r-raġunament finanzjarju tagħha.*** |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sakemm l-Istat Membru ma joġġezzjonax għad-determinazzjoni tal-Kummissjoni fi żmien xahar, l-Istat Membru konċernat għandu jikkumpensa l-baġit tal-Unjoni għall-ħlas tal-aġġudikazzjoni jew tas-soluzzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe *imgħax* dovut għar-rata li tapplika għall-flejjes l-oħra dovuti lill-baġit tal-Unjoni. | 4. Sakemm l-Istat Membru ma joġġezzjonax għad-determinazzjoni tal-Kummissjoni fi żmien xahar, l-Istat Membru konċernat għandu jikkumpensa ***bl-ammont ekwivalenti*** l-baġit tal-Unjoni għall-ħlas tal-aġġudikazzjoni jew tas-soluzzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe *mgħax* dovut għar-rata li tapplika għall-flejjes l-oħra dovuti lill-baġit tal-Unjoni. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li teħtieġ l-Istat Membru jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' ***kwalunkwe*** spejjeż li jqumu mill-arbitraġġ ***fejn tikkunsidra li l-Istat Membru għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe aġġudikazzjoni skont il-kriterji*** stabbiliti fl-Artikolu 3. | 1. ***Meta l-Unjoni taġixxi ta' konvenut skont l-Artikolu 8, u sakemm tkun daħħlet f'arranġament skont l-Artikolu 11,*** il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li teħtieġ l-Istat Membru ***konċernat*** jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji ***bil-quddiem*** lill-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' spejjeż ***previsti jew imġarrba*** li jqumu mill-arbitraġġ***. Id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun proporzjonata u tieħu kont tal-kriterji*** stabbiliti fl-Artikolu 3. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rimborż jew il-ħlas ta' Stat Membru lill-baġit tal-Unjoni, għall-ħlas ta' kumpens jew soluzzjoni jew kwalunkwe spejjeż, għandhom jiġu kkunsidrati bħala dħul intern assenjat fit-tifsira ***ta' [L-Artikolu 18*** tar-Regolament ***tal-Kunsill (KE***, EURATOM) ***Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-K omunitajiet Ewropej]***. Dan jista' jintuża biex ikopri n-nefqa li tirriżulta minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat li jipprovdi għal soluzzjoni ta' tilwim bejn l-istat u l-investitur jew biex ikunu rikostitwiti approprjazzjonijiet inizjalment provduti biex ikopru l-ħlas ta' kumpens jew soluzzjoni jew kwalunkwe spejjeż. | Ir-rimborż jew il-ħlas ta' Stat Membru lill-baġit tal-Unjoni, għall-ħlas ta' kumpens jew soluzzjoni jew kwalunkwe spejjeż, ***inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 18(1) ta' dan ir-Regolament,*** għandhom jiġu kkunsidrati bħala dħul intern assenjat fit-tifsira ***tal-Artikolu 21(4)*** tar-Regolament ***(UE***, EURATOM) ***Nru 966/2012***. Dan jista' jintuża biex ikopri n-nefqa li tirriżulta minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat li jipprovdi għal soluzzjoni ta' tilwim bejn l-istat u l-investitur jew biex ikunu rikostitwiti approprjazzjonijiet inizjalment provduti biex ikopru l-ħlas ta' kumpens jew soluzzjoni jew kwalunkwe spejjeż. |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

## Emenda 41

### Proposta għal regolament

### Artikolu 20 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita ***mill-[Kumitat*** għall-Ftehimiet ta' Investiment stabbilit ***bir-Regolament [2010/197 COD]]***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru. 182/2011. | 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita ***mill-Kumitat għall-Kumitat*** għall-Ftehimiet ta' Investiment stabbilit ***bir-Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi*** [1]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru. 182/2011.<br><br>[1] ***ĠU L 351 20.12.2012, p. 40.*** |

## Emenda 42

### Proposta għal regolament

### Artikolu 21 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'intervalli regolari. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess mhux aktar tard minn ***tliet*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Rapporti sussegwenti għandhom jiġu sottomessi kull tliet snin minn hemm 'il quddiem. | 1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ***dettaljat*** dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'intervalli regolari. ***Ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha inkluża l-lista ta' talbiet imressqa kontra l-Unjoni jew l-Istati Membri, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet relatati kif ukoll l-impatt finanzjarju fuq il-baġits rispettivi.*** L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess mhux aktar tard minn ***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Rapporti sussegwenti għandhom jiġu sottomessi kull tliet snin minn hemm 'il quddiem ***sakemm l-awtorità baġitjarja, li tinkludi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, ma jiddeċidux mod ieħor***. |

## Emenda 43

### Proposta għal regolament

### Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill lista ta' talbiet għal konsultazzjonijiet mir-rikorrenti, talbiet u deċiżjonijiet ta' arbitraġġ.*** |

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

P7_TA(2013)0220

## Il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi (COM(2012)0089 – C7-0060/2012 – 2012/0039(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/42)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0089),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43(2) u 168(4) (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0060/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Marzu 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0371/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0039

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 576/2013.)*

---

([1]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 119.

**Il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013**

**ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

Fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u t-Trattament Xieraq tal-Animali ([1]), il-Kummissjoni ser tinvestiga t-trattament xieraq tal-klieb u l-qtates involuti fil-prattiki kummerċjali.

Jekk ir-riżultat tal-istudju jindika li hemm riskji għas-saħħa minħabba dawk il-prattiki kummerċjali, il-Kummissjoni ser tara li tieħu miżuri xierqa biex tħares is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, inkluż li tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jagħmlu l-adattamenti li hemm bżonn fil-leġislazzjoni preżenti tal-Unjoni dwar il-kummerċ tal-klieb u l-qtates, proposta li tinkludi l-introduzzjoni ta' sistemi kompatibbli għar-reġistrazzjoni tagħhom u li jkunu aċċessibbli fl-Istati Membri.

Fid-dawl ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk hux fattibbli u anke jekk ikunx f'loku li sistemi ta' reġistrazzjoni bħal dawn jiġu estiżi għall-klieb u l-qtates immarkati u identifikati skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar iċ-ċaqliq mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar.

---

P7_TA(2013)0221

## Ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tal-klieb, il-qtates u l-inmsa ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/65/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-klieb, il-qtates u l-inmsa (COM(2012)0090 – C7-0061/2012 – 2012/0040(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 055/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0090),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0061/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Marzu 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0366/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

([1]) COM(2012)0006 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012-2015."
([1]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 119.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2012)0040

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-klieb, il-qtates u l-inmsa**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2013/31/UE.)*

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT